ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 279 E

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

19 ta' Novembru 2009

Avviż Nru | Werrej | Paġna

**Parlament Ewropew**

SESSJONI 2008-2009

Dati tas-seduti: 20-22 Mejju 2008

TESTI ADOTTATI

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 180 E, 17.7.2008.*

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Parlament Ewropew**

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

2009/C 279 E/01 L-evalwazzjoni tal-Programm PEACE u l-istrateġiji għall-ġejjieni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-evalwazzjoni tal-Programm PEACE u l-istrateġiji għall-ġejjieni (2007/2150(INI)) .......... 1

2009/C 279 E/02 Il-kummerċ ta' materja prima u ta' prodotti bażiċi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-kummerċ ta' materja prima u ta' prodotti bażiċi (2008/2051(INI)) .......... 5

2009/C 279 E/03 L-Istrateġija għall-ibgħad reġjuni: Kisbiet u Prospettivi fil-Ġejjieni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-Istrateġija għall-ibgħat reġjuni: Kisbiet u Prospettivi fil-Ġejjieni (2008/2010(INI)) .......... 12

2009/C 279 E/04 Politika tal-Konsumatur tal-UE 2007-2013

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-istrateġija tal-Politika tal-Konsumatur tal-UE 2007-2013 (2007/2189(INI)) .......... 17

MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2009/C 279 E/05 Il-progress miksub fil-qasam tal-opportunitajiet ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-progress miksub fil-qasam tal-opportunitajiet ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea (it-traspożizzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE) (2007/2202(INI)) ..... 23

2009/C 279 E/06 Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea (2008/2009(INI)) ..... 30

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

2009/C 279 E/07 Ambjent ta' negozju simplifikat għall-kumpaniji fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, il-kontabilità u l-verifika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ambjent ta' negozju simplifikat għall-kumpaniji fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, il-kontabilità u l-verifika (2007/2254(INI)) ..... 36

2009/C 279 E/08 In-Nisa u x-Xjenza

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar in-Nisa u x-Xjenza (2007/2206(INI)) ..... 40

2009/C 279 E/09 Green Paper dwar żarmar aħjar ta' bastimenti

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-Green Paper dwar żarmar aħjar ta' bastimenti (2007/2279(INI)) ..... 44

2009/C 279 E/10 Bidla fil-klima: sejbiet u rakkomandazzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjonijiet

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-fatti xjentifiċi tal-bidla fil-klima: sejbiet u rakkomandazzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjonijiet (2008/2001(INI)) ..... 51

2009/C 279 E/11 Ir-rapport tal-progress tat-Turkija għall-2007

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ir-rapport tal-progress tat-Turkija għall-2007 ((2007/2269(INI)) ..... 57

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

2009/C 279 E/12 Reviżjoni tal-politika industrijali ta' nofs it-terminu — Kontribut lejn l-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir u x-Xogħlijiet

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar reviżjoni tal-politika industrijali ta' nofs it-terminu — Kontribut lejn l-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir u x-Xogħlijiet (2007/2257(INI)) ..... 65

2009/C 279 E/13 Is-sitwazzjoni fil-Libanu

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-sitwazzjoni fil-Libanu ..... 69

2009/C 279 E/14 Iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ..... 71

2009/C 279 E/15 Negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti fir-rigward tal-eżenzjonijiet tal-visa (visa waiver)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti fir-rigward tal-eżenzjonijiet tal-visa (visa waiver) ..... 77

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2009/C 279 E/16 | Is-sitwazzjoni traġika fil-Burma | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-sitwazzjoni traġika fil-Burma | 80 |
| 2009/C 279 E/17 | Id-diżastru naturali fiċ-Ċina | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar id-diżastru naturali fiċ-Ċina | 82 |
| 2009/C 279 E/18 | L-armi tal-uranju (imdgħajjef) u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent — lejn projbizzjoni globali fuq l-użu ta' armi bħal dawn | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-armi tal-uranju (imdgħajjef) u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent — lejn projbizzjoni globali fuq l-użu ta' armi bħal dawn | 84 |
| 2009/C 279 E/19 | REACH (Abbozz ta' regolament dwar metodi ta' ttestjar) | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi metodi ta' ttestjar skond ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) | 85 |
| 2009/C 279 E/20 | Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali (2007-2013) | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar Strateġija ġdida għas-Saħħa tal-Annimali għall-Unjoni Ewropea (2007-2013) (2007/2260(INI)) | 89 |
| 2009/C 279 E/21 | L-istrateġija tal-UE għat-tielet Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus f'Riga, il-Latvja | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-istrateġija tal-UE għat-tielet Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus f'Riga, il-Latvja | 98 |
| 2009/C 279 E/22 | Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajnuna | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajnuna (2008/2048(INI)) | 100 |
| 2009/C 279 E/23 | Is-Sudan u l-Qorti Kriminali Internazzjonali | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-Sudan u l-Qorti Kriminali | 109 |
| 2009/C 279 E/24 | L-arrest ta' priġunieri politiċi fil-Belarus | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-arrest ta' dissidenti politiċi fil-Belarus | 113 |
| 2009/C 279 E/25 | Tensjoni tikber fil-Burundi | |
| | Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar it-tensjoni tikber fil-Burundi | 115 |

III *Atti preparatorji*

**Parlament Ewropew**

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| | | |
|---|---|---|
| 2009/C 279 E/26 | It-tqabbil tal-kwalifiki tat-taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea ***I | |
| | Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/KEE dwar it-tqabbil tal-kwalifiki tat-taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea (COM(2007)0680 — C6-0398/2007 — 2007/0234(COD)) | 119 |

MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2009/C 279 E/27 | Il-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi *<br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tissemplifika l-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, id-Deċiżjoni 2000/258/KE u d-Direttivi 2001/89/KE, 2002/60/KE, u 2005/94/KE (COM(2008)0120 — C6-0156/2008 — 2008/0046(CNS)) | 120 |
| 2009/C 279 E/28 | Ir-restituzzjoni ta' oġġetti ta' kultura mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru (verżjoni kkodifikata) ***I<br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restituzzjoni ta' oġġetti ta' kultura mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru (verżjoni kkodifikata) (COM(2007)0873 — C6-0025/2008 — 2007/0299(COD)) | 120 |
| 2009/C 279 E/29 | Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu *<br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2004/06/001(COM(2007)0571 — C6-0446/2007 — 2007/0211(CNS)) | 121 |
| 2009/C 279 E/30 | Fond tal-Komunità għat-Tabakk *<br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward tat-trasferiment ta' għajnuna tat-tabakk lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk għas-snin 2008 u 2009 u r-Regolament (KE) (Nru) 1234/2007 fir-rigward ta' finanzjament tal-Fond tal-Komunità għat-Tabakk (COM(2008)0051 — C6-0062/2008 — 2008/0020(CNS)) | 144 |
| 2009/C 279 E/31 | L-istatistika dwar laħam u bhejjem ***I<br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-istatistika dwar laħam u bhejjem (COM(2007)0129 — C6-0099/2007 — 2007/0051(COD)) | 148 |
| | P6_TC1-COD(2007)0051<br>Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-istatistika dwar laħam u bhejjem u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE | 148 |
| 2009/C 279 E/32 | Il-linji-gwida għall-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri *<br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji-gwida għall-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2007)0803 PARTI V — C6-0031/2008 — 2007/0300(CNS)) | 149 |
| 2009/C 279 E/33 | L-estimi tad-dħul u n-nefqa tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2009<br>Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-estimi tad-dħul u n-nefqa tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2009 (2008/2022(BUD)) | 163 |


MT

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**


2009/C 279 E/34 Il-projbizzjoni ta' esportazzjonijiet u l-ħażna sikura ta' merkurju metalliku ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni ta' esportazzjonijiet u l-ħżin sikur ta' merkurju metalliku (11488/1/2007 — C6-0034/2008 — 2006/0206(COD)) ..... 166

P6_TC2-COD(2006)0206

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru…/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni tal-merkurju metalliku u ta' ċerti komposti u taħlitiet tal-merkurju u l-ħżin sikur tal-merkurju metalliku ..... 166

2009/C 279 E/35 Il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (COM(2007)0051 — C6-0063/2007 — 2007/0022(COD)) ..... 167

P6_TC1-COD(2007)0022

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali ..... 167

2009/C 279 E/36 Stħarriġ ta' strutturi tal-farms u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (COM(2007)0245 — C6-0127/2007 — 2007/0084(COD)) ..... 168

P6_TC1-COD(2007)0084

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 168

2009/C 279 E/37 Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq (COM(2007)0263 — C6-0145/2007 — 2007/0098(COD)) ..... 169

P6_TC1-COD(2007)0098

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament *(KE) Nru …/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq*u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE* 169

ANNESS I ..... 187

ANNESS II ..... 193

ANNESS III ..... 194


MT

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2009/C 279 E/38 Trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq (tfassil mill-ġdid) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (tfassil mill-ġdid) (COM(2007)0265 — C6-0146/2007 — 2007/0099(COD)) ..... 194

P6_TC1-COD(2007)0099

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament *(KE) Nru …/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (tfassil mill-ġdid) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ..... 195

ANNESS I ..... 209

ANNESS II ..... 211

ANNESS III
TABELLA TA' KORRELAZZJONI ..... 213

2009/C 279 E/39 L-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) (COM(2007)0480 — C6-0257/2007 — 2007/0174(COD)) ..... 215

P6_TC1-COD(2007)0174

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) ..... 215

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

2009/C 279 E/40 L-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2008

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2008 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima III — Kummissjoni (9190/2008 — C6-0192/2008 — 2008/2080(BUD)) ..... 216

2009/C 279 E/41 Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (tfassil mill-ġdid) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (tfassil mill-ġdid) (COM(2007)0443 — C6-0243/2007 — 2007/0163(COD)) ..... 217

P6_TC1-COD(2007)0163

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fondazzjoni għat-Taħriġ (riformulat) ..... 218

ANNESS I
IR-REGOLAMENT REVOKAT U L-EMENDI SUĊĊESSIVI ..... 231

ANNESS II
TABELLA TA' KORRELAZZJONI ..... 231

MT

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

RIŻOLUZZJONIJIET

# PARLAMENT EWROPEW

## L-evalwazzjoni tal-Programm PEACE u l-istrateġiji għall-ġejjieni

P6_TA(2008)0205

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-evalwazzjoni tal-Programm PEACE u l-istrateġiji għall-ġejjieni (2007/2150(INI))**

(2009/C 279 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 158 tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/93 tal-20 ta' Lulju 1993 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-ħidmiet tal-Fondi Strutturali u tal-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħra ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/93 tal-20 ta' Lulju 1993 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 4253/88 li jistabbilixxi disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħra ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 214/2000 tal-24 ta' Jannar 2000 dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/2002 tal-10 ta' Diċembru 2002 dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2003-2004) ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1105/2003 tas-26 ta' Mejju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1260/1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali ([6]),

([1]) ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 193, 31.7.1993, p. 5.
([3]) ĠU L 193, 31.7.1993, p. 20.
([4]) ĠU L 24, 29.1.2000, p. 7.
([5]) ĠU L 341, 17.12.2002, p. 6.
([6]) ĠU L 158, 27.6.2003, p. 3.

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 173/2005 tal-24 ta' Jannar 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1260/1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali firrigward tal-estensjoni tad-dewmien tal-programm PEACE u l-għoti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn ġodda ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 177/2005 tal-24 ta' Jannar 2005 dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2003-2006) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1968/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007 — 2010) ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Grupp Ewropew ta' Koperazzjoni Territorjali (EGTC) ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu Programm Speċjali ta' Appoġġ għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq (COM(1994)0607),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu Rapport dwar il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda skond l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 177/2005 (COM(2006)0563),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru. 7/2000 dwar il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda u l-Programm Speċjali ta' Appoġġ għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u fil-pajjiżi li jinsabu mal-fruntiera tal-Irlanda (mill-1995 sa l-1999), flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni (paragrafu 58) ([5]),

— wara li kkunsidra s-seduta ta' smigħ pubbliku dwar l-evalwazzjoni tal-programm PEACE u l-istrateġiji għall-ġejjieni organizzat mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali tal-Parlament Ewropew fl-20 ta' Novembru 2007,

— wara li kkunsidra l-Forza tax-Xogħol (Task Force) għall-Irlanda ta' Fuq (TFNI), li nħolqot wara ż-żjara tas-Sur Barroso, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, f'Belfast f'Mejju 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0133/2008),

A. billi l-programmi PEACE I u II tal-UE, iffinanzjati skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1105/2003 u 173/2005, kellhom l-għan li jiżguraw il-paċi u jinkludu żewġ elementi prinċipali: it-teħid tal-opportunitajiet li jirriżultaw mill-paċi u l-indirizzar tal-konsegwenzi tal-konflitt u tal-vjolenza,

B. billi l-parteċipazzjoni tal-UE fil-programmi PEACE kienet u għadha ta' valur pożittiv kbir u r-rabta tal-UE ma' proġetti ta' tkattir tal-paċi bħal dawn, apparti li tipprovdi strument finanzjarju, uriet ulterjorment l-importanza tal-UE bħala awtorità newtrali bl-għarfien espert u bil-viżjoni fit-tul meħtieġa għat-tfassil tal-programm,

C. billi l-proċess ta' rikonċiljazzjoni jaħdem fuq bosta livelli, u billi għandu jkun inkoraġġut attivament iżda ma jistax ikun impostRikonċiljazzjoni wara Konflitt Vjolenti, International IDEA, 2003, Stokkolma ([6]),

([1]) ĠU L 29, 2.2.2005, p. 3.
([2]) ĠU L 30, 3.2.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 86.
([4]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19.
([5]) ĠU C 146, 25.5.2000, p. 1.
([6]) *(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet).*

D. billi t-tkattir tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni huma fin-natura tagħhom stess prekarji iżda huma essenzjali biex ikunu megħluba l-problemi politiċi, ekonomiċi u soċjali fir-reġjun, u billi proġetti għat-tkattir tal-kunfidenza għandhom għalhekk jingħataw spazju għall-esperimentazzjoni u għall-innovazzjoni sabiex jingħataw bidu,

E. billi l-kunflitt fit-Tramuntana tal-Irlanda ħoloq komunitajiet segregati, li wasslu għal qsim soċjali, ekonomiku u politiku kbir,

F. billi l-kuntatt u t-tkattir tal-kunfidenza jistgħu jirriżultaw fil-bidla tal-opinjonijiet negattivi u billi t-trawwim ta' fehim reċiproku fost iż-żgħażagħ jgħin il-mexxejja ta' għada biex jifhmu l-istorja u l-kultura taż-żewġ komunitajiet,

G. billi l-ħidma fi sħubija mal-komunitajiet lokali tista' tieħu aktar żmien ladarba tinvolvi aktar parteċipanti u proċeduri, għalkemm huwa evidenti li l-benefiċċji żejda miksuba huma essenzjali, ladarba d-delegazzjoni f'livell iktar baxx ta' ġestjoni u ż-żieda fil-livell ta' parteċipazzjoni tkabbar l-għarfien kemm tal-programm kif ukoll tal-UE,

H. billi gruppi preċedentement marġinalizzati u nies milquta ħafna mill-konflitt u l-vjolenza ġew imħeġġa permezz tal-programmi PEACE biex jikkontribwixxu ħalli jkabbru l-paċi b'mod attiv; billi l-proġetti li jaqgħu taħt il-programmi PEACE qed jaqdu l-aktar partijiet marġinalizzati tas-soċjetà billi jiżviluppaw attivitajiet għal individwi u gruppi bħall-vittmi ta' konflitt, il-persuni anzjani u dawk vulnerabbli, il-persuni b'diżabilità, il-vittmi ta' vjolenza domestika, l-eks priġunieri u ż-żgħażagħ mingħajr impjieg ([1]),

I. billi ħafna nies li ħadmu fuq proġetti għat-tkattir tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni wettqu din il-ħidma fuq bażi volontarja,

J. billi huwa essenzjali li l-programmi għat-tkattir tal-paċi, b'mod partikulari dawk li jinvolvu gruppi komunitarji u volontarji, ikomplu jkunu appoġġjati finanzjarjament meta l-fondi tal-PEACE jaslu fit-tmiem,

K. billi s-setturi tal-volontarjat u tal-komunità huma magħrufa għall-kisbiet tagħhom biex jikkonfrontaw id-dekadenza u d-depravazzjoni soċjali u huma f'qagħda tajba li jiżviluppaw u jipprovdu l-ewwel servizzi għal dawk l-aktar żvantaġġati fis-soċjetà, u billi n-nisa għandhom irwol pożittiv ħafna fit-tkabbir tal-paċi,

L. billi l-programmi PEACE għenu fl-iżvilupp ta' proġetti ekonomiċi f'żoni ta' depravazzjoni billi ħolqu intrapriżi ġodda,

M. billi ħafna inizjattivi komunitarji u volontarji ffinanzjati mill-PEACE II joperaw fuq bażi kontinwa u jipprovdu servizzi komunitarji essenzjali b'mod partikulari lill-gruppi marġinalizzati, u qed jistennew konferma dwar il-finanzjament sabiex ikunu jistgħu jkomplu jipprovdu dawn is-servizzi,

N. billi wieħed mill-aspetti tal-iżvilupp ekonomiku li rriżulta mill-appoġġ mogħti fl-ambitu tal-programm PEACE, kien li wassal għal benefiċċju kemm f'żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali,

O. billi l-finanzjament taħt il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (l-IFI) huwa ta' sikwit komplementari u ż-żewġ programmi, l-IFI u l-PEACE, għamluha possibbli għall-proġetti li jilħqu stadju fejn seta' jkollhom aċċess għal finanzjament ieħor tal-UE, bħal pereżempju l-Interreg,

P. billi bosta mill-azzjonijiet fis-sotto-programmi PEACE, fil-programmi tal-IFI u fl-inizjattiva Interreg, urew livell għoli ta' similarità u sa ċertu punt l-irduppjar tal-attivitajiet f'ċertu oqsma,

([1]) Il-Programm tal-UE għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni — L-Impatt, SEUPB.

Q. billi r-responsabilità tal-azzjonijiet u t-trasparenza, il-parteċipazzjoni, ir-rikonoxximent tal-interdipendenza tan-nies kollha, l-eliminazzjoni tal-inugwaljanza, il-promozzjoni tad-diversità u l-attenzjoni għall-gruppi vulnerabbli u l-opportunitajiet ugwali huma elementi importanti fit-tkattir tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni,

R. billi r-rapport tal-Kummissarju Temporanju għall-Vittmi u s-Superstiti ddikjara, li l-gruppi ta' appoġġ għall-vittmi u għas-superstiti għandhom dipendenza fuq finanzjament ta' darba mill-PEACE, u sab nuqqas ta' ċarezza f'dak li jirrigwarda l-mod ta' kif il-proġetti għall-vittimi u s-superstiti se jitkomplew meta ma jkunx għad fadal flus mill-finanzjament tal-PEACE, u billi riċentement inħatru erba' kummissarji ġodda għall-vittmi mill-Prim Ministru u Deputat Prim Ministru tal-Irlanda ta' Fuq ([1]),

S. billi l-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma parti integrali tat-tkattir tal-paċi u l-bini mill-ġdid ta' soċjetajiet ta' wara l-konflitt,

1. Jenfasizza li l-għoti ta' setgħa fuq livell lokali hija parti essenzjali għat-tkattir tal-paċi u li l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili ttejjeb it-tfassil tal-politika u l-mod li bih tkun iggvernata s-soċjetà;

2. Jinnota li l-iżvilupp ta' bosta mekkaniżmi ta' implimentazzjoni flimkien mas-settur tal-volontarjat, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-awtoritajiet lokali pprovdew esperjenza mifruxa dwar il-ġestjoni tal-fondi tal-UE; jemmen li dan il-mekkaniżmu ta' dispożizzjoni bottom-up jista' jintuża fl-implimentazzjoni ta' programmi oħra ta' finanzjament;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kontribuzzjoni tal-programmi PEACE u l-IFI għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali; jinnota li ċentru imprenditorjali wieħed stabbilit, qabel l-implimentazzjoni tal-IFI, f'zona żvantaġġata, żviluppa bl-appoġġ tal-IFI u tal-kunsill distrettwali lokali, netwerk ta' 32 ċentru imprenditorjali, li għenu fit-tkattir tal-kunfidenza u t-tama fost dawk involuti;

4. Jenfasizza li l-koperazzjoni bejn il-parteċipanti fi programmi ffinanzjati mill-PEACE u l-IFI ma għandhomx jiefqu meta l-programm jasal biex jintemm; jistieden lid-dipartimenti governattivi biex ikomplu din il-ħidma, li wriet li kienet effettiva, sabiex jiġi żgurat li jitkompla l-finanzjament ġenerali għal dan ix-xogħol imprezzabbli meta l-fondi tal-programm PEACE jiġu fit-tmiem;

5. Jistieden b'mod speċjali lill-gvernijiet tar-Renju Unit u tal-Irlanda biex jagħmlu arrangament għal iffinanzjar temporanju għal gruppi komunitarji u dawk volontarji, b'mod partikolari biex ikun hemm kontinwità bejn tmiem il-programmi ta' finanzjament tal-PEACE II u l-bidu tal-programmi ta' finanzjament għall-PEACE III;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet tar-Renju Unit u tal-Irlanda biex jagħmlu arranġament mal-Kummissarji għall-Vittmi u s-Superstiti bil-għan li jsibu mekkaniżmu kif il-gruppi ta' appoġġ għall-vittmi u s-superstiti jkomplu jirċievu għajnuna finanzjarja anki wara t-tmiem tal-finanzjament mill-PEACE;

7. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rigward tat-TNFI, biex terġa' tadottata l-istrateġija ta' ċittadinanza attiva, użata fil-programmi PEACE I u PEACE II, waqt l-istrutturar ta' inizjattivi fil-ġejjieni; ifakkar fl-importanza għall-istabilizzazzjoni tal-proċess ta' paċi li jkun hemm żvilupp reġjonali bbilanċjat inkluża attenzjoni għall-infrastruttura li hija sotto-żviluppata meta mqabbla ma' dik ta' reġjuni oħra fl-UE, u jistieden lit-TFNI biex tkun aktar pożittiva fl-appoġġ tagħha għat-titjib tal-infrastruttura;

8. Jistieden għal żvilupp ulterjuri ta' xogħol transkonfinali, meta wieħed iqis li x-xogħol transkonfinali kien ċentrali għar-riġenerazzjoni ta' komunitajiet urbani u rurali fiz-zoni konfinali; iħeġġeġ l-iżvilupp ulterjuri tal-koperazzjoni bejn il-kmamar tal-kummerċ lokali u l-korpi tas-settur pubbliku kif ukoll bejn il-forums għas-setturi volontarji u s-setturi komunitarji fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera u l-organizzazzjonijiet volontarji li diġà joperaw fuq bażi transkonfinali;

9. Jistieden lill-Gvern tal-Irlanda biex jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 immedjatament;

([1]) Appoġġ għall-Vittmi u s-Superstiti — l-Indirizzar tal-Wirt tal-Bniedem, Jannar 2007.

10. Iħeġġeġ l-użu wiesa' tal-konsultazzjoni, kemm fuq skala kbira kif ukoll fuq skala żgħira u b'iffukar lokali, fi ħdan il-programmi ta' finanzjament u jenfasizza l-importanza li jkunu żgurati skemi li jippermettu l-approvazzjoni ta' għotjiet żgħar biex jiffinanzjaw xogħol li jkun meħtieġ f'qasir żmien u xogħol li r-riżultati tiegħu ma jistgħux ikunu kwantifikati faċilment kif ukoll skemi li jippermettu sostenibilità fit-tul u li jistgħu jkunu ta' kontribut għall-komunitajiet lokali;

11. Jistieden sabiex ikun hemm tnaqqis fil-burokrazija biex ikun żgurat li proġetti żgħar ma jkunux mgħobbija żżejjed;

12. Jirrikonoxxi li t-tkattir tal-paċi huwa proċess fuq medda twila ta' żmien u evoluzzjonarju u li żvilupp qawwi lejn il-paċi u r-rikonċiljazzjoni jieħu ż-żmien; jitlob għal perjodu ta' żmien akbar għal għotjiet individwali sabiex il-proġetti jkunu aktar inċiżivi; jirrikonoxxi li mhux biss inizjattivi ekonomiċi iżda anki inizjattivi kulturali u sportivi jistgħu jagħtu kontribuzzjoni sinifikanti għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni u għandhom għalhekk ikomplu jiġu promossi;

13. Jinnota li s-settur tal-ekonomija soċjali huwa sotto-settur tas-setturi komunitarji u tal-volontarjat, li l-konsultazzjoni tagħhom hija importanti biex jiġu żviluppati strateġiji u zoni lokali; iqis li l-negozji lokali l-oħra jinfluwenzaw ukoll il-parteċipanti;

14. Jenfasizza li l-iżvilupp f'zoni rurali jeħtieġ sinerġiji ikbar bejn l-iffinanzjar tal-iżvilupp agrikolu, rurali u dak reġjonali kif ukoll bejn il-konservazzjoni tan-natura, l-ekoturiżmu u l-produzzjoni u l-użu ta' enerġija li tiġġedded, minn dak li kien il-każ s'issa;

15. Jenfasizza li n-nies għandu jkollhom aċċess faċli għall-informazzjoni dwar stejjer ta' suċċess tal-proġetti ffinanzjati mill-PEACE I u l-PEACE II kif ukoll l-IFI; jemmen li l-esperjenza miksuba minn dawn il-proġetti għandha tkun imqassma fost dawk involuti f'xogħol ieħor ta' tkattir tal-paċi internazzjonali; jitlob, f'dan il-kuntest, għall-ħolqien ta' bażi tad-dejta bħala għodda ta' tagħlim għax-xogħol ta' paċi u rikonċiljazzjoni fi ħdan il-pajjiż u lilhinn minnu; jitlob, apparti dan, li kull livell ta' parteċipazzjoni ikun inkluż fil-ħolqien ta' netwerks reġjonali u metropolitani;

16. Jirrakkomanda li jitwettqu strateġiji komprensivi biex mhux biss jiġi żgurat li jkunu disponibbli eżempji ta' prassi tajba, iżda anki li jintużaw f'kull stadju taċ-ċiklu tal-proġett, i.e. it-tfassil tal-proġett, l-implimentazzjoni, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Il-kummerċ ta' materja prima u ta' prodotti bażiċi

P6_TA(2008)0209

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-kummerċ ta' materja prima u ta' prodotti bażiċi (2008/2051(INI))**

(2009/C 279 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-3 ta' Settembru 2002 dwar il-kummerċ u l-iżvilupp għall-qerda tal-faqar ([1]), tat-30 ta' Jannar 2003 dwar il-ġuħ fid-dinja u t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ mal-ifqar pajjiżi ([2]), tal-10 ta' April 2003 dwar il-kriżi fis-suq internazzjonali tal-kafè ([3]), tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar il-kummerċ u l-faqar: it-tfassil tal-politika tal-kummerċ biex jiġi mmassimizzat il-kontribut tal-kummerċ biex jittaffa l-faqar ([4]), tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-impatt makroekonomiku taż-żieda fil-prezz tal-enerġija, tat-22 ta' Mejju 2007 dwar l-Ewropa Globali — l-aspetti esterni tal-kompetittività ([5]), tat-23 ta' Mejju 2007 dwar l-għajnuna tal-UE għall-kummerċ ([6]). (Aid for Trade) ([7]) u tad-29 ta' Novembru 2007 dwar il-kummerċ u l-bidla fil-klima ([8]),

([1]) ĠU C 272 E, 13.11.2003, p. 277.
([2]) ĠU C 39 E, 13.2.2004, p. 79.
([3]) ĠU C 64 E, 12.3.2004, p. 607.
([4]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 261.
([5]) ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 548.
([6]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 128
([7]) ĠU C 102E, 24.4.2008, p. 291.
([8]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0576.

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tat-8 ta' Settembru 2000, li tistabbilixxi l-Għanijiet Ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) bħala kriterji mwaqqfa flimkien mill-komunità internazzjonali għall-qerda tal-faqar, kif ukoll ir-reviżjoni u l-aġġornament tagħha fil-Laqgħa Għolja Dinjija tan-NU tal-2005 li sar bejn l-14 u s-16 ta' Settembru 2005,

— wara li kkunsidra r-rapporti tat-tliet gruppi ta' ħidma tal-Bord tal-Esperti Intergovernattivi dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC) bit-titolu, "Il-Bidla fil-Klima 2007: Il-Bażi tax-Xjenza Fiżika", "Il-Bidla fil-Klima 2007: Impatti, Adattazzjoni u Vulnerabilità" u "Il-Bidla fil-Klima 2007: Il-Mitigazzjoni tal-Bidla fil-Klima", ippubblikati lkoll fl-2007,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu Katini ta' Prodotti Bazici Agrikoli, Dipendenza u Faqar — Proposta ghal Pjan ta' Azzjoni tal-UE (COM (2004)0089),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat għar-Reġjuni bl-isem "Ewropa Globali: Kompetizzjoni dinjija — Kontribut lill-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi" (COM(2006)0567) u "Ewropa Globali: Sħubija aktar b'saħħitha biex jingħata aċċess għas-suq lil esportaturi Ewropej" (COM (2007)0183),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bl-isem ta' "dwar il-Kompetittività tal-Industriji tal-Metall — Kontribut lill-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi" (COM(2008)0108),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni adottat fil-15 ta' Settembru 1995 mir-Raba' Konferenza Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) bit-titolu "Livestock's Long Shadow", ippubblikat fl-2006,

— wara li kkunsidra l-ħidma tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) u l-Ftehim u d-Dikjarazzjoni ta' Accra li ġew konklużi fil-25 ta' April 2008 waqt it-XII-il Konferenza tal-UNCTAD f'Accra, il-Ghana,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Strateġija Tematika għall-Użu Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali", ippubblikata fil-21 ta' Diċembru 2005 (COM(2005)0670),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Laqgħa Għolja tal-G8 dwar "it-tkabbir u r-responsabilià fl-ekonomija dinjija" ffirmata f'Heiligendamm fis-7 ta' Ġunju 2007, partikularment il-kapitolu tagħha dwar 'ir-Responsabilità għall-materja prima: tkabbir trasparenti u sostenibbli' li skond dan il-kapitolu"swieq ħielsa, trasparenti u miftuħa huma fundamentali għat-tkabbir globali, għall-istabbilità u għall-iżvilupp sostenibbli",

— wara li kkunsidra r-Raba' Rapport tal-Grupp ta' Livell Gholi dwar il-Kompetittività, l-Enerġija u l-Ambjent tal-11 ta' Ġunju 2007 li jappoġġja l-iżvilupp ta' politika dwar il-materja prima, mibnija fuq suq globali ħieles, ġust u li jitħaddem tajjeb għall-materja prima billi tintuża politika ta' kummerċ, partikularment ftehim internazzjonali multilaterali u bilaterali, sabiex ikun żgurat li l-UE u l-pajjiżi terzi jappoġġjaw swieq miftuħa u mhux imxekkla,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0134/2008),

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

A. billi l-materja prima u l-prodotti bażiċi, il-metall, il-minerali u l-prodotti tal-enerġija li huma dħul fil-proċess industrijali, kemm jekk proċessati, mhux proċessati jew permezz ta' riċiklaġġ ta' prodotti bħall-iskrapp,

B. billi mill-2002 l-indiċi tal-prezzijiet għall-prodotti bażiċi li mhumiex fjuwils għola b'159 %, il-prezzijiet tal-metalli u tal-minerali għolew b'285 % u l-prezzijiet tal-materja prima agrikola għolew b'133 %,

C. billi l-ekonomija tal-UE tiddependi b'mod konsiderevoli fuq l-importazzjoni ta' materja prima minn pajjiż terzi u l-aċċess għal materja prima għandu rwol kruċjali fl-assigurazzoni talkompetittività tal-UE,

D. billi ż-żieda riċenti fil-prezz tal-materja prima wassal għal nuqqas ta' tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea u dan jhedded il-kompetittività tal-UE,

E. billi fil-futur hija mistennija żieda fit-talba dinjija għall-materja prima; billi din iż-żieda se tkun kaġun ta' tkabbir ekonomiku f'ekonomiji li qed jiżivluppaw,

F. billi fil-passat, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-materja prima u tal-prodotti bażiċi, fuq tul ta' żmien qasir, wrew volatilità estrema u biż-żmien marru għall-agħar u għaddew minn fażijiet ta' produzzjoni żejda segwiti minn perjodi ta' nuqqas,,

G. billi ż-żidiet riċenti fis-swieq internazzjonali m'għandhomx jaħbu l-fatt li l-prezzijiet tal-materja prima u tal-prodotti bażiċi, meta jitqabblu ma' dawk tal-prodotti manifatturati, issa ilhom juru tendenza ta' roħs,

H. billi din iż-żieda fil-prezzijiet — speċjalment meta tkun riżultat ta' raġunijiet industrijali min-naħa ta' ekonomiji li qed jiżviluppaw — offriet sfidi ta' kompetittività lill-industrija tal-manifattura tal-UE u qajjmet kwistjonijiet fuq żmien aktar twil relatati mas-sigurtà u l-forniment ta' materja prima,

I. billi l-esportazzjoni ta' prodotti bażiċi tifforma mill-inqas 50 % tal-qligħ kollu mill-esportazzjoni ta' 95 mill-141 pajiż li qegħdin jiżviluppaw,

J. billi l-Unjoni Ewropea hija kompetitur ewlieni fil-kummerċ internazzjonali tal-materja prima u l-prodotti bażiċi, l-aktar bħala importatur nett tal-materja prima,

K. billi l-Unjoni Ewropea, minħabba l-karatteristiċi tal-bażi industrijali Ewropea, hija dipendenti ħafna fuq l-importazzjoni tal-materja prima sabiex tkun kompetittiva u għall-iżvilupp ekonomiku tagħha,

L. billi hemm ħafna eżempji ta' politiki u miżuri introdotti minn pajjiżi terzi, kif ukoll tendenza lejn il-ħolqien ta' ostakli għall-aċċess ħieles u ġust tal-materja prima f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandhom l-effett li jillimitaw l-aċċess tal-industriji tal-UE għall-materja prima u l-prodotti bażiċi,

M. billi t-tisħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni għandu rwol importanti fl-inkoraġġar ta' forniment sostenibbli ta' materja prima,

N. billi s-sistemi STABEX, SYSMIN u FLEX jirriflettu l-isforzi mgħoddija u attwali min-naħa tal-Unjoni Ewropea biex tgħin lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li jkunu effettwati mill-instabilità tal-prezzijiet u tad-dħul,

O. billi ż-żieda fil-prezzijiet riċenti tal-materja prima u l-prodotti bażiċi fis-swieq internazzjonali ġejja miż-żieda kbira fid-domanda min-naħa tal-ekonomiji l-ġodda bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Brażil, mit-tibdil fix-xejriet meteoroloġiċi, minn uħud mill-prattiċi restrittivi min-naħa tal-pajjiżi li jesportaw u miż-żieda kbira tal-fjuwils agrikoli fis-suq kif ukoll tal-ispekulazzjoni fis-suq tal-produzzjoni tal-bhejjem,

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

P. billi l-maġġoranza kbira tal-fqar fid-dinja huma nisa li sikwit jiddependu mix-xiri, mill-produzzjoni u t-trasformazzjoni tal-materja prima u l-prodotti bażiċi biex jgħixu u biex jaqalgħu l-għajxien tagħhom,

Q. billi l-komunità internazzjonali ddikjarat il-ħtiega li jsir sforz internazzjonali biex jinqered il-faqar bis-saħħa ta' għanijiet konkreti stabbiliti fl-MDGs li għandhom jitwettqu qabel l-2015; billi għandha tingħata attenzjoni xierqa għall-importanza kbira tal-kwistjonijiet dwar il-prodotti bażiċi għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw,

R. billi l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi naturali jista' jnaqqas il-faqar u jrawwem it-tkabbir ekonomiku jekk tiġi promossa tmexxija tajba; billi tmexxija dgħajjfa f'pajjiżi għonja bir-riżorsi naturali jista' wkoll jirriżulta f'faqar, korruzzjoni u kuflitt,

S. billi l-preservazzjoni tal-bijodiversità u d-disponibilità ta' art kultivata huma elementi essenzjali għall-futur ta' kwalunkwe ekonomija fid-dinja; billi kwalunkwe forma ta' estrazzjoni ta' materji primi, għandha tikkunsidra dawn l-elementi essenzjali,

T. billi l-bidla fil-klima qiegħda sseħħ u hija parzjalment ikkawżata mill-attività tal-bniedem; billi l-estrazzjoni, il-produzzjoni u t-trasformazzjoni tal-materja prima u tal-prodotti bażiċi jfissru emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet bl-effett ta' serra; billi l-industrija tal-UE qed tiffaċċja restrizzjonijiet li dejjem qed jiżdiedu bl-iskop li tindirizza din il-kwistjoni b'dannu għall-kompetittività tagħha,

U. billi l-Unjoni Ewropea bħalissa ma tipprovdix għal strateġija koerenti biex tiffaċċja l-isfidi għall-kompetittività tal-ekonomija tagħha minħabba kompetizzjoni imtejba fl-aċċess għall-materja prima,

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-imsieħba kummerċjali tal-UE biex jindirizzaw serjament, fin-negozjati kollha dwar ftehimiet kummerċjali, l-elementi ewlenin tal-bidla fil-klima biex titnaqqas drastikament l-estrazzjoni u l-isfruttar tar-riżorsi naturali u biex titrawwem l-espansjoni ta' teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija, li jiġġeneraw enerġija li tiġġedded u li huma effiċjenti fir-riżorsi;

***Fornitura sigura ta' materja prima għall-UE u aċċess assigurat għal materja prima fis-swieq tad-dinja***

2. Jirrikonoxxi li l-aċċess għall-materja prima u għall-prodotti bażiċi huwa vitali għall-ekonomija tal-UE, minħabba n-nuqqas ta' forniment domestiku ta' bosta materja prima;

3. Jinnota, bi tħassib, il-prospetti ta' aktar domanda għal materja prima fis-swieq dinjin; jinsab imħasseb dwar il-limiti tal-kapaċità ta' esplorazzjoni fil-futur qarib; jinnota l-involviment limitat tal-kumpaniji Ewropej fl-esplorazzjoni ta' materja prima f'pajjiżi terzi;

4. Jinsab imħasseb dwar it-tendenza ta' restrizzjoni għall-aċċess liberu ta' materja prima f'pajjiżi terzi permezz ta' miżuri li jxekklu, madankollu jirrikonoxxi d-dritt ta' pajjiżi terzi li jirrestrinġu l-aċċess għall-materja prima tagħhom għal skopijiet ambjentali jew, meta meħtieġ, biex jindirizzaw nuqqasijiet kritiċi ta' forniment; dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat flimkien ma' miżuri domestiċi oħra;

5. Jinsab imħasseb dwar dawk l-attivitajiet ta' investiment li għandhom l-iskop li jkun hemm aċċess aħjar għal materja prima, li mhix konformi mal-istandards ta' kompetizzjoni ġusta u ħielsa u lanqas mal-prinċipji ta' tmexxija tajba u sostenibilità;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp f'teknoloġiji għar-riċiklaġġ ta' materja prima u l-użu effiċjenti u ekonomiku ta' materja prima; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħtu aktar importanza lil dan l-objettiv fl-attivitajiet tagħhom ta' riċerka;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tindirizza l-kwistjoni ta' aċċess ħieles u ġust għas-swieq tal-materja prima fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjina tal-Kummerċ (WTO); jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi b'mod attiv l-objettiv ta' eliminazzjoni multilaterali ta' miżuri li jxekklu l-kummerċ fis-settur tal-materja prima, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ r-restrizzjonijiet imsejsa fuq motivazzjonijiet ta' żvilupp għall-pajjiż l-anqas żviluppati (LDCs);

8. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja aċċess ħieles u bla diskriminazzjoni għal aċċess għal teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija, teknoloġiji ta' enerġiji li jiġġeddu u li huma effiċjenti fir-riżorsi fin-negozjati bilaterali rigward ftehim dwar kummerċ ħieles jew sħubija fid-WTO; jistabbilixxi l-objettiv li jiġu abbandunati kwalunkwe miżuri li jxekklu l-kummerċ li jwasslu għal żieda fl-użu u l-konsum tal-materja prima bħala objettiv importanti f'kull ftehim possibbli, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ l-għanijiet ta' żvilupp;

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi l-kwistjoni tal-materja prima fl-istrateġija tal-aċċessgħas-swieq; jilqaħ l-konsultazzjoni dwar il-forniment ta' materja prima; jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal strateġija koerenti dwar il-forniment ta' materja prima; ifakkar li l-Parlament għandu ikun involut fil-fażijiet kollha ta' dawn l-attivitajiet,

***Sforzi sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u partikularment l-LCDs jieħdu benefiċċju mil-materja prima***

10. Jiddispjaċih li ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, u partikularment l-LDCs, ġew ristretti għall-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' materja prima u prodotti bażiċi li l-prezzijiet volatili tagħhom kienu qed jonqsu fuq tul ta' żmien twil, u dan huwa impediment serju biex jittaffa l-faqar, kif ukoll it-twettiq tal-MDGs, imma jirrikonoxxi li ż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi ikkontibwixxew għal titjib sinifikandi fil-kontijiet esterni ta' wħud mill-pajjiżi li qed jiżiviluppaw, li jiddependu fuq il-prodotti bażiċi; jenfasizza l-opportunitajiet li għandhom il-pajjiżi li jipproduċu, li qiegħdin fl-awtoesplorazzjoni u mmaniġġjar ta' depożiti ta' materja prima meta jiġu rrispettati r-regoli fundamentali ta' trasparenza u kompetizzjoni ġusta;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfittex li jkun hemm tneħħija effettiva tal-kawżi tat-tfixkil billi tqajjem dawn il-kwistjonijiet f'konsultazzjonijiet u negozjati bilaterali u tippromwovi l-iżvilupp ta' regoli ġodda tad-WTO fuq livell multilaterali;

12. Jappoġġja l-isforzi attwali li qed isiru fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u b'mod partikulari fl-LCDs, sabiex ikunu diversifikati l-ekonomiji tagħhom u jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi fi stadji aktar avvanzti tal-proċess ta' produzzjoni, sabiex ikun inkluż ukoll l-ipproċessar u l-marketing u t-titjib tal-kwalità, tal-produttività u tal-produzzjoni ta' prodotti bi grad ogħla ta' valur miżjud; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp u d-diversifikazzjoni tal-prodott bażiku bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp meta meħtieġ;

13. Jikkunsidra li t-twaqqif ta' oqsfa ekonomiċi reġjonali u aktar koperazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi li qed jiżiviluppaw huwa ta' importanza kbira għall-iżvilupp eknomiku sostenibbli ta' dawk il-pajjiżi; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-importanza ta' kummerċ bejn in-Nofsinhar għall-iżvilupp ekonomiku ta' dawk il-pajjiżi;

14. Jikkunsidra li fuq tul ta' żmien, għandha titrawwem il-koperazzjoni ekonomika u kummerċjali reġjonali, u dan jista' jwassal għal ftehim ta' kummerċ ħieles; fl-istess ħin jinnota li f'kuntesti reġjonali differenti, il-ftehim ta' kummerċ ħieles jiffaċċja diffikultajiet; jikkunsidra li l-ftehim tal-EuroMed dwar il-kummerċ ħieles għandu jkun prijorità minħabba l-importanza tal-kummerċ fil-materja prima f'dan ir-reġjun;

15. Jinkoraggixxi lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u b'mod partikulari lill-LCDs biex iġibu l-investiment meħtieġ u jikkonsolidaw id-diversifikazzjoni ekonomika permezz ta' infrastruttura msaħħa u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet istituzzjonali, billi jippromwovu tmexxija tajba fl-immaniġġjar tal-iżvilupp ekonomiku, kif ukoll biex iħaffu l-aċċess u t-tqassim ta' prodotti mill-produtturi ż-żgħar għas-swieq lokali, li jsaħħu wkoll l-integrazzjoni reġjonali u l-ekonomija fil-kobor, filwaqt li jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tuża l-Għajnuna għall-Kummerċ (Aid for Trade) bħala għodda importanti għall-iżvilupp, kif ukoll biex issaħħaħ il-mekkaniżmi eżistenti għat-trasferiment tat-teknologija, l-aktar bħala mezz għall-kontroll tal-bidla fil-klima; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi t-trasparenza tad-dħul mill-materja prima permezz ta' programmi bħall-proċess tal-Inizjattiva ta' Trasparenza fl-Industrija tal-Estrazzjoni (EITI);

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

16. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-kumpaniji tal-UE biex jippromwovu u jinvestu fit-trasferiment ta' teknoloġiji li jirrispettaw l-ambjent;

17. Iqis li l-effett tal-Aġenda tal-Iżvilupp ta' Doha għandu jiżgura li jkun hemm impenji ġusti, ibbilanċjati, ekwi u li jkunu miftuħa għas-swieq kollha tal-materja prima;

18. Jirrikonoxxi li l-eżitu tan-negozjati tal-Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha għandha tnaqqas b'mod sinifikanti ż-żieda fit-tariffi; jinnota li l-Unjoni Ewropea diġà neħħiet bil-mod it-tariffi tagħha fuq il-prodotti agrikoli mill-LDCs (permezz tal-inizjattiva Kollox barra l-Armi) u minn ħafna pajjiżi tal-ACP (permezz ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika) u jappoġġja l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' regoli rigward prodotti speċjali u mekkaniżmi effettivi ta' salvagwardja għas-sostenibilità tas-swieq u tal-produzzjoni tagħhom;

19. Jitlob lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif ukoll lis-imsieħba internazzjonali, fosthom l-ekonomiji l-ġodda, biex jirratifikaw l-istandards ewlenin tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) kif ukoll il-linji ta' gwida rilevanti tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), speċjalment f'dak li jirrigwarda l-esplorazzjoni u l-irfinar ta' materja prima; jemmen li l-involviment tas-soċjetà ċivili u tal-parlamenti nazzjonali huwa kruċjali biex jinkiseb żvilupp ambjentali u soċjoekonomiku sostenibbli;

20. Jirrikonoxxi li l-ispekulazzjoni għandha sehem importanti fl-iffissar tal-prezzijiet tal-materja prima u l-prodotti bażiċi bil-konsegwenza ta' volatilità akbar;

21. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex timplimenta strateġija komprensiva u bbilanċjata fil-qasam tal-aċċess għall-materja prima billi tikkunsidra l-interessi tal-industrija tal-UE u tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-iskema finanzjarja kompensatorja tagħha (FLEX) biex tiżgura li tkun reattiva u effettiva fl-appoġġ tagħha għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u b'mod partikulari l-LDCs; jemmen li hemm il-ħtieġa li jittieħdu miżuri rilevanti fuq il-livell nazzjonali sabiex tiġi appoġġjata l-ħidma tal-UNCTAD;

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor data u tiġġenera statistika dwar il-kummerċ internazzjonali fil-materja prima u fil-prodotti bażiċi li jsir f'termini reali; jemmen li hemm il-ħtieġa ta' stampa ċara tal-flussi fil-kummerċ globali tal-prodotti bażiċi u tal-materja prima, mhux biss kif iffalsifikati minn transazzjonijiet purament spekulativi sabiex il-miżuri ta' politika ekonomika jkun milħuqa aħjar;

24. Jirrikonoxxi li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tal-prodotti agrikoli tal-ikel u ta' prodotti bażiċi agrikoli primarji espona lill-bdiewa ż-żgħar fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u partikularment fl-LDCs, għal bosta sfidi ġodda. Billi bosta minnhom huma nisa, dan jista' jkollu effett negattiv sproporzjonat fuqhom jekk ma jirnexxilhomx ilaħħqu ma' kompetizzjoni esterna;

25. Jisħaq fuq in-natura fundamentali tad-dritt għall-ikel u fuq il-ħtieġa li jitjieb l-aċċess għan-nies kollha l-ħin kollu għal ikel biżżejjed għal ħajja attiva u f'saħħitha;

26. Jirrakkomanda bil-qawwa, għalhekk, li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fl-Ewropa u fid-dinja sabiex ikunu żgurati prezzijiet moderati bħala soluzzjoni immedjata għall-kriżi tal-ikel; għal żmien itwal, jeħtieġ li tinħoloq regolamentazzjoni xierqa biex tindirizza aħjar l-attivitajiet spekulattivi; barra minn hekk, jirrakkomanda li ssir analiżi tas-setgħat u l-kompetenzi tal-entitajiet nazzjonali u internazzjonali ta' sorveljanza fil-qasam tal-prodotti bażiċi tal-ikel sabiex ikun żgurat li għall-ġejjieni jkun hemm garanzija ta' swieq stabbli u sikuri, u sabiex l-ispekulazzjoni ma tiksirx id-dritt għall-ikel;

27. Jilqa' t-twaqqif tat-task force b'setgħat qawwija tan-NU sabiex tindirizza l-kriżi attwali tal-ikel u l-impatt tagħha fuq il-faqar. Iħeġġeġ lill-mexxejja dinjin biex jieħdu sehem fil-Konferenza ta' Livell Għoli dwar is-Sigurtà Dinjija tal-Ikel li se ssir f'Ruma bejn it-3 u l-5 ta' Ġunju 2008;

28. Jagħti l-appoġġ tiegħu lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw biex jiżguraw li l-popolazzjonijiet lokali jkollhom aċċess għall-ikel; jemmen li l-ispazju għal politika vijabbli għandu jkompli jissaħħaħ biex isiru regoli u miżuri nazzjonali għall-iżvilupp ta' dan is-settur, kif ukoll biex jgħin lil dawk in-nisa li jkollhom ir-responsabilità ewlenija li jitimgħu l-familji tagħhom u l-komunitajiet lokali;

29. Jirrikonoxxi li ż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli tal-ikel u tal-prodotti bażiċi jista' jkollha effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-ikel u fuq l-aċċess għall-ikel fih innifsu fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, bir-riskju tal-ġuħ, tan-nuqqas ta' ikel u ta' rvellijiet fost l-ifqar nies tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; jitlob b'urġenza li tiżdied l-għajnuna umanitarja biex tittaffa l-kriżi tal-ikel li qiegħda thedded il-ħajja ta' mitt miljun ruħ;

30. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li ftehim ta' kummerċ multilaterali, reġjonali u bilaterali ffirmati mill-Unjoni Ewropea jkun konformi mal-għan tal-iżvilupp sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri leġiżlattivi meħtieġa sabiex tiżgura l-integrazzjoni tal-Evalwazzjonijiet tal-Impatt Sostenibbli fl-iżvilupp tal-politika tal-kummerċ tal-UE, b'mod partikulari mill-perspettiva tal-klima, tal-ġeneru u tal-iżvilupp sostenibbli;

31. Jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li fl-2008 se tippreżenta Komunikazzjoni bil-għan li jittejjbu l-kundizzjonijiet ta' aċċess sostenibbli għall-minerali u għall-materja prima sekondarja fuq il-livell tal-UE u fuq il-livell internazzjonali;

32. Jinnota ż-żieda fil-kritika rigward il-benefiċċji ekonomiċi u ambjentali tal-produzzjoni tal-fjuwil agrikolu; jistieden lill-Kummissjoni biex tistimola r-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-forniment sostenibbli ta' materja prima permezz ta' estrazzjoni u żvilupp effiċjenti ta' riżorsi, użu ta' materjali u rkupru meta dawn ma jibqgħux jintużaw;

33. Jemmen li l-estrazzjoni, il-ġbir u l-produzzjoni ta' materja prima u ta' prodotti bażiċi għandhom isiru skond il-prinċipju ta' sostenibilità, li jirrispetta l-proċess naturali tal-ekosistemi, minflok jibdilhom;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi tagħha sabiex tasal għal ftehim internazzjonali dwar ir-riżorsi li jqajmu kunflitt, li l-għan ewlieni tiegħu jkun li tipprojbixxi l-kummerċ kollu ta' riżorsi li jġib miegħu jew jirriżulta f'kunflitti armati, filwaqt li jinsisti fuq l-iżvilupp ta' regolament li jipprojbixxi l-kummerċ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' riżorsi li jqajmu kunflitt fl-Unjoni Ewropea u jħeġġeġ lill-pajjiżi kollha mdaħħla fil-kummerċ tad-djamanti biex jidħlu fl-iskema ta' ċertifikazzjoni Kimberley għall-kummerċ internazzjonali tad-djamanti mhux maħduma; jappella sabiex tiġi promossa t-trasparenza permezz tal-EITI u inizjattivi oħra;

35. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippromwovu l-Kummerċ Ġust u inizjattivi oħra ta' kummerċ li jkunu kkontrollati b'mod indipendenti, li jagħtu kontribut biex jgħollu l-istandards soċjali u ambjentali u jgħinu produtturi żgħar u marġinalizzati f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, filwaqt li jinkuraġġixxi l-awtoritajiet pubbliċi fl-Unjoni Ewropa biex jintegraw il-Kummerċ Ġust mal-kriterji ta' sostenibilità fil-politiki tagħhom dwar l-offerti pubbliċi u x-xiri;

36. Jinsab imħasseb li proporzjon dejjem akbar tar-riżorsi tad-dinja huma użati għat-trobbija tal-bhejjem; ifakkar fir-rapport tal-FAO msemmi hawn fuq bit-titolu "Livestock's Long Shadow" ta' Novembru 2006, li jikkalkula li l-industrija tal-laħam u tat-trobbija tal-bhejjem jikkontribwixxu għal 18 % tat-total dinji tal-emissjonijiet ta' gassijiet bl-effett ta' serra, li wkoll iħaffu d-diforestazzjoni fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu l-azzjonijiet meħtieġa f'dan is-settur ukoll, sabiex jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' inċentivi biex tiġi evitata d-diforestazzjoni fi ħdan il-qafas tan-negozjati internazzjonali dwar il-klima;

37. Jemmen li l-EITI, li l-għan tiegħu huwa li jsaħħaħ it-tmexxija billi jtejjeb it-trasparenza u r-responsabilità fis-setturi tal-estrazzjoni, għandu jiġi implimentat fid-dinja kollha, sabiex il-pajjiżi li qed jiżiviluppaw ikollhom opportunitajiet aħjar li jirċievu valur ekwivalenti għar-riżorsi naturali tagħhom;

38. Jenfasizza li prezzijiet għolja taż-żejt iżidu l-ħtieġa li għal metodu urġenti u differenti fil-politika dwar l-enerġija billi jimmira lejn l-effiċjenza tal-enerġija u l-użu li qed jiżdied ta' għejun oħra ta' enerġija, ikluża l-enerġija li tiġġedded;

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

39. Jirrealizza li l-bidla fil-klima se tolqot l-agħar lill-komunitajiet li diġà jħabbtu wiċċhom ma' problemi soċjali u ekonomiċi kbar; jifhem li n-nisa, b'mod speċjali, huma grupp vulnerabbli b'mod partikulari; jinkuraġġixxi l-isforzi biex jiġu adattati miżuri fuq il-livell lokali permezz tal-appoġġ internazzjonali finanzjarju u tekniku rilevanti;

40. Jinsab imħasseb li ċ-Ċina ma tippermettix li kumpaniji barranin ikollhom sehem ta' maġġoranza f'setturi bħal dak tal-ħadid u introduċiet varjetà ta' mekkaniżmi li jillimitaw l-esportazzjoni ta' materja prima tal-metall jew li jipprovdu appoġġ għall-gvern fix-xiri tagħhom minn għejun barranin; jirrikonoxxi li prattiki bħal dawn joħolqu diffikultajiet serji għall-interessi tal-industrija tal-UE biex din l-industrija tirrispettal-objettivi dwar il-bidla fil-klima u l-esportazzjoni ta' teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija, ta' teknoloġiji ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u li huma effiċjenti fir-riżorsi u li dawn għandhom ikunu ffaċċjati permezz tal-iffaċilitar tat-trasferiment tat-teknoloġija kemm politikament u kemm finanzjarjament;;

41. 41 Jenfasizza li l-politika ġdida kummerċjali ta' wħud mill-pajjiżi emerġenti, speċjalment iċ-Ċina, li qed ifittxu għal materja prima madwar id-dinja, partikularment fl-Afrika, qed ikollha impatt negattiv kbir fuq is-sigurtà globali għall-aċċess għall-prodotti bażiċi; jenfasizza l-bżonn li jingħeleb l-approċċ attwali bbażat fuq relazzjonijiet bejn Stati individwali u li jittraskura r-referenzi għad-drittijiet tal-bniedem, ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji u l-istandards ambjentali u soċjali favur approċċ multilaterali bbażat fuq il-kriterji ta' suffiċjenza u sostenibilità tal-użu tar-riżorsi;

42. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, imħabbra fil-Komunikazzjoni tagħha msemmija hawn fuq dwar il-kompetitivita ta'l-Industriji tal-Metall, biex tkompli tuża l-istrumenti esterni kollha biex tindirizza prattiċi kummerċjali li jiksru l-ftehim ta' kummerċ internazzjonali;

*

* *

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-UNCTAD, id-WTO, il-Bank Dinji, lill-Fond Komuni għall-Prodotti Bażiċi (CFC) u lill-FAO.

## L-Istrateġija għall-ibgħad reġjuni: Kisbiet u Prospettivi fil-Ġejjieni

P6_TA(2008)0210

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-Istrateġija għall-ibgħat reġjuni: Kisbiet u Prospettivi fil-Ġejjieni (2008/2010(INI))**

(2009/C 279 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2007 bl-isem "Strateġija għall-ibgħad reġjuni: kisbiet u prospettivi" (COM(2007)0507), tat-12 ta' Mejju 2004 (COM(2004)0343) u tat-23 ta' Awissu 2004 (COM(2004)0543) bl-isem "Shubija msaħħa għall-ibgħad reġjuni",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 229 paragrafu 2 tat-Trattat KE li se jiġi sostitwit mill-Artikoli 349 u 355 dwar l-operat tal-Unjoni Ewropea wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona dwar l-ispeċifiċitajiet tal-ibgħad reġjuni u l-Artikolu 107, paragrafu 3, punt a), tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-14 ta' Diċembru 2007,

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tat-XIII–il Konferenza tal-Presidenti tal-ibgħad reġjuni ffirmata f'Madeira fil-5 ta' Ottubru 2007,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2000 dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 299, paragrafu 2: l-ibgħad reġjuni tal-Unjoni Ewropea ([1]), il-pożizzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2005 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi fil-qasam tal-agrikoltura favur l-ibgħad reġjuni tal-Unjoni ([2]), u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2005 dwar sħubija msaħħa għall-ibgħad reġjuni ([3]).

— wara li kkonsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0158/2008),

A. iqis li l-gżejjer Azores, il-gżejjer Kanari, il-Guadeloupe, Madeira, il-Martinique u La Réunion huma kkaratterizzati mill-akkumulazzjoni ta' żvantaġġi permanenti u intensi 'mod partikolari d-distanza mill-kontinent Ewropew, l-insularità jew l-għeluq, il-klima u t-topografija diffiċli u ċ-ċokon tas-swieq,

B. billi Saint-Martin u Saint-Barthélemy li huma amministrattivament u politikament separati mill-Guadalope, jidhru huma speċifikament imsemmija fl-Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar l-operat tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat KE kif emendat mit-Trattat ta' Liżbona) bħala l-ibgħad reġjuni ġodda (RUP),

C. billi l-istruttura tal-ekonomiji tal-ibgħad reġjuni hija kkaratterizzata minn rabta stretta mal-agrikoltura u mas-sajd, li jikkostitwixxu attività li flimkien mas-servizzi ta' attività ekonomika (b'mod partikolari s-servizzi turistiċi), jirrappreżentaw sorsi importanti ta' impjieg f'dawn ir-reġjuni,

D. billi l-ibgħad reġjuni huma dipendenti, mil-lat soċjoekonomiku, mir-riżorsi tas-sajd taz-zoni ekonomiċi esklussivi tagħhom (ZEE), u billi z-zoni tas-sajd jippreżentaw fraġilità kbira mil-lat bijoloġiku,

E. billi l-ambjent ġeografiku immedjat tal-ibgħad reġjuni joffri opportunità ta' suq limitat ħafna, filwaqt li s-swieq tal-ibgħad reġjuni huma partikolarment attraenti għall-pajjiżi terzi ġirien kollha,

F. billi l-ibgħad reġjuni jinsabu f'pożizzjoni ta' dipendenza assoluta fuq il-mezzi ta' trasport, u billi l-ispejjeż addizzjonali marbutin mat-trasport ta' persuni u oġġetti, in-nuqqas ta' frekwenza jew l-abbandun totali, il-livell għoli ta' tariffi, id-diffikultajiet biex jitwaqqaf jew biex jinżamm mezz ta' trasport fuq livell reġjonali, jikkostitwixxu ostakoli kbar għall-iżvilupp tal-ekonomija jew tal-aċċessibilità tal-ibgħad reġjuni,

G. billi f'dawn l-aħħar tliet snin, l-ibgħad reġjuni kienu involuti direttament f'riformi komunitarji importanti relatati mal-prospettivi finanzjarji, tal-politika reġjonali 2007-2013, tal-Fond Ewropew għas-Sajd, tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, tal-għajnuniet tal-Istat, tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (CMO) taz-zokkor u tal-banana, tal-Programmi POSEI għall-agrikoltura u s-sajd, u billi dawn l-iżviluppi kienu ħafna drabi mimlijin konsegwenzi għall-dawn ir-reġjuni,

H. billi l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, li għandhom ikunu koerenti mal-impenji internazzjonali, li kuljum isiru aktar ristretti minħabba l-globalizzazzjoni speċjalment mill-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq, jikkuntrastaw mal-intervenzjonijiet speċifiċi implimentati favur l-ibgħad reġjuni,

([1]) ĠU C 197, 12.7.2001, p. 197.
([2]) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 497.
([3]) ĠU C 227 E, 21.9.2006, p. 512.

I. billi r-responsabilità relatata mal-ibgħad reġjuni naqset ħafna minn meta l-Unjoni Ewropea kibret minn 12 għal 27 Stat Membru,

J. billi d-dehra tal-ibgħad reġjuni ħafna drabi titqabbel mad-dehra ta' reġjuni dipendenti fuq approprijazzjonijiet komunitarji jew nazzjonali, mingħajr ma jkun iġġustifikat l-impatt pożittiv ta' dawn il-finanzjamenti, hija ftit bilanċjata mill-valur miżjud reali li huma jagħtu lill-UE f'termini ambjentali, kulturali jew ġeostrateġiċi, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispazju, li l-vantaġġi pożittivi tagħhom ma jidhrux immedjatament,

K. billi l-ibgħad reġjuni jirrappreżentaw pożizzjonijiet prezzjużi avvanzati tal-Ewropa fil-qalba tal-Karibew viċin il-Mercosur, qrib l-Afrika fl-oċean Indjan u fl-oċean Atlantiku li grazzi għalihom l-UE tista' tikklejmja l-ewwel spazju marittimu mondjali li jikkonsisti f'25 miljun $km^2$ taż-ŻEE rikk f'riżorsi ta' kull xorta,

***Kisbiet tas-sħubija msaħħa għall-ibgħad reġjuni***

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li tliet snin wara l-pubblikazzjoni ta' dokumenti politiċi ambizzjużi, bħall-komunikazzjonijiet imsemmija dwar "is-sħubija msaħħa għall-ibgħad reġjuni", il-Kummissjoni qed tippreżenta komunikazzjoni ġdida dwar dan is-suġġett;

2. Jitlob b'kunsiderazzjoni għall-firxa tal-oqsma trattati u tal-komplessità tal-politiki kkonċernati, li tinżamm l-Unjoni tal-ibgħad reġjuni fi ħdan id-DĠ għall-Politika Reġjonali tal-Kummissjoni, u li l-istaff tagħha jissaħħaħ sabiex ikunu garantiti l-mezzi indispensabbli għas-segwitu tal-missjonijiet tal-Unjoni;

3. Jiġbed l-attenzjoni għall-komunikazzjoni dwar il-bilanċ partikolarment pożittiv tal-azzjoni tal-Kummissjoni, filwaqt li diversi miżuri li din tal-aħħar tikkonforma magħhom iwieġbu parzjalment għall-esiġenzi tal-ibgħad reġjuni (b'mod partikolari fis-setturi tat-trasport u tal-aċċessibilità, tar-riċerka, tas-sajd u tal-koperazzjoni reġjonali) u li bl-ebda mod ma tissemma d-diffikulta li wieħed jiltaqa' magħha u l-isforzi mwettqa mill-ibgħad reġjuni, pereżempju fil-kuntest tat-tiġdid tal-iskemi ta' għajnuniet tal-Istat;

4. Jinnota li l-intervenzjonijiet tal-Fondi strutturali jkomplu jikkontribwixxu bil-kbir għall-iżvilupp tal-ibgħad reġjuni; jixtieq madanakollu li l-miżura tal-livell ta' koeżjoni miksuba f'dawn ir-reġjuni tkun inkisbet grazzi għal indikaturi oħra milli mill-Prodott Gross Domestiku tagħhom biss meta mqabbla mal-medja komunitarja u li l-politika ta' koeżjoni tkun ikkombinata aħjar ma' politiki komunitaji oħrajn, b'mod transversali, sabiex jitkabbru s-sinerġiji; jitlob li l-Kummissjoni tkun iktar flessibbli u tadatta aħjar il-politiki attwali u futuri tagħha għar-realtajiet tal-ibgħad reġjuni, fuq il-bażi tal-Artikolu 299 (2) tat-Trattat KE;

5. Jikkunsidra r-riżultati sodisfaċenti miksuba fil-qafas tal-POSEI (agrikoltura u sajd) u tat-tkabbir taz-zokkor, rum u banana; jixtieq li jkun hemm kunsiderazzjoni konkreta tal-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw għal dawn il-prodotti agrikoli fin-negozjati internazzjonali li għaddejjin bħalissa u fl-azzjonijiet imnidija mill-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq; jibqa' attent għall-approċċ tar-reviżjoni intermedja tal-POSEI u għall-valutazzjoni tal-iskemi fiskali divrenzjati;

6. Jappoġġja l-fatt li l-ispeċifiċitajiet tal-ibgħad reġjuni jeħtieġu strateġija bbażata fuq politiki u miżuri li la huma suġġetti għal kriterji tranżitorji u lanqas għal żvilupp temporanju tal-ġid, li huma adattati għall-bżonijiet differenti ta' kull wieħed mir-reġjuni, miżuri li jaffaċċjaw l-iżvantaġġi permanenti li huma suġġetti għalihom dawn ir-reġjuni;

7. Jitlob lill-Kummissjoni biex, b'kunsiderazzjoni għall-ispeċifiċitajiet u d-differenzi bejn l-ibgħad reġjuni, min-naħa l-waħda, u tal-irwol li dawn għandhom fil-politika marittima Ewropea integrata, min-naħa l-oħra, tintegra fil-pjan tagħha miżuri ta' għajnuna lis-setturi tas-sajd ta' dawn ir-reġjuni; iqis li l-Kummissjoni għandha tiggarantixxi lill-flotot tas-sajd tal-ibgħad reġjuni diskriminazzjoni pożittiva fl-aċċess għar-riżorsi tas-sajd li jeżistu matul il-kosti tagħhom u tissalvagwardja b'attenzjoni partikolari n-natura sostenibbli tas-sajd artiġjanali;

*Fażi ta' maturazzjoni tas-sħubija msaħħa għall-ibgħad reġjuni*

8. Jiddispjaċih li l-proposti mressqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-fażi ta' maturazzjoni li jikkonċernaw il-biċċa l-kbira tal-miżuri diġà eżistenti jew li waslu biex jintemmu (in-Netwerk Transewropew tat-Trasport, in-Network Transewropew tal-Enerġija, is-Seba Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp, il-Programm ta' Qafas għall-Innovazzjoni u għall-Kompetittività jew għall-Politika Reġjonali); jistenna li jiġu ċċarati l-mezzi konkreti u operazzjonali offruti lill-ibgħad reġjuni għall-iżvilupp ta' dawn l-opportunitajiet;

9. Jinsab imħasseb dwar l-importanza dejjem tikber li l-Kummissjoni tagħti lill-istrumenti ta' evalwazzjoni tal-politiki u l-istrumenti komunitarji favur l-ibgħad reġjuni kif ukoll lill-istima tal-effetti kwantitattivi tal-iżvantaġġi ta' dawn ir-reġjuni bil-għan li tiġi żviluppata metodoloġija ta' kumpens għal spejjeż addizjonali marbuta mal-ibgħad reġjuni;

10. jixtieq li din it-tendenza għall-kunsiderazzjoni ta' ġustifikazzjonijiet iktar u iktar matematiċi tal-miżuri ma tikkostitwixix skuża biex terġa tiġi applikata parti mill-politika tal-UE mmirata għall-ibgħad reġjuni tagħha, jew biex jiġu skoraġġiti l-parteċipanti ewlenin istituzzjonali u ekonomiċi tal-ibgħad reġjuni li qed jimponu kundizzjonijiet diffiċli ħafna biex jintlaħqu;

11. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' interess muri mid-DĠ għall-Kummerċ biex jiġu kkunsidrati speċifiċitajiet tal-ibgħad reġjuni waqt in-negozjati tal-APE u jitlob immedjatament lill-Kummissjoni biex tkompli tfittex kompromess li jirrispetta l-interessi tal-ibgħad reġjuni kkonċernati fil-qafas tal-ftehimiet definittivi li se jiġu konklużi mal-pajjiżi ACP;

12. Jixtieq li l-Kummissjoni tiġġustifika l-intenzjoni reali tagħha biex tiffaċilita l-inklużjoni reġjonali ta' ibgħad reġjuni biex tingħata konsistenza lill-'pjan ta' azzjoni għal 'viċinat-kbir' li hija kienet wegħdet fl-2004;

13. Jinsab imħasseb dwar ċerti miżuri proposti mill-Kummissjoni fil-qasam tat-trasport, partikolarment dwar l-evalwazzjoni tal-bżonnijiet speċifiċi jew il-kunsiderazzjonijiet għall-esternalitajiet ambjentali; jerġa jtenni l-bżonn ta' trattament differenti għall-ibgħad reġjuni dwar dan is-suġġett speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-inklużjoni tal-avjazzjoni ċivili fis-sistema Ewropea ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (Skema ta' Kummerċ ta' Emmissjonijiet, ETS) sabiex ma jerġgħux jiġu applikati l-isforzi mwettqa bħala kumpens għall-iżvantaġġ tagħhom għall-aċċessibilità;

14. Iqis li l-intervenzjonijiet komunitarji għandhom jipproduċu l-effett ta' katalizzatur tal-inizjattiva għall-iżvilupp, li għandu jibda mill-ibgħad reġjuni, speċjalment fil-kuntest tas-sħubijiet pubbliċi/privati, ċentri ta' eċċellenza bbażati fuq setturi li jivvalutaw l-aħjar punti tagħhom u l-aħjar kompetenzi tekniċi tagħhom, bħall-immaniġġjar tal-iskart, l-enerġiji li jiġġeddu, l-awto-suffiċjenza tal-enerġija, il-bijodiversità, il-mobilità tal-istudenti, ir-riċerka fil-qasam tal-klima jew l-immaniġġjar tal-kriżijiet;

15. 15 Ifakkar li diversi azzjonijiet u programmi li għandhom jiġu segwiti u mnidija mmirati għall-ibgħad reġjuni, huma suxxettibbli li jwasslu għal kontribuzzjonijiet sinifikanti għal prijoritajiet komunitarji u internazzjonali stabbiliti speċjalment f'oqsma bħall-bidla fil-klima, il-ħarsien tal-bijodiversità, l-enerġiji li jiġġeddu, is-saħħa fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, l-ikel, id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi u produttivi; jilqa' b'sodisfazzjon l-implimentazzjoni speċjalment tal-programm NET-BIOME (NETworking dwar ir-riċerka dwar il-Biodiversità tropikali u subtropikali fl-Ibgħad Reġjuni u Territorji tal-Ewropa b'appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli) li jikkostitwixxi eżempju sinifikanti tal-potenzjal tal-ibgħad reġjuni fil-qasam tar-riċerka xjentifika; madanakollu, jistaqsi lilu nnifsu dwar il-fatt li minkejja l-kwantità ta' proġetti li għaddejjin u l-iskala tal-potenzjal tal-ibgħad reġjuni, l-inklużjoni ta' dawn tal-aħħar fi ħdan l-Ispazju Ewropew għar-Riċerka għadha dgħajfa ħafna;

16. Jitlob li l-isforzi li saru sa issa maħsuba għar-reġjuni ultraperiferiċi jkunu segwiti sabiex tikber l-introduzzjoni ta' mezzi lokali ta' riċerka bl-ogħla potenzjal min-naħa l-waħda u li jkun iffaċilitat u mgħejjun l-iżvilupp ta' universitajiet attraenti, effettivi, li għandhom mezzi suffiċjenti u aħjar mill-universitajiet attwali x'imkien ieħor fit-territorju tal-Unjoni min-naħa l-oħra;

*Dibattitu dwar il-futur tal-Istrateġija tal-Unjoni għall-ibgħad reġjuni*

17. Jifraħ lill-Kummissjoni għall-inizjattiva tagħha għat-tnidija ta' dibattitu dwar il-futur tal-istrateġija favur l-ibgħad reġjuni, f'forma ta' konsultazzjoni pubblika li r-riżultati tagħha se jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' proposta ġdida qabel l-2009;

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

18. Jinsisti madanakollu li dan id-dibattitu ma għandux ikun limitat biss għall-kwistjonijiet imsemmija (il-bidla fil-klima, l-iżvilupp demografiku u t-tmexxija tal-flussi migratorji; l-agrikoltura, il-politika marittima), anke jekk dawn it-temi huma inevitabbli u jqis li d-dibattitu għandu neċessarjament jinkludi l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Liżbona għall-ibgħad reġjuni;

19. Jitlob b'insistenza li l-iskop tal-Artikolu 299, paragrafu 2 tat-Trattat KE (minbarra l-Artikoli 349 u 355 tat-Trattat dwar l-operat tal-Unjoni Ewropea) li huwa l-bażi tal-politika tal-Unjoni Ewropea favur l-ibgħad reġjuni tagħha u l-pilastru li fuqu hija bbażata l-kunsiderazzjoni mogħtija lilhom mis-servizzi tal-Kummissjoni, jiġu inklużi fl-aġenda tad-dibattiti biex dawn tal-aħħar jingħataw l-ambitu ġuridiku, istituzzjonali u politiku li qed jitolbu;

20. Jenfasizza l-importanza tas-servizzi pubbliċi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-ibgħad reġjuni, speċjalment fis-setturi tat-trasport bl-ajru u bil-baħar, tal-posta, tal-enerġija u tal-komunikazzjonijiet;

21. Jitlob li jkunu adottati b'urġenza l-miżuri maħsuba għall-ġlieda kontra n-natura persistenti tal-qgħad, tal-faqar u tal-inugwaljanzi fit-tqassim tad-dħul fl-ibgħad reġjuni li f'dan ir-rigward għandhom marbuta magħhom l-ogħla rati fl-UE;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri li se jwettqu l-implimentazzjoni tal-klawsola passarella tal-Artikolu 355, paragrafu 6 tat-Trattat dwar l-operat tal-Unjoni Ewropea;

23. Iqis li l-ibgħad reġjuni huma opportunità għall-Unjoni Ewropea fir-riflessjoni tagħha li għaddejja bħalissa dwar it-tibdil fil-klima, kif ukoll dwar l-osservazzjoni tal-perikli, il-prevenzjoni tal-ħsara, ir-reazzjoni għall-katastrofi u l-preservazzjoni tal-ekosistemi; jitlob f'dan ir-rigward, li l-Kunsill jadotta kemm jista' jkun malajr il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fondi ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea li jipprevedi direttament l-ispeċifiċità tal-ibgħad reġjuni; jixtieq ukoll li l-proposti tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċità tar-reazzjoni tal-UE f'każ ta' katastrofi, jisfruttaw ukoll l-għarfien espert marbut mal-lokalizzazzjoni ġeografika ta' dawn ir-reġjuni;

24. Jixtieq li l-politika futura komuni tal-immigrazzjoni tagħti attenzjoni speċjali għas-sitwazzjoni tal-ibgħad reġjuni li kollha huma fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, imdawrin b' pajjiżi terzi inqas żviluppati li huma sottomessi għal pressjoni migratorja qawwija ħafna flimkien ma' tkabbir demografiku li ħafna drabi hu ogħla mill-medja fl-Unjoni Ewropea li qed iwassal għal tensjonijiet ekonomiċi u soċjali preokkuppanti f'dawn ir-reġjuni;

25. Jitlob li l-appoġġ komunitarju għall-agrikoltura tal-ibgħad reġjuni, li huwa trattat b'mod iktar konċiż minn temi oħrajn, iżda ikun is-suġġett ta' riflessjonijiet fil-fond dwar l-identifikazzjoni ta' theddidiet reali, dwar il-bżonn li l-komunità lokali tkun awtosuffiċjenti, dwar il-livell tad-dħul tal-bdiewa, dwar l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi għall-promozzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom, dwar l-importanza tad-dimensjoni ambjentali u dwar il-kunsiderazzjoni tal-impatt tal-ftuħ kummerċjali implimentat mill-APE u mill-ftehimiet futuri ta' skambju ħieles li qed ikunu nnegozjati bħalissa ma' diversi reġjuni tal-Amerika Latina;

26. Huwa tal-opinjoni li l-ibgħad reġjuni għandhom jitpoġġew fil-qalba tal-politika marittima tal-Unjoni u jinsisti li d-dibattitu dwar din il-kwistjoni jkun b'mod partikolari bbażat fuq l-irwol li huma jistgħu jilagħbu fil-qasam tal-esplojtazzjoni sostenibbli tal-ibħra, l-oċeani u z-zoni kostali, kif ukoll fil-governanza marittima internazzjonali;

27. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-istituzzjonijiet konċernati l-oħra tal-Unjoni biex jiżguraw b'mod effettiv u adegwat il-finanzjament Komunitarju tal-istrateġija tal-Unjoni favur l-ibgħad reġjuni fil-ġejjieni, u l-kumpens għall-iżvantaġġi relattivi tal-ibgħad reġjuni;

28. Jirrakkomanda li l-mezzi biex jingħelbu ċ-ċokon tas-swieq lokali, l-ambjent kompetittiv dejjem iktar miftuħ, l-aċċess diffiċli għal żbokk fis-suq kontinentali Ewropew jew fiz-zoni ġeografiċi rispettivi, it-titjib tal-artikolazzjoni tal-finanzjamenti tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali/Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEDER/FED) u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali/Strument ta' Finanzjament għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp (FEDER/ICD) għall-proġetti ta' koperazzjoni ma' pajjiżi ġirien, ikunu wkoll oqsma prijoritarji li jsir ħsieb

serju dwarhom, kif ukoll dwar il-parteċipazzjoni effettiva tal-ibgħad reġjuni fil-politiki Ewropej tal-innovazzjoni u tal-ġlieda kontra l-frammentazzjoni diġitali, biex ikun garantit aċċess sħiħ għall-popolazzjonijiet ta' dawn ir-reġjuni għall-midja u għall-mezzi ta' komunikazzjoni offruti mit-teknoloġiji l-ġodda, bħal pereżempju l-aċċess għall-broadband internet;

29. Jinsisti sabiex is-sħubija indispensabbli għas-suċċess tad-dibattitu ma tkunx limitata biss għall-istituzzjonijiet pubbliċi Ewropej, nazzjonali u lokali iżda jagħtu l-okkazzjoni bħal ma ġara fil-passat biex jiġi inkluż fid-diskussjoni, in-netwerk ekonomiku tal-ibgħad reġjuni kollu li huwa rappreżentat minn organizzazzjonijiet strutturati li jgħixu kuljum l-effetti politiċi Komunitarji fuq it-territorju; jitlob li fil-bidu tal-konferenza konġunta organizzata mill-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-istrateġija Ewropea rigward l-ibgħad reġjuni, li saru fi Brussell fl-14 u l-15 ta' Mejju 2008, il-Kummissjoni tippubblika malajr komunikazzjoni ġdida b'kunsidereazzjoni għall-progress li se jwassal għalih dan id-dibattitu:

30. Iqis li l-valutazzjoni tal-assi partikolari tal-ibgħad reġjuni bħala bażijiet militari tal-UE 'l barra mill-kontinent Ewropew, hija l-aħjar strateġija biex ikun garantit żvilupp endoġenu u sostenibbli ta' dawn ir-reġjuni, speċjalment permezz ta' turiżmu li jintegra r-rikkezza storika kollha tagħhom u l-patrimonju kulturali, artistiku u arkitettoniku tagħhom li l-Unjoni Ewropea għandha d-dover li tippreserva;

*

* *

31. Jitlob lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat għar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-ibgħad reġjuni kif ukoll lill-President fil-kariga tal-Konferenza tal-presidenti tal-ibgħad reġjuni.

---

## Politika tal-Konsumatur tal-UE 2007-2013

P6_TA(2008)0211

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-istrateġija tal-Politika tal-Konsumatur tal-UE 2007-2013 (2007/2189(INI))**

(2009/C 279 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intitolata "L-istrateġija Ewropea tal-Politika tal-Konsumatur 2007-2013 — Responsabiltajiet akbar għall-konsumaturi, titjib tal-benessri tagħhom, u l-ħarsien effettiv tagħhom" (COM(2007)0099),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-Polikta tal-Konsumatur tal-UE (2007-2013), adottata fil-laqgħa tiegħu tat-30 u l-31 ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-obbligi tal-fornituri transkonfinali ta' servizzi ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2007 dwar il-Green Paper dwar ir-Reviżjoni tal-Acquis dwar il-Konsumatur ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Settembru 2007 dwar ir-Reviżjoni tas-Suq Uniku: negħlbu x-xkiel u l-ineffiċjenzi permezz ta' implimentazzjoni u infurzar aħjar ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar il-fiduċja tal-konsumatur fl-ambjent diġitali ([4]),

---

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0421.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0383.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0367.
([4]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0287.

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Suq Uniku għall-Ewropa tas-Seklu 21 (COM(2007)0724),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, anċillari mal-Komunikazzjoni dwar Suq Uniku għall-Ewropa tas-Seklu 21 dwar servizzi ta' interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali: impenn Ewropew ġdid (COM(2007)0725),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar opportunitajiet, aċċess u solidarjetà: lejn viżjoni soċjali ġdida għall-Ewropa tas-seklu 21(COM(2007)0726),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat "Inizjattivi fil-Qasam tas-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur" (SEC(2007)1520), dokument mehmuż mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Suq Uniku għall-Ewropa tas-Seklu 21,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għad-Drittijet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0155/2008),

***Introduzzjoni***

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija tal-Politika tal-Konsumatur tal-UE u anki japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni biex tinkorpora l-kultura tal-konsumatur stabbilita fuq livell ogħla tal-għarfien tal-konsumatur, li jifforma l-bażi għal traspożizzjoni u implimentazzjoni aħjar tal-qafas legali eżistenti;

2. Hu tal-fehma li huwa meħtieġ approċċ orizzontali lejn il-politika tal-konsumatur u li huwa vitali li jitqiesu l-interessi tal-konsumatur fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha sabiex ikun żgurat li l-konsumaturi kollha tal-UE jgawdu minn livell għoli ta' ħarsien; għaldaqstant jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni enfasizzat il-bżonn li jiġi żgurat li s-suq intern jirreaġixxi aktar għall-aspettattivi u għat-tħassib taċ-ċittadini; jenfasizza li l-ħarsien tal-konsumatur u t-twettiq tas-suq intern mhumiex għanijiet li jmorru kontra xulxin iżda jmorru id f'id; ifakkar lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, li l-politika tal-konsumatur għandha tkun preżenti fl-oqsma kollha tal-politika sa mill-istadju tal-evalwazzjoni tal-impatt;

3. Jikkunsidra li l-ħtiġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur jistgħu jiġu sodisfatti permezz tal-leġiżlazzjoni biss jekk tkun aħjar, aktar sempliċi u mħejjija bl-involviment tad-Direttorati Ġenerali kollha kompetenti tal-Kummissjoni — Saħħa u Konsumatur; Ġustizzja, Libertà u Sigurtà; Suq Intern u Servizzi; Kompetizzjoni;

4. Jenfasizza l-fatt li r-reviżjoni tal-acquis tal-konsumatur għandha twassal għal qafas legali aktar koerenti għad-drittijiet tal-konsumaturi; ifakkar fil-preferenza tiegħu għall-adozzjoni ta' approċċ imħallat, jiġifieri strument orizzontali bl-għan ewlieni li jiżgura l-koerenza tal-leġiżlazzjoni eżistenti u li jagħmilha possibbli li l-lakuni jingħalqu billi jinġabru flimkien, f'liġi konsistenti, kwistjonijiet ġenerali li huma komuni għad-direttivi kollha; jikkunsidra li kwistjonijiet speċifiċi għandhom ikomplu jiġu kkunsidrati separatament fid-direttivi settorjali; il-prinċipji stabbiliti tad-drittijiet tal-konsumatur għandhom jiġu applikati wkoll fil-qasam diġitali; fil-kuntest tar-reviżjoni tal-aquis, iħeġġeġ sabiex isiru aktar passi biex jiġi żgurat il-ħarsien tal-konsumaturi, inkluża l-privatezza u s-sigurtà, fil-qasam diġitali, mingħajr ma jitpoġġa piż żejjed u mhux ġustifikat fuq l-industrija;

5. Jiddeplora l-enfasi dgħajjef fuq il-liġi tal-kuntratti fil-ħarsien tal-konsumatur u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu spunt mill-ħidma fil-proġett dwar il-liġi tal-kuntratti, u fejn meħtieġ terġa' tiffokalizzaha;

6. Ladarba l-akbar xkiel għall-iżvilupp tas-suq intern fil-bejgħ bl-imnut jinkludi inċertezzi rigward il-kuntratti tal-konsumatur, jappoġġja lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha li tintroduċi kuntratti standard u kundizzjonijiet għal kuntratti li jiġu ffirmati online li jkollhom l-istess saħħa fl-Istati Membri kollha;

7. Jenfasizza l-irwol importanti tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur fit-titjib tal-kultura tal-konsumatur; jikkunsidra li organizzazzjonijiet tal-konsumatur b'saħħithom u indipendenti huma l-bażi ta' politika effettiva tal-konsumatur; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprovdu fondi xierqa għal organizzazzjonijiet bħal dawn; jagħti parir lill-Kummissjoni biex meta tfassal proposti leġiżlattivi marbuta mal-ħarsien tal-konsumatur, iżżid il-kuntatt ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, li huma f'pożizzjoni tajba li jidentifikaw il-ħtiġijiet veri tal-konsumaturi;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta għal uffiċjali għall-komunikazzjoni mal-konsumaturi li għandhom jinħatru fi ħdan il-Kummissjoni; iħeġġeġ lil kull Direttorat-Ġenerali partikulari biex jippubblika rapport annwali dwar kif il-politika tal-konsumatur hija integrata fil-qasam tar-responsabilità tiegħu;

9. Hu tal-fehma li ħarsien b'saħħtu tal-konsumatur u sistema effettiva fl-Ewropa kollha se jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi kif ukoll għall-produtturi u għall-bejjiegħa kompetittivi; jenfasizza l-fatt li dan se joħloq inċentivi għan-negozji biex jipproduċu u jbigħu aktar oġġetti li jservu fit-tul u li dan min-naħa tiegħu se jirriżulta għal tkabbir aktar sostenibbli; jenfasizza l-fatt li huwa meħtieġ ħarsien tal-konsumatur aktar effettiv u mtejjeb sabiex jintlaħaq suq intern li jopera aħjar;

10. Jitlob miżuri biex ikun żgurat li s-27 suq żgħir nazzjonali fl-UE fil-fatt jinbidlu fl-akbar suq tal-bejgħ bl-imnut fid-dinja; huwa tal-fehma li dan jeħtieġ li ċ-ċittadini jħossuhom ugwalment sikuri meta jixtru permezz tal-internet u kif ukoll mill-ħanut lokali tal-kantuniera, u li l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) ikunu jistgħu joqogħdu fuq l-istess regoli sempliċi kullimkien fis-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra modi kif ittejjeb il-ħarsien għall-SMEs, b'mod partikolari permezz tal-Att dwar in-Negozji Żgħar;

11. Jenfasizza li l-tlestija tas-suq intern għandha tkun prijorità; jirrikonoxxi l-irwol pożittiv li kellu l-euro fit-tnaqqis tal-ispejjeż tat-transazzjonijiet, fl-iffaċilitar għall-konsumatur tal-paragun tal-prezzijiet bejn il-pajjiżi, u fiż-żieda tal-potenzjali tas-suq intern bl-imnut; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri l-ġodda biex ikomplu r-riformi sabiex ikun possibbli li jadottaw l-euro eżatt kif jilħqu l-kriterji ta' Maastricht, u b'hekk jibbenefikaw bis-sħiħ mill-impatt pożittiv tal-munita unika fis-suq intern; jistieden sabiex jitneħħew il-barrieri u l-ostakli kollha li baqa' sabiex tkun assigurata l-fiduċja tal-konsumaturi f'xiri u kuntratti oħra transkonfinali, partikularment f'dak li jirrigwarda s-servizzi, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-ħtieġa ta' metodu speċifiku f'dak li jirrigwarda l-lingwa, il-kultura u l-preferenzi tal-konsumaturi;

12. Jenfasizza li r-regoli Ewropej fil-politika tal-konsumatur u l-inizjattivi għal awto-regolazzjoni għandhom iservu bħala referenza għal standards globali jew l-aħjar prattiki u jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Ewropa tagħti direzzjonijiet ġodda, filwaqt li tuża l-influwenza tagħha mingħajr ma timponi biex ittejjeb id-drittijiet tal-konsumaturi madwar id-dinja;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jappoġġjaw bis-saħħa d-drittijiet tal-konsumaturi fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti billi jiżguraw l-integrità tal-marka CE u t-titjib fis-sorveljanza tas-suq, bl-użu tas-sistema RAPEX (Sistema ta' Twissija Rapida għal prodotti tal-konsum li mhumiex tal-ikel), permezz tal-iskambju ta' soluzzjonijiet tal-aħjar prattiki għas-sorveljanza tas-suq fost l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem mal-Istati Membri biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni eżistenti tkun implimentata kif xieraq u infurzata bis-sħiħ mill-Istati Membri u tkun evalwata l-possibilità li tiġi riveduta d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti [1] ("Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti"); ifakkar li l-marka CE tista' tkun interpretata ħażin bħala indikazzjoni ġenerali ta' testijiet magħmula minn terzi persuni jew bħala marka ta' oriġini, imma wkoll li l-Kummissjoni ntalbet [2] li tressaq analiżi fil-fond fil-qasam tal-marki ta' sikurezza għall-konsumatur, u jekk ikun meħtieġ, wara din l-analiżi jsiru proposti leġiżlattivi;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-koperazzjoni fil-qasam tas-sikurezza tal-prodotti fil-livell Internazzjonali, b'mod partikolari mal-awtoritajiet Ċiniżi, tal-Istati Uniti u dawk Ġappuniżi; jinnota li d-djalogu kontinwu u t-tpartit tat-tagħrif dwar is-sigurtà tal-prodotti huma fl-interess tal-partijiet kollha u huma fundamentali għall-bini tal-kunfidenza tal-konsumatur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew b'mod regolari;

(1) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.
(2) Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-marketing tal-prodotti, (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82), premessa 52.

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

***Bażi ta' għarfien imtejba***

15. Huwa tal-opinjoni li, bħala regola, il-konsumaturi jistgħu jitqiesu li ġabu ruħhom b'mod razzjonali qabel ix-xiri, imma ma jkunux konxji mid-drittijiet tagħhom kollha fil-każ ta' problemi; għalhekk jistieden sabiex ikun hemm iffukar fuq imġiba ġenwina tal-konsumatur, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali tal-gruppi vulnerabbli bħat-tfal u l-persuni anzjani u l-persuni b'ċerti diżabilitajiet; ifakkar fil-linja baġitarja li għadha kif ġiet adottata u li kienet proposta mill-Parlament Ewropew għal proġett pilota inter alia biex tiġi żviluppata 'database' tal-konsumaturi u biex isir stħarriġ u jsiru intervisti u jitqabblu l-kisbiet fl-Istati Membri; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni għall-politika tal-konsumatur li se twassal għal ftehim aħjar inter alia tal-istrutturi tal-prezzijiet u tal-imġieba u s-sodisfazzjon tal-konsumaturi;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li kull miżura ta' armonizzazzjoni tkun maħsuba bir-reqqa biex jiġu solvuti l-problemi veri li jiffaċċjaw il-konsumaturi fis-suq intern: jikkunsidra li, fejn ikun hemm ħtieġa ġenwina ta' armonizzazzjoni, din għandha tkun kompleta sabiex tevita nuqqasijiet fil-ħarsien tal-konsumatur fl-Ewropa u tevita li tkun diffiċli għall-intrapriżi li jikkunsidrawha fil-marketing transkonfinali; jenfasizza li s-sitwazzjoni attwali hija diżinċentiv għall-SMEs li qed ifittxu l-kummerċ madwar l-Ewropa kollha u hija ta' konfużjoni għall-konsumatur;

17. Hu tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-konsumaturi biex dawn ikunu mogħnija bil-ħiliet u bl-għodda meħtieġa biex iżidu l-fiduċja tagħhom fl-ambjent diġitali; jinnota li d-data personali saret prodott kummerċjali kif ukoll ingredjent ta' metodi kummerċjali, eżempju l-identifikazzjoni tal-imġiba; għalhekk, huwa tal-opinjoni li l-protezzjoni tad-data u r-regoli tal-privatezza għandhom jiġu inklużi fi kwalunkwe strateġija tal-konsumatur; jenfasizza l-fatt li d-data hija disponibbli għall-użu fi kwalunkwe ħin, f'kull parti tad-dinja; jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal standards globali għall-protezzjoni tad-data, li għandhom jiġu żviluppati b'mod konġunt bejn min ifassal il-liġi u l-organizzazzjonijiet tal-industrija u tal-konsumaturi;

18. Jenfasizza l-irwol importanti ta' metodi ta' bejgħ ġodda u li qed jintużaw dejjem aktar, bħall-kummerċ elettroniku, fit-tisħiħ tal-kompetizzjoni fis-suq intern u, bħala konsegwenza, il-kapaċità ta' konsum; huwa tal-opinjoni li s-swieq finanzjarji, tal-banek u tal-assikurazzjonijiet huwa miftuħa b'mod partikulari għall-kummerċ elettroniku u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jassiguraw li jkun hemm kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-iżvilupp ta' xiri elettroniku transkonfinali; jitlob lill-Kummissjoni biex tmexxi studju dwar il-mekkaniżmi differenti għas-soluzzjoni ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-konsumaturi u l-intrapriżi użati fl-Istati Membri, bil-għan li jiġi identifikat u promoss l-użu ta' dawk li huma effettivi; iħeġġeġ sabiex ikun hemm il-ħolqien ta' bażi soda ta' ħarsien għall-konsumaturi, xi ħaġa essenzjali, b'mod partikulari fis-servizzi finanzjarji;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon l-użu tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka u t-Teknoloġija bħala għodda biex jiżdied aktar il-ftehim analitiku u empiriku tal-imġiba tal-konsumaturi;

20. Huwa tal-opinjoni li l-ħarsien tal-konsumaturi għandu jkun parti integrali mill-proċess ta' pjanifikar u tfassil tal-prodotti u s-servizzi min-naħa tal-intrapriżi, u li l-eżami tat-tibdil fis-suq huwa vitali;

21. Jistieden sabiex ikun hemm miżuri li jtejbu d-djalogu fil-livell tal-UE bejn l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-industrija, biex jiġu inklużi l-partijiet interessati kollha fil-katina tal-valur; huwa tal-opinjoni li djalogu tajjeb, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattiki, jista' jnaqqas il-problemi fis-suq intern: jappoġġja inizjattivi mfassla biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li għandhom sehem fil-qasam tal-konsumatur fil-konsultazzjonijiet u l-iżvilupp ta' politiki; jilqa' sforzi mmirati lejn it-tisħiħ tal-ħarsien tal-konsumatur u tal-għarfien tal-konsumatur fl-Istati Membri l-aktar ġodda; jenfasizza l-importanza li jkompli jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur fl-UE, b'mod partikulari fl-Istati Membri l-aktar ġodda;

22. Jenfasizza l-fatt li l-iżvilupp ta' kultura għall-konsumatur hu megħjun mill-edukazzjoni sistematika tal-konsumatur fir-rigward tad-drittijiet tiegħu u l-asserzjoni tagħhom; għal din ir-raġuni, l-UE u l-Istati Membri għandhom jinvestu aktar fl-informazzjoni għall-konsumaturi u fil-kampanji edukattivi li jindirizzaw il-messaġġi t-tajba lill-oqsma t-tajba ta' konsumaturi; jenfasizza l-fatt li l-edukazzjoni tal-konsumatur trid tifforma parti minn edukazzjoni tul il-ħajja, u jirrakkomanda li jintużaw it-teknoloġiji ġodda (b'mod partikulari l-internet) bħala mezz biex il-konsumatur jiġi infurmat;

23. Huwa tal-opinjoni li għandha tiżdied l-enfasi fuq il-bżonnijiet speċjali ta' gruppi vulnerabbli, bħax-xjuħ, it-tfal u l-persuni b'ċerti diżabilitajiet, meta titfassal il-politika tal-konsumatur, u li għandu jittieħed kont tal-iżvilupp demografiku;

24. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm id-dimensjoni tad-differenza bejn is-sessi, tal-età u tal-etniċità, li għandha titqies meta jiġu żviluppati indikaturi u l-istatistika, bil-għan li jiġu identifikati oqsma problematiċi li jiffaċċjaw gruppi ta' konsumaturi differenti;

***Enfasi akbar fuq is-servizzi***

25. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi transkonfinali; jistenna bil-ħerqa l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tikkjarifika l-intenzjonijiet tagħha dwar aktar inizjattivi f'dan il-qasam, jekk jeżistu intenzjonijiet bħal dawn;

26. Jenfasizza l-importanza li jiġu promossi t-transazzjonijiet transkonfinali sabiex tiżdied il-libertà tal-għażla u l-irwol tal-politika dwar il-kompetizzjoni u l-edukazzjoni fir-rigward ta' konsum responsabbli biex ikun żgurat li l-konsumaturi jkollhom l-aħjar għażliet f'termini ta' prezz, kwalità u varjetà, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-affarijiet u s-servizzi bażiċi bħall-ikel, id-djar, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni; jenfasizza li b'mod partikulari tinħtieġ il-liberalizzazzjoni mtejba tas-suq tas-servizzi sabiex tiġi promossa l-kompetizzjoni, u b'hekk il-konsumatur jiġi offrut prezzijiet aktar baxxi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-innovazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji bil-għan li jitwasslu għażliet aħjar lill-konsumaturi;

27. Jenfasizza l-ħtieġa, flimkien ma' miżuri xierqa u effettivi biex jitħares il-konsumatur, biex tiġi żgurata komunikazzjoni tajba dwar is-suġġett, sabiex isir ċar lill-konsumaturi kif jistgħu jasserixxu d-drittijiet tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern u leġiżlazzjoni oħra li huma jistgħu jgawdu minnha;

28. Jikkunsidra li għandha tingħata attenzjoni speċjali biex ikunu żgurati l-ħarsien tal-konsumaturi u l-għażla fit-tlestija tas-suq intern tas-servizzi finanzjarji; jenfasizza li l-prodotti finanzjarji, bankarji u tal-assikurazzjonijiet huma kumplessi ħafna, u li biex iċ-ċittadini jiġu mħajra jużaw aktar dawn il-prodotti, speċjalment fir-rigward tal-pensjonijiet futuri tagħhom, tal-politiki li jorbtu favur l-informazzjoni u l-pariri għall-konsumatur, għandu jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu konxji mill-għażliet kollha disponibbli; madankollu, jenfasizza li l-protezzjoni tal-konsumatur ma tistax tkun skuża għall-protezzjoniżmu; jenfasizzai li s-servizzi finanzjarji bl-imnut integrati bis-sħiħ iridu jitmexxew mill-forzi tas-suq;

29. Jemmen li, fir-rigward tas-swieq finanzjarji, il-kwistjoni prinċipali hija t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll l-armonizzazzjoni fl-Istati Membri; jirrakkomanda li jissaħħaħ l-infurzar uniformi ta' leġiżlazzjoni attwali qabel jiġu proposti regoli oħra; f'dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni l-ġdida, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkonforma mal-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar, billi tevita piżijiet oħra bla bżonn fuq il-konsumatur u fuq l-industrija;

***Aċċess aqwa għal rimedju***

30. Jilqa' l-enfasi tal-istrateġija fuq infurzar aħjar u kumpens, li huma fatturi importanti fil-ħolqien tal-fiduċja tal-konsumaturi; huwa tal-fehma li l-ħolqien tal-fiduċja min-naħa tal-konsumaturi huwa l-aktar fattur importanti fit-tlestija tas-suq intern tal-prodotti u s-servizzi għall-konsumatur; jippromwovi aktar ħidma fuq din il-kwistjoni;

31. Huwa tal-fehma li t-tilwimiet bejn konsumaturi u operaturi ekonomiċi għandhom primarjament jiġu solvuti barra mill-qrati, minħabba li soluzzjonijiet milħuqa permezz ta' mezzi ta' kumpens mhux ġudizzjarji jistgħu jinkisbu aktar malajr u jintlaħqu b'anqas spiża; dan jitlob li ċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumatur u s-SOLVIT jissaħħu u jingħataw aktar riżorsi finanzjarji għan-network tagħhom; ifakkar li l-Istati Membri huma ħielsa li jitolbu li ssir konsultazzjoni minn qabel mill-parti li għandha l-ħsieb li tieħu azzjoni, sabiex il-konvenut ikollu l-opportunità li jtemm il-ksur tal-liġi kkontestat;

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

32. Ifakkar li sistemi ta' Soluzzjoni Alternattiva ta' Tilwim (ADR) huma, min-natura tagħhom, soluzzjoni alternattiva għall-mekkaniżmi tradizzjonali tal-liġi bil-miktub; għakhekk, l-inċentiva għall-użu tal-ADR hija dipendenti mill-eżistenza ta' liġijiet alternattivi li jorbtu u li jipprovdu rimedju effettiv, aċċessibbli malajr u mhux diskriminatorju għall-konsumatur;

33. Ifakkar li t-tkabbir tal-kummerċ elettroniku jeħtieġ l-armonizzazzjoni fl-UE kollha tal-ADR li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummisjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji li japplikaw għall-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet tal-konsumatur barra mill-Qrati ([1])u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/310/KE tal-4 ta' April 2001 dwar l-priniċipji għall-korpi responsabbli għar-riżoluzzjoni konsenswali ta' kwistjonijiet tal-konsumatur ([2]); jeħtieġ li jsir aktar xogħol dwar is-soluzzjoni ta' tilwim on-line, u l-Parlament ilu jistieden sabiex dan isir sa mill-anqas l-1999;

34. Ifakkar li s-salvagwardja ta' drittijiet ta' infurzar effettivi li joriġinaw mil-leġiżlazzjoni Komunitarja hija obbligu prinċipali tal-Istati Membri; huma responsabbli li jadattaw il-liġi ta' proċedura nazzjonali tagħhom b'mod li dawn id-drittijiet ikun jistgħu jiġu infurzati malajr, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tal-operaturi ekonomiċi; l-ewwel ħaġa, mhix kompetenza tal-Komunità li tagħmel regoli għal-liġi ta' proċedura nazzjonali, u barra minn hekk, l-Artikolu 5 tat-Trattat KE jitlob li l-Komunità ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex tikseb l-objettivi tat-Trattat; bħala konsegwenza, skond dak l-Artikolu, il-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi legali nazzjonali jridu jitqiesu kemm jista' jkun billi l-Istati Membri jitħallew ħielsa li jagħżlu bejn l-għażliet differenti li għandhom effett ekwivalenti;

35. Jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-vantaġġi li jinkisbu kieku kellu jitwaqqaf Ombudsman Ewropew speċjali għall-Konsumatur għal każijiet transkonfinali; jinnota li għadd ta' Stati Membri għandhom ombudsmen tal-konsumatur f'diversi oqsma, li jgħinu lill-konsumaturi jittrattaw mal-operaturi ekonomiċi; jemmen li dan il-metodu jista' jkun eżaminat mill-Kummissjoni skond il-pajjiżi individwali;

36. Jinnota li f'xi wħud mill-Istati Membri, iżda mhux f'kollha, diġà jeżistu elementi ta' sistema speċifika ta' rimedju għall-konsumatur, bħal azzjonijiet konġunti, azzjonijiet ta' rappreżentanza, każijiet bi prova u proċeduri biex jingħażlu l-aħjar (skimming-off procedures); jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, minħabba f'hekk, il-konsumaturi jistgħu jiffaċċjaw dispożizzjonijiet legali differenti f'każijiet transkonfinali f'dan ir-rigward;

37. Ifakkar li d-Direttiva 98/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar l-inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi ([3]) diġà għandha l-għan li jitħarsu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi; jenfasizza li din id-direttiva tagħti inter alia lill-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi d-dritt li jibdew proċeduri ta' inġunzjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq quddiem il-Parlament u l-Kunsill, rapport ta' evalwazzjoni dwar sa fejn u għalfejn din id-Direttiva ġabet jew ma ġabitx it-titjib mistenni f'dak li jirrigwarda l-ħarsien tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi;

38. Jikkunsidra li, qabel ma ssir riflessjoni dwar il-leġiżlazzjoni f'livell Ewropew, għandu jsir eżami bir-reqqa tal-problemi eżistenti, jekk hemm problemi, u tal-benefiċċji mistennija għall-konsumaturi;

39. Jikkunsidra li f'għadd ta' Stati Membri hemm restrizzjonijiet kostituzzjonali li jridu jitqiesu meta jitfassal mudell Ewropew ta' rimedju għall-konsumatur; jikkunsidra ukoll li jeħtieġ li l-Artikolu 6 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikun irrispettat għal kollox; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq rapport lill-Parlament u lill-Kunsill dwar kif, f'dan ir-rigward, jista' jinkiseb il-bilanċ meħtieġ bejn id-drittijiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-operaturi ekonomiċi;

40. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa bir-reqqa l-kwistjoni ta' rimedju għall-konsumaturi, fl-Istati Membri, filwaqt li żżomm preżenti li kull proposta ġdida min-naħa għandha tkun imsejsa fuq evalwazzjoni bir-reqqa tal-problemi eżistenti u l-benefiċċji maħsuba għall-konsumaturi, u li fir-rigward ta' proċeduri transkonfinali u ta' sistemi possibbli ta' rimedju kollettiv, trid issir riċerka estensiva msejsa fuq l-esperjenza madwar id-dinja, b'attenzjoni speċjali għat-tħassib espress fir-rigward tal-eċċessi u l-iżvantaġġi tal-mudell tal-Istati Uniti, u li tkun tittratta b'mod ċar il-kwistjoni ta' bażi legali xierqa għal tali strument fil-livell tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni mbagħad biex tippreżenta, skond kif ikun xieraq, soluzzjoni koerenti fil-livell Ewropew li tipprovdi lill-konsumaturi kollha b'aċċess għall-mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv għas-soluzzjoni ta' lmenti transkonfinali;

---

([1]) ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31; ().
([2]) ĠU L 109, 19.4.2001, p. 56.
([3]) ĠU L 166, 11.6.1998, p. 51.

41. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkonsulta lill-Parlament u lill-Istati Membri dwar l-evalwazzjoni ta' dawn l-istudji;

*

* *

42. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Il-progress miksub fil-qasam tal-opportunitajiet ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea

P6_TA(2008)0212

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-progress miksub fil-qasam tal-opportunitajiet ugwali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea (it-traspożizzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE) (2007/2202(INI))**

(2009/C 279 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar in-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd — Qafas ta' Strateġija (COM(2005)0224),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika (COM(2006)0643),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Lulju 2007 dwar l-Iżvilupp ta' Liġi Kontra d-Diskriminazzjoni fl-Ewropa: Il-25 Stat Membru tal-UE mqabbla,

— wara li kkunsidra r-rapporti nazzjonali dwar l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u r-rapporti tematiċi maħruġa min-netwerk ta' esperti legali fil-qasam ta' kontra d-diskriminazzjoni sabiex tkun appoġġjata l-ħidma mwaqqfa mill-Kummissjoni biex jingħataw informazzjoni u pariri indipendenti dwar żviluppi rilevanti fl-Istati Membri,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Protokoll Nru 12 tagħha,

— wara li kkunsidra l-istħarriġ speċjali tal-Eurobarometer tal-Kummissjoni dwar id-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea, li nħareġ f'Jannar 2007,

([1]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
([2]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

— wara li kkunsidra l-għażla tal-2007 bħala s-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs għal Kullħadd u tal-2008 bħala s-Sena Ewropea ta' Djalogu Interkulturali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0159/2008),

A. billi l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni Ewropea hija mwaqqfa fuq il-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u tal-istat tad-dritt, prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri u billi huwa importanti li wara d-dikjarazzjonijiet politiċi dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jkun hemm żvilupp progressiv u implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-leġiżlazzjoni u tal-politika, b'mod partikulari fir-rigward tad-direttivi li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni u tal-proġetti li jippromwovu l-ugwaljanza,

B. billi l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula wkoll li l-Unjoni Ewropea għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali kif iggarantit mill-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u billi l-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni bi qbil mal-Artikolu 13 tat-Trattat KE għandha tkun prijorità tal-liġijiet u tal-politika tal-Unjoni Ewropea,

C. billi l-impjieg huwa wieħed mir-rekwiżiti bażiċi għall-inklużjoni soċjali iżda billi l-livelli tal-qgħad fost ħafna gruppi, b'mod partikulari n-nisa, il-migranti, il-persuni b'diżabilità, il-minoritajiet etniċi, anzjani, żgħażagħ u dawk b'ħiliet iżolati jew mhux magħrufa, jibqgħu għoljin b'mod mhux aċċettabbli; billi l-qgħad fost il-persuni li jbatu mid-diskriminazzjoni multipla huwa aktar għoli,

D. billi l-liġi Komunitarja bħalissa ma tkoprix id-diskriminazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-oqsma tal-kompetenza tal-Komunità u billi d-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE jipprovdu livelli differenti ta' protezzjoni, li joħolqu lakuni fil-ħarsien kontra d-diskriminazzjoni li jħallu impatt fuq l-impjieg,

E. billi l-istħarriġ komparattiv tal-Kummissjoni dwar l-Iżvilupp tal-Liġi kontra d-Diskriminazzjoni fl-Ewropa tikkonferma li fil-livell ta' Stat Membru hemm traqqigħ ta' leġiżlazzjoni madwar l-Istati Membri li tħares mid-diskriminazzjoni b'modi differenti u spiss mingħajr metodu komuni ta' implimentazzjoni, u billi dan wassal għal nuqqas ta' armonija fl-implimentazzjoni ta' direttivi eżistenti u għal sitwazzjoni fejn in-nies m'humiex konxji biżżejjed tad-drittijiet tagħhom;

F. billi l-applikazzjoni inkonsistenti tal-politika tan-non-diskriminazzjoni fl-Istati Membri tikkontribwixxi għan-nuqqas ta' implimentazzjoni fil-prattika tad-direttivi Komunitarji li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni, kif jidher fir-rapporti bħal dak tal-Grupp Ewropew ta' Esperti bit-titolu "Il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni fuq bażi ta' Tendenzi Sesswali fl-impjiegi: leġiżlazzjoni fi ħmistax-il Stat Membru tal-UE",

G. billi fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Diċembru 2007 dwar is-segwitu għas-Sena Ewropea tal-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd (2007) ([1]), il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom, sabiex iżommu u jsaħħu l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ta' diżabilità fil-politika kollha rilevanti,

H. billi għaldaqstant il-Kummissjoni b'mod xieraq bdiet il-proċeduri kontra diversi Stati Membri, u għandha tkompli tagħmel dan meta jkun hemm bżonn,

1. Jistieden lill-Istati Membri biex iqisu b'mod xieraq fil-prattika leġiżlattiva tagħhom il-bosta raġunijiet għad-diskriminazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

2. Ifakkar li d-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE jipprovdu rekwiżiti minimi u għandhom ikunu s-sies li fuqha tinbena politika Komunitarja aktar komprensiva kontra d-diskriminazzjoni;

([1]) ĠU C 308, 19.12.2007, p. 1.

3. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar nuqqasijiet fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE minn xi Stati Membri u n-nuqqas ta' informazzjoni għaċ-ċittadini tal-UE dwar rimedji possibbli f'każijiet ta' diskriminazzjoni;

4. Jiddispjaċih li d-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE ma jkoprux differenzi fit-trattament li jkunu ta' natura diskriminatorja imsejsa fuq kriterji fiżiċi bħal ma huma t-tul jew il-karnaġġjon, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjieġi fejn ma hemm l-ebda konnessjoni diretta bejn dawk il-karatteristiċi fiżiċi u l-ħiliet meħtieġa biex jitwettqu x-xogħlijiet ikkonċernati;

5. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li, wara t-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tagħhom, id-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE ikunu trasposti b'mod sħiħ, korrett, u effettiv u implimentati b'mod adegwat, u li, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tagħhom, kwalunkwe eżenzjoni tkun iġġustifikata b'mod oġġettiv;

6. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-UE, dawk nazzjonali u dawk lokali sabiex itejbu l-koordinazzjoni tal-isforzi tagħhom għall-implimentazzjoni; jitlob strateġija unifikata biex tkun miġġielda d-diskriminazzjoni li tinkludi, u tqis, il-bażijiet kollha għad-diskriminazzjoni fl-istess ħin;

7. Jenfasizza li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom rwol ewlieni fil-promozzjoni tal-ugwaljanza u fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni, permezz tal-politiki tagħhom, tal-għoti tas-servizzi u tal-prattiki tagħhom tal-impjieg;

8. Jitlob impenn min-naħa tal-Kummissjoni sabiex titwettaq reviżjoni sostanzjali tal-implimentazzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE kif ukoll biex jinħarġu linji gwida interpretattivi għall-implimentazzjoni tagħhom sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u korretta mill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikulari, biex tevalwa l-mod li bih l-Istati Membri interpretaw l-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikoli 6 u 8 meta d-Direttiva 2000/78/KE ġiet trasposta fil-liġijiet nazzjonali; ifakkar li l-implimentazzjoni taż-żewġ Direttivi teħtieġ firxa ta' mekkaniżmi u strateġiji inklużi l-konformità, l-azzjoni proattiva u l-infurzar kif ukoll skambji effettivi tal-aħjar prattiki;

9. Iħeġġeġ li sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati bis-saħħa tat-traspożizzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tosserva bir-reqqa t-traspożizzjoni tad-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE kif ukoll il-konformità mal-leġiżlazzjoni li tirriżulta mit-traspożizzjoni tagħhom, u biex tkompli tpoġġi pressjoni fuq l-Istati Membri biex, permezz ta' proċeduri ta' ksur u ta' proċeduri ta' nuqqas ta' konformità, jirrispettaw l-obbligi legali tagħhom billi jittrasponu b'mod sħiħ dawk id-Direttivi mill-aktar fis; jemmen li l-Kumitat kompetenti tal-Parlament għandu jkollu rwol fil-monitoraġġ kontinwu tal-obbligi tal-Istati Membri skond dawk id-Direttivi;

11. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/78/KE jippermetti eċċezzjonijiet biss sakemm ikunu neċessarji b'mod oġġettivament ġenwin biex attivitajiet professjonali jitwettqu b'mod sodisfaċenti; jitlob lill-Kummissjoni biex tinterpreta dan l-artikolu b'mod strett u biex tieħu azzjoni kontra Stati Membri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk jippermettu definizzjoni wiesgħa ż-żejjed fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom;

12. Jitlob evalwazzjoni annwali tal-implimentazzjoni tal-Istati Membri bħala parti mill-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni u reviżjoni estiża tal-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni kull ħames snin bħala parti mill-Aġenda Soċjali; jemmen li entitajiet indipendenti li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet ta' non-diskriminazzjoni inkluż in-netwerk ta' esperti legali tal-Kummissjoni, u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li jirrappreżentaw vittmi potenzjali ta' diskriminazzjoni għandhom ikunu involuti f'dik l-evalwazzjoni annwali u li għandhom jittieħdu miżuri konkreti biex tinbena l-kapaċità tal-NGOs biex ikunu jistgħu jipprovdu tagħrif u appoġġ lill-vittmi u jagħtu kontribut b'mod kostruttiv lill-evalwazzjoni annwali;

13. Jemmen li n-nuqqas ta' dispożizzjoni fid-Direttiva 2000/78/KE li tindika l-ħtieġa ta' definizzjonijiet wiesgħa ta' diżabilità eskludiet xi kategoriji ta' persuni b'diżabilità mill-protezzjoni legali tad-Direttiva; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jaqblu dwar id-definizzjonijiet wiesgħa ta' diżabilità b'mod urġenti, sabiex iħaffu l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, li tista' tkun ibbażata fuq il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità;

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

14. Jemmen li n-nuqqas ta' dispożizzjoni għat-twaqqif ta' limitu ta' żmien sabiex jinġiebu proċeduri kontra d-diskriminazzjoni wassal lil xi Stati Membri biex jistabilixxu limiti ta' żmien qosra ħafna, li jista' jkun ta' tixkil biex jinġiebu tali proċeduri;

15. Jemmen li eċċezzjonijiet marbuta mal-istat ċivili fid-Direttiva 2000/78/KE llimitaw il-protezzjoni li toffri dik id-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' tendenzi sesswali;

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jippromwovu b'mod aktar effettiv l-applikazzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE skond id-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lit-trejdjunjins u lil kull min iħaddem kif ukoll lill-partijiet interessati governattivi u mhux governattivi sabiex jagħmlu kull ma jistgħu sabiex itejbu l-għarfien dwar id-drittijiet skond dawk id-Direttivi u sabiex jiżguraw li l-vittmi tad-diskriminazzjoni jkollhom aċċess għal firxa ta' assistenza legali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv skond id-Direttivi; jinnota li l-piż ikun spiss fuq il-vittma biex jieħu passi kontra min allegatament wettaq id-dskriminazzjoni, spiss mingħajr appoġġ minn kwalunkwe awtorità pubblika kif ukoll mingħajr aċċess għall-għajnuna legali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu s-setgħa lill-entitajiet indipendenti kkonċernati sabiex il-vittmi tad-diskriminazzjoni jingħataw għajnuna effettiva;

17. Huwa mħasseb dwar il-livell baxx ta' għarfien tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni li għandhom iċ-ċittadini tal-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lit-trejdjunjins u lil kull min iħaddem sabiex jagħmlu kull ma jistgħu sabiex itejbu dak il-livell ta' għarfien; ifakkar li d-Direttivi jimponu obbligu fuq l-Istati Membri sabiex iqassmu tagħrif lill-pubbliku dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi b'kull mezz xieraq;

18. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħmlu reviżjonijiet indipendenti tal-miżuri ta' prevenzjoni u ta' radd lura kontra d-diskriminazzjoni u tal-effettività tal-protezzjoni kontra l-vittimizzazzjoni u jiżguraw li l-entitajiet statutorji u mhux statutorji li jieħdu sehem fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni u li jappoġġjaw il-vittmi tad-diskriminazzjoni jkollhom riżorsi xierqa; jirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni tinkludi reviżjoni ta' bejn il-pari fl-eżerċizzju ta' monitoraġġ kontinwu tagħha;

19. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jfornu b'riżorsi u b'setgħat xierqa lill-entitajiet indipendenti li jippromwovu l-ugwaljanza sabiex dawn ikunu jistgħu jwettqu l-irwol tagħhom b'mod effettiv u indipendenti, inluż l-għoti ta' kompetenza ta' min joqgħod fuqha dwar il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u ta' assistenza xierqa għall-vittmi ta' diskriminazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-kompitu ta' dawn l-entitajiet ikopri l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi standards skond liema jkunu mmonitorati u żgurati l-effettività u l-indipendenza ta' dawk l-entitajiet;

20. Jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jfornu b'riżorsi u b'setgħat xierqa lill-NGOs li jirrappreżentaw gruppi ddiskriminati, u lil dawk li huma attivi fl-infurmar taċ-ċittadini u li jagħtu għajnuna legali, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni;

21. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jaħdmu flimkien mal-imsieħba soċjali rilevanti biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità;

22. Jenfasizza li fi kwalunkwe każ l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi ta' diskriminazzjoni għandhom awtomatikament jingħataw assistenza fi proċeduri legali, jekk ikun il-każ permezz ta' finanzjament pubbliku minn skemi ta' għajnuna legali;

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod prattiku u effettiv tappoġġja l-adozzjoni ta' miżuri mill-Istati Membri permezz tal-programm Progress u tal-Fond Soċjali Ewropew sabiex ikunu appoġġjati programmi li jippromwovu l-opportunitajiet indaqs u l-qerda tad-diskriminazzjoni;

24. Jirrakkomanda li, sabiex jingħata livell ta' protezzjoni aktar effettiv, l-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-assoċjazzjonijiet, lill-organizzazzjonijiet u lill-entitajiet legali oħra biex jieħdu sehem fi proċeduri legali, anke f'isem vittma jew bħala appoġġ lil vittma;

25. Iħeġġeġ lill-gvernijiet tal-Istati Membri sabiex jiżguraw trattament u opportunitajiet indaqs taħt il-politika tal-impjiegi u tal-inklużjoni soċjali u, b'mod partikulari, li jindirizzaw l-ostakoli serji li jitqajmu mid-diskriminazzjoni fil-proċeduri tar-reklutaġġ;

26. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw li assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u entitajiet legali oħra jistgħu jieħdu sehem f'isem persuna jew persuni li qed jagħmlu lment fi kwalunkwe proċedura ġuridika għall-infurzar tad-Direttivi;

27. Jistieden lill-Istati Membri sabiex, f'koperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali u mal-Kummissjoni, jiġbru, idommu u jippubblikaw statistiki dwar diskriminazzjoni li jkunu komprensivi, eżatti, ta' min joqgħod fuqhom u separati f'intervalli regolari u sabiex jippubblikawhom b'mod li l-pubbliku jista' jifhimhom malajr u f'mod li jippermetti skambji aktar effettivi tal-aħjar prattiki; jenfasizza l-ħtieġa għad-disponibiltà ta' fondi biżżejjed biex dan jintlaħaq u l-importanza li jiġu żviluppati metodi biex tinġabar data dwar id-diskriminazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data;

28. Jitlob li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali integrati kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni;

29. Jilqa' b'sodisfazzjon l-interess tal-Kummissjoni fil-ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza, inkluża l-pubblikazzjoni ta' manwal Ewropew għal din it-tip ta' data; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistudja sew il-kwistjonijiet legali varji u l-parametri dwar il-kwistjoni tal-ġbir tad-data u sabiex jitressqu proposti biex titjieb ir-reġistrazzjoni ta' każijiet ta' diskriminazzjoni u biex ikunu osservati standards komuni għall-ġbir tad-data; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli tagħti taħriġ legali għall-imħallfin, l-avukati, it-trejdjunjins u l-NGOs sabiex jitjieb l-impatt fuq żmien twil tad-Direttivi, kif ukoll biex titwettaq aktar riċerka u analiżi tal-impatt tal-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttivi;

30. Jilqa' b'sodisfazzjon l-interess tal-Kummissjoni fid-diskriminazzjoni multipla, inkluża t-tnedija ta' studju dwar dan is-suġġett; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tadotta kunċett wiesa' ta' diskriminazzjoni multipla u sabiex teżamina u tforni data dwar id-diskriminazzjoni multipla u dwar reati ta' mibegħda; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi dispożizzjonijiet imfassla espliċitament biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni multipla fi kwalunkwe leġiżlazzjoni fil-ġejjieni adottata skond l-Artikolu 13 tat-Trattat KE, li tista' tkun applikata fuq bażi waħda jew taħlita ta' aktar minn bażi waħda;

31. Jisħaq l-importanza tan-netwerking bejn gruppi li jkunu attivi fil-qlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali;

32. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jirrevedu l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u biex jikkunsidraw li jirrevokaw atti li ma jkunux kompatibbli mal-Artikolu 13 tat-Trattat KE;

33. Iqis id-Direttiva 2000/43/KE bħala l-bażi li fuqha jista' jissejjes qafas komprensiv ta' kontra d-diskriminazzjoni għal miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' oriġini razzjali jew etnika; jenfasizza, madankollu, li għandhom jitqiesu l-aspetti problematiċi li diġà ġew identifikati u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-Istati Membri fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva;

34. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha toħroġ definizzjoni komuni li jkollha għarfien mal-UE kollha, jew talanqas għandha taħdem għal kunsens dwar it-tifsira ta' azzjoni pożittiva, biex b'hekk jitkissru l-ħrejjef madwar it-tifsira u l-applikazzjoni tagħha f'xi Stati Membri, b'mod partikulari minħabba l-effettività tagħha biex tiġi miġġielda b'suċċess id-diskriminazzjoni u biex tinħoloq l-ugwaljanza ta' riżultati f'xi Stati Membri;

35. Jinnota li l-Kummissjoni issa taf tkun bi ħsiebha tressaq biss il-leġiżlazzjoni biex tiddikjara illegali d-diskriminazzjoni fl-aċċess ta' prodotti u servizzi għal ċertu raġunijiet, imma mhux ir-raġunijiet kollha; ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħha li tressaq direttiva komprensiva li tkopri d-diżabilità, l-età, ir-reliġjon jew it-twemmin u l-orjentazzjoni sesswali biex tlesti l-pakkett tal-leġiżlazzjoni antidiskriminatorja skond

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

l-Artikolu 13 tat-Trattat KE kif imsemmi fil-programm ta' ħidma tal-2008; itenni x-xewqa politika, soċjali u legali li tintemm il-ġerarkija ta' ħarsien kontra r-raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni;; jemmen b'mod qawwi li ma jagħmilx sens li d-diskriminazzjoni tiġi pprojbita f'qasam wieħed filwaqt li tkun permessa f'qasam ieħor

36. Jistenna bil-ħerqa l-iżvilupp tad-definizzjoni Komunitarja tad-diżabilità li tippermetti nies b'diżabilità mill-Unjoni Ewropea kollha biex igawdu l-istess drittijiet, ikunu fejn ikunu fl-Unjoni Ewropea;

37. Jemmen li kwalunkwe direttiva ġdida proposta biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 13 tat-Trattat KE jkollha tipprojbixxi kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni, inklużi d-diskriminazzjoni diretta u indiretta, fl-oqsma kollha diġà koperti mid-Direttivi 2000/43/KE u 2000/78/KE, id-diskriminazzjoni permezz tal-assoċjazzjoni, id-diskriminazzjoni marbuta ma' shubija maħsuba fi grupp protett u t-tkasbir; jemmen li istruzzjoni biex wieħed jiddiskrimina għandha titqies bħala diskriminazzjoni, u li nuqqas mhux ġustifikat biex issir akkomodazzjoni raġonevoli għandha titqies bħala forma ta' diskriminazzjoni; jemmen li dawn id-Direttivi għandhom jagħmluha ċara li ma hemm l-ebda ġerarkija fost il-forom differenti ta' diskriminazzjoni u li kollha jridu jkunu miġġielda bl-istess mod qawwi; jinsisti li kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida proposta tirrifletti kif jixraq l-ispeċifiċitajiet kollha tal-bażijiet differenti rispettivi;

38. Jemmen b'mod qawwi li l-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-proposta l-ġdida għal direttiva biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni skond l-Artikolu 13 tat-Trattat KE għandu jkun wiesa', li jkopri l-oqsma kollha li huma kompetenza tal-Komunità kif ukoll l-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, il-ħarsien soċjali inkluża s-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa, xbihat ta' gruppi ddiskriminati fil-midja u fir-riklamar, aċċess fiżiku għall-informazzjoni għall-persuni b'diżabilità, telekomunikazzjoni, komunikazzjoni elettronika, modi tat-trasport u postijiet pubbliċi, vantaġġi soċjali u aċċess għal u forniment ta' prodotti u servizzi li jkunu disponibbli għall-pubbliku; barra minn hekk jemmen li d-direttiva l-ġdida għandha wkoll tiżviluppa l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar il-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u tan-nisa fir-rigward tal-aċċess għall-impjieg, it-taħriġ vokazzjonali u l-promozzjoni, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ([1]) sabiex tagħmilha konsistenti mal-ħarsien tad-diskriminazzjoni kontra l-gruppi l-oħra;

39. Huwa konvint b'mod qawwi li fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, għandu jiġi żviluppat metodu olistiku biex titqajjem il-kuxjenza tal-pubbliku, li jibda mill-programmi tal-iskola;

40. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga kif leġiżlazzjoni futura bbażata fuq l-Artikolu 13 tista' tinkorpora aktar dispożizzjonijiet li jippromwovu l-implimentazzjoni tal-prinċipji tan-non-diskriminazzjoni u tal-ugwaljanza li m'humiex dipendenti fuq ilmenti dwar vittmi individwali; jemmen li l-investigazzjoni għandha tqis kif leġiżlazzjoni futura tista' toħloq obbligi biex tkun introdotta azzjoni pożittiva u/jew dmirijiet pożittivi biex tkun miġġielda l-ugwaljanza, u torbot obbligi li għandhom x'jaqsmu man-non-diskriminazzjoni u l-ugwaljanza mal-politika nazzjonali tal-akkwist pubbliku;

41. Huwa tal-fehma li differenzi fit-trattament ibbażati fuq in-nazzjonalità jew il-lingwa li la huma ġġustifikati b'mod oġġettiv u raġonevoli b'mira leġittima u lanqas m'huma miksuba bil-mezzi xierqa u meħtieġa, jistgħu jikkostitwixxu diskriminazzjoni indiretta fuq il-bażi ta' oriġini razzjali jew etnika u dan bil-kuntrarju tad-Direttiva 2000/43/KE;

42. Jidhirlu li d-diskriminazzjoni għandha titqies ukoll li tinterferixxi fl-erba' libertajiet fundamentali — b'mod partikulari l-ħelsien tal-moviment tal-persuni — u bħala tali tikkostitwixxi ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirrevedu d-dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni tagħhom li jirregolaw l-aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom sabiex jiġi eliminat d-diverenzjar bejn iċ-ċittadini Ewropej f'dan ir-rigward;

43. Iqis li l-komunitajiet tal-minoranzi, u b'mod partikulari l-komunità tar-Roma, jeħtieġu ħarsien soċjali speċifiku, peress li l-problemi li għandhom ta' sfruttament, ta' diskriminazzjoni u ta' esklużjoni saru aktar intensi fl-oqsma tal-edukazzjoni, tas-saħħa, tal-akkomodazzjoni, tal-impjieg u tad-drittijiet tan-nisa wara t-tkabbiriet riċenti tal-Unjoni Ewropea;

([1]) ĠU L 39, 14.2.1976, p. 40.

44. Jirrakkomanda li, fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni ta' kwalità għolja għal tfal żvantaġġjati u tar-Roma u l-klassifikazzjoni mhux ġustifikata tagħhom bħala diżabbli, tingħata attenzjoni speċjali biex tiġi miġġielda kull forma ta' diskriminazzjoni li wieħed jiltaqa' magħha fil-qasam tal-edukazzjoni;

45. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni hija effettiva biss meta ċ-ċittadini jkunu aktar konxji tad-drittijiet tagħhom u jkollhom aċċess faċli għall-qrati; għalhekk jemmen li l-proposta l-ġdida għal direttiva biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni skond l-Artikolu 13 tat-Trattat KE għandha tindirizza wkoll rimedji u infurzar u jirrakkomanda t-twaqqif mill-Istati Membri ta' entità indipendenti u effettiva jew aktar minn waħda għall-promozzjoni ta' trattament indaqs u biex jiġu miġġielda l-forom varji tad-diskriminazzjoni, bil-kompitu li jkunu koperti l-bażijiet kollha għad-diskriminazzjoni skond l-Artikolu 13, u l-oqsma kollha koperti mid-Direttiva 76/207/KEE; jemmen li l-kompetenza ta' dawk l-entitajiet għandha tinkludi l-forniment ta' assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni sabiex ikunu jistgħu jsegwu l-ilmenti tagħhom dwar id-diskriminazzjoni, jamministraw stħarriġ indipendenti dwar l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni non-diskriminatorja u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni li jkollha x'taqsam ma' tali diskriminazzjoni;

46. Jitlob li fi kwalunkwe leġiżlazzjoni futura permezz tal-Artikolu 13 tat-Trattat KE jkun inkluż l-obbligu li jiġu kkonsultati u inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, entitajiet indipendenti speċjalizzati fl-ugwaljanza u organizzazzjonijiet rappreżentattivi fir-rigward tal-abbozzar, il-proċess ta' traspożizzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha;

47. Jemmen li d-direttiva l-ġdida għandha tinkludi rekwiżit li l-Istati Membri jimplimentaw l-integrazzjoni tal-ugwaljanza f'kull ippjanar, tfassil ta' politika u żvilupp ta' programmi fl-oqsma koperti mid-direttiva, li fornituri tas-servizz ikunu organizzati u sistematiċi fl-approċċ tagħhom għall-ugwaljanza, u li l-fornituri tas-servizz jagħmlu aġġustamenti u jipprovdu trattament speċjali sabiex jiżguraw li membri ta' gruppi f'minoranza li jkunu qed ibatu min-nuqqas ta' ugwaljanza jkunu jistgħu jaċċessaw u jibbenefikaw mis-servizzi provduti;

48. Jinnota bi tħassib li waqt li 19-il Stat Membru ffirmaw il-Protokoll Nru 12 għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u għal-Libertajiet Fundamentali, 5 biss irratifikaw dak il-Protokoll;

49. Jitlob li jitkompla l-proċess ta' ffirmar, konklużjoni u ratifika tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, inkluż il-Protokoll Mhux Obbligatorju tiegħu, u jfakkar li, wara r-ratifika tal-Konvenzjoni mill-Komunità, kwalunkwe leġiżlazzjoni Komunitarja kontra d-diskriminazzjoni għandha tikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżiti tagħha; ifakkar lill-Kunsill dwar is-sejħa li għamlet il-Kummissjoni fil-konferenza ministerjali informali dwar id-diżabilità f'Ġunju tal-2007, sabiex tiġi imnedija strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, fi ħdan dak il-qafas, sabiex tevalwa l-ħtieġa li tiġi emendata leġiżlazzjoni Komunitarja sussidjarja jew li jiġu adattati l-politiki rilevanti;

50. Jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni u l-integrazzjoni orizzontali tal-klawżola tan-non-diskriminazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona wara li tidħol fis-seħħ, li timpenja l-Unjoni Ewropea li tipprova tiġġieled id-diskriminazzjoni bbażata fuq sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet tagħha;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex l-opportunitajiet indaqs u n-non-diskriminazzjoni jiddaħħlu b'mod ġeneralizzat fl-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u għall-impjieg, fil-linji gwida għall-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar l-inklużjoni soċjali u fil-programmi nazzjonali ta' riforma u fir-regolamenti li jmexxu l-fondi strutturali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, biex jirrevedu l-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjiegi u, b'mod partikulari, l-Linji Gwida dwar l-Impjieg sabiex tkun żgurata u mtejba l-integrazzjoni u l-viżibilità tad-dimensjoni soċjali fiċ-ċiklu li jmiss tal-Istrateġija ta' Liżbona; jenfasizza li sabiex tkun effettiva, il-politika tal-ugwaljanza u tan-non-diskriminazzjoni trid tkun marbuta bis-sħiħ mal-politiki soċjali bi rwol importanti għall-imsieħba soċjali;

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iwaqqfu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq il-kuntratt ta' impjieg billi jkun żgurat it-trattament indaqs għall-ħaddiema kollha, il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà, dispożizzjonijiet għall-ħin tax-xogħol u tal-mistrieħ, il-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' rappreżentazzjoni, il-ħarsien kontra t-tkeċċija inġusta, l-innegozjar kollettiv u l-azzjoni kollettiva; jenfasizza l-importanza tal-aċċess għat-taħriġ kif ukoll għall-ħarsien kontinwu ta' drittijiet miksuba billi jkunu koperti perjodi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, opportunitajiet aħjar ta' kura, iż-żamma ta' drittijiet soċjali essenzjali bħad-drittijiet għall-pensjoni, id-drittijiet għat-taħriġ u d-dritt għall-benefiċċju tal-qgħad waqt tibdil fis-sitwazzjoni tax-xogħol ta' persuna, bejn kuntratti ta' impjieg u minn impjieg dipendenti għal wieħed awtonomu;

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati.

---

## Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea

P6_TA(2008)0213

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea (2008/2009(INI))**

(2009/C 279 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea" (COM(2007)0575 — SEC(2007)1283),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Konklużjonijiet mill-Konsultazzjoni dwar Politika Marittima Ewropea" (COM(2007)0574),

— wara li kkunsidra l-Proposta tal-Kummissjoni għal dikjarazzjoni konġunta bejn tliet partijiet li tistabbilixxi "Jum Marittimu Ewropew" SEC(2007)1631,

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Politika Marittima futura għall-Unjoni: Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra" (COM(2006)0275) u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Lulju 2007 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8/9 ta' Marzu 2007 fir-rigward tal-adozzjoni tad-dokument "Pjan ta' azzjoni (2007–2009) tal-Kunsill Ewropew — Politika tal-enerġija għall-Ewropa" mill-Kunsill Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "20 20 sa l-2020 — L-opportunità dwar it-tibdil fil-klima għall-Ewropa" (COM(2008)0030),

— wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006, adottata mill-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) fit-23 ta' Frar 2006, strument waħdieni li jħaddan u jadatta l-konvenzjonijiet dwar ix-xogħol marittimu adottati mill-ILO sa mill-1919,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat tat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għas-Sajd (A6-0163/2008),

---

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0343.

A. billi l-oċeani u l-ibħra huma fatturi ekonomiċi u ambjentali essenzjali għall-UE; billi l-UE, permezz tar-reġjuni kostali u r-reġjuni l-aktar imbiegħda, toffri 320,000 km ta' kosta li fiha jgħixu terz tal-popolazzjoni Ewropea,

B. billi industriji u servizzi tal-baħar kif ukoll ir-reġjuni tal-kosta b'kollox jikkontribwixxu 40 % tal-GDP tal-UE,

C. billi l-bidla fil-klima hija l-akbar sfida mill-politika kollha fis-seklu 21; billi ż-żieda fil-livell tal-baħar ikkawżata mill-bidla fil-klima hija theddida għar-reġjuni kostali, li tista' tkun fuq skala kbira ħafna, b'konsegwenzi drastiċi għar-residenti,

D. billi r-reġjuni marittimi tal-UE, u b'mod partikulari r-reġjuni l-aktar imbiegħda tagħha, jwettqu fuq naħa waħda rwol importanti ħafna fir-rigward tas-sigurtà kontra l-atti kriminali bħal ma huma l-immigrazzjoni illegali, it-terroriżmu u l-kuntrabandu u iżda fuq in-naħa l-oħra huma esposti għal diżastri ambjentali speċifiċi,

E. billi matul is-sena li għaddiet żdiedu fl-għadd u fil-frekwenza l-attakki kriminali fuq bastimenti tas-sajd, tal-merkanzija u tal-passiġġieri tal-Komunità fl-ibħra internazzjonali qrib il-kosta tal-Afrika, b'riskju kbir għall-ħajja tal-ekwipaġġi u b'impatt negattiv importanti fuq il-kummerċ internazzjonali;

1. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-komunikazzjonijiet u l-Pjan ta' Azzjoni msemmija hawn fuq fid-dokumnet ta' ħidma tal-istaff imsemmi hawn fuq;

2. Isostni r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 u jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni laqgħet parti sewwa mit-talbiet tal-Parlament, għall-inqas sa ċertu punt;

3. Jenfasizza li d-dimensjoni marittima eċċezzjonali mogħtija lill-UE mix-xtut u r-reġjuni l-aktar imbiegħda tagħha toffri opportunitajiet uniċi fir-rigward tal-innovazzjoni, l-ambjent, u l-bijodiversità, li għandhom jiġu kkunsidrati fil-politika marittima integrata għall-UE, u li r-reġjuni l-aktar imbiegħda, barra minn hekk, jipprovdu bażijiet tal-komunikazzjoni eċċellenti għall-għanijiet ta' trasport u siġurtà fil-livell tal-UE u livell globali;

4. Jenfasizza bil-qawwa l-idea tal-Kummissjoni li tisfrutta aħjar il-potenzjal tat-trasport marittimu u fuq mogħdijiet tal-ilma interni fuq distanza qasira bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li tintegra dan is-settur malajr kemm jista' jkun fis-suq intern u jilqa' b'sodisfazzjoni il-ħsieb tal-Kummissjoni li tħaffef il-proposti tagħha dwar żona ta' trasport marittimu komuni bi strateġija komprensiva għat-trasport marittimu 2008-2018;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu l-koperazzjoni bejniethom u mal-pajjiżi ġirien għall-użu adattat tat-TEN-T u mekkaniżmi ta' ffinanzjar Ewropew oħra (bħal Marco Polo) biex iwettqu l-proġetti tat-Toroq tal-Baħar u Netwerks ta' Trasport Marittimu fuq Distanza Qasira;

6. Jilqa b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji Ewropej li jieħdu ħsieb il-kontroll tal-baħar b'enfażi fuq il-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali (it-traffikar tal-bnedmin u tad-drogi, l-immigrazzjoni illegali u t-theddidiet terroristiċi) b'enfasi speċjali fuq l-ibħra internazzjonali;

7. Jilqa b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li toħloq netwerk Ewropew għas-sorveljanza marittima u tippromwovi koperazzjoni aħjar fost il-gwardji tal-kosta tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni biex toħroġ ir-riżultati tal-istudju dwar il-vijabilità ta' għassa tal-kosta Ewropea, li kellu jkun ippubblikat u ppreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill sa l-aħħar tal-2006;

8. Huwa tal-fehma li l-gruppi marittimi qegħdin f'qagħda partikolarment tajba biex jagħmlu kontribuzzjoni għall-ksib ta' politika marittima integrata; jistieden lill-Kummissjoni biex tibda bla telf ta' żmien il-proġett ta' netwerk Ewropew tal-gruppi marittimi;

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

9. Jappoġġja l-proposta li jiġi stabbilit "Jum Marittimu Ewropew" annwali fl-20 ta' Mejju; huwa tal-fehma li jum ta' azzjoni bħal dan għandu jintuża biex tiġi enfasizzata l-importanza tal-politika marittima barra l-ambjent speċjalizzat bil-parteċipazzjoni ta' ċittadini komuni, l-iskejjel, l-universitajiet u l-NGOs; ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-proposta tagħha li jingħata premju lir-reġjuni marittimi eżemplari bħala mezz biex tippromwovi l-aħjar prattika;

10. Huwa tal-fehma ġenerali, madankollu, li l-pjan ta' azzjoni fih ftit wisq miżuri konkreti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fil-ġejjieni tuża l-istrumenti li għandha disponibbli skond it-Trattati b'aktar ambizzjoni;

11. Jisgħobbih li l-Pjan ta' Azzjoni jindirizza l-isfidi tal-bidla fil-klima biss b'mod mhux obbligatorju; itenni l-fehma tiegħu li politika marittima Ewropea għandha tkun imħejjija għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima u taddatta ruħha għalihom, u, b'urġenza, tistipula l-miżuri ta' aġġustament rekwiżiti, b'mod speċjali minħabba l-fatt li qed idubu l-glaċieri li jwassal għal żieda fil-livell tal-baħar u riskji akbar ta' għargħar fil-portijiet u fir-reġjuni kostali, u f'dan il-kuntest, jitlob il-kontribut tas-setturi relevanti kollha tal-politika, partikolarment dik tar-riċerka;

12. Ifakkar fil-fatt li meta l-glaċieri idubu dan jikkaġuna mhux biss żieda fil-livell tal-baħar imma wkoll ħsara li ma tissewwiex lill-ħajja tal-bnedmin, tal-annimali u l-pjanti, u għaldaqstant jilqa' b'sodisfazzjon il-ħsieb tal-Kummissjoni li tressaq Inizjattiva Artika u jistieden lill-komunità xjentifika u lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet biex jesploraw aktar possibiltajiet għall-ħarsien taż-żoni tas-silġ polari;

13. Isostni li l-ġestjoni tajba tal-ibħra tirrikjedi l-ġestjoni tajba taż-żoni tax-xtut u li proġetti ta' bini fuq ix-xtut tal-UE għandhom għaldaqstant jaħsbu f'kull każ għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima u dak li ġġib magħha: ż-żieda fil-livell tal-baħar, l-erożjoni tar-ramel, u ż-żieda fil-frekwenza u l-qilla tal-maltemp;

14. Jappoġġja l-objettivi tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2007 li sa l-2050 l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra jonqsu bin-nofs u jinsisti fuq it-talba tiegħu li l-politika marittima tagħti kontribut importanti għat-tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet; dan għandu jinkludi l-inklużjoni tat-trasport bil-baħar fl-iskema ta' kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet u t-tisħiħ tal-isforzi tar-riċerka kemm għall-użu tal-ibħra bħala sors ta' enerġija li tiġġedded kif ukoll bil-ħsieb li jkunu żviluppati teknoloġiji ġodda aktar nodfa ta' propulsjoni tal-vapuri; iqis li jekk l-Ewropa turi t-triq fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima dan jista' jsaħħaħ u jiżviluppa l-irwol ewlieni tagħha fit-teknoloġija u r-riċerka ambjentali;

15. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkun aktar ambizzjuża fil-ġlieda kontra l-emissjonijiet tal-kubrit u tal-ossidu tan-nitroġenu, kif ukoll skart solidu mill-vapuri; f'dan il-kuntest, itenni l-ħtieġa ta' koperazzjoni aktar mill-qrib mal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u b'mod partikulari, jitlob:

— għat-tfassil ta' normi dwar l-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu għall-vapuri li joperaw fil-portijiet tal-UE;

— għal dikjarazzjoni tal-Baħar Mediterran, tal-Baħar l-Iswed u tal-grigal tal-Atlantiku bħala reġjuni ta' sorveljanza għall-emissjonijiet ta' kubrit (SECA) skond il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Vapuri (il-Konvenzjoni MARPOL);

— għat-tnaqqis minn 1.5 % għal 0.5 % fil-kontenut massimu ta' kubrit permess fil-fjuwils tal-bastimenti tal-passiġġieri li joperaw fis-SECA;

— għall-introduzzjoni ta' miżuri fiskali, bħal taxxi jew kontribuzzjonijiet għall-emissjonijiet tad-dijossidu tal-kubrit u l-ossidu tan-nitroġenu mill-bastimenti u l-identifikazzjoni ta' modi kif ikunu imposti miżuri u kontribuzzjonijiet bħal dawn fuq il-vapuri kollha, tkun xi tkun il-bandiera tagħhom, li jidħlu fil-portijiet Komunitarji jew li jbaħħru fl-ibħra tal-Istati Membri tal-UE;

— għall-introduzzjoni ta' kontribuzzjonijiet tal-portijiet u l-ilmijiet navigabbli differenzjati li jiffavorixxu l-vapuri b'emissjonijiet baxxi tad-dijossidu tal-kubrit u l-ossidu tan-nitroġenu;

— l-introduzzjoni b'mod gradwali ta' rekwiżit għall-vapuri fil-portijiet li jużaw l-elettriku minn fuq l-art

— għal-proposta ta' direttiva tal-UE dwar il-kwalità ta' fjuwils tal-bastimenti;

16. Jilqa' l-miżuri adottati f'dak li għandu x'jaqsam mas-sorveljanza permezz ta' satelliti tat-tixrid inkontrollat fil-baħar li jwettqu ċertu bastimenti; jitlob madankollu li l-bastimenti jiġu obbligati, permezz ta' regolamenti, biex jużaw apparat li ma jistax jitbagħbas (u reġistrat bi privattiva) li, skond il-mudell tal-kaxxi suwed tal-ajruplani, jippermettu li jiġu rikordjati f'intervalli qrib xulxin il-livelli u n-natura tal-likwidi li jidħlu fil-ġiebji u s-sentini jew li joħorġu minnhom; iqis li l-eżami ta' dawn ir-rekords jippermetti li wieħed ikun jaf jekk seħħx tixrid inkontrollat u illegali ta' reżidwi ta' idrokarburi li jniġġsu;

17. Itenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri u l-Kummissjoni, minħabba t-tniġġis tal-arja li jaffettwa ħafna bliet u reġjuni portwali, biex jipprovdu inċentivi li huma aħjar b'mod sinifikanti għall-forniment tal-elettriku mill-art għall-vapuri fil-port; jitlob, għaldaqstant għal proposta ta' emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ([1]), li permezz tagħha dawk l-Istati Membri li jieħdu vantaġġ mill-eżenzjoni tat-taxxa miż-żejt tal-banker skond l-Artikolu 14 ta' dik id-direttiva jkunu rekwiżiti li jeżentaw mit-taxxa l-elettriku mill-art għall-istess ammont; jinnota li t-trattament indaqs għall-finijiet tat-taxxa tal-elettriku u ż-żejt tal-banker ikun inċentiv kbir għall-portijiet u s-sidien tal-vapuri biex jgħinu fit-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja fl-ibliet li huma portijiet billi jinvestu fil-forniment tal-elettriku għall-vapuri li jkunu fil-port;

18. Jerġa' jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li t-tniġġis tal-ibħra mill-art għandu parti sostansjali mit-tniġġis ġenerali tal-ibħra u li l-Kummissjoni għadha ma bdietx tittratta dan is-suġġett; itenni, għaldaqstant, it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan ta' azzjoni għat-tnaqqis fit-tniġġis u jenfasizza t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jimplimentaw mingħajr dewmien l-atti legali relattivi bħad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ([2]); jenfasizza li pjan ta' azzjoni għall-identifikazzjoni u t-tneħħija ta' tagħmir tal-gwerra tal-gwerer tal-passat fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Baltiku jifforma parti mill-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-ilma;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jniedu pjan għall-istudju u l-intraċċar ta' vapuri mgħarrqa u siti arkeoloġiċi mgħarrqa — minħabba li dawn jiffurmaw parti mill-wirt storiku u kulturali tal-Komunità — u b'hekk tħaffef l-għarfien u l-istudju ta' siti bħal dawn u tgħin biex tkun evitata l-ħsara li qed iġarrbu, biex ikunu jistgħu jitħarsu b'mod adattat;

20. Iħeġġeġ l-istituzzjonijiet involuti biex jadottaw il-pakkett marittimu Erika III malajr kemm jista' jkun u jistieden lill-Istati Membri biex jibdew jimplimentaw il-pakkett mingħajr dewmien, bil-għan li jipprovdu l-mezzi legali meħtieġa biex ikunu evitati jew irrimedjati l-aċċidenti jew l-inċidenti b'konsegwenzi diżastrużi għall-iżvilupp tar-reġjuni marittimi, bl-inċidenti tal-Erika u l-Prestige ikunu żewġ eżempji ta' dan;

21. Jikkunsidra li d-Direttiva Qafas dwar Strateġija għall-Ambjent tal-Ibħra ([3]) għandha tikkostitwixxi l-bażi ambjentali tal-politika marittima integrata għall-UE; jinnota li dik id-direttiva tiddikjara li r-reġjuni fejn l-istat tal-baħar huwa kruċjali għandhom ifasslu u jimplimentaw miżuri aktar mgħaġġla biex jiksbu status ambjentali tajjeb; jenfasizza li f'reġjuni bħal dawn huwa importanti b'mod partikulari li l-Kummissjoni tikkordina setturi, programmi u strateġiji differenti u tipprovdi appoġġ finanzjarju adattat; jinnota li biex tinkiseb politika marittima integrata bħal din, huwa meħtieġ li jkunu inklużi attivitajiet fuq l-art bħall-agrikoltura, l-immaniġġar tad-dranaġġ, it-trasport u l-produzzjoni tal-enerġija; jemmen li reġjuni bħal dawn jistgħu jikkostitwixxu żoni bi prova għal politika marittima integrata b'mod sħiħ;

22. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li teskludi l-baħħara min numru ta' oqsma ta' normattivi Ewropej dwar il-ħarsien soċjali u l-protezzjoni tal-ħaddiema (p.e. id-Direttiva 98/59/KE ([4]) dwar redundancies kollettivi, id-Direttiva 2001/23/KE ([5]) dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, id-Direttiva 2002/14/KE ([6]) dwar tagħrif u konsultazzjoni għall-impjegati, kif ukoll id-Direttiva 96/71/KE ([7]) dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fil-qafas tal-għoti ta' servizzi); jipproponi r-reviżjoni ta' dawn id-direttivi b'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali;

([1]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.
([2]) ĠU L 327, 22.12. 2000, p. 1.
([3]) *Testi Adottati*, 11 ta' Diċembru 2007, P6_TA(2007)0595.
([4]) ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16.
([5]) ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.
([6]) ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.
([7]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

23. Iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux hekk, biex jirratifikaw, kemm jista' jkun malajr, il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, tal-2006, adottata bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-baħħara u biex tkun evitata l-kompetizzjoni inġusta fl-industrija tal-vapuri billi jkun aġġornat u kkodifikat il-korp kollu ta' standards internazzjonali dwar ix-xogħol li huma fis-seħħ;

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taġġorna d-Direttiva 1999/95/KE ([1]) dwar is-sigħat tax-xogħol tal-baħħara, u l-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet li huma taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni imma m'humiex koperti, jew huma koperti biss b'mod parzjali, fil-livell Komunitarju, per eżempju r-regoli li jirregolaw l-aġenziji tar-reklutaġġ temporanju jew id-dritt ta' ħaddiem li jkollu kuntratt tal-impjieg iffirmat;

25. Iqis li l-involviment ta' msieħba reġjonali u lokali huwa essenzjali sabiex il-politika marittima tkun ta' suċċess; isostni, għalhekk, li għandu jkun hemm koperazzjoni aktar mill-qrib u rabta akbar bejn ir-reġjuni kostali Ewropej, u li dan jista' jinkiseb bil-promozzjoni ta' strateġiji koordinati li jkattru l-iżvilupp u l-kompetittività u billi jkun hemm rabta aktar effettiva bejn il-livelli differenti ta' governanza;

26. Iġedded it-talba tiegħu biex fil-futur jiġi segwit approċċ integrat tal-politika marittima għall-UE u jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-qafas politiku tagħha kif ukoll il-koeżjoni territorjali, soċjali, u ekonomika li tipprovdi r-rabta mal-intern tal-Ewropa u l-politika kostitwenti tagħha; jipproponi li jiġi pubblikat rapport dwar il-politika marittima Ewropea kull sentejn kif ukoll li jkun hemm skambju pubbliku ta' opinjonijiet b'mod regolari li jieħdu sehem fih dawk kollha interessati; jitlob il-presidenzi futuri tal-Kunsill biex fil-qafas tal-programmi ta' ħidma tagħhom jittrattaw il-politika marittima; jitlob, barra minn hekk, li l-Kummissjoni kull sena tindika b'mod ċar il-proġetti kollha relatati mal-baħar, li jgawdu l-għajnuna ta' fondi tal-UE;

27. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippromwovi negozjati għal ġestjoni aħjar tal-iskambji marittimi ma' pajjiżi terzi u jappoġġja b'mod qawwi koperazzjoni akbar ma' pajjiżi ġirien għall-ħarsien tal-ibħra lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu l-appoġġ attiv tagħhom, fil-qafas tan-NU u tal-IMO, għall-inizjattiva promossa minn għadd ta' Stati Membri, biex id-dritt ta' insegwiment bil-baħar u bl-ajru jkun estiż għall-ibħra territorjali tal-Istati li għandhom kosta, sakemm il-pajjiżi kkonċernati jaqblu wkoll li jiżviluppaw mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka fil-każijiet ta' piraterija marittima;

29. Jitlob lill-Kummissjoni li twaqqaf, fil-qafas tal-Politika Marittima Integrata l-ġdida, sistema Komunitarja għall-koordinazzjoni u l-assistenza reċiproka, li tippermetti li bastimenti navali li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru u li jkunu f'ibħra internazzjonali jħarsu bastimenti tas-sajd u tal-merkanzija minn Stati Membri oħra, mal-ewwel opportunità;

30. Jikkunsidra li Strateġija komprensiva Ewropea għar-riċerka dwar il-Baħar u r-riċerka Marittima hija ta' importanza kbira u għandha tkun iffinanzjata b'mod adattat, anki fis-7 programm qafas tar-riċerka u fi programmi tal-ġejjieni;

31. Jesprimi ruħu favur il-kunsiderazzjoni xierqa tal-politika marittima fil-baġit tal-UE u l-istrumenti wara l-2013 u jistieden li dan ikun rifless fis-sommarji fir-rapporti li jsiru b'mod regolari dwar il-politika marittima Ewropea;

32. Jilqa' wkoll b'sodisfazzjon ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2007 bil-għan li l-politika marittima tkun adattata għal fatturi speċifiċi varji tal-Istati Membri u r-reġjuni marittimi, inklużi r-reġjuni ta' mal-kosta, il-gżejjer, u r-reġjuni l-iktar imbiegħda;

33. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam, jistenna bil-ħerqa l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' pjan ta' azzjoni biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ppjanar tal-ispazji marittimi mill-Istati Membri; jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jinżamm bilanċ xieraq bejn il-konsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali, territorjali u ambjentali;

([1]) ĠU L 14, 20.1.2000, p. 29.

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

34. Jinnota li d-dimensjoni marittima eċċezzjonali li r-reġjuni tax-xtut, il-gżejjer u r-reġjuni l-iktar imbiegħda jagħtu lill-UE toffri opportunitajiet uniċi fir-rigward tal-innovazzjoni, ir-riċerka, l-ambjent, il-bijodiversità, u oqsma oħra, u li l-politika marittima Ewropea integrata trid tikkapitalizza fuq dawn; jirrikonoxxi x-xewqa li jinħolqu ċentri ta' eċċellenza u jirrakkomanda li ċ-ċentri universitarji ta' riċerka li diġà huma preżenti fiż-żoni kostali jingħataw inkoraġġiment u appoġġ;

35. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-qawwa tal-mewġ bħala sors nadif ta' enerġija alternattiva u jistieden lill-Kummissjoni biex tqis din il-forma ta' enerġija fil-pjanijiet ta' azzjoni futuri;

36. Iqis li l-objettiv essenzjali tal-"Politika Marittima Integrata Ewropea" (IEMP) fil-qasam tas-sajd għandu jinkoraġġixxi l-immodernizzar u l-iżvilupp sostenibbli, ibbilanċjat u ekwitabbli tal-qasam fl-Unjoni Ewropea kollha, filwaqt li jiżgura il-vijabilità soċjo-ekonomika tiegħu u s-sostenibilità tar-riżorsi u jiggarantixxi s-sovranità u s-sigurtà tal-ikel, il-provvista tal-ħut, il-preservazzjoni tal-impjieg u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għejxien tas-sajjieda;

37. Iqis li, sa issa, la s-sostenibbiltàli tar-riżorsi tal-baħar u lanqas il-vijabilità ekonomika tal-flotot tas-sajd u tal-komunitajiet ta' max-xtut tal-Ewropa ma ġew moqdija kif xieraq mill-politika komuni għas-sajd (CFP,) u li għalhekk jaqbel li tiġi żviluppata politika Ewropea integrata tal-UE dwar il-baħar b'mod li jiġi evitat li fil-politika komuni għas-sajd jitfaċċaw nuqqasijiet bħaċ-ċentralizzazzjoni żejda u l-inkapaċità li titqies id-diversità reġjonali tal-ibħra tal-Unjoni Ewropea;

38. Huwa tal-opinjoni li żieda fl-att u fil-kwalità tal-impjiegi "marbuta mal-baħar, speċjalment mal-industrija tas-sajd" tiddependi wkoll fuq garanzija ta' dħul ġust u xieraq u fuq kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti (speċjalment mill-perspettiva tas-saħħa u s-sigurtà) u fuq aċċess għat-taħriġ għas-sajjieda professjonali;

39. Jitlob li jkun hemm għarfien reċiproku mill-Istati Membri tad-diplomi ta' livell intermedju għall-impjiegi ta' kaptani u mekkaniċi għall-bastimenti tas-sajd;

40. Ifakkar fil-bżonn ta' mekkaniżmi għal għotjiet ta' għajnuna jew ta' kumpens għas-sajjieda milquta mill-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi tal-miżuri adottati għar-rikostruzzjoni ta' stokks tal-ħut jew għall-ħarsien ta' ekosistemi, b'mod partikolari fir-reġjuni u fil-komunitajiet l-iktar żvantaġġjati u fir-reġjuni l-aktar imbiegħda;

41. Jikkonferma l-ħtieġa li tissaħħaħ l-għajnuna għar-riċerka xjentifika dwar is-sajd fl-Istati Membri differenti, b'mod partikulari fi ħdan is-seba' programm qafas għar-riċerka;

42. Jitlob li tingħata għajnuna Komunitarja għall-adozzjoni ta' miżuri effettivi meħtieġa biex jiżguraw mezzi adegwati ta' evakwazzjoni, ta' assistenza u ta' salvataġġ għall-ekwipaġġi;

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

# Ambjent ta' negozju simplifikat għall-kumpaniji fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, il-kontabilità u l-verifika

P6_TA(2008)0220

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ambjent ta' negozju simplifikat għall-kumpaniji fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, il-kontabilità u l-verifika (2007/2254(INI))**

(2009/C 279 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "dwar ambjent ta' negozju simplifikat għall-kumpaniji fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, il-kontabilità u l-verifika" (COM(2007)0394),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Ewropa li tikseb ir-riżultati — L-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja (COM(2007)0502),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju — Essenzjali għal aktar tkabbir ekonomiku u xogħlijiet — Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-politika moderna għall-SMEs (COM(2007)0592),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-2832 Kunsill tal-Kompetittività tat-22 sat-23 ta' Novembru 2007 dwar ambjent ta' negozju simplifikat għall-kumpaniji fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, il-kontabilità u l-verifika,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2008 dwar l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) u l-Governanza tal-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabilità (IASB) 1 ([1]), li fiha l-Parlament ikkritika l-proposta tal-IASB għal IFRS għall-SMEs u talab lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa qafas ta' kontabilità għall-SMEs li jkun modern u speċifiku għall-UE, possibilment permezz ta' reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-kontabilità,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali kif ukoll l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0101/2008),

## *Ġenerali*

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-għan ġenerali tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar ambjent ta' negozju simplifikat għall-kumpaniji fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, il-kontabilità u l-verifika (il-Komunikazzjoni) biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fl-Ewropa u li ġġibhom f'sitwazzjoni li jipparteċipaw fil-kompetizzjoni b'mod aktar effettiv u jkunu aktar ta' suċċess f'ambjent globali kompetittiv għall-aħħar; ifakkar li l-Kummissjoni, fil-proposti leġiżlattivi tagħha, għandha tibbaża ruħha fuq evalwazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari, li tkun indirizzata lejn intrapriżi ta' daqs medju u żgħir u mikro-impriżi, filwaqt li tiżgura ċ-ċertezza legali u tippreserva l-acquis tal-Komunità madwar is-suq intern kollu u tiżgura l-konsistenza mal-proċessi ta' armonizzazzjoni li issa ġew stabbiliti fir-rigward tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika; ifakkar ukoll li l-interessi ta' dawk kollha involuti, inklużi l-investituri, il-proprjetarji, il-kredituri u l-impjegati, kif ukoll il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, għandhom jiġu kkunsidrati kif inhu xieraq;

## *Dwar l-ewwel għażla*

2. B'mod ġenerali, jiċħad l-ewwel għażla msemmija fil-komunikazzjoni, jiġifieri li jiġi eżaminat jekk l-acquis tal-UE fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji għandux jiġi ridott għal dawk l-atti ġuridiċi li jitrattaw speċifikament il-problemi transkonfinali; madankollu, mhuwiex kompletament kontra l-abrogazzjoni ta' atti individwali, li mill-perspettiva tal-partijiet interessati, mhumiex aktar neċessarji jew ta' benefiċċju għan-negozju, sakemm tali abrogazzjoni mhijiex kuntrarja għall-interess pubbliku;

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0183.

3. Jinnota b'referenza għall-ewwel għażla, li d-direttivi in kwistjoni dwar il-liġi tal-kumpaniji, jiġifieri, it-Tieni ([1]), it-Tielet ([2]),is-Sitt ([3]) u t-TnaxIt- ([4])-il Direttiva, stabbilixxew komparabilità tal-kumpaniji li hija importanti għall-attivitajiet transkonfinali ta' investituri u kredituri, u għalhekk m'għandhomx jerġgħu jiġu revokati;

4. Jinnota, fil-kuntest tal-ewwel għażla, li f'evalwazzjoni komprensiva tal-impatt, l-ispiża ta' suq intern b'27 sistema differenti ta' liġi tal-kumpaniji għandha tiġi mqabbla ma' dak li jiġi ffrankat permezz ta' revoka ta' direttivi;

5. Jinnota li r-restrizzjonijiet burokratiċi prinċipali, bħat-talbiet għal dejta multipla jew il-ħtiġijiet tar-rappurtar, b'mod partikolari fl-oqsma fiskali u soċjali, għandhom it-tendenza li jiġu mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u mhumiex fil-kompetenza tal-Komunità;

*Implimentazzjoni mill-Istati Membri*

6. Jenfasizza li l-Istati Membri spiss ma jirnexxilhomx jagħmlu użu mill-miżuri li jistgħu jieħdu biex tonqos il-burokrazija, u konsegwentement ma jgħaddux lill-kumpaniji l-opportunitajiet ta' simplifikazzjoni li toffri l-liġi Komunitarja; fit-fatt spiss jimponu regoli nazzjonali aktar ħorox fuq ir-rekwiżiti eżistenti tal-UE; jitlob lill-Kumissjoni, madankollu, biex tirrevedi jekk it-traspożizzjoni tad-direttivi, bħad-Direttiva dwar it-trasparenza ([5]), wasslitx għall-"gold-plating" mill-Istati Membri; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tinkuraġġixxi skambju ta' prattika tajba bejn l-Istati Membri, filwaqt li tiċċara l-impatt effettiv tal-inizjattivi varji filqasam tas-simplifikazzjoni;

7. Jirrakkomanda l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali tal-Istati Membri sabiex l-informazzjoni mitluba mill-intrapriżi tiġi standardizzata bil-għan li l-affarijiet jiġu ssimplifikati;

*Dwar it-tieni Għażla*

8. Jippreferi fil-prinċipju t-tieni għażla li tirreferi għaliha l-Komunikazzjoni, jiġifieri li l-leġiżlatur għandu jiffoka fuq miżuri ta' simplifikazzjoni konkreti u individwali; huwa tal-fehma li kull miżura speċifika ta' simplifikazzjoni tista' tinkludi l-konsiderazzjoni li ċerti ħtiġijiet individwali fi ħdan id-direttivi jiġu abrogati;

9. Jenfasizza li jeħtieġ iż-żmien biex jiġu evalwati l-effetti tal-bidliet li saru għad-direttivi u jinnota li t-Tielet u s-Sitt Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji ġew emendati reċentement permezz tad-Direttiva 2007/63/KE ([6]) u li d-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni għal din id-direttiva hija l-31 ta' Diċembru 2008; jinnota li aktar emendi għal dawn id-direttivi jistgħu iwasslu sabiex ir-regoli ta' konverżjoni tal-kumpaniji armonizzati jitilfu s-sustanza tagħhom, iżda jemmen li huwa meħtieġ aktar aġġornar;

---

([1]) It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi tal-membri u oħrajnm huma meħtieġa mill-Istati Membri tal-kumpaniji fit-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, fir-rigward tal-formazzjoni ta' kumpaniji b'responsabilità limitata pubbliċi u ż-żamma u l-bidla tal-kapital tagħhom, bil-ħsieb li tali salvagwardji jsiru ekwivalenti (ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1). Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2006/99/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 137).

([2]) It-Tielet Direttiva tal-Kunsill 78/855/KEE tad-9 ta' Ottubru 1978 bbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar mergers ta' kumpaniji b'responsabilità limitata pubbliċi (ĠU L 295, 20.10.1978, p.36).

([3]) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar id-diviżjoni ta' kumpaniji b'responsabilità limitata pubbliċi (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 47). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2007/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 300, 17.11.2007, p. 47).

([4]) It-Tnax-il Direttiva tal-Kunsill 89/667/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar kumpaniji b'responsabilità limitata privati b'membru wieħed (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 40). Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2006/99/KE.

([5]) Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38) Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2008/22/KE (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 50).

([6]) Direttiva 2007/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/855/KEE u 82/891/KEE fir-rigward tar-rekwiżit ta' rapport ta' espert indipendenti fl-okkażjoni ta' għaqda jew diviżjoni ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata (ĠU L 300, 17.11.2007, p. 47).

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

10. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li t-Tieni Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji reċentement ġiet emendata permezz tad-Direttiva 2006/68/KE ([1]) u li l-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' din id-direttiva mhix qabel il-15 ta' April 2008; jinnota f'dan il-kuntest ir-riżultati tal-istudju ta' fattibilità dwar sistema alternattiva għaż-żamma tal-kapital (capital maintenance regime);

11. Jitlob lill-Kummissjoni tiċċara r-relazzjoni bejn id-Direttivi dwar il-Liġi tal-Kumpaniji, b'mod partikolari it-Tieni, it-Tielet u s-Sitt Direttiva, u l-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRSs);

12. Jenfasizza li l-verifikar tal-kontijiet u l-ħtiġijiet tal-iżvelar għall-kumpaniji negozjati pubblikament huma kruċjali biex is-suq intern jiffunzjona sew, u li teknoloġiji ġodda bħall-formats elettroniċi ta' rappurtaġġ (p.e. l-XBRL) għandhom jagħmluha possibbli biex il-ħtiġijiet ta' żvelar jiġu sodisfatti b'mod ekonomiku, effettiv u bil-ħeffa; jilqa' b'sodisfazzjon, bil-ħsieb ta' simplikazzjoni tal-Ewwel ([2]) Direttiva u l-Ħdax ([3])-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji, l-għan li jitnaqqsu r-rekwiżiti għall-iżvelar; jenfasizza, madankollu, li, l-istess bħall-miżuri oħra ta' simplifikazzjoni, ħtiġijiet ta' żvelar għandhom jiġu riveduti fuq il-bażi ta' kull każ individwali permezz ta' miżuri ta' simplifikazzjoni konkreti individwali bbażati fuq evalwazzjonijiet dettaljati tal-impatt; jipproponi li l-eżenzjonijiet għall-SMEs u għall-mikroentitajiet għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq it-tnaqqis tal-piżijiet u tal-ispejjeż amminstrattivi, imma m'għandhomx jipperikolaw il-ħtieġa ġustifikabbli għall-informazzjoni; u l-aċċess għal opportunitajiet finanzjarji; iħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli Komunitarji;

13. Jaqbel li għandha ssir aktar faċli għall-kumpaniji li jirreġistraw u jippreparaw, jippreżentaw u jippubblikaw informazzjoni statutorja; jirrakkomanda li l-preparazzjoni, il-preżentazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni statutorja jitwettqu permezz ta' reġistru interoperattiv tal-intrapriżi madwar l-UE; jippromwovi bil-qawwa l-użu ta' teknoloġija ġdida bħal ma hi l-XBRL; jenfasizza li informazzjoni bħal din għandha tkun aċċessibbli faċilment għall-investituri, għall-kredituri, għall-impjegati u għall-awtoritajiet pubbliċi fl-Unjoni Ewropea kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta pjan direzzjonali sabiex tintroduċi rappurtaġġ bl-XBRL fl-UE;

14. Jenfasizza li l-emendi tal-2006 għar-regoli tal-kontabilità tal-UE jeħtieġu, fost l-oħrajn, dikjarazzjoni dwar it-tmexxija korporattiva u mod li jiżvela aħjar l-arranġamenti li ma jkunux jidhru fuq il-karta tal-bilanċ ta' kumpaniji kkwotati; ifakkar li d-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni ta' dawn ir-regoli hi l-5 ta' Settembru 2008; jinkoraġġixxi applikazzjoni bikrija tar-regoli mill-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni sabiex timpenja ruħha mal-IASB ("International Accounting Standards Board") ħalli ttejjeb aktar l-informazzjoni tad-dikjarazzjoni finanzjarja annwali ta' vetturi li ma jkunux jidhru fuq il-karta tal-bilanċ;

15. Jara l-ħtieġa għal reviżjoni tal-Istatut għall-Kumpanija Ewropea sabiex tkun aktar qrib tal-kumplament tal-Liġi Komunitarja;

16. Jinnota li l-għan li jiġu simplifikati l-ħtiġijiet amministrattivi għandu jkun li jinkuraġġixxi l-SMEs li jaħtfu l-opportunitajiet li joffri s-suq intern u li joperaw lilhinn mill-fruntieri;

17. Jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' mikro-impriżi li jkunu eżentati mir-rekwiżiti tal-Liġi Komunitarja tal-kontabilità, il-verifika annwali u l-pubblikazzjoni; iħeġġeġ sabiex il-limiti għall-mikro-impriżi msemmija fil-komunikazzjoni jiżdiedu; jipproponi li l-perjodi ta' tranżizzjoni għall-ħtiġijiet tal-kumpaniji li jirrappurtaw, li jaqbżu l-dawn il-limiti, għandhom jiġu miżmuma fil-wisa' iżda huwa mħasseb li biex jintlaħqu kollha se jkun hemm diffikultajiet speċjalment għal negozji b'kontribuzzjonijiet għolja jisuġġerixxi li jiġi eżaminat jekk għandhomx jiġu introdotti perjodi ta' tranżizzjoni simili għall-kumpaniji li jibdlu l-istatus legali tagħhom;

([1]) Direttiva 2006/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE, fir-rigward tal-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 32).

([2]) L-Ewwel Direttiva tal-Kunsil 68/151/KEE tad-9.3.1968 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjon tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpaniji fit-tifsira tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-ħsieb li tali salvagwardji jsiru ekwivalenti fil-Komunità (ĠU L 65, 14.3.1968, p. 8). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/99/KE.

([3]) Il-Ħdax-il Direttiva 89/666/KEE tal-21.12.1989 dwar rekwiżiti ta' żvelar fir-rigward ta' fergħat miftuħa fi Stat Membru minn ċerti tipi ta' kumpaniji rregolati mil-liġi ta' Stat ieħor (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 36).

18. Jinnota li, fir-rigward tal-limiti stabbiliti fir-Raba' ([1])u s-Seba' ([2]) Direttiva għall-eżenzjoni tal-SME's minn ċerti ħtiġijiet ta' kontabilità u verifika, politika ta' regolazzjoni stabbli u prevedibbli hija element importanti għaċ-ċertezza legali u biex l-ispejjeż amministrattivi tal-kumpaniji jinżammu baxxi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li fuq naħa waħda l-limiti fil-kwistjoni taħt ir-Raba' Direttiva għadhom kemm ġew emendati mid-Direttiva 2006/46/KE ([3]) u l-Istati Membri għandhom sal-5 ta' Settembru 2008 għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva u, fuq in-naħa l-oħra, li t-tkabbir tal-UE żied id-diversità tal-ekonomiji Ewropej u li l-verifikar finali qed jgħin sabiex jiġi inkuraġġit l-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effiċjenti, b'saħħitha u responsabbli;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi t-talba tal-Kunsill fil-Konklużkonijiet tiegħu tat-22-23 ta' Novembru 2007 għal promozzjoni attiva ta' skambju miftuħ fost l-Istati Membri dwar l-aħjar prattiki, imfassal biex jiġbor fil-qosor il-ħtiġijiet ta' rappurtaġġ u għal żieda fl-użu tal-mezzi elettroniċi fir-relazzjonijiet bejn intrapriżi u amministrazzjonijiet pubbliċi u bejn l-intrapriżi stess;

20. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinkuraġġixxi lill-Istati Membri biex jarmonizzaw il-klassifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rappurtaġġ ta' informazzjoni finanzjarja, kif prattikat inter alia fl-Olanda, u biex tintervjeni favur teknoloġiji ġodda bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-obbligi ta' informazzjoni filwaqt li jiġu ppreservati l-benefiċċji li dawn l-obbligi joffru lill-parteċipanti fis-suq, lil dawk li jifformulaw il-politika u lill-amministraturi pubbliċi;

***Sarbanes-Oxley***

21. Jitlob għal eżami tal-burokrazija żejda mhux biss fid-direttivi li tirreferi għalihom il-komunikazzjoni iżda wkoll fid-direttivi u r-regoli ġejjin mill-kuntest tal-Leġiżlazzjoni Sarbanes-Oxley tal-Istati Uniti tal-Amerika, bħar-regoli dwar id-Direttiva dwar it-Trasparenza, id-dispożizzjonijiet legali tal-Komunità dwar il-prospectuses ([4]) u r-Raba' u s-Seba' Direttiva dwar il-kumpaniji;

***Leġiżlazzjoni oħra***

22. Jenfasizza li l-ħolqien ta' ambjent ta' negozju simplifikat iġib miegħu wkoll il-ħtieġa li jinħoloq qafas legali ġdid għall-intrapriżi; jirreferi f'dan il-kuntest għall-Erbatax-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji li tittratta t-trasferiment transkonfinali tal-uffiċċju reġistrat, id-dritt tal-għażla bejn forom ta' negozju b'saff wieħed jew żewġ saffi, u l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għal kumpanija privata Ewropea sa nofs l-2008;

23. Huwa konvint li f'ċerti oqsma dispożizzjonijiet regolatorji huma neċessarji sabiex jinħoloq ambjent ta' intrapriża li jwassal għat-tkabbir, bħal, pereżempju, fil-qasam tat-trasparenza tal-investituri istituzzjonali;

24. Huwa tal-fehma li t-twaqqif ta' Bażi Fiskali Korporattiva Komuni u Konsolidata (CCCTB) jagħmel l-istatut Ewropew tal-kumpaniji aktar utli u effettiv;

25. Huwa tal-fehma li l-inklużjoni ta' taxxi differiti fil-karta tal-bilanċ ifisser piż sproporzjonat għall-SMEs, mingħajr ma joffri gwadan rikonoxxibbli ta' informazzjoni għal min jaqra l-kontijiet annwali; għalhekk jipproponi l-abrogazzjoni ta' dan;

([1]) Ir-Raba' Direttiva 78/660/KEE tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1978 dwar kontijiet annwali ta' ċerti forom ta' kumpaniji (ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11) Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1).

([2]) Is-Seba' Direttiva 83/349/KEE tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1983 dwar kontijiet konsolidati (ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/99/KE.

([3]) Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1).

([4]) Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospectus li għandu jkun pubblikat meta titoli jkunu offerti lill-pubbliku jew ammessi għan-negozju (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64). Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2008/11/KE (ĠU L 76, 19.3.2008, p. 37).

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

26. Jirrakkomanda l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "darba biss" sabiex l-intrapriżi ma jkollhomx għalfejn jgħaddu l-istess tagħrif aktar minn darba jew lil aktar minn persuna waħda;

27. Jirrakkomanda li jsiru konsultazzjonijiet li jikkonċernaw il-ħtieġa u l-vijabilità tal-ħolqien ta' regolatur tas-servizzi tal-kontabilità u tal-verifika;

*
* *

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## In-Nisa u x-Xjenza

P6_TA(2008)0221

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar in-Nisa u x-Xjenza (2007/2206(INI))**

(2009/C 279 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1999 dwar in-Nisa u x-Xjenza ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar ix-xjenza u s-soċjetà u dwar in-nisa fix-xjenza ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003 dwar l-aċċess ugwali u s-sehem indaqs tan-nisa u l-irġiel fis-soċjetà ta' għarfien għat-tkabbir u l-innovazzjoni ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' April 2005 dwar it-tisħiħ tar-riżorsi umani fix-xjenza u fit-teknoloġija fiż-Żona Ewropea ta' Riċerka,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([4]) (FP7),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' aċċess għall-impjieg, taħriġ professjonali u promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol ([5]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Xjenza u Soċjetà tal-4 ta' Diċembru 2001" tal-Kummissjoni (COM(2001)0714),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni bit-titolu "In-Nisa u x-Xjenza: Eċċellenza u Innovazzjoni — Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fix-Xjenza" (SEC(2005)0370),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titolu "Iż-Żona Ewropea ta' Riċerka: Perspettivi Ġodda" (COM(2007)0161), u d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjha (SEC (2007)0412),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2000 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu: "In-Nisa u x-Xjenza — Il-mobbilizzazzjoni tan-nisa għall-arrikkiment tar-riċerka Ewropea" ([6]),

([1]) ĠU C 201, 16.7.1999, p. 1.
([2]) ĠU C 199, 14.7.2001, p. 1.
([3]) ĠU C 317, 30.12.2003, p. 6.
([4]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 269, 5.10.2002, p. 15.
([6]) ĠU C 309, 27.10.2000, p. 57.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2004 dwar il-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, tal-familja u dik privata ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2006 bit-titolu: "Pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006 — 2010" (COM(2006)0092), u r-riżoluzzjoni relevanti tagħha tat-13 ta' Marzu 2007 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2007 dwar qafas regolatorju għal miżuri li jippermettu lil nisa żgħar fl-Unjoni Ewropea li jikkombinaw il-ħajja tal-familja ma' perjodu ta' studju ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea — 2007 ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0165/2008),

A. billi r-riċerka hija wieħed mill-oqsma kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku tal-Unjoni Ewropea, u billi l-Unjoni Ewropea teħtieġ li timpjega 700,000 riċerkatur ieħor sabiex tissodisfa l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjieg,

B. billi riċerkaturi nisa fl-Unjoni Ewropea huma fil-minoranza, b'medja ta' 35 % tar-riċerkaturi li jaħdmu fl-oqsma tal-gvern u tal-edukazzjoni għolja u biss 18 % tar-riċerkaturi li jaħdmu fis-settur privat,

C. billi huwa aċċettat b'mod ġenerali li d-diversità tkattar il-kreattività fl-ambjent intraprenditorjali u dan jista' jingħad li jgħodd ukoll għar-riċerka,

D. billi l-persentaġġ tan-nisa fl-ogħla livelli tal-akkademja rari jkun aktar minn 20 %, u l-irġiel għanhom tliet darbiet aktar ċans min-nisa li jsiru prosessuri jew jiksbu postijiet ekwivalenti,

E. billi anki fl-Istati Membri, id-data maqsuma skond is-sessi li tittratta r-riċerkaturi skond il-kwalifiki, il-qasam tax-xjenza u l-età, għada qajla disponibbli,

F. billi r-riċerkaturi nisa jiltaqgħu ma' aktar diffikultajiet meta jippruvaw jirrikonċiljaw il-ħajja tax-xogħol mal-ħajja tal-familja, meta mqabbla ma' rġiel riċerkaturi,

G. billi n-nuqqas ta' nisa fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija xjentifika għadu sinifikanti,

H. billi r-rappreżentanza tan-nisa fil-korpi ta' teħid ta' deċiżjoni fl-università għadha mhux għolja biżżejjed biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' politika ta' bilanċ bejn is-sessi,

I. billi fil-maġġoranza tal-pajjiżi s-sehem tan-nisa fuq bordijiet xjentifiċi għadu ma laħaqx il-parità,

J. billi wieħed mill-oqsma prijoritarji għall-azzjoni tal-UE imsemmi tal-Pjan Direzzjonali hawn fuq imsemmi għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2006-2010 hija r-rappreżentanza ndaqs fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluża l-mira ta' 25 % tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija fis-settur pubbliku tar-riċerka li jkunu f'idejn in-nisa, li għandha tintlaħaq sa l-2010,

K. billi l-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC) ma laħaqx bilanċ fil-ġeneru b'5 nisa biss mit-22 ruħ fil-Kunsill Xjentifiku tal-ERC,

L. billi, minkejja li n-nisa jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-istudenti tal-UE u 43 % tad-dottorati jinkisbu minnhom, fil-mejda huma għandhom biss 15 % tal-karigi akkademiċi għolja u għaldaqstant għandhom ħafna anqas influwenza fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet fis-settur tar-riċerka,

([1]) ĠU C 102 E, 28.4.2004, p. 492.
([2]) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 56.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0265.
([4]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0423.

M. billi r-rapport tal-Kummissjoni tal-2008 "Mapping the Maze: Getting More Women to the Top in Research" juri li għalkemm evalwazzjonijiet u proċeduri għall-promozzjonijiet trasparenti u ġusti huma strumenti neċessarji, weħedhom mhumiex biżżejjed; jeħtieġ li jkun hemm bidla fil-kultura sabiex jittejjeb il-bilanċ fit-teħid ta' deċiżjonijiet fir-riċerka,

N. billi l-FP7 ma jirrikjedix pjanijiet ta' azzjoni obligatorji fir-rigward tas-sessi għall-proposti ta' proġetti,

O. billi l-istudji wrew li s-sistemi attwali ta' evalwazzjoni u reklutaġġ mhumiex newtrali fejn jidħol il-ġeneru,

1. Jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri għall-fatt li s-sistemi edukattivi fl-Unjoni Ewropea għadhom imantnu sterjotipi tas-sessi, b'mod partikulari fl-oqsma tar-riċerka bħax-xjenzi naturali;

2. Jemmen li huwa ferm importanti li x-xjenza tiġi promossa minn kmieni bħala qasam interessanti għaż-żewġ sessi; iħeġġeġ sabiex dan jitqies meta jkun qed jitħejja materjal edukattiv u fit-taħriġ għall-għalliema; jinkuraġġixxi lill-universitajiet u lill-fakultajiet biex janalizzaw is-sistemi tagħhom ta' għażla għall-ammissjoni sabiex jidentifikaw xi diskriminazzjoni impliċita li jista' jkun hemm bejn is-sessi u sabiex, jekk ikun il-każ, jikkoreġu s-sistema ta' għażla;

3. Jinnota li persentaġġ għoli ta' nisa jabbanduna l-karriera fix-xjenza tul is-snin; huwa tal-fehma li dan il-fenomenu, li ta' sikwit ġie deskritt permezz tal-mudell ta' "pajp imtaqqab", għandu jiġi analizzat fuq il-bażi ta' mudelli differenti, fejn wieħed minn dawn huwa dak tal-"fatturi ta' ripulsjoni u ta' attrazzjoni"; jistieden lill-awtoritajiet konċernati sabiex fil-mument meta jipproponu soluzzjonijiet, jikkunsidraw fatturi differenti bħalma huma l-ambjent tax-xogħol, l-isterjotipi professjonali, il-konkorrenza, l-eżiġenzi fil-qasam tal-mobbilità u r-responsabbilitajiet tal-familja;

4. Jinnota li l-approċċ konvenzjonali għall-evalwazzjoni ta' "eċċellenza" u "rendiment", inter alia fir-rigward ta' numru ta' pubblikazzjonijiet, jista' ma jkunx newtrali mil-lat tas-sessi, iżda huwa ta' limitazzjoni u mhux kapaċi jqis ir-riżorsi disponibbli — bħalma huma l-fondi, l-ispazju, it-tagħmir u l-persunal — u l-kwalitajiet essenzjali f'kull riċerkatur — bħalma hija l-abilità li jiġu organizzat u miżmum flimkien tim ta' riċerka jew li jiġu mħarrġa l-membri ż-żgħar tat-tim;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iqisu d-differenzi bejn il-karrieri tipiċi fix-xjenza tan-nisa u tal-irġiel fid-definizzjonijiet ta' eċċellenza u "riċerkatur tajjeb"; jenfasizza li r-riċerkaturi nisa jikkontribwixxu wkoll għad-dinja tar-riċerka b'perspettivi u għażliet ta' suġġetti ta' riċerka differenti;

6. Jiddispjaċih li l-waqfiet li n-nisa jagħmlu fil-karrieri xjentifiċi għal raġunijiet ta' familja għandhom impatt ħażin fuq l-opportunitajiet ta' karriera għalihom, minħabba li ħafna mill-kollegi rġiel ma jiqfux mix-xogħol u jistgħu jilħqu pożizzjonijiet ta' livell simili f'età iżgħar u jsibu ruħhom f'vantaġġ fil-karrieri tagħhom fil-ġejjieni; għalhekk jistaqsi biex tiġi meqjusa l-eta? bħala kriterju ta' eċċellenza flimkien mas-sitwazzjoni tal-familja, inkluż in-numru ta' dipendenti tar-riċerkatur; jitlob ukoll sabiex il-korpi ta' riċerka u l-universitajiet tal-UE kollha jwaqqfu għotjiet għal dottorati skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali għal-liv ta' maternità;

7. Jirrimarka li limiti ta' età għall-għoti ta' għotjiet jolqtu ħażin liż-żgħażagħ li jieħdu ħsieb persuni dipendenti, u li l-biċċa l-kbira ta' dawn huma nisa; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex f'dawn il-każijiet jiżguraw li jkun hemm implimentati miżuri leġiżlattivi biex jikkoreġu din l-anomalija, pereżempju billi jżidu sena fl-iskadenza għall-applikazzjonijiet għal kull sena li fiha jkun qed jittieħed ħsieb tal-persuna dipendenti;

8. Jinnota li l-mobbilità hija waħda mill-modi kruċjali kif jiġi żviluppat u assigurat il-progress fil-karriera ta' riċerka u jinnota li dan jista' jkun diffiċli biex jiġi rikonċiljat mal-ħajja tal-familja u li għalhekk għandhom jittieħdu miżuri ta' politika adegwati sabiex dan isir aktar vijabbli;

9. Jenfasizza l-irwol tal-infrastruttura sabiex jitħaffef il-bilanċ sostenibbli bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kif ukoll l-importanza li titkabbar is-sigurtà ta' karrieri fix-xjenza;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex itejbu s-sitwazzjoni billi jiġi integrat l-aspett tal-familja permezz ta' possibbilitajiet għal siegħat flessibbli ta' xogħol, faċilitajiet imtejba għall-ħarsien tat-tfal u aċċessibbilità ta' dispożizzjonijiet ta' sigurta? soċjali bejn il-fruntieri; jitlob li jkun hemm kundizzjonijiet għal liv tal-ġenituri li verament jippermettu lill-irġiel u lin-nisa l-liberta? tal-għażla; jisħaq li r-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tal-familja u tax-xogħol hija responsabbilità kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa;

11. Jinnota li r-rapport tal-Kummissjoni tal-2008 msemmi hawn fuq jikkonkludi li impenn mill-ogħla livell huwa vitali sabiex tinkiseb l-ugwaljanza fir-riċerka u li impenn bħal dan irid jidher fil-livell nazzjonali u istituzzjonali;

12. Jistieden lill-Istati Membri sabiex janalizzaw il-fatturi li jiskoraġġixxu l-preżenza tan-nisa f'postijiet għolja f'universitajiet u f'awtoritajiet tal-edukazzjoni, li jnaqqsu serjament l-influwenza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjoni fir-riċerka fl-Unjoni Ewropea, u biex jipproponu soluzzjonijiet adegwati;

13. Jinkuraġġixxi lill-universitajiet, lill-istituti ta' riċerka u lin-negozji privati sabiex jadottaw u jinfurzaw strateġiji ta' ugwaljanza fl-organizzazzjonijiet tagħhom u sabiex iwettqu evalwazzjoni ta' impatt tas-sessi fil-proċessi tagħhom ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

14. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tniedi inizjattivi li jqajjmu kuxjenza fil-komunità xjentifika, kif ukoll fost dawk li jfasslu l-politika, dwar il-kwistjoni tal-opportunitajiet indaqs fix-xjenza u fir-riċerka;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jużaw proċessi ta' reklutaġġ aktar trasparenti u sabiex jipprevedu l-obbligu li jiżguraw bilanċ bejn is-sessi f'bordijiet ta' evalwazzjoni, kumitati ta' għażla u kumitati oħra, kif ukoll bordijiet u kumitati ta' ħatra, b'mira li ma torbotx ta' mhux anqas minn 40 % nisa u mhux anqas minn 40 % rġiel;

16. Jikkritika l-mira mingħajr ambizzjoni u insuffiċjenti li għandha l-UE ta' 25 % ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija fir-riċerka tas-settur pubbliku u jfakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li l-parità tas-sessi timplika mill-inqas 40 % ta' rappreżentanza femminili;

17. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li tingħata attenzjoni lill-parteċipazzjoni tan-nisa fi programmi ta' riċerka xjentifiċi billi jingħata taħriġ immirat għas-sensibbilizzazzjoni dwar il-ġeneru lil dawk li għandhom pożizzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet, lil dawk li jiffurmaw parti minn bordijiet ta' konsultazzjoni jew ta' evalwazzjoni, dawk li jħejju sejħiet għal offerti kif ukoll dawk li jmexxu negozjati ta' offerti u ta' kuntratti;

18. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li fl-għotjiet imressqa taħt l-FP7 tiġi evalwata b'mod pożittiv rappreżentanza bilanċjata ta' rġiel u nisa; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jagħmlu l-istess arranġamenti fil-programmi nazzjonali u reġjonali tagħhom;

19. Iqis il-pjanijiet ta' azzjoni fejn jidħlu kwistjonijiet ta' ġeneru fl-istadju tal-proposta u tal-evalwazzjoni tal-FP7 bħala parti essenzjali tal-istrateġija ġenerali tal-integrazzjoni tas-sessi u tal-politika tal-ugwaljanza bejn is-sessi tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant jemmen li għandhom jibqgħu jkunu parti integrali tal-finanzjament ta' UE għar-riċerka;

20. Jemmen bis-sħiħ li jinħtieġ li jiġu introdotti miżuri speċifiċi ta' reklutaġġ, ta' taħriġ u ta' relazzjonijiet pubbliċi sabiex ikun promoss u mħeġġeġ is-sehem akbar tan-nisa f'oqsma bħat-teknoloġija, il-fiżika, l-inġinerija, l-informatika u oqsma oħra;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu azzjoni pożittiva li tinkuraġġixxi lir-riċerkaturi nisa u sabiex ikunu żviluppati aktar l-iskemi ta' appoġġ u ta' konsulenza, kif ukoll ta' politiki ta' promozzjoni b'objettivi ċari; jinnota li l-iżvilupp ta' strutturi ta' appoġġ bħala gwida għall-karrieri u l-provvediment ta' parir indirizzat, inter alia, lill-xjenzati nisa jistgħu jipproduċu riżultati partikolarment pożittivi;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jintroduċu politiki effettivi sabiex jeliminaw id-differenza fil-pagi bejn is-sessi; jinnota li fil-qasam tax-xjenza l-prinċipju ta' pagi ndaqs għandu japplika wkoll għall-boroż ta' studju u għall-għotjiet;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprovdu għal fondi ta' riċerka mmirati għan-nisa sabiex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' fondi għan-nisa fir-riċerka;

24. Jenfasizza l-importanza li l-bniet jitħeġġu sabiex jieħdu karrieri xjentifiċi u jissuġġerixxi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħmlu dan billi jippromwovu r-riċerkaturi nisa bħala mudelli ta' eżempju u billi jadottaw u jimplimentaw miżuri oħra li jwasslu sabiex jintlaħaq dan l-għan;

25. Jinkoraġixxi lill-Istati Membri biex jippromwovu azzjonijiet li jqajmu kuxjenza sabiex il-bniet jiġu infurmati u mħeġġa jsegwu studji u jiksbu lawrji universitarji fix-xjenza u fit-teknoloġija; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex itejbu l-proċessi ta' skambju ta' għarfien, peress li fl-Istati Membri differenti hemm disponibbli tendenzi differenti ħafna ta' għażliet ta' edukazzjoni;

26. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' programmi speċjali fl-universitajiet li jżidu l-interess ta' bniet żgħar u nisa biex jibdew karrieri fix-xjenza;

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iwaqqfu programmi ta' taħriġ u ta'appoġġ għall-xjenzati nisa żgħar biex jipparteċipaw fi programmi ta' riċerka u applikazzjonijiet għal għotjiet sabiex ikunu mgħejjuna jibqgħu fl-akkademja u fir-riċerka;

28. Jilqa' b'sodisfazzjon l-attivitajiet mwettqa mill-organizzazzjonijiet u mill-aġenziji mhux governattivi fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex jiżdied is-sehem tan-nisa fix-xjenza u jiżdied in-numru ta' nisa xjenzjati f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex isaħħu aktar in-netwerk fost xjenzati nisa fuq livell nazzjonali, reġjonali u tal-UE, fattur li ġie identifikat bħala strument fundamentali biex tingħata s-setgħa lin-nisa sabiex numru akbar ta' nisa xjenzjati jkunu attirati għal karrieri fix-xjenza, sabiex xjenzjati nisa jitħeġġu jipparteċipaw fid-dibattitu politiku u biex jittejjeb il-progress professjonali tagħhom;

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## Green Paper dwar żarmar aħjar ta' bastimenti

P6_TA(2008)0222

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-Green Paper dwar żarmar aħjar ta' bastimenti (2007/2279(INI))**

(2009/C 279 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-"Green Paper dwar żarmar aħjar tal-bastimenti" (COM(2007)0269), adottata mill-Kummissjoni fit-22 ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 6 tat-Trattat, li jistipulaw li r-rekwiżiti tal-ħarsien tal-ambjent għandhom jiġu integrati fis-setturi differenti tal-politika u l-miżuri tal-Komunità sabiex issir promozzjoni ta' żvilupp ambjentali sostenibbli ta' attività ekonomika,

— wara li kkunsidra l-Linjigwida għal pajjiżi Ażjatiċi u t-Turkija dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fiż-Żarmar ta' Vapuri, adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) f'Marzu 2004;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 175 tat-Trattat,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart ([1]) (Regolament dwar vjeġġi ta' skart);

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Movimenti Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi tiegħu (il-Konvenzjoni ta' Basel), li n-Nazzjonijiet Uniti approvat fit-22 ta' Marzu 1989 bħala qafas għar-regolamentazzjoni ta' trasport bil-baħar internazzjonali ta' skart perikoluż,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0156/2008),

A. billi f'kosti varji tal-Ażja tan-Nofsinhar u postijiet oħra vapuri enormi li kienu jbaħħru qed ikunu żarmati skond kundizzjonijiet tax-xogħol li jagħmlu ħsara lill-ambjent u bi trattament mhux uman; billi uħud minn dawn il-vapuri joriġinaw mill-Unjoni Ewropea,

B. billi minħabba spejjeż ta' xogħol baxxi ħafna, regolamenti ta' sigurtà totalment mhux adegwati, u l-assenza totali ta' regolament ambjentali applikabbli għaż-żarmar tal-vapuri, prezzijiet relattivament għolja għall-iskrapp jiġu offruti f'pajjiżi bħall-Bangladexx, l-Indja, il-Pakistan, li jipperswadu ħafna proprjetarji ta' vapuri jagħżlu dwan il-pajjiżi,

C. billi, fi studju tal-2000 ([2]), il-Kummissjoni eżaminat l-ekonomija tal-iskrappjar ta' vapuri, iżda ma ħadet ebda azzjoni għaliex l-istudju qiesha bħala diffiċli ħafna biex ir-riċiklar ta' vapuri jkun vijabbli f'sens ekonomiku u fl-istess waqt jirrispetta standards anbjentali serji; billi din il-prijorità ta' profitti fuq perjodu ta' żmien qasir fuq il-ħajjiet umani u tniġġis ambjentali mhix aċċettabbli,

D. billi huwa ta' dispjaċir li azzjoni possibbli tkun diskussa biss wara każi ta' profil għoli, bħall-attentat tal-gvern Franċiż li jarmi l-vapur li kien iġorr l-ajruplani "Clémenceau" barra l-UE ħoloq għarfien pubbliku dwar din il-kwistjoni,

E. billi t-tħassib politiku li jeżisti kemm f'pajjiżi industrijalizzati u li qed jiżviluppaw rigward il-kwantitajiet dejjem jiżdiedu ta' skart perikoluż li pajjiżi industrijalizzati esportaw lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw għal trattament fihom b'mod mhux ikkontrollat u perikoluż wassal għall-emenda tal-1995 tal-Konvenzjoni ta' Basel li tipprojbixxi b'mod strett it-trasferiment ta' skart perikoluż mill-pajjiżi tal-Organizzazzjoni għal Koperazzjoni Ekonomika u ta' Żvilupp (OECD) għal pajjiżi li mhumiex membri fl-OECD (l-Emenda ta' Projbizzjoni ta' Basel), billi minkejja li din l-emenda ġiet inkorporata b'mod sħiħ fir-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar, b'dispjaċir hija għadha ma daħlitx fis-seħħ fil-livell internazzjonali;

F. billi huwa possibbli għal vapur li jsir skart kif definit fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Basel u fl-istess waqt ikun definit bħala vapur skond regoli internazzjonali oħra, u billi dan in-nuqqas huwa sfruttat b'mod sistematiku, li jwassal għal bosta vapuri tal-UE jkunu skrappjati fl-Ażja bi ksur sħiħ tal-projbizzjoni ta' Basel u d-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu tar-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar,

([1]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.
([2]) Det Norske Veritas / Appledore International, Technological and Economic Feasibility Study of Ship Scrapping in Europe. Rapport Finali (Nru 2000-3527), 13.2.2001.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

G. billi l-Parlament minn qabel, fl-2003, stieden biex ikunu żviluppati linjigwida mill-Kummissjoni biex jindirizzaw dan in-nuqqas waqt ir-reviżjoni tar-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar, iżda l-Kunsill irrifjuta li jaċċetta dan, u minflok kienet posposta aktar azzjoni għall-ħidma konġunta mit-tliet entitajiet internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Basel, l-ILO u l-IMO) biex tistabbilixxi rekwiżiti obbligatorji fil-livell globali;

H. billi kull vapur li fih kwantitajiet sostanzjali ta' sustanzi perikolużi jew mil-liema vapur dawn is-sustanzi ma tneħħewx b'mod xieraq skond il-formolazzjoni tal-Kodiċi tal-Iskart CG 030 tal-OECD u li skond l-elenkar tal-Konvenzjoni ta' Basel huwa klassifikat bħala skart perikoluż, u għalhekk it-trasferiment ta' bastiment bħal dan mill-UE għal pajjiż mhux tal-OECD għal żarmar huwa projbit skond ir-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar, li inkorpora l-Konvenzjoni ta' Basel f'liġi Komunitarja,

I. billi l-vapuri li huma meqjusa bħala skart perikoluż għandhom jiġu żarmati skond kundizzjonijiet ambjentali korretti f'pajjiż tal-OECD jew, wara d-dekontaminazzjoni (sabiex ma jikkostitwixxux aktar skart perikoluż) jistgħu jiġu ttrasferiti għal pajjiżi li mhumiex fl-OECD; billi madankollu dan ir-rekwiżit huwa skartat b'mod sistematiku,

J. billi kemm il-liġi marittima u l-konvenzjonijiet tal-IMO jistipulaw li stati mal-kosta għandhom id-dritt u d-dmir li jinfurzaw dispożizzjonijiet legali internazzjonali relevanti kollha bil-għan li jipproteġu l-ambjent; billi, madankollu, rari jkun hemm konformità mal-Konvenzjoni ta' Basel fir-rigward ta' vapuri għal skrappjar, fost l-oħrajn minħabba nuqqas ta' volontà politika li jkunu eliminati nuqqasijiet u biex ikun indirizzat il-ħabi strutturali ta' responsabilità fis-settur tal-bastimenti, preżentat l-aħjar bil-fenomenu tal-pajjiżi li joffru reġistrazzjoni (flag states),

K. billi fil-livell tal-UE ir-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar huwa l-qafas regolatorju għal implimentar tal-Konvenzjoni ta' Basel, inkluża l-esportazzjoni ta' vapuri fit-tmiem tal-użu tagħhom; billi l-infurzar ta' dak ir-regolament mhux adegwat fir-rigward ta' vapuri għal skrappjar, billi vapuri li huma proprjetà ta' Ewropej, jew li joperaw f'ilmijiet Ewropej jew li jtajru bandiera tal-UE, imorru fi vjaġġ aħħari "normali", u jkunu biss dikjarati bħala skart ladarba jħallu l-ilmijiet Ewropej, mingħajr mekkaniżmi ta' kontroll ulterjuri jew gwida ta' infurzar biex iwaqqfu ksur bħal dan tal-liġi internazzjonali u Komunitarja,

L. Jirreferi għall-preambolu tar-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar, li jistipula li "Huwa meħtieġ li jkun żgurat l-immaniġġjar sikur u ambjentali serju għal żarmar tal-vapur biex ikunu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent",

M. billi bil-ħsieb tat-tneħħija ta' nuqqasijiet misjuba fir-reġim tal-Konvenzjoni ta' Basel, l-IMO qed tħejji abbozz ta' konvenzjoni mfassal biex isolvi din il-problema mad-dinja kollha;

N. billi fis-Seba' Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Basel, partijiet li jinkludu l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, biex ikun applikat aktar sforz fir-rigward tal-prevenzjoni tal-esportazzjoni ta' vapuri tossiċi, stiednu lill-IMO biex tkompli tqis it-twaqqif fir-regolamenti tagħha ta' rekwiżiti obbligatorji, inkluża sistema ta' rappurtar għal vapuri destinati għal żarmar, li tiżgura livell ta' kontroll ekwivalenti għal dak stabbilit skond il-Konvenzjoni ta' Basel u biex tkompli b'ħidma mmirata lejn twaqqif ta' rekwiżiti obbligatorji li jiżguraw immaniġġjar ambjentali serju ta' żarmar ta' vapuri, li jistgħu jinkludu it-tindif ta' kontaminazzjoni minn qabel fi ħdan l-iskop tagħha,

O. billi l-abbozz tal-Konvenzjoni tal-IMO dwar riċiklaġġ tal-vapuri fil-forma attwali tiegħu ma stabbilixxiex livell ta' kontroll ekwivalenti għal dak tal-Konvenzjoni ta' Basel u r-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar, lanqas l-abbozz ta prova li tkun evitata l-esportazzjoni ta' skart tossiku għal pajjiżi li qed jiżviluppaw, lanqas ma ħaseb f'mekkaniżmi bbażati fuq il-prinċipju li min iniġġes iħallas, u lanqas il-prinċipju ta' sostituzzjoni għal disinn ta' vapur li ma jagħmlix ħsara lill-ambjent, lanqas standards verifikati għal tarznari ta' riċiklar ta' vapuri, fost tħassib ieħor, u huwa possibbli f'kull każ li ma jkunx jista' jkun ratifikat minn stati ta' riċiklar ta' vapuri attwali jew stati tal-bandiera prominenti,

P. u billi, f'kull każ, huwa previst li jistgħu jgħaddu s-snin biex konvenzjoni tal-IMO bħal din tiġi adottata, u wara dan jistgħu jgħaddu snin biex tidħol fis-seħħ minħabba proċess ta' ratifika li jieħu fit-tul,

Q. billi l-UE għandha kapaċità suffiċjenti biex iżżarma l-vapuri tagħha (dawk li jbaħħru b'reġistrazzjoni tal-UE jew fil-pussess ta' pussessuri tal-UE) b'mod nadif u billi dan japplika b'mod partikulari għall-flotta ta' bastimenti merkantili; billi n-nuqqas ta' kapaċità se jiżdied b'mod drammatiku fl-2010 minħabba t-tneħħija mis-servizz aċċellerat ta' tankers b'buq wieħed,

R. billi azzjoni regolatorja konkreta fil-livell tal-UE għalhekk hija urġenti ħafna jekk dawn it-tankers b'buq wieħed mhux se jagħmlu aktar ħsara lill-bajjiet u xtajtiet ta' xmajjar tal-Ażja tan-Nofsinhar; billi m'hemm ebda skuża għal falliment milli tittieħed azzjoni, b'mod partilulari peress li dawn it-tankers b'buq wieħed jistgħu jkunu identifikati b'mod ċar,

S. billi s-suq primarju għaż-żarmar tal-vapuri attwalment jopera fil-parti l-kbira tal-każijiet taħt kundizzjonijiet foqra ħafna, li jiksru serjament il-prinċipji soċjali, ambjentali u tas-saħħa aċċettati fl-UE,

1. Iqis li huwa etikament mhux aċċettabbli li jkunu permessi kundizzjonijiet umanament degradanti u ambjentalment distruttivi involuti fiż-żarmar ta' vapuri biex ikomplu aktar, b'hekk ikun aċċettat li s-saħħa ta' eluf ta' impjegati fil-Lvant Imbiegħed tkun imqiegħda f'riskju;

2. Jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea hija parzjalment responsabbli għall-problemi soċjali u ambjentali eżistenti fil-qasam taż-żarmar tal-vapuri; għalhekk jistieden għal azzjoni immedjata u konkreta min-naħa tal-UE, f'koperazzjoni mal-IMO, biex titwaqqaf il-prattika ta' dumping soċjali u ambjentali li tirriżulta minn inċentivi ekonomiċi u biex tinkiseb soluzzjoni globali sostenibbli;

3. Iqis li mhux aċċettabbli f'sens etiku li t-tfal jintużaw minn xi kuntratturi taż-żarmar biex iwettqu xogħol iebes u perikoluż u li dawn it-tfal għandhom ikunu provduti minflok b'edukazzjoni u b'faċilitajiet rikreattivi suffiċjenti;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Green Paper tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq li jiddiskuti fid-dettall il-problemi soċjali u ambjentali serji ħafna marbuta maż-żarmar ta' vapuri fin-Nofsinhar tal-Ażja; iżda, jenfasizza li din l-inizjattiva hija mill-inqas għaxar snin tard;

5. Iqis li miżuri prattiċi jridu jittieħdu malajr fil-livell Ewropew u dak internazzjonali, bl-iskop ewlieni li jkunu protetti s-saħħa pubblika u l-ambjent mingħajr ma l-problemi jintefgħu fuq pajjiżi oħra; filwaqt li l-aktar mod komprensiv li jintlaħaq dan il-għan ikun li tiġi adottata u implimentata konvenzjoni internazzjonali li tistabbilixxi obbligi li jorbtu l-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' żarmar tal-vapuri; dan il-metodu mimli ostakoli u dewmien u għalhekk m'għandux jissostitwixxi azzjoni urġenti tal-UE;

6. Iqis li ż-żarmar tal-vapuri se jkompli jkollu impatt soċjali u ekoloġiku anki fil-futur imbiegħed, b'mod partikulari minħabba li l-ammont ta' vapuri li qed jinbnew ilu jiżdied għal numru ta' snin; għalhekk jenfasizza l-importanza kontinwa tal-innovazzjoni u l-iżvilupp Ewropej fl-industrija tal-bini tal-vapuri sabiex il-vapuri jkunu aħjar u jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tipproċedi b'enerġija kbira bil-programm LeaderSHIP 2015;

7. Jenfasizza li m'hemmx ħin x'jintilef, peress li prevedibbilment se jiġu skrappjati kważi 800 tanker b'buq singolu fl-2010 ([1]); jinnota li konvenzjoni tal-futur tal-IMO għandha timmira li tindirizza l-kwistjoni iżda mhux probabbli li tidħol fis-seħħ qabel l-2012; jitlob biex miżuri effettivi jittieħdu fuq livell tal-UE qabel l-2010, qabel l-adozzjoni tal-Konvenzjoni tal-IMO u qabel is-sena kruċjali fil-fażi aċċellerata tat-tneħħija tat-tankers b'buq singolu;;

([1]) Kummissjoni Ewropea Direzzjoni Ġenerali Enerġija u Trasport: Rapport finali tal-COWI dwar "*Oil tanker phase-out and the ship-scrapping industry*" ta' Ġunju 2004.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji abbozz ta' linji gwida u mekkaniżmi rekwiżiti fis-sens li kull vapur għall-iskrapp u li ma jissodiffax ir-rekwiżiti kollha tal-konvenzjonijiet internazzjonali u, b'konsegwenza ta' dan ma jkollux ċertifikazzjoni valida maħruġa minn reġistri rikonoxxuti mill-UE, jitqies bħala 'skart', skond id-definizzjoni tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart ([1]) biex tkun evitata l-evażjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar vjeġġi ta' skart, biex teżamina l-kwistjoni dwar meta Stat Membru jista' jitqies bħala 'stat ta' esportazzjoni' skond ir-Regolament dwar vjeġġi ta' skart, u bl-istess mod biex tiġi eżaminata l-kwistjoni ta' meta Stat Membru jista' jitqies bħala 'stat ta' esportazzjoni' skond ir-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar, inklużi l-istati tal-port, l-istati tal-bandiera, u l-istati li għandhom ġuriżdizzjoni fuq il-proprjetarji tal-bastimenti, u sabiex jiġi żgurat l-irtirar mis-suq mingħajr problemi u sikur ta' dawk il-vapuri li jkunu laħqu l-limitu tal-'ħajja' operattiva tagħhom;

9. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jimplimentaw ir-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar b'mod aktar effettiv permezz ta' spezzjonijiet u superviżjoni aktar stretti mill-awtoritajiet fl-Istati Membri, bil-ħsieb li tingħata s-setgħa lill-istati tal-port, l-istati tal-bandiera, u l-istati li għandhom ġuriżdizzjoni fuq il-proprjetarji tal-bastimenti (ġeneraturi tal-iskart) biex jiddikjaraw li bastiment huwa 'fit-tmiem tal-użu tiegħu' u għalhekk huwa skart irrispettivament jekk għadux jopera jew le;

10. Jappoġġja inizjattivi fil-livell internazzjonali biex jiksbu standards minimi li jorbtu dwar riċiklar u jippromwovu t-twaqqif ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ nodfa bi ħsieb xieraq għal kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwistjonijiet assoċjati ta' saħħa u sikurezza, b'mod speċjali fil-faċilitajiet tal-iskrapp tal-Ażja tan-Nofsinhar, biex ikunu protetti l-ħaddiema u l-ambjent mill-impatti negattivi ta' skart perikoluż u prattiki ta' xogħol perikolużi;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor u żżomm lista ta' vapuri li jbaħħru bil-probabilità li jkun skrappjati fi żmien ftit snin u biex taħseb f'mekkaniżmi fejn vapuri bħal dawn jitqiesu bħala "vapuri ta' qabel l-iskart" li għalihom jeħtieġ li jitfassal pjan ta' rimi qabel ma' jinbiegħu għal skrappjar; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet portwali, li jrid ikollhom is-setgħa li jidentifikaw vapuri "li waslu fi tmiem tal-użu tagħhom", biex jużaw din il-lista biex jaċċelleraw l-immonitorjar ta' dawn il-vapuri, li jistgħu jkunu skrappjati. iqis li, f'dan ir-rigward, adozzjoni ta' malajr tar-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar il-kontroll tal-istat ta' port ([2]) tkun mixtieqa;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinnegozjaw konvenzjoni tal-IMO li tinkorpora rekwiżiti estensivi u regolamenti li:

— jiżguraw livell ta' kontroll mill-inqas ekwivalenti għal dak tal-Konvenzjoni ta' Basel,

— jipprovdu għal sikurezza globali għolja u standard ambjentali għal riċiklaġġ ta' vapuri li jkun verifikat u ċertifikat minn parti terza,

— jiskwalifikaw l-"beaching" bħala metodoloġija xierqa għal żarmar,

— ma jippermettux żarmar ta' vapuri minn partijiet mhux ikkonċernati;

— jistabbilixxu l-prinċipju ta' sostituzzjoni biex ikun eliminat l-użu attwali ta' materjali perikolużi fil-kostruzzjoni ta' vapuri ġodda;

u jqis li din il-konvenzjoni tal-futur għandha timponi rekwiżit jew biex jitneħħew il-materjali perikolużi kollha minn vapuri qodma qabel dawn il-vapuri jiġu skrappjati għal żarmar lejn pajjiżi mhux tal-OECD jew biex jibgħatuhom lejn faċilitajiet ta' riċiklaġġ awtorizzati speċjali fl-OECD jew pajjiżi tal-UE li jikkonformaw ma' standards ta' sikurezza u ambjentali definiti b'mod ċar;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra miżuri possibbli biex jitnaqqsu l-implikazzjonijiet finanzjarji potenzjali taż-żarmar tal-vapuri billi jiġu stabbiliti standards ta' produzzjoni aktar stretti, bħal restrizzjoni fuq l-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi;

---

([1]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar l-infurzar, fil-każ ta' bastimenti li jużaw il-portijiet tal-Komunità u jbaħħru fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, ta' normi internazzjonali dwar is-sigurtà tal-bastimenti, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-ħajja u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord (il-kontroll portwali tal-Istat) *(ĠU L 157, tas-7.7.1995, p. 1).*

14. Jirrakkomanda b'mod qawwi l-isforzi tal-UE li jimmiraw biex jissalvagwardjaw standards minimi li jiżguraw l-ogħla protezzjoni ambjentali, tas-saħħa u tas-sikurezza u jinkludu b'mod partikulari regolamenti għat-tfassil u kostruzzjoni ta' vapuri, l-operazzjoni tagħhom, il-preparazzjoni ta' vapuri għal riċiklaġġ, l-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ ta' vapuri u t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' infurzar xieraq għal riċiklaġġ ta' vapuri, li jinkorpora rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni u ta' rappurtar;

15. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta bħala kwistjoni ta' urġenza sistema effiċjenti ta' kontrolli fuq l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Basel fuq vapuri destinati għal skrappjar;

16. Iqis li mmonitorjar tal-implimentazzjoni tal-konvenzjoni tal-IMO tal-futur għandha tkun stretta bħal fil-każ tal-Konvenzjoni ta' Basel: l-istandards u l-obbligi relevanti kollha tal-ILO jridu jkunu inkorporati fl-istrument, b'ebda eċċezzjoni permessa, nuqqasijiet serji fl-interpretazzjoni u infurzar tal-qafas regolatorju attwali jridu jkunu eliminati u jittieħdu miżuri biex jevitaw vapuri fit-tmiem tal-użu tagħhom li fihom skart perikolużjew li huma nfushom jikkostitwixxu skart perikoluż milli jitilqu għal pajjiżi mhux fl-OECD, jew għal pajjiżi fl-OECD stallazzjonijiet mhux adegwati u li m'humiex partijiet kontraenti għal din il-konvenzjoni;

17. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, fuq il-livell Ewropew u internazzjonali, immirati lejn is-salvagwardja ta' standards minimi li jiżguraw l-ogħla livelli ta' protezzjoni għall-ambjent, għas-saħħa u għas-sikurezza u lejn ir-rispett tal-prinċipju miġbur fl-Artikoli 34 u 36 tar-Regolament dwar vjeġġi ta' skart (li jimplimenta 'l-Emenda ta' Projbizzjoni ta' Basel') li għandu jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' skart perikoluż lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw; għal dan il-għan jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi regolament dwar id-disinn u l-bini tal-vapuri, it-tħaddim tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u l-preparazzjoni tagħhom għar-riċiklaġġ, l-operat tal-faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-vapuri u t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' infurzar xieraq għar-riċiklaġġ tal-vapuri, li jinkorpora ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni u ta' rapportaġġ;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis id-deċiżjonijiet tat-tielet sessjoni li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt tal-ILO/IMO/Konvenzjoni ta' Basel dwar Skrappjar ta' Vapuri (il-Konvenzjoni ta' Basel) dwar attivitajiet konġunti ta' koperazzjoni teknika u approċċ koordinat ta' miżuri temporanji li jridu jittieħdu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni tal-IMO l-ġdida dwar riċiklaġġ tal-vapuri;

19. Jitlob għal miżuri immedjati għall-iżvilupp ta' industrija kompetittiva għaż-żarmar ta' vapur fir-rispett tal-ambjent u ta' rimedjazzjoni (pre-cleaning) fl-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri f'dan ir-rigward biex jitolbu t-tindif minn qabel u riċiklaġġ nadif tal-vapuri kollha li huma proprjetà tal-Istat, inklużi vapuri tal-gwerra, u biex iżarmawhom b'mod sikur u serju għall-ambjent fil-faċilitajiet tal-UE li għandhom jitwettqu permezz ta' offerti pubbliċi b'regoli tal-akkwist pubbliku stretti b'rispett sħiħ tar-Regolament dwar vjeġġi ta' skart; huwa tal-opinjoni li l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' skrappjar fit-tarzni Ewropej għandu jiġi promoss fil-qafas tal-politika komuni industrijali, strutturali u ta' koeżjoni;

20. Huwa tal-fehma li l-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru u l-vapuri kollha li jidħlu fil-portijiet tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu obbligati jġorru lista tal-materjali u tal-prodotti wżati fil-bini u t-tiswija tagħhom;

21. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa lista ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ ta' vapuri preferuti li jikkonformaw ma' standards internazzjonali rikonoxxuti tad-drittijiet tal-bniedem u tas-saħħa u s-sikurezza; jilqa' s-suġġeriment mill-Kummissjoni li sistemi ta' ċertifikazzjoni u ta' tikkettar għandhom ikunu stabbiliti għal faċilitajiet ta' riċiklaġġ sikuri u nodfa u jqis li sussidji tal-Komunità għandhom jingħataw lill-industrija tat-tbaħħir biss bil-kundizzjoni li huma jadottaw ir-Regolament ta' Trasport ta' Skart bil-Baħar u rekwiżiti tal-UE oħrajn, bħall-użu ta' faċilitajiet ċertifikati u verifikati regolarment; jenfasizza li din mhix intenzjoni li jinqered is-suq tan-Nofsinhar tal-Ażja għaż-żarmar tal-vapuri, iżda sabiex dan jibqa' jinżamm bis-saħħa ta' metodi li jirrispettaw l-ambjent;

22. Iqis li hemm bżonn li l-UE, tkun fuq quddiem u theġġeġ azzjoni globali, b'għan ċar li jispiċċaw bil-mod il-prattiki attwali taż-żarmar tal-vapuri fin-nofsinhar tal-Ażja, u li tersaq lejn l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' Konvenzjoni internazzjonali li tistabbilixxi standards ambjentali u soċjali għall-partijiet involuti kollha;

23. Jistieden għal strateġija globali li tiżgura li r-riċiklaġġ tal-vapuri jitwettaq b'mod li dawk kollha involuti fil-proċess (inklużi s-sidien tal-vapuri, il-faċilitajiet tar-riċiklaġġ/taż-żarmar, l-istat tal-bandiera tal-vapur, l-Istat fejn se jseħħ ir-riċiklaġġ tal-vapur, eċċ.) ikunu kkoordinati u jerfgħu s-sehem rispettiv tar-responsabiltà tagħhom;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri speċifiċi għall-promozzjoni tat-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija sabiex jgħinu lill-postijiet ta' żarmar fin-Nofsinhar tal-Ażja jikkonformaw ma' standards internazzjonali tas-sikurezza u tal-ambjent; jemmen li dan l-iskop għandu jitqies fil-qafas l-aktar wiesa' tal-politika tal-UE tal-għajnuna għall-iżvilupp lejn dawn il-pajjiżi; f'dan il-kuntest, iqis li l-użu tat-tagħrif possibbli ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-sindikat;

25. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati diġà miksuba permezz tal-proġett ShipDismantl iffinanzjat permezz tas-Seba' Programm ta' Qafas għall-iiżvilupp tar-Riċerka u t-teknoloġija, li taħtu qed jiġu żviluppati sistemi ta' appoġġ li se jkunu disponibbli mingħajr ħlas għall-industrija taż-żarmar tal-vapuri madwar id-dinja; huwa konvint li se jkun possibbli li jsir titjib ulterjuri bħala riżultat tas-sejħiet il-ġodda għal proposti li jikkonċentraw b'mod speċifiku fuq strateġiji għall-bastimenti li jkunu waslu fi tmiem l-użu tagħhom;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tistudja u tevalwa bir-reqqa l-benefiċċji ta' koperazzjoni finanzjarja mtejba ma' siti ta' żarmar magħżula fin-Nofsinhar tal-Ażja u l-investimenti diretti f'dawn is-siti, biex b'hekk tgħin biex jiġi ffurmat netwerk ta' siti ta' żarmar ċertifikati u approvati mill-UE li jkun jista' jiġġenera qligħ ikbar mill-investiment f'termini ekonomiċi, ambjentali u soċjali.

27. Iqis li l-prinċipju li min iħammeġ iħallas, il-prinċipju tar-responsabbilità estiża tal-produttur, u l-prinċipju tar-responsabilità tal-produttur għandu jiġi applikat b'mod estensiv bil-ħsieb ta' soluzzjoni strutturali ta' din il-problema;

28. Huwa tal-ħsieb li l-operatur/pussessur tal-vapur huwa dejjem responsabbli mill-effetti ta' ħsara taż-żarmar fuq il-ħaddiema, is-saħħa pubblika u l-ambjent, indipendentement mill-post fejn iż-żarmar iseħħ (kemm ġewwwa u kemm barra l-UE);

29. Jilqa' l-proposta għall-ħolqien ta' fond għall-iskrappjar ta' vapuri u jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jaħdmu b'determinazzjoni favur il-għan li jitwaqqaf dan il-fond kemm fil-livell tal-IMO kif ukoll dak tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward biex ukoll tinvestiga l-mekkaniżmu finanzjarju disponibbli li jinvolvi sew it-tarzni u kif ukoll is-sidien tal-vapuri u li jinkludi rekwiżit ta' assigurazzjoni obbligatorju u l-użu ta' ħlasijiet portwali, taxxi fuq vapuri ġodda u taxxi annwali marbuta mar-reġistrazzjoni tal-IMO, biex jiġu żgurat riċiklaġġ ambjentali serju mill-mument meta vapur jibda jopera, filwaqt li jitqies li bastiment jista' jkollu aktar minn sid wieħed matur il-ħajja utli tiegħu;

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvernijiet tal-Bangladexx, iċ-Ċina, l-Indja u l-Pakistan u lit-Turkija, kif ukoll lill-IMO.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

# Bidla fil-klima: sejbiet u rakkomandazzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjonijiet

P6_TA(2008)0223

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-fatti xjentifiċi tal-bidla fil-klima: sejbiet u rakkomandazzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjonijiet (2008/2001(INI))**

(2009/C 279 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' April 2007 dwar it-twaqqif ta' kumitat temporanju dwar il-bidla fil-klima ([1]), adottata skond l-Artikolu 175 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-8-9 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Laqgħa Għolja tal-G8 tas-7 ta' Gunju 2007, maħruġa f'Heiligendamm, u b'mod partikolari it-taqsima ntitolata dwar "Il-Bidla fil-Klima, l-Effiċjenza Enerġetika u s-Sigurtà Enerġetika — Sfida u Opportunità għat-Tkabbir Ekonomiku tad-Dinja",

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tar-Raba' Rapport ta' Evalwazzjoni (AR4) tal-Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC), maħruġ f'Valencia, Spanja, fis-17 ta' Novembru 2007, u l-istudji ulterjuri kkummissjonati mill-gvernijiet nazzjonali jew imwettqa minn entitajiet oħra tan-Nazzjonijiet Uniti (NU),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata "Il-progress lejn l-ilħiq tal-Għanijiet ta' Kjoto" (COM(2007)0757),

— wara li kkunsidra l-Laqgħa Parlamentari Konġunta dwar il-Bidla fil-Klima bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali ta' 1-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati tal-1-2 ta' Ottubru 2007,

— wara li kkunsidra t-Tlettax-il Konferenza tal-Partijiet (COP 13) għall-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC) u t-Tielet Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (COP/MOP 3) li saru f'Bali, l-Indoneżja, mit-3 sal-15 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra s-seduti ta' smigħ pubbliċi u ta' skambju ta' fehmiet ma' personalitajiet ta' livell għoli u r-riżultati taż-żjarat tad-delegazzjonijiet li saru mill-Kumitat temporanju dwar il-Bidla fil-Klima tal-Parlament, u b'mod partikulari wara li kkunsidra t-tagħrif miġbur permezz tal-preżentazzjonijiet tal-esperti u d-dibattitu sussegwenti waqt is-Sessjoni Tematika tal-10 ta' Settembru 2007 dwar "L-impatt klimatiku ta' livelli differenti ta' tisħin",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Procedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-Kumitat temporanju dwar il-Bidla fil-Klima (A6-0136/2008),

A. billi l-mandat tal-Kumitat temporanju dwar il-Bidla fil-Klima jitlob lill-kumitat biex jifformula rakkomandazzjonijiet dwar il-politika integrata għall-ġejjieni tal-UE dwar il-bidla fil-klima; billi rakkomandazzjonijiet ta' dan it-tip għandhom ikunu bbażati fuq ir-riċerka l-aktar sofistikata, u m'għandhomx jeskludu l-aktar evidenza xjentifika riċenti,

([1]) ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 652.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

B. billi r-rapport interim tal-Kumitat temporanju jindirizza esklussivament l-impatti u l-effetti tal-bidla fil-klima b'bażi fl-evidenza xjentifika; billi r-rapport finali se jifformula proposti dwar il-politika integrata għall-ġejjieni tal-UE dwar il-bidla fil-klima bi qbil mal-mandat mogħti lill-kumitat u fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha miġbura minnu waqt ħidmietu; billi dak ir-rapport finali se jinkludi wkoll il-pożizzjoni tal-Parlament fin-negozjati li jirrigwardaw il-qafas internazzjonali għall-politika klimatika wara l-2012, waqt li jitqies is-COP 14 li se jsir f'Poznan, fil-Polonja, f'Diċembru 2008,

C. billi l-kunsens xjentifiku dwar l-oriġini u l-kawżi tal-bidla fil-klima hu stabbilit sew u rikonoxxut globalment kemm fl-IPCC u barra minnu; billi l-għarfien u l-fehim xjentifiku tal-oriġini umani li huma l-bażi tat-tendenza attwali ta' tisħin globali kibru enormement mill-ewwel rapport ta' evalwazzjoni tal-IPCC fl-1990 u issa huma meqjusa bħala fatti xjentifiċi; billi hemm kunsens xjentifiku stabbilit fil-fond dwar l-irwol li kellhom l-emissjonijiet antropoġeniki ta' gassijiet b'effett ta' serra fil-klima globali; billi, meta titqies l-evalwazzjoni tar-riskju pprovduta, l-inċertezza titlob azzjoni u mhux posponiment ta' azzjoni,

D. billi l-għarfien dwar il-bidla fil-klima u l-kawżi tat-tisħin globali miġbura s'issa permezz tar-riċerka u l-ġbir ta' data hu biżżejjed biex jistimula azzjoni politika u t-teħid ta' deċiżjonijiet li hemm bżonn b'mod urġenti biex l-emissjonijiet jitnaqqsu b'mod sostanzjali ħafna u biex jitħejja l-adattament għal bidla fil-klima li ma tistax tiġi evitata,

E. billi, skond l-AR4 tal-IPCC l-emissjonijiet tas-$CO_2$ żdiedu b'madwar 80 % bejn l-1970 u l-2004 u dawn iż-żidiet huma dovuti l-aktar għall-użu ta' fjuwils fossili,

F. billi r-riċerka bbażata fuq osservazzjonijiet u mudelli turi r-riskju ta' impatt serju fuq il-pjaneta tagħna jekk ma jittieħdux miżuri malajr biex titnaqqas l-veloċità ta' żidiet ulterjuri fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ u ta' gassijiet oħra b'effett ta' serra, kif imniżżel fil-lista ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-IPCC, jew saħansitra biex dawn iż-żidiet fl-emissjonijiet jitwaqqfu,

G. billi, mill-perjodu ta' reviżjoni u l-publikazzjoni sussegwenti tal-AR4 tal-IPCC, diversi studji xjentifiċi ġodda kejlu u ppreżentaw data li tikkonferma t-tendenza ta' tisħin globali u evalwaw ulterjurment l-implikazzjonijiet tal-bidla fil-klima fuq il-bniedem f'termini soċjali, ekonomiċi u ekoloġiċi, kif ukoll il-ħtieġa li nadattaw għaliha u nrażżnuha,

H. billi r-Rapport Stern ikkonkluda li, jekk ma jittieħdu l-ebda miżuri, l-ispiża fis-sena tal-bidla mbassra fil-klima se tkun ta' bejn 5 % u 20 % tal-GDP fl-2050; billi l-istess rapport jikkonkludi li l-objettivi dwar il-klima jistgħu jintlaħqu jekk, minn issa stess, jintefaq 1 % tal-GDP kull sena fuq miżuri li jikkonċernaw dan il-qasam,

I. billi d-dibattitu xjentifiku li għadu għaddej m'għadux jiddubita l-kawżi li minnhom jirriżultaw it-tisħin globali u l-bidla fil-klima; billi d-dibattitu xjentifiku kollu kull m'hu espressjoni ta' progress xjentifiku mmirat biex jiġu ċċarati l-inċertezzi jew id-dubji li għad fadal u storikament hu kkaratterizzat mit-tiftix għal fehim iktar fil-fond tal-impatt tal-bniedem fuq il-proċessi naturali,

J. billi studji xjentifiċi reċenti taw prova ulterjuri tat-tħarbit antropoġeniku tal-atmosfera tad-dinja; billi x-xjenza fiżika tal-bidla fil-klima qed tevalwa l-implikazzjonijiet konkreti tal-livelli diġà eżistenti ta' tisħin globali kkawżat minn emissjonijiet storiċi; billi d-data miġbura minn studji ta' dan it-tip tenfasizza l-bżonn urġenti li jiġu implimentati miżuri ta' adattament sabiex jiġi limitat ir-riskju allarmanti għall-bniedem, għall-bijodiversità tal-flora u tal-fawna, għall-ambjenti naturali u l-infrastruttura, l-ewwel u qabel kollox fid-dinja li qed tiżviluppa imma anke fl-Ewropa u fi nħawi oħra tad-dinja li huma aktar sinjuri,

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

K. billi x-xjenza identifikat numru ta' hekk imsejħa "punti fejn jinqabeż il-limitu" fis-sistema klimatika tad-dinja; billi dan it-tip ta' "punti fejn jinqabeż il-limitu" jirrappreżentaw "punti minn fejn ma terġax lura" għall-impatti tal-bidla fil-klima li prattikament huma irriversibbli u li ma jistgħux jiġu mmaniġġjati b'mod raġonevoli mill-bniedem; billi dawn il-"punti fejn jinqabeż il-limitu" u l-proċessi bijoġeofiżiċi li ma jistgħux jitwaqqfu li nbdew minħabba f'hekk ma jistgħux ikunu kompletament inklużi fix-xenarji attwali dwar il-klima tal-ġejjieni; billi dawn il-"punti fejn jinqabeż il-limitu" jinkludu: id-dewbien tal-permafrost, bir-riżultat li jinħelsu kwantitajiet kbar ta' metanu fl-atmosfera; id-dewbien tal-glaċieri, li jwassal għal żieda fir-rata tal-assorbiment tad-dawl tax-xemx u rata aktar baxxa ta' solubilità tad-$CO_2$ fl-ilma baħar li ġġib magħha żieda fit-temperatura; billi, maż-żieda fit-temperatura, dawn il-fatturi għandhom it-tendenza li jaggravaw it-tisħin globali, minħabba effett ta' kontroreazzjoni pożittiva,

L. billi 20 % sa 30 % tal-ispeċijiet kollha huma mistennija li jkunu f'riskju miżjud ta' estinzjoni jekk ikun hemm żieda fit-temperatura ta' bejn 1.5°C u 2.5°C; billi l-persentaġġ ibbażat fuq żieda ta' 3.5°C fit-temperatura hu ta' 40 %-70 %, u b'hekk ikun kritiku li titrażżan il-bidla fil-klima sabiex titħares il-bijodiversità globali u jinżammu s-servizzi tal-ekosistemi,

M. billi aktar minn 70 % ta' wiċċ id-dinja huwa kopert minn oċeani; iktar minn 97 % tal-ilma tal-pjaneta qiegħed fl-oċeani; l-oċeani jipprovdu 99 % tal-ispazju għall-għajxien fid-dinja; il-ħut jipprovdi l-ogħla persentaġġ tal-proteina kkunsmata fid-dinja mill-bnedmin, li jiddependu minnu 3.5 biljun persuna bħala sors primarju tal-ikel tagħhom; u tliet kwarti tal-akbar bliet qegħdin qrib il-baħar,

N. billi l-kunsens xjentifiku kif espress fl-AR4 tal-IPCC jwassal għall-konklużjoni li l-livell ta' emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra jrid jitnaqqas b'50 % sa 85 %, meta mqabbel mal-2000, biex jiġu evitati riskji serji; billi se jkun dejjem aktar diffiċli biex jinkiseb dan l-objettiv jekk l-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra jkomplu jiżdiedu sa l-2020 u iktar tard; billi kważi l-Istati Membri kollha qed jagħmlu progress tajjeb fl-isforzi tagħhom biex jikkonformaw mal-objettivi individwali tagħhom tal-UE dwar il-qsim tal-piż, biex b'hekk iżidu l-possibilità li l-UE tilħaq l-objettiv tagħha ta' Kjoto sa l-2012; billi, madankollu, wara l-2012 l-Istati Membri se jkollhom inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'mod aktar ambizzjuż jekk iridu jilħqu l-objettivi adottati fil-Kunsill Ewropew msemmi hawn fuq tat-8-9 ta' Marzu 2007, li jridu jinkisbu b'mod kollettiv mill-pajjiżi żviluppati, li jnaqqsu b'60 % sa 80 % l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra sa l-2050, meta mqabbla mal-1990,

O. billi l-AR4 tal-IPCC juri li kontroreazzjonijiet pożittivi bejn it-tisħin u t-tnaqqis ta' assorbenti tal-karbonju fl-art u fl-oċeani jistgħu jirrikjedu li jkun hemm tnaqqis ulterjuri sostanzjali fl-emissjonijiet sabiex il-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jiġu stabilizzati,

P. billi hemm kunsens politiku fl-UE dwar l-importanza vitali li jintlaħaq l-objettiv strateġiku li tiġi limitata ż-żieda tat-temperatura medja globali għal mhux aktar minn 2°C aktar mil-livelli preindustrijali; billi t-temperatura globali diġà żdiedet b'0.74°C matul l-aħħar seklu, u inevitabbilment se tibqa' tiżdied b'0.5-0.7°C minħabba l-emissjonijiet storiċi,

Q. billi, skond l-AR4 tal-IPCC, l-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra żdiedu miż-żminijiet preindustrijali u bħalissa qed jiżdiedu b'rata aktar mgħaġġla minn qatt qabel, b'żieda ta' 70 % bejn l-1970 u l-2004 u żieda sinifikanti ta' 24 % mill-1990; billi ħafna sistemi naturali fil-kontinenti kollha u l-biċċa l-kbira tal-oċeani huma diġà affetwati mill-bidla fil-klima reġjonali minħabba temperaturi dejjem telgħin, bidliet fix-xejriet tax-xita u r-riħ u żieda fl-iskarsezza tal-ilma,

R. billi, għas-sistema klimatika, huwa l-ammont totali ta' gassijiet GHG akkumulati meħlusa fl-atmosfera li huwa rilevanti, u mhux l-emissjonijiet relattivi jew it-tnaqqis relattiv, u għalhekk, sabiex tiġi evitata bidla klimatika perikoluża, l-aktar fattur determinanti sinifikanti huwa l-ammont totali ta' gassijiet b'effett ta' serra fis-snin u fl-għexieren ta' snin li ġejjin,

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

S. billi l-AR4 tal-IPCC, għall-ewwel darba, qabbel ma' xulxin l-impatti ddokumentati b'effett mifrux tal-bidliet attwali fil-klima fl-Ewropa, bħall-glaċieri li qed jiċkienu, l-istaġuni li qed jitwalu għat-tkabbir tar-raba', il-bidliet fil-firxa ġeografika tal-ispeċijiet u l-impatti fuq is-saħħa minħabba mewġa ta' sħana li qatt ma kien hemm bħala qabel; billi, f'bilanċ globali għall-Ewropa, kważi r-reġjuni kollha se jkunu affettwati negattivament minn uħud mill-impatti futuri tal-bidla fil-klima u dawn se jirrappeżentaw sfidi lil ħafna setturi ekonomiċi; billi l-bidla fil-klima hi mistennija li tkabbar id-differenzi reġjonali fir-riżorsi naturali tal-Ewropa, eż. id-disponibilità tal-ilma għax-xorb,

T. billi l-bidla fil-klima, flimkien ma' urbanizzazzjoni massiva minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni, hija mistennija li żżid is-sħana tal-ibliet, b'impatti diretti negattivi fuq is-saħħa u l-benessri taċ-ċittadini tal-ibliet,

U. billi l-politiki eżistenti biex tittaffa' l-bidla fil-klima u l-prattiki relatati għal żvilupp sostenibbli, li f'kull każ iridu jiġu intensifikati, xorta waħda m'humiex se jkunu biżżejjed biex jitnaqqsu l-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-għexieren ta' snin li ġejjin; billi, skond rakkomandazzjonijiet xjentifiċi, sa l-2015 se jkun għad hemm iċ-ċans li l-konċentrazzjoni globali ta' gassijiet b'effett ta' serra jiġu stabilizzati b'suċċess fuq livell li jikkorrispondi għal probabilità ta' 50 % li l-bidla fil-klima tkun limitata għal 2°C, u dan peress li l-2015 se tkun is-sena meta jkun hemm bżonn li l-emissjonijiet globali jilħqu l-quċċata tagħhom,

V. billi l-kontribut tal-Grupp ta' Ħidma III għall-AR4 tal-IPCC jindika li, sabiex jintlaħqu l-livelli minimi evalwati mill-IPCC s'issa u l-limitazzjoni tal-ħsara potenzjali korrispondenti, il-partijiet għall-Anness I tal-UNFCCC ikollhom bżonn li bħala grupp inaqqsu l-emissjonijiet b'25 %-40 % inqas mil-livelli tal-1990 sa l-2020,

W. billi r-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tal-IPCC probabilment m'huwiex se jkun ippubblikat qabel l-2012 jew l-2013; billi l-għarfien addizzjonali li jitnissel mil-litteratura xjentifika riveduta minn pari u mir-rapporti xjentifiċi kummissjonati mill-gvernijiet jew imwettqa minn entitajiet internazzjonali oħra jew minn istituzzjonijiet tan-NU bħall-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Biedja (FAO), il-Programm Ambjentali tan-NU (UNEP), il-Programm ta' Żvilupp tan-NU (UNDP), l-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO) jew l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa (WHO) qed jagħti kontribut sinifikanti biex jinftiehem aktar fil-fond l-impatt attwali u futur tal-bidla fil-klima fuq il-bniedem u l-ambjent, u kif ukoll għall-adattament għall-bidla fil-klima u t-taffiment tagħha,

X. billi l-biċċa l-kbira tar-riżultati ta' dawn l-istudji addizzjonali tenfasizza l-bżonn urġenti li jkun hemm rispons għat-tisħin globali bla dewmien; billi, b'mod partikulari, l-aħħar data li d-WMO ppublikat f'Diċembru 2007 tistqarr li l-għaxar snin mill-1998 sa l-2007 kienu l-aktar sħan li qatt ġew reġistrati u li l-2007 innifsha se tkun waħda mill-10 snin l-aktar sħan li qatt ġew reġistrati, b'anomalija mistennija fit-temperatura ta' 0.41°C aktar mill-medja fuq perjodu ta' żmien twil, u billi l-2007 kien immarkat b'anomaliji fit-temperatura ta' iktar minn 4°C aktar mill-medji ta' kull xahar fuq perjodu ta' żmien twil għal Jannar u April 2007 f'inħawi tal-Ewropa;

Y. billi hemm bżonn li t-tisħin globali u d-dimensjonijiet varji tal-bidla fil-klima jitqiesu mill-prospettiva ta' problemi globali oħra bħall-faqar jew kwistjonijiet dwar is-saħħa globali, peress li dawn il-problemi se jiħraxu minħabba l-effetti ta' temperaturi dejjem telgħin, ta' nixfa, ta' għargħar, ta' livell li jogħla tal-baħar u ta' fenomeni ta' klima estrema li qed isiru dejjem aktar frekwenti; billi l-bidla fil-klima tista' xxekkel il-kapaċità ta' pajjiżi li jsegwu direzzjonijiet ta' żvilupp sostenibbli u jilħqu l-Objettivi għall-Iżvilupp tal-Millenju; billi l-bidla fil-klima tista' thedded bis-serjetà eżempji ta' żvilupp li rnexxew u għalhekk għandha tkun kwistjoni universali u fundamentali fil-qasam tal-koperazzjoni internazzjonali,

1. Jilqa' l-fatt li l-Partijiet għall-UNFCCC fil-laqgħa tagħhom f'Bali rrikonoxxew li l-AR4 tal-IPCC jirrappreżenta l-aktar evalwazzjoni komprensiva u awtoritattiva tal-bidla fil-klima s'issa, li jipprovdi prospettiva xjentifika, teknika u soċjoekonomika integrata dwar il-kwistjonijiet relevanti, u jħeġġeġ ukoll biex l-informazzjoni li jipprovdi tintuża fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar il-bidla fil-klima;

2. Jinsab konvint li x-xjenza tavvanza billi tikkonfronta għerf u ipotesijiet aċċettati ma' ideat kontrastanti, u billi jiġu applikati proċeduri ta' reviżjoni minn pari; ifaħħar lill-IPCC għall-ħidma tiegħu u għall-kapaċità tiegħu li jinvolvi l-ħidma ta' eluf ta' xjenzjati; jemmen li l-IPCC għandu jieħu bis-serjetà lil kull argument ġdid, sabiex ikompli jiggarantixxi l-kredibilità u l-kwalità tar-riċerka tiegħu;

3. Iqis li x-xjenza dwar il-bidla fil-klima issa hija stabilita sew u jtenni l-impenn tiegħu għall-objettiv strateġiku tal-UE li ż-żieda globali tat-temperatura medja tiġi limitata għal mhux iktar minn 2°C aktar mil-livelli preindustrijali, li, skond diversi rapporti xjentifiċi, li jista' jintlaħaq b'probabilità ta' madwar 50 % b'konċentrazzjoni atmosferika ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' 400-450 ppm ta' emissjonijiet ekwivalenti għad-$CO_2$ u li, skond l-AR4 tal-IPCC, se jirrikjedi li l-pajjiżi industrijalizzati jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra b'25 %-40 % anqas mil-livelli tal-1990 sa l-2020; jemmen, minkejja dan kollu, li kull sforz biex jiġu limitati l-emissjonijiet għandu infatti jimmira biex jibqa' 'l isfel sew mill-objettiv ta' 2°C, peress li livell ta' tisħin ta' dan it-tip ikun diġà kellu impatt qawwi fuq is-soċjetà tagħna u fuq il-mod ta' kif ngħixu ħajjitna individwalment, u jkun wassal ukoll għal tibdil sinifikanti fl-ekosistemi u r-riżorsi tal-ilma;;

4. Jenfasizza li, maż-żieda tal-gassijiet b'effett ta' serra maħluqa mill-bniedem, se jkun hemm impatti drammatiċi fuq u theddid kbir għall-ekosistemi tal-baħar, għar-riżorsi u għall-komunità tas-sajd, u li bidliet sinifikattivi fit-temperatura tal-ilma jistgħu jwasslu sabiex popolazzjonijiet ta' organiżmi tal-baħar jibdlu l-inħawi ta' fejn jgħixu (migrazzjonijiet), inkluż l-invażjoni ta' speċi aljeni u l-għejbien ta' speċi indiġeni;

5. Jirrikonoxxi li l-stimi tad-data għall-2050 qed ibassru b'mod ċar li wasal iż-żmien biex naġixxu; jenfasizza li ċ-ċans biex jinbdew l-isforzi taffija meħtieġa biex jinkiseb l-objettiv ta' 2°C se jispiċċa sa nofs id-deċennju li jmiss;

6. Jenfasizza li provi xjentifiċi mill-pajjiżi kollha u mill-biċċa l-kbira tal-oċeani juru li ħafna sistemi naturali huma diġà affetwati mill-bidliet fil-klima reġjonali minħabba emissjonijiet tal-karbonju storiċi mill-pajjiżi industrijalizzati; jenfasizza li ġie ppruvat xjentifikament li l-kawżi li fuqhom huwa bażat it-tisħin globali huma maħluqa b'mod predominanti mill-bniedem u li l-livell ta' għarfien miġbur jagħti prova biżżejjed tat-tħarbit antropoġeniku tal-atmosfera dinjija;

7. Jenfasizza li l-aċidifikazzjoni mistennija tal-oċeani minħabba l-livelli dejjem telgħin tad-$CO_2$ jistgħu jkollhom effetti serji ħafna fuq l-ekosistemi tal-baħar, u jitlob li ssir riċerka ulterjuri f'dan il-qasam sabiex jissaħħaħ il-fehim tagħna tal-problema u sabiex jiġu identifikati l-implikazzjonijiet għall-politiki;

8. Jemmen li x-xejriet fit-temperatura, fl-ossiġnu, fis-salinità, fil-pH, fil-klorofilla u fix-xejriet tal-oxxillazzjoni tar-riħ, isiru evidenti biss wara ħafna snin; jenfasizza l-ħtieġa ta' settijiet ta' dejta u ta' monitoraġġ komprensiv oċeaniku u ta' qiegħ il-baħar biex ikunu jistgħu jiġu mfiehma bidliet lokali li jkollhom impatt fuq l-impriżi tas-sajd peress li l-ħila tagħna li jinkixfu l-kawżi u l-konsegwenzi tal-bidliet;

9. Jenfasizza li r-riżultati xjentifiċi juru biċ-ċar kif il-bidla fil-klima se sseħħ fil-futur qarib, billi jsegwu xejriet reġjonali differenti u billi juru li t-tisħin globali hu kemm kwistjoni ta' żvilupp u kemm kwistjoni ta' ambjent globali, bil-fqar u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu fl-aktar pożizzjoni vulnerabbli; jikkunsidra li l-adattament immirat biex jiġu mmaniġġjati l-konsegwenzi li ma jistgħux ikunu evitati tat-tisħin globali kkawżat minn emissjonijiet storiċi mill-pajjiżi industrijalizzati hu importanti daqs l-isforzi taffija intensivi imfassla biex jiġi evitat tisħin globali ulterjuri li ma jistax jiġi mmaniġġjat;

10. Jenfasizza li hu diffiċli li wieħed ibassar liema huma l-punti fejn jinqabeż il-limitu, li jinkludu, *inter alia*, il-foresta tropikali tal-Amażonja li qed tiċkien, is-silġ ta' Greenland u l-medda tas-silġ tal-punent tal-Antartiku li qed idubu, il-monsun tal-Indja li mhux qed iseħħ u t-tundra tas-Siberja li qed teħles il-metanu b'mod massiv, imma hemm il-possibilità li kollha kemm huma jilħqu l-punti kritiċi tagħhom waqt dan is-seklu taħt il-kundizzjonijiet attwali tal-bidla fil-klima; jenfasizza li, biex jiġu evitati dawn il-punti fejn jinqabeż il-limitu, se jkun hemm bżonn ta' sforzi taffija aktar b'saħħithom minn dawn indikati mill-AR4 tal-IPCC;

11. Jilqa' f'dan ir-rigward ir-riżultati, li segwew pariri xjentifiċi stabbiliti, tas-COP 13 u s-COP/MOP 3 u b'mod partikulari l-Pjan Direzzjonali ta' Bali, li għandhom jiġu evalwati fis-COP 14 u li għandhom iwasslu għal qbil dwar reġim komprensiv sa l-2009; jilqa' wkoll l-inkarigu allokat lill-Grupp ta' Esperti dwar it-Trasferiment tat-Teknoloġija biex jiġu evalwati n-nuqqasijiet u x-xkiel għall-użu, u l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji provduti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'risposta għall-impenn tagħhom li jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet taffija xierqa fuq livell nazzjonali b'mod li jista' jitkejjel, li jista' jiġi rrappurtat u li jista' jiġi verifikat; jilqa' ugwalment il-ħolqien tal-Fond ta' Adattament u l-inklużjoni tal-foresti fi ftehim ġdid dwar il-ħarsien tal-klima mmirata biex jiġu evitati d-deforestazzjoni ulterjuri u l-emissjonijiet tal-karbonju kkawżati min-nirien fil-foresti u f'art mimlija pit, li qed jikkawżaw ukoll ħsara enormi fil-komunitajiet lokali, inluża anke l-esproprjazzjoni tal-art tagħhom stess permezz ta' proċeduri legali jew semilegali;

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

12. Ma jaqbilx mal-isforzi bla sustanza xjentifika biex ir-riżultati ta' studji tal-kawżi u l-effetti tal-bidla fil-klima jintwerew bħala dubjużi, inċerti jew diskutibbli; jifhem, madankollu, li l-progress xjentifiku dejjem kien immarkat b'dubji, l-eliminazzjoni progressiva ta' dubji ta' dan it-tip u bit-tiftix għal spjegazzjonijiet jew mudelli lil hinn mill-ħsieb xjentifiku dominanti tal-mument;

13. Jemmen, għalhekk, li riċerka ulterjuri mmirata lejn fehim aħjar tal-kawżi u l-konsegwenzi tat-tisħin globali hi essenzjali biex id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod responsabbli; jikkunsidra li, madankollu, il-livell ta' għarfien miksub s'issa hu biżżejjed biex jiġu fformulati b'mod urġenti politiki li jistgħu jwasslu għal tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, tnaqqis li jillimita l-bidla fil-klima għal +2°C u miżuri għall-adattament għall-bidla attwali fil-klima;

14. Jenfasizza l-bżonn għal analiżi u riċerka ulterjuri dwar il-konsegwenzi tal-bidla fil-klima bħall-effetti fuq il-kompetittività ekonomika, l-ispejjeż tal-enerġija u l-iżvilupp soċjali fl-Ewropa, l-irwol tal-użu tal-art, il-foresti u d-deforestazzjoni, l-irwol tal-ambjent marittimu u l-kalkolu tal-ispejjeż klimatiċi esterni tas-settur tal-industrija, mhux l-anqas tas-settur ta' trasport, inkluża l-kwantifikazzjoni tal-effetti tat-tniġġis tal-mezzi tal-ajru; jikkunsidra li hemm bżonn ta' studji ulterjuri sabiex l-adattament u t-tnaqqis tar-riskju jiġu integrati fil-miżuri politiċi għall-iżvilupp u għat-tnaqqis tal-faqar;

15. Hu favur riċerka addizzjonali dwar l-impatt tal-politika tal-promozzjoni tal-bijofjuwils u l-effetti tagħhom fuq iż-żieda tad-deforestazzjoni, l-espansjoni tal-art ikkultivata u l-provvisti dinjin tal-ikel;

16. Jenfasizza l-ħtieġa għar-riċerka dwar il-fiżjoloġija u l-ekoloġija tal-ħut tal-baħar, b'mod partikulari fiż-żoni tropiċi fejn komparattivament ftit twettqet riċerka; Jirrimarka li, aktar ma tikber il-bażi tal-għarfien tagħna, ix-xjenzjati jkunu jistgħu jagħmlu tbassir aktar preċiż u jiżviluppaw soluzzjonijiet rilevanti; iqis li l-ħatt tal-qabdiet sekondarji kollha għall-analiżi xjentifika jista' jagħti kontribuzzjoni kbira għall-bażi ta' tagħrif tagħna; bl-istess mod jagħraf il-ħtieġa li ssir riċerka kontinwa fuq l-impatt tal-bidla fil-klima fuq il-popolazzjonijiet tat-tjur tal-baħar minħabba n-nuqqas ta' ikel u dwar l-impatt fuq is-suċċess tat-tnissil u tas-sopravivenza;

17. Jemmen li l-komunikazzjoni ta' provi xjentifiċi tal-impatt tal-bniedem fuq il-klima globali trid tkun l-element ewlieni ta' sforz usa' biex titqajjem kuxjenza pubblika u wara jinkiseb u jinżamm l-appoġġ pubbliku għal miżuri politiċi biex jiġu limitati l-emissjonijiet tal-karbonju, bħall-interazzjoni mad-diversi atturi soċjali, mhux biss fil-pajjiżi industrijalizzati imma anke fl-ekonomiji emerġenti; jitlob lill-IPCC biex jippubblika sommarju tar-rapporti ta' evalwazzjoni tiegħu; jemmen, barra minn hekk, li hemm bżonn ta' bidliet individwali fix-xejriet tas-stil ta' ħajja u dawn għandhom ikunu parti minn programmi edukattivi biex jiġu kkomunikati l-kawżi u l-effetti tat-tisħin globali;

18. Jistieden għalhekk lill-komunità xjentifika u lir-rappreżentanti politiċi biex jingħaqdu flimkien biex iqajmu kuxjenza u jagħmlu pressjoni għall-"affarijiet iż-żgħar li jistgħu jagħmlu d-differenza", waqt li jitqies il-fatt li, anke l-komunitajiet b'kapaċità żviluppata sew ta' adattament għall-effetti tal-bidla fil-klima, jibqgħu vulnerabbli għal estremitajiet u għal avvenimenti li ma jistgħux jitbassru;

19. Jenfasizza li l-informazzjoni dettaljata meħtieġa għal edukazzjoni għal mod ta' ħajja li jagħmel użu ħafif mill-karbonju, inklużi pereżempju dikjarazzjonijiet fuq prodotti għall-konsumatur dwar l-impatt tal-gassijiet b'effett ta' serra u ttikkettar dwar il-gassijiet b'effett ta' serra, ftit hija żviluppata llum u hemm bżonn li tiġi żviluppata malajr; jenfasizza li inizjattivi ta' dan it-tip għandhom idealment ikunu bbażati fuq standards maqsuma u għandhom jikkunsidraw wkoll l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra imdaħħla fi prodotti importati;

20. Jitlob lill-Kumitat temporanju dwar il-Bidla fil-Klima biex ikompli b'ħidmitu u biex, fl-aħħar tal-mandat tiegħu, jippreżenta rapport lill-Parlament li jkun jinkludi, skond kif ikun xieraq, rakkomandazzjonijiet dwar liema azzjonijiet jew inizjattivi, u anke liema miżuri taffija u ta' adattament, għandhom jittieħdu dwar il-politika integrata għall-ġejjieni tal-UE b'konformità mal-objettiv tal-UE li ż-żidiet fit-temperatura globali jiġu limitati għal inqas minn 2°C u bi qbil mas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-AR4 tal-IPCC;

21. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament biex, fl-ogħla livell, jitkellmu favur negozjazzjoni u djalogu dwar l-estensjoni strateġika għall-pajjiżi msieħba kollha fid-dinja tal-istrateġiji, il-prinċipji u l-istandards l-iktar avvanzati tal-pajjiżi tal-UE u mhux fil-qasam tar-riċerka u l-azzjoni xjentifiċi biex tiġi affrontata l-bidla fil-klima, f' konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-komunità xjentifika;

22. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## Ir-rapport tal-progress tat-Turkija għall-2007

P6_TA(2008)0224

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ir-rapport tal-progress tat-Turkija għall-2007 ((2007/2269(INI))**

(2009/C 279 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport dwar il-Progress tat-Turkija għall-2007 tal-Kummissjoni (SEC(2007)1436),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-progress tat-Turkija lejn l-adeżjoni ([1]) u tal-24 ta' Ottubru 2007 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta' Lulju 2005 ([3]) u tat-13 ta' Frar 2007 ([4]) dwar l-irwol tan-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika fit-Turkija,

— wara li kkunsidra l-Qafas ta' Negozjar għat-Turkija tat-3 ta' Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/157/KE tat-18 ta' Frar 2008 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kondizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija għall-Adeżjoni mar-Repubblika tat-Turkija ([5]) ("is-Sħubija għall-Adeżjoni"), u kif ukoll id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar is-Sħubija għall-Adeżjoni tal-2001, l-2003 u l-2006,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0168/2008),

A. billi n-negozjati mat-Turkija dwar l-adeżjoni nfetħu fit-3 ta' Ottubru 2005 wara l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Qafas ta' Negozjar, u billi l-ftuħ ta' dawn in-negozjati huwa l-punt ta' tluq ta' proċess dewwiemi u li m'għandux limitu ta' żmien,

B. billi t-Turkija impenjat ruħha li twettaq riformi u li tfittex relazzjonijiet tajba mal-ġirien u li progressivament tallinja ruħha mal-UE, u billi dawn l-isforzi għandhom jitqiesu bħala opportunità għat-Turkija stess biex timmodernizza ruħha aktar,

C. billi l-bażi għall-adeżjoni mal-UE għadha f'konformità sħiħa mal-kriterji ta' Kopenħagen u l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-UE, bi qbil mal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006, li hija komunità bbażata fuq regoli konġunti,

([1]) ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 284.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0472.
([3]) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 385.
([4]) ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 174.
([5]) ĠU L 51, 26.2.2008, p. 4.

D. billi, fir-Rapport ta' Progress tagħha tal-2007, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-progress li nkiseb fit-Turkija fir-rigward tar-riformi politiċi fl-2007 kien limitat,

E. billi fl-2007 d-demokrazija tat-Turkija ssaħħet, ġie elett parlament ġdid li hu rappreżentattiv tad-diversità politika tal-pajjiż, u ġie ffurmat gvern li ngħata mandat b'saħħtu,

F. billi t-Turkija għadha ma implimentatx id-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mill-Ftehima ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija u l-Protokoll Addizzjonali għaliha,

G. billi fl-2007 nfetħu ħames kapitoli ta' negozjazzjoni,

***Riformi lejn soċjetà demokratika u prospera***

1. Jilqa' l-impenn tal-Prim Ministru Erdogan li l-2008 se tkun is-sena tar-riformi; iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex iwettaq b'mod sħiħ il-wegħdiet tiegħu u jagħmel użu mill-maġġoranza parlamentari b'saħħitha li għandu biex riżolutament ifittex li jdaħħal riformi li huma kruċjali għat-trasformazzjoni tat-Turkija f'demokrazija moderna u prospera bbażata fuq stat sekulari u soċjetà pluralistika;

2. Jisħaq li modernizzazzjoni ta' dan it-tip hija l-ewwel u qabel kollox fl-interess stess tat-Turkija; jirrikonoxxi wkoll l-importanza strateġika għall-UE ta' Turkija stabbli, demokratika u prospera; itenni li t-twettiq tal-impenji stipulati fis-Sħubija għall-Adeżjoni hija vitali għat-Turkija u għar-relazzjonijiet futuri tagħha mal-UE;

3. Jenfasizza l-fehma tiegħu li sakemm soċjetà ma tkunx gwidata mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u ma tkunx bażata fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u ekonomija tas-suq orjentata soċjalment, ma tistax tiżviluppa f'soċjetà paċifika, stabbli u prospera;

4. Jenfasizza l-importanza li t-Turkija tiġġieled kontra kull xorta ta' diskriminazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat KE, li jirrikjedi l-ugwaljanza għal kulħadd, irrispettivament mis-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali;

5. Jinnota r-reviżjoni reċenti tas-Sħubija għall-Adeżjoni; hu konxju tal-fatt li din, it-tielet reviżjoni mill-2001, fil-maġġoranza tal-oqsma qed ittawwal lill-prijoritajiet li ma twettqux għal perjodu ulterjuri; iħeġġeġ issa lill-Gvern Tork biex jittrasforma lill-prijoritajiet u l-programmi bil-limiti taż-żmien kif stipulati fis-sħubija fil-pjani ta' riforma tagħha, waqt li wieħed ma jinsiex li dewmien ulterjuri se jaffettwa b'mod serju l-pass tan-negozjati;

6. Jilqa' l-fatt li, fl-2007, id-demokrazija għelbet it-tentattivi tal-militar li jindaħlu fil-proċess politiku; iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jagħmel sforzi sistematiċi ulterjuri biex jiżgura li t-tmexxija politika eletta demokratikament tieħu fuqha r-responsabilità kollha għall-iffurmular tal-politika domestika, barranija u ta' sigurtà, inkluża dik favur Ċipru, u li l-forzi armati jirrispettaw lil din ir-responsabilità billi jirrikonoxxu b'mod sħiħ u mhux ambigwu l-kontroll ċivili; jindika, b'mod partikulari, il-ħtieġa li tiġi stabbilita sorveljanza parlamentari sħiħa tal-politika militari u tad-difiża u n-nefqa kollha relatata;

7. Jinsab imħasseb dwar l-implikazzjonijiet tal-każ tal-għeluq tal-Partit AK; jistenna li l-Qorti Kostituzzjonali Torka tirrispetta l-prinċipji tal-istat tad-dritt, l-istandards Ewropej u l-linji gwida dwar il-projbizzjoni u x-xoljiment ta' partiti politiċi u miżuri analogi, adottati mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa fl-10 u l-11 ta' Diċembru 1999;jitlob lill-Parlament Tork biex iġib il-Kostituzzjoni konformi ma' dawn l-istandards dwar il-projbizzjoni tal-partiti politiċi;

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

8. Jistieden lill-Gvern Tork biex, meta jfittex ir-riformi, jirrispetta l-pluraliżmu u d-diversità f'Turkija sekulari u demokratika, u jħeġġeġ lill-gvern u l-partiti politiċi kollha biex ilkoll jieħdu sehem b'mod kostruttiv sabiex jaqblu dwar il-passi l-importanti għall-modernizzazzjoni tal-pajjiż;

9. Iqis li l-bidliet għall-Artikolu 301 tal-Kodiċi Penali, adottati mill-Parlament Tork fit-30 ta'April 2008, huma l-ewwel pass lejn riforma fundamentali ta' dak l-artikolu kif ukoll artikoli oħra tal-Kodiċi Penali, u jistenna bil-ħerqa azzjonijiet oħra f'dan ir-rigward; jenfasizza li jeħtieġ li jsir progress rigward il-libertà tal-espressjoni, kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika; jiddeplora l-fatt li n-numru ta' dawk li tħarrku skond dispożizzjonijiet legali li jippermettu restrizzjonijiet arbitrarji tal-espressjoni ta' opinjoni mhux vjolenta kompla żdied fl-2007 ([1]); hu tal-fehma li t-tneħħija tal-Artikolu 301 u tad-dispożizzjonijiet legali l-oħra li jirrappreżentaw restrizzjoni illeġittima tal-libertà ta' espressjoni kif garantita mil-liġi internazzjonali tkun l-aħjar soluzzjoni sabiex ikun żgurat li t-Turkija tiggarantixxi kompletament il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa b'konformità mal-istandards imsemmija fil-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR);

10. Jilqa' l-adozzjoni reċenti mill-Parlament Tork tal-Liġi dwar il-Fundazzjonijiet; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina t-test il-ġdid u jenfasizza li għandha tanalizza jekk il-Liġi tindirizzax in-nuqqasijiet li jiffaċċjaw il-komunitajiet reliġjużi li m'humiex Musulmani fir-rigward tal-immaniġġjar u x-xiri ta' propjetà, inkluża l-propjetà konfiskata mibjugħa lil terzi persuni; jistieden lill-awtoritajiet Torok biex jiżguraw li l-Liġi tiġi implimentat f'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

11. Iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex, wara li ħa l-pass pożittiv li jadotta l-Liġi dwar il-Fundazzjonijiet, iwettaq l-impenji tiegħu fir-rigward tal-libertà tar-reliġjon billi jistabbilixxi, f'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, qafas legali li jippermetti li l-komunitajiet reliġjużi kollha jiffunzjonaw mingħajr limiti mhux xierqa, b'mod partikolari fir-rigward tal-istatus legali tagħhom, it-taħriġ tal-kleru, l-elezzjoni tal-ġerarkija, l-edukazzjoni reliġjuża u l-bini ta' postijiet ta' qima; jagħmel sejħa għall-protezzjoni tal-wirt reliġjuż u kulturali; itenni t-talba tiegħu biex is-seminarju Grieg Ortodoss ta' Halki jerġa jinfetaħ immedjatament u li t-titolu ekkleżjastiku ta' Patrijarka Ekumeniku jintuża pubblikament; jaqsam it-tħassib espress mill-Kunsill fl-24 ta' Lulju 2007 dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Torka ta' Kassazzjoni dwar il-Patrijarkat Ekumeniku, u jistenna li din id-deċiżjoni ma tkomplix timpedixxi l-eżerċizzju mill-Patrijarkat u komunitajiet oħra reliġjużi mhux Musulmani tad-drittijiet garantiti tagħhom skond il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

12. Iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex iniedi, bħala prijorità, inizjattiva politika li tiffavorixxi soluzzjoni dewwiema tal-kwistjoni Kurda, li tista' tkun ibbażata biss fuq titjib tanġibbli tal-opportunitajiet kulturali, ekonomiċi u soċjali disponibbli għaċ-ċittadini ta' oriġini Kurda, inklużi possibilitajiet reali li wieħed jitgħallem l-ilsien Kurd u jużah fil-ħajja ta' kuljum u fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi; jara l-projbizzjoni possibbli tal-Partit Demokratiku tas-Soċjetà (DTP) bħala kontroproduttiva għal soluzzjoni politika;

13. jistieden lill-partit DTP, lill-membri parlamentari u s-sindki tiegħu biex jitbiegħdu b'mod ċar mill-Partit Kurdistan tal-Ħaddiema (PKK) u biex jaħdem b'mod kostruttiv fit-tfittxija għal soluzzjoni politika għall-kwistjoni Kurda fi ħdan l-istat demokratiku Tork; jitlob ukoll lill-partiti politiċi l-oħra kollha fit-Turkija biex jaħdmu b'mod kostruttiv fit-tfittxija għall-istess għan;

14. Jiddeplora l-ħafna każijiet tal-qorti kontra s-sindki eletti u politiċi oħra talli jużaw il-lingwa Kurda, jew talli jkunu leħnu l-opinjoni tagħhom dwar il-kwistjoni Kurda, bħall-proċedimenti li rriżultaw fil-kundanna reċenti ta' Leyla Zana u tat-53 sindku tad-DTP;

([1]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Istrateġija tat-tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2007-2008" (COM(2007)0663, p. 60).

15. Itenni t-talbiet preċedenti tiegħu biex il-Gvern Tork iħejji pjan fit-tul komprensiv biex jagħti spinta għall-iżvilupp soċjoekonomiku tax-xlokk tat-Turkija, fejn aktar minn nofs il-popolazzjoni għadha tgħix taħt il-linja tal-faqar; hu tal-fehma li dan il-pjan fit-tul għandu jindirizza wkoll lill-problemi soċjali, ekoloġiċi, kulturali u ġeopolitiċi li jirriżultaw mill-Proġett tal-Anatolja tax-Xlokk; jitlob lill-Kummissjoni biex torbot l-element reġjonali tal-istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni ([1]) mat-tfassil imħaffef ta' strateġija ta' dan it-tip;

16. Iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex joħroġ bi strateġija nazzjonali globali biex jindirizza l-kwistjoni ta' persuni mċaqalqa internament, li tneħħi n-nuqqasijiet legali u prattiċi u tipprovdi l-appoġġ finanzjarju u appoġġ ieħor bżonnjuż sabiex tiġi trattata sew il-problema tar-ritorn u l-kumpens ta' dawk ikkonċernati;

17. Jieħu nota tal-proċess li għaddej attwalment biex titfassal kostituzzjoni ċivili ġdida; iqisha bħala opportunità fundamentali biex il-ħarsien tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem jitqiegħdu fil-qalba tal-kostituzzjoni; itenni li hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema ta' kontrolli u bilanċi, li tiggarantixxi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-koeżjoni soċjali u l-firda bejn ir-reliġjon u l-istat; jisħaq ukoll li l-kostituzzjoni l-ġdida għandha tiżgura l-ugwaljanza bejn is-sessi, tevita l-użu ta' kriterji vagi bħal ma huma l-moralità ġenerali, tieqaf milli tqis in-nisa primarjament bħala membri tal-familja jew tal-komunità u ssostni mill-ġdid id-drittijiet tal-bniedem tan-nisa inklużi d-drittijiet sesswali u riproduttivi tagħhom bħala d-drittijiet individwali tagħhom;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li s-soċjetà ċivili tkun involuta b'mod aktar wiesa' f'dan il-proċess kostituttiv sabiex jinkiseb kunsens sostanzjali dwar il-futur kostituzzjonali Tork bis-sehem tal-partiti politiċi, minoranzi etniċi u reliġjużi u l-imsieħba soċjali; jinnota d-diżappunt u t-tħassib ta' parti mill-popolazzjoni li t-tneħħija tal-projbizzjoni tal-imkatar li jintlibsu fir-ras fl-universitajiet ma kinetx parti minn pakkett usa' tar-riforma bbażata fuq konsultazzjoni wiesgħa tas-soċjetà ċivili; itenni r-rakkomandazzjoni preċedenti tiegħu, li jinsabu fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tas-27 ta' Settembru 2006, dwar il-limitu minimu elettorali;

19. Jinnota l-progress li sar fir-rigward tal-effiċjenza tal-ġudikatura; jilqa' l-pjan tal-Gvern Tork biex jimplimenta strateġija ta' riforma mfassla biex jissaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura u biex tiżdied il-kunfidenza li l-ġudikatura tgawdi fost il-pubbliku; hu tal-fehma li din l-istrateġija, bħala prijorità, għandha tiżgura li l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tkun tikkonforma mal-istandards tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem; jinnota li l-istrateġija ma tistax titwettaq mingħajr taħriġ ambizzjuż mill-ġdid għall-ġudikatura; jinsab imħasseb dwar l-attitudni negattiva li toħroġ minn ċertu elementi tal-amministrazzjoni ġudizzjarja lejn il-ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, u lejn is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kontra t-Turkija għall-vjolazzjonijiet tal-ECHR;

20. Iħeġġeġ lill-Qorti Kostituzzjonali Torka biex tagħmel progress biex tasal għad-deċiżjoni aħħarija tagħha dwar il-Liġi dwar l-Ombusman, sabiex tippermetti li l-gvern jistabbilixxi l-uffiċċju tal-ombudsman bla dewmien; jirrakkomanda lit-Turkija li għandha tikkopera dwar din il-kwistjoni mal-Ombudsman Ewropew u mal-ombudsmen nazzjonali fl-Istati Membri tal-UE;

21. Jinsab imħasseb dwar l-ostilità li ntweriet lill-minoranzi f'partijiet tas-soċjetà u dwar il-vjolenza b'motivazzjoni politika u reliġjuża; jistieden lill-Gvern Tork biex jieħu azzjoni kontra l-organizzazzjonijiet u l-gruppi li jqajmu din l-ostilità u biex iħares lil dawk kollha li huma mhedda u jibżgħu għal ħajjithom u biex jagħmel sforzi sostnuti biex joħloq ambjent li jwassal għar-rispett sħiħ tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem;

22. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet Torok biex iwettqu investigazzjoni sħiħa dwar il-qtil ta' Hrant Dink u tat-tliet Insara f'Malatja, u kif ukoll dwar il-każi l-oħra kollha ta' vjolenza b'motivazzjoni politika jew reliġjuża; jiddeplora il-fatt li dawn il-proċessi mexjin bil-mod wisq, li hemm suspetti ta' parzjalità u sentiment ta' impunità li jirriżultaw minn dan, u jitlob lill-awtoritajiet biex jipprovdu kjarifika sħiħa tal-allegazzjonijiet ta' negliġenza min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti, u biex issir ġustizzja ma' dawk kollha li huma responsabbli;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas- 17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

23. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Torok biex riżolutament iwasslu fi tmiemhom l-investigazzjoni fl-organizzazzjoni kriminali Ergenekon, filwaqt li jżommu mill-qrib mal-prinċipji tal-istat tad-dritt, biex jiskopru kompletament in-netwerks tagħha li huma mifruxa fl-istrutturi statali, u biex issir ġustizzja ma' dawk kollha involuti;

24. Jieħu nota tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tax-xejra ta' numru dejjem jonqos ta' każi ta' tortura u moħqrija u tal-effett pożittiv tas-salvagwardji leġiżlattivi relevanti; jitlob lill-Kummissjoni, madankollu, biex tanalizza jekk il-liġi kontra t-terroriżmu u l-liġi dwar is-setgħat tal-pulizija ma jdgħajfux dan ir-rekord pożittiv; jistieden lill-Gvern Tork biex jintensifika l-ġlieda tiegħu kontra t-tortura kommessa barra miċ-ċentri ta' detenzjoni u ġewwa fihom u kontra l-impunità tal-uffiċjali għall-infurzar tal-liġi, u biex jirratifika u jimplimenta l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Kastig Krudili, Inuman jew Degradanti Ieħor, biex b'hekk jipprovdi għal prevenzjoni tat-tortura sistematika u għall-monitoraġġ indipendenti taċ-ċentri ta' detenzjoni;

25. Jieħu nota tal-evalwazzjoni tal-assimilazzjoni tal-Prim Ministru Erdogan, kif espressa waqt iż-żjara uffiċjali reċenti tiegħu fil-Ġermanja; hu għalhekk tal-opinjoni li l-Gvern Tork għandu jieħu passi biex jippermetti li ċ-ċittadini kollha jiżviluppaw l-identità kulturali tagħhom fi ħdan l-istat demokratiku Tork; jindika f'dan ir-rigward lill-impenji stipulati fil-Qafas ta' Negozjar dwar ir-rispett għall-minoranzi u l-ħarsien tagħhom, u l-aċċess effettiv għat-tagħlim u x-xandir ta' ilsna apparti t-Tork u l-aċċess effettiv għal servizzi pubbliċi b'dawn l-ilsna;

26. Jilqa' l-progress li nkiseb fil-ħarsien tan-nisa kontra l-vjolenza, u jfaħħar il-ħidma li saret mill-istituzzjonijiet pubbliċi u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'dan ir-rigward; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Torok biex ikomplu jeliminaw il-vjolenza domestika, l-hekk imsejjaħ "il-qtil minħabba l-unur" u ż-żwieġ sfurzat, b'mod partikulari billi tiġi implimentata kompletament il-leġiżlazzjoni rilevanti, titkompla kampanja pubblika sostnuta, jiġu provduti postijiet ta' kenn għall-vittmi, jiġi intensifikat it-taħriġ tal-korpi għall-infurzar tal-liġi u jiġu monitorjati l-inizjattivi li ddaħħlu fis-seħħ; jinnota bi tħassib li l-aċċess għad-data affidabbli dwar l-inċidenza tal-vjolenza kontra n-nisa tkompli tkun problema, u jisħaq mal-Gvern Tork biex jirranġa dan in-nuqqas;

27. Jirrikonoxxi li għadd konsiderevoli ta' nisa għandhom pożizzjonijiet importanti fl-isferi ekonomiċi, politiċi u akkademiċi Torok, u jtenni li t-trattament ugwali, l-aċċess għall-edukazzjoni u l-għoti tas-setgħa fis-settur politiku, ekonomiku u soċjali lin-nisa huma kruċjali biex ikun hemm tkabbir ekonomiku u prosperità ulterjuri fit-Turkija; madankollu jinnota bi tħassib li r-rata globali ta' nisa impjegati fit-Turkija għadha biss 23.8 % ([1]) u li bil-kemm kien hemm żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika; għalhekk jistieden lill-Gvern Tork biex jieħu passi iżjed tanġibbli biex iżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-popolazzjoni li taħdem, b'attenzjoni partikulari fuq l-inħawi rurali, u biex isaħħaħ l-inklużjoni tagħhom fis-sistemi tas-saħħa u tas-sigurtà soċjali, u biex jaħseb fi strumenti jew miżuri temporanji biex jiżdied l-indħil attiv tan-nisa fil-politika;

28. Ifaħħar lill-Gvern Tork għall-appoġġ li ta għall-proġetti ta' koperazzjoni li rnexxew bejn msieħba Torok u mill-UE, bħall-proġett ta' ġemellaġġ li qiegħed iħejji t-triq għal korp indipendenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u qiegħed iħarreġ 750 uffiċjal fil-qasam tal-integrazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jistenna li tali korp għall-ugwaljanza bejn is-sessi għandu jitwaqqaf mingħajr iktar dewmien;

29. Jinnota li l-kompetenzi tal-Kummissjoni għall-Opportunitajiet Indaqs proposta mill-Parlament Tork m'humiex ċari; jinkoraġġixxi lill-Parlament Tork biex joħloq Kummissjoni speċjalizzata b'setgħat leġiżlattivi bħala strument essenzjali għat-titjib tad-drittijiet tan-nisa u l-integrazzjoni tas-sessi fit-Turkija;

30. Jirrispetta u jappoġġja bis-saħħa lill-ħidma tal-organizzazzjonijiet tan-nisa fit-Turkija, li jgħinu jsaħħu l-irwol tan-nisa fis-soċjetà, jgħinu jħarsuhom kontra l-vjolenza u jrawmu sens ta' imprenditorija fihom, waqt li jservu ta' eżempju pożittiv għall-għoti ta' setgħa lin-nisa u jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

([1]) Anness Statistiku għar-Rapport ta' Progress 2007 tal-Kummissjoni dwar it-Turkija fuq imsemmi.

31. Ifaħħar lit-Turkija għall-iżvilupp pożittiv tal-ekonomija tagħha; itenni l-fehma tiegħu li hija biss soċjetà koerenti soċjalment, sostnuta minn klassi tan-nofs b'saħħitha, li tista' tgawdi l-prosperità; jiddispjaċih, għal-hekk, li t-tkabbir ekonomiku b'saħħtu ftit kellu impatt fuq is-suq tal-impjiegi li jibqa' kontinwament dgħajjef; jindika l-bżonn li tiġi affrontata l-problema tal-ekonomija sewda u li s-sistema tas-sigurtà soċjali titqiegħed f'pożizzjoni sostenibbli; iqis li rwol ikbar għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jista' jgħin biex jintlaħaq tkabbir ekonomiku iktar malajr;

32. Jindika l-potenzjal ta' djalogu soċjali effettiv biex jinbnew is-sħubijiet meħtieġa għall-iffunzjonar ta' ekonomija tas-suq orjentata soċjalment; jinsab diżappuntat dwar il-progress limitat li sar fit-tisħiħ tal-mekka-niżmi għad-djalogu soċjali; iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jimplimenta kompletament il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għax-Xogħol (ILO) u jenfasizza l-bżonn li jitneħħew ir-restrizzjonijiet attwali tal-libertà ta' assoċjazzjoni, id-dritt ta' strajk u d-dritt għal negozjar kollettiv;

33. Huwa mħasseb minħabba l-forza eċċessiva użata mill-pulizija Torka kontra dimostranti fil-laqgħa tal-Ewwel ta' Mejju tal-2008 f'Istanbul; jerġa' jafferma li l-libertà tal-assoċjazzjoni u l-ħidma paċifika tat-trejdun-jons jirrappreżentaw dritt fundamentali skond l-ECHR;

34. Jenfasizza l-importanza tal-aċċes għall-edukazzjoni bħala l-muftieħ għal soċjetà koerenti soċjalment; ifaħħar lill-gvern u lis-soċjetà ċivili Torok għall-kampanja biex aktar bniet jirreġistraw fi skejjel; jindika, madankollu, li hemm bżonn li jiġi żgurat li t-tfal jiġu rreġistrati mat-twelid, u li jittejbu l-monitoraġġ u l-infurzar tal-obbligu tal-iskola sabiex ikompli jitnaqqas in-numru ta' tfal li ma jmorrux skola; ifaħħar lill-Gvern Tork għar-riżultati pożittivi li nkisbu fit-tnaqqis tax-xogħol tat-tfal u jħeġġu biex ikompli bl-isforzi tie-għu f'dan ir-rigward;

35. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-livell ta' korruzzjoni; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Torok biex jiżviluppaw strateġija globali għal kontra l-korruzzjoni, imfassla biex titkompla effettivament il-ġlieda kontra l-korruz-zjoni;

36. Hu mħasseb dwar id-differenzi kbar li hemm fil-livell ta' żvilupp fost ir-reġjuni Torok u anke bejn l-inħawi rurali u dawk urbani; jistieden lill-Gvern Tork biex iħejji strateġija komprensiva li tindirizza dawn id-differenzi; jistieden lill-Kummissjoni biex, qabel l-aħħar tal-2008, tipprovdi lill-Parlamentb'tagħrif dwar il-kontribut tal-UE għal dan l-ippjanar strateġiku taħt l-istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni fl-2007 u fl-2008;

37. Jistieden lill-Gvern Tork f'dan ir-rigward, biex japplika b'urġenza l-istandards tal-UE għall-proġetti li jħallu effetti kbar, bħalma huma l-kostruzzjoni ta' digi fil-Wied ta' Munzur, id-diga Allianoi, il-kostruzzjoni tad-diga Ilisu u x-xogħol fil-minjiera tad-deheb f'Bergama u reġjuni oħrajn, li jheddu kemm il-patrimonju sto-riku, kif ukoll pajsaġġi uniċi u ta' valur kbir; jitlob lill-Gvern Tork biex iqis il-liġi tal-UE bħala linja gwida meta jitfasslu proġetti għall-iżvilupp reġjunali;

38. Jikkundanna bil-qawwi l-vjolenza mwettqa mill-Partit tal-Ħaddiema Kurdistani (PKK) u minn gruppi terroristiċi oħra fit-territorju Tork; jikkundanna l-attakk f'Dijarbakir f'Jannar 2008, meta nqatlu sitt persuni u ndarbu aktar minn 60, u joffri l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji tal-vittmi ta' dan ir-reat; itenni s-soli-darjetà tiegħu mat-Turkija fil-ġlieda tagħha kontra t-terroriżmu, u għal darb'oħra jistieden lill-PKK sabiex jid-dikkjara u jirrispetta waqfien immedjat u bla kundizzjonijiet mill-ġlied;

39. Itenni l-appelli tiegħu lill-Gvern Tork biex ma jidħolx f'operazzjonijiet militari sproporzjonati li jidħlu bla permess fit-territorju tal-Iraq; iħeġġeġ lit-Turkija biex tirrispetta l-integrità territorjali tal-Iraq, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u biex tiżgura li jiġu evitati l-każwalitajiet ċivili; iħeġġeġ lill-Gvern tal-Iraq u lill-Gvern Reġjonali Kurd tal-Iraq biex ma jħallux lit-territorju Iraqi jintuża bħala bażi għal atti terroristiċi kontra t-Turkija; jilqa' l-komunikazzjoni li qed isseħħ bejn il-gvernijiet tat-Turkija u tal-Iraq, u jitlob ukoll li jiddaħħlu miżuri biex tiġi intensifikata l-koperazzjoni mal-Gvern Reġjonali Kurd tal-Iraq, sabiex il-prevenz-joni effettiva tal-atti terroristiċi ssir possibbli taħt ir-responsabilità Iraqina;

***Kwistjonijiet reġjonali u relazzjonijiet esterni***

40. Ifakkar l-impenn tat-Turkija għal relazzjonijiet tajba mal-pajjiżi ġirien, u jenfasizza l-fatt li qed jistenna li t-Turkija se żżomm lura minn kull theddid kontra pajjiżi ġirien u tirrisolvi paċifikament kull disputa li għadha mhux solvuta bi qbil mal-Karta tan-NU, kull konvenzjoni internazzjonali relevanti oħra u l-ftehimiet u l-obbligi bilaterali; b'mod partikolari, jistieden lill-awtoritajiet Torok biex ikabbru, fl-ispirtu ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien, id-djalogu mal-Greċja (per eżempju l-pjattaforma kontinentali tal-Eġew) u mal-Bulgarija (per eżempju d-drittijiet tal-proprjetà tar-refuġjati Bulgari ta' Thrace) sabiex jissolvew il-kwistjonijiet bilaterali kollha li għadhom pendenti;

41. Jisħaq il-ħtieġa li jkun hemm soluzzjoni komprensiva tal-kwistjoni ta' Ċipru; jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim li ntlaħaq mill-mexxejja taż-żewġ komunitajiet ta' Ċipru fil-21 ta' Marzu 2008 u jistieden liż-żewġ partijiet biex jużaw dan il-perjodu ta' żmien li attwalment qed joffri l-opportunità biex tinkiseb soluzzjoni komprensiva fi ħdan il-qafas tan-NU, bażata fuq il-prinċipji li fuqhom hi msejsa l-UE; f'dan ir-rigward, ifakkar firriżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li ddikjaraw li l-irtirar tal-forzi Torok jiffaċilita in-negozjar ta' ftehim;

42. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' strument ta' appoġġ finanzjarju li jinkuraġġixi l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijota Torka; jistieden għal darb'oħra lill-Kummissjoni sabiex tirrapporta speċifikament dwar l-implimentazzjoni u l-effettività ta' dak l-istrument;

43. Jilqa' r-relazzjonijiet imtejba li nkisbu bejn il-Greċja u t-Turkija f'dawn l-aħħar għaxar snin u t-tkomplija tal-klima politika tajba, kif xehdet iż-ż-żjara uffiċjali reċenti fit-Turkija tal-Prim Ministru tar-Repubblika Griega, Kostas Karamanlis, li tagħti tama għal titijib ulterjuri tar-relazzjonijiet bilaterali bejn il-Greċja u t-Turkija, b'mod partikulari s-soluzzjoni paċifika tal-kwistjonijiet kollha li ġew enfasizzati fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament, fuq il-bażi tal-liġi internazzjonali u f'konformità mal-impenji li ttieħdu fil-Qafas ta' Negozjar;

44. Jistieden lill-Gvern Tork biex jerġa jiftaħ il-fruntiera tiegħu mal-Armenja; hekk li jerġa' jistabilixxi r-relazzjonijiet ekonomiċi u politiċi ma' dan il-pajjiż; jistieden għal darba oħra lill-gvernijiet tat-Turkija u tal-Armenja biex jibdew proċess ta' rikonċiljazzjoni, b'rispett tal-preżent u tal-passat, li jippermetti diskussjoni sinċiera u miftuħa tal-avvenimenti li ġraw fil-passat; jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita dan il-proċess ta' rikonċiljazzjoni;

45. Jirrikonoxxi l-irwol tat-Turkija bħala sieħba importanti tal-UE fit-twettiq tal-għanijiet tal-politika barranija tal-UE fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, fl-Ażja Ċentrali u fil-Lvant Nofsani u l-madwar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jużaw aħjar il-potenzjal tar-relazzjonijiet mill-qrib bejn l-UE u t-Turkija f'dawn ir-reġjuni;

46. Iħeġġeġ lit-Turkija biex tiffirma l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, peress li dan huwa strument multilaterali vitali;

47. Ifaħħar il-kontribut tat-Turkija għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża fil-Bożnja-Ħerżegovina u fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, u l-kontribut tagħha għall-operazzjonijiet immexxija min-NATO fil-Kosovo, fid-Darfur u fl-Afganistan;

48. Jiddispjaċih madankollu dwar l-objezzjoni li baqgħet għaddejja tat-Turkija għall-implimentazzjoni tal-koperazzjoni strateġika bejn l-UE u n-NATO bbażata fuq il-Ftehima "Berlin Plus" u li tmur lil hinn minnha; Jinsab imħasseb dwar il-konsegwenzi negattivi għall-protezzjoni tal-istaff imħaddem tal-UE, b'mod partikolari l-Missjoni tal-Pulizija tal-UE fl-Afganistan (EUPOL) u l-Missjoni Stat ta' Dritt tal-UE (EULEX) fil-Kosovo, u jitlob biex dawk l-objezzjonijiet jiġu rtirati mit-Turkija kemm jista' jkun malajr;

***Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija***

49. Iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jimplimenta kompletament u bla dewmien id-dispożizzjonijiet li jirriżultaw mill-Ftehima ta' Assoċjazzjoni EU-Turkija u mill-Protokoll Addizzjonali għaliha; ifakkar li jekk ma jitwettqux l-impenji tat-Turkija, il-proċess tan-negozjati se jkompli jiġi affetwat serjament;

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

50. Jirrikonoxxi l-ambizzjoni tat-Turkija li ssir ċentru tal-enerġija għall-Ewrażja u l-irwol li jista' jkollha fil-kontribut għas-sigurtà enerġetika tal-Ewropa; ifaħħar il-progress li t-Turkija kisbet fil-qasam tal-enerġija; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2007 msemmija hawn fuq li tappoġġja l-ftuħ tan-negozjati dwar dan il-kapitolu; iħeġġeġ lit-Turkija biex tingħaqad mal-Komunità Ewropea tal-Enerġija bħala membru sħiħ, sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni fl-enerġija bejn l-UE u t-Turkija, li tista' tkun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha involuti; jistieden lit-Turkija biex tappoġġja kompletament il-proġett tas-sistema ta' pajpijiet ta' Nabucco, li hu proġett prijoritarju Ewropew;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Gvern Tork biex jibdew in-negozjati għal ftehima għall-iffaċilitar tal-viżi bejn l-UE u t-Turkija;

52. Jindika li waħda mir-rotot ewlenin tal-immigrazzjoni lejn l-Ewropa mill-Lvant Nofsani u l-madwar u mill-Ażja t'Isfel tgħaddi mit-territorju Tork; jinnota l-progress limitat li sar fil-qasam tal-immaniġġjar tal-migrazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lit-Turkija biex jintensifikaw in-negozjati dwar ftehim ta' rijammissjoni, ***konformi mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem,*** bl-intenzjoni li tiġi konkluża bla dewmien; iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex jimplimenta kif suppost il-ftehimiet u l-protokolli eżistenti dwar ir-rijammissjoni bilaterali mal-Istati Membri tal-UE;

53. Jilqa' l-progress li sar mill-Gvern Tork fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħazagħ u l-kultura sa fejn għandu x'jaqsam l-allinjament mal-acquis tal-UE; jenfasizza l-importanza ta' koperazzjoni mill-qrib u sostnuta bejn l-UE u t-Turkija f'dawn l-oqsma, li huma kruċjali għall-immodernizzar b'suċċess tas-soċjetà Torka fuq perjodu ta' żmien twil;

54. Jilqa' n-nomina ta' Istanbul bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura 2010 bħala opportunità biex jissaħħu d-djalogu interkulturali u l-koperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija;

55. Itenni l-appoġġ tiegħu għad-Djalogu tas-Soċjetà Ċivili bejn l-UE u t-Turkija u jitlob lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar l-attivitajiet li twettqu f'dak il-qafas, kif ukoll dwar l-assistenza li ngħatat lis-soċjetà ċivili Torka taħt l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA); jistieden lill-Gvern Tork biex jinvolvi lis-soċjetà ċivili tiegħu aktar mill-qrib fil-proċess ta' riforma;

56. Jilqa' l-fatt li l-IPA tipprovdi appoġġ għal azzjonijiet li jħeġġu dibattiti pubbliċi li jkunu infurmati aħjar dwar it-tkabbir tal-UE; jistieden lill-Gvern Tork kif ukoll atturi mhux governattivi fit-Turkija u l-UE biex jagħmlu użu sħiħ ta' dawn il-mezzi sabiex jitħeġġeġ l-appoġġ għall-proċess ta' riforma u biex jissaħħu aktar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija;

57. Jisgħobbih li l-Kummissjoni għadha ma ħarġitx segwitu għall-istudju ta' impatt preżentat fl-2004; u jħeġġeġ biex dan jiġi preżentat lill-Parlament bla dewmien;

58. Jistieden lill-Gvern Tork biex iwaqqaf l-istrutturi kollha meħtieġa biex tiġi implimentata l-assistenza mill-istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u biex isaħħaħ il-kapaċità għall-assorbiment tat-Turkija; jistieden lill-Kummissjoni biex, qabel l-aħħar tal-2008, tirraporta dwar l-assistenza li ngħatat lit-Turkija taħt l-istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni mill-2007;

59. Jerġa' jtenni l-importanza ta' programmi ta' koperazzjoni bilaterali u trilaterali bejn il-fruntieri (Turkija-Greċja-Bulgarija) u wkoll dawk li jkunu twettqu taħt l-ENPI (l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija)/ il-Programm tal-Baħar l-Iswed taċ-CBC (Koperazzjoni Transfruntiera), bħala għodda xierqa biex jitħeġġu kuntatti soċjali, kulturali u ekonomiċi eqreb bejn l-imsieħba lokali fir-reġjuni mal-fruntieri;

*

* *

60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-President tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tat-Turkija.

## Reviżjoni tal-politika industrijali ta' nofs it-terminu — Kontribut lejn l-Istrateġija tal-UEgħat-Tkabbir u x-Xogħlijiet

P6_TA(2008)0226

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar reviżjoni tal-politika industrijali ta' nofs it-terminu — Kontribut lejn l-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir u x-Xogħlijiet (2007/2257(INI))**

(2009/C 279 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni bit-titolu "Reviżjoni tal-politika industrijali ta' nofs it-terminu — Kontribut lejn l-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir u x-Xogħlijiet" (COM(2007)0374) u d-dokument ta' ħidma tal-istaff (SEC(2007)0917) li jakkumpanjaha,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività tat-22 u tat-23 ta' Novembru 2007,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju — Essenzjali għal aktar tkabbir ekonomiku u xogħlijiet — Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-politika Moderna għall-SMEs" (COM(2007)0592),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Inizjattiva tas-suq ewlieni għall-Ewropa" (COM(2007)0860),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2006 dwar qafas ta' politika sabiex tissaħħaħ il-manifattura tal-UE — lejn approċċ aktar integrat għall-politika industrijali ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Novembru 2006 dwar wasal iż-żmien li ningranaw — Noħolqu Ewropa ta' imprenditorija u tkabbir ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0167/2008),

A. billi r-Reviżjoni tal-Kummissjoni ta' nofs it-terminu tal-politika industrijali tqis il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-approċċ integrat għall-politika industrijali kif kien fl-2005 u tistipula l-miżuri li għandhom jittieħdu fis-snin li ġejjin,

B. billi l-industrija fl-UE tikkontribwixxi għal aktar minn 80 % tal-ispiża fir-riċerka u l-iżvilupp tas-settur privat u l-prodotti innovattivi li tipproduċi huma aktar minn 73 % tal-esportazzjonijiet tal-UE, b'hekk għandhom rwol importanti fit-trasformazzjoni tal-UE f'ekonomija bbażata fuq l-għerf,

C. billi, meta mqabbel ma' reġjuni oħrajn, bħal ma' huma l-Istati Uniti u l-Ażja, l-industrija tal-UE għadha relattivament iddum biex tadatta għar-realtajiet tas-suq li jinbidlu u għall-iżviluppi teknoloġiċi ġodda min-ħabba r-regolazzjoni qawwija tas-suq,

D. billi xejriet bħal ma huma l-globalizzazzjoni, il-bidla teknoloġika u l-iżvilupp sostenibbli joffru opportunitajiet importanti, u s'issa mhux sfruttati, għas-settur industrijali fl-UE,

([1]) ĠU C 303 E, 13.12.2006, p. 646.
([2]) ĠU C 316 E, 22.12.2006, p. 378.

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

1. Jilqa' bi pjaċir il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-reviżjoni tal-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' politika industrijali integrata u jenfasizza li settur industrijali li qed jirnexxi huwa essenzjali għall-kisba tal-għanijiet ta' Liżbona;

2. Jinnota l-progress li sar permezz ta' azzjonijiet kemm orizzontali kif ukoll speċifiċi skond is-settur u jilqa' l-inizjattivi settorjali ġodda dwar l-ipproċessar tal-ikel u l-inġinerija elettrika;

3. Jiddispjacih għall-fatt li r-rabta bejn l-UE u l-politika industrijali nazzjonali hija dgħajfa u jappoġġja l-inizzjattivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri biex tissaħħaħ din ir-rabta;

4. Jemmen li l-irwol ewlieni tal-politika industrijali tal-UE huwa li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet it-tajba għal qafas għall-iżvilupp tal-intrapriża, għall-investiment industrijali, għall-innovazzjoni u għall-ħolqien tal-impjiegi, billi tingħata attenzjoni partikulari lill-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

5. Huwa tal-opinjoni li suq intern miftuħ u kompetittiv fis-servizzi u fl-industrija jikkontribwixxi għall-kapaċità tal-innovazzjoni u għaż-żieda tal-kompetittività tas-settur industrijali; huwa tal-opinjoni li l-politika għall-kompetizzjoni hija kruċjali biex ikun żgurat li l-konsumaturi jibbenefikaw minn suq Ewropew miftuħ;

6. Jisħaq l-importanza ta' skema ta' akkwist pubbliku effiċjenti għall-kompetittività tal-industrija Ewropea; jemmen li l-akkwist pubbliku qabel il-kummerċjalizzazzjoni hija għodda importanti biex l-innovazzjoni tal-intraprizi Ewropej tingħata spinta; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirrevedu l-politiki ta' akkwist pubbliku tagħhom fid-dawl ta' dan u jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika f'dan il-qasam;

7. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-konsolidazzjoni tas-suq Ewropew tat-tagħmir ta' difiża u dwar it-titjib tal-kompetittività globali tal-industrija tad-difiża fl-UE;

8. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tintensifika l-monitoraġġ tas-suq tagħha tal-katina tal-provvista tal-prodotti industrijali u tal-konsumatur, inklużi d-distributuri u l-bejjiegħa "downstream" biex ikunu żgurati kundizzjonijiet kompetittivi fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista;

9. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid l-isforzi tagħha biex telimina ostakli amministrattivi mhux meħtieġa li jagħmlu l-aċċess għas-suq intern diffiċli, sabiex tissimplifika u ttejjeb l-ambjent regolatorju u sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv minn fuq l-intrapriżi, inter alia, billi tiżgura li jkun sar progress fuq it-13-il qasam ta' prijorità stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u billi timplimenta t-tieni pakkett ta' miżuri "rapidi" biex jitneħħew l-ostakli amministrattivi;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jimxu 'l quddiem lejn il-ħolqien u l-kisba ta' miri nazzjonali ambizzjużi għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv, b'mod partikulari dawk li jħeġġu t-tkabbir u l-iżvilupp tal-SMEs, bħal ma huma r-rekwiżiti u l-eżenzjonijiet simplifikati tar-rappurtaġġ;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tuża metodu koerenti għall-SMEs fil-politiki tal-UE kollha billi tapplika b'mod xieraq il-prinċipju magħruf bħala "l-ewwel aħseb fiż-żgħir";

12. Jappoġġja bil-qawwi l-inizjattiva għall-Ewropa għal "Att għall-Intrapriżi ż-Żgħar"; jemmen li għandha tkun fil-forma ta' proposta leġiżlattiva li għandha tinkludi inizjattivi ġodda u konkreti sabiex, permezz ta' eżenzjonijiet, jitnaqqas il-piż regolatorju fuq l-SMEs, sabiex jitħaffef l-aċċess tagħhom għas-suq intern u għall-proċeduri ta' appalt pubbliku u sabiex ikun żgurat li għandhom aċċess adegwat għas-sorsi ta' finanzjament u għall-infrastruttura tar-riċerka;

13. Jenfasizza l-importanza tal-Ftehima ta' Basel II ([1]) dwar l-influwenza fuq l-imġiba tal-banek u r-rieda tal-banek li jsellfu lil klijenti ta' riskju relattivament għoli, inklużi l-SMEs; iqis lil dan l-iżvilupp bħala strumentali fl-appoġġ tal-SMEs fl-investiment u fit-twettiq ta' riċerka orjentata lejn in-negozju;

([1]) Konverġenza Internazzjonali tal-Kejl tal-Kapital u tal-Istandards tal-Kapital: Qafas Rivedut, Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni tal-Banek, Ġunju 2004.

14. Jilqa' b'sodisfazzjon il-gruppi ta' sħubija mwaqqfin mill-Kummissjoni, bħall-CARS 21 u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar it-Tessuti; jemmen li dawn il-gruppi huma fora importanti għat-tisħiħ tal-politika industrijali tal-UE;

15. Jenfasizza l-urġenza li jitwaqqaf suq madwar l-Unjoni Ewropea għall-kapital ta' riskju permezz tat-tneħħija ta' ostakoli regolatorji u fiskali eżistenti għall-investimenti ta' kapitali ta' riskju tal-kumpaniji żgħar Ewropej li huma l-iktar innovattivi;

16. Ifakkar fl-importanza ta' sistemi moderni ta' standardizzazzjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħaffef l-implimentazzjoni ta' standards ta' "metodi ġodda", filwaqt li jiġu rispettati l-ħtiġijiet tal-SMEs u tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-SMEs;

17. Huwa tal-fehma li l-għanijiet ambjentali tal-UE m'għandhomx ikunu meqjusa bħala theddida għall-industrija, iżda bħala opportunità sabiex jinkiseb vantaġġ għal min jagħmel l-ewwel pass u biex l-industrija fl-UE tkun minn ta' quddiem fid-dinja fit-teknoloġiji, fil-prodotti u fis-servizzi li jħarsu l-ambjent u li huma soċjalment aċċettabbli; jenfasizza, madankollu, li l-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għandha ssir flimkien ma' miżuri biex jissalvagwardjaw il-kompetittività internazzjonali tal-intrapriżi Ewropej;

18. Iqis li l-iżvilupp industrijali huwa marbut mill-qrib mal-eżistenza ta' infrastruttura effiċjenti tat-trasport fuq livell Ewropew, li infrastruttura tat-trasport li taħdem sew tagħti ċ-ċans li z-zoni industrijali jiżviluppaw, inklużi dawk barra l-ibliet, u li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw il-fondi għall-iżvilupp reġjonali sabiex joħolqu parks industrijali u teknoloġiċi f'zoni rurali maġenb zoni urbani kbar;

19. Iqis li l-pjan ta' azzjoni fil-qasam tal-politika industrijali sostenibbli propost mill-Kummissjoni għandu jistabbilixxi qafas għal tranżizzjoni gradwali lejn industrija b'livell baxx ta' karbonju u ta' enerġija u li tkun effiċjenti fir-riżorsi sabiex jingħata kontribut biex jintlaħqu l-għanijiet fl-oqsma tal-enerġija u tal-bidla fil-klima fformulati mill-Kunsill Ewropew tat-8 u tad-9 ta' Marzu 2007; jemmen li l-inizjattiva tas-"suq ewlieni" u l-Programm ta' Azzjoni dwar l-Istandards jista' jkollhom rwol importanti f'dan;

20. Jisħaq b'mod speċjali fuq il-ħtieġa għal żvilupp sostenibbli u bbilanċjat fl-UE kollha, kemm ġeografikament kif ukoll fir-rigward tal-iskala ta' proġetti; jemmen li metodu tassew ibbilanċjat huwa l-uniku mod biex ikun stimulat l-iżvilupp tal-industrija fl-UE, biex ikun hemm opportunitajiet ġodda għall-ħolqien tal-impjiegi u biex ikunu promossi r-reġjuni ta' suċċess fl-UE; jemmen li "l-inizjattiva tal-għenieqed" tista' tkun ta' stimolu b'saħħitha għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp reġjonali sostenibbli;

21. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kontribuzzjoni sinifikanti tal-politika ta' koeżjoni biex tiġi żgurata il-kompetizzjoni fis-settur industrijali u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffukaw iktar l-investimenti tagħhom fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u fuq il-Fond Soċjali Ewropew f'oqsma li jippromwovu t-tkabbir tal-kapital uman, tar-riċerka, tal-innovazzjoni, tal-imprenditorjat u tal-assistenza għall-SMEs;

22. Jirrimarka li l-impatt tal-leġiżlazzjoni ambjentali fuq il-kompetittività internazzjonali tal-industriji fl-UE li jikkunsmaw ħafna enerġija għandu jitqies bla telf ta' żmien sabiex jiġu evitati t-tnixxija tal-karbonju u l-qgħad; iħeġġeġ f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni sabiex tmexxi u tappoġġja b'mod attiv it-twaqqif ta' ftehimiet settorjali globali li jistgħu jnaqqsu l-impatt ambjentali ta' industriji speċifiċi fid-dinja kollha waqt li jiżguraw li jkun hemm l-istess kundizzjonijiet;

23. Jappoġġja lill-Kummissjoni fil-mossa tagħha biex il-proposti leġiżlattivi l-ġodda kollha jkunu sottomessi għal evalwazzjoni intensiva u rigoruża tal-impatt tagħhom, li teżamina b'mod partikolari kull proposta għandhiex implikazzjonijiet mhux favorevoli għall-iffunzjonar tas-suq intern jew għall-kompetittività tan-negozji Ewropej skond il-prinċipju tas-sostenibilità;

24. Jiġbed l-attenzjoni għall-iżviluppi attwali fir-rigward tal-aċċess għall-materja prima; jirrimarka li l-UE tiddependi għal kollox mill-importazzjonijiet ta' metalli diversi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi metodu integrat biex ikun żgurat l-aċċess sostenibbli għall-materja prima, it-titjib tal-effiċjenza tar-riżorsi u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' esplorazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw u jgħaġġlu t-twettiq tal-proġetti li, skond kif imħabbra mill-Kunsill Ewropew, huma ta' interess għall-Komunità għas-sikurezza tal-enerġija u għad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija tal-UE;

25. Ifakkar fil-bidla strutturali importanti li ġiet minħabba ċ-ċaqliq tal-impjiegi lejn is-servizzi relatati mal-industrija; għalhekk jappoġġja l-inizzjattiva dwar l-industrija u s-servizzi ppjanati li se janalizzaw is-settur tas-servizzi u l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività industrijali; jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni, b'mod partikulari, għat-titjib tal-kwalità, tal-produttività u tal-valur tas-servizzi mogħtija lill-industrija, b'mod partikulari s-servizzi tan-negozju b'għarfien intensiv;

26. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar il-bidla strutturali li se tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri; iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Kummissjoni, fir-reviżjoni tagħha tal-Komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Strutturar mill-ġdid u impjieg — li tantiċipa u takkumpanja l-istrutturar mill-ġdid biex jiżviluppa l-impjieg: ir-rwol tal-Unjoni Ewropea" (COM(2005)0120, sabiex tappoġġja t-twaqqif ta' sħubijiet kbar fuq il-livell tal-UE kif ukoll ta' netwerks għall-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fost l-esperti fl-Istati Membri;

27. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' investiment prijoritarju kontinwu fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fir-riċerka, kif wkoll dwar id-dipendenza tal-iżvilupp industrijali u tal-kompetittività tal-prodotti tal-UE fuq il-kwalità tar-riżorsi umani u l-innovazzjoni globali fi prodotti ġodda;

28. Jisħaq fuq il-fatt li prodotti innovattivi, li jirrappreżentaw 73 % tal-esportazzjonijiet tal-UE, isaħħu l-vantaġġ kompetittiv tal-UE b'mod sinifikanti; jinnota, madankollu, li l-Unjoni għadha lura ħdejn l-Istati Uniti u l-Ġappun fl-innovazzjoni, l-aktar fir-Riċerka u l-Iżvilupp dwar in-negozju; jemmen, għalhekk, li għandhom ikunu sfruttati tajjeb programmi Komunitarji għall-iffinanzjar, bħas-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni u l-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, u l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija; f'dan ir-rigward, jilqa' l-inizjattiva "tas-suq ewlieni" u l-Programm ta' Azzjoni dwar l-Istandards bħala kontribuzzjonijiet biex jiġi lliberat il-potenzjal tas-suq għall-prodotti u servizzi innovattivi f'oqsma speċifiċi ta' valur sinifikanti għas-soċjetà; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex turi l-impenn tagħha għal leġiżlazzjoni aħjar f'dan ir-rigward u jitlob li tingħata attenzjoni biex ċerti soluzzjonijiet teknoloġiċi ma jingħatawx preferenza fuq oħrajn;

29. Iqis li, sabiex tingħata spinta lill-innovazzjoni madwar l-UE, huwa essenzjali li attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-invenzjoni jkunu appoġġjati u li l-prodotti ta' dawn l-attivitajiet ikunu mħarsa; jirrimarka, għalhekk, dwar l-importanza ta' politika dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li tkun trasparenti u ssimplifikata u tkun waħda li fil-fatt tkun infurzata; jistieden lill-Kunsill sabiex jieħu azzjoni biex jintroduċi brevett Komunitarju malajr kemm jista' jkun u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli tiġġieled il-falsifikazzjoni u biex taħdem għal soluzzjonijiet globali f'dan il-qasam, ibbażat l-aktar fuq il-mudelli Ewropej;

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Is-sitwazzjoni fil-Libanu

P6_TA(2008)0228

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-sitwazzjoni fil-Libanu**

(2009/C 279 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Lvant Nofsani, partikolarment dawk tas-16 ta' Jannar 2003 dwar il-konklużjoni ta' Ftehima ta' Assoċjazzjoni mar-Repubblika tal-Libanu ([1]), tal-10 ta' Marzu 2005 dwar is-sitwazzjoni fil-Libanu ([2]), tas-7 ta' Settembru 2006 dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani ([3]), u tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Lvant Nofsani ([4]), u l-pożizzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tipprovdi għal assistenza makro-finanzjarja għal-Libanu ([5]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1559 (2004), 1636 (2005), 1680 (2006), 1701 (2006), u 1757 (2007),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Ewro-Mediterranja li tistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitá Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u r-Repubblika tal-Libanu, fuq l-oħra ([6]) (il-Ftehima ta' Assoċjazzjoni),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/860/KE, tal-10 ta' Diċembru 2007, li tipprovdi għajnuna makro-finanzjarja għal-Libanu ([7]),

— wara li kkunsidra l-istqarrija tas-16 ta' Mejju 2008 mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Javier Solana dwar is-sitwazzjoni fil-Libanu,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea dwar il-Lvant Nofsani tal-14 ta' Marzu 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi jinsab imħasseb sew dwar iż-żieda fil-vjolenza fil-Libanu u dwar is-sitwazzjoni istituzzjonali li nħolqot fil-Libanu wara l-falliment tal-elezzjonijiet presidenzjali,

B. billi minħabba l-ġlied vjolenti reċenti bejn il-milizzja tal-Hiżbollah u milizzji oħra f'Bejrut u f'partijiet oħra tal-Libanu, wara d-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu mill-Gvern Libaniż fis-6 ta' Mejju 2008, u l-vjolenza li kien hemm minħabba t-tkeċċija tal-ġeneral inkarigat mis-sigurtà tal-ajruport kif ukoll il-projbizzjoni tas-sistemi ta' komunikazzjoni tal-Hiżbollah, inqatlu tużżani ta' ċittadini u ndarbu mijiet oħra,

C. billi l-Gvern Libaniż, bil-għan li jtemm il-ġlied, warrab id-deċiżjonijiet li wasslu għall-vjolenza u inkariga l-armata Libaniża bis-soluzzjoni għall-kriżi,

D. billi l-Parlament Libaniż ma kellux rwol kostituzzjonali anki qabel Novembru 2007, meta ntemm il-mandat tal-President tar-Repubblika Libaniża, u billi l-pajjiż jinsab f'qagħda ta' kollass istituzzjonali, li rriżultat f'konsegwenzi serji fit-tħaddim demokratiku,

E. billi l-Hiżbollah mhuwiex biss partit politiku tal-oppożizzjoni, imma wkoll grupp armat li jikkontrolla parti kbira mit-territorju Libaniż, inkluża ż-żona li jgħixu fiha l-komunitajiet Shiite tiegħu,

F. billi, fuq il-bażi tal-inizjattiva meħuda mil-Lega ta' Stati Għarab, il-partijiet ikkonċernati laħqu ftehim fil-15 ta' Mejju 2008 biex tintemm b'mod immedjat il-vjolenza bl-armi, biex jerġa' jibda d-djalogu nazzjonali ċċentrat fuq il-mistoqsijiet tal-gvern tal-unità nazzjonali u l-liġi l-ġdida tal-elezzjonijiet, u biex terġa' tibda l-ħajja normali u jkun hemm sitwazzjoni bħal dik ta' qabel l-inċidenti reċenti,

---

([1]) ĠU C 38 E, 12.2.2004, p. 307.
([2]) ĠU C 320 E, 15.12.2005, p. 257.
([3]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 236.
([4]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0350.
([5]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0550.
([6]) ĠU L 143, 30.5.2006, p. 2.
([7]) ĠU L 337, 21.12.2007, p. 111.

G. billi s-sitwazzjoni politika attwali li ilha wieqfa fil-Libanu qed tipparalizza t-tħaddim proprju tal-pajjiż; billi din il-kriżi politika tikkostitwixxi theddida kbira għall-istabilità fraġli fil-Libanu u fir-reġjun sħiħ; billi Libanu stabbli, b'sovranità sħiħa, magħqud u demokratiku huwa ta' importanza kruċjali għall-istabilità u l-iżvilupp paċifiku tal-Lvant Nofsani kollu,

H. billi l-Libanu huwa pajjiż b'rabtiet politiċi, ekonomiċi u kulturali b'saħħithom mal-Ewropa u huwa msieħeb importanti tal-Unjoni Ewropea fil-Lvant Nofsani; billi Libanu sovran u demokratiku jista' jilgħab rwol kruċjali fl-iżvilupp ta' Sħubija Ewro-Mediterranja b'saħħitha,

I. billi l-Artikolu 2 tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni jistipula li r-relazzjonijiet bejn il-Partiti, kif ukoll id-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehima nnifisha, għandhom ikunu bbażati fuq ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif imsemmi fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tmexxi l-politiki interni u internazzjonali tagħhom u tikkostitwixxi element essenzjali tal-Ftehima; billi l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa jieħu l-passi meħtieġa, fil-qafas tad-djalogu politiku regolari imsemmi fil-Ftehima, biex titħeġġeġ il-koperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlament Libaniż,

J. billi r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtá tan-NU 1757(2007) waqqfet tribunal internazzjonali sabiex iressaq persuni responsabbli għall-qtil tal-Prim Ministru ta' qabel Rafik Hariri u għal għadd ta' qtiel politiku ieħor fil-Libanu,

K. billi l-Libanu għadu qed jaffaċċja ħafna sfidi finanzjarji u ekonomiċi; billi fl-4 ta' Jannar 2007 l-awtoritajiet tal-Libanu adottaw, programm komprensiv ta' riformi soċjo-ekonomiċi; billi l-Unjoni Ewropea offriet assistenza makro-finanzjarja li tammonta għal EUR 80 miljun, bil-għan li tappoġġja l-isforzi domestiċi fir-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra u tal-irkupru ekonomiku sostenibbli tal-Libanu, u b'dan il-mod tnaqqas ftit il-piż finanzjarju fuq l-implimentazzjoni tal-programm ekonomiku tal-gvern,

L. billi aktar minn 300,000 refuġjat Palestinjan għadhom qed jgħixu f'kundizzjonijiet ħżiena fil-Libanu; billi l-każijiet ta' vjolenza u ġlied mal-armata li seħħew f'ċerti kampi tar-refuġjati Palestinjani żiedu t-tensjoni fil-pajjiż,

M. billi l-integrità territorjali tal-irziezet ta' Shebaa għadha kwistjoni pendenti,

1. Jilqa' l-ftehim milħuq f'Doha mill-partijiet dwar l-elezzjoni tal-Ġeneral Michel Sleiman bħala President tar-Repubblika fil-jiem li ġejjin, l-kreazzjoni ta' Gvern ta' Unità Nazzjonali u l-adozzjoni tal-liġi tal-elezzjoni; jitlob lill-partijiet biex jimplimentawh fl-intier tiegħu; jenfasizza l-importanza tar-reazzjoni pożittiva tal-komunità internazzjonali; jifraħ lill-partiti lebaniżi dwar il-ftehim, u lill-Istat ta' Qatar u lill-Lega Għarbija għall-medjazzjoni li rnexxiet;

2. Jisħaq fuq l-importanza tal-istabilità, is-sovranità, l-indipendenza, l-unità u l-integrità territorjali tal-Libanu; jinnota li l-istabilità politika fil-Libanu għandha tinbena fuq ir-restawr ta' klima ta' kunfidenza bejn il-partijiet kollha, it-tiċħid tal-vjolenza u r-rifjut tal-influwenza esterna;

3. Jilqa' l-mod pożittiv li bih ikkontribwixxew biex itemmu l-iżviluppi reċenti l-armata u s-servizzi tas-sigurtà; jistieden lill-partijiet kollha involuti biex jappoġġjaw l-armata Libaniża sabiex din tkun tista' tiggarantixxi bis-sħiħ it-tħaddim, is-sigurtà, il-liġi u l-ordni, is-sovranità u l-istabilità tal-Libanu;

4. Iqis għalhekk li s-sigurtà tal-pajjiż u l-poplu Libaniż kollu huwa dipendenti fuq id-diżarmament tal-gruppi armati kollha, b'mod partikolari l-Ħiżbollah, u fuq il-kontroll tal-ittraffikar tal-armi lejn il-Libanu; iqis li huwa vitali li l-importazzjonijiet kollha tal-armi fil-Libanu jingħataw biss lill-armata uffiċjali Libaniża; itenni l-istedina tiegħu lill-Gvern Lebaniż biex, flimkien mal-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL), jeżerċita sovranità sħiħa u kontroll effettiv fuq il-fruntieri u t-territorju tal-pajjiż f'dan ir-rigward; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-partiti kollha biex jiċħdu l-vjolenza, jaċċettaw għal kollox ir-regoli tad-demokrazija u jirrikonoxxu l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet statali kollha eletti irrelevanti mill-affiljazzjoni u oriġini etniċi, reliġjużi u mill-affiljazzjoni ma' partit;

5. Ifakkar li l-Ftehima ta' Assoċjazzjoni tipprovdi għal djalogu politiku bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlament Libaniż fuq il-bażi tat-twaqqif ta' koperazzjoni politika bejn iż-żewġ istituzzjonijiet;

6. Itenni l-importanza tal-irwol tal-UNIFIL; iqis li huwa vitali li l-Gvern Libaniż jeżerċita s-sovranità sħiħa u l-kontroll effettiv mal-fruntieri u mat-territorju tal-pajjiż fl-attivitajiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-istat b'tali mod li jiggarantixxi s-sigurtà tal-pajjiż u taċ-ċittadini tiegħu;

7. Itenni l-istedina tiegħu lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jappoġġjaw il-ħidma tat-tribunal internazzjonali sabiex jitressqu quddiemu dawk responsabbli mill-qtil tal-ex-Prim Ministru Rafik Hariri u minn qtil ieħor b'motivi politiċi fil-Libanu, u jħeġġeġ lis-Sirja biex tikkopera bis-sħiħ miegħu;

8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Libaniżi biex jagħmlu kull sforz possibbli biex tintemm id-diskriminazzjoni kollha kontra r-refuġjati Palestinjani; jerġa' jtenni t-talba tiegħu biex il-komunità internazzjonali żżid l-għajnuna tagħha sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema;

9. Jistieden lis-Sirja biex tieqaf minn kull interferenza li jista' jkollha impatt negattiv fuq l-affarijiet interni tal-Libanu u biex tassumi rwol kostruttiv ħalli tfittex li tistabbilixxi l-istabilità fil-pajjiż; jappella lill-Iran u lis-Sirja biex ikollhom rwol kostruttiv; jitlob lill-partijiet kollha kkonċernati biex jikkonformaw mar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1559 (2004) u 1701 (2006), biex jirrispettaw l-indipendenza, is-sovranità, is-sigurtà u l-istabilità tal-Libanu, billi jfakkar fil-projbizzjoni li jinbiegħu l-armamenti lil milizzji armati;

10. Jerġa' jtenni l-appoġġ tiegħu għad-determinazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tassisti lil-Libanu fir-ristrutturazzjoni ekonomika tiegħu; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu l-isforzi tagħhom biex jappoġġjaw ir-rikostruzzjoni u l-irkupru ekonomiku tal-Libanu kif ukoll biex tiġi stabbilita koperazzjoni aktar mill-viċin mas-soċjeta? ċivili fil-pajjiż, sabiex ikun hemm aktar promozzjoni tad-demokrazija fil-pajjiż;

11. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Politika Komuni tal-Affarjiet Barranin u tas-Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega ta' Stati Għarab, lill-Mibgħut tal-Kwartett għal-Lvant Nofsani, lill-President tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Libanu, lill-President u lill-Gvern tas-Sirja, u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Iran.

# Iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

P6_TA(2008)0229

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw**

(2009/C 279 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— billi din is-sena jaħbat is-60 anniversarju tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li l-Artikolu 25(1) tagħha jikkonċerna d-dritt għall-ikel;

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tas-Sammit Dinji tal-Ikel tal-1996 u l-objettiv li jitnaqqas bin-nofs in-numru ta' persuni li jbatu l-ġuħ sa l-2015,

— wara li kkunsidra l-obbligi li hemm fil-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, partikolarment l-Artikolu 11 tiegħu dwar id-dritt għall-ikel, li tiegħu l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma Firmatarji,

**Il-Ħamis, 22 ta’ Mejju 2008**

— wara li kkunsidra s-Sessjoni Speċjali tal-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar “L-impatt negattiv li l-qagħda mwiegħra tal-kriżi dinjija tal-ikel, kkawżata inter alia mill-prezzijiet għoljin ħafna tal-ikel, għandha fuq il-kisba tad-dritt għall-ikel” li ser issir f’Ġinevra fit-22 ta’ Mejju 2008,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-għajnuna umanitarja tal-Unjoni Ewropea intitolata “l-Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja” ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra “l-kontroll tas-saħħa tal-PAK” li għadu għaddej,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet riċenti tal-Evalwazzjoni Internazzjonali tal-Agrikoltura, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (IAASTD) dwar il-produzzjoni globali tal-ikel, imnedija u mwettqa bl-appoġġ tal-Programm għall-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikultura, tal-Bank Dinji u ta’ entitajiet oħra tal-komunità internazzjonali;

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima (IPCC),

— wara li kkunsidra n-negozjati attwali dwar Ir-Rawnd ta’ Żvilupp ta’ Doħa,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta’ Kigali tat-22 ta’ Novembru 2007 dwar l-iżvilupp ta’ Ftehimiet ta’ Sħubija Ekonomika (EPAs), adottat mill-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-ACP-UE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’ Ottubru 2007 dwar prezzijiet tal-għalf u tal-ikel li qed jogħlew ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. Billi wara snin ta’ staġnar u tnaqqis fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi, iż-żidiet fil-prezz dinji tal-qamħ laħqu l-181 % fuq medda ta’ 36 xahar qabel Frar 2008, il-prezzijiet tar-ross żdiedu b’141 % minn Jannar 2008 u l-prezzijiet globali tal-ikel żdiedu bi 83 %,

B. billi ż-żieda fil-prezzijiet tefgħet lura l-objettivi tat-tnaqqis tal-faqar b’7 snin u billi skond il-kalkolazzjonijiet tal-Bank Dinji ’>l fuq minn 100 miljun persuna fid-dinja li qed tiżviluppa jistgħu jsofru faqar agħar minħabba ż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-ikel,

C. billi 854 miljun persuna fid-dinja jinsabu bil-ġuħ jew nieqsa minn ikel sustanzjuż (insigurtá tal-ikel), b’4 miljuni oħra jiżdiedu magħhom kull sena; billi 170 miljun tifel u tifla mhumiex mitmugħa biżżejjed u 5.6 miljun tifel u tifla jmutu kull sena minħabba nuqqas ta’ ikel sustanzjuż,

D. billi l-kriżi attwali tal-ikel hija wkoll ir-riżultat ta’ żieda fl-ispekulazzjoni fil-prodotti bażiċi tal-ikel u dawk agrikoli,

E. billi skond il-FAO, l-ikel jirrappreżenta bejn 60 u 80 % tal-infiq tal-konsumatur f’pajjiżi li qed jiżviluppaw u madwar 10 sa 20 % f’nazzjonijiet industrijalizzati; billi ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel għandha l-aktar effett kbir fuq familji li għandhom dħul baxx,

F. billi f’dawn l-aħħar għaxriet ta’ snin, il-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ imponew liberalizzazzjoni kummerċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex jiġi impost mudell dominanti ta’ agrikoltura fuq skala kbira mmirata biex tkun esportata bi ħsara għall-produzzjoni lokali sostenibbli tal-ikel u għas-swieq tal-ikel,

([1]) ĠU C 25, 30.1.2008, p. 1.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0480.

G. billi ż-żieda fil-prezzijiet qed taggrava l-problemi ta' aċċessibilità, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk li għandhom dħul baxx jew m'għandhomx dħul,

H. billi t-talba għall-ikel qed tiżdied, speċjalment f'pajjiżi emerġenti bħal m'huma ċ-Ċina u l-Indja, hekk kif il-popolazzjoni tad-dinja qed tiżdied; billi d-dinja, li skond il-FAO tista' titma' 12-il biljun ruħ, mhijiex nieqsa mill-ikel b'mod globali; ifakkar li l-ħsad tal-qamħ u tar-ross kien tajjeb ħafna fl-2007; billi 1.01 biljun tunnellata biss tal-ħsad tal-2007 hemm ċans li jintuża biex jitma' lin-nies, filwaqt li parti kbira jintuża biex jintemgħu l-annimali (760 miljun tunnellata) u madwar 100 miljun tunnellata jintużaw biex jiġu prodotti l-agrofjuwils; billi l-aktar estimi riċenti jindikaw li l-produzzjoni dinjija taċ-ċereali fl-2008 għandha tiżdied bi 2,6 % għal rekord ta' 2,164 biljun tunnellata; billi, iżda, dawn l-estimi jiddependu fuq kundizzjonijiet klimatiċi favorevoli,

I. billi ħafna mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw m'humiex qed iwettqu l-potenzjal tagħhom ta' produzzjoni tal-ikel; billi n-nuqqas ta' investiment fl-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u t-taħriġ tal-bdiewa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali esponew lill-bdiewa żgħar għal kompetizzjoni inġusta, sitwazzjoni li żiedet il-faqar u d-djgħufija tagħhom u naqqset il-kapaċità tagħhom li jipproduċu ikel biżżejjed,

J. billi ostakolu serju għal produzzjoni agrikola akbar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa li l-bdiewa ż-żgħar spiss ma jkollhomx aċċess għal self jew mikrokrediti għal titjib ta' żrieragħ, fertilizzanti u mekkaniżmi ta' tisqija u għall-firxa meħtieġa ta' għodod ta' ħarsien tal-uċuħ tar-raba' biex jipproteġu l-ħsad tagħhom mill-organiżmi li jagħmlu l-ħsara u mill-mard, xi kultant minħabba l-fatt li l-art ma tkunx tagħhom u għaldaqstant ma jkollhom ebda garanzija fuq is-self,

K. billi l-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) wera li huma biss USD 260 miljun minn USD 750 miljun meħtieġa li s'issa ġew konfermati biex ikopru l-bżonnijiet tal-2008,

L. billi l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti qed issir forza ta' distabbilizzazzjoni fl-ekonomija globali u diġà qabbdet irvellijiet f'diversi pajjiżi,

M. billi ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel tintensifika l-ħtieġa għal risposta politika integrata u għal strateġija komprensiva sabiex tiġi ttrattata il-problema tal-ikel,

**Id-dritt għall-ikel**

1. Jenfasizza n-natura fundamentali tad-dritt għall-ikel u l-ħtieġa li jitjieb l-aċċess għal kulħadd u f'kull żmien għal ikel suffiċjenti li jwassal għal ħajja attiva u b'saħħitha; jenfasizza li l-Istati għandhom obbligu li jipproteġu, jirrispettaw u jwettqu dan id-dritt fundamentali tal-bniedem; jenfasizza li l-fatt li 2 biljun persuna għadhom jgħixu f'faqar kbir u li 850 miljun persuna jbatu l-ġuħ kuljum jixhed ksur sistematiku tad-dritt għall-ikel, kif miġbur fil-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; għalhekk jitlob li jkun hemm miżuri adegwati biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt għall-ikel; iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jiżgura koerenza fil-politiki nazzjonali u internazzjonali kollha relatati mal-ikel mal-obbligi skond id-dritt għall-ikel;

2. Jistieden lill-Kunsill biex iżid l-impenn tiegħu lejn l-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp (MDGs) billi jerġa' jafferma l-impenji ta' finanzjament u billi jadotta aġenda għal azzjoni tal-UE fir-rigward tal-MDGs waqt il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju; jikkunsidra li din l-aġenda għal azzjoni tal-UE għandha tidentifika avvenimenti importanti u azzjonijiet speċifiċi li għandhom jintlaħqu fil-limiti ta' skadenzi f'oqsma ewlenin bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-ilma, l-agrikoltura, it-tkabbir u l-infrastruttura u li għandhom jagħtu kontribut biex jiġi żgurat li l-MDGs jintlaħqu sa l-2015, bil-ħsieb, fost objettivi oħrajn, li jinqered il-ġuħ sa l-2015;

3. Jinsab imħasseb dwar l-effetti tal-ispekulazzjoni fuq il-prodotti bażiċi tal-ikel, inklużi fondi ta' lqugħ *(hedge funds)* fuq prodotti bażiċi, li qed ikollha fuq il-ġuħ u l-faqar; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tanalizza l-effett tal-ispekulazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel u sabiex toħroġ b'miżuri xierqa fuq il-bażi ta' din l-analiżi;

4. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li din il-kriżi tal-ikel hi marbuta sew mal-kriżi finanzjarja li fiha injezzjonijiet ta' likwiditá mill-banek ċentrali sabiex jevitaw il-fallimenti, setgħu żiedu l-investimenti spekulattivi fil-prodotti; jistieden lill-IMF u lill-Forum ta' Stabilitá Finanzjarja (FSF) sabiex jevalwaw dan "l-effett sekondarju" u jqisu dan meta jipproponu rimedji globali;

5. Ifakkar li dawk li qed isofru l-aktar minn din il-kriżi huma l-livelli l-anqas favoriti tal-popolazzjoni u għalhekk jisħaq dwar il-ħtieġa ta' politiki soċjali xierqa sabiex il-popolazzjonijiet fqar u imċaħħdin jingħataw is-setgħa u sabiex jittaffew l-effetti tal-kriżijiet attwali tal-ikel;

## Produzzjoni sostenibbli tal-ikel

6. Jenfasizza li l-forniment tal-ikel lill-popli kollha madwar id-dinja għandu jiġi qabel kull għan ieħor; jisħaq li l-ikel għandu jkun disponibbli bi prezzijiet raġjonevoli, kif hemm imniżżel fl-Artikolu 33 tat-Trattat KE;

7. Ifakkar il-ħtieġa li jiġu żgurati regolazzjoni globali u interni tas-swieq agrikoli fl-interess tal-konsumatur, id-dħul tal-bdiewa u l-industriji tal-ipproċessar u politika sostenibbli għall-ikel fl-UE;

8. Ifakkar li l-għan ewlieni tal-PAK huwa li tiggarantixxi l-istabilizzazzjoni tas-suq, provvista sigura u prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi u jenfasizza l-bżonn għall-PAK wara l-2013, sabiex tiġi żgurata politika sustenibbli tal-ikel għall-UE filwaqt li jiġu rispettati s-sustenibilità, is-sigurta' u l-kwalità tal-prodotti agrikoli;

9. Jenfasizza li l-ispejjeż tal-materja prima huma parti relattivament żgħira mill-ispiża totali ta' ħafna millprodotti tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex janalizzaw id-diskrepanzi bejn il-prezzijiet tal-prodotti meta jitilqu mill-farm u dawk mitluba mill-bejjiegħa ewlenin tal-prodotti bl-imnut;

10. Għalhekk jitlob li ssir evalwazzjoni tal-impatt li l-irwol tal-bejjiegħa bl-imnut għandu fuq il-katina talikel għaliex il-prezzijiet tal-bejgħ tal-ikel bl-imnut tela' b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-għoli talħajja; jistieden lill-bejjiegħa tal-prodotti bl-imnut biex jagħtu prezz ġust lill-produtturi, waqt li fl-istess ħin jipprovdu lill-konsumaturi b'ikel bi prezzijiet raġjonevoli;

11. Jirrimarka li l-ħażniet attwali taċ-ċereali tal-UE jservu biss għal 30 ġurnata, u jistaqsi jekk il-ħażniet talikel tagħna humiex fil-livell it-tajjeb, speċjalment minħabba li jistgħu jinqalgħu xi kriżijiet; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa strateġiji sabiex toħloq ħażniet tal-ikel sabiex tevita kriżijiet futuri;

12. Jitlob li jsir tbassir aħjar tal-produzzjoni agrikola sabiex ikun possibbli li jiġu identifikati minn ħafna qabel ix-xejriet ewlenin fil-provvista dinjija tal-ikel;

13. Jenfasizza li s-sitwazzjoni tad-dħul tal-bdiewa tal-UE trid tiġi rrispettata; jirrimarka li biż-żieda fil-prezzijiet tal-għalf, l-enerġija, il-fertilizzant u affarijiet oħra li huma meħtieġa għall-agrikoltura, u bi standards ta' konformità li qed jiġu jiswew dejjem aktar, il-bdiewa għandhom bżonn jaraw id-dħul tagħhom jiżdied b'mod konsiderevoli jekk għandhom jibqgħu jkunu kapaċi jissodisfaw id-domanda għall-ikel; jirrimarka li d-dħul tal-farms żdied biss kemm kemm u li l-bdiewa f'ċerti Stati Membri fil-fatt raw id-dħul tagħhom jonqos;

14. Jitlob li l-promozzjoni ta' politiki sostenibbli tal-agrikoltura tiġi inkluża fl-istrumenti ta' tkabbir u talviċinanzi kollha;

15. Jitlob li l-operaturi ta' pajjiżi terzi jkunu soġġetti għall-istess livell ta' kontrolli bħall-produtturi tal-UE, iżda jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu megħjuna jissodisfaw l-istandards fitosanitarji tal-UE;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Ministri tal-Agrikoltura tal-UE li tiġi adottata l-proposta tal-Kummissjoni biex l-obbligi tal-2008, li jitolbu li l-art titħalla mingħajr użu agrikolu, jiġu sospiżi u jinnota l-estimi tal-Kummissjoni li dan il-pass se jeħles madwar 2.9 miljuni ta' ettari għall-produzzjoni tal-qmugħ u li se jżid il-ħsad ta' din is-sena b'madwar 10 miljun tunnellata;

17. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq evalwazzjoni tal-impatt dwar is-sikurezza tal-ikel tal-politiki attwali tal-UE fl-oqsma tal-politiki li jirrigwardaw il-PAK, tal-miri ta' sorsi ta' enerġija li jiġġeddu, tal-għajnuna għall-iżvilupp, u tal-ftehimiet tal-kummerċ internazzjonali sabiex titjieb is-sikurezza tal-ikel fuq livell globali;

18. Jenfasizza li l-ikel għandu jingħata prijorità fuq il-fjuwil u li l-produzzjoni tal-bijofjuwil għandha tkun marbuta ma' kriterji ta' sostenibilità b'saħħithom; jinnota li sabiex jintlaħqu l-objettivi proposti għall-bijofjuwils, dawn il-kriterji jridu jiġu sodisfatti;

19. Jaċċetta li s-sussidju tal-UE tal-uċuħ maħsuba għall-produzzjoni tal-bijofjuwils m'għadhomx iġġustifikati, iżda jenfasizza bl-aktar mod qawwi possibbli li minn 2 sa 3 fil-mija biss tal-art agrikola tal-UE qiegħda fil-preżent tintuża għal dan it-tip ta' produzzjoni u r-rapporti fil-midja li jagħtu t-tort lill-bijofjuwils għall-kriżi attwali tal-ikel huma esaġerati sa fejn għandha x'taqsam l-UE; jaqbel, madankollu, li l-politika f'pajjiżi bħall-Istati Uniti fejn tiġi allokata aktar art għat-tkabbir tal-qamħirrun biex jiġi prodott il-bijoetanol kellu effett indirett fuq il-prezz u d-disponibilità tal-qamħirrun u ċereali oħra fis-suq globali tal-ikel;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, madankollu, biex jagħmlu iktar biex jippromwovu l-użu u l-produzzjoni tal-bijoenerġija tat-tieni ġenerazzjoni, li tipproċessa d-demel u materjali ta' skart agrikolu, minflok prodotti agrikoli primarji;

21. Jenfasizza b'mod partikulari li għandha tingħata prijorità għolja għall-ġbir tal-iskart muniċipali u ta' residwi agrikoli u tal-foresti u li dawn jiġu mibdula f'gass; jiġbed l-attenzjoni li dan jippermetti li t-teknoloġiji xierqa jiġu żviluppati u jagħti ż-żmien li jkunu eżaminati l-kompatibilità tal-produzzjoni tal-ikel u tal-produzzjoni tal-enerġija;

22. Jinnota bi tħassib serju li l-ispiża tal-għalf kompost għoliet b' 75 għal kull tunnellata u qed tkompli togħla minħabba nuqqas akut ta' qmuħ għall-għalf, u li dan jirrappreżenta spiża addizzjonali ta' 15-il biljun għall-industrija tal-UE tal-bhejjem tat-trobbija;

23. Jidhirlu li l-kriżi attwali titlob diskussjoni immedjata u dettaljata fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri dwar l-irwol li l-bijoteknoloġija moderna jista' jkollha biex jiġi żgurat li l-ikel jibqa' jiġi prodott bi prezzijiet raġunevoli;

**Politiki ta' Żvilupp aħjar**

24. Iqis li ġlieda ġenwina kontra l-ġuħ tirrikjedi politika globali u sostenibbli għall-iżvilupp sabiex tippermetti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jipproduċu u jfornu l-popolazzjoni tagħhom b'ilma u ikel biżżejjed;

25. Jagħti l-appoġġ tiegħu lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom sabiex jiżguraw li l-popolazzjonijiet lokali jkollhom aċċess għall-ikel; jemmen li l-ispazju vijabbli għall-politika għandu jissaħħaħ aktar sabiex ikun hemm lok għal regoli u miżuri nazzjonali għall-iżvilupp ta' dan is-settur; iqis il-Malawi bħala eżempju pożittiv ta' pajjiż li qed jiżviluppa fejn il-produzzjoni tal-ikel irduppjat fl-aħħar tliet snin u jenfasizza li l-UE qed twettaq rwol ta' appoġġ f'dan l-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi għajnuna ħalli dan il-fenomenu jkun magħruf, sabiex jista' jittieħed bħala eżempju f'pajjiżi oħra li qed jiżviluppaw;

26. Jistieden lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali sabiex jissodisfaw it-talba straordinarja ta' emerġenza li l-WFP għamel b'mod urġenti u sabiex jappoġġjaw dan il-programm biex ikun jista' jilqa' l-isfidi l-ġodda fil-ġlieda kontra l-ġuħ; iqis, madankollu, li d-dipendenza fuq l-operazzjonijiet tal-għajnuna alimentari jeħtieġ li tonqos u jishaq, għalhekk, dwar il-ħtieġa ta' azzjonijiet fuq perjodu medju u fuq perjodu twil biex jiġu evitati aktar konsegwenzi ta' ħsara u sabiex ikunu indirizzati l-kawżi radikali ta' din il-kriżi;

27. Jitlob għal żieda urġenti u sostanzjali fl-investiment fl-agrikolura, fl-iżvilupp rurali u fil-kummerċ agrikolu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li tkun tiffoka fuq bdiewa fqar u biedja fuq skala żgħira bbażata fuq sistemi ta' produzzjoni agroekoloġiċi; ifakkar li 75 % tal-popolazzjoni l-aktar fqira tad-dinja tgħix f'zoni rurali, imma li biss 4 % ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) hi dedikata għall-agrikoltura; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jindirizzaw il-kwistjoni tal-agrikultura b'moa aktar effettiv fil-politiki tagħhom għall-iżvilupp u sabiex jippromwovi l-aġġustament tal-ipprogrammar tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) b'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u sabiex jerġgħu jindirizzaw id-dokumenti ta' strateġija bħala mezz ta' kif l-agrikultura tingħata prijorità ogħla; jenfasizza l-irwol tal-NGOs u tal-awtoritajiet lokali biex jinstabu soluzzjonijiet agrikoli innovattivi fi ftehimiet ta' sħubija mal-popolazzjonijiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw u jippromovu l-proġetti tagħhom;

28. Jenfasizza dwar il-ħtieġa li bdiewa ż-żgħar f'pajjiżi fqar, li huma l-aktar nisa, jingħataw aċċess għall-art, għal servizzi finanzjarji u ta' kreditu, għal żrieragħ li jipproduċu ħafna, għal sistemi ta' tisqija u għal fertilizzanti; jenfasizza li l-investiment fis-settur tal-agrikoltura jeħtieġ li jkun iffukat aktar fuq tisqija, toroq rurali, riċerka u tagħrif lokali, taħriġ u skambji tal-aħjar prattiċi sabiex jiġu żviluppati sistemi ta' wċuħ ir-raba' li jkunu sostenibbli u effiċjenti, ilma tajjeb għax-xorb nadif u edukazzjoni u kif ukoll fuq it-tisħiħ tal-produzzjoni lokali u tal-iskambji tas-suq; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni sabiex tinforza dawn l-aspetti fl-azzjoni tagħha u biex tappoġġja organizzazzjonijiet ta', il-mikrokreditu u programmi ta' servizzi finanzjarji oħra kif ukoll ż-żieda fl-investiment fl-agrikoltura;

29. Jistieden lill-Bank Ewropew ta' Investiment biex jinvestiga l-possibilitajiet ta' ħolqien immedjat ta' fond ta' garanzija li jappoġġja skemi nazzjonali ta' mikro-kreditu u skemi ta' "risk-hedging" li joperaw viċin il-bżonnijiet tal-prodotti lokali tal-ikel speċjalment fl-ifqar pajjiżi qed jiżviluppaw;

30. Jenfasizza l-ħtieġa ta' koperazzjoni dwar il-bidla fil-klima bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment il-ħtieġa għal trasferiment ta' teknoloġija u bini tal-kapaċitajiet; jenfasizza li l-bidla fil-klima għandha tkun integrata fil-koperazzjoni ta' żvilupp kollu tal-UE u jenfasizza li xi salvagwardji sempliċi għandhom jgħinu lill-bdiewa jipproteġu l-prodotti tagħhom min-nixfa u minn diżastri oħra, u jsejjaħ lill-Kummissjoni sabiex tesplorahom; jistieden lill-komunità internazzjonali biex tintensifika l-isforzi tagħha biex tiġġieled id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u n-nixfa sabiex ittejjeb is-sigurtà tal-ikel u l-aċċess għall-ikel, speċjalment fil-pajjiżi l-foqra;

31. Jisħaq fuq l-importanza ta' investimenti xierqa fil-qasam tar-riċerka bl-objettiv li jsir progress fil-ħsad fir-reġjuni kollha tad-dinja;

32. Jitlob, b'mod partikolari, li l-iżvilupp kollu fil-GMOs kif ukoll id-dibattitu politiku kollu dwar dan is-suġġett jiġu segwiti bir-reqqa;

33. Iqis li l-pajjiżi għandu jkollhom id-dritt għas-sovranità u għas-sigurtà tal-ikel, u għandhom id-dritt li jipproteġu s-suq tagħhom kontra l-importazzjonijiet ta' prodotti sussidjati; iqis li dawn is-sussidji tal-prodotti agrikoli għall-esportazzjoni jiddestabilizzaw is-swieq lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw

**Kummerċ Internazzjonali Ġust**

34. Iqis li l-ftuħ tas-swieq agrikoli jeħtieġ li jkun progressivi, bi qbil mal-progress ta' żvilupp ta' kull pajjiż li qed jiżviluppa u bbażat fuq regoli ta' kummerċ li jkunu ġusti u li ma jagħmlux ħsara ambjentali; jinnota li prodotti sensittivi li huma ħtiġiet bażiċi għall-persuni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jew ta' importanza partikolari għas-sigurtá tal-ikel u għall-iżvilupp rurali f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, għandhom ikunu esklużi minn liberalizzazzjoni sħiħa sabiex ikunu evitati danni irreversibbli għall-produtturi lokali; jenfasizza li l-UE għandha tippromovi sistema preferenzjali u asimetrika fin-negozjati tal-kummerċ ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex tippermettilhom li jżommu ċertu ammont ta' mmaniġġjar tal-provvisti u għodda ta' żvilupp oħra fis-swieq tagħhom; jirrimarka li l-pajjiżi l-inqas żviluppati kellhom u għad għandhom aċċess mingħajr kwoti jew tariffi għas-suq tal-UE, skond il-ftehim "Kollox Minbarra l-Armi" (EBA);

35. Jenfasizza li fin-negozjati attwali tal-Ftehima ta' Sħubija Ekonomika (EPA), il-prijoritá tal-Kummissjoni għandha tkun li tirrispondi għall-ħtiġijiet ta' żvilupp espressi mill-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibbew u l-Paċifiku (ACP); ifakkar li sabiex tingħeleb din l-isfida, l-EPAs għandhom ikunu akkumpanjati mill-fondi l-ġodda li diġá ġew imwiegħda għall-Għajnuna għall-Kummerċ (EUR 2 biljun fis-sena sa l-2010) u bil-promozzjoni tal-integrazzjoni regjonali;

36. Jenfasizza l-ħtieġa ta' riżultat tajjeb u ġust fid-Rawnd ta' Doħa; jenfasizza li r-riżultati tar-Rawnd ta' Doħa għandhom jagħtu inċentivi pożittivi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jinvestu fl-agrikultura u fil-produzzjoni tal-ikel tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja proposti ħalli tiġi inkluża azzjoni dwar il-prezzijiet tal-ikel bażiku fis-sensiela ta' negozjati attwali tad-WTO;

37. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jippromwovu l-Kummerċ Ġust u skemi etiċi li jagħtu kontribut biex jgħollu l-istandards soċjali u ambjentali u jgħinu produtturi żgħar u marġinalizzati f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, inaqqsu l-inċertezza, jiggarantixxu prezzijiet u dħul aktar ġusti filwaqt li jinkuraġġixxi l-awtoritajiet pubbliċi fl-UE biex jintegraw il-kummerċ ġust fil-kriterji ta' sostenibilità fil-politiki tagħhom dwar l-appalt u l-akkwist pubbliku;

**Promozzjoni tad-Demokrazija**

38. Jenfasizza li l-kriżi attwali tal-ikel turi l-ħtieġa li jkunu promossi l-istabilitá politika, l-integrazzjoni reġjonali, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, mhux biss fl-UE, imma wkoll fid-dinja kollha; jistieden, għalhekk, lill-partijiet interessati kollha sabiex jippromwovu valuri umani u demokratiċi u l-istat tad-dritt meta jindirizzaw il-kriżi attwali tal-ikel u meta jindirizzaw problemi dwar sigurtá tal-ikel fuq perjodu twil;

*

* *

39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Bank Dinji, lill-G8, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-KoPresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tal-ACP-UE u lill-Parlament Pan-Afrikan (PAP).

# Negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti fir-rigward tal-eżenzjonijiet tal-visa (visa waiver)

P6_TA(2008)0230

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti fir-rigward tal-eżenzjonijiet tal-visa (visa waiver)**

(2009/C 279 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6, 24 u 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 62, 63, 286 u 300 tat-Trattat KE, li huma l-bażi legali għal zona Ewropa ta' liberta?, sigurta? u ġustizzja u għal negozjati internazzjonali ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 2008 u tal-21 ta' April 2008 lill-Kumitat tal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 83 u 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam fl-1999, il-Kunsill kien responsabbli għat-twaqqif ta' regoli dwar visa, inkluża l-lista tal-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikunu fil-pussess ta' visa jew huma eżentati milli jkollhom visa (Artikolu 62(2)(b)(i) tat-Trattat KE),

B. billi l-kompetenza tal-Komunità fil-kwistjonijiet ta' visa tinkludi l-kundizzjonijiet li bihom jingħata stejtus "mingħajr visa" lil ċittadini tal-pajjiżi terzi u billi dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw trattament ugwali liċ-ċittadini kollha tal-UE, mhux biss fir-rigward tal-għoti jew tar-rifjutar tal-istejtus mingħajr visa nnifsu, iżda wkoll fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet li bihom dan l-istejtus jiġi mogħti, jew irrifjutat, lil diversi Stati Membri minn pajjiż terzi,

C. billi mill-2001 il-Kunsill eżentaliċ-ċittadini tal-Istati Uniti milli jkollhom bżonn visa ([1]); billi sfortunatament l-istess tip ta' eżenzjoni ma tapplikax għaċ-ċittadini kollha tal-UE peress li l-Istati Uniti għadhom jeħtieġu r-rekwiżit għal visa għal ċittadini ta' ċerti Stati Membri (attwalment il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Islovakkja), minħabba l-fatt li interalia r-rata ta' rifjut għal visa, li hija bbażata fuq kriterji mhux trasparenti, li għal ħafna minn dawn il-pajjiżi hija ta' iktar minn 3 % tal-applikazzjonijiet (10 % taħt ċerti kundizzjonijiet),

D. billi mill-2005 jista' jiġi attivat mekkaniżmu ta' reċiproċità fil-livell tal-Komunità ([2]) wara notifika minn Stat Membru, kuntatti mill-Kummissjoni mal-pajjiż terz konċernat, u rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, li mbagħad jista' jiddeċiedi fuq "restawr temporanju tal-ħtieġa ta' visa għal ċittadini tal-pajjiż terz konċernat",

([1]) Ara l-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001.
([2]) Ara l-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001.

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

E. billi anki jekk intlaħqet reċiproċità ma' bosta pajjiżi terzi, dan għadu mhux il-każ mal-Istati Uniti, tant li fl-2006 il-Kummissjoni pproponiet "li jkun hemm restawr temporanju tal-ħtieġa għal visa għal ċittadini tal-Istati Uniti li għandhom passaporti diplomatiċi u uffiċjali/fuq xogħol, sabiex jitħaffef il-progress lejn ir-reċiproċità" ([1]); billi, madankollu, din il-proposta simbolika ma ġietx segwita mill-Kunsill,

F. billi bosta Stati Membri komplew il-kuntatti bilaterali diretti tagħhom mal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti minkejja l-kompetenza ċara tal-Komunità fil-kwistjoni,

G. billi s-sitwazzjoni saret legalment kumplikata meta l-Istati Uniti, fit-3 ta' Awissu 2007, bil-ħruġ tat-Taqsima 711 tar-"Rakkomandazzjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Att tal-Kummissjoni 9/11 tal-2007" ([2]), b'mod partikulari l-"Att ta' Sħubija tal-Ivvjaġġar Sigur u l-Kontro-Terroriżmu tal-2007", irriformat is-sistema ta' eżenzjoni tal-visa billi żiedet seba' tkabbiriet ([3]) ta' sigurta? fejn l-Istati Membri li xtaqu jkunu parti mill-programm għall-eżenzjoni tal-visa (VWP) kellhom jaqblu li jiffirmaw Memorandum ta' Ftehim (MoF) bilaterali kif ukoll ir-"regoli tiegħu ta' implimentazzjoni" li jorbtu,

H. Billi, anki jekk il-kontenut ta' dawn l-hekk imsejħa 'regoli ta' implimentazzjoni' għadu mhux magħruf mill-istituzzjonijiet tal-UE, jidher ċar mill-MoUs li wħud mit-tkabbiriet il-ġodda ta' sigurta? jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità (bħalma huma dawk li jikkonċerna t-twassil tal-visa jew l-obbligi futuri komplementari tal-Awtorizzazzjoni ta' Vvjaġġar b'Sistema Elettronika (ESTA)), uħud fil-kompetenza tal-UE (bħalma huma dawk dwar passaporti misruqa ([4]), dejta tal-PNR jew dejta tax-Schengen relatata mal-kriminI), u t-tkabbiriet li jifdal jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva ta' kull Stat Membru (bħalma huma dawk marbutin mar-rekords kriminali taċ-ċittadini tiegħu jew dawk li jipprovdu għall-preżenza ta' marixxalli tal-ajru fuq titjiriet trans-atlantiċi),

I. billi sabiex tiġi solvuta din il-kwistjoni u sabiex l-Istati Membri kollha jipparteċipaw fis-sistema riformata tal-Istati Uniti għall-eżenzjoni tal-visa fl-2009, fit-18 ta' April 2008 il-Kunsill iddeċieda dwar approċċ fuq żewġ livelli billi:

a) jagħti lill-Kummissjoni mandat formali biex tinnegozja mal-Istati Uniti dwar il-kwistjonijiet Komunitarji relatati kollha u

b) jadotta l-"linji l-ħomor" li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw fid-djalogu tagħhom mal-Istati Uniti qabel il-konklużjoni tan-negozjati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti; dawn il-linji l-ħomor jagħtu sintesi ta' dak kollu li jaqa' taħt il-kompetenza tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti u ta' dak li, peress li jaqa' taħt il-kompetenza nazzjonali, jista' jiġi negozjat b'mod bilaterali, u jagħmluha ċara li, sa fejn huma konċernati n-negozjati bilaterali, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' koperazzjoni leali mal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE l-oħra kif stipulat fl-Artikolu 10 tat-Trattat KE u fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (C-105/03) fir-rigward tal-issodisfar tal-obbligi skond it-Trattat tal-UE,

J. billi anki għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Istati Membri, il-prinċipju ta' koperazzjoni leali jista' jiġi mhedded permezz ta' ftehimiet bilaterali li jinkludu kundizzjonijiet differenti għall-għoti ta' stejtus ta' mingħajr visa lil xi Stati Membri, u dan jirriżulta fi trattament li jvarja ta' ċittadini bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-visa; billi l-Kummissjoni għandha tiżgura il-prinċipju ta' koperazzjoni leali,

---

([1]) It-tieni rapport ta' reċiproċità, COM(2006)0568 tat-3 ta' Ottubru 2006.

([2]) Aċċessibbli f' http://www.ise.gov/docs/nsis/Implementing911_Act.pdf.

([3]) Erba' minn dawn huma obbligatorji bħalma huma: (1) Sistema Elettronika tal-Awtorizzazzjoni tas-Sistema tal-Ivvjaġġar (ESTA); (2) sforzi aktar solidi tal-iskambjar tad-dejta ta' sigurta?; (3) rekwiżiti għal rappurtaġġ fil-ħin ta' passaporti mitlufa jew misruqin, kemm vojta kif ukoll maħruġa; u (4) garanziji li l-pajjiżi VWP jaċċettaw ir-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tagħhom li ġew ordnati jitilqu mill-Istati Uniti. Hemm ukoll tliet fatturi diskrezzjonali ta' sigurta? miżjuda li għandhom jitqiesu meta jiġi determinat jekk għandhiex tiġi eżentata r-rata ta' 3 % ta' rifjut mitlub: (1) standards ta' sigurta? tal-ajruport; (2) programmi tal-marixxali tal-ajru; u (3) standards għal dokumenti nazzjonali tal-ivvjaġġar.

([4]) Ara l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2005/69/JHA tal-24 ta' Jannar 2005 dwar l-iskambjar ta' ċertu dejta mal-Interpol, (ĠU L 27, 29.1.2005, p. 61).

K. billi, sabiex iċ-ċittadini jiġu mħarsa aħjar minn theddid terroristiku, għandha titjieb il-koperazzjoni trans-atlantika: (a) l-identifikazzjoni tat-theddida permezz ta' analiżi konġunta u skambju wiesa' ta' informazzjoni, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattika, fil-qafas ta' miżuri stretti ta' protezzjoni tad-dejta, (b) koordinament fuq livell tal-UE u dak trans-atlantiku bejn l-infurzar tal-liġi u l-aġenziji ta' intelliġenza, filwaqt li dejjem jiġu rispettati s-supremazija tal-liġi, id-drittijiet fundamentali u l-privatezza, u (c) il-kapaċità operattiva permezz ta' koperazzjoni aktar mill-viċin bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tal-intelliġenza tal-UE u tal-Istati Uniti, ibbażata fuq livell aktar fil-fond ta' fiduċja reċiproka, bjen l-aġenziji differenti u l-korpi involuti,

L. billi id-Dipartiment tas-Sigurtà Interna (DHS) tal-Istati Uniti għandu l-ħsieb li jimplimenta proċeduri tal-ħruġ bijometriċi bl-ajru u bil-baħar sa Jannar 2009, il-programm tal-ħruġ huwa meqjus bħala dispożizzjoni prinċipali sabiex il-Programm għall-Eżenzjoni tal-Visa (VWP) ikun immexxi b'mod effettiv, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti m'għandhomx l-intenzjoni jestendu l-Programm għall-Eżenzjoni tal-Visa għal aktar mill-allejati tagħha jekk l-proċeduri tal-ħruġ proposti ma jkunux fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2009 l-aktar tard,

1. Jikkunsidra li kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta bejn iċ-ċittadini Ewropej inkluża dik abbażi tan-nazzjonalità tagħhom għandha tiġi projbita mhux biss ġewwa l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Artikolu 12 tat-Trattat KE, iżda barra mill-Unjoni Ewropea wkoll, b'mod speċjali meta din id-diskriminazzjoni hija konsegwenza ta' nuqqas ta' koordinazzjoni fin-negozjati internazzjonali bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE;

2. Jinnota ' l-fatt li, għall-ewwel darba, l-Istati Uniti rrikonoxxiet il-kompetenza tal-Komunità li tinnegozja ftehimiet internazzjonali tal-politika dwar il-visa waqt it-Troika Ministerjali JHA fit-13 ta' Marzu 2008 billi qablet, f'dikjarazzjoni konġunta, li ssegwi approċċ fuq żewġ livelli; jinnota li d-dikjarazzjoni tinkludi dan il-kliem: "dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilitajiet nazzjonali se jiġu diskussi mal-awtoritajiet nazzjonali filwaqt li dawk li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-UE se jiġu diskussi mal-awtoritajiet tal-UE"; jikkunsidra li, b'konformità ma' dik id-dikjarazzjoni, l-Istati Uniti minn issa għandha tinnegozja:

— mal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' visa, kif diġa? huwa l-każ għat-trasport bl-ajru ([1]),

— mal-Kunsill dwar politiki tal-UE rigward kwistjonijiet relatati mas-sigurta? (il-Ftehima PNR jew il-Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti dwar estradizzjoni u assistenza legali reċiproka), u

— mal-Istati Membri dwar il-preżenza ta' marixxali tal-ajru dwar titjiriet trans-atlantiċi u dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurta? sakemm dawn ikunu relatati maċ-ċittadini tagħhom, taħt l-istess kundizzjonjiet;

3. Itenni li kwalunkwe ftehima li tidħol għaliha l-KE/UE għandha tikkonforma mad-drittijiet fundamentali u mal-libertajiet fundamentali kif previst fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat UE, inklużi d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta kif previst:

— fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— fid-Direttiva 95/46/KE u r-regoli speċifiċi tal-liġi Komunitarja (u l-miżuri relatati ma' Schengen) meta jkun fir-riskju t-trasferiment lejn pajjiż terz,

— fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru 108 dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku tad-Dejta Personali u l-Protokoll Addizzjonali 181 għaliha li jirrigwarda l-awtoritajiet ta' sorveljanza u l-flussi tad-dejta bejn il-fruntieri;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinkludi fin-negozjati tagħha l-esklużjoni ta' Ewropej bl-HIV mill-Programm għall-Eżenzjoni tal-Viża, u tassigura trattament ugwali għaċ-ċittadini kollha tal-UE; jaqbel mal-Kummissjoni li ma hemm l-ebda raġuni objettiva għal projbizzjoni tal-ivvjaġġar kontra persuni infettati bl-HIV (kif iddikkjarat fit-tweġiba tagħha għall-Mistoqsija Parlamentari E-6038/07 tad-19 ta' Frar 2008);

([1]) Il-Ftehima "Open Skies" (ĠU L 134, 25.5.2007, p. 4.).

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

5. Jappoġġja l-mandat mogħti mill-Kunsill lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehima li tiżgura eżenzjonijiet ta' visa għaċ-ċittadini tal-UE li jidħlu fit-territorju tal-Istati Uniti, bħal dawk li diġà japplikaw għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti li jidħlu fit-territorju tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-kumitat parlamentari kompetenti wara kull laqgħa ta' negozjazzjoni (jekk ikun hemm bżonn, fuq bażi kunfidenzjali);

6. Jikkunsidra li n-negozjati għandhom ikunu konklużi qabel Ġunju 2009 u li, sa dakinhar, m'għandha tkun permessa l-ebda diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini tal-UE;

7. Jaqsam il-fehma li l-"linji l-ħomor" tal-Kunsill għandhom ikunu segwiti mill-Istati Membri ([1]) skond il-prinċipji ta' koperazzjoni leali previst fl-Artikolu 10 tat-Trattat KE u applikabbli wkoll, skond il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja (C-105/03 jew il-kawża AETR (22/70)), fir-rigward tat-twettiq tal-obbligi ddikjarati fit-Trattat KE; jenfasizza, b'mod partikulari, il-fatt li:

— l-parteċipazzjoni fil-VWP għandha kemm jista' jkun malajr toħloq l-istess drittijiet għaċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri, skond l-istess kundizzjonijiet, f'dak li għandu x'jaqsam mal-istejtus tal-passaporti tagħhom;

— kull aċċess għall-Istati Unit għad-*databases* jew is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE/KE għandu jkun projbit sakemm ma jkunx permess espliċitament mil-liġi tal-KE, u, jekk dan ikun minnu, għandu jkun hemm qbil komuni għalih mill-UE u jkun ibbażat fuq ir-rispett sħiħ għall-prinċipju ta' reċiproċità; l-għoti tal-aċċess għandu għalhekk ikun permess sakemm ikun f'konformità mal-għan speċifiku ta' dawn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE kif iddikkjarati fil-bażi legali rispettiva tagħhom; barra minn hekk, għandu jkun assigurat livell xieraq ta' ħarsien f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-istrumenti rilevanti tal-UE li jistgħu jiġu nfurzati għall-protezzjoni tad-dejta, kemm jekk ġenerali (Direttiva 95/46/KE) kif ukoll jekk speċifiku (bħal ma huma l-Konvenzjoni Europol, ir-Regolament Eurodac, il-Konvenzjoni ta' Schengen);

— kull estensjoni tal-irrapurtar ta' dejta lill-Interpol dwar passaporti mitlufin jew misruqa għandu jkun hemm qbil komuni għaliha mill-UE;

— is-sigurtà tal-ajruporti bi qbil mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili hi garantita biżżejjed mir-regoli eżistenti tal-KE (jista' jkun hemm qbil għal spezzjonijiet mill-Istati Uniti meta jkun hemm titjiriet diretti bejn ajruporti fit-territorju tal-UE u l-Istati Uniti);

— kull ftehima formali dwar ir-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tal-UE għandha tkun aċċettabbli biss fuq il-bażi ta' reċiproċità, u għandha tkun negozjata u konkluża bejn il-KE u l-Istati Uniti;

— obbligi relatati mal-possibilità li tiġi introdotta sistema elettronika għall-awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġjar għaċ-ċittadini tal-Istati Uniti li qed jivvjaġġjaw lejn l-UE għandhom ikunu negozjati mill-KE;

8. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Kungress tal-Istati Uniti u lis-Segretarju tal-Istati Uniti tal-Amerka għas-Sigurtà tal-Pajjiż.

([1]) http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/08/st07/st07337.mt08.pdf.

## Is-sitwazzjoni traġika fil-Burma

P6_TA(2008)0231

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-sitwazzjoni traġika fil-Burma**

(2009/C 279 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Burma,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tat-13 ta' Mejju 2008 tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u għar-Relazzjonijiet Esterni dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Burma/Myanmar,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 60/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-24 ta' Ottubru 2005 dwar ir-Riżultat tas-Samit Dinji, li l-paragrafu 139 tagħha approva l-possibilità ta' azzjoni koeżiva kontra stati individwali meta "l-awtoritajiet nazzjonali qed jonqsu b'mod ċar li jipproteġu l-popolazzjonijiet tagħhom mill-ġenoċidju, mid-delitti tal-gwerra, mit-tindif etniku u mid-delitti kontra l-umanità",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103 (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-2 u fit-3 ta' Mejju 2008 ċ-ċiklun Nargis laqat b'mod qawwi reġjuni fin-Nofsinhar tal-Burma, inkluż il-belt ewlenija tal-pajjiż, Rangoon, u r-reġjun tad-Delta Irrawaddy, li fih tgħix kważi nofs il-popolazzjoni tal-Burma,

B. billi l-midja tal-istat tal-Burma tirrapporta 77 738 mejtin s'issa, b'55 917 neqsin, filwaqt li osservaturi indipendenti u aġenziji internazzjonali li jipprovdu l-għajnuna jqisu li l-ammont hu mill-inqas ta' 100 000 persuna mejta; billi n-NU tistma li bejn 1.6 u 2.5 miljun persuna ġew affettwati serjament u jeħtieġu l-għajnuna b'mod urġenti,

C. billi l-Kunsill tal-Istat għall-Paċi u l-Iżvilupp, li qiegħed fil-poter, injora t-twissijiet u rreaġixxa bil-mod ħafna għall-emerġenza u meta ġie biex jaċċetta għajnuna barranija; s'issa ppermetta biss li jidħlu konsenji limitati ħafna ta' għajnuna umanitarja internazzjonali fil-pajjiż, filwaqt li insista li riedu jiġu mqassma mill-militar u qed idewwem il-ħruġ ta' viżi lil esperti tan-NU u esperti oħra tal-għajnuna għad-diżastri u tal-loġistika,

D. billi l-liġi umanitarja tiddetta li l-għoti tal-għajnuna umanitarja jrid ikun newtrali u indipendenti,

E. billi l-ġunta kompliet għaddejja bir-referendum fl-10 ta' Mejju 2008 minkejja s-sitwazzjoni serja tal-għexieren ta' eluf ta' persuni li ntlaqtu miċ-ċiklun devastanti, bl-eċċezzjoni tad-distretti li ntlaqtu l-agħar, fejn ġie pospost għall-24 ta' Mejju 2008, minkejja l-istedina għat-tħassir jew il-posponiment tiegħu mis-Sotto-segretarju Ġenerali tan-NU għall-Affarijiet Umanitarji,

F. billi l-Gvern tal-Burma qed jimblokka l-isforzi internazzjonali għall-għajnuna mingħajr ma jagħti kas bl-ebda mod tal-fatt li n-nuqqas ta' ilma nadif, ikel u kura tas-saħħa x'aktarx li jikkawża mard infettuż u b'hekk jiżdied b'mod sinifikanti n-numru tal-vittmi,

G. billi n-nazzjonalitajiet etniċi, l-iktar il-Karen — li diġà sofrew minn ħafna diskriminazzjoni u privazzjoni — ġew affettwati serjament fiż-zona tad-Delta,

H. billi l-ambjent operattiv għall-għoti ta' għajnuna umanitarja diġà kien restritt ħafna minn meta kienu nħarġu linjigwidi l-ġodda mill-Gvern tal-Burma fi Frar 2006, li rriżultaw fi proċeduri ikkumplikati ta' vvjaġġar u moniteraġġ għall-istaff barrani,

I. billi, jumejn wara ċ-ċiklun, il-Kummissjoni ħarġet EUR 2 miljun biex tgħin sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet bażiċi tas-superstiti fiż-zona tad-diżastru; billi l-livell attwali ta' għajnuna mwiegħda mill-UE jammonta għal EUR 17-il miljun u jista' jiżdied għal aktar minn EUR 30 miljun jekk it-tmexxija tal-Burma tippermetti l-għajnuna internazzjonali,

J. billi l-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Iżvilupp ma tħalliex jivvjaġġa lejn iż-zoni li ġew affettwati l-aktar, u l-impenn tiegħu li l-ħaddiema li jipprovdu l-għajnuna jingħataw aċċess aħjar għad-Delta ta' Irrawaddy ġie injorat,

K. billi bosta gvernijiet, inklużi dawk ta' Stati Membri tal-UE, talbu li l-prinċipju tar-'responsabilità li tipproteġi', stabbilit min-NU biex issalva l-vittmi tal-ġenoċidju u tad-delitti kontra l-umanità, jiġi applikat fil-każ tal-Burma,

1. Jagħti l-kondoljanzi sinċieri u s-solidarjetà tiegħu lill-poplu tal-Burma u lill-għadd kbir ta' vittmi; jesprimi s-sobgħa tiegħu lil dawk kollha li qed ibatu l-konsegwenzi tad-diżastru;

2. Jikkundanna b'qawwa l-fatt li l-awtoritajiet tal-Burma, li poġġew il-preservazzjoni tal-poter tagħhom qabel is-sopravivenza taċ-ċittadini tagħhom, b'mod inaċċettabbli rreaġixxew bil-mod għal din il-kriżi umanitarja gravi;

3. Jistieden lill-Gvern tal-Burma bl-aktar mod qawwi biex ipoġġi ħajjet in-nies tiegħu l-ewwel u jiftaħ iz-zoni affettwati miċ-ċiklun għal ħidma ta' għajnuna umanitarja internazzjonali, jagħti immedjatament viżi lill-ħaddiema li jipprovdu l-għajnuna, jippermetti lin-NU u lill-aġenziji internazzjonali li jipprovdu l-għajnuna biex iqassmu l-għajnuna direttamnt lil dawk li huma fil-bżonn u jippermetti pajjiżi f'dawk in-naħat biex jagħtu l-għajnuna bl-ajru u bil-baħar lill-vittmi li ma jistgħux jintlaħqu malajr b'modi oħra;

4. Jikkundanna l-prijoritajiet imħawda tar-reġim li qed ikompli għaddej bl-hekk imsejjaħ referendum dwar il-kostituzzjoni fittizja, u jiċħad ir-riżultat, li ma jistax jitwemmen fi żmien meta parti kbira tal-pajjiż ġiet devastata u miljuni qed ibatu minn dak li ġustament ġie deskritt bħala diżastru naturali li nbidel f'katastrofi magħmula mill-bniedem;

5. Itenni li s-sovranità ta' nazzjon ma tistax titħalla tirbaħ fuq id-drittijiet tal-bniedem tan-nies ta' dak in-nazzjon, u dan kif stabbilit fil-prinċipju tan-NU tar-"responsabilità li tipproteġi"; jistieden lill-Gvern tar-Renju Unit, li se jkollu l-Presidenza ta' Mejju tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex jieħu azzjoni urġenti biex ipoġġi s-sitwazzjoni fil-Burma fuq l-aġenda tal-Kunsill tas-Sigurta', u jistieden lill-Kunsill biex jeżamina jekk l-għajnuna mibgħuta lill-Burma tistax tiġi awtorizzata anke mingħajr il-kunsens tal-ġunta militari tal-Burma;

6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim milħuq waqt il-laqgħa għolja tal-ASEAN, l-Indja u ċ-Ċina li saret fis-Singapor fid-19 ta' Mejju 2008 li l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tax-Xlokk tal-Ażja titħalla tikkoordina l-isforzi tal-għajnuna internazzjonali, kif ukoll id-deċiżjoni li tinżamm konferenza internazzjonali tad-donaturi b'koperazzjoni man-NU f'Rangoon fil-25 ta' Mejju 2008 sabiex jinġabru l-għajnuniet għall-vittmi;

7. Jitlob f'dan ir-rigward li jitwaqqaf fond speċjali bħala kwistjoni ta' urġenza taħt il-patroċinju tan-NU biex jiġi ffaċilitat it-tqassim effettiv tal-għajnuna fil-pajjiż;

8. Iħeġġeġ lill-Gvernijiet taċ-Ċina u tal-Indja biex jużaw l-influwenza li għandhom mal-awtoritajiet tal-Burma sabiex il-Burma tinfetaħ għal aċċess immedjat għall-għajnuna umanitarja kollha possibbli;

9. Jenfasizza n-natura urġenti tal-għajnuna li għandha tingħata lill-popolazzjoni li qed tbati hekk kif il-kundizzjonijiet tat-temp fiz-zona affettwata jmorru għall-agħar minħabba l-bidu tal-Monsun, li jġib miegħu theddida oħra għas-superstiti, li huma nieqsa minn kollox; jikkunsidra li hu importanti li jiġi żgurat li l-bdiewa affettwati jirċievu għajnuna biex ikunu jistgħu jiżirgħu żargħa ġdid ta' ross fil-ħin biex jevitaw diżastru ieħor;

10. Jesprimi appoġġ għall-isforzi tal-UE, tan-NU, ta' pajjiżi individwali u organizzazzjonijiet internazzjonali u non-governattivi oħrajn biex jiksbu aċċess għal ħaddiema li jipprovdu l-għajnuna umanitarja, u jenfasizza li, mingħajr il-koperazzjoni sħiħa tal-awtoritajiet tal-Burma, teżisti theddida sostanzjali li sseħħ traġedja li sahansitra tkun ikbar; għandu tama kbira fir-rigward tal-missjoni li daqt se jagħmel is-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon, li ġie mistieden għal taħdidiet mal-awtoritajiet tal-Burma; iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex juża l-influwenza li għandu mal-awtoritajiet tal-Burma sabiex il-Burma tinfetaħ għal aċċess immedjat għall-għajnuna umanitarja kollha possibbli;

11. Huwa tal-fehma li, jekk l-awtoritajiet tal-Burma jkomplu jfixklu l-għajnuna milli tasal għand dawk li huma fil-perikolu, għandhom jinżammu responsabbli għal delitti kontra l-umanità quddiem l-ICC; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu pressjoni għal riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà li tirreferi l-każ lill-Prosekutur tal-ICC għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Burma, lill-Kunsill tal-Istat tal-Burma għall-Paċi u għall-Iżvilupp, lill-gvernijiet tal-istati membri tal-ASEAN u tal-ASEM, lill-Caucus Interparlamentari tal-ASEAN dwar il-Myanmar, lis-Sra Aung San Suu Kyi, lill-NLD, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u lir- Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Burma.

## Id-diżastru naturali fiċ-Ċina

P6_TA(2008)0232

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar id-diżastru naturali fiċ-Ċina**

(2009/C 279 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u tar-Relazzjonijiet Esterni tat-13 ta' Mejju 2008 u d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Provinċja ta' Sichuan fiċ-Ċina,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi terremot qawwi b'intensità ta' 7.8 gradi fuq l-iskala Richter laqat il-lbiċ taċ-Ċina fit-12 ta' Mejju 2008,

B. billi t-terremot qatel għexieren ta' eluf ta' nies, speċjalment fil-Provinċja ta' Sichuan, u ħafna nies għadhom ma nstabux,

C. billi l-ħidma ta' salvataġġ hija diffiċli minħabba l-kundizzjonijiet ġeografiċi fil-Provinċja ta' Sichuan,

D. billi l-Gvern Ċiniż bagħat riżorsi u persunal ta' emerġenza eċċezzjonali, inklużi suldati u persunal mediku, li qed jaħdmu fiz-zona milquta,

E. billi l-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar Aħmar ħarġet appell urġenti għall-għajnuna,

1. Jagħti l-kondoljanzi sinċieri u s-soldarjetà tiegħu lill-poplu taċ-Ċina u lill-għadd kbir ta' vittmi; jesprimi s-sogħba tiegħu lil dawk kollha li qed ibatu l-konsegwenzi tat-terremot;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-reazzjoni immedjata għad-diżastru mill-awtoritajiet Ċiniżi permezz tal-operazzjoni ta' emerġenza tagħhom;

3. Jinnota b'apprezzament li ċ-Ċina kienet lesta taċċetta għajnuna barranija; jistieden lill-Gvern Ċiniż biex jiffaċilita l-ħidma tal-għajnuna umanitarja u tal-organizzazzjonijiet tal-voluntiera fit-tqassim tal-għajnuna, u biex jiggarantixxi l-aċċess għall-għajnuna għal kull min hu fil-bżonn;

4. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħtu għajnuna urġenti, assistenza teknika u għajnuna għarrikostruzzjoni liz-zona milquta;

5. Jisħaq fuq l-urġenza tal-forniment ta' għajnuna umanitarja ewlenija permezz tal-programm ECHO, bl-appoġġ ta' baġit kbir u xieraq; jinnota l-wasla f'Chengdu tal-espert tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna umanitarja biex jevalwa x'inhuma l-ħtiġijiet;

6. Jappoġġja l-kontribut li qed jagħtu l-Istati Membri permezz tal-"Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili", ikkoordinat mill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet l-oħra lill-isforzi ta' għajnuna mill-komunità internazzjonali;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-media Ċiniża u barranija qed jitħallew jagħtu informazzjoni dettaljata u eżatta dwar id-diżastru;

8. Jisħaq fuq l-importanza ta' governanza tajba fil-prevenzjoni u t-tħejjija għal diżastri naturali li jistgħu jseħħu; jitlob li tkun żviluppata t-teknoloġija għal sistema komprensiva u effettiva ta' twissija bikrija sabiex il-popolazzjonijiet ikunu lesti għat-terremoti u għal diżastri naturali oħra;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-komunità internazzjonali biex jagħtu l-aqwa prattika tagħhom firrigward tal-ħidma f'emerġenzi ċivili u ta' għajnuna għad-diżastri sabiex tgħin liċ-Ċina u lill-poplu tagħha li ntlaqtu mit-terremot; jistieden lill-organizzazzjonijiet involuti biex jipprovdu għajnuna finanzjarja biżżejjed biex jitwettqu l-impenji;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-gvern taċ-Ċina.

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

## L-armi tal-uranju (imdgħajjef) u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent — lejn projbizzjoni globali fuq l-użu ta' armi bħal dawn

P6_TA(2008)0233

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-armi tal-uranju (imdgħajjef) u l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent — lejn projbizzjoni globali fuq l-użu ta' armi bħal dawn**

(2009/C 279 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-effetti ħżiena tal-użu tal-uranju (inkluż l-uranju mdgħajjef) f'armi konvenzjonali,

— wara li kkunsidra d-diskors tas-Segretarju Ġenerali tan-NU fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Isfruttament tal-Ambjent fil-Gwerer u l-Kunflitti Armati (6 ta' Novembru 2002),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU A/RES/62/30, adottata fil-5 ta' Diċembru 2007, li tenfasizza preokkupazzjoni kbira dwar is-saħħa fir-rigward tal-użu ta' armi tal-uranju mdgħajjef,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-uranju (imdgħajjef) intuża ħafna fil-gwerer moderni, kemm bħala munizzjon kontra objettivi fortifikati f'ambjenti rurali u urbani, kif ukoll bħala protezzjoni ta' armatura rinfurzata kontra attakki bil-missili u ta' artillerija,

B. billi sa minn meta ntuża mill-forzi alleati fl-ewwel gwerra kontra l-Iraq, kien hemm tħassib serju rigward it-tossiċità radjoloġika u kimika tal-partiċelli fini tal-uranju li jiġu prodotti meta dawn l-armi jolqtu objettivi fortifikati; billi tfissru wkoll preokkupazzjonijiet dwar il-kontaminazzjoni ta' ħamrija u ta' ilma ta' taħt l-art minn munizzjon sparat li ma jkunx laqat il-bersall tiegħu u dwar il-konsegwenzi tagħha għall-popolazzjonijiet ċivili,

C. billi, minkejja l-fatt li sal-lum ir-riċerka xjentifika ma rnexxilhiex issib evidenza konklużiva tal-ħsara, hemm diversi xhieda tal-effetti ta' ħsara u li spiss iwasslu għall-mewt kemm għall-persunal militari kif ukoll għall-popolazzjoni ċivili,

D. billi f'dawn l-aħħar snin kien hemm avvanzi kbar fir-rigward tal-għarfien tal-perikli ambjentali u għas-saħħa mill-uranju mdgħajjef, u billi issa wasal sew iż-żmien li dan jidher fl-istandards militari internazzjonali, hekk kif jiżviluppaw,

E. billi l-użu tal-uranju mdgħajjef fil-gwerra jmur kontra r-regoli u l-prinċipji bażiċi mħaddna fil-liġi internazzjonali, umanitarja u ambjentali tradizzjonali u miktuba,

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jimxu mal-paragrafu 1 tar-riżoluzzjoni tan-NU msemmija hawn fuq u sabiex iressqu rapport bl-opinjonijiet tagħhom dwar l-effetti tal-użu ta' armamenti u munizzjon li fihom l-uranju mdgħajjef;

2. Jirrakkomanda lir-Rappreżentant Għoli tal-UE biex fil-verżjoni riveduta tal-Istrateġija Ewropea għas-Sigurtà, jinkludi l-ħtieġa li titqies sew l-utilità fil-ġejjieni tal-munizzjon mhux gwidat kif ukoll tal-bombi tat-tip cluster, tal-mini u ta' armi oħra b'effett indiskriminat bħall-armi tal-uranju mdgħajjef;

3. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkummissjonaw studji xjentifiċi dwar l-użu tal-uranju mdgħajjef fir-reġjuni kollha fejn intbagħat persunal militari u ċivili kemm Ewropew kif ukoll internazzjonali;

4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, fi ħdan il-qafas ta' operazzjonijiet futuri, biex ma jużawx armi ta' uranju mdgħajjef fl-operazzjonijiet tal-Politika Ewropea ta' Sigurta' u Difiża u sabiex ma jibagħtux persunal militari u ċivili f'reġjuni fejn ma tista' tingħata l-ebda garanzija li ma ntużax jew li mhux ser jintuża l-uranju mdgħajjef;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jipprovdu informazzjoni sħiħa lill-persunal militari u ċivili tagħhom mibgħuta għal missjonijiet, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet professjonali tagħhom, dwar il-probabilità li seta' ntuża jew li jista' jintuża l-uranju mdgħajjef fir-reġjun fejn qed joperaw, u sabiex jieħdu biżżejjed miżuri protettivi;

6. Jistieden lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu inventarju ambjentali taż-żoni kkontaminati bl-uranju mdgħajjef (inklużi ż-żoni tal-ittestjar) u biex jipprovdu appoġġ sħiħ — inkluż appoġġ finanzjarju — għall-proġetti li jistgħu jgħinu l-vittmi u l-qraba tagħhom kif ukoll għall-operazzjonijiet ta' tindif fiż-żoni milquta, jekk jiġi kkonfermat effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent;

7. Itenni b'insistenza l-istedina tiegħu lill-Istati Membri kollha tal-UE u lill-pajjiżi kollha tan-NATO biex jimponu moratorju fuq l-użu tal-armi tal-uranju mdgħajjef u biex jerġgħu jirduppjaw l-isforzi tagħhom għal projbizzjoni globali, kif ukoll biex iwaqqfu b'mod sistematiku l-produzzjoni u l-akkwist ta' dan it-tip ta' armamenti;

8. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kunsill sabiex jieħdu f'idejhom it-tmexxija tal-ħidma għal trattat internazzjonali — permezz tan-NU jew permezz ta' "koalizzjoni ta' voluntiera" — li jistabbilixxu projbizzjoni tal-iżvilupp, tal-produzzjoni, tal-ħażna, tat-trasferiment, tal-ittestjar u tal-użu ta' armi tal-uranju kif ukoll tal-qerda jew tar-riċiklaġġ tal-ħażniet eżistenti, jekk tinstab evidenza xjentifika konklużiva tal-ħsara kkawżata minn armi bħal dawn;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lin-NATO u lill-Assemblea Parlamentari tan-NATO, lin-NU u lill-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Organizzazzjoni Ewropea ta' Assoċjazzjonijiet Militari, lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

---

## REACH (Abbozz ta' regolament dwar metodi ta' ttestjar)

P6_TA(2008)0234

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi metodi ta' ttestjar skond ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)**

(2009/C 279 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tal-Kimiċi (REACH), li jistabilixxi Aġenzija tal-Kimiċi Ewropea ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni li jistabbilixxi metodi tat-ttestjar skond ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tal-Kimiċi (REACH) (CMT(2007) 1792/7) (minn hawn 'l quddiem 'l-abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni),

— wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 133 tar-Regolament ikkwotat hawn fuq,

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1. Rettifikat fil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1354/2007 (ĠU L 304, 22.11.2007, p. 1).

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5a(3)(b) tad-deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali B6-0158/2008 mill-Kumitat tiegħu għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni għandu l-għan li sa l-1 ta' Ġunju 2008,

— il-metodi tat-ttestjar li bħalissa jinsabu fl-Anness V tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi ([2]) jiġu trasferiti f'Regolament ġdid tal-Kummissjoni, u

— jiġu inklużi metodi tat-ttestjar ġodda jew riveduti li bħalissa m'humiex inkorporati fl-Anness V tad-Direttiva 67/548/KEE iżda kienu maħsuba li jkunu inklużi fl-Anness V bħala parti mit-30 Adattament għall-Progress Tekniku,

B. billi l-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni huwa ta' importanza partikulari wkoll għal-leġiżlazzjoni f'setturi oħra, bħal ma huma l-kosmetiċi ([3]) u l-pestiċidi ([4]), peress li l-atti relatati magħhom jirreferugħal metodi tat-ttestjar inklużi fil-leġiżlazzjoni tal-kimiki,

C. billi n-numru totali tal-annimali użati għal skopijiet sperimentali u għal skopijiet xjentifiċi oħra fl-2005 fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jlaħħaq għal madwar 12-il miljun ([5]) u persentaġġ sinifikanti ta' dawn l-annimali kienu użati għat-ttestjar regolatorji,

D. billi l-protokoll dwar il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali anness mat-Trattat ta' Amsterdam jipprevedi li fil-formulazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Komunità fl-agrikoltura, fit-trasport, fis-suq intern u fir-riċerka, il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw b'mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali, filwaqt li jkunu rrispettati d-dispożizzjonijiet u l-użanzi leġiżlattivi u amministrattivi tal-Istati Membri marbuta b'mod partikulari għar-riti reliġjużi, it-tradizzjonijiet kulturali u l-patrimonju reġjonali,

E. billi r-Regolament REACH jistabbilixxi li, sabiex ikun evitat l-ittestjar fuq l-annimali, għall-iskopijiet tar-Regolament, it-testijiet fuq annimali vertebrati għandhom isiru biss jekk ma jkun baqa' xejn aktar xi jsir, u li, b'mod partikulari għat-tossiċità tal-bniedem, l-informazzjoni għandha toħroġ fejn ikun possibbli b'mezzi oħra flok ttestjar fuq annimali vertebrati, permezz tal-użu ta' metodi alternattivi, pereżempju metodi *in vitro* jew mudelli ta' relazzjoni struttura-attività kwalitattivi jew kwantitattivi jew bl-użu ta' informazzjoni minn sustanzi marbuta strutturalment (fi gruppi jew "read-across"),

F. billi d-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE tal-24 ta' Novembru 1986 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-ħarsien tal-annimali użati għal skopijiet sperimentali u għal skopijiet xjentifiċi oħra ([6]) jistabbilixxi li esperiment fuq l-annimali ma għandux isir jekk biex jinkiseb ir-riżultat meħtieġ ikun disponibbli b'mod raġonevoli u prattiku, metodu sodisfaċenti li ma jinvolvix l-użu ta' xi animal, u li, f'għażla bejn esperimenti, għandhom jintgħażlu dawk li jużaw l-inqas numru ta' annimali, li jinvolvu annimali bl-inqas grad ta' sensittività newrofiżjoloġika, li jikkawżaw l-inqas uġigħ, sofferenza, tbatija jew ħsara li ddum żmien twil u li l-aktar li jistgħu jagħtu riżultati sodisfaċenti,

---

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).
([2]) (ĠU 196, 16.8.1967, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 851).
([3]) Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-iIstati Membri dwar il-prodotti kosmetiċi, ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/42/KE (ĠU L 93, 4.4.2008, p. 13).
([4]) Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/45/KE (ĠU L 94, 5.4.2008, p. 21).
([5]) Il-Ħames Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istatistika fuq l-għadd tal-annimali użati għal għanijiet sperimentali u għanijiet oħra xjentifiċi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea COM(2007)0675.
([6]) ĠU L 358, 18.12.1986, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 230, 16.9.2003, p. 32).

G. billi ċ-Ċentru Ewropew għall-Validazzjoni ta' Metodi Alternattivi (ECVAM) ivvalida għadd ta' metodi alternattivi fl-2006/2007 ([1]) li, madankollu, m'humiex inklużi fl-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni,

H. billi, barra minn hekk, l-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni fih metodu ta' ttestjar fuq l-annimali li m'għadux jintuża, peress li l-istess abbozz tar-Regolament fih ukoll metodu alternattiv għall-istess riżultat,

I. billi l-Kummissjoni tiġġustifika n-nuqqas ta' inklużjoni tat-testijiet alternattivi rratifikati billi tistqarr li għadhom ma ġewx approvati għal skopijiet regolatorji,

J. billi l-Kummissjoni tiddifferixxi lill-OECD, f'dak li jirrigwarda l-proċedura ta' aċċettazzjoni regolatorja, fil-każ ta' tlieta minn ħames testijiet,

K. billi l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta' Linji Gwida tal-OECD (TG) ġeneralment jieħu mill-inqas 3 snin peress li l-entitajiet istituzzjonali rilevanti jiltaqgħu biss darba fis-sena, u l-Linji Gwida tal-OECD m'humiex dejjem implimentati bl-istess mod mill-Istati Membri tal-OECD kollha,

L. billi l-Kummissjoni għamlitha ċara li dejjem tipprova tipproċedi l-ewwel fi ħdan il-qafas tal-OECD; billi dan imur kontra l-leġiżlazzjoni tal-UE u kontra l-ispirtu tad-Direttiva dwar il-Kosmetiċi Nru 76/768/KEE, li tagħti prijorità lill-proċess tal-UE,

M. billi l-prijorità determinata minn qabel għall-proċess ta' approvazzjoni regolatorja tal-OECD jinvolvi dewmien twil, u jista' wkoll ixekkel metodi alternattivi oħra milli jitpoġġew fil-prattika,

N. billi ma jidhirx li hemm regoli biżżejjed għal analiżi preliminari effiċjenti ta' rilevanza regolatorja qabel l-ECVAM tipproċedi għall-ivvalidar xjentifiku ta' test alternattiv,

O. billi l-kunċetti bażiċi tar-ratifika u tal-aċċettazzjoni legali m'humiex użati b'mod uniformi fil-livelli nazzjonali, Komunitarju u internazzjonali u l-leġiżlazzjoni tal-UE ma tagħti l-ebda definizzjoni ta' "ratifika" (jew kriterji għal min jirratifika) jew "aċċettazzjoni regolatorja (jew legali)" ([2]);

P. billi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni SEC(1991)1794 tipprovdi lill-ECVAM biss b'mandat relattivament dgħajjef sabiex jiġu ratifikati metodi alternattivi għalkemm fis-snin reċenti l-ECVAM tat riżultati apprezzati u prezzjuż ħafna,

Q. billi r-ratifika hija mwettqa wkoll minn entitajiet nazzjonali u internazzjonali oħra u, għalhekk, il-ħtieġa ta' vvalidar formali u tip ta' vvalidar/evalwazzjoni xierqa għal kull settur/skop għandha tkun evalwata u ċċarata ([3]);

R. billi l-proċedura interna ta' aċċettazzjoni regolatorja fl-Uffiċċju Ewropew tal-Kimika (European Chemicals Bureau — ECB) wara l-ivvalidar mill-ECVAM u qabel it-tnedija tal-proċedura għall-possibilità ta' inklużjoni fil-leġiżlazzjoni ta' metodu tat-ttestjar ma tidhirx li hi xierqa,

([1]) EpiDERM and EPISKIN (id-dikjarazzjoni ECVAM/ESAC tas-27 ta' April 2007), Reduced Local Lymph Node Assay (id-dikjarazzjoni ECVAM/ESAC tas-27 ta' April 2007), Bovine Corneal Opacity and Permeability — BCOP u Isolated Chicken Eye (ICE) Tests (id-dikjarazzjoni ECVAM/ESAC tas-27 ta' April 2007), Acute Toxicity for Fish (id-dikjarazzjoni ECVAM/ESAC tal-21 ta' Marzu 2006).

([2]) L-isħubija Ewropea għal Approċċi Alternattivi għall-Ittestjar fuq Annimali, l-ewwel Rapport ta' Progress Annwali, Diċembru 2006, p. 19, http://ec.europa.eu/enterprise/epaa/conf_2006.htm.

([3]) L-isħubija Ewropea għal Approċċi Alternattivi għall-Ittestjar fuq Annimali, l-Ewwel Rapport ta' Progress Annwali, Diċembru 2006, p. 19, http://ec.europa.eu/enterprise/epaa/conf_2006.htm.

S. billi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom deċiżjonijiet li potenzjalment jilħqu firxa wiesgħa, bħal mistoqsijiet mill-ECVAM li jqajmu dubji dwar l-ivvalidar xjentifiku jew li l-ivvalidar u l-aċċettazzjoni regolatorji jiġu trasferiti fil-livell tal-OECD, jittieħdu skond il-każ b'mod trasparenti u responsabbli fuq livell politiku,

T. billi mhux aċċettabbli li l-inklużjoni f'waqtha fl-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni ta' metodi alternattivi ġodda vvalidati mill-ECVAM għadha m'hix possibbli minħabba dewmien ikkawżati mill-proċeduri mhux trasparenti, li jieħdu ż-żmien, ineffiċjenti u parzjalment mhux xierqa, għall-aċċettazzjoni regolatorja ta' metodi alternattivi vvalidati għall-ittestjar fuq l-annimali,

U. billi l-problemi identifikati fil-qasam tal-leġiżlazzjoni tal-kimiki li għandhom x'jaqsmu mar-ratifikazzjoni u mal-aċċettazzjoni regolatorja ta' metodi alternattivi tat-ttestjar jista' jkollhom ukoll dimensjoni akbar meta jitqiesu s-setturi industrijali l-oħra,

1. Iżomm lura milli jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni fid-dawl tal-impenn formali magħmul mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha tal-5 ta' Mejju 2008, biex tagħmel l-arranġamenti li ġejjin biex tissimplifika u tħaffef il-proċeduri interni ġodda tal-Kummissjoni għall-ivvalidar u l-aċċettazzjoni regolatorja ta' metodi alternattivi ta' ttestjar ġodda:

— il-Kummissjoni se tintroduċi "analiżi preliminari effiċjenti ta' rilevanza regolatorja" f'kull każ biex tiżgura li vvalidar xjentifiku sussegwenti jiffoka fuq metodi ta' ttestjar li l-aktar għandhom potenzjali li jkunu kkunsidrati xierqa għal skopijiet regolatorji identifikati b'mod ċar;

— il-Kummissjoni se tnaqqas l-għadd ta' passi u tistabbilixxi skadenzi ġodda u ċari biex tissimplifika u tħaffef il-proċess attwali, fir-rigward tal-irwol tal-kumitati konsultattivi u l-konsultazzjoni mal-Istati Membri;

— id-deċiżjonijiet proċedurali importanti kollha li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni se jittieħdu fil-livell tad-Direttur Ġenerali;

— l-organizzazzjoni mill-ġdid attwali tal-Istitut tal-JRC għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IHCP) se jagħti kontribut favur l-aċċelerazzjoni tal-isforzi kontinwi biex jiġu avvanzati metodi alternattivi, inkluż l-ivvalidar tagħhom permezz ta'l-ECVAM. Dan għandu jinvolvi t-tisħiħ tal-ħidma tal-ECVAM permezz ta' appoġġ minn gruppi ta' IHCP oħra. L-IHCP qed jiżviluppa wkoll strateġija ta' ttestjar integrat li se tinfluwenza s-sinerġiji ta' ħafna attivitajiet kumplimentari fl-IHCP u tippermetti approċċ aktar komplet u effettiv lejn il-kwistjoni tal-evalwazzjoni ta' riskju, li huwa ċentrali fil-proċess regolatorju, b'hekk jiġi evitat dewmien intern marbut mat-trasmissjoni. It-tim ta' ttestjar integrat fl-2009 se jikkonsisti f'madwar 85 membru tal-persunal (inkluż l-persunal tal-ECVAM attwali ta' 62 persuna). Bħala parti mill-kontribut tiegħu favur l-issimplifikar tal-proċess minn ivvalidar xjentifiku sa aċċettanza regolatorja, l-IHCP se jiżgura li se jkun hemm koperazzjoni mill-qrib u segwitu konsistenti tal-proċess ta' aċċettazzjoni regolatorja kemm fil-Kummissjoni u fil-livell tal-OECD;

— Il-proċess rivedut se jkun aktar trasparenti. Il-proċeduri għall-aċċettazzjoni regolatorja ta' metodi ġodda ta' ttestjar se jiġu ppubblikata fuq il-website tal-Kummissjoni meta tiġi formalizzata r-reviżjoni li qed issir bħalissa L-istatus attwali tal-metodi alternattivi proposti se jiġu ppublikati fuq website speċifika li se titwaqqaf mill-JRC biex tippermetti lil partijiet interessati li jsegwu l-progress; l-informazzjoni se tkun aġġornata regolarment. Dan se jsir mill-mument li metodu alternattivi ġdid propost jiġi sottomess għal analiżi regolatorja preliminari. Il-website se tinkludi wkoll indikazzjoni tad-deċiżjonijiet kontra metodu ta' ttestjar partikulari u r-raġunijiet għalfejn jittieħdu deċiżjonijiet bħal dawn. Il-website se tinkludi wkoll indikazzjoni tad-deċiżjonijiet kontra metodu ta' ttestjar partikulari u r-raġunijiet għalfejn jittieħdu deċiżjonijiet bħal dawn.

— il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet interessati jkollhom l-opportunità li jintervjenu, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-Awtoritajiet Kompetenti u fil-Kumitati tal-Aġenzija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi (għall-kimiċi industrijali) meta jkun hemm kwistjonijiet ta' vvalidar ta' ttestjar li ma jużawx annimali;

— skond l-Artikolu 13(2) tar-Regolament REACH, il-Kummissjoni se tagħmel dispożizzjoni għal proċess aktar trasparenti li jinvolvi konsultazzjoni mal-partijiet interessati qabel kull proposta għall-Addattazzjoni għall-Progress Tekniku tar-Regolament dwar il-Metodi tal-Ittestjar;

— il-Kummissjoni għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni r-riżorsi meħtieġa biex ikun żgurat li jiġi miksud tit-jib f'termini veri, partikularment billi jistiednu l-applikazzjonijiet minn persunal kwalifikat bl-esperjenza meħtieġa biex fil-ġejjieni jingħaqdu mal-Programm għal-Linji Gwida dwar l-Ittestjar tal-OECD (TGP). Se tevalwa l-possibilitajiet li tipprovdi appoġġ finanzjarji lis-Segretarjat tat-TGP tal-OECD, billi tikkonċentra b'mod speċifiku fuq l-aċċettanza regolatorja ta' metodi alternattivi ta' ttestjar.

— il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-proċess ta' OECD mill-qrib f'kull każ biex tkun ċerta li din ir-rotta ma ġġibx magħha dewmien bla ħtieġa. Dan se jinkludi inventarju sistematiku tal-progress ta' kull metodu alternattiv f'intervalli regolari. Kull dewmien mhux ġustifikat marbut ma' metodu partikulari se jwassal lill-Kummissjoni biex tniedi proċess tal-UE għall-approvazzjoni regolatorja għall-metodu taħt eżami;

2. Jifhem li s-simplifikar u t-tħaffif tal-proċeduri interni japplikaw għall-proċess kollu mill-ivvalidar sa l-aċċettanza regolatorja mingħajr ebda nuqqas;

3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet interessati matul il-proċess kollu mill-ivvalidar sa l-approvazzjoni regolatorja;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għall-ewwel adattazzjoni għall-progress tekniku tar-Regolament sa l-aħħar tas-sena 2008 li tkun test deċiżiv għall-implimentazzjoni tal-impenji msemmija fil-paragrafu 1;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji rapport lill-Parlament sa l-aħħar tas-sena 2008 dwar l-implimentazzjoni ta' dawk l-impenji;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali (2007-2013)

P6_TA(2008)0235

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar Strateġija ġdida għas-Saħħa tal-Annimali għall-Unjoni Ewropea (2007-2013) (2007/2260(INI))**

(2009/C 279 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija ġdida għas-Saħħa tal-Annimali għall-Unjoni Ewropea (2007-2013) (COM(2007)0539) ("Komunikazzjoni dwar Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali"), skond liema "Il-Prevenzjoni hija aqwa mill-kura" u d-dokumenti ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni (valutazzjoni tal-impatt u sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt) li jakkumpanjaw dik il-komunikazzjoni (SEC(2007)1189 u SEC(2007)1190),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0147/2008),

A. billi s-saħħa tal-annimali hija marbuta sewwa mas-saħħa tal-bniedem, minħabba l-possibilità ta' trażmissjoni diretta jew indiretta ta' ċertu mard,

B. billi s-saħħa tal-annimali hija importanti mil-lat ekonomiku minħabba li l-mard tal-annimali jnaqqas il-produzzjoni tal-annimali u jwassal għall-mewt tal-annimali, għall-qtil u għat-telfa ekonomika konsegwenzjali,

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

C. billi l-annimali huma ħlejjaq ħajjin senzjenti u l-ħarsien u t-trattament korrett tagħhom huwa waħda mill-isfidi għal Ewropa kkulturata u ċċivilizzata tas-seklu 21,

D. billi t-tifqigħat kbar tal-mard tal-annimali jistgħu spiss jirriżultaw f'diżlokazzjoni soċjali u problemi soċjali f'zoni rurali,

E. billi l-benesseri tal-annimali huwa fattur wieħed, iżda mhux l-uniku wieħed, li jikkontribwixxi għas-saħħa tal-annimali u huwa ġġustifikat għal raġunijiet etiċi, soċjali, morali u ekonomiċi, u jrid ikun ibbażat fuq sisien xjentifiċi sodi,

F. billi l-kummerċ kulma jmur qed isir aktar globalizzat u l-kummerċ tal-prodotti tal-annimali qed jiżdied, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll b'mod internazzjonali,

G. billi hemm bżonn ta' koperazzjoni koordinata dwar kwistjonijiet tas-saħħa tal-annimali fuq il-livell Ewropew u fuq dak globali,

H. billi l-effikaċja ta' azzjoni fuq is-saħħa tal-annimali tiddependi mhux biss mill-miżuri amministrattivi meħuda iżda wkoll mill-koperazzjoni infurmata u b'impenn bejn il-partijiet interessati kollha,

I. billi l-aħjar mezz biex issir il-ġlieda kontra l-mard tal-annimali huwa billi ssir il-prevenzjoni ħalli l-anqas biss jibda, skond il-prinċipju li 'l-prevenzjoni hija aqwa mill-kura' u l-prinċipju li "t-tilqim huwa aqwa mill-qtil bla bżonn tal-annimali",

J. billi m'hemm l-ebda differenza bejn il-kwalità tal-prodotti li ġejjin minn annimali mlaqqma (b'emerġenza) u l-kwalità tal-prodotti li ġejjin minn annimali li m'humiex imlaqqma, iżda s-swieq ta' ġo l-UE u barra minnha jistgħu ma jaċċettawx prodotti li ġejjin minn annimali mlaqqma (b'emerġenza) u l-bdiewa li jrabbu l-bhejjem u operatori oħra jeħtieġu garanziji suffiċjenti li s-swieq ikunu lesti biex jilqgħu dawk il-prodotti mingħajr tnaqqis fil-prezzijiet,

K. billi aktar fruntieri miftuħa u d-domanda globali akbar għall-ikel, il-kummerċ globali, il-mobilità globali ta' persuni, it-tishin globali u l-kummerċ illegali jwasslu għal żieda fir-riskji għas-saħħa tal-annimali,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp ta' approċċ strateġiku għall-politika tal-UE għas-saħħa tal-annimali u jappoġġja l-għanijiet, l-objettivi u l-prinċipji ġenerali mfissra fil-Komunikazzjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali, li se jħallu lill-UE ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' prevenzjoni li għandha kif ukoll issaħħaħ it-tħejjija tagħha quddiem it-tifqigħ ta' mard epiżotiku ġdid;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan ta'azzjoni, kif previst fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali;

3. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għall-fatt li hija ħaġa impossibbli li wieħed ikun konformi mal-limitu ta' żmien tal-2007-2013 stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali minħabba li d-diskussjonijiet marbuta mal-Komunikazzjoni għadhom għaddejjin u l-leġiżlazzjoni bażika meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħha mhix se titlesta qabel l-2010 mill-inqas;

4. Jitlob, f'dan ir-rigward, li jkun hemm ambizzjoni akbar u li jkun hemm previżjoni għal medda ta' żmien fit-tul min-naħa tal-Kummissjoni meta tkun qed tressaq il-proposti leġiżlattivi tagħha, li se jippermetti li jinsiltu benefiċċji minn diskussjonijiet oħra li jaffettwaw ir-riżorsi baġitarji u l-prijoritajiet politiċi tal-UE;

5. Japprova x-xewqa li ġiet espressa biex l-istrateġija/il-politika l-ġdida tinbena fuq qafas legali waħdieni għas-saħħa tal-annimali fl-UE li jqis kif xieraq l-istandards u l-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE);

6. Jisħaq fuq il-fatt li l-bdiewa, dawk li jrabbu l-annimali u s-sidien għandhom parti essenzjali fl-immonitejar, fis-sostenn u fil-promozzjoni tas-saħħa tal-annimali tal-irziezet, u fil-prevenzjoni u l-osservazzjoni tal-mard;

7. Jenfasizza l-importanza tal-irwol li għandu jkollhom il-professjoni veterinarja u l-professjoni tat-trobbija tal-annimali tal-irziezet, li għandhom ikunu fuq quddiemnett fl-iżvilupp u t-twassil ta' servizzi speċjalizzati u proattivi bħal m'hu l-ippjanar tas-saħħa tal-annimali; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kopertura veterinarja ta' ċerti zoni rurali fl-UE;

8. Jenfasizza, barra minn hekk, is-sehem tal-bnedmin fit-tixrid tal-mard tal-annimali bħala riżultat taż-żieda fiċ-ċaqliq;

9. Jaqbel mal-objettiv tal-istrateġija dwar is-saħħa tal-annimali ta' iktar investiment f'miżuri ta' prevenzjoni u f'sistema ta' kontroll, biex b'hekk tonqos il-possibilità li jfaqqa' l-mard; jaqbel mal-prinċipju li "l-prevenzjoni hija aqwa mill-kura";

10. Jissottolinja l-fatt li m'hemm l-ebda differenza bejn prodotti ġejjin minn annimali mlaqqma u prodotti ġejjin minn annimali mhux imlaqqma;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-prodotti li ġejjin minn annimali mlaqqma (tilqim ta' ħarsien) jkunu jistgħu jiġu kkummerċjati fl-UE;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-aċċettazzjoni ta' prodotti minn annimali mlaqqma f'livell internazzjonali;

13. Jiddikjara ruħu favur il-viżjoni u l-għan imfissra fil-Komunikazzjoni dwar Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali, li skond din il-viżjoni u dan il-għan il-"konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati" kif ukoll l-'impenn sod favur standards għoljin għas-saħħa tal-annimali' se jgħinu kemm fl-iffissar ta' prijoritajiet konsistenti mal-għanijiet strateġiċi kif ukoll fir-reviżjoni ta' x'jikkostitwixxi standards aċċettabbli u xierqa;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li fil-Komunikazzjoni dwar Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali hemm ir-rikonoxximent tar-relazzjoni kruċjali li teżisti bejn is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tagħhom, u jistenna li jara li ż-żewġ kwistjonijiet ikunu marbuta flimkien fil-politika li ġejja;

15. Jistenna b'interess ir-riżultat tal-proġett preparatorju dwar il-postijiet ta' waqfa għall-annimali u dwar is-sejbiet ta' stħarriġ li se jkopru l-ħtiġijiet u l-mezzi neċessarji sabiex titjieb is-saħħa tal-annimali waqt it-trasport u waqt li jkunu f'postijiet ta' kontroll;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-istrateġija tkopri s-saħħa tal-annimali kollha fl-UE sabiex annimali domestiċi (pets) maħruba, li m'humiex imsemmija espressament, ukoll huma koperti jekk ikun hemm ir-riskju li huma jistgħu jgħaddu l-mard lil annimali oħra jew lill-bnedmin;

17. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħsieb tal-Kummissjoni li tadotta strateġija ta' komunikazzjoni dwar ir-riskju, immaniġġjata mill-partijiet interessati u mill-konsumaturi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għalkemm il-produzzjoni tal-Ewropa ta' bhejjem tat-trobbija hija aktar sikura minn qatt qabel u suġġetta għal spezzjonijiet rigorużi, il-mod kif il-pubbliku jara dan is-settur m'hu sodisfaċenti xejn, ħaġa li, fil-każ ta' xi kriżijiet riċenti, diġà ħoloq problemi għas-suq minħabba li ntilfet il-fiduċja;

18. Japprova l-popolazzjoni mmirata identifikata u indirizzata fil-Komunikazzjoni dwar Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali: is-sidien tal-annimali, membri tal-professjoni veterinarja, in-negozji tal-katina tal-ikel, l-industriji tas-saħħa tal-annimali, il-gruppi ta' pressjoni favur l-annimali, ir-riċerkaturi u l-għalliema, il-korpi ta' regolamentazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-isport u rikreattivi, il-faċilitajiet edukattivi, il-konsumaturi, il-vjaġġaturi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE, u jqis li hu meħtieġ li jiġu inklużi rappreżentanti tal-professjoni ta' inġinerija tal-annimali tal-irziezet.

19. Jinnota li l-istrateġija dwar is-saħħa tal-annimali għandha tkopri wkoll l-attivitajiet tal-biċċeriji, l-impriżi tal-ġarr tal-annimali u l-manifatturi u l-fornituri tal-għalf tal-annimali, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal simplifikazzjoni amministrattiva;

20. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-istrateġija għas-saħħa tal-annimali bl-approċċ preventiv tagħha għandha tiżviluppa l-miżuri legali u finanzjarji meħtieġa kemm biex timmoniterja l-annimali domestiċi (pets) u l-annimali li jiġru mat-toroq kif ukoll biex tevita t-tixrid ta' mard żoonotiku u ta' problemi tas-saħħa tal-annimali; b'mod partikulari, l-istrateġija għandha tinkludi programmi ta' tilqim u miżuri oħra preventivi f'rabta mal-mard mgħoddi minn klieb u qtates li jiġru fit-toroq speċjalment fejn fil-preżent l-ebda tilqima ma hija possibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistudja l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali possibbli tat-tixrid ta' mard żoonotiku u miċ-ċaqliq tan-nies u l-annimali domestiċi (pets) tagħhom;

21. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-istrateġija proposta tista' tipproduċi riżultati pożittivi jekk jiġu stabbiliti arranġamenti ċari u trasparenti għall-finanzjament tal-miżuri individwali, ħaġa li l-Komunikazzjoni dwar Strateġija għas-Saħħa tal-Annimali ma tagħmilx; jikkritika lill-Kummissjoni talli fil-Komunikazzjoni fuq imsemmija ma tagħmel l-ebda referenza għall-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-politika tagħha;

22. Jissottolinja, bil-għan li jiżgura kundizzjonijiet indaqs, il-ħtieġa li jkun iċċarat l-irwol tal-UE, tal-Istati Membri u tas-settur agrikolu fil-finanzjament ta' miżuri għas-saħħa tal-annimali bħal m'huma l-iżgurar tas-sikurezza bijoloġika fl-irziezet, programmi ta' tilqim, riċerka xjentifika u standards aktar għolja ta' benesseri tal-bhejjem, u jistieden lill-Kummissjoni biex iċċara dawk il-kwistjonijiet fl-istrateġija tagħha għas-saħħa tal-annimali;

23. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-politika komuni dwar is-saħħa tal-annimali hija waħda mill-politiki l-aktar integrati tal-UE u li l-parti l-kbira tal-finanzjament tagħha għandu jkun kopert mill-baġit tal-Komunità, li m'għandux jipprekludi r-responsabilità finanzjarja tal-Istati Membri u tal-bdiewa;

24. Jagħraf il-fatt li, madankollu, is-swieq ġewwa u barra mill-UE mhux dejjem huma lesti li jimpurtaw laħam li jkun imlaqqam u mħares; jisħaq fuq il-fatt li l-bdiewa li jrabbu l-bhejjem u operaturi oħra tas-suq jeħtieġu garanziji li huma jkunu jistgħu jbiegħu il-prodotti tagħhom mingħajr tnaqqis fil-prezzijiet; iqis din il-ħaġa bħala kwistjoni kruċjali li l-Komunità trid issolvi malajr sabiex tiggarantixxi l-moviment ħieles tal-oġġetti;

25. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li f'għadd ta' setturi tat-trobbija tal-bhejjem hemm il-problema dejjem akbar tar-reżistenza batterjoloġika għall-antibijotiċi, ħaġa li tista' twassal ukoll għal problemi fir-rigward tas-saħħa pubblika; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta analiżi rigward din il-problema, fejn ikun meħtieġ, akkumpanjata minn proposti fl-ambitu tal-qafas tal-istrateġija għas-saħħa tal-annimali;

26. Jesprimi bil-qawwa kemm m'huwiex sodisfatt minħabba l-indikazzjonijiet li miżuri individwali se jkunu ffinanzjati minn fondi eżistenti u jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefendi t-tisħiħ tal-possibilitajiet tal-fond veterinarju preżenti, filwaqt li tħejji l-argumenti tagħha għad-diskussjonijiet tal-baġit li se jitniegħdu fl-2009;

27. Jiġbed l-attenzjoni lejn kemm hu importanti li l-miżuri għas-saħħa tal-annimali jkunu kkoordinati madwar l-UE kollha u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti sehem aktar attiv fil-koordinazzjoni milli tat s'issa;

28. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-riskji dejjem akbar li hemm għas-saħħa tal-annimali bħala konsegwenza taż-żieda fil-mobilità globali, id-domanda għall-ikel li qed dejjem tikber, iż-żieda fil-kummerċ internazzjonali u l-bidla fil-klima; u jissottolinja l-ħtieġa ta' strateġija adegwata ta' tilqim ta' emerġenza kemm għall-mard eżistenti u kemm għall-mard li qed jitfaċċa;

### *1. Il-prijoritizzazzjoni tal-intervent tal-UE*

29. Jirrikonoxxi l-importanza kruċjali li jkun jsiru l-profil u kategorizzazzjoni tar-riskju, inkluż li jiġi stabbilit livell aċċettabbli tar-riskju għall-Komunità kif ukoll il-prijorità relattiva għal azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju; jemmen li għandhom isiru sforzi biex jiġu definiti b'mod ċar is-sitwazzjonijiet li fihom ir-riskju ta' mard jogħla u jaqbeż il-livell aċċettabbli, u kif ukoll il-konsegwenzi relattivi;

30. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-densitajiet għolja ta' stokkjar f'sistemi ta' biedja intensiva jistgħu jgħollu r-riskju tat-tixrid tal-mard u jxekklu l-kontroll tal-mard fejn ikunu ikun hemm miżuri inadegwati għall-kontroll tal-mard; u li l-istess jista' jiġri f'sistemi oħra ta' biedja jekk il-miżuri għall-kontroll tal-mard ma jkunux implimentati tajjeb;

31. Jiġbed l-attenzjoni, f'dak li hu l-kontroll ta' mard epidemiknu, lejn l-importanza tad-distanza bejn l-irziezet;

32. Jagħraf il-fatt li l-UE għandha stabbiliti regolamenti stretti dwar il-ġarr tal-annimali, li jissodisfaw il-ħtieġa ta' standards għolja ta' benesseri tal-annimali u l-ħtieġa ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard; iħeġġeġ li dawk l-istandards għoljin ikunu implimentati b'mod sħiħ mill-Istati Membri kollha; jemmen li l-istandards għandhom ikunu ssodisfati minn pajjiżi li jkunu qed jesportaw prodotti tal-annimali lejn l-UE sabiex jiġu promossi u żgurati standards għolja ta' benesseri u ta' saħħa tal-annimali globalment; Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-riskji li potenzjalment jitgħollew li huma involuti fil-ġarr ta' annimali ħajjin fuq distanzi twal, ħaġa li kapaċi xxerred il-mard u li xxekkel il-miżuri tal-kontroll tal-mard fejn ikun hemm miżuri inadegwati għall-prevenzjoni tal-mard; għalhekk huwa tal-opinjoni li r-regoli sanitarji u tal-benesseri tal-annimali li jikkonċernaw it-trasport ta' annimali ħajjin għandhom jkunu kkontrollati b'intensità u ristretti jekk jinħass il-bżonn; jappella għall-introduzzjoni bla intoppi tas-sistema elettronika integrata Ewropea għar-reġistrazzjoni tal-annimali, inkluż l-ittraċċar tat-trakkijiet permezz tan-navigazzjoni satellitari (GPS); jemmen li l-kwalità tat-trasport hija importanti aktar mit-tul tat-trasport stess għall-benesseri tal-annimali;

33. Jemmen li jinħtieġ ukoll li jitqies il-fatt li l-globalizzazzjoni, il-bidla fil-klima u ċ-ċaqliq tan-nies huma fatturi li jiffavorixxu t-tixrid tal-mard tal-annimali, ħaġa li tagħmilha aktar diffiċli li l-mard ikun ikkontrollat;

34. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' strateġija ta' komunikazzjoni koerenti fir-rigward tal-istrateġija l-ġdida għas-saħħa tal-annimali, li għandha tinvolvi kooperazzjoni mill-qrib fost l-organizzazzjonijiet kollha tal-partijiet interessati fil-livell tal-UE, f'dak nazzjonali kif ukoll f'dak lokali;

### *Pilastru 2 — Il-qafas legali tal-UE*

35. Huwa tal-fehma li l-qafas legali tal-UE dwar is-saħħa tal-annimali huwa kkumplikat frammentat u jeħtieġ li jkun issimplifikat; huwa tal-fehma li r-regoli fundamentali li jirregolaw l-azzjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali, fejn possibbli, għandhom jiġu stipulati f'att leġiżlattiv wieħed;

36. Barra minn hekk, jenfasizza li s-sostituzzjoni tas-sett attwali ta' miżuri ta' politika inter-relatati u interdipendenti b'qafas legali wieħed li jqis b'mod partikulari r-rakkomandazjonijiet, l-istandards u l-linji gwida tal-OIE u tal-Codex Alimentarus tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa/Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Biedja (il-"Codex") għandha tkun pjattaforma ċentrali tal-istrateġija, mingħajr ma tkun qed tinjora r-regoli Ewropej bħal m'huma t-trasparenza u l-involviment tal-partijiet interessati kollha, filwaqt li tkun qed tevita kull deterjorament fl-istatus tas-saħħa fl-UE;;

37. Jaqbel li hemm bżonn li jiġi żgurat li r-regoli nazzjonali u reġjonali mhux ġustifikati dwar is-saħħa tal-annimali ma jikkostitwixxux ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern, u, b'mod partikulari, li r-riżorsi użati bħala reazzjoni għal meta jfaqqa' l-mard ikunu proporzjonali għat-theddida li tkun qed tiġi ffaċċjata u li ma jintużawx għal skopijiet mhux ġustifikati ta' diskriminazzjoni kummerċjali, speċjalment fir-rigward ta' prodotti ġejjin minn annimali mlaqqma;

38. Huwa tal-fehma li l-qafas leġiżlattiv tal-UE għandu jistipula b'mod ċar, u b'modadegwatament flessibbli, l-obbligi tas-sidien tal-annimali, inklużi l-annimali li jinżammu għal skopijiet mhux kummerċjali, f'sitwazzjonijiet ta' riskju, b'tali mod li dan ma jwassalx għal tilwim u kunflitti mhux ġustifikati; jemmen li l-kontroll tal-mard fost l-annimali selvaġġi ukoll huwa element sinjifikanti tal-istrateġija preventiva;

39. Jaqbel mal-konklużjonijiet tal-istudju ta' qabel l-attwazzjoni tal-25 ta' Lulju 2006 dwar l-għażliet li hemm għal skemi armonizzati ta' qsim ta' spejjeż għal mard epidemiku tal-bhejjem tat-trobbija, immexxija mill-Konsulenza Ċivika (Civic Consulting) (fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Politika Komunitarja dwar is-Saħħa tal-Annimali (CAHP) 1995-2004 u alternattivi għall-ġejjieni, imħejjija f'isem il-Kummissjoni u bħala parti mill-proġett pilota dwar l-iffinanzjar ta' mard tal-annimali li jittieħed, mniedi mill-Parlament fil-baġit tal-2004), li urew il-ħtieġa li s-sistemi tal-qsim tal-ispejjeż stabbiliti mill-Istati Membri jkunu armonizzati; jinnota, barra minn hekk, li peress li l-qsim tal-ispejjeż imur id f'id mal-qsim tar-responsabilità, sistemi bħal dawn jirrekjiedu s-sehem sħiħ u l-impenn kollu tal-partijiet kollha inklużi dawk li huma sidien ta' annimali, u li għandhom jiddaħħlu mekkaniżmi ġodda biex il-partijiet interessati jkunu involuti fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' politika sinjifikanti;

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

40. Jagħraf il-ħtieġa li jkun irrivedut l-istrument preżenti tal-kofinanzjament, sabiex ikun possibbli li jkun żgurat li dawk kollha li għandhom parti jassumu r-responsabilitajiet tagħhom u jieħdu sehem fis-sejbien u l-qierda tal-mard, u sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-bdiewa fl-Istati Membri differenti; jitlob li ssir kategorizzazzjoni tal-mard tal-annimali fil-qafas ta' arrangamenti ta' kofinanzjament fil-futur fuq il-bażi tan-natura tal-miżuri ta' ġlied kontra l-mard li għandhom jiġu applikati, tar-riskji għas-saħħa pubblika u ta' effetti esterni oħra; jinnota li fondi ta' kumpens għas-sidien tal-bhejjem li jkunu msejsa fuq sistema ta' riżerva jsaħħu r-responsabilità kemm dik individwali u kemm dik komuni;

41. Jaqbel għal kollox mal-fehma li s-sistema ta' kumpens m'għandhiex tkun ristretta għall-għoti ta' kumpens lil sidien ta' bhejjem li jkunu nqatlu apposta b'reazzjoni għat-tifqigħ tal-mard, imma għandha tkun magħquda flimkien mal-inċentivi għall-prevenzjoni tar-riskju imsejsa it-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet għall-fondi nazzjonali jew reġjonali tas-saħħa tal-annimali minn bdiewa li jieħdu miżuri iżjed għat-tnaqqis tar-riskju u l-promozzjoni tal-użu tat-tilqim (ta' emerġenza) minflok azzjoni drastika ta' qirda, li jkun juri għarfien li dan ikun jikkostitwixxi garanziji ta' dħul għas-sid tal-bhejjem tat-trobbija mlaqqma (b'emerġenza); huwa tal-fehma li l-istess prinċipju għandu japplika wkoll għall-Istati Membri, bħala inċentiv biex jitnaqqsu l-livelli tar-riskju;

42. Jirrikonoxxi, meta titqies it-tensjoni fis-sitwazzjoni tas-suq dinji tal-għalf tal-annimali, li l-bdiewa Ewropej jeħtieġu, apparti l-ħut mitħun, b'mod urġenti, għalf bi kwantità għolja ta' sustanzi, mingħajr perikli, mimli proteini u bi prezz aċċessibbli; jenfasizza, fl-istess ħin, l-importanza tal-applikazzjoni koerenti tal-prinċipju ta' prevenzjoni fil-każ tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-proteini mill-annimali fl-ikel tal-annimali, bl-eċċezzjoni tal-annimali li jixtarru, u għalhekk fil-katina tal-ikel, b'rispett lejn il-motto tal-istrateġija ġdida għas-saħħa tal-annimali: "il-prevenzjoni hija aqwa mill-kura"; jiġbed l-attenzjoni, għalhekk, lejn il-bżonn ta' sforzi akbar għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmi effiċjenti ta' kontroll u ta' sorveljanza fir-rigward tat-tneħħija tal-fatturi patoġeni kollha fil-produzzjoni kif ukoll għall-garanzija li jiġu rintraċċjati u evitati l-kontaminazzjoni u t-taħlit ta' tipi differenti ta' sustanzi mitħuna li ġejjin mill-annimali fl-għalf impurtat jew prodott fl-Istati Membri;

43. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel analiżi komparattiva tas-sistemi ta' kumpens li jeżistu fl-Istati Membri u fuq il-bażi ta' dik l-analiżi tfassal mudell ta' qafas għall-UE kollha; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex toħloq qafas legali għal skema effiċjenti ta' qsim ta' spejjeż fl-Istati Membri sabiex ikun żgurat li l-ispejjeż diretti maħsuba għall-qirda ta' marda tal-annimali ukoll ikunu kofinanzjati mis-settur;

44. Juri l-ħtieġa ta' kontribuzzjoni Komunitarja sostanzjali fir-rigward ta' dawk il-mardiet ewlenin, sabiex ikunu żgurati trattament u opportunitajiet indaqs fejn dawn ma jkunux jistgħu jiġu akkwistati jew milħuqa mir-riżorsi tal-pajjiżi u tal-produtturi kkonċernati;

45. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni biex tippreżenta rapport li jispjega l-possibilitajiet għal sistema effettiva ta' garanziji finanzjarji għall-operaturi tan-negozju tal-għalf;

46. Jaqbel li għandu jsir provvediment fil-qafas legali tal-UE għall-appoġġ għall-possibilità li jiġi kopert telf indirett li ma jirriżultax minn miżuri għall-qerda tal-mard biss; jinnota li t-telf indirett, f'xi każijiet, jista' jkun iktar serju mit-telf dirett u li għalhekk għandu jsir provvediment għall-kumpens ta' dak it-telf; għalhekk, jesprimi l-appoġġ tiegħu biex issir aktar riċerka dwar l-istabbiliment ta' strumenti ta' assigurazzjoni mill-bdiewa li jrabbu l-bhejjem u biex il-Komunità tappoġġja dan l-istabbiliment ta' strumenti; jinnota, madankollu, li assigurazzjoni privata tista' tkun strument aktar effettiv biex tittratta telfiet bħal dawn f'ċerti każi;

47. Jisħaq fuq il-fattl li l-leġiżlazzjoni tal-UE diġà hija bbażata b'mod sinjifikanti fuq il-konformità mal-istandards tal-OIE/Codex u li hemm raġunijiet tajbin għaliex wieħed għandu jagħmel ħiltu kollha biex ikun konformi ma' dawn l-istandards u għaliex l-UE għandha tippromwovi l-istandards tagħha stess dwar is-saħħa tal-annimali bil-għan li jiġu adottati fuq livell internazzjonali; għalhekk, bil-għan li titqawwa s-saħħa tal-UE fl-innegozjar fi ħdan l-OIE, jappoġġja possibilità ta' sħubija tal-UE fl-OIE; barra minn hekk, jisħaq fuq kemm hu importanti li jkun salvagwardjat il-kontribut tal-partijiet interessati fil-livell tal-OIE/Codex;

48. Iħeġġeġ lill-UE biex tiddefendi l-istandards għoljin tagħha tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali f'livell internazzjonali fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, sabiex iżżid l-istandards tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali globalment; jagħraf li l-produtturi tal-UE jiffaċċjaw spejjeż akbar minħabba l-istandards tal-UE ogħla li hemm stabbiliti u jagħraf li huma għandhom ikunu mħarsa minn prodotti tal-annimali importati li l-produzzjoni tagħhom tkun suġġetta għal standards aktar baxxi;

49. Jilqa' b'sodisfazzjon il-passi proposti lejn strateġija tal-esportazzjoni fuq livell Komunitarju u jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tagħmel kull sforz biex ittejjeb l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi u biex tneħħi x-xkiel għall-esportazzjoni;

***Pilastru 3 — Il-prevenzjoni tat-theddid, is-sorveljanza u t-tħejjija għall-kriżijiet relatati mal-annimali***

50. Jiġbed l-attenzjoni għat-titjib tal-livell tal-bijosigurtà tal-impriżi u sabiex l-operaturi kollha jitheġġu jgħollu l-istandards, filwaqt li jirrikonoxxi l-fatt li l-mard li jittieħed jista' jfaqqa' kemm f'farms żgħar kif ukoll kbar, f'impriżi fejn l-annimali jinżammu għall-pjaċir, fiż-żoos, fir-riservi naturali, fil-biċċeriji u waqt it-trasport u t-tranżitu tal-annimali; iqis li miżuri bħall-iżolament ta' annimali ġodda li jinġabu fl-irziezet, l-iżolamnet ta' annimali morda u r-regolamentazzjoni taċ-ċaqliq tan-nies jista' jkollhom impatt ewlieni fir-restrizzjoni tat-tixrid tal-mard;

51. Jiġbed l-attenzjoni għall-punt li l-fatt li l-annimali jinżammu fil-miftuħ huwa karatteristika speċifika ta' diversi sistemi ta' produzzjoni u din il-prattika għadha partikularment spissa f'ċerti reġjuni u għal ċerti speċijiet; jagħraf li dik il-prattika hija appoġġjata mill-pubbliku u permezz ta' fondi pubbliċi; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-prattika jista' jkun li tikkontradixxi l-għandijiet tal-bijosigurtà; huwa tal-fehma li l-bdiewa għandhom jirċievu appoġġ mis-soċjetà meta jkunu qed jassiguraw kontra riskji ogħla għas-saħħa tal-annimali marbuta ma' dawn it-tipi ta' trobbija tal-bhejjem, u li l-objettivi politiċi fl-oqsma tas-saħħa tal-annimali u tal-ħarsien tal-annimali għandhom jiġu allinjati bejniethom;

52. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-taħriġ għall-maniġers tal-irziezet u għall-istaff li jaħdem f'razzett hu kruċjali għall-benesseri tal-annimali u għas-saħħa tal-annimali; għalhekk, huwa favur li jiġu appoġġjati t-taħriġ u aktar miżuri għat-taħriġ;

53. Jistenna' l-għarfien ta' sistemi ta'mmaniġġjar ta' kwalità għall-kategorizzazzjoni tar-riskju assoċjat ma' tipi differenti ta' sistemi ta' produzzjoni; jinsab konvint li sistemi tat-trobbija tal-bhejjem li huma ppreferuti mill-konsumaturi u li jippreżentaw ċerti problemi fir-rigward tal-bijosigurtà (trobbija tal-annimali fil-miftuħ) jistgħu jsiru aktar sikuri permezz ta' mmaniġġjar xieraq;

54. Jemmen li l-ittraċċar tal-prodotti, fuq il-bażi ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni, huwa importanti b'mod partikulari fl-immoniterjar tas-saħħa tal-annimali u l-prevenzjoni tal-mard u fis-sikurezza tal-ikel; f'dan ir-rigward, jappoġġja azzjoni li tkopri l-identifikazzjoni obbligatorja elettronika u ġenetika bbażata fuq id-DNA tal-annimali u r-reġistrazzjoni obbligatorja tal-annimali fil-livell tal-UE u l-introduzzjoni ta' sistema komprensiva u sikura għall-monitoraġġ tal-moviment tal-annimali, iżda jiġbed l-attenzjoni lejn l-ispejjeż li tinvolvi sistema bħal din, b'mod partikulari għal irziezet li jaħdmu bi struttura ta' razzett li ma tkunx ekonomikament favorevoli; jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin lill-bdiewa jkampaw mal-ispejjeż għolja li jsiru permezz tal-akkwist tat-tagħmir meħtieġ, billi toħloq il-possibilità li l-Istati Membri jinkorporaw miżuri bħal dawn fi ħdan il-programmi tagħhom ta' żvilupp rurali;

55. Jiġbed l-attenzjoni lejn id-differenzi kbar li jeżistu fost l-Istati Membri fl-ammont ta' frat meqruda bħala riżultat tan-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni; jistenna l-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni ta' dawn id-differenzi fi ħdan l-UE;

56. Jaqbel mal-fehma li bijosigurtà konfinali aħjar hija partikularment importanti minħabba l-fatt li l-UE hija l-ikbar importatur dinji tal-ikel, inklużi l-prodotti tal-annimali; jidhirlu li, minħabba r-riskju li jiddaħħlu fl-UE annimali li jkunu jġorru infezzjoni jew li jkunu morda, l-ispezzjonijiet veterinarji u sanitarji fuq il-fruntieri tal-UE jridu jsiru partikularment bir-reqqa u b'mod strett u m'għandhomx ikunu limitati biss għall-ispezzjoni ta' dokumenti, imma għandhom jagħmluha possibbli wkoll li jiġi aċċertat jekk l-annimali jkunux ġew imrobbija skond l-istandards tal-benesseri tal-annimali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE;

57. Jisħaq fuq l-importanza tal-ispezzjonijiet tas-saħħa tal-annimali fi ħdan pajjiżi terzi u jitlob li jkun hemm żieda fir-riżorsi finanzjarji tal-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju tal-Kummissjoni;

58. Huwa tal-fehma li l-kontrolli veterinarji u doganali fuq il-fruntieri tal-UE għandhom ikunu partikularment rigorużi bil-għan li tiġi evitata l-importazzjoni illegali jew it-traffikar tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali, minħabba r-riskju mill-akbar tat-tixrid ta' mard li tali importazzjoni u traffikar iġibu magħhom; f'dan ir-rigward, jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li tiġi fornuta assistenza organizzattiva, ta' taħriġ u finanzjarja għas-servizzi veterinarji fuq il-fruntieri esterni tal-UE, inklużi fuq il-fruntieri marittimi tagħha, b'mod

partikulari fl-Istati Membri l-ġodda, f'pajjiżi terzi ġirien tal-UE, u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; aktar minn hekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ifasslu pjanijiet ta' komunikazzjoni xierqa sabiex jinfurmaw liċ-ċittadini bir-riskji marbuta mal-importazzjoni privata tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali;

59. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu mekkaniżmi biex ikun żgurat koordinament aħjar bejn is-servizzi tad-dwana, is-servizzi veterinarji u l-operaturi tal-ivvjaġġar, bil-għan li tkun imħaffa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi;

60. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqawwi b'mod sinjifikanti l-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw billi tipprovdilhom għajnuna teknika min-naħa l-waħda biex tgħinhom jissodisfaw l-istandards sanitarji tal-UE u min-naħa l-oħra biex tnaqqas ir-riskju li l-mard tal-annimali jixtered minn dawk il-pajjiżi għal ġo l-UE; jemmen li fil-kooperazzjoni veterinarja ma' pajjiżi terzi għandha tingħata prijorità lill-pajjiżi li jmissu mal-fruntieri tal-UE;

61. Jenfasizza l-importanza tas-sorveljanza veterinarja f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u l-prevenzjoni tagħhom, fir-rigward tal-provvediment ta' twissija bikrija u s-sejbien fil-pront ta' theddid relatat mal-annimali; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-Kuntest, biex teżamina l-possibilità li tiddaħħal sistema ta' verifika tal-irziezet għall-irziezet li m'humiex invizjtati regolarment minn professjonisti veterinarji;

62. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-operaturi ekonomiċi, il-membri tal-professjoni veterinarja u l-assistenti tagħhom, il-korpi tal-kontroll u awtoritajiet kompetenti oħra jingħataw taħriġ effettiv biex ikunu jistgħu jsibu theddidiet marbuta mal-annimali fil-pront, li jsir aġġornament tal-istandards minimi tal-UE dwar it-taħriġ veterinarju u li jkun hemm appoġġ għal taħriġ bħal dan fil-livell tal-UE, flimkien ma' miżuri biex tkun żgurata l-implimentazzjoni ta' dawk l-istandards u li jsir l-allinjament, malajr kemm jista' jkun, tal-programmi tal-iskejjel u tal-universitajiet f'dan il-qasam; jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li sistema Ewropea ta' akkreditazzjoni ta' skejjel veterinarji tkun tista' tgħin biex jintlaħaq l-objettiv ta' edukazzjoni veterinarja ta' livell għoli;

63. Jappoġġja bil-qawwa azzjoni biex jiżdied l-użu tat-tilqim ta' emerġenza (kemm dak għat-trażżin u kemm dak protettiv), li għandu jirriżulta fi prevenzjoni u restrizzjoni tat-tixrid tal-mard iktar effettivi bħala parti minn operazzjonijiet għall-qerda tal-mard; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-introduzzjoni ta' sistema effettiva ta' tilqim titlob garanziji ta' dħul għas-sidien tal-annimali mlaqqma li jistgħu jiffaċċjaw problemi biex ibiegħu prodotti minn annimali mlaqqma u l-forniment ta' appoġġ finanzjarju xieraq sabiex ikun inkuraġġit l-użu ta' tali sistema u sabiex jiġi żgurat li l-prodotti minn annimali mlaqqma ma jkunux suġġetti għal xi restrizzjoni; barra minn hekk, iqisha ħaġa essenzjali li l-banek tal-UE għat-tilqim jiġu mwessgħa; jidhirlu wkoll li jinħtieġ li jiġu applikati l-miżuri kollha li jistgħu jgħinu biex jitnaqqas il-għadd ta' bhejjem b'saħħithom li jinqatlu u jintremew, bħal m'huma testijiet biex jingħataw provi li l-bhejjem huma ħielsa mill-patoġeni u b'hekk issir possibbli l-qatla normali;

64. Jappoġġja l-iżvilupp ta' strateġiji ta' tilqim għall-ispeċijiet u t-tipi ta' mard relevanti kollha;

65. Jistieden lill-Kumissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li l-prodotti li ġejjin minn bhejjem imlaqqma jiċċirkulaw mingħajr diskriminazzjoni, prattika li n-nuqqas tagħha, s'issa, żamm lura ħafna l-użu tat-tilqim bħala għodda fil-ġlieda kontra t-tixrid tal-mard tal-annimali li jittieħed; għalhekk, jitlob, inter alia, li ssir projbizzjoni fuq it-tikkettar għall-konsumatur ta' prodotti ġejjin minn annimali mlaqqma, li jkun hemm strateġiji ta' komunikazzjoni pubblika effettivi rigward il-fatt li l-prodotti li ġejjin minn annimali mlaqqma ma jagħmlu l-ebda ħsara u li jiġu konklużi konvenzjonijiet bejn il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-operaturi tal-bejgħ bl-imnut u tal-kummerċ dwar iċ-ċirkulazzjoni ħielsa ta' prodotti ġejjin minn annimali mlaqqma;

66. Huwa tal-fehma li, fir-rigward ta' azzjoni bħala reazzjoni għat-theddida ta' kriżi, huwa essenzjali li tiġi żgurata d-disponibilità ta' għarfien speċjalizzat u ta' mezzi benevolenti għat-twettiq ta' kull qtil meħtieġ tal-annimali li jiffrankawlhom it-tbatija bla bżonn, fl-għarfien tal-fatt li huma ħlejjaq ħajjin u senzjenti;

67. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-mediċini veterinarji u t-tilqim tal-annimali huma element tas-saħħa tal-annimali, u għalhekk ir-responsabilità fi ħdan il-Kummissjoni għandha tkun organizzata mill-ġdid kif jixraq;

***Pilastru 4 — Ix-xjenza, l-innovazzjoni u r-riċerka.***

68. Jenfasizza li r-riċerka xjentifika għandha rwol essenzjali fis-sistemi tas-saħħa tal-annimali, peress li tippermetti li jsiru avvanzi, b'mod partikulari fl-immoniterjar tad-djanjożi u l-kontroll tal-mard tal-annimali, l-analiżi tar-riskju, l-iżvilupp ta' tilqim u ta' testijiet u ta' metodi effiċjenti ta' kura, li għandhom ikunu bbażati fuq għarfien xjentifiku; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-emenda li għamel il-Parlament fil-baġit tal-UE tal-2008, fejn żied l-approprjazzjonijiet għall-iżvilupp ta' tilqim (ta' sinjal) u ta' metodi ta' ttestjar; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel użu effettiv ta' dawk l-approprjazzjonijiet miżjuda;

69. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li ssir aktar riċerka xjentifika ddettaljata dwar l-impatt tal-għalf fuq is-saħħa tal-annimali u, b'mod indirett, fuq is-saħħa tal-bniedem;

70. Jemmen li r-riċerka dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali mmexxija taħt is-seba' programm ta' qafas u riċerka oħra mmexxija fuq livell nazzjonali u Ewropew jikkontribwixxu għal azzjoni iktar effettiva dwar is-saħħa tal-annimali;

71. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jiġi msaħħaħ in-netwerk tal-laboratorji ta' referenza Komunitarji u nazzjonali li jittrattaw il-mard tal-annimali, filwaqt li jenfasizza n-netwerks li diġà jeżistu, u jaqbel li għandhom jiġu applikati metodi ta' testijiet li jkunu xjentifikament uniformi, li jkunu "kompatibbli mal-kummerċ" (ivvalidati u aċċettati mill-OIE u mill-imsieħba ta' pajjiżi terzi);

72. Jenfasizza kemm hu importanti li t-tagħrif xjentifiku dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali jinġabar flimkien (pooling) u jinnota l-bżonn li jiġu żviluppati l-pjattaformi tal-informazzjoni ERA-NET u l-Pjattaforma Ewropea ta' Teknoloġija għas-Saħħa Dinjija tal-annimali; jissuġġerixxi li l-iżvantaġġi u l-iżvantaġġi ta' metodi dijanjostiċi li huma ġodda u aktar żviluppati, bħal ma hi r-Reazzjoni Katina Polymerase, iridu jkunu kkomunikati aħjar u jridu jintużaw għall-ġid tal-annimali u tal-bnedmin, bil-għan li jkun hemm kemm il-ħarsien tal-annimali kif ukoll il-provvista ta' ikel sikur għall-bnedmin madwar id-dinja kollha, b'mod speċjali fl-Istati Membri aktar ġodda;

73. Jisħaq fuq kemm hi importanti l-komunikazzjoni mal-konsumaturi sabiex ikun żgurat li huma jifhmu l-mezzi li bihom jixxerred il-mard tal-annimali u l-impatt enormi tagħhom fuq, u b'hekk is-sinjifikat tagħhom, għall-forniment ta' ikel sikur;

74. Jemmen bil-qawwa li l-ikklonjar tal-bhejjem għal għanijiet ekonomiċi għandu jkun ipprojbit;

75. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-istandards Ewropej jistgħu jiddgħajfu minħabba importazzjoni minn pajjiżi terzi fejn il-bdiewa tagħhom ma jiffaċċjawx l-istess obbligi fir-rigward tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinvestiga modi kif tista' tilqa' kontra kompetizzjoni bħal din minn pajjiżi terzi, inkluż billi tikkunsidra miżuri ta' importazzjoni, kif ukoll billi tqajjem din il-kwistjoni biex isir dibattitu dwarha fil-fora relevanti tad-WTO;

76. Iqis li d-dewmien biex jittieħdu miżuri li jiżguraw li l-importazzjonijiet ta' ċanga mill-Brażil ikunu ġejjin biss minn baqar li huma ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer qed joħloq ir-riskju li tiddgħajjef il-fiduċja tal-pubbliku fir-reġim tas-saħħa tal-annimali tal-UE;

77. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-eżitu tan-negozjati tad-WTO ma jdgħajjifx il-kapaċità tal-bdiewa Ewropej milli jżommu u jsaħħu l-istandards tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali; jidhirlu li l-possibilità li prodotti impurtati jkunu suġġetti għall-istess rekwiżiti bħall-prodotti Ewropej hija fattur ewlieni biex jiġi żgurat li n-negozjati jkollhom riżultat ibbilanċjat;

78. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-bajd ikun indikat bħala prodott sensittiv bħala riżultat tan-negozjati tad-WTO ħalli jiġi mħares il-progress li sar fis-saħħa u l-benesseri tal-annimali f'dak il-qasam tal-biedja;

79. Jinsab imħasseb minħabba l-evidenza dejjem akbar li qed turi li hemm rabtiet bejn, fuq naħa, il-kummerċ internazzjonali ta' għasafar ħajjin u ta' prodotti tat-tjur u, fuq l-oħra, l-iżvilupp u t-tixrid ta' mard bħal ma hi l-influwenza tat-tjur; jitlob lill-Kummissjoni biex tinvestiga din l-evidenza u tressaq proposti ta' politika adatti kif meħtieġ;

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

80. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrispetta l-impenji tad-WTO fir-rigward ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS) imma jqis li dan m'għandux iħalli barra l-possibilità — speċifikament ammissibbli taħt il-Ftehima tal-WTO dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji — li jiġu introdotti miżuri li jwasslu għal standards ta' ħarsien ogħla fejn dan ikun ġustifikat xjentifikament b'mod suffiċjenti; barra minn hekk, jidhirlu li hu importanti li tiġi inkoraġġita l-adozzjoni ta' tali miżuri f' livell internazzjonali sabiex tkun żgurata l-konverġenza li timxi 'l fuq;

81. Jemmen li l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles mal-Indja, il-Korea u l-pajjiżi tal-Ażja tax-Xlokk għandha tinkludi kapitlu bilanċjat dwar il-miżuri tal-SPS u l-benesseri tal-annimali;

82. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintegra s-saħħa u l-benesseri tal-annimali fil-programmi ta' żvilupp kollha tagħha, ħalli tkun konsistenti mal-approċċ intern u testendi l-benefiċċji ta' dawk il-politiki lejn il-pajjiżi msieħba;

83. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi protokolli veterinarji ma' swieq ta' esportazzjoni potenzjali, bħal ma hi ċ-Ċina.

*
* *

84. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## L-istrateġija tal-UE għat-tielet Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus f'Riga, il-Latvja

P6_TA(2008)0236

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-istrateġija tal-UE għat-tielet Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus f'Riga, il-Latvja**

(2009/C 279 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 u t-tielet Laqgħa tal-Partijiet (MOP-3), li se ssir f'Riga, il-Latvia, mill-11 sat-13 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali B6-0157/2008 f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Konvenzjoni ta' Aarhus daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2001,

B. billi l-Konvenzjoni tiċċelebra l-għaxar anniversarju tagħha f'Ġunju 2008,

C. billi l-Konvenzjoni ta' Aarhus kienet irratifikata mill-Komunità Ewropea fis-17 ta' Frar 2005 ([1]) u kienet irratifikata mill-Istati Membri kollha tagħha ħlief wieħed,

D. billi fil-preżent hemm 41 parti fil-Konvenzjoni ta' Aarhus,

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1).

E. billi l-Parlament u l-Kunsill diġà adottaw tliet strumenti leġiżlattivi għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ([1]) u billi l-adozzjoni ta' strument leġiżlattiv dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali għadha blukkata mill-Kunsill ([2]),

F. billi l-Konvenzjoni ta' Aarhus isservi biex l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jassumu r-responsabilità individwali u kollettiva tagħhom li jħarsu u jtejbu l-ambjent għall-ġid u l-benessri tal-ġenerazzjonijiet tal-preżent u tal-futur u biex b'hekk jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli,

G. billi l-Protocol dwar ir-rilaxx ta' aġenti li jniġġsu u r-reġistri ([3]) ta' trasferiment jikkontribwixxi biex tiżdied ir-responsabilità tal-intrapriżi, biex jitnaqqas it-tniġġis u biex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli,

1. Iħeġġeġ lill-UE biex biex tieħu rwol mexxej, trasparenti u kostruttiv fin-negozjati u biex tikkontribwixxi b'mod attiv għall-pjan strateġiku fit-tul tal-Konvenzjoni, inkluż it-tfassil ta' kamp ta' applikazzjoni possibilment usa' għall-Konvenzjoni sabiex l-iżvilupp sostenibbli fl-aspetti kollha tiegħu jkun kopert mill-istess prinċipji ta' trasparenza, parteċipazzjoni u responsabilità;

2. Jemmen li l-MOP-3 se tipprovdi opportunità tajba kemm għar-reviżjoni tal-progress li inkiseb sa issa u kemm biex wieħed jirrifletti dwar l-isfidi tal-ġejjieni; iqis li l-assigurazzjoni effettiva tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għandha tkun prijorità ewlenija għall-futur;

3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-MOP-3 jimplimentaw u jiżviluppaw b'mod ulterjuri l-Konvenzjoni, u biex jinħolqu sinerġiji bejn il-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-ftehimiet multilaterali dwar l-ambjent relevanti;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod partikolari jiżguraw li:

— il-pjan strateġiku fit-tul jinkludi dispożizzjonijiet biex iżidu l-kuxjenza tal-pubbliku fid-drittijiet u r-responsabilitajiet tiegħu skond il-Konvenzjoni ta' Aarhus;

— l-MOP-3 tiċċara l-kundizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ tal-emenda dwar l-organiżmi ġenetikament modifikati adottata fl-2005 ([4]) u kwalunkwe emendi futuri għall-Konvenzjoni, bil-għan li tkun żgurata l-implimentazzjoni bikrija tagħhom;

— ikunu adottati arranġamenti finanzjarji prevedibbli, stabbli u xierqa għall-Konvenzjoni;

— jittejjeb iktar il-mekkaniżmu ta' konformità, fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba;

— tkompli l-ħidma għal aċċess għall-ġustizzja billi jkun żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha tal-gvern ikunu kompletament konxji tal-obbligi tagħhom skond il-Konvenzjoni ta' Aarhus, u billi l-awtoritajiet pubbliċi jitħeġġu biex jipprovdu r-riżorsi umani, finanzjarji u materjali meħtieġa sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom;

— il-partijiet jieħdu l-miżuri legali u baġitarji meħtieġa biex jiggarantixxu l-implimentazzjoni sħiħa tat-tielet pilastru tal-Konvenzjoni, li jiġu pprovduti rimedji effettivi għall-aċċess għall-ġustizzja u li l-aċċess għall-proċedimenti jkun ġust, ekwu, f'waqtu u mhux eċċessivament għali;

— jitwaqqaf Grupp ta' Ħidma biex jevalwa l-implimentazzjoni tal-pilastru tal-parteċipazzjoni pubblika tal-Konvenzjoni, u jekk ikun hemm bżonn iwassal għal proposti għal aktar titjib fil-Konvenzjoni;

([1]) Direttiva 2003/4/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26); Direttiva 2003/35/KE li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17), Regolament (KE) Nru 1367/2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

([2]) Proposta għal Direttiva dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (COM(2003)0624).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/61/KE tat-2 ta' Diċembru 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll UN-ECE dwar ir-Rilaxx ta' Sustanzi li Jnisgu u r-Registri ta' Trasferiment (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 54).

([4]) Approvata f'isem il-Komunità Ewropea mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/957/KE tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' emenda tal-Konvenżjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 46).

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu x-xogħol leġiżlattiv bil-għan li jiġi adottat strument leġiżlattiv li jimplimenta l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni fl-Unjoni Ewropea, minħabba li dan l-aħħar pilastru għadu ma ġiex inkluż kompletament fil-liġi Komunitarja; jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni biex, f'Ġunju 2008, torganizza konferenza dwar l-aċċes għall-ġustizzja biex tingħata spinta ulterjuri lix-xogħol leġiżlattiv fil-Komunità;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu s-sinerġiji u r-rabtiet ma' organizzazzjonijiet u Konvenzjonijiet internazzjonali relevanti oħra, b'mod partikolari l-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza; jikkunsidra, madanakollu li l-Konvenzjoni ta' Aarhus hija l-forum xieraq fejn issir deliberazzjoni dwar principji orizzontali ta' access tal-pubbliku għall-informazzjoni, il-partecipazzjoni u l-access għall-gustizzja fi kwistjonijiet ambjentali;

7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti eżempju tajjeb lill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri billi timplimenta l-Konvenzjoni ta' Aarhus b'mod rigoruż;

8. Iħeġġeġ lill-pajjiżi li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Protokoll dwar ir-rilaxx ta' aġenti li jniġġsu u r-reġistri ta' trasferiment biex jagħmlu dan u jħeġġeġ lill-pajjiżi oħra li mhumiex parti mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti biex isiru membri tal-Konvenzjoni;

9. Jemmen li l-Membri tal-Parlament Ewropew li huma parti mid-delegazzjoni tal-KE għandhom kontribut essenzjali x'jagħtu u għalhekk jistenna li f'Riga, huma jkollhom aċċess għal-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-UE mingħajr ma jkollhom id-dritt li jitkellmu;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, u jitlob li r-riżoluzzjoni tkun iċċirkolata lill-partijiet kontraenti kollha li mhumiex parti mill-UE.

## Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajnuna

P6_TA(2008)0237

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajnuna (2008/2048(INI))**

(2009/C 279 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 177 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bl-isem ta' Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tqassim tax-Xogħol fil-"Politika tal-Iżvilupp" (COM(2007)0072),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Għajnuna tal-UE għall-Kummerċ tat-23 ta' Mejju 2007 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni dwar aktar koperazzjoni u aħjar: il-pakkett effettiv tal-għajnuna tal-UE tat-28 ta' Settembru 2006 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu: "L-Għajnuna tal-UE: Inwassluha aktar, b'mod aħjar u aktar malajr" (COM(2006)0087),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Inżidu l-impatt tal-Għajnuna tal-UE: qafas komuni għat-tfassil tad-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiżi u l-programmazzjoni multiannwali komuni" (COM(2006)0088),

([1]) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 291.
([2]) ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 373.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Finanzjament għall-Iżvilupp u Effettività tal-Għajnuna — l-isfidi biex tiġi miżjuda l-għajnuna tal-UE 2006-2010" (COM(2006)0085),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Li tħaffef il-progress lejn il-kisba tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp — Finanzjament għall-Iżvilupp u l-Effettività tal-Għajnuna" (COM(2005)0133),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bit-titolu Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp — It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju (COM(2005)0134),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Nittrasformaw il-Kunsens Monterrey fil-prattika: the contribution by the European Union" (COM(2004) 0150),

— wara li kkunsidra l-istqarrija konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għall-Politika tal-Iżvilupp tal-Unjoni Ewropea: "Il-Konsensus Ewropew" (Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp) iffirmat fl-20 ta' Diċembru 2005 ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ruma dwar l-Armonizzazzjoni, adottata fil-25 ta' Frar 2003 bħala segwitu għall-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Armonizzazzjoni f'Ruma, u d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività tal-Għajnuna (Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi), adottata fit-2 ta' Marzu 2005 bħala segwitu għall-Forum ta' Livel Għoli dwar l-Armonizzazzjoni u l-Allinjament għall-Effettività tal-Għajnuna f'Pariġi (Forum ta' Livel Għoli ta' Pariġi),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni A/RES/55/2 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Kunsens Monterrey adottat waqt il-Konferenza Internazzjonali tan-NU dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp tal-21-22 ta' Marzu 2002,

— wara li kkkunsidra s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Kumitat għall-Għajnuna tal-Iżvilupp (DAC) tal-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) fir-Reviżjoni tal-Pari tal-2007 tal-Komunità Ewropea,

— wara li kkunsidra s-sejbiet prinċipali tal-istudju tal-2007 bit-titlu "Kemm hi effettiva l-Għajnuna tal-UE fuq il-post" ikkummissjonat mill-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tan-NU dwar l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju tal-2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0171/2008),

A. billi l-attenzjoni attwali fuq l-effettività tal-għajnuna wasslet għall-konklużjoni li l-għajnuna għall-iżvilupp mhux qed tagħti prestazzjoni kemm suppost bħala riżultat ta' koordinazzjoni fqira fost id-donaturi u l-eżistenza ta' wisq proġetti u programmi bi proċeduri differenti,

B. billi s-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' riżultati twassal għal-livelli baxxi ta' teħid ta' responsabilità, għal inqas programmi effettivi u għal talbiet eċċessivi ta' donazzjonijiet fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, għal diviżjoni bejn l-hekk-imsejħa d-donaturi "preferiti" u d-donaturi "orfni", u għall-abbandun ta' setturi kruċjali bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-programmi favur il-ġendri,

([1]) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

C. billi l-UE tipprovdi aktar minn nofs l-għajnuna kollha għall-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fid-dinja, u billi għandha l-kapaċità li ssir l-aktar donatur effettiv u għalhekk għandha tieħu inizjattiva ta' tmexxija internazzjonali biex tippromwovi r-riformi meħtieġa sabiex ittejjeb l-effettività tal-għajnuna,

D. billi l-objettiv wiesa' tal-politika tal-iżvilupp tal-UE huwa l-eliminazzjoni tal-faqar fil-kuntest tal-arkitettura l-ġdida tal-għajnuna, li jimmira lejn il-kisba tal-Objettivi tal-Millenju għall-Iżvilupp (MDGs),

E. billi l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien ambjentali huma elementi interdipendenti li jmorru id f'id mal-iżvilupp sostenibbli, li huwa l-isfond tal-isforzi tagħna biex intejbu l-kwalità tal-ħajja għal kulħadd, kif stipulat fil-Paragrafu 36 tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing adottata fil-15 ta' Settembru 1995 fir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa f'Beijing,

F. billi l-ħarsien ambjentali huwa waħda mill-prijoritajiet tal-UE, u billi l-Kummissjoni għalhekk għandha tqis dan l-objettiv fil-linji politiċi kollha li tipproponi fir-rigward ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw,

G. billi l-Kummissjoni trid tkun proponent tal-aġenda għall-effettività tal-għajnuna, fejn f'dan ir-rigward għandha żewġ objettivi relatati ħafna: (i) li timplimenta d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u ttejjeb il-kwalità tal-programmi tal-għajnuna tagħha; u (ii) li tgħin lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u jtejbu l-effettività tal-għajnuna tagħhom stess,

H. billi ċ-ċifri riċenti tal-OECD juri li, b'mod ġeneralim l-għajnuna tal-UE naqset b'mod sinifikanti fis-sena 2007,

I. billi l-impenji tal-UE biex tingħata aktar għajnuna aħjar għandhom jinkludu ż-żieda tal-ODA tagħha għal 0.56 % tad-Dħul Gross Nazzjonali sa l-2010, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-għajnuna ġodda, aktar prevedibbli u stabbli flimkien mal-promozzjoni ta' koordinazzjoni u komplementarjeta? aħjar permezz ta' ħidma lejn programmar konġunt plurijennali bbażat fuq il-pjanijiet u s-sistemi tal-pajjiżi msieħba, sabiex jitkomplew l-isblukkar tal-għajnuna u r-riforma tal-assistenza teknika biex jindirizzaw il-prijoritajiet nazzjonali; billi bejn l-2006 u l-2007 l-persentaġġ tad-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) tal-UE ddedikat għall-ODA waqa' għall-ewwel darba mis-sena 2000, minn 0,41 % għal 0,38 %, u billi l-UE għalhekk għandha tirdoppja l-isforzi tagħha biex tikseb l-objettiv iffissat fl-MDGs li fl-2015 tiddedika 0,7 % tad-DGN tal-UE lill-ODA;

J. billi l-Artikolu 180 tat-Trattat KE, infurzat bl-Artikolu188 D miżjud mit-Trattat ta' Liżbona, jitlob li l-politika ta' koperazzjoni tal-Unjoni għall-iżvilupp u dik tal-Istati Membri għandhom "jikkumplimentaw u jsaħħu lil xulxin", u jitlob biex l-Istati Membri u l-Unjoni jagħmlu ħilithom għal koordinazzjoni mtejba tad-donaturi u qsim tax-xogħol aħjar, li għandu jikkontribwixxi biex tiżdied l-effettività tal-għajnuna;

K. billi hemm ir-riskju li l-objettivi ambizzjużi tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi objettivi oħra politiċi bħall-migrazzjoni u l-kummerċ, jistgħu jneħħu l-attenzjoni minn fuq l-iżvilupp u jagħmlu ħsara lill-kunsens miksub fl-aġenda għall-għajnuna internazzjonali dwar it-tnaqqis tal-faqar bħala riżultat ta' nuqqas ta' konsistenza bejn il-politiki varji tal-UE, u billi f'dan il-kuntest tal-Paragrafu 35 tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp jgħid li 'huwa importanti li politiki mhux tal-iżvilupp jgħinu l-isforzi tal-pajjiżi żviluppati biex jiksbu l-MDGs';

L. billi t-telf ta' mħuħ wassal għal nuqqas ta' ħaddiema fis-servizz tas-saħħa u ta' staff imħarreġ importanti ieħor fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u dan spiss iżomm l-għajnuna milli tingħata b'mod effettiv fuq il-post,

M. billi s-sistema tal-għajnuna qed issir aktar kumplessa, bi proliferazzjoni ta' mezzi ta' għajnuna, frammentazzjoni ta' flussi ta' għajnuna, żieda allokata għall-għajnuna, ekonomiji emerġenti li jsiru parteċipanti b'setgħa akbar fil-koperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jwassal għall-frammentazzjoni tal-għajnuna u duplikazzjoni ta' attivitajiet tad-donatur fuq livell globali, tal-pajjiż jew tas-settur,

N. billi fis-snin li ġejjin, waħda mill-isfidi istituzzjonali hija kif l-aħjar li jiġu integrati t-12-il membru ġdid tal-UE fl-irwol tagħhom bħala donaturi emerġenti, peress li bosta minn dawn id-donaturi jsibuha diffiċli jikkonformaw mal-linji gwida standard ta' koperazzjoni għall-iżvilupp tas-sistema ta' għajnuna promossa mid-DAC tal-OECD,

O. billi s-sitwazzjoni tista' tkun ta' ostakolu għall-provediment ta' għajnuna effettiva,

P. billi s-sistema attwali għall-allokazzjoni tal-għajnuna spiss ikollha n-nuqqasijiet, b' ħafna mill-pajjiżi foqra u kwistjonijiet kritiċi, bħas-saħħa, l-edukazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi, jirċievu allokazzjoni żgħira għall-għajnuna,

Q. billi l-UE hija impenjata li tittratta l-kwistjoni ta' pajjiżi u setturi "orfni" jew minsija fil-kuntest tal-Kodiċi ta' Kondotta tagħha dwar it-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika għall-Iżvilupp hawn fuq imsemmi, u qed tibda taħseb dwar allokazzjonijiet għal sitwazzjonijiet ta' fraġilità,

R. billi l-Parlament, permezz tal-mekkaniżmu ta' skrutinju tal-Istrument tal-Koperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), imwaqqaf mir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 ([1]) (Regolament DCI), u l-Istati Membri individwali esprimew tħassib dwar il-fatt li l-objettiv ewlieni tal-eliminazzjoni tal-faqar mhux dejjem qed jiġi rifless fit-twettiq fuq il-post,

S. billi numru kbir ta' studji wrew li r-responsabbilità effettiva għall-użu ta' għajnuna li tinvolvi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini hija waħda mill-indikaturi ewlenin tal-effettività tal-għajnuna, iżda l-għajnuna xorta għadha tbati minn nuqqas ta' trasparenza u ftuħ, billi n-nuqqas ta' trasparenza jxekkel l-aċċess għall-informazzjoni għall-gvernijiet, għal-awtoritajiet lokali u għas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi riċevituri u billi f'dan is-sens dan jirrappreżenta ostakolu kbir għat-titjib fl-allokazzjoni tal-għajnuna,

T. billi l-għajnuna ħafna drabi hija mogħtija skond il-prijoritajiet u l-iskedi tad-donaturi, mingħajr ma jkun hemm sforzi biżżejjed għal rispett u konformità lejn il-prijoritajiet tal-ippjanar u l-iżvilupp nazzjonali, jew għaż-żmien ta' skadenza tal-ibbaġitjar nazzjonali, u dan jagħmilha diffiċli għar-riċevituri biex jippreparaw baġits effettivi, jew biex jippjanaw minn qabel, kif ukoll għall-parlamenti, għas-soċjeta? ċivili u oħrajn biex jimmoniterjaw il-flussi u l-effettività tal-għajnuna,

U. billi l-użu tas-sistemi tal-pajjiż huwa komponent ewlieni tal-effettività tal-għajnuna u huwa meqjus mezz importanti biex tiżdied is-sjieda tal-pajjiżi msieħba f'dak li hu t-tfassil u t-twettiq tal-politika; billi, għalhekk, l-użu tas-sistemi tal-pajjiż huwa mistenni li jsaħħaħ l-istrateġiji nazzjonali tal-iżivilupp tal-pajjiżi msieħba u l-oqfsa ta' implimentazzjoni,

V. billi skond Stħarriġ riċenti dwar il-Monitoraġġ tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi mill-OECD, in-nuqqas ta' assistenza teknika li tiddependi fuq id-domanda huwa kwistjoni prinċipali għall-gvernijiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw peress li ħafna assistenza teknika hija assistenza marbuta u pprezzata aktar milli suppost, u ħafna draba m'hijiex effettiva fil-bini ta' kapaċità lokali, li hija indirizzata fl-Artikolu 31 tar-Regolament DCI,

W. billi l-irwol tal-parlamenti nazzjonali huwa fundamentali biex iqajjem kuxjenza u jinsisti għal riforma tal-istruttura tal-għajnuna, jiġifieri permezz tad-dibattitu u l-approvazzjoni ta' oqfsa ta' żvilupp u baġits, l-allokazzjoni ta' fondi għal setturi relatati mal-faqar, il-promozzjoni tad-diviżjoni tax-xogħol u li l-gvernijiet jinżammu responsabbli għal dak kollu li għandu x'jaqsam mat-twettiq tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi,

X. billi l-awtoritajiet lokali huma parteċipanti fil-politiki għall-iżvilupp, minħabba li l-kompetezi u l-għarfien tagħhom tal-ħtiġijiet lokali jippermettulhom li jwasslu, ta' kuljum, l-aspirazzjonijiet tal-popli u biex iqarrbu d-distanza bejn dawn tal-aħħar u l-Istat,

Y. billi l-irwol tas-soċjetà ċivili huwa essenzjali, kemm bħala sieħba fid-djalogu politiku dwar l-effettività tal-għajnuna u fl-ifissar tal-prijoritajiet tagħha, u kemm bħala għassiesa għal skopijiet ta' monitoraġġ fuq l-infiq tal-gvern,

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jwaqqaf strument ta' finanzjament għal-koperazzjoni fl-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Z. billi d-DCI jipprovdi għal mhux iżjed minn 15 % tal-linja ta' kreditu tematika għall-atturi mhux statali u għall-awtoritajiet lokali biex jgħaddu għand dawn tal-aħħar, u billi din ix-xejra pożittiva, li aktarx ittejjeb l-effettività tal-għajnuna, għandha tkun akkumpanjata minn rikors ikbar għal koperazzjoni deċentralizzata min-naħa tal-Istati Membri,

AA. billi l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li l-aġenda għall-effettività tal-għajnuna li se tirriżulta mit-Tielet Forum f'Livell Għoli dwar l-Effettività tal-Għajnuna li se jsir f'Accra f'Settembru 2008 tkun iffukata fuq it-tnaqqis, u, fuq medda twila ta' żmien, fuq l-eliminazzjoni tal-faqar,

AB. billi kemm it-titjib fil-kwalità tal-għajnuna u kemm iż-żieda fil-kwantità tal-għajnuna huma vitali biex jinkisbu l-MDGs, u billi l-effettività tal-għajnuna ma tistax tkun pretest biex ma jiġux rispettatti l-impenji li ħadu l-Istati Membri taħt il-Konsensus Monterrey imsemmi hawn fuq,

AC. billi l-Konsensus Ewropew għall-Iżvilupp jirrikonoxxi l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala għan fih innifsu u jimpenja lill-UE biex issaħħaħ l-approċċ tagħha lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-koperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE kollha, u billi l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata "L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Empanċipazzjoni tan-Nisa fil-Koperazzjoni għall-Iżvilupp" (COM (2007)0100) timpenja lid-donaturi tal-UE biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji u l-prattiki li jġibu riżultati konkreti għan-nisa,

AD. billi l-kisba tal-paċi fuq livell lokali, nazzjonali, reġjonali u globali hija possibbli u billi din hija konnessa bis-sħiħ mal-avanz tan-nisa, peress li n-nisa huma l-forza fundamentali mhux biss għall-ħajja tal-familja u l-edukazzjoni tat-tfal iżda wkoll għall-inizjattivi pubbliċi, għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti u għall-promozzjoni tal-paċi dejjiema fuq il-livelli kollha, kif indikat fil-Paragrafu 18 tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing imsemmija hawn fuq,

1. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex flimkien jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li l-UE titkellem b'leħen wieħed, biex jallinjaw it-tqassim tal-għajnuna mal-prijoritajiet tal-pajjiżi u biex l-azzjonijiet tagħhom isiru aktar armonizzati, trasparenti, prevedibbli u effettivi kollettivament;

2. Jenfasizza li l-Kummissjoni se jkollha żżomm l-integrità tal-aġenda għall-iżvilupp u attenzjoni ċara fuq l-objettiv aħħari tal-eliminazzjoni tal-faqar, u jenfasizza l-implimentazzjoni effettiva ta' politika ta' prijorità, inkluża attenzjoni ffukata fuq ir-riżultati;

3. Jenfasizza li l-għoli fil-prezzijiet tal-materji primi lagħab parti kruċjali fl-ikkaġunar tal-kriżi alimentari globali attwali, li qiegħda thedded li tgħarraq l-isforzi kollha li diġà saru biex tittejjeb l-effettività tal-għajnuna, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-kull Stat Membru biex jappoġġja kwalunkwe miżura li tista' tgħin biex il-prezzijiet tal-materji primi jiġu stabilizzati għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin fl-integrazzjoni tal-membri ġodda fl-approċċi internazzjonali — li dejjem qed isiru aktar koordinati — għall-politika tal-iżvilupp u biex twettaq dan bil-mekkaniżmi xierqa, biex taħdem mal-Istati Membri ħalli biex tiddefinixxi kif se tilħaq l-objettivi adizzjonali tal-UE dwar l-effettività tal-għajnuna maqbula fil-F orum ta' Livel Għoli ta' Pariġi), u biex tesplora kif għandhom isiru l-eżerċizzji ta' programmazzjoni konġunta; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-Istati Membri l-ġodda impenjaw ruħhom biex jilħqu t-targets tal-ODA ta' 0,17 % tad-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) sa l-2010 u ta' 0,33 % sa 2015, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet futuri tagħhom għandhom jirrinfurzaw l-irwol tal-koperazzjoni fl-iżvilupp tal-UE;

5. Jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni demokratika u tal-kontroll parlamentari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom sehem kruċjali fil-garanzija tal-effettività tal-għajnuna, għall-ħtieġa tal-UE li tipprovdi riżorsi u appoġġ fl-iżvilupp ta' kapaċità għall-parlamenti tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġi żgurat li jkollhom kapaċità suffiċjenti fl-iskrutinju u fil-kontroll tal-baġits tal-gvernijiet tagħhom; jirrikonoxxi l-importanza li rapportar aħjar tar-riżultati lill-Parlament Ewropew, lis-soċjetà ċivili u lill-Istati Membri jista' jkollu fuq il-bini tal-kunfidenza fil-programmi tal-Komunità, fiż-żieda fir-responsabilità u fil-possibilità ta' forom strateġiċi ġodda ta' kontroll Parlamentari; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi indikatur ġdid li jissorvelja l-iskrutinju Parlamentari;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex flimkien jidentifikaw indikaturi ta' rendiment iffukati fuq l-indikaturi MDG, b'mod partikulari fir-rigward ta' għajnuna baġitarja, sabiex il-parlamenti nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u s-soċjeta? ċivili lokali, kif ukoll il-Parlament Ewropew, ikunu jistgħu jintraċċaw ir-riżultati tal-kontribuzzjonijiet tal-UE;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-politiki tal-UE kif ukoll l-arkitettura tal-għajnuna jappoġġjaw il-prinċipju tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-ġestjoni maħsuba għar-riżultati, b'mod partikulari biex jinkisbu riżultati fl-MDGs li għandhom l-inqas ċans li jinkisbu skond ir-rapport tan-NU dwar l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju tal-2007, bħall-Ħames MDG;

8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal matriċi tal-istrumenti finanzjarji kollha li minnhom tat fondi għall-governanza tajba, kemm jekk mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF), kemm jekk mid-DCI, sew jekk mill-Istrateġija EU-Afrika u sew jekk mill-finanzjament allokat għall-gvernijiet Afrikani għal tmexxija tajba, sabiex tiġi vverifikata l-konsistenza tal-politiki u l-ġestjoni tajba ta' dawn il-fondi;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi innovattivi ta' finanzjament biex jagħtu kontribut sinifikanti għall-kisba tal-MDGs fl-iskadenzi stipulati; jenfasizza li dawn ir-riżorsi addizzjonali m'għandhomx jieħdu post l-impenji meħudin fil-qasam tal-għajnuna għall-iżvilupp pubblika;

10. Jappoġġja l-għażla tal-Kummissjoni biex tuża dejjem iżjed l-appoġġ baġitarju, iżda fl-istess waqt jirrikonoxxi lill-Kummissjoni biex tkompli tinvestiga l-isfidi ta' din il-modalità ta' għajnuna;

11. Jitlob lill-Istati Membri u lill-parlamenti nazzjonali tagħhom biex jippromwovu d-diviżjoni tal-aġenda tax-xogħol, b'mod partikulari kif stipulat fil-Kodiċi tal-Kondotta fuq imsemmi dwar id-Diviżjoni tax-Xogħol fil-Politika għall-Iżvilupp, u biex jagħmlu pjanijiet ta' azzjoni dwar kif biħsiebhom jimplimentawhom sabiex jittejbu l-isforzi Ewropej fl-għajnuna, filwaqt li jiżguraw li l-mutur ta' din l-aġenda jkunu l-pajjiżi sħab ukoll u mhux id-donaturi biss;

12. Jenfasizza li d-diviżjoni tax-xogħol għandha tkun immexxija mill-pajjiżi inkwistjoni, abbażi tal-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u tar-riżultati, u li għandha twassal għal finanzjament suffiċjenti tas-setturi kollha f'kull pajjiż imsieħeb;

13. Iħeġġeġ ir-reviżjoni u l-estensjoni tal-inizjattiva tal-Atlas tad-Donaturi sabiex tippromwovi djalogu politiku bejn pajjiż u ieħor li jkun aktar koerenti bejn id-donaturi Ewropej;

14. Ifakkar li l-korruzzjoni jibdlu d-direzzjoni tal-fondi maħsuba għall-iżvilupp, u li għalhekk, din hija ostakolu għat-tisħiħ tal-effettività tal-għajnuna; jitlob lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-monitoraġġ tal-allokazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp u biex tinkuraġġixxi lir-riċevituri tal-għajnuna biex japplikaw b'mod strett il-ftehimiet internazzjonali u reġjonali applikabbli f'dan il-qasam;

15. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li jkun hemm iżjed responsabilità u trasparenza fil-ġestjoni tas-sistemi ta' mmaniġġar tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi fejn ikun hemm ċertezza li l-għajnuna se tintuża għall-iskopijiet maħsuba, sabiex jiġu ffaċilitati s-sjieda u t-tnaqqis tal-faqar;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u fil-Kunsill biex jieħdu miżuri prattiċi biex jiġġieldu l-korruzzjoni, b'mod partikulari billi jappoġġjaw inizjattivi tas-soċjetà ċivili maħsuba biex tiġi żgurata t-trasparenza tal-użu li jsir mill-għajnuna provduta mill-UE u billi jħeġġu lill-Istati Membri u lill-Istati Msieħba biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni tal-2003;

17. Jappoġġja l-irwol li għandha l-Kummissjoni sabiex tikkoordina l-koperazzjoni tal-iżvilupp fost l-Istati Membri fil-kwartieri u fuq il-post, u jenfasizza l-valur miżjud provdut mill-Kummissjoni fit-teħid ta' pożizzjoni ewlenija fid-djalogu politiku bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba, ibbażat fuq il-valuri komuni tal-UE bħall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tisimplifika l-proċeduri, inklużi l-proċessi tat-twassil tal-għajnuna, biex ir-responsabilità tkun iżjed iddeċentralizzata u biex tipprovdi lid-delegazzjonijiet b'kapaċità biżżejjed (staff u ħiliet) u aktar kontroll jew influwenza fuq il-forma u l-proċedura ta' approvazzjoni tal-linji tal-bagit tematiċi u reġjonali sabiex iwettqu dak li huma responsabbli għalih; jenfasizza l-importanza li jitgħammar is-Servizz ta' Azzjoni Esterna Ewropew b'kapaċità suffiċjenti li tkun orjentata lejn l-iżvilupp;

19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkuraġġixxi wkoll il-kuntatt regolari u l-ħidma maqsuma bejn id-delegazzjonijiet tagħha u s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali, sabiex jitqiesu b'mod aħjar il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi msieħba u b'hekk tiġi promossa allokazzjoni aħjar tal-għajnuna, li hija l-għan prinċipali tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi;

20. Jenfasizza l-ħtieġa li jitjiebu l-linji gwida u l-metodoloġija għall-monitoraġġ tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi sabiex titjieb il-tifsira kollettiva tal-aġenda stipulata mill-Forum ta' Livell Għoli ta' Pariġi u jkun żgurat il-ġbir konsistenti ta' tagħrif dwar indikaturi fil-pajjiżi ewlenin li jirċievu l-għajnuna; jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat li pajjiżi donaturi jżommu l-wegħdiet tagħhom ta' għajnuna u jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu aċċess aħjar għad-data relevanti tagħhom għal aktar trasparenza u responsabilità fir-rappurtaġġ dwar l-għajnuna; jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa li jintużaw indikaturi preċiżi għall-evalwazzjonijiet interim, li r-riżultati tagħhom se jippermettu l-aġġustament mill-ġdid u/jew l-intensifikar tal-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi stipulati għall-2010;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li jitħejja pjan ta' monitoraġġ għal medda medja ta' żmien għar-reviżjoni tal-progress u sabiex jippromwovi passi orjentati lejn l-azzjoni biex iħeġġu l-affidabilità fuq il-monitoraġġ fil-livell tal-pajjiżi, jippermettu s-sinerġiji bejn l-isforzi ta' monitoraġġ nazzjonali u dawk internazzjonali, u titnaqqas id-duplikazzjoni potenzjali tal-isforzi tal-monitoraġġ tal-impenni tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi mill-UE;

22. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb iċ-ċarezza tad-definizzjonijiet relatati mal-allokazzjoni settorjali tal-ODA sabiex titjieb il-konsistenza tar-riżultati u jitnaqqsu l-ispejjeż tat-transazzjoni biex tiġi mmaniġġjata d-data tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fil-livell tal-pajjiżi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li ma jkunux imwessgħa d-definizzjonijiet tal-ODA b'mod li jkunu jinkludu punti li mhumiex relatata mal-għajnuna, bħall-infiq militari;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex skond l-impenn li sar fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Soċjali f'Copenhagen bejn il-5 u t-12 ta' Marzu 1995, jikkonformaw mat-talba tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għallinqas 20 % tal-għajnuna għall-iżvilupp ikun dedikat għat-titjib ta' servizzi pubbliċi bażiċi bħall-edukazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għall-ilma u d-drenaġġ;

24. Jistieden lill-membri tad-DAC tal-OECD, li hi l-awtorità relevanti, biex mill-aktar fis possibbli tfassal definizzjoni tal-koperazzjoni għall-iżvilupp li tkun tista' ttemm b'mod permanenti d-devjazzjoni tal-għajnuna lejn skopijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-iżvilupp, għax din id-devjazzjoni ssehh biss minħabba d-definizzjoni uffiċjali wiesgħa attwali tal-għajnuna għall-iżvilupp;

25. Jisiteden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ineħħu l-irbit tal-għajnuna tagħhom, b'mod partikulari l-assistenza teknika, l-għajnuna għall-ikel u l-għajnuna għat-trasport tal-ikel, skond ir-rakkomandazzjoni tal-2001 tad-DAC tal-OECD għal pajjiżi eleġibbli skond l-EDF u l-Artikolu 31 tar-Regolament tad-DCI;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ftit ftit ineħħu l-kundizzjonalità orjentata mal-politika, b'mod speċjali l-kundizzjonalità tal-politika ekonomika, biex tkun appoġġata tifsira komuni tal-prijoritajiet ewlenin, u biex jużaw l-influwenza tagħhom biex jikkonvinċu lill-Bank Dinji u lill-Fond Monetarju Internazzjonali biex jappoġġaw l-istess pożizzjoni; jitlob b'mod partikulari li l-istrateġija tal-"kummerċ għall-għajnuna" tkun ta' benefiċċju għall-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, u mhux biss għal dawk li jaqblu li jkun hemm liberalizzazzjoni akbar tas-swieq tagħhom, b'mod partikulari fil-kuntest tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika;

27. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-pajjiżi donaturi jippubblikaw il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna għall-iżvilupp, biex ikun jista' jiġi eżerċitat il-kontroll demokratiku ġenwin mill-parlamenti, mill-awtoritajiet lokali u mis-soċjetà ċivili;

28. Jenfasizza l-ħtieġa li l-għajnuna tingħata skond il-prijoritajiet u l-iskedi tal-imsieħba stess, u li jkun hemm konformità mal-ippjanar nazzjonali u l-prijoritajiet ta' żvilupp, jew mal-qafas taż-żmien tal-ibbaġitjar nazzjonali;

29. Jenfasizza li koordinazzjoni aħjar bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandha tittratta l-problema ta' pajjiżi u setturi orfni, u jenfasizza r-relevanza ta' verżjoni aġġornata u rfinata tal-Atlas tad-Donaturi f'dan ir-rigward;

30. Jenfasizza l-ħtieġa partikulari ta' titjib fil-progress lejn l-ilħiq tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp relatati mas-saħħa, b' mod partikolari fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' fraġilità, u li d-DG għall-Għajnuna umanitarja (ECHO) u d-DG Żvilupp tal-Kummissjoni jikkoordinaw ix-xogħol tagħhom waqt il-fażi tal-għajnuna umanitarja, il-fażi tranżizzjonali u l-fażi tal-iżvilupp (ir-rabta bejn l-għajnuna ta' emerġenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp) kif imsemmi, pereżempju, fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja ([1]);

31. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun intensifikati l-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-imsieħba tas-soċjetà ċivili fil-kwartieri ġenerali u fuq il-post permezz ta' laqgħat strutturati aħjar dwar kwistjonijiet ta' politika, programmar strateġiku u effettività tal-għajnuna li jinkludu rekwiżiti għas-sejħiet għall-proposti, il-proċeduri tal-għoti, il-kontroll finanzjarju tal-proġetti, u proċessi ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni; jistieden lid-donaturi u lill-gvernijiet imsieħba biex jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa u relevanti tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali fl-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-baġits u l-programmi għall-iżvilupp, u biex jappoġġaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex iwettqu l-irwoli tagħhom;

32. Jenfasizza li l-involviment tan-nisa u tal-movimenti tan-nisa fit-tfassil u t-twettiq tal-politika u l-programmi, l-implimnetazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għandu jitqies bħala parti integrali fl-iżgurar ta' responsabbilizzazzjoni ġenwina, minħabba l-impatt sproporzjonat tal-faqar fuq in-nisa;

33. Jenfasizza l-ħtieġa li jkunu involuti l-imsieħba lokali kemm tal-Istati Membri kif ukoll l-imsieħba tal-UE fil-proċess tal-kisba tal-għanijiet tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, b'mod partikulari fl-istadji kollha tat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki għall-iżvilupp;

34. Ifakkar l-irwol deċiżiv li jista' jkollhom il-membri tad-djaspori fit-titjib tal-effettività tal-għajnuna Ewropea u għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvolvuhom aktar fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej għall-iżvilupp; jenfasizza li l-involviment ta' persuni barranin jew ta' oriġini barranija fi sħubija bejn l-UE u l-pajjiżi ta' oriġini ta' dawn il-persuni hi fattur qawwi ta' integrazzjoni;

35. Iqis li aktar trasparenza ta' tagħrif dwar il-flussi ta' għajnuna hija objettiv kritiku għal titjib fl-użu effettiv tal-għajnuna u r-responsabilità reċiproka, u sabiex ikun żgurat tixrid pubbliku f'waqtu ta' tagħrif komplut dwar l-għajnuna kollha mwegħda, allokata u mogħtija, inkluża l-pubblikazzjoni ta' skedi affidabbli pajjiż b'pajjiż tal-impenni u l-infiq tal-għajnuna, li għandu jkun hemm żvelar awtomatiku, f'waqtu u pro-attiv mill-Istati Membri u mill-imsieħba tad-dokumenti kollha relatati mat-tfassil, it-twettiq u l-evalwazzjoni ta' strateġiji u proġetti ta' għajnuna, u li dan l-iżvelar għandu jinkludi pubblikazzjoni ta' tagħrif li jippermetti parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet, fil-lingwi u fil-forom xierqa għall-partijiet konċernati;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu progress f'dan il-qasam billi jappoġġjaw it-twaqqif ta' standards ta' kontabbilità għar-rekwiżiti ta' żvelar fir-rigward ta' assistenza esterna u billi jaħdmu ma' organizzazzjonijiet tas-soċjeta? ċivili, parlamenti nazzjonali, awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex jistabbilixxu prattiki tajba fir-reġistrazzjoni tal-flussi tal-għajnuna fil-baġits nazzjonali;

37. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jallinjaw l-għajnuna tagħhom mas-sistemi tal-pajjiżi permezz tal-użu ta' appoġġ baġitarju ġenerali u settorjali, li jrid ikun imsejjes fuq pjan sod għat-tnaqqis tal-faqar li jsaħħaħ ir-resposabilità domestika u li għandu jkun marbut mal-impenn komuni li jitnaqqas il-faqar u li jintlaħqu l-MDGs, li jkunu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u li jissaħħu u jitjiebu l-monitoraġġ, il-ġestjoni finanzjarja u r-responsabilità;

---

([1]) Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea 'Il-Kunsens Ewropew Dwar L-Għajnuna Umanitarja' iffirmata fit-18 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 25, 30.1.2008, p. 1).

38. Jenfasizza l-ħtieġa għal finanzjament inkrementali u prevedibbli mingħand il-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-forma ta' impenni tal-għajnuna plurijennali (3 snin jew aktar) li jkunu msejsa fuq kriterji ċari u trasparenti u riżultati għall-qerda tal-faqar inklużi riżultati settorjali speċifiċi, miftehma mal-pajjiżi msieħba, u li jkunu mwettqa fil-ħin u b'mod trasparenti biex jagħtu lok għall-investiment fil-bini tar-riżorsi umani li huma kruċjali biex titjieb l-effettività tal-għajnuna; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva ta' kuntratti ta' MDGs biex tkun żgurata forma aktar prevedibbli ta' appoġġ baġitarju fuq medda twila ta' żmien; jinsisti madankollu li dan jinvolvi impenn sod għall-kisba tal-MDGs min-naħa tal-pajjiżi msieħba u li jinħtieġ monitoraġġ kontinwu b'fokus qawwi fuq ir-riżultati; jilqa' b'sodisfazzjon il-kuntratt tal-MDGs bħala wieħed mill-modi possibbli sabiex tiżdied il-prevedibilità tal-għajnuna;

39. Jinnota li, f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, ħafna mill-miri tal-MDGs mhux se jintlaħqu sa l-2015; u jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex iħejju skedi annwali sabiex iżommu l-wegħdiet li għamlu;

40. Jagħraf l-importanza li jiġu stabbiliti objettivi sabiex gradwalment is-sitwazzjoni tkun tali li 100 % tal-assistenza teknika tkun immexxija mid-domanda u allinjata mal-istrateġiji nazzjonali tal-imsieħba;

41. Jenfasizza li l-assistenza teknika maħsuba fid-dawl tal-ħtiġijiet imsemmija mill-pajjiżi riċevituri u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili aktar milli l-prijoritajiet tal-pajjiżi donaturi għandha tagħmilha possibbli li jiżdiedu kemm il-kapaċitajiet tal-imsieħba tal-UE kif ukoll l-approprjazzjonijiet lokali;

42. Jinnota li r-riforma tal-Għajnuna hija biss waħda mill-passi li għandha tieħu l-UE flimkien mal-fatt li l-politika tagħha tal-kummerċ, tas-sigurta?, tal-migrazzjoni, tal-biedja, tas-sajd, tal-enerġija, tal-ambjentali u tal-bidla fil-klima u politiki oħra koerenti mal-għanijiet tal-iżvilupp għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u sabiex jippromwovu sistema finanzjarja u kummerċjali internazzjonali ġusta favur l-iżvilupp; f'dan ir-rigward, ifakkar fil-Paragrafu 35 tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, li jgħid li 'hu importanti li politiki mhux tal-iżvilupp jgħinu l-isforzi tal-pajjiżi żviluppati biex jiksbu l-MDGs';

43. Ifakkar fl-impenni magħmula minn pajjiżi firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi biex jagħmlu evalwazzjonijiet ambjentali strateġiċi fil-livell settorjali u nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, sabiex tirrispetta dan l-għan sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-politiki tagħha, b'mod partikulari rigward il-bidla tal-klima, id-deżertifikazzjoni u l-bijodiversità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

44. Jenfasizza li l-isforzi biex l-għajnuna tkun effettiva għandhom ikunu akkumpanjati minn tagħrif aħjar għaċ-ċittadini tal-pajjiżi donaturi dwar l-għanijiet, il-metodi ta' implimentazzjoni u r-riċevituri ta' għajnuna għall-iżvilupp;

45. Ifakkar li l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp jirrikonoxxi l-ugwaljanza tal-ġeneri bħala għan minnu nnifsu, u għaldaqstant għandu jkun qasam ewlieni tad-diskussjoni dwar l-effettività tal-għajnuna;

46. Jirrikonoxxi li l-kwantità u l-kwalità tal-għajnuna huma marbuta b'mod li ma jistax jinħall, u li biex jintlaħqu l-miri għall-effettività tal-għajnuna, jeħtieġ ikun hemm impenn kontinwu għall-miri kwantitattivi eżistenti kif miftehma mill-Istati Membri kollha tal-UE; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jerġgħu jikkonfermaw l-impenn tagħhom għall-ilħuq tal-mira kollettiva tagħhom għal ODA ta' 0,56 % tal-GNI fl-2010 u 0,7 % tal-GNI fl-2015, biex tiżdied l-għajnuna u jinħolqu skedi plurijennali ambizzjużi għall-kejl taż-żieda gradwali fil-baġits tal-għajnuna;

47. Jenfasizza l-importanza li tiġi inkluża perspettiva soda tal-ġeneri f'kull stadju tal-livelli tal-programmazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni;

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat għall-Assistenza ta' Żvilupp tal-OECD, u lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri.

## Is-Sudan u l-Qorti Kriminali Internazzjonali

P6_TA(2008)0238

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-Sudan u l-Qorti Kriminali**

(2009/C 279 E/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sudan,

— wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) u d-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Lulju 2002,

— wara li kkunsidra l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1593 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-31 ta' Marzu 2005,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sudan/Chad ta' tal-11 ta' Diċembru 2007 u t-30 ta' Jannar 2008,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea fl-anniversarju tar-referenza tas-sitwazzjoni fid-Darfur/Sudan lill-ICC, adottata fil-31 ta' Marzu 2008,

— wara li kkunsidra l-premjazzjoni tal-Premju Shakarov għall-2007 lil Salih Mahmoud Osman, avukat tad-drittijiet tal-bniedem Sudaniż li qed jaħdem fir-reġjun tad-Darfur fis-Sudan, għall-ħidma tiegħu biex jipprova li ssir ġustizzja mal-vittmi tal-gwerra ċivili fid-Darfur,

— wara li kkunsidra l-kampanja "Ġustizzja għad-Darfur", li kienet imnedija minn grupp kbir ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi bl-għan li ssir pressjoni fuq is-Sudan biex jikkopera mal-ICC u jikkonforma mal-mandati ta' arrest tal-ICC,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà fid-Darfur għadha volatili ħafna, u seħħew skontri sinifikanti bejn il-movimenti tar-ribelli u l-qawwiet tal-gvern, li affettwaw il-ħidmiet umanitarji,

B. ixxukkjat ħafna dwar it-tbatija ta' mijiet ta' eluf ta' rġiel, nisa, u tfal li ġew imsawta, maqtula, stuprati, spustati jew ivvittimizzati b'modi oħra waqt il-kunflitt fid-Darfur, u filwaqt li jinnota li s-sitwazzjoni kompliet tmur għall-agħar mill-2003 u li qed ikomplu l-attakki bl-addoċċ mill-ajru kontra ċ-ċivili,

C. billi l-prinċipju tan-NU "Responsabilità li Tipproteġi" jistipula li fejn l-awtoritajiet nazzjonali jonqsu b'mod ċar li jipproteġu l-popolazzjonijiet tagħhom, oħrajn għandhom ir-responsabilità li jipprovdu l-protezzjoni meħtieġa,

D. billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU rrefera s-sitwazzjoni fid-Darfur lill-ICC f'Marzu 2005, u wara dan ġiet imnedija investigazzjoni,

E. billi s-Sudan iffirma l-Istatut ta' Ruma, li ħoloq l-ICC fl-2002, iżda ma rratifikahx,

F. billi l-Gvern tas-Sudan, bħala membru tan-Nazzjonijiet Uniti, huwa obbligat li jikkopera mal-ICC skond ir-Riżoluzzjoni 1593 (2005), li l-Kunsill tas-Sigurtà adotta permezz tas-setgħat tiegħu skond il-Kapitolu 7,

G. ixxukkjat ħafna mill-fatt li, minn meta nħarġu l-mandati ta' arrest, il-Gvern tas-Sudan ripetutament irrifjuta li jikkopera mal-ICC u fil-fatt żied l-atti ta' sfida kontra l-ICC,

H. billi f'April 2007 l-ICC ħareġ żewġ mandati ta' arrest kontra l-eks Ministru għall-Intern tas-Sudan, Ahmad Harun, u l-eks mexxej tal-milizzja Janjaweed Ali Muhammed Ali Abd-Al-Rahman, magħruf ukoll bħala "Ali Kushayb", fir-rigward ta' 51 kap ta' akkuża ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità allegati,

I. billi Ahmad Harun issa huwa l-Ministru għall-Affarijiet Umanitarji u għaldaqstant huwa responsabbli għall-benessri tal-istess vittmi tad-delitti li allegatament ikkommetta, filwaqt li kif ukoll huwa responsabbli biex iżżomm il-kuntatti mal-qawwa internazzjonali għaż-żamma tal-paċi — Missjoni Unjoni Afrikana tan-Nazzjonijiet Uniti fid-Darfur (UNAMID); billi ingħata wkoll promozzjoni biex sar iċ-chairperson ta' kumitat governattiv inkarigat li jisma' lmenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; u billi Ali Kushayb — li kien fil-kustodja tas-Sudan minħabba akkużi oħrajn fiż-żmien li nħarġu l-mandati — kien meħlus mill-ħabs f'Ottubru 2007 minkejja li kien imfittex mill-ICC,

J. billi f'Ġunju 2007 u għal darba oħra f'Diċembru 2007 l-Uffiċċju tal-Prosekutur irrapporta lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li l-Gvern Sudaniż naqas milli jikkopera mal-ICC u lanqas ried jagħmel dan, u innota li ma kienu ttieħdu l-ebda passi biex jiġu arrestati u kkonsenjati Ahmad Harun u Ali Kushayb,

K. filwaqt li jinnota li fil-5 ta' Ġunju 2008 il-Kap Prosekutur tal-ICC, Luis Moreno Ocampo, se jirrapporta għas-seba' darba lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-progress fl-investigazzjonijiet tiegħu fid-Darfur u dwar il-koperazzjoni offruta mill-awtoritajiet Sudaniżi,

L. iddeterminat li jappoġġja lill-ICC f'dan l-istadju kruċjali f'ħidmietha, u fermament konvint li t-tmiem tal-impunità għal min ippjana u wettaq id-delitti orribbli li saru fid-Darfur huwa komponent essenzjali tas-soluzzjoni tal-kunflitt fid-Darfur,

M. billi fl-10 u fil-11 ta' Mejju 2008, ir-ribelli tal-Moviment għall-Ġustizzja u l-Ugwaljanza (JEM) wettqu attakk kontra Omdurman, qrib Khartoum, li sewa l-ħajja ta' mill-inqas 200 vittma,

N. billi fl-20 ta' Mejju 2008, wara mewġa ta' attakki l-ġimgħa ta' qabel, qam ġlied qalil f'Abyei, belt għanja biż-żejt li kemm it-Tramuntana u kif ukoll in-Nofsinhar jgħidu li hi tagħhom, bejn l-Armata Sudaniża u l-Armata tal-Liberazzjoni tal-Poplu tas-Sudan (SPLA), li rriżultat f'bejn 30 000 u 50 000 persuna spustata internament (IDPs), skond in-NU, u numru li għadu ma ġiex iddeterminat ta' nies maqtula jew imweġġa',

O. billi fl-4 ta' Mejju 2008, ajruplani tal-armata Sudaniża ibbumbardjaw miri ċivili fit-Tramuntana tad-Darfur, li rriżulta fi 12-il ċivili mejjet,

P. billi s'issa l-kunflitt fis-Sudan wassal għal madwar 300 000 vittma (skond stimi riċenti tan-NU) u 2.5 miljun IPDs u rifuġjati, u billi n-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun tad-Darfur qiegħed jiżdied,

Q. billi l-UNAMID fid-Darfur għad għandha biss xi 7 500 truppa u inqas minn 2,000 pulizija fil-post mis-26 000 li ġew awtorizzati,

1. Jikkundanna b'mod qawwi n-nuqqas persistenti tas-Sudan li jikkopera mal-ICC, u li jarresta u jikkonsenja lill-ICC lil Ahmad Nuran u Ali Kushayb u li jikkonforma mal-obbligi tiegħu skond il-liġi umanitarja internazzjonali, biex b'hekk qed juri diżrispett ċar lejn il-mijiet ta' eluf ta' vittmi u l-familji tagħhom u lejn il-miljuni ta' persuni li ġew imġiegħla jitilqu minn djarhom minn meta beda l-kunflitt;

2. Iħeġġeġ lill-Gvern Sudaniż biex jirratifika l-Istatut tal-ICC, jikkonforma mar-Riżoluzzjoni 1593 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u jikkopera mingħajr kundizzjonijiet mal-ICC u jwettaq investigazzjoni u prosekuzzjoni bir-reqqa u adegwati u effettivi tad-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità li twettqu fir-reġjun tad-Darfur;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet f'Khartoum biex jarrestaw u jikkonsenjaw liż-żewġ suspettati tal-ICC mingħajr aktar dewmien, biex ikissru immedjatament iċ-ċiklu ta' impunità fid-Darfur u biex jikkoperaw ma' investigazzjonijiet futuri tal-ICC fid-Darfur;

4. Jistieden lill-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u għar-Relazzjonijiet Esterni tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2008 u lill-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2008 biex jiddiskutu r-rapport tal-Prosekutur tal-ICC u biex jieħdu passi biex jadottaw miżuri punittivi mmirati min-naħa tal-UE kontra grupp identifikat ta' uffiċjali Sudaniżi li jġorru r-responsabilità għan-nuqqas ta' koperazzjoni tas-Sudan mal-ICC, inklużi:

— l-iffriżar u l-qbid tal-assi ta' individwi li huma identifikati bħala persuni li qed ifixklu l-koperazzjoni mal-ICC u l-identifikazzjoni u t-tqegħid fil-mira tal-assi li qiegħdin barra l-pajjiż li jappartjenu lil negozji li huma affiljati mal-Partit tal-Kungress Nazzjonali (il-partit tal-maġġoranza fil-gvern), mezz ewlieni minn fejn jgħaddi l-finanzjament għall-milizzji fid-Darfur;

— miżuri li jiċħdu l-aċċess għal banek tal-UE għal kwalunkwe tranżazzjoni jew ħlas finanzjarji magħmula minn dawn l-individwi jew f'isimhom;

— miżuri biex jiġi evitat li jkun hemm negozju jew relazzjonijiet ekonomiċi jew kummerċjali oħra bejn dawn l-individwi, jew kwalunkwe entità legali jew korporazzjoni kkontrollata minnhom, jew kumpaniji Ewropej, filwaqt li jitqiegħed fil-mira b'mod speċjali l-fluss tad-dħul mis-settur taż-żejt mhux raffinat;

5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati b'siġġu fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU — jiġifieri l-Belġju, Franza, l-Italja, ir-Renju Unit u l-Kroazja — biex jieħdu pożizzjoni ta' prinċipju matul il-laqgħa tal-5 ta' Ġunju 2008 li fiha tingħata informazzjoni mill-Prosekutur, b'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-ICC, u biex jirreaġixxu b'mod xieraq għall-konklużjonijiet tal-Prosekutur billi jistiednu lis-Sudan biex jikkonforma immedjatament mar-Riżoluzzjoni 1593 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u mat-talbiet tal-ICCi;

6. Jistieden lill-Istati l-oħra rrappreżentati fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jappoġġjaw kwalunkwe talba għal koperazzjoni li titressaq mill-Prosekutur tal-ICC f'isem il-Qorti, u b'mod partikolari jistieden liċ-Ċina, lir-Russja, lill-Afrika ta' Isfel u lill-Libja biex jimxu ma' dak li qalu skond ir-Riżoluzzjoni 1593 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u ma jostakolawx l-azzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà fil-5 ta' Ġunju 2008;

7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jagħmlu pressjoni sabiex tissemma' b'mod ċar l-impunità u sabiex jiġu inklużi l-mandati ta' arrest tal-ICC fil-mandat formali għaż-żjara li daqt se ssehh tas-Segretarju Ġenerali tan-NU f'Khartoum fl-aħħar ta' Mejju;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-għajnuna sostanzjali għall-iżvilupp li jagħtu lis-Sudan ma tingħatax permezz tal-Ministeru ta' Ahmad Harun għall-Affarijiet Umanitarji, u jħeġġeġ lid-donaturi biex jagħmlu pressjoni formali fuq il-Gvern tas-Sudan biex ineħħi lil Ahmad Harun mill-kariga tiegħu;

9. Jistieden lill-UE biex tagħmel pressjoni fuq iċ-Ċina biex tingħaqad mal-isforzi internazzjonali biex jintemm il-kunflitt u biex tuża l-influwenza konsiderevoli li għandha fuq il-Gvern tas-Sudan, influwenza li hi bbażata fuq l-irwol tagħha bħala dik li tipprovdi l-aktar dħul lill-Gvern tas-Sudan mill-bejgħ taż-żejt; iħeġġeġ liċ-Ċina biex tieqaf tibgħat armi lejn is-Sudan;

10. Jistieden lill-Unjoni Afrikana u lil-Lega Għarbija biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fid-Darfur billi jagħmlu pressjoni fuq il-Gvern tas-Sudan sabiex jikkopera mal-Uffiċċju tal-ICC tal-Prosekutur waqt investigazzjonijiet li qegħdin għaddejjin bħalissa jew oħrajnli se jsiru fil-ġejjieni, u jistieden lill-Presidenza tal-UE biex tpoġġi l-koperazzjoni tas-Sudan mal-ICC fuq l-aġenda għal djalogi u samits politiċi ma' sħab ewlenin bħaċ-Ċina, l-Istati Uniti, l-Unjoni Afrikana u l-Lega Għarbija;

11. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iżommu lill-Parlament infurmat regolarment dwar l-isforzi attwali u futuri biex issir pressjoni fuq il-Gvern tas-Sudan sabiex jikkopera mal-ICC, u jimpenja ruħu li jibqa' infurmat dwar il-kwistjoni u li juża l-opportunitajiet kollha disponibbli biex iqajjem il-kwistjoni kemm ma' uffiċjali Sudaniżi u kif ukoll ma' sħab oħra;

12. Jikkundanna l-attakki tar-ribelli tal-JEM f'Omdurman fl-10 u l-11 ta' Mejju 2008, kif ukoll il-bombardament mill-ajru li seħħ fl-4 ta' Mejju 2008 fit-Tramuntana tad-Darfur, li qatel 12-il persuna, darab 30 oħra u qered skola, installazzjoni tal-ilma u suq;

13. Jesprimi tħassib serju dwar il-ġlied li reġa' beda bejn l-Armata Sudaniża u l-SPLA f'Abyei, li qed iżid il-bżonnijiet umanitarji u jfixkel il-ħidmiet umanitarji, u li potenzjalment jista' jipperikola l-ftehim ta' paċi tal-2005;

14. Jikkundanna kull ksur tal-ftehimiet ta' paċi u ta' waqfien mill-ġlied minn kwalunkwe naħa, u b'mod partikolari kull vjolenza diretta lejn il-popolazzjoni ċivili u t-tqegħid fil-mira tal-għajnuna umanitarja;

15. Jistieden lill-awtoritajiet Sudaniżi, l-aktar lill-Gvern ta' Unità Nazzjonali, biex jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom biex titwaqqaf b'mod effettiv il-UNAMID, u jappoġġjaw l-isforzi kollha biex tiġi ġġenerata l-istabilità u jinħoloq ambjent sikur;

16. Jenfasizza għal darba oħra li ma jistax ikun hemm paċi dejjiema mingħajr ma ssir ġustizzja fir-rigward ta' delitti serji; jistieden lill-osservaturi tal-UE biex waqt it-taħdidiet ta' paċi jenfasizzaw l-importanza li tieqaf l-impunità fil-bini ta' rispett sostnut għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan;

17. Jistieden lill-Gvern tas-Sudan u lill-gruppi armati kollha biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali billi joqogħdu lura minn kwalunkwe attakki mingħajr distinzjoni kontra ċ-ċivili, inkluża l-vjolenza kontra n-nisa;

18. Jistieden lin-naħat kollha involuti fil-kunflitt biex iżommu lura milli jirreklutaw u jużaw is-suldati tfal taħt l-età ta' 18-il sena, u jistieden lill-awtoritajiet Sudaniżi biex jipproteġu t-tfal spustati, speċjalment dawk taħt l-età li mhumiex akkumpanjati, kif stipulat fil-konvenzjonijiet rilevanti;

19. Jistieden barra minn hekk lill-partijiet terzi kollha biex jieqfu milli jesportaw l-armi lin-naħat kollha involuti fil-kunflitt fir-reġjun u biex jiddefendu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-paċi u s-sigurtà internazzjonali fir-relazzjonijiet tagħhom mas-Sudan;

20. Huwa mħasseb dwar rapporti ta' arresti tal-massa f'Khartoum wara l-attakk tar-ribelli; ifakkar lill-Gvern tas-Sudan fl-obbligi tiegħu skond il-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, li fost l-oħrajn skond din il-Karta, ħadd ma jista' jiġi arrestat jew miżmum b'mod arbitrarju u kull individwu għandu d-dritt għal difiża u li jittella' l-qorti fi żmien raġjonevoli;

21. Iħeġġeġ lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sudan, Pekka Haavisto, f'konformità mal-mandat tiegħu u mal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-ICC, biex ikollu rwol proattiv u biex juża l-opportunitajiet kollha disponibbli biex iqajjem, mal-interlokuturi Sudaniżi u sħab oħra, il-bżonn li jiġu arrestati u kkonsenjati immedjatament Ahmad Huran u Ali Kushayb u li jikkoperaw mal-ICC, u jistieden lir-Rappreżentant Speċjali biex jirrapporta regolarment lill-istituzzjonijet l-oħra tal-UE dwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward;

22. Jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqasijiet serji fir-riżorsi tal-UNAMID u jistieden lill-istati membri tal-Unjoni Afrikana u lill-komunità internazzjonali biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom sabiex aktar truppi u tagħmir ikunu jistgħu jintbagħtu b'mod urġenti d-Darfur;

23. Iħeġġeġ lill-Gvern Sudaniż biex jirrispetta l-impenn tiegħu lejn mortarja fuq ir-restrizzjonijiet u l-ostakoli għall-ħaddiema kollha umanitarji; jenfasizza li ż-żieda fil-vjolenza tul l-aħħar xahar kellha impatt ukoll fuq il-ħidmiet umanitarji, hekk kif il-brigantaġġ u l-ħtif wasslu sabiex jintilfu provvisti ta' għajnuna, li riċentament ġiegħlu lill-aġenziji tal-ikel biex inaqqsu bin-nofs ir-razzjonijiet għal aktar minn tliet miljun persuna li jeħtieġuhom fid-Darfur;

24. Jistieden lill-UE u lill-parteċipanti internazzjonali l-oħra biex japplikaw miżuri xierqa li jkunu mmirati lejn min iwettaq il-vjolenza u jikser il-ftehim ta' waqfien mill-ġlied jew attakka ċ-ċivili, lis-suldati għażżamma tal-paċi jew il-ħidmiet umanitarji, u biex jieħdu l-azzjoni kollha meħtieġa biex jgħinu sabiex tieqaf l-impunità;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Sudan, lill-Gvern tas-Sudan, lill-Gvernijiet tal-Istati Membri u lill-Membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Afrikana, lill-istituzzjonijiet tal-Lega Għarbija u lill-Prosekutur tal-ICC.

## L-arrest ta' priġunieri politiċi fil-Belarus

P6_TA(2008)0239

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-arrest ta' dissidenti politiċi fil-Belarus**

(2009/C 279 E/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-qagħda fil-Belarus, b'mod partikulari dik tal-21 ta' Frar 2008 ([1]).

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-21 ta' Novembru 2006 dwar ir-rieda min-naħa tal-Unjoni Ewropea biex iġġedded ir-relazzjoni tagħha mal-Belarus u l-poplu tiegħu fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-UE tal-28 ta' Marzu 2008 dwar il-Belarus,

— wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Presidenza tal-UE tad-29 ta' April 2008 dwar il-priġunerija mill-ġdid u l-fastidju ta' avversarji politiċi fil-Belarus,

— wara li kkunsidra l-istqarrija tal-Presidenza tal-UE tas-6 ta' Mejju 2008 dwar l-iżviluppi riċenti fir-relazzjoni bejn il-Belarus u l-Istati Uniti;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi żewġ attivisti pro-demokratiċi mill-Belarus, Andrei Kim u Siarhei Parsyukevich, ingħataw sentenzi ħorox talli hadu sehem f'dimostrazzjonijiet paċifiċi tal-intraprendituri fl-10 u fil-21 ta' Jannar 2008,

B. billi d-detenzjoni kontinwa ta' Aliaksandr Kazulin, hija eżempju ulterjuri tal-indifferenza tal-Belarus għall-obbligi tiegħu li jirrispetta l-prinċipji u l-impenji tal-Organiżżazzjoni għas-Sigurta' u Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) li l-Belarus huwa membru tagħha,

C. billi l-Parlament Ewropew stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iressqu proposti biex jagħmlu pressjoni ulterjuri fuq ir-reġim ta' Lukashenko f'organizzazzjonijiet internazzjonali u talab li jitressaq pakkett sħiħ ta' sanzjonijiet speċifiċi u mmirati — li jikkastigaw bl-aħrax lil dawk li qed iwettqu l-oppressjoni mingħajr ma jżidu aktar it-tbatija taċ-ċittadini tal-Belarus,

D. billi kkundanna l-użu tal-vjolenza u tal-arresti ta' numru kbir ta' parteċipanti fl-okkażjoni ta' Jum il-Ħelsien fil-25 ta' Marzu 2008, f'Minsk u bliet oħrajn tal-Belarus.

E. billi d-deċiżjoni tal-Gvern tal-Belarus li jiddikkjara 10 diplomatiċi mill-Istati Uniti bħala personae non gratae u t-tkeċċija furzata tal-Ambaxxatur tal-Istati Uniti għal Belarus huma miżuri mhux ġustifikati u ta' ħsara għall-interessi tal-poplu tal-Belarus,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0071.

1. Jiddispjaċih ħafna li s-sitwazzjoni tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt m'hix tit-jieb fil-Belarus; jiġbed l-attenzjoni li arresti arbitrarji kontinwi ta' membri tas-soċjetà ċivili u ta' attivisti tal-oppożizzjoni, b'mod partikulari d-detenzjoni temporanja ta' Aleksander Milinkevich, u l-infurzar aktar strett fuq il-media indipendenti, tmur kontra r-retorika tal-Gvern tal-Belarus rigward ix-xewqa tiegħu li jtejjeb ir-relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea;

2. Jikkundanna s-sentenzi ħorox li ngħataw lil Syarhei Parsyukevich u lil Andrei Kim fit-22 u fit-23 ta' April 2008 f'Minsk minħabba s-sehem tagħhom fid-dimostrazzjonijiet tal-intraprendituri tal-10 ta' Jannar 2008; fl-istess ħin, jiddeplora il-forza, li skond ir-rapporti kienet eċċessiva, li ntużat mis-siġurtà tal-forzi tal-Belarus kontra ċittadini paċifiċi miġbura f'Minsk fil-25 ta' Marzu 2008 biex ifakkru d-disgħin anniversarju tal-Fondazzjoni għar-Repubblika Indipendenti tal-Poplu tal-Belarus u l-arrest tagħhom; jistieden lill-awtorita-jiet tal-Belarus sabiex mingħajr kondizzjonijiet jibqgħu lura minn kull forma ta' użu ta' forza kontra r-rappre-żentanti tal-oppożizzjoni demokratika;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Belarus biex jeħilsu immedjatament u mingħajr kondizzjonijiet il-priġunier politiku li fadal, Aliaksandr Kazulin, u biex jieqfu jużaw l-intimidazzjoni, il-fastidju, l-arresti mmirati u l-pro-sekuzzjonijiet motivati politikament kontra l-attivisti tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili fil-Belarus;

4. Itenni li l-konformità mal-prinċipji demokratiċi hija l-kwistjoni ewlenija għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Belarus;

5. Jikkundanna d-detenzjoni ta' ġurnalisti ta' media indipendenti, tfittxijiet fid-djar tagħhom u l-konfiska jew il-qerda tat-tagħmir tagħhom mis-servizzi sigrieti tal-Belarus (KGB) u jikkundanna l-isforzi tal-awtoritajiet tal-Belarus biex jiksru l-libertà tal-media;

6. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jipprovdu appoġġ sostanzjali għall-vittmi tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarus; huwa tal-opinjoni li aktar għajnuna finanzjarja għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikulari l-media ħielsa, hija meħtieġa għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;

7. Ifakkar li fil-21 ta' Novembru 2006 l-Unjoni Ewropea ddikjarat li lesta ġġedded ir-relazzjoni tagħha mal-Belarus u l-poplu tiegħu fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) hekk kif l-Gvern tal-Bela-rus juri rispett għall-valuri demokratiċi u għad-drittijiet fundamentali tal-poplu tal-Belarus;

8. Jenfasizza li, sabiex jinvolvi ruħu fi kwalunkwe djalogu sostanzjali mal-UE, il-Belarus jeħtieġ iwettaq il-kondizzjonijiet li fadal, stipulati fin-'non-paper' tal-Kummissjoni bit-titlu "X'tista' tagħti l-UE lill-Belarus", li tinkludi l-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha, it-tneħħija tal-pieni tal-mewt, l-assigurazzjoni ta' media ħielsa u l-libertà tal-espressjoni, l-indipendenza tal-ġudikatura kif ukoll ir-rispett għall-valuri demokratiċi u għad-drittijiet fundamentali tal-poplu tal-Belarus;

9. Jinkundanna l-fatt li l-Belarus huwa l-aħħar pajjiż fl-Ewropa li għad għandu l-piena tal-mewt, li tmur kontra l-valuri Ewropej u universali;

10. Jiddispjaċih ħafna li l-Liġi dwar ir-Reliġjon u l-Organiżazzjonijiet Religjużi tal-2002, li tikser il-prinċipji internazzjonali tal-libertà tar-reliġjon u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk stipulati fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), u jagħraf li bħala riżultat ta' din il-leġiżlazzjoni, l-attivitajiet ta' ħafna komunitajiet reliġjużi ġew limitati u l-mexxejja tagħhom qed ikunu soġġetti għal fastidju, prosekuz-zjoni, multi u priġunerija b'mod kostanti;

11. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Belarus sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-istandards tal-OSCE fl-organizz-azzjoni tal-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin maħsuba għall-ħarifa 2008, u biex joħolqu l-kundizzjonijiet għal-votazzjoni libera u ġusta; jistieden lill-gvern tal-Belarus biex jagħti aċċess ħieles lir-rappreżentanti tal-oppożizzjoni demokratika għall-kummissjonijiet tal-elezzjoni distrettwali, jagħti r-reġistrazzjoni lill-kandidati parlamentari kollha u l-osservaturi tagħhom, u ma joħloqx xkiel biex il-missjoni ta' osservazzjoni tal-elezzjo-nijiet tkun komprensiva u sħiħa;

12. Jistieden lill-Gvern tal-Belarus sabiex japprova u jassigura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kollha u jassigura l-konformità ta' Belarus mal-istandards internazzjonali u b'mod partikulari mal-Artikolu 18 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR);

13. Jistieden lill-Gvern tal-Belarus sabiex jirrevedi l-Liġi tal-2002 dwar il-Libertà tar-Religjon u tal-Organizzazzjonijiet Reliġjużi u sabiex irodd lura proċeduri li jiggarantixxu r-rispett għal-libertà tar-reliġjon;

14. Jesprimi s-solidarjetà mal-oppożizzjoni demokratika magħquda tal-Belarus u maċ-ċittadini kollha tal-Belarus li qed jirsistu għal Belarus indipendenti, miftuħ u demokratiku bbażat fuq l-istat tad-dritt; iħeġġeġ lill-mexxejja tal-oppożizzjoni biex juru għaqda u determinazzjoni bejniethom fl-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin;

15. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu passi ulterjuri lejn il-faċilitazzjoni u l-liberalizzazzjoni tal-proċeduri tal-viża għaċ-ċittadini tal-Belarus, għaliex dan biss jista' jgħin biex jitwettaq l-għan ewlieni tal-politika tal-UE lejn il-Belarus, jiġifieri li jiġu ffaċilitati u intensifikati l-kuntatti bejn il-popli u biex il-pajjiż ikollu d-demokrazija; iħeġġiġhom, f'dan il-kuntest, biex jikkunsidraw l-possibilitajiet li titnaqqas l-ispiża tal-viża għaċ-ċittadini tal-Belarus li jkunu deħlin fiz-zona ta' Schengen, li huwa l-unika mod kif jiġi evitat li l-Belarus u ċ-ċittadini tiegħu jkunu dejjem aktar iżolati;

16. Jiddeplora r-rifjut imtenni tal-awtoritajiet tal-Belarus biex jagħtu viżas ta' dħul lill-Membri tal-Parlament Ewropew u l-parlamentari nazzjonali f'dawn l-aħħar sentejn; jistieden lill-awtoritajiet tal-Belarus biex ma joholqux xkiel ulterjuri li jxekklu lid-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għar-relazzjonijiet mal-Belarus milli żżur l-pajjiż u tosserva l-elezzjonijiet ġenerali li ġejjin u tikseb esperjenza diretta fil-Belarus;

17. Jesprimi s-solidarjetà mal-Istati Uniti u s-servizz diplomatiku tagħha, u jistieden lill-Gvern tal-Belarus sabiex jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu u jieħu passi immedjati li jippermettu normalizzazzjoni tar-relazzjoni bejn il-Belarus u l-Istati Uniti fuq bażi ta' koperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Assembleji Parlamentari tal-OSCE u tal-Kunsill tal-Ewropea, kif ukoll lill-gvern tal-Belarus.

---

## Tensjoni tikber fil-Burundi

P6_TA(2008)0240

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar it-tensjoni tikber fil-Burundi**

(2009/C 279 E/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Burundi,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Dar-es-Salamm dwar waqfien mill-ġlied komprensiv bejn il-gvern tal-Burundi u l-Forzi Nazzjonali għall-Liberazzjoni (FNL), iffirmat fis-7 ta' Settembru 2006,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni adottat f'Cape Town fit-22 sat-23 ta' Frar 2008 (il-Pjan t' Azzjoni),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-attakki reċenti fil-Burundi, maħruġa fit-23 ta' April 2008,

— wara li kkunsidra l-istqarrija tal-President tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-qagħda fil-Burundi, maħruġa fl-24 ta' April 2008,

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' tas-Segretarju Generali dwar l-Uffiċċju Integrat tan-NU fil-Burundi (BINUB),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Human Rights Watch tal-2008 bit-titolu *"Isawtuni kull filgħodu: Abbużi mill-pulizija fil-Burundif"* ta' April 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi mis-17 ta' April 2008 reġa' faqqa l-ġlied bejn it-truppi tal-gvern tal-Burundi u l-FNLfil-Burundi, u dan ġiegħel lil eluf ta' persuni ċivili jaħarbu minn djarhom u wassal għall-mewt ta' 50 ġellied ribelli,

B. billi wara 14-il sena ta' gwerra ċivili, il-Burundi għadu jrid jistabbilixxi paċi dejjiema filwaqt li l-kunflitt ħoloq qagħda umanitarja u soċjo-ekonomika kritika li hija ta' periklu għall-istabilità tar-reġjun,

C. billi f'dawn l-aħħar sentejn fallew l-isforzi internazzjonali għat-twaqqif ta' ftehim ta' paċi bejn il-gvern tal-Burundi u l-FNL, fosthom l-Inizjattiva rRġjonali għall-Paċi fil-Burundi,

D. billi n-negozjati bejn il-gvern tal-Burundi u l-FNL fallew f'Lulju 2007 meta l-FNL telaq mill-Mekkaniżmu Konġunt għall-Verifika u għall-Monitoraġġ (JVMM), li nħoloq biex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-ftehim għall-waqfien mill-ġlied komprensiv iffirmat f'Settembru 2006,

E. billi ħafna jikkunsidraw r-ribelljoni kontinwa tal-FNL bħala l-aħħar ostaklu għall-istabilità dejjiema fil-Burundi, u jeħtieġ li tinstab soluzzjoni politika sabiex jiġi żgurat id-diżarm tal-FNL,

F. billi fil-bidu ta' Mejju 2008, il-ministri tal-affarijiet barranin tat-Tanzanija u tal-Uganda, li ltaqgħu taħt il-patroċinju tal-Inizjattiva Reġjonali għall-Paċi dwar il-Burundi, ħeġġew lill-FNL u mexxejja ribelli ewlenin oħra biex iħallu t-Tanzanija, fejn għandhom il-bażi tagħhom, u jmorru l-Burundi biex jieħdu sehem f'taħditiet għall-paċi,

G. billi f'Awissu 2007 bdew l-attakki kontra d-djar ta' persunaġġi politiċi li ma kenux jappoġġjaw il-President tal-Burundi, Pierre Nkurunziza, jew li kienu jappoġġjawh qabel,

H. billi 46 Membru tal-Parlament tal-Burundi, minħabba l-biża' dwar is-sikurezza fiżika tagħhom, kitbu lis-Segretarju-Ġenerali tan-NU biex jitolbu l-ħarsien tan-Nazzjonijiet Uniti,

I. billi l-Parlament Ewropew għażel il-Burundi bħala pajjiżi pilota għall-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni prijoritarju mmirat lejn iż-żieda tal-ħeffa u tal-effiċjenza tal-għajnuna għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li qegħdin fi stat prekarju,

J. billi jingħad li bħalissa hemm aktar minn 700 familja (madwar 3,500 persuna) li qed jieħdu ħsiebhom l-awtoritajiet, u li qed jistennew provvisti tal-ikel u tal-emerġenza,

K. billi l-aħħar każijiet ta' ġlied jiffurmaw parti minn sensiela ta' kunflitti li ħallew għadd dejjem akbar ta' familji spustjati (35,000 persuna), u b'hekk l-għadd totali ta' persuni spustjati internament (IDPs) tela' għal 100,000; billi t-Tanzanija trid treġġa' r-rifuġjati tagħha mill-Burundi lura lejn il-Burundi, filwaqt li l-Burundi għadu qed jieħu eluf ta' rifuġjati mill-Irwanda u mill-Kongo,

L. billi huwa allegat li l-forzi tas-sigurtà tal-Burundi żammew illegalment madwar 200 persuna akkużati li jappoġġjaw ir-ribelli tal-FNL,

M. billi fit-2 ta' Mejju 2008 il-gvern tal-Burundi irrapporta li erba' ġellieda ribelli u suldat' Burundjan kienu mietu f'dak li ġie deskritt bħala imbuskata tal-FNL,

N. billi l-klima ta' impunità fil-Burundi ħolqot sitwazzjoni fejn it-tortura mill-pulizija u mill-forzi tas-sigurtà hija komuni, bħal ma hija d-detenzjoni illegali,

O. billi l-forza nazzjonali tal-pulizija tal-Burundi, imwaqqfa taħt gvern tranżizzjonali fl-2004, mhijiex imħarrġa tajjeb u hija magħmula minn persuni li qabel kienu ribelli kif ukoll suldati u uffiċjali tal-pulizija,

P. billi l-UNICEF għenet biex jiġu dimobilizzati aktar minn 3000 tifel u tifla li kienu suldati fil-Burundi bejn l-2004 u l-2006; billi reċentament xi tfal ħarbu minn ċentru ta' dimobilizzazzjoni u għamlu rewwixta vjolenti, u aktar minn 500 tifel u tifla għadhom f'idejn il-FNL,

Q. billi l-Burundi kien it-tielet pajjiż, wara l-Uganda u l-Etjopja, li ta kontribut għall-missjoni taż-żamma tal-paċi fis-Somalja, ibbażata f'Mogadishu u bl-isem ta' AMISOM, billi bagħat 800 suldat minkejja l-qagħda ta' sigurtà prekjarja tal-Burundi,

1. Jesprimi tħassib serju dwar il-konfrontazzjonijiet militari reċenti fil-Burundi bejn il-Forzi Nazzjonali tad-Difiża u l-FNL, li wasslu għat-telf ta' ħajjiet innoċenti;

2. Jitlob lill-partijiet kollha biex jirrispettaw il-ftehim għall-waqfien mill-ġlied komprensiv, u biex jerġgħu jibdew in-negozjati u jimxu bil-ħeffa lejn l-implimentazzjoni tal-JVMM li twaqqaf wara l-waqfien mill-ġlied;

3. Iħeġġeġ lill-FNL, b'mod partikulari, u lill-mexxej tiegħu Agathon Rwasa, biex jimpenja ruħu b'mod kostruttiv favur il-proċess tal-paċi;

4. Jitlob lill-istati ġirien tal-Burundi biex jiżguraw li ma jservux bħala bażijiet għall-moviment ribelli, u jilqa' d-deċiżjoni tat-Tanzanija biex ma tibqax isservi bħala post ta' kenn għall-mexxeja tal-FNL;

5. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tfassal miżuri biex tiffaċilita l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ex ribelli tal-FNL fis-soċjetà, ladarba tiġi ffirmata ftehim;

6. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid l-għajnuna umanitarja tagħha, fosthom għar-rifuġjati u għall-persuni spustjati internament, u biex din l-għajnuna titnaqqas biss jekk u meta tiġi sostitwita b'azzjonijiet tanġibbli ta' żvilupp, sabiex tiżgura tranżizzjoni mingħajr problemi bejn l-operazzjonijiet umanitarji u l-politiki tal-iżvilupp;

7. Jitlob lid-donaturi biex jirrispettaw l-impenji tagħhom u jiżguraw koordinazzjoni aktar mill-qrib mill-fażi tal-bidu (upstream), sabiex iżidu l-effettività tal-għajnuna;

8. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipproponi żieda mgħaġġla u sinifikanti fir-riżorsi finanzjarji li l-Unjoni Ewropea tagħti lill-Burundi, b'mod partikulari fl-okkażjoni tar-reviżjoni intermedjarja tal-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

9. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, fid-dawl tal-fraġilità tal-Burundi u fi ħdan il-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni li huwa tant meħtieġ, tagħti appoġġ prijoritarju lil:

— programmi għall-governanza aħjar u għall-immaniġġjar demokratiku statali;

— politiki tas-saħħa, permezz tat-twaqqif ta' ċentri tas-saħħa u t-tiġdid essenzjali tan-network tal-isptarijiet;

— id-deċiżjoni tal-Gvern tal-Burundi li jipprovdi edukazzjoni primarja bla ħlas;

— l-isforzi kontinwi għat-tiġdid tal-infrastruttura fil-Burundi;

10. Jinsisti, fid-dawl tal-urġenza tas-sitwazzjoni, li l-enfasi għandha titpoġġa fuq azzjonijiet tanġibbli li l-poplu tal-Burundi jkun jista' jara;

11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-preżenza tagħhom fuq il-post fil-Burundi;

12. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi azzjonijiet mill-NGOs u mill-awtoritajiet lokali fl-UE bil-għan li jgħinu lill-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili fil-Burundi;

13. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-Faċilitazzjoni tal-Afrika ta' Isfel u għall-inizjattivi reġjonali, u jibqa' deċiż, bħala parti mid-direttorat politku, li jkollu rwol attiv fit-tneħħija tal-ostakoli għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u li jgħin fl-isforzi kollha biex mill-ġdid jiġu attivati n-negozjati u tiġi kkonsolidata l-paċi fil-Burundi; jappoġġja wkoll l-isforzi ta' medjazzjoni tal-Kummissjoni tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi;

14. Jinnota l-istabilità akbar li feġġet fil-Burundi mid-dħul fis-seħħ ta' kostituzzjoni ġdida segwita mill-elezzjonijiet ġenerali, iżda jitlob li titwaqqaf kummissjoni għall-paċi u għar-rikonċiljazzjoni bħala miżura għall-bini tal-kunfidenza li tgħin biex terġa' trawwem spirtu ta' kunfidenza u ta' stabilità fost il-partijiet interessati varji, u jitlob lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex finanzjarjament u loġistikament jappoġġjaw inizjattiva ta' dan it-tip;

15. Jitlob lill-gvern tal-Burundi biex jieħu azzjoni immedjata sabiex jiżgura li jiġi rrispettat l-istat tad-dritt, li tintemm il-klima ta' impunità, li jkun hemm garanzija li dawk li wettqu l-abbużi jittellgħu quddiem il-qorti u jittejjeb it-taħriġ tal-korp tal-pulizija;

16. Jilqa' l-ħelsien reċenti ta' 232 tifel u tifla, wara tmien xhur ta' negozjati ma' grupp dissidenti tal-FNL minn, inter alia, l-gvern tal-Burundi, mis-soċjetà ċivili u mill-aġenziji tan-NU;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ko-Presidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, lill-Unjoni Afrikana u lill-gvernijiet u parlamenti tar-reġjun tal-Lagi l-Kbar u tal-Afrika ta' Isfel.

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## It-tqabbil tal-kwalifiki tat-taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea ***I

P6_TA(2008)0200

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/KEE dwar it-tqabbil tal-kwalifiki tat-taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea (COM(2007)0680 — C6-0398/2007 — 2007/0234(COD))**

(2009/C 279 E/26)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0680),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 150(4) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0398/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0132/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Il-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żooteknići *

P6_TA(2008)0201

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tissemplifika l-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żooteknići u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, id-Deċiżjoni 2000/258/KE u d-Direttivi 2001/89/KE, 2002/60/KE, u 2005/94/KE (COM(2008)0120 — C6-0156/2008 — 2008/0046(CNS))**

(2009/C 279 E/27)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0120),

— wara li kkunsidra l-Artkolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0156/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0160/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Ir-restituzzjoni ta' oġġetti ta' kultura mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru (verżjoni kkodifikata) ***I

P6_TA(2008)0202

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restituzzjoni ta' oġġetti ta' kultura mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru (verżjoni kkodifikata) (COM(2007)0873 — C6-0025/2008 — 2007/0299(COD))**

(2009/C 279 E/28)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni — kodifikazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0873),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema Artikoli l-Kummissjoni ippreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0025/2008),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċelerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0152/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

## Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu *

P6_TA(2008)0203

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu 2004/06/001(COM(2007)0571 — C6-0446/2007 — 2007/0211(CNS))**

(2009/C 279 E/29)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0571),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) (Regolament Finanzjarju), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju sod ([2]) (IIA), u b'mod partikulari l-Punt 47 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 171 u 172 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0446/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0145/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jikkunsidra li l-ammont ta' referenza indikat fil-proposta leġiżlattiva jrid ikun kompatibbli mal-limitu massimu tal-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju plurijennali attwali 2007-2013 u mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006; jinnota li kwalunkwe finanzjar lil hinn mill-2013 għandu jiġi evalwat fil-kuntest tan-negozjati għall-qafas finanzjarju li jmiss;

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).
([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mid-Deċiżjoni 2008/29/KE (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7).

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

3. Jinnota li l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat għall-Baġits ma teskludix ir-riżultat tal-proċedura stipulata fil-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali IIA tas-17 ta' Mejju 2006 li tapplika għat-twaqqif tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu;

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentament tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

5. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

6. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(7a) F'Marzu 2007, il-bord ta' implimentazzjoni tal-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea tal-Idroġenu u ċ-Ċelloli tal-Fjuwi adottat pjan ta' implimentazzjoni fejn kien stmat li, sabiex jintlaħqu l-isfidi teknoloġiċi, ser ikun hemm bżonn ta' baġit ta' EUR 7.4 biljuni tul il-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2015, li terz minnhom għandhom jintefqu fuq ir-riċerka u l-iżvilupp. Sabiex l-UE tkun tista' tiżviluppa teknoloġiji li jkunu sostenibbli fuq perjodu ta' żmien twil, parti sinifikanti minn dan il-baġit għar-riċerka u l-iżvilupp għandu jkun allokat għar-riċerka orjentata lejn l-innovazzjoni.*** |

**Emenda 2**
**Premessa 9**

| | |
|---|---|
| (9) L-għan tal-JTI dwar iċ-"Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu" hu li jitwettaq programm ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni fl-Ewropa fl-oqsma taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu. Dawn għandhom isiru bil-kooperazzjoni u l-involviment ta' partijiet interessati mill-industrija inklużi SMEs, ċentri tar-riċerka, universitajiet u reġjuni. | (9) L-għan tal-JTI dwar iċ-"Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu" hu li jitwettaq programm ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni fl-Ewropa fl-oqsma taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu. Dawn ***l-attivitajiet, li għandhom jibnu fuq il-ħidma mwettqa mill-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea tal-Idroġenu u ċ-Ċelloli tal-Fjuwil,*** għandhom isiru bil-kooperazzjoni u l-involviment ta' partijiet interessati mill-industrija inklużi SMEs, ċentri tar-riċerka, universitajiet u reġjuni |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 3**

**Premessa 10**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (10) Meta titqies is-sħubija pubblika privata li tinvolvi partijiet interessati prinċipali u l-attività tagħha fit-tul, il-benefiċċji soċjo-ekonomiċi maħluqa għaċ-ċittadini Ewropej, il-ġbir flimkien tar-riżorsi finanzjarji u l-kofinanzjament fil-qasam tal-attività tal-RTD&D fiċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu pprovduti mill-Kummissjoni u l-industrija, il-kompetenzi xjentifiiċi u tekniċi għolja meħtieġa, u l-input ta' drittijiet tal-propjetà industrijali, huwa vitali li titwaqqaf "Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (minn issa 'l quddiem imsejħa Impriża Konġunta FCH") taħt l-Artikolu 171 tat-Trattat. Din l-entità ġuridika għandha tiżgura l-użu kkoordinat u l-ġestjoni effiċjenti tal-fondi allokati għall-JTI taċ-"Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu). Biex tiżgura ġestjoni xierqa tal-attivitajiet mibdija iżda mhux mitmuma waqt is-Seba" Programm Kwadru (2007-2013), l-Impriża Konġunta FCH għandha titwaqqaf għal perjodu ***inizjali ta' 10 snin*** li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. ***Dan il-perjodu jista' jiġi estiż.*** | (10) Meta titqies is-sħubija pubblika privata li tinvolvi partijiet interessati prinċipali u l-attività tagħha fit-tul, il-benefiċċji soċjo-ekonomiċi maħluqa għaċ-ċittadini Ewropej, il-ġbir flimkien tar-riżorsi finanzjarji u l-kofinanzjament fil-qasam tal-attività tal-RTD&D fiċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu pprovduti mill-Kummissjoni u l-industrija, il-kompetenzi *xjentifiċi* u tekniċi għolja meħtieġa, u l-input ta' drittijiet tal-propjetà industrijali, huwa vitali li titwaqqaf Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (minn issa 'l quddiem imsejħa "Impriża Konġunta FCH") *skond* l-Artikolu 171 tat-Trattat. Din l-entità ġuridika għandha tiżgura l-użu kkoordinat u l-ġestjoni effiċjenti tal-fondi allokati għall-JTI taċ-"Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu". Biex tiżgura ġestjoni xierqa tal-attivitajiet mibdija iżda mhux mitmuma waqt is-Seba' Programm ta' Qafas (2007-2013), l-Impriża Konġunta FCH għandha titwaqqaf għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. ***Għandu jkun żgurat li wara l-aħħar sejħa għal proposti fl-2013, il-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin jiġu implimentati, immonitorjati u ffinanzjati sa l-2017.*** |

**Emenda 4**

**Premessa 10 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(10a) Huma meħtieġa innovazzjonijiet sinifikanti f'numru ta' oqsma sabiex it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jkunu utilizzati b'mod effettiv. Għalhekk, il-Kummissjoni għandu jkollha rwol ewlieni li tassigura li tingħata l-enfasi xierqa fuq ir-riċerka fuq perjodu ta' żmien twil u li jingħata l-appoġġ xieraq, filwaqt li jitqies il-parir mogħti mill-korpi konsultattivi tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, jiġifieri l-Kumitat Xjentifiku u l-Grupp ta' Livell Għoli tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 5**

**Premessa 11a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(11a) Għandha titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-SMEs, taċ-ċentri tar-riċerka u tal-universitajiet fl-attivitajiet ta' RTD. B'konformità mar-Regoli għall-Parteċipazzjoni fis-Seba' Programm ta' Qafas, il-livell massimu ta' finanzjament pubbliku ta'l-ispejjeż eliġibbli għandu, fil-każ tal-SMEs, taċ-ċentri tar-riċerka u tal-universitajiet, ikun ħamsin fil-mija aktar għoli milli għal entitajiet oħrajn.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 6**

**Premessa 12**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (12) Il-Membri Fundaturi tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu l-Komunità Ewropea u l-Grupp Industrijali Ewropew tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Grupp Industrijali" ), li jirrappreżenta l-interessi tal-industrija u huwa miftuħ għal kumpaniji privati. Grupp tar-Riċerka jista' jsir membru tal-Impriża Konġunta FCH. | (12) Il-Membri Fundaturi tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu l-Komunità Ewropea***, rappreżentata mill-Kummissjoni,*** u l-Grupp Industrijali Ewropew tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Grupp Industrijali"), li jirrappreżenta l-interessi tal-industrija u huwa miftuħ għal kumpaniji privati ***u għal assoċjazzjonijiet tal-industrija taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu***. Grupp tar-Riċerka jista' jsir membru tal-Impriża Konġunta FCH. |

**Emenda 7**

**Premessa 13**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (13) L-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH għandhom jinħarġu fi flus b'mod ugwali mill-Komunità Ewropea u l-Grupp Industrijali mill-bidu nett. Jekk il-Grupp tar-Riċerka jiġi stabbilit, dan għandu jikkontribwixxi ***1/12 ta***l-ispejjeż ordinarji. | (13) L-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH għandhom jinħarġu fi flus b'mod ugwali mill-Komunità Ewropea u l-Grupp Industrijali mill-bidu nett. Jekk il-Grupp tar-Riċerka jiġi stabbilit, dan għandu jikkontribwixxi ***wkoll*** għall-ispejjeż ordinarji. |

**Emenda 8**

**Premessa 13 a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(13a) L-ispejjeż ordinarji, u b'mod partikulari l-ispejjeż amministrattivi, għandhom jinżammu għal minimu assolut u għandu jsir użu sħiħ tar-riżorsi u s-sistemi organizzattivi tal-korpi eżistenti.*** |

**Emenda 9**

**Premessa 14**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (14) L-ispejjeż operazzjonali ***għall-RTD&D*** għandhom jiġu ffinanzjati mill-Komunità ***u s-settur privat***. | (14) L-ispejjeż operazzjonali għandhom jiġu ffinanzjati mill-Komunità***, mill-industrija u minn entitajiet legali pubbliċi u privati li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet. Jista' jkun hemm finanzjament addizzjonali disponibbli, inter alia, mill-Bank Ewropew tal-Investiment (EIB), b'mod partikulari taħt il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Qsim tar-Riskju żviluppata b'mod konġunt mill-EIB u mill-Kummissjoni skond l-Anness III għad-Deċiżjoni 2006/971/KE.*** |

**Emenda 10**

**Premessa 14a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(14a) Minħabba l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-impjieg stabbli u trattament ugwali għall-istaff, u sabiex jiġi mħajjar staff xjentifiku u tekniku speċjalizzat tal-ogħla kalibru, hemm bżonn li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tissekonda uffiċjali daqs kemm jidhrilha li jkun hemm bżonn fl-Impriża Konġunta FCH. Il-bqija tal-istaff għandu jiġi impjegat mill-Impriża Konġunta FCH b'konformità mar-regolamenti tal-impjieg tal-pajjiż ospitanti.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 11**

**Premessa 15**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (15) L-Impriża Konġunta FCH għandha tkun korp imwaqqaf mill-Komunità u l-approvazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għandu jingħata mill-Parlament Ewropew ***fuq*** rak-komandazzjoni tal-Kunsill. ***Madankollu, għandhom jitqiesu l-ispeċifiċitajiet li jirriżultaw min-natura tal-JTI bħala sħubija pubblika privata u b'mod partikolari mill-kontribuzzjoni tas-settur privat lill-baġit.*** | (15) L-Impriża Konġunta FCH għandha tkun korp imwaqqaf mill-Komunità u l-*kwittanza* għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha *għandha tingħata* mill-Parlament Ewropew, ***filwaqt li*** jit-tieħed kont tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. |

**Emenda 12**

**Premessa 16**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (16) ***L-Impriża*** Konġunta FCH ***għandha tadotta, suġġetta għal konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni, dispożiz-zjonijiet finanzjarji speċifiċi msejsa fuq il-prinċipji tar-Rego-lament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Dawk id-dis-pożizzjonijiet għandhom jikkunsidraw*** il-ħtiġijiet operazzjonali speċifiċi tagħha ***li jirriżultaw***, b'mod partikolari**,** ***mill-ħtieġa*** li jingħaqad il-finanzjament tal-Komunità u ma' dak privat. | (16) ***Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Impriża*** Konġunta FCH ***ma jistgħux ivarjaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-entitajiet imsem-mija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Eura-tom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (***[1]***), sakemm*** il-ħtiġijiet operazzjonali speċifiċi tagħha ***ma jkunux jirrikjedu hekk***, b'mod partikolari, ***il-ħtieġa*** li jingħaqad il-finanzjament *tal-Komunità ma'* dak privat. ***Hemm bżonn tal-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' kwalunkwe regola li tidderoga mir-Regolament (KE, Eura-tom) Nru 2343/2002. L-awtorità baġitarja għandha tkun infurmata b'dawn id-derogi.***<br>___<br>***(***[1]***) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Korriġendum fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.*** |

**Emenda 13**

**Artikolu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Kon-ġunta (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"JTI") dwar "iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu", Impriża Konġunta (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Impriża Konġunta FCH") fit-tifsira tal-Artikolu 171 tat-Trattat b'dan qiegħda titwaqqaf għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. ***Dan il-perjodu jista' jkun estiż b're-viżjoni ta' dan ir-Regolament.*** | 1. Għall-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Teknoloġika Kon-ġunta (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"JTI") dwar "iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu", Impriża Konġunta (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Impriża Konġunta FCH") fit-tifsira tal-Artikolu 171 tat-Trattat b'dan qiegħda titwaqqaf għal perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. ***Għandu jiġi żgurat li, wara l-aħħar sejħa għall-proposti fl-2013, il-proġetti li jkunu għadhom għaddejjin jiġu implimentati, immonitorjati u ffinanzjati sa l-2017.*** |
| 2. ***L-Impriża Konġunta FCH għandu jkollha personalità ġuridika.*** Fl-Istati Membri, għandha tgawdi l-aktar kapaċità ġuridika estensiva, mogħtija lill-persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet ta' dawk l-*Istati*. Hija tista', b'mod partikolari, takkwista u tiddis-poni minn propjetà mobbli u immobbli u tkun parti fi proċe-duri legali. | 2. ***L-Impriża Konġunta FCH għandha tkun korp kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda tas-17 ta' Mejju 2006 (***[2]***).*** Fl-Istati Membri, għandha tgawdi l-aktar kapa-ċità ġuridika estensiva, mogħtija lill-persuni ġuridiċi taħt il-liġi-jiet ta' dawk l-Istati. Hija tista', b'mod partikolari, takkwista u tiddisponi minn propjetà mobbli u immobbli u tkun parti fi proċeduri legali. |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***3. L-Impriża Konġunta FCH għandha titqies bħala korp internazzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 22(c) tad-Direttiva 2004/17/KE u tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva 2004/18/KE.*** | |
| 4. L-Impriża Konġunta FCH għandha tkun sitwata fi Brussell, il-Belġju. | 4. L-Impriża Konġunta FCH għandha tkun sitwata fi Brussell, il-Belġju. |
| 5. L-Istatuti tal-Impriża Konġunta FCH huma stipulati fl-Anness. | 5. L-Istatuti tal-Impriża Konġunta FCH huma stipulati fl-Anness. |

(²) ***ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mid-Deċiżjoni 2008/29/KE (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7).***

**Emenda 14**

**L-Artikolu 2 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. B'mod partikolari, hi: | 2. B'mod partikolari, hi: |
| | ***(-a) għandu jkollha l-għan li tqiegħed lill-UE fuq quddiem fil-kamp tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu, u li tippermetti l-innvovazzjoni tas-suq tat-#teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu sabiex is-suq ikun jista' jikseb il-benefiċċji sostanzjali mistennija minn din it-teknoloġija;*** |
| (a) tappoġġja r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni ***(RTD&D)*** fl-Istati Membri u ***l-"Pajjiżi Assoċjati"*** b'mod koordinat biex tegħleb il-falliment fis-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-suq u b'hekk tiffaċilita sforzi industrijali addizzjonali lejn utilizzazzjoni mgħaġġla tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu; | (a) għandha tappoġġja r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni ***(RTD)*** fl-Istati Membri u ***l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas (minn issa 'l quddiem imsejjħa Pajjiżi Assoċjati)*** b'mod koordinat biex tegħleb il-falliment fis-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-suq u b'hekk tiffaċilita sforzi industrijali addizzjonali lejn utilizzazzjoni mgħaġġla tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu; |
| (b) tappoġġja l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka tal-JTI dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, notevolment bil-ħruġ ta' għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti; | (b) għandha tappoġġja l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka tal-JTI dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, ***inkluża r-riċerka orjentata lejn l-innovazzjoni,*** notevolment bil-ħruġ ta' għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti; |
| (c) timmira li tħeġġeġ iktar investiment pubbliku u privat fir-riċerka tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu fl-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati; | (c) *għandu jkollha l-għan* li tħeġġeġ iktar investiment pubbliku u privat fir-riċerka tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu fl-Istati Membri u l-*pajjiżi* Assoċjati; |
| ***(d) tikkonkludi l-kuntratti tas-servizzi u l-provvista meħtieġa għat-tħaddim tal-Impriża Konġunta FCH;*** | |
| ***(e) tiżgura l-effiċjenza u l-effikaċja tal-JTI dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu.*** | |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 15**

**Artikolu 3**

| | |
|---|---|
| *Artikolu 3*<br>*Membri*<br>*1. Il-membri fundaturi tal-Impriża Konġunta FCH (minn issa 'l quddiem imsejħa "membri fundaturi") għandhom ikunu:*<br>*(a) il-Komunità Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u*<br>*(b) il-Grupp Industrijali Ewropew Aisbl tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu mwaqqaf taħt il-liġi Belġjana (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Grupp Industrijali").*<br>*2. Grupp tar-Riċerka, li jirrappreżenta organizzazzjonijiet tar-riċerka mhux għall-profitt, universitajiet u ċentri tar-riċerka, jista' jsir membru (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"membru" sakemm tkun ġiet stabbilita entità li tirrappreżenta l-komunità tar-riċerka. Jekk il-Grupp tar-Riċerka jitwaqqaf, huwa jkollu siġġu wieħed fil-Bord tat-Tmexxija.* | ***imħassar*** |

**Emenda 16**

**Artikolu 4**

| | |
|---|---|
| *Artikolu 4*<br>*Korpi*<br>*1. Il-korpi eżekuttivi tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu:*<br>*(a) il-Bord tat-Tmexxija, u*<br>*(b) l-Uffiċċju tal-Programmi.*<br>*2. Il-korpi konsultattivi tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu:*<br>*(a) il-Grupp ta' Livell Għoli tal-Istati Membri, u*<br>*(b) il-Kumitat Xjentifiku.*<br>*3. L-Assemblea Ġenerali tal-Partijiet Interessati għandha tkun forum ta' konsultazzjoni dwar il-progress, l-aktar żviluppi riċenti, l-allinjament u d-direzzjoni futura tal-attivitajiet tar-riċerka.*<br>*L-Assemblea Ġenerali tal-Partijiet Interessati għandha tkun miftuħa għall-partijiet interessati pubbliċi u privati kollha, gruppi ta' interessi internazzjonali mill-Istati Membri kif ukoll minn pajjiżi terzi. Hi għandha tiltaqa' darba fis-sena.* | ***imħassar*** |

It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 17**
**Artikolu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| *Sorsi tal-finanzjament* | *Kontribuzzjoni tal-Komunità* |
| ***1. L-attivitajiet tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu ffinanzjati b'mod konġunt permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-membri fundaturi tagħha u l-membru. Barra minn hekk, il-kontribuzzjonijiet għall-proġetti jistgħu jiġu aċċettati wkoll mill- Istati Membri, l-Istati Assoċjati, ir-reġjuni jew partijiet interessati oħrajn li jaqsmu l-għanijiet tal-JTI.*** | |
| ***2. L-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu koperti b'mod ugwali bi flus mill-Komunità Ewropea u l-Grupp Industrijali mill-bidu nett. Jekk il-Grupp tar-Riċerka jitwaqqaf għandu jikkontribwixxi 1/12 tal-ispejjeż ordinarji. F'każ bħal dan, il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni tonqos b'mod korrispondenti.*** | |
| ***3. L-ispejjeż operazzjonali għall-RTD&D għandhom ikunu ffinanzjati b'mod ugwali permezz tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità u permezz ta' kontribuzzjonijiet f'oġġetti mill-entitajiet ġuridiċi privati li jipparteċipaw fl-attivitajiet, li jikkorrispondu għal ammont mill-inqas ugwali għall-kontribuzzjonijiet tal-Komunità.*** | |
| 4. Il-kontribuzzjoni ***massima*** tal-Komunità għall-ispejjeż ordinarji u l-ispejjeż operazzjonali tal-Impriża Konġunta FCH għandha tkun ta' 470 miljun ***EUR. L-ispejjeż ordinarji huma stmati li ma jaqbżux l-20 miljun EUR. Il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu mill-Programm*** Speċifiku ***"Kooperazzjoni"*** li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (2007-2013) li jimplimenta l-baġit Komunitarju skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 54(2) (b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. ***L-arranġamenti għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim ġenerali u ftehim finanzjarju annwali ffirmat bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, u*** l-Impriża Konġunta FCH. | 4. Il-kontribuzzjoni ***inizjali*** tal-Komunità għall-ispejjeż ordinarji ***(inklużi l-ispejjeż amministrattivi)*** u l-ispejjeż operazzjonali tal-Impriża Konġunta FCH għandha tkun ta' ***EUR*** 470 miljun. ***Il-kontribuzzjoni għandha tithallas mill-approprazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea allokati għat-temi ta' "Enerġija", "Nanoxjenzi, Nanoteknoloġiji, Materjali u Teknoloġiji Ġodda tal-Produzzjoni", "Ambjent (inkluża l-Bidla fil-Klima)", u "Trasport (inkluża l-Aeronawtika)" tal-Programm*** Speċifiku ***għall-Koperazzjoni*** li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni (2007-2013) li jimplimenta l-baġit Komunitarju skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 54(2)(b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. ***Din il-kontribuzzjoni tista' tiġi rriveduta waqt reviżjoni ta' nofs it-terminu fid-dawl tal-progress imwettaq u s-suċċessi u l-impatt ta***l-Impriża Konġunta FCH. |
| ***5. Jekk ma jsirx finanzjament wara l-2013 (meta jintemm l-FP7) huma biss dawk il-proġetti li għalihom ikun ġie ffirmat ftehim ta' għotja sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013 li jkomplu fis-snin 2014-2017.*** | ***5. L-arranġamenti għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehim ġenerali u ftehim finanzjarju annwali li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità, u l-Impriża Konġunta FCH.*** |
| | ***5a. Il-parti tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-Impriża Konġunta FCH għall-finanzjament tal-attivitajiet ta' RTD għandha tingħata wara sejħiet kompetittivi u miftuħa għal proposti u evalwazzjoni, kompluta bl-għajnuna ta' esperti indipendenti, tal-proġett propost.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *5b. l-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-ispejjeż ordinarji m'għandhiex taqbeż EUR 20 miljun, u għandha titħallas f'pagamenti annwali ta' mhux aktar minn EUR 2 miljuni; kwalunkwe parti ta' din il-kontribuzzjoni li ma tintefaqx matul is-sena għandha tkun disponibbli fis-snin ta' wara għall-attivitajiet ta' R&D;* |

**Emenda 18**

**Artikolu 6**

| | |
|---|---|
| *Artikolu 6*<br>*Parteċipazzjoni fil-proġetti*<br>*1. Il-parteċipazzjoni fil-proġetti għandha tkun miftuħa għall-entitajiet ġuridiċi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali stabbiliti fi Stat Membru, Pajjiż Assoċjat jew kwalunkwe pajjiż terz sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet minimi.*<br>*2. Il-kundizzjonijiet minimi li għandhom jiġu ssodisfati għall-proġetti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu dawn li ġejjin:*<br>*(a) għandhom jipparteċipaw mill-inqas tliet entitajiet ġuridiċi, kull waħda minnhom għandha tkun imwaqqfa fi Stat Membru jew Pajjiż Assoċjat, u l-ebda tnejn minnhom ma jistgħu jkunu mwaqqfa fl-istess Stat Membru jew Pajjiż Assoċjat;*<br>*(b) it-tliet entitajiet ġuridiċi kollha għandhom ikunu indipendenti minn xulxin kif iddefinit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013);*<br>*(c) mill-inqas entità ġuridika waħda għandha tkun membru tal-Grupp Industrijali jew il-Grupp tar-Riċerka, jekk ikun twaqqaf tali Grupp tar-Riċerka.*<br>*3. L-entitajiet ġuridiċi li jixtiequ jipparteċipaw fi proġett għandhom jiffurmaw konsorzju u jaħtru wieħed mill-membri tagħhom biex jagħmilha tal-koordinatur tiegħu. Normalment il-koordinatur għandu jkun membru tal-Grupp Industrijali, jew membru tal-Grupp tar-Riċerka, jekk ikun twaqqaf tali Grupp tar-Riċerka. Eċċezzjonijiet għandhom jiġi approvati mill-Bord tat-Tmexxija.*<br>*4. Il-kundizzjoni minima għall-kuntratti tas-servizzi u l-provvista, l-azzjonijiet ta' appoġġ, l-istudji u l-attivitajiet tat-taħriġ iffinanzjati mill-Impriża Konġunta FCH għandha tkun il-parteċipazzjoni ta' entità ġuridika waħda.* | *imħassar* |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 19**

**Artikolu 7**

| | |
|---|---|
| *Artikolu 7* | ***imħassar*** |
| *Eliġibbiltà għall-finanzjament* | |
| *1. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-Impriża Konġunta FCH għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-RTD&D għandha tingħata wara sejħiet kompetittivi għall-proposti.* | |
| *2. F'każijiet eċċezzjonali l-Impriża Konġunta FCH tista' toħroġ sejħiet għall-offerti, jekk dan jitqies xieraq għas-segwitu effettiv tal-għanijiet tar-riċerka.* | |
| *3. L-entitajiet ġuridiċi privati li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal tali finanzjament:* | |
| *(a) huma jkunu mwaqqfa fi Stat Membru jew ikollhom l-uffiċċju rreġistrat, il-post ċentrali jew prinċipali tan-negozju tagħhom fi stat li huwa parti kontraenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew li jkun Pajjiż Assoċjat jew Kandidat;* | |
| *(b) huma jkollhom attivitajiet rilevanti fl-RTD&D, l-industrijalizzazzjoni jew l-iskjerament għaċ-ċelloli tal-fjuwil u/jew l-idroġenu u/jew pjanijiet konkreti biex jagħmlu dan fil-futur qrib fl-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea.* | |
| *4. Dawn li ġejjin ukoll huma eliġibbli għall-finanzjament:* | |
| *(a) korpi pubbliċi mhux għall-profitt imwaqqfa fi Stat Membru, Pajjiż Assoċjat, Pajjiż Kandidat jew fiż-ŻEE, inklużi stabbiliment ta' edukazzjoni sekondarja jew ogħla;* | |
| *(b) organizzazzjonijiet internazzjonali, li għandhom personalità ġuridika taħt il-liġi pubblika internazzjonali, kif ukoll kull aġenzija speċjalizzata mwaqqfa minn tali organizzazzjonijiet intergovernattivi;* | |
| *(c) entitajiet ġuridiċi minn pajjiżi terzi, sakemm il-Bord tat-Tmexxija jqis il-parteċipazzjoni tagħhom bħala ta' benefiċċju partikolari għall-proġett.* | |

**Emenda 20**

**Artikolu 8 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. ***Id-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-Impriża*** Konġunta FCH ***għandhom jissejsu fuq il-prinċipji tar-Regolament Nru 1605/2002. Hi tista' titbiegħed mir-Regolament Nru 1605/2002 fejn*** ħtiġijiet speċifiċi ***tal-Impriża Konġunta FCH*** jitolbu dan, suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. | 1. ***Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Impriża*** Konġunta FCH ***m'għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm*** il-ħtiġijiet *operattivi* speċifiċi tagħha ***ma jkunux*** jitolbu dan *u* suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. ***L-awtorità baġitarja għandha tkun infurmata dwar dawn id-derogi.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 21**

**L-Artikolu 9 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. ***Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea bl-iskop li jiġu applikati dawn ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għandhom japplikaw għall-persunal ta***l-Impriża Konġunta FCH. | 1. L-Impriża Konġunta FCH ***għandha tirrekluta l-istaff tagħha f'konformità mar-regoli ta' impjieg fis-seħħ fil-pajjiż ospitanti. Il-Kummissjoni tista' tissekonda daqs kemm jidhrilha li jkun hemm bżonn uffiċjali fl-Impriża Konġunta FCH***. |

**Emenda 22**

**L-Artikolu 9 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***2. Fir-rigward tal-persunal tagħha, l-Impriża Konġunta FCH għandha teżerċita l-poteri mogħtija lill-awtorità tal-ħatra bir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u lill-awtorità mogħtija s-setgħa bil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej li tikkonkludi l-kuntratti.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 23**

**L-Artikolu 9 — paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Il-Bord tat-Tmexxija, bi qbil mal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri tal-implimentazzjoni meħtieġa***, skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra*** tal-Komunitajiet Ewropej. | 3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, biqbil mal-Kummissjoni, jadotta l-miżuri tal-implimentazzjoni meħtieġa ***fir-rigward tal-issekondar tal-uffiċjali*** tal-Komunitajiet Ewropej. |

**Emenda 24**

**Artikolu 10**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***Artikolu 10*** <br> ***Privileġġi u Immunitajiet*** <br> ***Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Impriża Konġunta FCH u l-persunal tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 25**

**Artikolu 13**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar il-progress magħmul mill-Impriża Konġunta FCH. | 1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar il-progress magħmul mill-Impriża Konġunta FCH. ***Ir-rapport għandu jinkludi n-numru ta' proposti ppreżentati, in-numru ta' proposti magħżula għall-iffinanzjar, it-tipi ta' parteċipanti (inklużi l-SMEs) u l-istatistiċi tal-pajjiż.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. ***Sentejn wara t-twaqqif tal-Impriża konġunta FCH, iżda fi kwalunkwe każ*** mhux aktar tard ***mill-2010***, il-Kummissjoni għandha ***twettaq evalwazzjoni*** interim tal-Impriża Konġunta FCH bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza tal-Impriża Konġunta FCH u l-progress magħmul fl-għanijiet tagħha. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' din, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 2. ***Sa*** mhux aktar tard ***mill-31 ta' Diċembru 2011 u l-31 ta' Diċembru 2014***, il-Kummissjoni għandha ***tippreżenta evalwazzjonijiet*** interim tal-Impriża Konġunta FCH ***imwettqa*** bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Din l-evalwazzjoni għandha tkopri l-kwalità u l-effiċjenza tal-Impriża Konġunta FCH u l-progress magħmul fl-għanijiet tagħha. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet ta' *dawn l-evalwazzjonijiet*, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha ***u, fejn xieraq, flimkien ma' proposti biex jiġi emendat dan ir-Regolament i,*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |
| 3. ***Fl-aħħar tal-2017***, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Impriża Konġunta FCH bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni finali għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 3. ***Sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tal-Impriża Konġunta FCH***, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Impriża Konġunta FCH bl-għajnuna ta' esperti indipendenti. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni finali għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |
| 4. L-approvazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta FCH tingħata mill-Parlament Ewropew, ***fuq*** rakkomandazzjoni tal-Kunsill***, skond il- proċedura stabbilita bir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta FCH***. | 4. *Il-kwittanza* għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta FCH *għandha* tingħata mill-Parlament Ewropew, ***fil-waqt li jittieħed kont tar-***rakkomandazzjoni tal-Kunsill |

**Emenda 26**

**Artikolu 17**

| | |
|---|---|
| L-Impriża Konġunta FCH għandha tadotta regoli li jiggvernaw l-użu u t-tixrid tar-riżultati ***tal-RTD&D, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar l-eżerċizzju***, fejn ikun xieraq, ***tad-drittijiet*** tal-propjetà intellettwali ***ġġenerati minn*** attivitajiet ***tal-RTD&D*** taħt dan ir-Regolament. ***Dawn ir-regoli għandhom*** jiżguraw li r-riżultati ta' ***l-RTD&D*** jintużaw u jixxerrdu. | L-Impriża Konġunta FCH għandha tadotta regoli li jiggvernaw l-użu u t-tixrid tar-riżultati ***tar-riċerka fuq il-bażi tal-prinċipji mħaddna fir-Regolament (KE) 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistipula r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri għar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm ta' Qafas u għat-tixrid tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013)*** [1] ***(minn hawn 'il quddiem imsejħa "r-regoli għall-parteċipazzjoni fis-Seba' Programm ta' Qafas"), li jiżguraw li***, fejn ikun xieraq, il-propjetà intellettwali ***ġġenerata bis-saħħa ta'*** attivitajiet ***ta' RTD*** taħt dan ir-Regolament ***tiġi protetta, u li*** r-riżultati ***tar-riċerka*** jintużaw u jixxerrdu.<br><br>(1) ***ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.*** |

**Emenda 27 — Proposta għal regolament**

**Artikolu 19**

| | |
|---|---|
| Għandu jiġi konkluż ftehim ospitanti bejn l-Impriża Konġunta FCH u l-Belġju dwar l-akkomodazzjoni tal-uffiċini, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Konġunta FCH. | Għandu jiġi konkluż ftehim ospitanti bejn l-Impriża Konġunta FCH u l-Belġju dwar ***l-għajnuna tal-Istat ospitanti fir-rigward ta'*** l-akkomodazzjoni tal-uffiċini, il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li għandu jingħata mill-Belġju lill-Impriża Konġunta FCH. |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 28**

**Anness — Artikolu I.1 — paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. L-Impriża Konġunta FCH għandha tiġi stabbilita mill-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għal perjodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. | 3. L-Impriża Konġunta FCH għandha tiġi stabbilita mill-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għal perjodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017. ***Hija korp imwaqqaf b'konformità mal-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-Punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006.*** |

**Emenda 29**

**Anness — Artikolu I.2**

| | |
|---|---|
| ***Ġ****hanijiet u dmirijiet prinċipali* | *Dmirijiet u attivitajiet ewlenin* |
| 1. L-Impriża Konġunta FCH ***għandha taħdem fl-ambitu tal-FP7 sabiex tippermetti lit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu jippenetraw fis-suq, b'hekk tippermetti lill-forzi tas-suq kummerċjali li jmexxu 'l quddiem il-benefiċċji pubbliċi potenzjali sostanzjali.*** | 1. ***Id-dmirijiet u l-attivitajiet ewlenin ta'*** l-Impriża Konġunta FCH ***għandhom ikunu dawn li ġejjin:*** |
| ***2. L-għanijiet jinkludu:*** | |
| — ***li l-Ewropa titqiegħed fuq quddiem fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu mad-dinja kollha;*** | ***a) li jiġi żgurat it-twaqqif u l-immaniġġjar effiċjenti tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu;*** |
| — li tintlaħaq il-massa kritika tal-isforz tar-riċerka biex titnissel il-fiduċja fl-industrija, fl-investituri pubbliċi u privati, f'dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-partijiet interessati oħra sabiex jidħlu għal programm fit-tul; | ***b)*** li tintlaħaq il-massa kritika tal-isforz tar-riċerka biex titnissel il-fiduċja fl-industrija, fl-investituri pubbliċi u privati, f'dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u *fil-partijiet* interessati oħra sabiex jidħlu għal programm fit-tul; |
| — li tirrendi *l-investiment* industrijali, nazzjonali u reġjonali fl-RTD&D *aktar effettiv*; | ***c)*** li tirrendi *investiment* industrijali, nazzjonali u reġjonali *ulterjuri* ta' RTD&D; |
| — ***li tinbena ż-Żona Ewropea tar-Riċerka permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mar- riċerka mwettqa f'livelli nazzjonali u reġjonali — bit-tħaris tas-sussidjarjetà;*** | |
| — li jiġu integrati r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, *u jiffukaw* fuq il-ksib ta' sostenibbiltà fit-tul u miri kompetittivi industrijali dwar l-ispejjeż, ir-rendiment u d-durabbiltà u jingħelbu l-ostakli teknoloġiċi kritiċi; | ***d)*** li jiġu integrati r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, *u li jkun hemm attenzjoni ffokata* fuq il-ksib ta' sostenibbiltà fit-tul u miri kompetittivi industrijali dwar l-ispejjeż, ir-rendiment u d-durabbiltà u *li* jingħelbu l-ostakli teknoloġiċi kritiċi; |
| — li *tistimola* l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' katini ġodda ta' valur inklużi l-SMEs; | ***e)*** li *jiġu stimulati* l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' katini ġodda ta' valur inklużi l-SMEs; |
| — li *tiffaċilita* l-interazzjoni bejn l-industrija, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka *inkluża dik* dwar riċerka bażika; | ***f)*** li *tiġi ffaċilitata* l-interazzjoni bejn l-industrija, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka *inkluża l-interazzjoni* dwar riċerka bażika; |
| | ***g) li jiġi promoss l-involviment tal-SMEs fl-attivitajiet tagħha, skond l-objettivi tas-Seba' Programm ta' Qafas;*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — li *tħeġġeġ* il-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet minn kull pajjiż, ***inklużi l-Istati*** Membri ***l-ġodda*** u l-Pajjiżi ***Kandidati***; | ***h)*** li *titħeġġeġ* il-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet ***mill-Istati*** Membri u l-*pajjiżi* Assoċjati ***kollha***; |
| — li *twettaq* riċerka soċjo-tekniko-*ekonomiku* fil-wiesgħa biex *tivvaluta* u *timmonitorja l*-progress teknoloġiku u l-ostakli mhux tekniċi għad-dħul fis-suq; | ***i)*** li *titwettaq* riċerka soċjo-tekniko-*ekonomika* fil-wiesgħa biex *jiġi valutat u mmonitorjat* il-progress teknoloġiku u l-ostakli mhux tekniċi għad-dħul fis-suq; |
| — li *twettaq* riċerka li ssostni l-iżvilupp ta' regolamenti u standards ġodda u *tirrevedi* regolamenti u standards eżistenti sabiex *telimina* l-ostakli artifiċjali għad-dħul fis-suq u *tappoġġja* l-interkambjabbiltà, l-interoperabbiltà, il-kummerċ tal-idroġeni bejn il-fruntieri, u s-swieq tal-esportazzjoni waqt li *tiżgura* s-sigurtà tal-operat u *mhux ixxekkel* l-innovazzjoni; | ***j)*** li *tittwettaq* riċerka li ssostni l-iżvilupp ta' regolamenti u standards ġodda u *jiġu riveduti* regolamenti u standards eżistenti sabiex *jiġu eliminati* l-ostakli artifiċjali għad-dħul fis-suq u *jiġu appoġġjati* l-interkambjabbiltà, l-interoperabbiltà, il-kummerċ tal-idroġeni bejn il-fruntieri, u s-swieq tal-esportazzjoni *filwaqt* li *tiġi żgurata* s-sigurtà tal-operat u filwaqt li *ma tixxekkilx* l-innovazzjoni; |
| — li *tipprovdi* informazzjoni ta' min joqgħod fuqha sabiex *ittejjeb* l-għarfien pubbliku u *toħloq* aċċettazzjoni pubblika dwar is-sigurtà tal-idroġenu, u l-benefiċċji mit-teknoloġiji l-ġodda għall-ambjent, għas-sigurtà tal-provvista, għall-ispejjeż tal-enerġija, u għall-impjiegi. | ***k) li tiġi kkomunikata u mxerrda informazzjoni siewja rigward l-attivitajiet tagħha, speċjalment lill-SMEs u liċ-ċentri tar-riċerka u*** li *tiġi pprovduta* informazzjoni ta' min joqgħod fuqha sabiex *jitjieb* l-għarfien pubbliku u *tinħoloq* aċċettazzjoni pubblika dwar is-sigurtà tal-idroġenu, u l-benefiċċji mit-teknoloġiji l-ġodda għall-ambjent, għas-sigurtà tal-provvista, għall-ispejjeż tal-enerġija, u għall-impjiegi. |
| ***3. Il-ħidmiet ewlenin tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu sabiex tiżgura t-twaqqif u t-tmexxija effiċjenti tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu.*** | |
| ***4. Dan jinkludi:*** | |
| — li *tistabbilixxi* u *timplimenta* pjan ta' attività ta' riċerka *multiannwali;* | ***l)*** li *jiġi stabbilit* u *implimentat* pjan ta' attività ta' riċerka *plurijennali;* |
| — li *timpenja l-finanzjament* Komunitarju u *timmobilizza* r-riżorsi tas-settur privat u oħrajn tas-settur pubbliku meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha ta' ***RTD&D***; | ***m)*** li *jiġi impenjat il-finanzjament* Komunitarju u *jiġu mmobilizzati* r-riżorsi tas-settur privat u oħrajn tas-settur pubbliku meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha ta' ***RTD***; |
| — li *tiżgura* l-operat tajjeb tal-attivitajiet ta' ***l-RTD&D*** u ġestjoni finanzjarja tajba tar-riżorsi; | ***n)*** li *jiġi żgurat* l-operat tajjeb tal-attivitajiet ta' ***RTD*** u ġestjoni finanzjarja tajba tar-riżorsi; |
| ***— li tikkoopera u tikkonsulta mal-Grupp ta' Livell Għoli tal-Istati Membri;*** | |
| ***— li tikkoopera u tikkonsulta mal-Kumitat Xjentifiku;*** | |
| ***— li torganizza laqgħat annwali tal-Assemblea Ġenerali tal-Partijiet Interessati;*** | |
| — li *tikkomunika* u *xxerred* l-informazzjoni dwar il-proġetti, inklużi l-ismijiet tal-parteċipanti, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' ***l-RTD&D***, u l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Impriża Konġunta FCH; | ***o)*** li *tiġi kkomunikata* u *mxerrda* l-informazzjoni dwar il-proġetti, inklużi l-ismijiet tal-parteċipanti, ir-riżultati tal-attivitajiet ta' ***RTD***, u l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Impriża Konġunta FCH; |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — li *tinnotifika lill-entitajiet* ġuridiċi li jkunu kkonkludew Ftehim ta' Għotja mal-Impriża Konġunta FCH bl-opportunitajiet ta' self potenzjali mill-Bank Ewropew tal-Investiment, b'mod partikolari l-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju stabbilita taħt is-Seba' Programm ta' Qafas; | *p)* li *jiġu nnotifikati l-entitajiet* ġuridiċi li jkunu kkonkludew Ftehim ta' Għotja mal-Impriża Konġunta FCH bl-opportunitajiet ta' self potenzjali mill-Bank Ewropew tal-Investiment, b'mod partikolari l-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju stabbilita taħt is-Seba' Programm ta' Qafas; |
| — li *tiżgura* livell għoli ta' trasparenza u kompetizzjoni ġusta taħt kundizzjonijiet ta' aċċess ugwali għall-applikanti kollha għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' dimostrazzjoni tal-Impriża Konġunta FCH, kemm jekk ikunu membri tal-Grupp tar-Riċerka jew tal-Grupp Industrijali (b'mod partikolari intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) u kemm jekk le; | *q)* li *jiġi żgurat* livell għoli ta' trasparenza u kompetizzjoni ġusta taħt kundizzjonijiet ta' aċċess ugwali għall-applikanti kollha għall-attivitajiet ta' riċerka u ta' dimostrazzjoni tal-Impriża Konġunta FCH, kemm jekk ikunu membri tal-Grupp tar-Riċerka jew tal-Grupp Industrijali (b'mod partikolari intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) u kemm jekk le; |
| — li *ssegwi* l-iżviluppi internazzjonali fil-qasam u li *tidħol* f'kooperazzjoni internazzjonali meta jkun xieraq. | *r)* li *jiġu segwiti* l-iżviluppi internazzjonali fil-qasam u li *jkun hemm impenn* f'kooperazzjoni internazzjonali meta jkun xieraq. |
| | ***s) li tiġi żviluppata koperazzjoni mill-qrib u tiġi żgurata koordinazzjoni mas-seba' Programm ta' Qafas u attivitajiet oħra nazzjonali u transnazzjonali, korpi u partijiet interessati tal-UE;*** |
| | ***t) li jiġi mmonitorjat il-progress lejn il-kisba tal-objettivi tal-Impriża Konġunta FCH;*** |
| | ***u) li titwettaq kwalunkwe attività bżonnjuża oħra għall-kisba tal-objettivi tagħha.*** |

**Emenda 30**

**Anness — Artikolu I.3**

| | |
|---|---|
| ***Membri u gruppi ta' interess*** | ***Membri*** |
| 1. Il-membri fundaturi (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Membri Fundaturi") tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu: | 1. Il-membri fundaturi (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Membri Fundaturi") tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu: |
| — il-Komunità Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, u | *a)* il-Komunità Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, u |
| — l-Grupp Industrijali Ewropew Aisbl għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu stabbilit taħt il-liġi Belġjana (minn hawn il quddiem imsejjaħ il-"Grupp Industrijali"). | *b)* ***wara l-aċċettazzjoni tal-Istatuti***, il-Grupp Industrijali Ewropew Aisbl għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, ***li huwa organizzazzjoni mhux għall-profitt*** stabbilita taħt il-liġi Belġjana ***u li għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-ksib tal-objettivi tal-Impriża Konġunta FCH*** (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Grupp Industrijali"). |
| 2. Il-Grupp Industrijali: | 2. Il-Grupp Industrijali ***għandu***: |
| — ***hu organizzazzjoni mhux għall-profitt li għandu l-għan li jikkontribwixxi lejn il-ksib tal-għanijiet tal-Impriża Konġunta FCH;*** | |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| — ***huwa mwaqqaf legalment taħt il-liġi Belġjana, u jopera taħt il-liġijiet sussidjarji rreġistrati tagħha debitament adottati għar-rigward tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta;*** | |
| — ***għandu*** jiżgura li l-kontribuzzjoni tiegħu għar-riżorsi tal-Impriża Konġunta FCH, skond ***l-Artikolu 5*** ta' dan ir-Regolament issir bil-quddiem bħala kontribuzzjoni fi flus biex tkopri 50 % tal-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH u trasferita għall-baġit tal-Impriża Konġunta FCH qabel il-bidu ta' kull sena finanzjarja; | — jiżgura li l-kontribuzzjoni tiegħu għar-riżorsi tal-Impriża Konġunta FCH, skond ***id-dispożizzjonijiet*** ta' dan ir-Regolament**,** issir bil-quddiem bħala kontribuzzjoni fi flus *kontanti* biex tkopri 50 % tal-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH u *tiġi* trasferita għall-baġit tal-Impriża Konġunta FCH qabel il-bidu ta' kull sena finanzjarja; |
| — ***għandu*** jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-industrija lejn it-twettiq tal-attivitajiet ta' ***l-RTD&D*** iffinanzjati mill-Impriża Konġunta FCH ***tiġi pprovduta f'oġġetti u tkopri minimu ta' 50 % tal-ispejjeż totali tal-proġett, ikkalkulati fuq bażi annwali***; | — jiżgura li l-kontribuzzjoni tal-industrija lejn it-twettiq tal-attivitajiet ta' ***RTD*** iffinanzjati mill-Impriża Konġunta FCH ***tal-inqas tkun daqs il-kontribuzzjoni tal-Komunità***; |
| — ***huwa*** miftuħ għas-sħubija minn *kull* entità ġuridika (inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju), iffurmata f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru, *Pajjiż* Assoċjat ***jew Stat taż-ŻEE*** u li *għandha* l-uffiċċju *reġistrat* tagħha, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozji fiż-żona msemmija hawn fuq, sakemm hi tkun attiva fil-qasam taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu fl-Ewropa, u *hija* impenjata li tikkontribwixxi lejn l-għanijiet u r-riżorsi tal-Impriża Konġunta FCH. | — ***ikun*** miftuħ għas-sħubija***, b'termini ġusti u raġonevoli,*** minn *kwalunkwe* entità ġuridika (inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ***u għal assoċjazzjonijiet rilevanti tal-industrija taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu***), iffurmata f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru ***jew****pajjiż* Assoċjat u li *jkollha* l-uffiċċju *rreġistrat* tagħha, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozji fiż-żona msemmija hawn fuq, sakemm hi tkun attiva fil-qasam taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu fl-Ewropa, u *tkun* impenjata li tikkontribwixxi lejn l-għanijiet u r-riżorsi tal-Impriża Konġunta FCH. |
| 3. Grupp ta' Riċerka***, li jirrappreżenta organizzazzjonijiet ta' riċerka, universitajiet u ċentri ta' riċerka mhux għall-profitt,*** jista' jsir membru, wara t-twaqqif tal-Impriża Konġunta FCH, ***sakemm tkun twaqqfet entità li tirrappreżenta l-komunità tar-riċerka. L-applikazzjoni mill-Grupp tar-Riċerka għandha tiġi indirizzata lill-Bord tat- Tmexxija li għandu jieħu d-deċiżjoni dwarha.*** | 3. Grupp ta' Riċerka jista' jsir membru, wara t-twaqqif tal-Impriża Konġunta FCH, sakemm ***ikun aċċetta dawn l-Istatuti***. |
| 4. Il-Grupp ta' Riċerka għandu: | 4. Il-Grupp ta' Riċerka għandu: |
| — ikun organizzazzjoni mhux għall-profitt li l-għan tagħha *hu* li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Impriża Konġunta FCH; | — ikun organizzazzjoni mhux għall-profitt li l-għan tagħha *jkun* li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Impriża Konġunta FCH; |
| — ikun imwaqqaf legalment taħt il-liġi Belġjana u jopera taħt il-liġijiet sussidjarji (by-laws) reġistrati tagħha debitament adottati għar-rigward tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta; | — ikun imwaqqaf legalment taħt il-liġi Belġjana u jopera taħt il-liġijiet sussidjarji (by-laws) reġistrati tagħha debitament adottati għar-rigward tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta; |
| — jiżgura li l-kontribuzzjoni tiegħu għar-riżorsi tal-Impriża Konġunta FCH issir bil-quddiem bħala kontribuzzjoni fi flus biex tkopri ***1/12*** tal-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH u *trasferita* għall-baġit tal-Impriża Konġunta FCH qabel il-bidu ta' kull sena finanzjarja; | — jiżgura li l-kontribuzzjoni tiegħu għar-riżorsi tal-Impriża Konġunta FCH issir bil-quddiem bħala kontribuzzjoni fi flus *kontanti* biex tkopri ***1/20*** tal-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH u *tiġi ttrasferita* għall-baġit tal-Impriża Konġunta FCH qabel il-bidu ta' kull sena finanzjarja; |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — ***ikun miftuħ għas-sħubija minn kull organizzazzjoni ta' riċerka, università jew ċentru ta' riċerka mhux għall-profitt imwaqqfa fi Stat Membru, Pajjiż Assoċjat jew Pajjiż kandidat.*** | |
| 5. Membru Fundatur jista' jtemm is-sħubija tiegħu fl-Impriża Konġunta FCH. L-Impriża Konġunta FCH għandha tiġi stralċjata kif previst fl-Artikolu I.22. | 5. Membru Fundatur jista' jtemm is-sħubija tiegħu fl-Impriża Konġunta FCH. L-Impriża Konġunta FCH għandha tiġi stralċjata kif previst fl-Artikolu I.22. |
| 6. Il-Grupp tar-Riċerka jista' jtemm is-sħubija tiegħu fl-Impriża Konġunta FCH. It-terminazzjoni għandha ssir effettiva u irrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lill-Membri Fundaturi u wara dan il-Membru li jkun se jtemm is-sħubija jinħeles mill-obbligi kollha għajr dawk approvati mill-Impriża Konġunta FCH qabel it-terminazzjoni tas-sħubija. | 6. Il-Grupp tar-Riċerka jista' jtemm is-sħubija tiegħu fl-Impriża Konġunta FCH. It-terminazzjoni għandha ssir effettiva u irrevokabbli sitt xhur wara n-notifika lill-Membri Fundaturi u wara *li* dan il-Membru li jkun se jtemm is-sħubija jinħeles mill-obbligi kollha għajr dawk approvati mill-Impriża Konġunta FCH qabel it-terminazzjoni tas-sħubija. |

**Emenda 31**

**Anness — Artikolu I.4**

| | |
|---|---|
| Il-korpi ***eżekuttivi*** tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu l-Bord tat-Tmexxija ***u l-Uffiċċju tal-Programm. Il-korpi konsultattivi tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu l-Grupp ta' Livell Għoli tal-Istati Membri, l-Assemblea Ġenerali tal-Partijiet Interessati u*** l-Kumitat Xjentifiku. | ***1.*** Il-korpi tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu: |
| | ***(a)*** il-Bord tat-Tmexxija***,*** |
| | ***(b) id-Direttur Eżekuttiv,*** |
| | ***(c)*** il-Kumitat Xjentifiku. |
| | ***2. Meta kwalunkwe ħidma speċifika ma tkunx taqa' fi ħdan il-kompetenza normali ta' kwalunkwe wieħed minn dawn il-korpi, il-Bord Governattiv għandu jkun il-korp kompetenti.*** |
| | ***3. Il-Grupp ta' Livell Għoli ta' Stati Membri u l-Assemblea Ġenerali tal-Partijiet Interessati għandhom ikunu korpi konsultattivi esterni għall-Impriża Konġunta FCH.*** |

**Emenda 32**

**Anness — Artikolu I.5 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni, fil-każ li jiġi mwaqqaf Grupp tar-Riċerka, għandha tittrasferixxi siġġu wieħed ***lir-rappreżentant*** tiegħu. | 2. Il-Kummissjoni, fil-każ li jiġi mwaqqaf Grupp tar-Riċerka, għandha tittrasferixxi ***mill-inqas*** siġġu wieħed ***lir-rappreżentant(i)*** tiegħu. |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 33**

**Anness — Artikolu I.5 — paragrafu 4**

| | |
| --- | --- |
| 4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu ***jeleġġi*** lill-president tiegħu. Il-president għandu jkun ***elett għal sentejn***. | 4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu ***jaħtar*** lill-president tiegħu ***minn fost ir-rappreżentanti tal-Grupp Industrijali***. Il-president ***għandu jinħatar għal sena u jista' jerġa jinħatar darba. Ir-rappreżentant tal-SMEs u r-rappreżentant tal-Grupp tar-Riċerka għandhom jinħatru bħala viċi-presidenti.*** |

**Emenda 34 — Proposta għal regolament**

**Anness — Artikolu I.5 — paragrafu 8**

| | |
| --- | --- |
| 8. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden osservaturi fuq konsiderazzjoni każ b'każ, mingħajr dritt tal-vot, biex jattendu l-laqgħat tiegħu, b'mod partikolari rappreżentanti tar-reġjuni u tal-korpi regolatorji. | 8. Il-Bord *Governattiv* jista' jistieden osservaturi *fuq il-bażi ta' kull każ għalih, u* mingħajr dritt tal-vot, biex jattendu l-laqgħat tiegħu, b'mod *partikulari lil* rappreżentanti tar-reġjuni u tal-korpi regolatorji ***u lil assoċjazzjonijiet rilevanti tal-industrija settorjali taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu***. |

**Emenda 35**

**Anness — Artikolu I.5 — paragrafu 15 — inċiż 4a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | — ***japprova s-sejħiet għal proposti;*** |

**Emenda 36**

**Anness — Artikolu I.5 — paragrafu 15 — inċiż 6**

| | |
| --- | --- |
| — ***jiġġustifika u*** japprova ***kwalunkwe devjazzjoni mir-Regolament Finanzjarju*** tal-Impriża Konġunta FCH f'konformità mal-Artikolu 8; | — japprova ***r-regoli finanzjarji*** tal-Impriża Konġunta FCH f'konformità mal-Artikolu 8 ***wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni***; |

**Emenda 37**

**Anness — Artikolu I.5 — paragrafu 15 — inċiż 6a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | — ***jiġġustifika kwalunkwe xewqa ta' deroga mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, japprova kwalunkwe deroga wara kunsens minn qabel tal-Kummissjoni u jinforma lill-awtorità baġitarja dwar kwalunkwe deroga li tiġi approvata***; |

**Emenda 38**

**Anness — Artikolu I.6 — paragrafu 6**

| | |
| --- | --- |
| 6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Impriża Konġunta FCH. Huwa/hija għandu jwettaq il-ħidmiet tiegħu/tagħha b'mod indipendenti, u għandu jwieġeb lill-Bord tat-Tmexxija. | 6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Impriża Konġunta FCH. Huwa/hija għandu/*għandha* jwettaq/*twettaq* il-ħidmiet tiegħu/tagħha b'mod indipendenti, ***speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tal-proposti tal-proġetti u mal-ġestjoni tal-proġetti,*** u għandu/*għandha* jwieġeb/*twieġeb* lill-Bord tat-Tmexxija. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 39**

**Anness — Artikolu I.6 — paragrafu 8**

| | |
|---|---|
| 8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija***, minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni,*** għal perjodu ***inizjali massimu*** ta' tliet snin. Wara evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi l-mandat tal-kariga darba waħda għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn erba' snin. | 8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord *Governattiv* għal perjodu ta' tliet snin***, wara li tkun ġiet ippubblikata sejħa għal espressjoni ta' interess fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u f'perjodiċi oħra jew f'siti tal-Internet aċċessibbli għall-pubbliku***. Wara evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord *Governattiv* jista' jestendi l-mandat tal-kariga darba waħda għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn erba' snin***, u wara dan il-perjodu għandha tiġi ppublikata sejħa għal espressjoni ta' interess bl-istess mod***. |

**Emenda 40**

**Anness — Artikolu I.7 — paragrafu 4**

| | |
|---|---|
| Il-Kumitat Xjentifiku għandu ***jwettaq*** il-ħidmiet li ġejjin:<br>— ***jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ir-relevanza u l-progress tal-attivitajiet annwali tal-RTD&D u jirrakkomanda emendi***;<br>— jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ***il-prijoritajiet*** xjentifiċi ***għall-pjan multi-annwali ta' attivitajiet tal-RTD&D***;<br>— javża ***lill-Bord tat-Tmexxija dwar il-kisbiet xjentifiċi deskritti fir-rapport tal-attività annwali***. | Il-Kumitat Xjentifiku għandu ***jkollu*** l-ħidmiet li ġejjin:<br>***a) jistabilixxi l-prijoritajiet xjentifiċi għall-proposti għall-pjanijiet annwali u plurijennali tal-attivitajiet tar-riċerka***;<br>***b)*** jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ***il-kisbiet*** xjentifiċi ***deskritti fir-rapport ta' attività annwali***;<br>*c) jagħti l-parir tiegħu****dwar il-kompożizzjoni tal-kumitati inter pares***. |

**Emenda 41**

**Anness — Artikolu I.8 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. ***Il-kontribuzzjoni totali mill-Komunità lill-Impriża Konġunta FCH li tkopri l-ispejjeż ordinarji u l-ispejjeż operattivi għall-attivitajiet tal-RTD&D m'għandhiex taqbeż 470 miljun EUR mis-Seba' Programm Kwadru. L-ispejjeż ordinarji m'humiex mistennija li jeċċedu l-20 miljun EUR.*** | 1. ***L-Impriża Konġunta FCH għandha tiġi ffinanzjata b'mod konġunt mill-Membri tagħha permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa f'pagamenti regolari jew permezz ta' kontribuzzjonijiet in natura minn entitajiet legali li jkunu qed jipparteċipaw fl-attivitajiet. L-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu koperti b'mod ugwali bi flus kontanti mill-Komunità Ewropea u mill-Grupp Industrijali sa mill-bidu nett. Hekk kif il-Grupp ta' Riċerka jsir membru tal-Impriża Konġunta FCH, huwa għandu jikkontribwixxi għal 1/20 tal-ispejjeż ordinarji u l-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-ispejjeż ordinarji għandha tonqos b'mod korrispondenti. Il-kontribuzzjoni totali mill-Komunità għall-ispejjeż ordinarji tal-Impriża Konġunta FCH m'għandhiex taqbeż EUR 20 miljun. Jekk kwalunkwe parti mill-kontribuzzjoni tal-Komunità tibqa' mhux użata, din għandha ssir disponibbli għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta FCH.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

## Emenda 42
## Anness — Artikolu I.8 — paragrafu 7

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 7. Is-settur privat, b'mod partikolari l-membri tal-Grupp Industrijali, għandhom jikkontribwixxu f'oġġetti għall-ispejjeż operazzjonali tal-proġetti. Il-kontribuzzjonijiet f'oġġetti għandhom mill-inqas jammontaw daqs il-finanzjament pubbliku. Il-livell totali tal-kontribuzzjonijiet f'oġġetti, ikkalkulat fuq bażi annwali, għandu *jiġu* vvalutat darba fis-sena. L-ewwel valutazzjoni għandha tinbeda fl-aħħar tat-tieni sena finanzjarja wara l-bidu tal-Impriża Konġunta FCH. Il-valutazzjoni għandha mbagħad tibda ssir kull sena finanzjarja minn entità indipendenti. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni fi żmien 4 xhur mit-tmien ta' kull sena finanzjarja. | 7. Is-settur privat, b'mod partikolari l-membri tal-Grupp Industrijali, għandhom jikkontribwixxu f'oġġetti għall-ispejjeż operazzjonali tal-proġetti. Il-kontribuzzjonijiet f'oġġetti għandhom mill-inqas jammontaw daqs il-finanzjament pubbliku. ***Fil-każ li ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni jipparteċipa fil-proġetti, il-kontribuzzjoni tiegħu f'oġġetti ma tkunx meqjusa bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-Komunità.*** Il-livell totali tal-kontribuzzjonijiet f'oġġetti, ikkalkulat fuq bażi annwali, għandu *jiġi* vvalutat darba fis-sena. L-ewwel valutazzjoni għandha tinbeda fl-aħħar tat-tieni sena finanzjarja wara l-bidu tal-Impriża Konġunta FCH. Il-valutazzjoni għandha mbagħad tibda ssir kull snea finanzjarja minn entità indipendenti. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni fi żmien 4 xhur mit-tmien ta' kull sena finanzjarja. |

## Emenda 43
## Anness — Artikolu I.9 — paragrafu 3

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. L-entitajiet ġuridiċi li jixtiequ jipparteċipaw fi proġett għandhom jiffurmaw konsorzju u jaħtru wieħed mill-membri tagħhom biex jagħmilha tal-koordinatur tiegħu. ***Normalment il-koordinatur għandu jkun membru tal-Grupp Industrijali, jew membru tal-Grupp tar-Riċerka, jekk ikun twaqqaf tali Grupp tar-Riċerka. Eċċezzjonijiet għandhom jiġi approvati mill-Bord tat-Tmexxija.*** | 3. L-entitajiet ġuridiċi li jixtiequ jipparteċipaw fi proġett għandhom jiffurmaw konsorzju u jaħtru wieħed mill-membri tagħhom biex jagħmilha tal-koordinatur tiegħu. |

## Emenda 44
## Anness — Artikolu I.9 a (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *Artikolu I.9 a*<br><br>*Implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' RTD*<br><br>***1. L-Impriża Konġunta FCH għandha tappoġġja l-attivitajiet ta' RTD wara sejħiet miftuħa u kompetittivi għal proposti, evalwazzjoni indipendenti, u l-konklużjoni ta' kull proġett ta' Ftehim ta' Għotja u Ftehim ta' Konsorzju.***<br><br>***2. F'każijiet eċċezzjonali l-Impriża Konġunta FCH tista' toħroġ sejħiet għall-offerti, jekk dan jitqies xieraq għas-segwitu effettiv tal-objettivi tar-riċerka.***<br><br>***3. L-Impriża Konġunta FCH għandha tiddefinixxi l-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni, is-superviżjoni u l-kontroll tal-Ftehim ta' Għotja.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4. Il-Ftehim ta' Għotja għandu:*** |
| | ***— jipprovdi għall-arranġamenti xierqa biex jitwettqu l-attivitajiet ta' RTD;*** |
| | ***— jipprovdi għall-arranġamenti finanzjarji xierqa u għar-regoli relatati mad-drittijiet tal-propjetà intellettwali kif imsemmi fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament;*** |
| | ***— jirregola r-relazzjoni bejn il-konsorzju tal-proġett u l-Impriża Konġunta FCH.*** |
| | ***5. Il-ftehim ta' Konsorzju għandu jiġi konkluż mill-parteċipanti tal-proġett qabel il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Għotja. Huwa għandu:*** |
| | ***— jipprovdi għall-arranġamenti xierqa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Għotja;*** |
| | ***— jirregola r-relazzjoni bejn il-parteċipanti fi proġett, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-propjetà intellettwali.*** |

**Emenda 45**

**Anness — Artikolu I.10**

| | |
|---|---|
| *Eliġibbiltà għall-finanzjament* | *Finanzjament ta' attivitajiet* |
| 1. ***Il-kontribuzzjoni Komunitarja lill-Impriża Konġunta FCH għandha tintuża għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-RTD&D wara sejħiet kompetittivi għal proposti.*** | 1. ***Dawn l-entitajiet li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament:*** |
| | ***a) Entitajiet legali stabbiliti fi Stat Membru jew f'pajjiż Assoċjat;*** |
| | ***b) Organizzazzjonijiet internazzjonali, li għandhom personalità ġuridika skond il-liġi pubblika internazzjonali, u kif ukoll kwalunkwe aġenzija speċjalizzata mwaqqfa minn tali organizzazzjonijiet;*** |
| | ***c) Entitajiet ġuridiċi minn pajjiżi terzi, sakemm il-Bord tat-Tmexxija jqis il-parteċipazzjoni tagħhom bħala ta' benefiċċju partikulari għall-proġett.*** |
| 2. ***F'każijiet eċċezzjonali l-Impriża Konġunta FCH tista' toħroġ sejħiet għall-offerti, jekk dan jitqies xieraq għas-segwitu effettiv tal-għanijiet tar-riċerka.*** | 2. ***Sabiex jitqiesu bħala eliġibbli għal finanzjament Komunitarju, l-ispejjeż li jsiru fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' RTD m'għandhomx jinkludu t-taxxa fuq il-valur miżjud.*** |
| 3. L-entitajiet ġuridiċi privati li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal tali finanzjament: | 3. ***Il-limiti massimi ta' ffinanzjar tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal proġetti għandhom jiġu ffissati b'mod li jkunu konformi ma' dawk stipulati permezz tar-regoli għall-parteċipazzjoni fis-Seba' Programm ta' Qafas. Meta jkun hemm bżonn ta' livelli aktar baxxi ta' ffinanzjar sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipji msemmija fl-Artikolu I.8, it-tnaqqis għandu jkun ġust u proporzjonat għal-limiti massimi ta' ffinanzjar imsemmija hawn fuq tar-regoli għall-parteċipazzjoni fis-Seba' Programm ta' Qafas għall-kategoriji kollha ta' parteċipanti f'kull proġett individwali.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) huma jkunu mwaqqfa fi Stat Membru jew ikollhom l-uffiċċju rreġistrat, il-post ċentrali jew prinċipali tan-negozju tagħhom fi stat li huwa parti kontraenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew li jkun Pajjiż Assoċjat jew Kandidat; | |
| (b) huma jkollhom attivitajiet rilevanti fl-RTD&D, l-industrijalizzazzjoni jew l-iskjerament għaċ-ċelloli tal-fjuwil u/jew l-idroġenu u/jew pjanijiet konkreti biex jagħmlu dan fil-futur qrib fl-Unjoni Ewropea jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea. | |
| ***4. Dawn li ġejjin ukoll huma eliġibbli għall-finanzjament:*** | |
| ***(a) korpi pubbliċi mhux għall-profitt imwaqqfa fi Stat Membru, Pajjiż Assoċjat, Pajjiż Kandidat jew fiż-ŻEE, inklużi stabbiliment ta' edukazzjoni sekondarja jew ogħla;*** | |
| ***(b) organizzazzjonijiet internazzjonali, li għandhom personalità ġuridika taħt il-liġi pubblika internazzjonali, kif ukoll kull aġenzija speċjalizzata mwaqqfa minn tali organizzazzjonijiet intergovernattivi;*** | |
| ***(c) entitajiet ġuridiċi minn pajjiżi terzi, sakemm il-Bord tat-Tmexxija jqis il-parteċipazzjoni tagħhom bħala ta' benefiċċju partikolari għall-proġett.*** | |

**Emenda 46**

**Anness — Artikolu I.11 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. ***Id-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-Impriża*** Konġunta FCH ***għandhom jissejsu fuq il-prinċipji tar-Regolament Nru 1605/2002. Hi tista' titbiegħed mir-Regolament Nru 1605/2002 fejn*** ħtiġijiet speċifiċi ***tal-Impriża Konġunta FCH*** jitolbu dan***, suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni***. | 1. ***Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Impriża*** Konġunta FCH ***ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002, sakemm il-ħtiġijiet*** operattivi speċifiċi ***tagħha ma jkunux*** jitolbu dan. ***Għandu jkun meħtieġ il-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' kwalunkwe regola li tvarja mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. L-awtorità baġitarja għandha tkun infurmata dwar dawn id-derogi.*** |

**Emenda 47**

**Anness — Artikolu I.14 — paragrafu 5**

| | |
|---|---|
| 5. Fi żmien xahrejn mit-tmiem ta' kull sena finanzjarja r-rendikont finanzjarju proviżorju tal-Impriża Konġunta għandu *jiġu* ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej ("il-Qorti tal-Awdituri"). Il-Qorti tal-Awdituri għandha, sal-15 ta' Ġunju wara tmiem kull sena finanzjarja, tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji tal-Impriża Komuni. Il-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja għandhom jintbagħtu s-sena ta' wara lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni skond l-iskadenzi ffissati mir-Regolament | 5. Fi żmien xahrejn mit-tmiem ta' kull sena finanzjarja r-rendikont finanzjarju proviżorju tal-Impriża Konġunta għandu *jiġi* ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej ("il-Qorti tal-Awdituri"). Il-Qorti tal-Awdituri għandha, sal-15 ta' Ġunju wara *t-tmiem ta'* kull sena finanzjarja, tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji tal-Impriża *Konġunta*. Il-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja għandhom jintbagħtu s-sena ta' wara lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni skond l-iskadenzi ffissati mir-Regolament |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Finanzjarju ta' Qafas sabiex l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni ikun jista' jikkonsolida dawn fil-kontijiet annwali tal-UE. Ir-rendikont finanzjarju annwali tal-Impriża Konġunta għandu jitħejja u jiġi *awditjat* skond ir-Regoli tal-Kontabbiltà tal-KE kif adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni. | Finanzjarju ta' Qafas sabiex l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni ikun jista' jikkonsolida dawn fil-kontijiet annwali tal-UE. ***Il-kontijiet annwali u l-karti tal-bilanċ għas-sena preċedenti għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità baġitarja.*** Ir-rendikont finanzjarju annwali tal-Impriża Konġunta għandu jitħejja u jiġi *vverifikat* skond ir-Regoli tal-Kontabbiltà tal-KE kif adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni. |

**Emenda 48**

**Anness — Artikolu I.14 — paragrafu 6**

| | |
|---|---|
| 6. *L-approvazzjoni* għall-implimentazzjoni tal-baġit għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, ***fuq*** rakkomandazzjoni ***tal-Kunsill***, f'konformità ***mal-proċedura kif*** prevista ***mir-Regolament Finanzjarju*** tal-Impriża Konġunta FCH. | 6. *Il-kwittanza* għall-implimentazzjoni tal-baġit ***tal-Impriża Komuni FCH*** għandha tingħata mill-Parlament Ewropew, ***fil-waqt li jittieħed kont tar***-rakkomandazzjoni ***mill-Kunsill***, f'konformità ***ma' proċedura li għandha tiġi*** prevista ***mir-regoli finanzjarji*** tal-Impriża Konġunta FCH. |

**Emenda 49**

**Anness — Artikolu I.16 — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Ir-riżorsi umani għandhom jiġu ddeterminati fil-pjan tal-persunal li għandu jitfassal fil-baġit annwali. | 1. Ir-riżorsi *ta' persunal* għandhom jiġu ddeterminati fil-pjan tal-persunal li għandu jitfassal fil-baġit annwali ***u li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien mal-abbozz preliminari tal-baġit tal-Unjoni Ewropea***. |

**Emenda 50**

**Anness — Artikolu I.16 — paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| ***2. Il-membri tal-persunal tal-Impriża Konġunta FCH għandhom ikunu aġenti temporanji u aġenti kkuntrattati u għandu jkollhom kuntratti b'terminu definit, li jistgħu jiġu estiżi darba waħda sa perjodu massimu totali ta' seba' snin.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 51**

**Anness — Artikolu I.19**

| | |
|---|---|
| ***Ftehim ta' għotja u ftehim ta' konsorzju*** | ***imħassar*** |
| ***1. L-Impriża Konġunta FCH għandha tappoġġja l-attivitajiet tal-RTD&D wara sejħiet kompetittivi għal proposti, evalwazzjoni indipendenti, u l-konklużjoni ta' kull proġett ta' Ftehim ta' Għotja u Ftehim ta' Konsorzju.*** | |
| ***2. L-Impriża Konġunta FCH għandha tiddefinixxi l-proċeduri u l-mekkaniżmi għall-implimentazzjoni, is-superviżjoni u l-kontroll tal-Ftehim ta' Għotja.*** | |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. *Il-Ftehim ta' Ghotja għandu:*<br>— *jipprovdi għall-arranġamenti xierqa għat-twettiq tal-attivitajiet tal-RTD&D;*<br>— *jipprovdi għall-arranġamenti finanzjarji xierqa u r-regoli marbuta mad-drittijiet tal-propjetà intellettwali fuq il-bażi tal-prinċipji kif stipulati fl-Artikolu I.24;*<br>— *jirregola r-relazzjoni bejn il-konsorzju tal-proġett u l-Impriża Konġunta FCH.* | |
| 4. *Il-Ftehim ta' Konsorzju għandu:*<br>— *jiġi konkluż mill-parteċipanti fil-proġett qabel il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Għotja;*<br>— *jipprovdi għall-arranġamenti xierqa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Għotja;*<br>— *imexxi r-relazzjoni bejn il-parteċipanti fi proġett, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Propjetà Intellettwali.* | |

## Fond tal-Komunità għat-Tabakk *

P6_TA(2008)0204

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward tat-trasferiment ta' għajnuna tat-tabakk lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk għas-snin 2008 u 2009 u r-Regolament (KE) (Nru) 1234/2007 fir-rigward ta' finanzjament tal-Fond tal-Komunità għat-Tabakk (COM(2008)0051 — C6-0062/2008 — 2008/0020(CNS))**

(2009/C 279 E/30)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0051),

— wara li kkunsidra t-tielet inċiż tal-Artikolu 37(2) tat-Trattat KE, li b'konformità miegħu huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0062/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat tal-Baġit (A6-0164/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jikkunsidra li kwalunkwe ammont imbassar għandu jkun kompatibbli mal-limitu tal-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju plurijennali (MFF) 2007-2013, u juri li l-ammont annwali se jiġi deċiż fil-proċedura baġitarja annwali u se jiġi evalwat f'kuntest plurijennali;

3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

4. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Titolu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward tat-trasferiment ta' għajnuna tat-tabakk lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk ***għas-snin 2008 u 2009*** u r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward ta' finanzjament tal-Fond tal-Komunità għat-Tabakk | Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward tat-trasferiment ta' għajnuna tat-tabakk lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk ***għall-perjodu 2009-2012*** u r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward ta' finanzjament tal-Fond tal-Komunità għat-Tabakk |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 1**

| | |
|---|---|
| Skond l-Artikolu 110j tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda ċerti Regolamenti għajnuna għat-tabakk tingħata lill-produttiri ta' tabakk mhux irfinat ***għas-snin ta' ħsad tal-2006 sa l-2009***. | (1) Skond l-Artikolu 110j tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda ċerti Regolamenti għajnuna għat-tabakk tingħata lill-produttiri ta' tabakk mhux irfinat ***sas-sena ta' ħsad 2012.*** |

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 1a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(1a) Wara li kkunsidra l-bosta riformi li saru mill-2004, b'mod partikulari fil-qasam tal-frott u tal-ħaxix, jaqbel li l-produtturi tat-tabakk mhux irfinat ma jitpoġġewx f'sitwazzjoni diskriminatorja meta mqabbla ma' bdiewa oħra Ewropej.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 4**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Premessa 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (3) L-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk taw prova li huma ta' suċċess kbir kif ukoll li huma eżempju pożittiv ta' *koooperazzjoni* bejn politiki agrikoli u tas-saħħa. Sabiex jiġi żgurat li dawk l-azzjonijiet ikomplu filwaqt li nqisu li l-Fond kien dejjem iffinanzjat permezz ta' trasferiment mill-għajnuna għat-tabakk, huwa xieraq li nittrasferixxu ammont ugwali ***għal 5 %*** tal-għajnuna għat-tabakk mogħtija għas-snin kalendarji ***2008 u 2009*** lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk. | (3) L-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk taw prova li huma ta' suċċess kbir kif ukoll li huma eżempju pożittiv ta' *koperazzjoni* bejn politiki agrikoli u tas-saħħa. Sabiex jiġi żgurat li dawk l-azzjonijiet ikomplu filwaqt li nqisu li l-Fond kien dejjem iffinanzjat permezz ta' trasferiment mill-għajnuna għat-tabakk, huwa xieraq li nittrasferixxu ammont ugwali ***għal 6 %*** tal-għajnuna għat-tabakk mogħtija għas-snin kalendarji ***mill-2009 sa l-2012*** lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk. |

**Emenda 5**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt -1 (ġdid)**
Regolament (KE) nru 1782/2003
Artikolu 110 j

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jiġi emendat kif ġej:*** |
| | ***-1) L-Artikolu 110 j għandu jiġi sostiwit b'dan li ġej:*** |
| | **Artikolu 110 j** |
| | **Kamp ta' applikazzjoni** |
| | **Għas-snin ta' ħsad*sa l-2012*, tista' tingħata għajnuna lill-bdiewa li jipproduċu t-tabakk mhux irfinat tal-kodiċi NC 2401, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-kapitolu.** |

**Emenda 6**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt -1a (ġdid)**
Regolament (KE) nru 1782/2003
Artikolu 110 l tabella

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***-1a) Fl-Artikolu 11 l, it-tabella għandha tiġi sostitwita bit-tabella li ġejja:*** |

**(f'miljun EUR)**

| | ***2009-2012*** |
|---|---|
| **Ġermanja** | ***p.m.*** |
| **Spanja** | ***p.m.*** |
| **Franza** | ***p.m.*** |
| **L-Italja (minbarra l-Puglia)** | ***p.m.*** |
| **Portugal** | ***p.m.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 7**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1**
Regolament (KE) nru 1782/2003
Artikolu 110m

| | |
|---|---|
| L-Artikolu 110m ***tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003*** jinbidel b'dan li ġej: | ***-1b)*** L-artikolu 110 m jinbidel b'dan li ġej: |
| Artikolu 110m | Trasferiment lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk |
| Artikolu 110m | Trasferiment lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk |
| Ammont ugwali għal 4 % għas-sena kalendarja 2006 ***u*** għal 5 % ***għas-snin kalendarji 2007, 2008 u 2009*** tal-għajnuna mogħtija skond dan il-Kapitolu għandu jiffinanzja azzjonijiet informattivi taħt il-Fond tal-Komunità għat-Tabakk pprovdut fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92. | Ammont ugwali għal 4 % għas-sena kalendarja 2006***,*** għal 5 % ***għas-sena kalendarja 2007 u għal 6 % għas-snin kalendarji mill-2009 sa l-2012*** tal-għajnuna mogħtija skond dan il-Kapitolu għandu jiffinanzja azzjonijiet informattivi taħt il-Fond tal-Komunità għat-Tabakk pprovdut fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2075/92. |

**Emenda 8**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt -1c (ġdid)**
Regolament (KE) nru 1782/2003
Artikolu 143 e

| | |
|---|---|
| | ***-1c) L-Artikolu 143 e huwa mħassar.*** |

**Emenda 9**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 1 — punt -1d (ġdid)**
Regolament (KE) nru 1782/2003
Anness VII — punt I — inċiż 2

| | |
|---|---|
| | ***-1d) L-Anness VII, punt I, inċiż 2 huwa mħassar.*** |

**Emenda 10**
**Proposta għal regolament — att li jemenda**
**Artikolu 2**
Regolament (CE) nru 1234/2007
Artikolu 104 — paragrafu 2 — punt b

| | |
|---|---|
| b) għas-snin kalendarji ***2006 sa 2009***, skond l-Artikolu 110m tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. | b) għas-snin kalendarji ***2006 u 2007 u mill- 2009 sa l-2012***, skond l-Artikolu 110 m tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

## L-istatistika dwar laħam u bhejjem ***I

P6_TA(2008)0206

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-istatistika dwar laħam u bhejjem (COM(2007)0129 — C6-0099/2007 — 2007/0051(COD))**

(2009/C 279 E/31)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0129),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u 285(1), skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0099/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport ta' Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0130/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**P6_TC1-COD(2007)0051**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-istatistika dwar laħam u bhejjem u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 93/23/KEE, 93/24/KEE u 93/25/KEE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru ...)*

It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008

# Il-linji-gwida għall-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri *

P6_TA(2008)0207

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji-gwida għall-linji ta' politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2007)0803 PARTI V — C6-0031/2008 — 2007/0300(CNS))**

(2009/C 279 E/32)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0803, PARTI V),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 128(2) tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0031/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitati għall-Impjiegi u l-Affarijiet soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0172/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 1**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 2**

| | |
| --- | --- |
| (2) L-eżami tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-Istati Membri fir-Rapport Annwali ta' Progress tal-Kummissjoni u fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi turi li l-Istati Membri għandhom ikomplu jagħmlu kull sforz biex jindirizzaw l-oqsma ta' prijorità li huma | (2) L-eżami tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-Istati Membri fir-Rapport Annwali ta' Progress tal-Kummissjoni u fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi turi li l-Istati Membri għandhom ikomplu jagħmlu kull sforz biex ***jintlaħaq il-livell massimu ta' impjiegi, biex jissaħħu l-kwalità tax-xogħol u l-opportunitajiet indaqs, biex tinġieb il-koeżjoni soċjali u*** biex jiġu indirizzati l-oqsma ta' prijorità li huma: |
| — l-attirar u ż-żamma ta' aktar nies f'impjieg, żieda fl-għadd ta' ħaddiema u l-immodernizzar tas-sistemi ta' ħarsien soċjali, | — ***il-ħolqien ta' aktar xogħlijiet u ta' xogħlijiet ta' kwalità,*** l-attirar u ż-żamma ta' aktar nies f'impjieg ***ta' kwalità***, żieda fl-għadd ta' ħaddiema u l-immodernizzar tas-sistemi ta' ħarsien soċjali ***u l-iżgurar ta' swieq tax-xogħol inklussivi,*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — it-titjib tal-adattabilità tal-ħaddiema u tal-intrapriżi, u | — it-titjib tal-adattabilità ***u s-sigurtà*** tal-ħaddiema u tal-intrapriżi ***sabiex jiġi promoss suq tax-xogħol flessibbli***, u ***tiġi promossa l-impjegabilità tal-ħaddiema permezz ta' tagħlim tul il-ħajja u l-akkreditar tal-kapaċitajiet miksuba,*** |
| — iż-żieda fl-investiment fil-kapital uman permezz ta' titjib fl-edukazzjoni u l-ħiliet. | — iż-żieda fl-investiment fil-kapital uman permezz ta' titjib fl-edukazzjoni u l-ħiliet ***u l-espansjoni tal-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja, u*** |
| | — ***il-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol Ewropew.*** |

**Emenda 2**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3**

| | |
|---|---|
| (3) Fid-dawl kemm tal-eżami mill-Kummissjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-punt fokali għandu jkun fuq implimentazzjoni effettiva u f'waqtha, fejn għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-miri kwantitattivi, ***u*** f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. | (3) Fid-dawl kemm tal-eżami mill-Kummissjoni tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-punt fokali għandu jkun fuq ***it-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-***implimentazzjoni effettiva u f'waqtha ***tagħhom***, fejn għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-miri *u l-livelli ta' referenza****kwalitattivi u*** kwantitattivi f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. |

**Emenda 3**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| | |
|---|---|
| (5) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-*Linji ta' Gwida ta' Impjiegi* meta jkunu qed jimplimentaw finanzjament mill-Komunità pprogrammat, b'mod partikolari tal-Fond Soċjali Ewropew. | (5) L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-*Linji Gwida dwar l-Impjiegi* meta jkunu qed jimplimentaw finanzjament mill-Komunità pprogrammat, b'mod partikolari tal-Fond Soċjali Ewropew, ***tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Ewropew għall-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni***. |

**Emenda 4**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| | |
|---|---|
| (6) Minħabba n-natura integrata tal-pakkett tal-linji gwida, l-Istati Membri għandhom ***jimplimentaw*** b'mod sħiħ *ibl*-Linji Gwida għall-Politika Ekonomika Wiesgħa. | (6) Minħabba n-natura integrata tal-pakkett tal-linji gwida, l-Istati Membri għandhom ***jikkunsidraw*** b'mod sħiħ ***il-linji gwida dwar l-impjiegi meta jkunu qed jiġu implimentati*** l-Linji Gwida għall-Politika Ekonomika Wiesgħa. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 5**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***1. Meta jimplimentaw il-linji gwida stabbiliti fl-Anness, l-Istati Membri għandhom:*** |
| | ***— iqisu l-ħtiġiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' ħarsien soċjali xieraq, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, u*** |
| | ***— jimmiraw li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni minħabba s-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw interazzjoni msaħħa bejn il-linji gwida u l-metodu miftuħ tal-kordinazzjoni fir-rigward tal-Proċess għall-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali.*** |
| | ***3. L-Istati Membri, b'koperazzjoni mal-imsieħba soċjali u bi qbil mat-tradizzjoni nazzjonali ta' kull Stat Membru, għandhom jeżaminaw u jirrapurtaw fil-Pjani Nazzjonali ta' Riforma tagħhom dwar kif jistgħu jittejbu l-konformità ma' u l-implimentazzjoni tal-prinċipji u r-regoli tal-leġiżlazzjoni soċjali Ewropea, il-ftehimiet bejn l-imsieħba soċjali u l-prinċipji fundamentali ta' trattament ugwali u ta' non diskriminazzjoni.*** |

**Emenda 6**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — parti introduttorja — paragrafu — 1 (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi jiffurmaw parti mil-Linji Gwida Integrati għall-2008-2010 li huma bbażati fuq tliet pilastri: politiki makroekonomiċi, riformi mikroekonomiċi u politiki dwar l-impjiegi. Dawk il-pilastri, flimkien jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi ta' espansjoni u żvilupp sostenibbli u biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali.*** |

**Emenda 7**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — parti introduttorja — paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| L-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali, *għandhom iwettqu* l-linji ta' politika tagħhom bil-għan li jimplimentaw l-għanijiet u l-prijoritajiet għall-azzjoni li qed tiġi speċifikata aktar 'l isfel sabiex iktar impjiegi u impjiegi ta' kwalità aħjar jappoġġjaw suq tax-xogħol inklussiv. Waqt li jirriflettu l-istrateġija ta' Liżbona u jqisu l-għanijiet soċjali komuni, b'mod ibbilanċjat il-linji ta' politika tal-Istati Membri *għandha irawwmu*: | L-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali ***u l-partijiet interessati l-oħra u waqt li jiġu rispettati t-tradizzjonijiet nazzjonali***, *se jwettqu* l-linji ta' politika tagħhom bil-għan li jimplimentaw l-għanijiet u l-prijoritajiet għall-azzjoni li qed tiġi speċifikata aktar 'l isfel sabiex iktar impjiegi u impjiegi ta' kwalità aħjar ***u popolazzjoni li taħdem li tkun imħarrġa aħjar u tkun aktar speċjalizzata*** jappoġġjaw suq tax-xogħol inklussiv. Waqt li jirriflettu l-istrateġija ta' Liżbona u jqisu l-għanijiet soċjali komuni, b'mod ibbilanċjat il-linji ta' politika tal-Istati Membri *se jrawmu*: |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

## Emenda 8
## Proposta għal deċiżjoni
## Anness — parti introduttorja — paragrafu 1 — inċiż 1

| | |
| --- | --- |
| — Livell massimu ta' impjiegi: Il-kisba ta' livell massimu ta' impjiegi, u t-tnaqqis tal-qgħad u tal-inattività, billi tiżdied id-domanda għax-xogħol u l-provvista tiegħu permezz ta' approċċ integrat ta' flessigurtà huma vitali sabiex jiġi sostnut it-tkabbir ekonomiku u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali. Dan jeħtieġ linji ta' politika li fl-istess ħin jindirizzaw il-flessibilità tas-swieq tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol u r-relazzjonijiet mad-dinja tax-xogħol, u s-sigurtà tal-impjieg u s-sigurtà soċjali; | — Livell massimu ta' impjiegi: Il-kisba ta' livell massimu ta' impjiegi, u t-tnaqqis tal-qgħad u tal-inattività, billi tiżdied id-domanda għax-xogħol u l-provvista tiegħu permezz ta' approċċ integrat ta' flessigurtà huma vitali sabiex jiġi sostnut it-tkabbir ekonomiku u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali. Dan jeħtieġ linji ta' politika li fl-istess ħin jindirizzaw il-flessibilità tas-swieq tax-xogħol, l-organizzazzjoni tax-xogħol u r-relazzjonijiet mad-dinja tax-xogħol, ***ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja,*** u s-sigurtà tal-impjieg u s-sigurtà soċjali; |

## Emenda 9
## Proposta għal deċiżjoni
## Anness — parti introduttorja — paragrafu 1 — inċiż 2

| | |
| --- | --- |
| — It-titjib fil-kwalità u fil-produttività fuq ix-xogħol: L-isforzi biex jitkabbru r-rati tal-impjiegi jimxu id f'id mat-titjib tal-attrazzjoni tal-impjiegi, tal-kwalità fuq ix-xogħol, mat-tkabbir tal-produttività tax-xogħol, mat-tnaqqis tas-segmentazzjoni u tal-proporzjon tal-ħaddiema foqra. Is-sinerġiji bejn il-kwalità fuq ix-xogħol, il-produttività u l-impjiegi għandhom ikunu esplojtjati b'mod sħiħ; | — It-titjib fil-kwalità u fil-produttività fuq ix-xogħol: L-isforzi biex jitkabbru r-rati tal-impjiegi jimxu id f'id mat-titjib tal-attrazzjoni tal-impjiegi, tal-kwalità fuq ix-xogħol, mat-tkabbir tal-produttività tax-xogħol, mat-tnaqqis tas-segmentazzjoni***, tal-inugwaljanza bejn is-sessi*** u tal-proporzjon tal-ħaddiema foqra. Is-sinerġiji bejn il-kwalità fuq ix-xogħol, il-produttività u l-impjiegi għandhom ikunu esplojtjati b'mod sħiħ; |

## Emenda 10
## Proposta għal deċiżjoni
## Anness — parti introduttorja — paragrafu 2

| | |
| --- | --- |
| L-opportunitajiet indaqs u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni huma essenzjali għall-progress. L-integrazzjoni tas-sessi u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom ikunu żgurati fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu. Barra dan, trid tingħata attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqsu b'mod sinifikanti d-distakki kollha relatati mas-sess fis-suq tax-xogħol skond il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Dan se jgħin lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfida demografika. Bħala parti mill-approċċ interġenerazzjonali l-ġdid, għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni taż-żgħażagħ, bl-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ, u lill-promozzjoni ta' aċċess għall-impjiegi tul il-ħajja kollha tax-xogħol. Trid tingħata attenzjoni partikolari wkoll biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti d-distakki fl-impjiegi għall-persuni żvantaġġjati, inklużi l-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll bħal bejn iċ-ċittadini ta' terzi pajjiżi u ċ-ċittadini tal-UE, skond kwalunkwe mira nazzjonali. | L-opportunitajiet indaqs u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni huma essenzjali għall-progress. L-integrazzjoni tas-sessi u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom ikunu żgurati fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu. Barra dan, trid tingħata attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqsu b'mod sinifikanti d-distakki kollha relatati mas-sess fis-suq tax-xogħol***, b'attenzjoni partikulari fuq l-inugwaljanzi fil-pagi,*** skond il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Dan se jgħin lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfida demografika. Bħala parti mill-approċċ interġenerazzjonali l-ġdid, għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni taż-żgħażagħ, bl-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ, u lill-promozzjoni ta' aċċess għall-impjiegi tul il-ħajja kollha tax-xogħol***, anke għall-ħaddiema aktar xjuħ***. Trid tingħata attenzjoni partikolari wkoll biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti d-distakki fl-impjiegi għall-persuni żvantaġġjati, inklużi l-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll bħal bejn iċ-ċittadini ta' terzi pajjiżi u ċ-ċittadini tal-UE, skond kwalunkwe mira nazzjonali. ***Dan se jgħin lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfida demografika.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 11**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — paragrafu wara l-linja gwida 17 — inċiż 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — tiġbed u żżomm iktar persuni f'impjieg, iżżid il-provvista tax-xogħol u timmodernizza s-sistemi ta' ħarsien soċjali, | — tiġbed u żżomm iktar persuni f'impjieg ***ta' kwalità billi tiġi ffaċilitata r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u tal-ħajja tal-familja***, iżżid il-provvista tax-xogħol ***billi tissaħħaħ l-impjegabilità*** u timmodernizza s-sistemi ta' ħarsien soċjali ***u tiżgura swieq tax-xogħol inklussivi,*** |

**Emenda 12**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — paragrafu wara l-linja gwida 17 — inċiż 1 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | — ***tippromwovi integrazzjoni soċjali attiva għal kulħadd sabiex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali billi jiġi żgurat dħul deċenti u servizzi soċjali ta' kwalità flimkien ma' aċċess għas-suq tal-impjiegi permezz ta' opportunitajiet għar-reklutaġġ u ta' taħriġ vokazzjonali inizjali jew kontinwu.*** |

**Emenda 13**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — paragrafu wara l-linja gwida 17 — inċiż 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — ittejjeb l-addattabilità tal-ħaddiema u tal-intrapriżi, | — ittejjeb l-addattabilità ***u s-sigurtà*** tal-ħaddiema u tal-intrapriżi, |

**Emenda 14**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — paragrafu wara l-linja gwida 17 — inċiż 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| — iżżid l-investiment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ta' ħiliet aħjar | — iżżid l-investiment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ta' ħiliet aħjar ***u tadatta s-sistemi għall-edukazzjoni u t-taħriġ għar-rekwiżiti ġodda ta' kompetenza,*** |

**Emenda 15**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — paragrafu wara l-linja gwida 17 — inċiż 3 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | — ***iżżid u ttejjeb l-investiment fir-riċerka, fix-xjenza u fl-innovazzjoni,*** |

**Emenda 16**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — paragrafu wara l-linja gwida 17 — inċiż 3 b (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | — ***telimina kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq sess fuq il-post tax-xogħol.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

**Emenda 17**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — sezzjoni 1 — titolu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 1. Jattiraw u jzommu aktar nies jaħdmu, iżidu n-nies li lesti jaħdmu u jimmodernizzaw is-sistemi tal-ħarsien soċjali | 1. Jattiraw u jzommu aktar nies jaħdmu ***f'impjieg ta' kwalità***, iżidu n-nies li lesti jaħdmu u jimmodernizzaw is-sistemi tal-ħarsien soċjali ***u jiżguraw swieq tax-xogħol inklussivi*** |

**Emenda 18**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — sezzjoni 1 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| Iż-żieda tal-livelli tal-impjiegi hija l-aktar mezz effettiv biex ikun iġġenerat tkabbir ekonomiku u biex ikunu promossi ekonomiji soċjalment inklussivi, waqt li tkun żgurata xibka ta' sikurezza għal dawk li ma jkunux jistgħu jaħdmu. Il-promozzjoni ta' approċċ tul ċiklu ta' ħajja għax-xogħol u l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' ħarsien soċjali ħalli tkun żgurata l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom kif ukoll il-kapaċità li jirreaġixxu għall-ħtiġiet li qed jinbidlu fis-soċjetà huma lkoll dejjem aktar meħtieġa minħabba n-nuqqas mistenni fil-popolazzjoni ta' dawk li għandhom l-età biex jaħdmu. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex ikunu megħluba d-distakki persistenti fl-impjiegi bejn in-nisa u l-irġiel, biex ikomplu jiżdiedu r-rati tal-impjiegi tal-ħaddiema aktar imdaħħla fiż-żmien u taż-żgħażagħ, bħala parti minn approċċ interġenerazzjonali ġdid, u biex tkun promosa l-inklużjoni attiva ta' dawk li huma l-iktar esklużi mis-suq tax-xogħol. Tinħtieġ ukoll azzjoni intensifikata sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u sabiex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ, li bejn wieħed u ieħor huwa d-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad. | Iż-żieda tal-livelli tal-impjiegi hija l-aktar mezz effettiv biex ikun iġġenerat tkabbir ekonomiku u biex ikunu promossi ekonomiji soċjalment inklussivi, waqt li tkun żgurata xibka ta' sikurezza għal dawk li ma jkunux jistgħu jaħdmu. Il-promozzjoni ta' approċċ tul ċiklu ta' ħajja għax-xogħol u l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' ħarsien soċjali ħalli tkun żgurata l-adegwatezza u s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom kif ukoll il-kapaċità li jirreaġixxu għall-ħtiġiet li qed jinbidlu fis-soċjetà huma lkoll dejjem aktar meħtieġa minħabba n-nuqqas mistenni fil-popolazzjoni ta' dawk li għandhom l-età biex jaħdmu. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex ikunu megħluba d-distakki persistenti fl-impjiegi bejn in-nisa u l-irġiel ***u d-differenzjali fil-pagi bbażati fuq sess***, biex ikomplu jiżdiedu r-rati tal-impjiegi tal-ħaddiema aktar imdaħħla fiż-żmien u taż-żgħażagħ, bħala parti minn approċċ interġenerazzjonali ġdid, u biex tkun promosa l-inklużjoni attiva ta' dawk li huma l-iktar esklużi mis-suq tax-xogħol. Tinħtieġ ukoll azzjoni intensifikata sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ***, b'mod partikulari dawk bla sengħa,*** fis-suq tax-xogħol u sabiex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ, li bejn wieħed u ieħor huwa d-doppju tar-rata ġenerali tal-qgħad. |

**Emenda 19**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — sezzjoni 1 — paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| Għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet it-tajba biex ikun iffaċilitat il-progress fl-impjiegi, kemm jekk din tkun l-ewwel opportunità, tkun ritorn lejn id-dinja tax-xogħol wara waqfa jew jekk ikun hemm ix-xewqa li jittawlu l-ħajjiet tax-xogħol. Il-kwalità tal-impjiegi, inklużi l-paga u l-benefiċċji, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għal tagħlim matul il-ħajja u l-prospetti għal karriera, huma kruċjali għal approċċ ta' flessigurtà, kif inhuma wkoll l-appoġġ u l-inċentivi li ġejjin minn sistemi ta' ħarsien soċjali. Sabiex jiġi nkoraġġit approċ lejn ix-xogħol ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, u sabiex tisseddaq ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja, huma meħtieġa linji ta' politika mixħuta lejn miżuri b'riżq il-kura tat-tfal. Livell *xieraq* komparattiv huwa dak li jiġi żgurat li jkunu koperti mill-anqas 90 % tat-tfal ta' bejn it-tliet snin u l-età tal-iskola obbligatorja, u mill-anqas 33 % tat-tfal ta' taħt it-tliet snin sa l-2010. Iż-żieda fir-rata medja ta' impjieg tal-ġenituri, speċjalment ġenituri waħedhom, tinħtieġ miżuri li jwieżnu l-familji. B'mod partikolari, l-Istati | Għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet it-tajba***, inklużi permezz tal-iżvilupp xieraq tal-kapital uman u l-ambjent tax-xogħol soċjali,*** biex ikun iffaċilitat il-progress fl-impjiegi, kemm jekk din tkun l-ewwel opportunità, tkun ritorn lejn id-dinja tax-xogħol wara waqfa jew jekk ikun hemm ix-xewqa li jittawlu l-ħajjiet tax-xogħol. Il-kwalità tal-impjiegi, inklużi l-paga u l-benefiċċji, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għal tagħlim matul il-ħajja u l-prospetti għal karriera, huma kruċjali għal approċċ ta' flessigurtà, kif inhuma wkoll l-appoġġ u l-inċentivi li ġejjin minn sistemi ta' ħarsien soċjali. Sabiex jiġi nkoraġġit approċ lejn ix-xogħol ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, u sabiex tisseddaq ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja, huma meħtieġa linji ta' politika mixħuta lejn miżuri b'riżq il-kura tat-tfal. Livell komparattiv *utli* huwa dak li jiġi żgurat li jkunu koperti mill-anqas 90 % tat-tfal ta' bejn it-tliet snin u l-età tal-iskola obbligatorja, u mill-anqas 33 % tat-tfal ta' taħt it-tliet snin sa l-2010. Iż-żieda fir-rata medja ta' impjieg tal-ġenituri, speċjalment |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| Membri jridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet speċjali ta' ġenituri waħedhom u dawk ta' familji li għandhom ħafna tfal. Barra minn hekk, sabiex tittawwal il-ħajja tax-xogħol, sa l-2010, l-età medja effettiva tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol għandha tiżdied b'ħames snin fuq il-livell tal-UE (meta mqabbla ma' 59.9 fl-2001). L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri wkoll għall-protezzjoni tas-saħħa, għall-prevenzjoni u għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja bla perikli għas-saħħa, bil-għan li jonqos il-piż tal-mard, li tiżdied il-produttività tax-xogħol, u titwal il-ħajja tax-xogħol | ġenituri waħedhom, tinħtieġ miżuri li jwieżnu l-familji. B'mod partikolari, l-Istati Membri jridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet speċjali ta' ġenituri waħedhom u dawk ta' familji li għandhom ħafna tfal. Barra minn hekk, sabiex tittawwal il-ħajja tax-xogħol, sa l-2010, l-età medja effettiva tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol għandha tiżdied b'ħames snin fuq il-livell tal-UE (meta mqabbla ma' 59.9 fl-2001). L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri wkoll għall-protezzjoni tas-saħħa, għall-prevenzjoni u għall-promozzjoni ta' stili ta' ħajja bla perikli għas-saħħa, bil-għan li jonqos il-piż tal-mard, li tiżdied il-produttività tax-xogħol, u titwal il-ħajja tax-xogħol. |

## Emenda 20
## Proposta għal deċiżjoni
## Anness — sezzjoni 1 — paragrafu 3

| | |
| --- | --- |
| L-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ ***għandu wkoll ikun*** ta' kontribut għal approċ għax-xogħol ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, b'mod partikolari billi tiħaffef it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. | L-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ***, tal-Ftehima Ewropea għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-approvazzjoni relatata mat-twaqqif ta' Alleanza Ewropea għall-Familji għandhom ukoll ikunu*** ta' kontribut għal approċ għax-xogħol ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, b'mod partikolari billi tiħaffef it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. ***Għandhom jittieħdu miżuri individwali biex jipprovdu liż-żgħażagħ li kellhom anqas opportunitajiet b'ċans ugwali għall-integrazzjoni soċjali u vokazzjonali.*** |

## Emenda 21
## Proposta għal deċiżjoni
## Anness — sezzjoni 1 — linja gwida 18

| | |
| --- | --- |
| Linja-gwida 18. Biex jitmexxa 'l quddiem metodu għax-xogħol ta' ċiklu ta' ħajja permezz ta': | Linja-gwida 18. Biex jitmexxa 'l quddiem metodu għax-xogħol ta' ċiklu ta' ħajja permezz ta': |
| — sforz imġedded biex jinbnew mogħdijiet ta' impjiegi għaż-żgħażagħ u biex jitnaqqas il-qgħad fosthom, kif inhu meħtieġ fil-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ, | — sforz imġedded biex jinbnew mogħdijiet ta' impjiegi għaż-żgħażagħ u biex jitnaqqas il-qgħad fosthom, kif inhu meħtieġ fil-Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ***, waqt li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni bbażata fuq sess***, |
| | — ***miżuri biex jiġi żgurat li dawk li jgħaqqdu flimkien ix-xogħol u l-kura ma jkunux penalizzati aktar tard f'ħajjithom fir-rigward tal-pensjonijiet u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali,*** |
| | — ***miżuri biex dawk li jitilfu xogħolhom aktar tard fil-ħajja jkunu jistgħu jerġgħu jibdew jaħdmu u azzjoni biex tiġi eradikata d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, immirati b'mod partikulari lejn dawk ta' aktar minn 40 sena u inklużi l-forom ta' impjieg indipendenti u organizzazzjoni indipendenti,*** |
| — azzjoni risoluta biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa u jitnaqqsu d-distakki bejn is-sessi fl-impjiegi, fil-qgħad u ***fil***-pagi, | — azzjoni risoluta biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa u jitnaqqsu d-distakki bejn is-sessi fl-impjiegi, fil-qgħad u ***fit-taħriġ vokazzjonali, biex jiġu żgurati*** pagi ***indaqs u tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi, inklużi l-miżuri li jsaħħu l-opportunitajiet indaqs u tiżdied ir-rata tal-impjiegi għan-nisa fil-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi***, |
| | — ***attenzjoni partikulari fuq l-impatt differenti ta' sistemi ta' benefiċċji fuq l-irġiel u n-nisa u reviżjoni ta' kwalunkwe struttura ta' benefiċċji li jħallu impatt negattiv fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-popolazzjoni li taħdem,*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| — rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tax-xogħol u tal-ħajja privata u l-provvista ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal aċċessibbli u għall-bwiet ta' kulħadd u kura għal persuni dipendenti oħrajn, | — rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja tax-xogħol u tal-ħajja privata ***u tal-familja*** u l-provvista ta' faċilitajiet ***ta' kwalità*** għall-kura tat-tfal aċċessibbli u għall-bwiet ta' kulħadd u kura għal persuni dipendenti oħrajn***, inklużi skemi ta' liv tal-ġenituri u ta' tip ieħor***, |
| | — ***l-għoti ta' attenzjoni partikulari lin-nisa u lill-irġiel li qed jikkunsidraw li jerġgħu jibdew jaħdmu bi ħlas wara nuqqas u eżami ta' kif għandhom jiġi eliminat x-xkiel għal ritorn ta' dan it-tip mingħajr ma tintilef il-kwalità tax-xogħol,*** |
| — appoġġ għal tixjiħ attiv, inklużi kondizzjonijiet adattati tax-xogħol, stat ta' saħħa (okkupazzjonali) mtejjeb u inċentivi adegwati għax-xogħol u ***skoraġġiment ta' rtirar bikri,*** | — appoġġ għal tixjiħ attiv, inklużi kondizzjonijiet adattati tax-xogħol, stat ta' saħħa (okkupazzjonali) mtejjeb u inċentivi adegwati għax-xogħol u ***t-tħeġġi tal-ħaddiema biex itawlu l-ħajja tax-xogħol tagħhom jekk ikunu jixtiequ jirtiraw aktar tard,*** |
| — sistemi moderni ta' ħarsien soċjali, inklużi l-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa, li jiżguraw l-adegwatezza soċjali u s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom kif ukoll il-kapaċità li jirreaġixxu għal ħtiġiet li qed jinbidlu, bil-għan li jkunu appoġġjati l-parteċipazzjoni u ż-żamma aħjar f'impjieg u ħajjiet itwal tax-xogħol. | — sistemi moderni ta' ħarsien soċjali, inklużi l-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa, li jiżguraw l-adegwatezza soċjali u s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom kif ukoll il-kapaċità li jirreaġixxu għal ħtiġiet li qed jinbidlu, bil-għan li jkunu appoġġjati l-parteċipazzjoni u ż-żamma aħjar f'impjieg u ħajjiet itwal tax-xogħol. |
| Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata "Biex tkun salvagwardjata s-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja bħala bażi għal żieda fl-impjiegi" (Nru 2). | Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata "Biex tkun salvagwardjata s-sostenibbiltà ekonomika u finanzjarja bħala bażi għal żieda fl-impjiegi" (Nru 2). |

## Emenda 22
## Proposta għal deċiżjoni
## Anness — Taqsima 1 — paragrafu wara l-linja gwida 18

| | |
| --- | --- |
| Linji ta' politika ta' inklużjoni attiva jistgħu jżidu l-provvista tax-xogħol u jsaħħu l-kapaċità għal koeżjoni tas-soċjetà u huma mezz b'saħħtu biex tkun promossa l-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-iktar persuni żvantaġġjati. Kull persuna li *ssir qegħda* trid tiġi offruta ***bidu ġdid*** fi żmien raġjonevoli. Fil-każ taż-żgħażagħ dan iż-żmien għandu jkun qasir, pereżempju massimu ta' 4 xhur sa l-2010; għal adulti mhux aktar minn 12-il xahar. Għandhom jitwettqu linji ta' politika bil-għan li joffru miżuri tas-suq tax-xogħol attivi lil dawk li jkunu ilhom qiegħda, fil-waqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-livell ta' rata ta' parteċipazzjoni ta' 25 % fl-2010. Id-dħul mill-ġdid fil-ħajja tax-xogħol trid tkun fil-forma ta' taħriġ, taħriġ mill-ġdid, taħriġ fuq ix-xogħol, offerta ta' mpjieg jew xi miżura oħra favur l-impjieg, u fejn ikun xieraq anki fl-għot ta' għajnuna kontinwa fit-tiftix ta' impjieg. Li jkun iffaċilitat l-aċċess għall-impjiegi ta' dawk li qed ifittxu impjieg, li jkun ipprevenut il-qgħad u li jkun żgurat li dawk li jiġu qiegħda jibqgħu marbuta mill-qrib mas-suq tax-xogħol u jibqgħu impjegabbli huma kollha essenzjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni, u tkun miġġielda l-esklużjoni soċjali. ***Dan huwa wkoll skond approċċ ta' flessigurtà.*** Biex jintlaħqu dan l-għanijiet jeħtieġ li jitneħħew l-ostakli għas-suq tax-xogħol billi tingħata għajnuna fit-tiftix effettiv għax-xogħol, jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-taħriġ u għal miżuri attivi oħra tas-suq tax-xogħol, jiġi żgurat aċċess għall-bwiet ta' kulħadd għal servizzi bażiċi u jiġu pprovduti livelli adegwati ta' riżorsi minimi lil kulħadd. Dan l-*apporġ* għandu, fl-istess żmien, jiżgura li x-xogħol ikun irendi għall-ħaddiema kollha, kif ukoll ineħħi n-nases tal-qgħad, tal-faqar u tal-inattività. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex tkun promossa l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni | Linji ta' politika ta' inklużjoni attiva jistgħu jżidu l-provvista tax-xogħol u jsaħħu l-kapaċità għal koeżjoni tas-soċjetà u huma mezz b'saħħtu biex tkun promossa l-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-iktar persuni żvantaġġjati. Kull persuna li *tit-lef l-impjieg* trid tiġi offruta ***l-possibilità ta' impjieg, apprendistat, taħriġ ulterjuri jew miżuri oħra li jwasslu għal impjieg*** fi żmien raġjonevoli. Fil-każ taż-żgħażagħ dan iż-żmien għandu jkun qasir, pereżempju massimu ta' 4 xhur sa l-2010; għal adulti mhux aktar minn 12-il xahar. Għandhom jitwettqu linji ta' politika bil-għan li joffru miżuri tas-suq tax-xogħol attivi lil dawk li jkunu ilhom qiegħda, fil-waqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-livell ta' rata ta' parteċipazzjoni ta' 25 % fl-2010. Id-dħul mill-ġdid fil-ħajja tax-xogħol trid tkun fil-forma ta' taħriġ, taħriġ mill-ġdid, taħriġ fuq ix-xogħol, offerta ta' impjieg jew xi miżura oħra favur l-impjieg, u fejn ikun xieraq anki fl-għot ta' għajnuna kontinwa fit-tiftix ta' impjieg. Li jkun iffaċilitat l-aċċess għall-impjiegi ta' dawk li qed ifittxu impjieg, li jkun ipprevenut il-qgħad u li jkun żgurat li dawk li jiġu qiegħda jibqgħu marbuta mill-qrib mas-suq tax-xogħol u jibqgħu impjegabbli huma kollha essenzjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni, u tkun miġġielda l-esklużjoni soċjali. Biex jintlaħqu dan l-għanijiet jeħtieġ li jitneħħew l-ostakli għas-suq tax-xogħol billi tingħata għajnuna fit-tiftix effettiv għax-xogħol, jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-taħriġ u għal miżuri attivi oħra tas-suq tax-xogħol, jiġi żgurat aċċess għall-bwiet ta' kulħadd għal servizzi bażiċi u jiġu pprovduti livelli adegwati ta' riżorsi minimi lil kulħadd***, filwaqt li jiġi implimentat il-prinċipju tar-remunerazzjoni ġusta bħala inċentiva ekonomika għax-xogħol***. Dan l-*approċċ* għandu, fl-istess żmien, jiżgura li x-xogħol ikun irendi għall-ħaddiema kollha***u li jitħares*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| żvantaġġjati, inklużi ħaddiema ta' ftit sengħa, fost l-oħrajn bl-espansjoni ta' servizzi soċjali u tal-ekonomija soċjali, kif ukoll bl-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' impjiegi b'reazzjoni għall-ħtiġiet kollettivi. Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-promozzjoni tal-aċċess għall-impjiegi għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll l-integrazzjoni tal-immigranti u tal-minoranzi huma partikolarment essenzjali. | ***il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali"*** kif ukoll ineħħi n-nases tal-qgħad, tal-faqar u tal-inattività. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex tkun promossa l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni żvantaġġjati, inklużi ħaddiema ta' ftit sengħa, fost l-oħrajn bl-espansjoni ta' servizzi soċjali u tal-ekonomija soċjali, kif ukoll bl-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' impjiegi b'reazzjoni għall-ħtiġiet kollettivi. Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-promozzjoni tal-aċċess għall-impjiegi ***għan-nisa u*** għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll l-integrazzjoni tal-immigranti u tal-minoranzi huma partikolarment essenzjali. ***L-aħjar prattiki lokali relatati mal-esperjenza tal-koperattivi soċjali, u l-forom kollha tar-responsabilità soċjali korporattiva għandhom jitqiesu.*** |

**Emenda 23**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 1 — linja gwida 19 — inċiż 3**

| | |
| --- | --- |
| — l-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' impjiegi fis-servizzi għal individwi u negozji, notevolment fuq livell lokali. | — l-iżvilupp ta' sorsi ġodda ta' impjiegi fis-servizzi għal individwi u negozji, ***is-settur mhux għall-profitt u l-ekonomija soċjali,*** notevolment fuq livell lokali. |

**Emenda 24**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 1 — linja gwida 19a (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | ***Linja gwida 19a. Tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjali attiva ta' kollha u jiġu trattati l-problemi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali billi jiggarantixxu dħul diċenti u aċċess aħjar għas-servizzi soċjali ta' kwalità b'aċċess aħjar għas-suq tax-xogħol permezz ta' iżjed opportunitajiet tax-xogħol u taħriġ vokazzjonali inizjali u li għadu għaddej.*** |

**Emenda 25**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 1 — linja gwida 20 — inċiż 2a (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | — ***billi jitħeġġu l-mudelli tas-sħubija tal-partijiet ikkonċernati biex jiżdied il-potenzjali lokali u reġjunali li jrid jiddaħħal fl-entitajiet lokali, billi jitħaddmu forom miftuħa u parteċipatorji ta' organizzazzjoni,*** |

**Emenda 26**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 1 — linja gwida 20 — inċiż 4a (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | — ***billi tiġi evitata l-'brain drain' mir-reġjuni periferali tal-Unjoni Ewropea jew minn Stati Membri permezz ta' investiment reġjunali, ekonomiku, soċjali u strutturali,*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 27**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 2 — titolu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Biex tittejjeb l-adattabbiltà ***tal***-ħaddiema u tal-intrapriżi, | 2. Biex tittejjeb l-adattabbiltà ***u s-sigurtà għall***-ħaddiema u tal-intrapriżi ***(titheġġeġ is-sigurtà fuq ix-xogħol)*** |

**Emenda 28, 37 u 38**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — sezzjoni 2 — linja gwida 21**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Linja gwida 21. Biex ikunu promossi l-flessibilità flimkien mas-sigurtà tal-impjieg u titnaqqas is-segmentazzjoni tas-swieq tax-xogħol, waqt li jitqies kif inhu xieraq ir-rwol tal-imsieħba soċjali***, permezz ta'***: | Linja gwida 21. Biex ikunu promossi l-flessibilità flimkien mas-sigurtà tal-impjieg u titnaqqas is-segmentazzjoni tas-swieq tax-xogħol, waqt li jitqies kif inhu xieraq l-irwol tal-imsieħba soċjali ***u billi jitqiesu l-komponenti ewlenin li ġejjin***: |
| | — ***arranġamenti kuntrattwali flessibbli u affidabbli permezz ta' liġijiet tax-xogħol moderni, ftehimiet kollettivi u organizzazzjoni tax-xogħol,*** |
| | — ***strateġiji komprensivi għat-tagħlim matul il-ħajja sabiex ikunu żgurati l-adattabilità u l-impjegabilità kontinwi tal-ħaddiema, b'mod partikolari dawk l-iktar vulnerabbli,*** |
| | — ***politiki effettivi u attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP) li ma jinvolvux politika attiva għal irtirar bikri, imma minflok, jintegraw ħaddiema iktar anzjani u b'iktar esperjenza fil-ħajja tax-xogħol aktar minn qabel, sabiex jgħinu lin-nies jaffrontaw il-bidla mgħaġġla u jnaqqsu l-perjodi ta' qgħad u biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għal impjiegi ġodda,*** |
| | — ***sistemi moderni tas-sigurtà soċjali li jipprovdu appoġġ adegwat għad-dħul, jinkoraġġixxu l-impjiegi u jħaffu l-mobilità fis-suq tax-xogħol,*** |
| | ***Dan jinvolvi wkoll:*** |
| — l-adattament tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi, billi fejn ikun meħtieġ jiġu riveduti l-arranġamenti kuntrattwali u tal-ħinijiet tax-xogħol differenti, | — l-adattament tal-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi, billi fejn ikun meħtieġ jiġu riveduti l-arranġamenti kuntrattwali u tal-ħinijiet tax-xogħol differenti ***u billi jkunu garantiti drittijiet fundamentali tal-impjieg***, ***ikun xi jkun l-istejtus tal-impjieg bl-għan li jiġu promossi relazzjonijiet ta' impjieg stabbli,*** |
| — ***l-indirizzar*** tal-kwistjoni tax-xogħol mhux iddikjarat, | — ***l-applikazzjoni ta' miżuri preventivi, megħjuna minn penalitajiet, biex tiġi indirizzata***l-kwistjoni tax-xogħol mhux iddikjarat, ***bil-għan li titnaqqas il-prevalenza tal-forom mhux legali ta' xogħol, permezz tat-tisħiħ u tal-iżvilupp tal-kapaċità tal-entitajiet speċjalizzati għall-ispezzjoni tal-postijiet tax-xogħol,*** |
| — antiċipazzjoni aħjar u ġestjoni pożittiva tal-bidla, li tinkludi r-ristrutturar ekonomiku, notevolment il-bidliet marbuta ma' ftuħ fil-kummerċ, biex jiġu minimizzati l-ispejjeż soċjali tagħhom u jiġi ffaċilitat l-adattament, | — antiċipazzjoni aħjar u ġestjoni pożittiva tal-bidla, li tinkludi r-ristrutturar ekonomiku, notevolment il-bidliet marbuta ma' ftuħ fil-kummerċ, biex jiġu minimizzati l-ispejjeż soċjali tagħhom u jiġi ffaċilitat l-adattament, |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| — il-promozzjoni u t-tixrid ta' forom innovattivi u adattabbli ta' organizzazzjoni tax-xogħol, bil-għan li jitjiebu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol, inklużi s-saħħa u s-sikurezza, | — il-promozzjoni u t-tixrid ta' forom innovattivi u adattabbli ta' organizzazzjoni tax-xogħol, bil-għan li jitjiebu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol, inklużi s-saħħa u s-sikurezza ***fuq il-post tax-xogħol u l-għoti ta' akkomodazzjoni raġonevoli għal nies b'diżabilità***, |
| — appoġġ għat-*transizzjonijiet* fl-istatus okkupazzjonali, inklużi t-taħriġ, l-impjiegi indipendenti, il-ħolqien tan-negozju u l-mobilità ġeografika. | — appoġġ għat-*tranżizzjonijiet* fl-istatus okkupazzjonali, inklużi t-taħriġ, l-impjiegi indipendenti, il-ħolqien tan-negozju u l-mobilità ġeografika***,*** |
| | — ***għoti ta' attenzjoni partikolari għall-ostakoli li jfixklu lin-nisa li jixtiequ jwaqqfu negozji ġodda jew jaħdmu għal rashom, bil-għan li jitneħħew.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-mogħdijiet tagħhom stess, ibbażati fuq il-prinċipji komuni tal-flessigurtà adottati mill-Kunsill.*** |
| | ***L-involviment tal-imsieħba soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-flessigurtà permezz tad-djalogu soċjali u l-innegozjar kollettiv huwa ta' importanza kruċjali.*** |
| Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata "Biex tkun promossa koerenza ikbar bejn il-linji ta' politika makroekonomiċi, strutturali u dawk dwar l-impjiegi" (Nru 5). | Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata "Biex tkun promossa koerenza ikbar bejn il-linji ta' politika makroekonomiċi, strutturali u dawk dwar l-impjiegi" (Nru 5). |

**Emenda 29**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 2 — paragrafu wara l-linja gwida 21**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| Biex il-ħolqien tal-impjiegi jilħaq l-ogħla livell tiegħu, tkun ippreservata l-kompetittività u jingħata kontribut għall-qafas ekonomiku ġenerali, l-iżviluppi ġenerali tal-pagi għandhom ikunu skond it-tkabbir fil-produttività tul iċ-ċiklu ekonomiku u għandhom jirriflettu s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol. Id-distakk fil-pagi bejn is-sessi għandu jitnaqqas. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil-livell baxx ta' pagi fi professjonijiet u f'setturi li għandhom it-tendenza li jkunu ddominati min-nisa u lir-raġunijiet li jwasslu għal qligħ inqas fi professjonijiet u f'setturi fejn in-nisa jsiru iktar prominenti. Jista' wkoll ikun hemm il-ħtieġa għal sforzi biex jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi u biex ikunu analizzati d-diviżjonijiet fit-taxxa sabiex ikun iffaċilitat il-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment l-impjiegi b'paga baxxa. | Biex il-ħolqien tal-impjiegi jilħaq l-ogħla livell tiegħu, tkun ippreservata l-kompetittività u jingħata kontribut għall-qafas ekonomiku ġenerali, l-iżviluppi ġenerali tal-pagi għandhom ikunu skond it-tkabbir fil-produttività tul iċ-ċiklu ekonomiku u għandhom jirriflettu s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol. Id-distakk fil-pagi bejn is-sessi għandu jitnaqqas. Għandha tingħata attenzjoni partikolari***, bil-għan li tonqos id-differenza fil-pagi bejn is-sessi,*** lil-livell baxx ta' pagi fi professjonijiet u f'setturi li għandhom it-tendenza li jkunu ddominati min-nisa u lir-raġunijiet li jwasslu għal qligħ inqas fi professjonijiet u f'setturi fejn in-nisa jsiru iktar prominenti. Jista' wkoll ikun hemm il-ħtieġa għal sforzi biex jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol mhux marbuta mal-pagi u biex ikunu analizzati d-diviżjonijiet fit-taxxa sabiex ikun iffaċilitat il-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment l-impjiegi b'paga baxxa. |

**Emenda 30**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 2 — linja gwida 22 — inċiż 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| — l-imsieħba soċjali fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom stess ikunu inkoraġġiti jiffissaw il-qafas it-tajjeb għan-negozjati tal-pagi sabiex ikunu riflessi l-isfidi għall-produttività u għas-suq tax-xogħol fil-livelli rilevanti kollha u biex jiġu evitati distakki fil-pagi bejn is-sessi, | — l-imsieħba soċjali fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom stess ikunu inkoraġġiti jiffissaw il-qafas it-tajjeb għan-negozjati tal-pagi sabiex ikunu riflessi l-isfidi għall-produttività u għas-suq tax-xogħol fil-livelli rilevanti kollha***, biex iċ-ċittadini Ewropej jiġu garantiti setgħa suffiċjenti tax-xiri (purchasing power)*** u biex jiġu evitati distakki fil-pagi bejn is-sessi ***u ż-żieda fin-nuqqas ta' ugwaljanza***, |

It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 31**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — sezzjoni 3 — paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-Ewropa jeħtieġ li tinvesti iżjed u b'mod iktar effettiv fil-kapital uman. Wisq nies mhux qed jirnexxilhom jidħlu, jagħmlu progress jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol minħabba nuqqas ta' ħiliet, jew minħabba nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet. Biex jittejjeb l-aċċess għall-impjiegi għall-irġiel u għan-nisa tal-etajiet kollha, biex jogħlew il-livelli tal-produttività, tal-innovazzjoni u tal-kwalità fuq ix-xogħol, l-UE teħtieġ investiment akbar u aktar effettiv fil-kapital uman u fit-tagħlim matul il-ħajja skond il-kunċett tal-flessigurtà għall-benefiċċju tal-individwi, tal-intrapriżi, tal-ekonomija kif ukoll tas-soċjetà. | L-Ewropa jeħtieġ li tinvesti iżjed u b'mod iktar effettiv fil-kapital uman. Wisq nies mhux qed jirnexxilhom jidħlu, jagħmlu progress jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol minħabba nuqqas ta' ħiliet, jew minħabba nuqqas ta' tqabbil tal-ħiliet. Biex jittejjeb l-aċċess għall-impjiegi ***fuq il-bażi ta' opportunitajiet ugwali*** għall-irġiel u għan-nisa tal-etajiet kollha, biex jogħlew il-livelli tal-produttività, tal-innovazzjoni u tal-kwalità fuq ix-xogħol, ***u biex jiġu megħjuna l-ħaddiema biex jadattaw ruħhom għal kundizzjonijiet ġodda li joħorġu minn tibdil mgħaġġel,*** l-UE teħtieġ investiment akbar u aktar effettiv fil-kapital uman u ***fit-taħriġ professjonali matul il-ħajja, permezz ta' aċċess għall-forom varji*** fit-tagħlim matul il-ħajja skond il-kunċett tal-flessigurtà għall-benefiċċju tal-individwi, tal-intrapriżi, tal-ekonomija kif ukoll tas-soċjetà. |

**Emenda 32**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 3 — linja gwida 23**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Linja gwida 23. Biex *jiġi espandut* u jittejjeb l-investiment fil-kapital uman. | Linja gwida 23. Biex *jiżdied****l-opportunitajiet għat-tagħlim matul il-ħajja*** u jittejjeb l-investiment fil-kapital uman permezz ta': |
| — linji ta' politika ta' edukazzjoni u ta' taħriġ inklussivi u ta' azzjoni biex ikun iffaċilitat b'mod sinfikanti l-aċċess għall-edukazzjoni inizjali, vokazzjonali, sekondarja u għall-edukazzjoni ogħla, inklużi l-apprendistati u t-taħriġ intraprenditorjali, | — linji ta' politika ta' edukazzjoni u ta' taħriġ inklussivi u ta' azzjoni biex ikun iffaċilitat b'mod sinfikanti l-aċċess għall-edukazzjoni inizjali, vokazzjonali, sekondarja u għall-edukazzjoni ogħla, inklużi l-apprendistati u t-taħriġ intraprenditorjali, ***u l-akkreditazzjoni ta' esperjenza miksuba,*** |
| — tnaqqis ***sinfikanti*** tan-numru ta' studenti li jitilqu kmieni mill-iskola, | — tnaqqis tan-numru ta' studenti li jitilqu kmieni mill-iskola ***sa kemm jista' jkun possibbli sabiex l-istudenti jiġu evitati milli jitilqu l-iskola mingħajr kwalifiki u għalhekk li jkollhom riskju għoli li ma jsibux xogħol***, |
| — strateġiji effiċjenti ta' tagħlim matul il-ħajja miftuħa għal kulħadd fl-iskejjel, fin-negozji, fl-awtoritajiet pubbliċi u fid-djar skond ftehimiet Ewropej, li jinkludu inċentivi u mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż adattati, bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni f'taħriġ kontinwu u fuq il-post tax-xogħol matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu, b'mod speċjali għall-ħaddiema ta' ftit sengħa u għall-ħaddiema iktar imdaħħla fiż-żmien. | — strateġiji effiċjenti ta' tagħlim matul il-ħajja miftuħa għal kulħadd fl-iskejjel, fin-negozji, fl-awtoritajiet pubbliċi u fid-djar skond ftehimiet Ewropej, li jinkludu inċentivi u mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż adattati, bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni f'taħriġ kontinwu u fuq il-post tax-xogħol matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu, b'mod speċjali għall-ħaddiema ta' ftit sengħa u għall-ħaddiema iktar imdaħħla fiż-żmien. |
| | — ***billi jiġu żgurati l-kundizzjonijiet biex jiġi ffaċilitat l-aċċess min-nisa għall-edukazzjoni, li jkomplu t-taħriġ u t-tagħlim matul il-ħajja, b'mod partikolari l-aċċess għat-taħriġ u l-kwalifiki neċessarji għall-karrieri,*** |
| Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata "Biex jiżdied u jitjieb l-investiment fl-R&D (riċerka u żvilupp), b'mod partikolari min-negozji privati." (Nru 7). | Ara wkoll il-linja ta' gwida integrata "Biex jiżdied u jitjieb l-investiment fl-R&D (riċerka u żvilupp), b'mod partikolari min-negozji privati." (Nru 7). |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 33**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 3 — paragrafu wara l-linja gwida 23**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-iffissar ta' għanijiet ambizzjużi u ż-żieda tal-livell ta' investiment min-naħa tal-atturi kollha mhuwiex biżżejjed. Biex ikun żgurat li, fil-prattika, il-provvista tlaħħaq mad-domanda, is-sistemi ta' tagħlim matul il-ħajja iridu jkunu bi prezz għal bwiet ta' kulħadd, aċċessibbli u jirreaġixxu għal ħtiġiet li qed jinbidlu. L-adattament u l-bini tal-kapaċità tal-edukazzjoni u tas-sistemi ta' taħriġ huma meħtieġa biex itejbu r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol, is-sensibilità tagħhom għall-ħtiġiet tal-ekonomija bbażata fuq il-konoxxenza u s-soċjetà, ***kif ukoll*** l-effiċjenza ***u l-ekwità*** tagħhom. L-ICT jistgħu jintużaw sabiex itejbu l-aċċess għat-tagħlim u sabiex ifassluh aħjar għall-ħtiġiet ta' min jimpjega u tal-impjegati. Hija wkoll meħtieġa mobilità akbar kemm għal skopijiet ta' xogħol kif ukoll ta' tagħlim biex ikun hemm aċċess għal opportunitajiet ta' impjiegi b'mod aktar wiesa' fl-UE kollha. L-ostakli li fadal għall-mobilità fi ħdan is-suq tax-xogħol Ewropew għandhom jitneħħew, b'mod partikulari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-għarfien u t-trasparenza ta' kwalifiki u riżultati mit-tagħlim, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kwalifiki Ewropej. Se jkun importanti li jsir użu mill-istrumenti u mir-referenzi Ewropej miftiehma ħalli jkunu appoġġjati r-riformi tas-sistemi nazzjonali edukattivi u tat-taħriġ kif ġie stabbilit fil-Programm ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010. | L-iffissar ta' għanijiet ambizzjużi u ż-żieda tal-livell ta' investiment min-naħa tal-atturi kollha mhuwiex biżżejjed. Biex ikun żgurat li, fil-prattika, il-provvista tlaħħaq mad-domanda, is-sistemi ta' tagħlim matul il-ħajja jridu jkunu bi prezz għal bwiet ta' kulħadd, aċċessibbli u jirreaġixxu għal ħtiġiet li qed jinbidlu. L-adattament u l-bini tal-kapaċità tal-edukazzjoni u tas-sistemi ta' taħriġ huma meħtieġa biex itejbu r-rilevanza tagħhom għas-suq tax-xogħol, is-sensibilità tagħhom għall-ħtiġiet tal-ekonomija bbażata fuq il-konoxxenza u s-soċjetà, l-effiċjenza tagħhom ***u l-aċċessibilità tagħhom u d-disponibilità fuq bażi ekwitabbli. L-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ għall-irġiel u n-nisa ta' kull età u t-tqabbil tal-bżonnijiet mal-ħiliet u mal-edukazzjoni u t-taħriġ provduti mis-settur pubbliku u privat, irid jiġi akkumpanjat minn sistema ta' gwida matul il-ħajja għall-karrieri.*** L-ICT jistgħu jintużaw sabiex itejbu l-aċċess għat-tagħlim u sabiex ifassluh aħjar għall-ħtiġiet ta' min jimpjega u tal-impjegati. Hija wkoll meħtieġa mobilità akbar kemm għal skopijiet ta' xogħol kif ukoll ta' tagħlim biex ikun hemm aċċess għal opportunitajiet ta' impjiegi b'mod aktar wiesa' fl-UE kollha. L-ostakli li fadal għall-mobilità fi ħdan is-suq tax-xogħol Ewropew għandhom jitneħħew, b'mod partikulari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-għarfien u t-trasparenza ta' kwalifiki u riżultati mit-tagħlim, speċjalment permezz tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Kwalifiki Ewropej. Se jkun importanti li jsir użu mill-istrumenti u mir-referenzi Ewropej miftiehma ħalli jkunu appoġġjati r-riformi tas-sistemi nazzjonali edukattivi u tat-taħriġ kif ġie stabbilit fil-Programm ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010. |

**Emenda 34**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 3 — linja gwida 24 — inċiż 1a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | — ***billi jiġu permessi t-tekniki edukattivi u l-kontenut tat-tagħlim li jridu jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra tal-għalliema,*** |

**Emenda 35**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness — Taqsima 3 — Linja gwida 24 — inċiż 3a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | — ***billi jiġi provdut it-tagħlim tal-lingwi barranin bħala parti mit-taħriġ inizjali u matul il-ħajja.*** |

**It-Tlieta, 20 ta' Mejju 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 36**
**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness 1a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *ANNESS 1a* |
| | *Il-miri u l-livelli ta' referenza* |
| | *Il-miri u l-livelli ta' referenza li ġejjin kienu maqbula fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi:* |
| | — *li kull persuna mingħajr impjieg tkun offruta bidu ġdid qabel tilħaq 4 xhur ta' nuqqas ta' xogħol fil-każ taż-żgħażagħ u 12-il xahar fil-każ tal-adulti permezz ta' forom ta" taħriġ, taħriġ mill-ġdid, taħriġ fuq il-post tax-xogħol, offerta ta' impjieg jew xi miżura oħra favur l-impjieg, ikkombinati fejn ikun xieraq mal-għoti ta' għajnuna kontinwa fit-tiftix tal-impjieg,* |
| | — *li 25 % ta' dawk li jkunu ilhom qiegħda għandhom jipparteċipaw sa l-2010 f'miżura attiva f'forma ta' taħriġ, taħriġ mill-ġdid, taħriġ fuq il-post tax-xogħol jew miżuri oħra favur l-impjieg, bil-għan li tinkiseb il-medja tat-tliet Stati Membri l-aktar avvanzati,* |
| | — *li dawk li jfittxu xogħol fl-UE jkunu kapaċi jikkonsultaw il-postijiet kollha tax-xogħol battala rreklamati permezz tas-servizzi tal-impjieg tal-Istati Membri, sabiex titħeġġeġ il-mobilità ta' dawk li jfittxu xogħol fis-suq tax-xogħol Ewropew,* |
| | — *żieda ta' ħames snin, fil-livell tal-UE, tal-età medja effettiva tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol sa l-2010 (imqabbla ma' 59.9 fl-2001),* |
| | — *il-provvediment ta' kura tat-tfal sa l-2010 lil mill-anqas 90 % tat-tfal ta' bejn it-3 snin u l-età tal-iskola obbligatorja, u mill-inqas 33 % tat-tfal ta' taħt it-3 snin,* |
| | — *ir-rata tal-medja tal-UE ta' dawk li jitilqu mill-iskola kmieni ma tkunx aktar minn 10 %,* |
| | — *li mill-inqas 85 % ta' dawk li jkollhom 22 sena jkunu lestew l-edukazzjoni sekondarja ogħla sa l-2010,* |
| | — *li l-livell medju tal-parteċipazzjoni f'tagħlim matul il-ħajja fl-UE għandu jkun mill-inqas 12.5 % tal-popolazzjoni tal-adulti li għandhom l-età biex jaħdmu (il-grupp ta' dawk li għandhom bejn 25 u 64 sena).* |

# L-estimi tad-dħul u n-nefqa tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2009

P6_TA(2008)0208

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar l-estimi tad-dħul u n-nefqa tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2009 (2008/2022(BUD))**

(2009/C 279 E/33)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272(2) tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja solida ([2]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit 2009 — Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII u IX ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali lill-Bureau dwar it-tfassil tal-abbozz preliminari tal-estimi tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2009,

— wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-estimi mfassla mill-Bureau fil-21 ta' April 2008 skond l-Artikoli 22(6) u 73 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 73 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0181/2008),

A. billi ġie miftiehem proċess pilota li fih il-koperazzjoni msaħħa bejn il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits, u l-koperazzjoni reċiproka bikrija għall-punti kollha b'implikazzjonijiet baġitarji sinifikanti, għandhom jiġu applikati fil-proċedura 2009,

B. billi l-prerogattivi tal-plenarja biex jiġi adottat il-baġit iridu jinżammu għal kollox f' konformita' mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u mar-Regoli ta' Proċedura,

C. billi saret laqgħa tal-prekonċiljazzjoni bejn id-delegazzjonijiet tal-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits fis-16 ta' April 2008, li matulha ġew diskussi numru ta' kwistjonijiet ewlenin bejn iż-żewġ delegazzjonijiet,

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).
([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Ftehim kif emendat bid-Deċiżjoni 2008/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7).
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0115.

1. Ifakkar li l-baġit 2009 għandu jirreaġixxi għal numru ta' sfidi ewlenin, kif ġie identifikat fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-10 ta' April 2008 dwar il-linji gwida baġitarji, filwaqt li jsir kull sforz biex jiġi żgurat l-użu l-iżjed effiċjenti tar-riżorsi u biex jiġu eżaminati n-nefqiet kollha bil-għan li jiġi identifikat it-tfaddil kull fejn hu possibbli; jisħaq fuq il-livell għoli ta' qbil f'dawn l-oqsma:

— L-isfidi relatati mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona,

— L-isfidi relatati mal-2009 bħala sena elettorali għall-Parlament,

— L-isfidi relatati mal-Istatut il-ġdid għall-Membri u mal-bidla tal-leġiżlatura;

2. Jinnota d-djalogu estiż li jwassal għall-istadju tal-estimi għall-2009 u, b'mod partikolari, jilqa' l-proċess pilota dwar il-koperazzjoni interna msaħħa, inkluża l-laqgħa tal-prekonċiljazzjoni bejn il-Bureau tiegħu u l-Kumitat għall-Baġits, li fiha ġew diskussi l-kwistjonijiet baġitarji relatati mal-prijoritajiet imsemmija hawn fuq qabel l-adozzjoni mill-Bureau tal-abbozz preliminari tal-estimi tiegħu;

3. Jinnota li l-livell globali tal-baġit 2009, kif ġie ssuġġerit mill-Bureau, se jibqa' taħt is-sehem volontarju tradizzjonali ta' 20 % tal-intestatura 5 (nefqa amministrattiva) tal-qafas finanzjarju multiannwali;

4. Jisħaq dwar il-fatt li r-riżorsi umani, u r-riżorsi globali għall-kwistjonijiet relatati ma' Liżbona, kienu l-mistqosijiet predominanti waqt il-prekonċiljazzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Bureau ħa azzjoni fuq it-tħassib li rriżulta billi integra l-65 post ġdid fl-estimi (li jikkorrispondu għal EUR 2, 020, 023 għall-2009) imma, fl-istess ħin, billi qiegħed 15 % ta' dawk l-approprjazzjonijiet fir-riżerva sakemm tingħata l-informazzjoni kumplimentarja fl-aħħar ta' Ġunju 2008, bħal pjan ta' stabbiliment analitiku, dettaljat u faċli, biex jintuża li jevalwa t-tqassim mill-ġdid u l-użu tar-riżorsi umani fis-segretarjat tal-PE, inkluż rapport dettaljat dwar operazzjonijiet ta' rijorganizzazzjoni fl-2008 u dwar l-operazzjonijiet ippjanati għall-2009, li juri l-prijoritajiet pożittivi u negattivi; jikkunsidra li dan għandu jinkludi bidliet fid-Direttorati Ġenerali kif ukoll bejniethom u attitudni bil-għan li jissaħħu l-attivitajiet leġiżlattivi bażiċi u s-servizzi għall-Membri; huwa tal-fehma li għandha tingħata informazzjoni dwar persuni li m'humiex uffiċjali sabiex wieħed ikun jista' jifhem sew il-ħtiġijiet fir-rigward ta' persunal;

5. Jenfasizza li l-koperazzjoni bejn il-Bureau tiegħu u l-Kumitat għall-Baġits, biex flimkien ifittxu kjarifika addizzjonali bħal din, tikkostitwixxi żvilupp ġdid u pożittiv; jenfasizza l-importanza tal-konsultazzjoni *ex-ante* u fil-ħin tal-Kumitat għall-Baġits dwar kwistjonijiet b'implikazzjonijiet finanzjarji importanti;

6. Jaqbel mal-prinċipju li jiġu bbaġitjati l-bżonnijiet prevedibbli kollha fl-abbozz preliminari tal-estimi tal-Bureau, inkluża riżerva ta' Liżbona ta' EUR 2 miljun li qed jistennew evalwazzjoni ulterjuri, u proposta mill-Bureau li għandha tieħu kont tar-riżultati tal-grupp ta' ħidma attwali li jrid janalizza l-impatt dwar ir-riżorsi umani u finanzjarji; itenni l-opinjoni tiegħu li l-ħidmiet u r-responsabilitajiet li jistgħu ġenwinament jitqiesu bħala ġodda li jsegwu t-Trattat il-ġdid, kif ukoll l-attivitajiet li jistgħu ma jitkomplux jew li jiġu prijoritizzati mill-ġdid, huma speċjalment importanti li jiġu identifikati;

7. Jenfasizza l-fatt li t-Trattat il-ġdid ta' Liżbona jipprovdi wkoll sfida għall-gruppi politiċi; jirrikonoxxi li, skond it-tisħiħ tal-attivitajiet ewlenin tal-amministrazzjoni parlamentari, il-gruppi politiċi jkollhom jissaħħu wkoll fir-rigward ta' persunal filwaqt li jirrispettaw il-prudenza baġitarja;

8. Madankollu jinnota li l-Bureau indika li jista' jkun hemm bżonn addizzjonali, mhux attwalment ibbaġitjat, ta' Ċentru għall-Viżitaturi; jinnota li dan ġie identifikat tard u jifhem li l-ammont ikun ta' natura multiannwali; ifakkar fix-xewqa tiegħu, kif ġie mifhiem fil-proċess pilota, li jkun hemm konsultazzjoni fil-ħin tal-Kumitat għall-Baġits dwar kwistjonijiet b'konsegwenzi finanzjarji sinifikanti;

9. Jinnota l-proposta li jitkompla pjan ta' tliet snin biex jintalab għarfien espert fil-qasam tal-IT, filwaqt li titnaqqas id-dipendenza fuq il-konsulenti esterni f'ċertu oqsma ewlenin, u l-proposta għal żieda fil-postijiet f'dan il-qasam; jaqbel li dan l-approċċ jitqies, imma huwa tal-opinjoni li, sabiex jinżammu dawn iż-żidiet għall-baġit finali, it-tfaddil relatat fl-ispiża tal-konsulenti attwali għandu jidher; jistieden lill-amministrazzjoni biex tressaq qabel Settembru 2008 evalwazzjoni kompluta tas-sitwazzjoni inkluża strateġija tal-IT koerenti;

10. Jinnota li pjan strateġiku għall-futur imbiegħed dwar il-politika tal-bini inklużi l-ispejjeż tal-manutenzjoni u l-kwistjonijiet ambjentali se jiġi ppreżentat qabel it-tmiem ta' Mejju 2008; jisħaq fuq l-importanza ta' dibattitu dettaljat dwar din il-kwistjoni bil-għan li jintlaħqu deċiżjonijiet relevanti dwar it-triq 'il quddiem u d-destinazzjoni ta' dawn l-approprjazzjonijiet kemm jista' jkun malajr; jixtieq li jkun infurmat dwar il-ħidma tal-Bureau mal-Kummissjoni fir-rigward ta' qbil dwar ix-xiri ta' bini u l-ispejjeż; filwaqt li jistenna din l-informazzjoni, jinnota l-fatt li r-riżerva tal-bini inkluża fl-abbozz tal-estimi tammonta għal EUR 30 miljun, żieda ta' EUR 10 miljun meta mqabbla mal-2008; jiddeċiedi li jqiegħed f'riserva EUR 3 400 000 mdaħħla mill-Bureau fl-abbozz preliminari tal-estimi, sakemm isiru kjarifiki tekniċi, amministrattivi u finanzjarji dwar il-ħidma ta' tneħħija ta' asbestos proposta fil-bini SDM fi Strasburgu;

11. Jikkonferma l-intenzjoni tiegħu li jkompli l-iffinanzjar tal-prjoritajiet stabbiliti fil-baġit tal-2008, b'mod partikolari biex jitjiebu s-servizzi għall-Membri f'konnessjoni mal-interpretazzjoni u mas-servizz analitiku tal-librerija;

12. Jenfasizza l-importanza ta' koperazzjoni tajba bejn l-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, fil-qasam tal-politika tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

13. Jinsab sodisfatt li saru estimi raġonevoli fir-rigward tan-nefqa relatata mal-Istatut tal-Membri l-ġdid; jinsisti li kwalunkwe figura aġġornata għandha tiġi kkomunikata kemm jista' jkun malajr u jenfasizza l-possibiltà li jkun hemm tibdil żgħir ħafna fl-approprjazzjonijiet assoċjati fi stadju iktar avvanzat; jilqa' l-impenn tas-Segretarju Ġenerali biex jaġġorna immedjatament lill-Bureau tiegħu u lill-Kumitat għall-Baġits dwar kwalunkwe informazzjoni ġdida mill-Istati Membri fir-rigward tal-parteċipazzjoni ppjanata tagħhom u/jew *opt-outs* kif u meta dawn isiru disponibbli;

14. Jinsab imħeġġeġ ukoll mill-informazzjoni li saru kuntatti mal-Istati Membri, il-Kunsill u mal-Presidenzi tal-Kunsill preżenti u li ġejjin rigward il-ftehim dwar Statut għall-Assistenti;; ifakkar, f'dan ir-rigward, fil-linji gwida tiegħu u jisħaq għal darb'oħra fuq l-importanza li huwa jorbot mal-fatt li tissolva din il-kwistjoni;

15. Jistenna bil-ħerqa l-proposta dwar Sistema tal-Immaniġġjar tal-Għarfien li trid tiġi ppreżentata lill-Bureau fil-ftit xhur li ġejjin; jerġa' jisħaq fuq l-intenzjoni tiegħu li jsegwi din il-kwistjoni mill-qrib u fuq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Bureau biex dan jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji qabel nofs ix-xahar ta' Lulju 2008;

16. Minkejja r-riżultat pożittiv s'issa tal-koperazzjoni msaħħa, u b'mod partikolari, r-riżultati tal-laqgħa tal-prekonċiljazzjoni, jenfasizza li eżami iżjed dettaljat tal-punti individwali tal-baġit għandu jsir qabel l-ewwel qari tal-baġit fil-ħarifa ta'l-2008; għalhekk se jeżamina u se jieħu d-deċiżjonijiet baġitarji finali dak iż-żmien;

17. Jadotta l-estimi għas-sena finanzjarja 2009 kif ġie adottat mill-Bureau fil-21 ta' April 2008; ifakkar li l-adozzjoni tal-abbozz tal-baġit fl-ewwel qari f'Ottubru 2008, skond il-proċedura tal-votazzjoni stabbilita fit-Trattat;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u l-estimi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

# Il-projbizzjoni ta' esportazzjonijiet u l-ħażna sikura ta' merkurju metalliku ***II

P6_TA(2008)0214

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni ta' esportazzjonijiet u l-ħżin sikur ta' merkurju metalliku (11488/1/2007 — C6-0034/2008 — 2006/0206(COD))**

(2009/C 279 E/34)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (11488/1/2007 — C6-0034/2008),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0636),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomondazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A6-0102/2008),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) *Testi Adottati* 20.6.2007, P6_TA(2007)0267.

**P6_TC2-COD(2006)0206**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru…/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni tal-merkurju metalliku u ta' ċerti komposti u taħlitiet tal-merkurju u l-ħżin sikur tal-merkurju metalliku**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru …/2008.)*

# Il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali ***I

P6_TA(2008)0215

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (COM(2007)0051 — C6-0063/2007 — 2007/0022(COD))**

(2009/C 279 E/35)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0051),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0063/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel kif ukoll tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0154/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2007)0022**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, d-Direttiva 2008/…/KE.)*

---

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

# Stħarriġ ta' strutturi tal-farms u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola ***I

P6_TA(2008)0216

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 (COM(2007)0245 — C6-0127/2007 — 2007/0084(COD))**

(2009/C 279 E/36)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0245),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285 (1) tat-Trattat KE, li b'konformità magħhom il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0127/2007),

— wara li kkonsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0061/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2007)0084**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-impriżi agrikoli u stħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (KE) Nru …/2008.)*

---

# Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq ***I

P6_TA(2008)0217

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq (COM(2007)0263 — C6-0145/2007 — 2007/0098(COD))**

(2009/C 279 E/37)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0263),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 251(2) u 71 tat-Trattat KE, skond liema l-Kummissjoni ippreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0145/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0087/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2007)0098**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament *(KE) Nru …/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq*u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE***

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Wara li kkonsultaw mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) L-implimentazzjoni sħiħa ta' suq intern tat-trasport bit-triq b'kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni titlob l-applikazzjoni uniformi ta' regoli komuni għall-awtorizzazzjoni għad-dħul għall-professjoni tat-trasportatur tal-merkanzija jew tal-passiġġieri bit-triq, minn hawn 'il quddiem "il-professjoni tat-trasportatur bit-triq". Dawn ir-regoli komuni jistgħu jikkontribwixxu lejn livell għoli ta' kwalifika professjonali tat-trasportaturi, lejn ir-razzjonalizzazzjoni tas-suq, lejn it-titjib tal-kwalità tas-servizz fl-interess tat-trasportaturi, tal-klijenti tagħhom u tal-ekonomija kollha kemm hi, kif ukoll lejn aktar sikurezza fit-toroq. Dawn ir-regoli għandhom iħaffu wkoll l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment għat-trasportaturi.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE tad-29 ta' April 1996 dwar dħul għall-impjieg ta' operatur ta' trasport ta' merkanzija bit-triq u operatur ta' trasport ta' passiġġieri bit-triq u r-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u evidenza oħra ta' kwalifiki formali intenzjonati li jiffaċilitaw għal dawn l-operaturi d-dritt tal-libertà li jistabbilixxu ħidmiet ta' trasport nazzjonali jew internazzjonali ([4]), stabbiliet il-kundizzjonijiet minimi għad-dħul għall-professjoni tat-trasportatur bit-triq, kif ukoll ir-rikonoxximent reċiproku tad-dokumenti meħtieġa għal dan il-għan. Madankollu, l-esperjenza, il-valutazzjoni tal-impatt u diversi studji juru li din id-Direttiva hija applikata fl-Istati Membri b'mod diverġenti ħafna. Din id-diverġenza għandha bosta konsegwenzi negattivi, partikolarment ta' tagħwiġ tal-kompetizzjoni, ċertu nuqqas ta' trasparenza tas-suq, livelli eteroġenji ta' kontroll u r-riskju li l-impriżi b'livell baxx ta' kwalifika professjonali jkunu negliġenti jew jirrispettaw inqas ir-regoli ta' sikurezza fit-toroq u r-regoli soċjali, sitwazzjoni li tista' tkun ta' ħsara għad-dehra tas-settur.

(3) Dawn il-konsegwenzi jsiru saħansitra aktar negattivi għax jistgħu jxekklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport bit-triq. Fil-fatt, l-aċċess għas-suq tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija u ta' ċerti operazzjonijiet ta' kabotaġġ huwa miftuħ għall-impriżi kollha tal-Komunità. L-unika kundizzjoni imposta fuq dawn l-impriżi hija li jkollhom liċenzja Komunitarja, li tista' tinkiseb ladarba jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dħul għall-impjieg, skond ir-Regolament (KE) Nru .../*2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-... [dwar ir-regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport ta' merkanzija bit-triq]* ([5]) u r-Regolament (KE) Nru .../*2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-... [dwar ir-regoli komuni għall-aċċess għas-suq tas-servizzi bil-kowċ u bix-xarabank]* ([6]).

(4) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-regoli eżistenti għad-dħul għall-professjoni tat-trasportatur bit-triq jiġu modernizzati, sabiex tkun żgurata applikazzjoni aktar omoġenja u effiċjenti. Peress li l-konformità ma' dawn ir-regoli tikkostitwixxi l-kundizzjoni ewlenija biex wieħed jidħol fis-suq Komunitarju, u peress li fil-qasam tal-aċċess għas-suq, l-istrumenti Komunitarji applikabbli huma Regolamenti, jidher li regolament huwa l-aktar strument xieraq biex jirregola d-dħul għall-professjoni.

(5) Fl-interess tal-kompetizzjoni ġusta, ir-regoli komuni għall-eżerċizzju tal-professjoni għandhom ikunu applikati b'mod kemm jista' jkun wiesa' għall-impriżi kollha. Madankollu, mhuwiex neċessarju li jkunu inklużi f'dan ir-Regolament l-impriżi li jiżvolġu operazzjonijiet ta' trasport b'impatt żgħir ħafna fuq is-suq tat-trasport.

---

([1]) ĠU C ....
([2]) ĠU C ....
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008.
([4]) ĠU L 124, 23.5.1996, p. 1. ‖.
([5]) ĠU L ....
([6]) ĠU L ....

(6) L-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-impriża għandha tkun responsabbli li tivverifika li l-impriża tirrispetta dejjem il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament, sabiex jekk meħtieġ, l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jiddeċiedi li jissospendi jew jirtira l-awtorizzazzjonijiet li jippermettu li l-impriża topera fis-suq. Il-konformità effettiva mal-kundizzjonijiet għad-dħul għall-professjoni u l-kontroll affidabbli tagħhom jitolbu li l-impriżi jkollhom stabbiliment reali u sod.

(7) Jeħtieġ li l-persuni fiżiċi li jgawdu mill-kondotta tajba u mill-kompetenza professjonali meħtieġa jkunu identifikati biċ-ċar u kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-persuni, imsemmija "maniġers tat-trasport", għandhom ikunu ***residenti fi Stat Membru u*** jmexxu effettivament u b'mod permanenti l-attivitajiet ta' trasport tat-trasportaturi bit-triq. Jaqbel li jkunu speċifikati l-kundizzjonijiet li skondhom persuna titqies li tmexxi, b'mod kontinwu u effettiv, operazzjoni ta' trasport f'impriża.

(8) Il-kondotta tajba ta' maniġer tat-trasport tiddependi minn jekk dan ikunx qala' kundanni penali serji jew sanzjonijiet serji, partikolarment fejn jidħol il-ksur tar-regoli Komunitarji dwar it-trasport bit-triq. Fl-oqsma koperti mir-regoli Komunitarji, jeħtieġ li jiġu definiti b'mod konġunt it-tipi ta' ksur u l-livelli korrispondenti ta' serjetà li jistgħu jixħtu dubju fuq il-kondotta tajba ta' impriża.

***(9) Il-Kummissjoni għandha tfittex li tiżgura li ksur serju jkun ikkastigat bl-istess severità fl-Istati Membri differenti, u li jittieħdu miżuri adegwati għal dak il-għan.***

*(10)* Impriża tat-trasport bit-triq għandu jkollha livell minimu ta' kapaċità finanzjarja biex jiżgura l-istabbiliment u t-tmexxija tajba tal-impriża. ▌Jaqbel li jintużaw indikaturi finanzjarji ▌, definiti ***sew*** rilevanti, li jistgħu jkunu stabbiliti abbażi ta' kontijiet annwali. Jekk jixtieqU, l-impriżi għandu jkollhom il-possibbiltà li juru l-kapaċità finanzjarja tagħhom permezz ta' garanzija bankarja ***jew permezz ta' strument finanzjarju ieħor bħalma hi assikurazzjoni, li*** jista' jkun metodu orħos u aktar sempliċi għal dawn l-impriżi.

*(11)* Livell għoli ta' kwalifika professjonali għandu jsaħħaħ l-effiċjenza soċjoekonomika tas-settur tat-trasport bit-triq. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-applikanti għall-pożizzjoni ta' maniġer tat-trasport isegwu taħriġ ta' kwalità. Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet aktar omoġenji ta' taħriġ u ta' eżaminar, kif ukoll it-trasparenza fir-rigward tal-applikanti, jaqbel li jkun previst li l-Istati Membri jakkreditaw iċ-ċentri ta' taħriġ u ta' eżaminar skond kriterji li għandhom jiddefinixxu huma. ▌Wara l-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern, is-swieq nazzjonali m'għadhomx separati. B'konsegwenza ta' dan, il-persuni li jmexxu attivitajiet ta' trasport għandu jkollhom l-għarfien meħtieġ biex imexxu operazzjonijiet ta' trasport kemm fuq il-livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali. Il-lista tas-suġġetti li għandhom ikunu jafu biex ikunu jistgħu jiksbu ċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali, kif ukoll ir-regoli dettaljati għall-organizzazzjoni tal-eżamijiet, jistgħu jevolvu skond il-progress teknoloġiku, u għalhekk jaqbel illi jkunu aġġornati.

*(12)* Għall-kompetizzjoni ġusta, u għat-trasport bit-triq li jirrispetta bis-sħiħ ir-regoli, jeħtieġ livell omoġenju ta' monitoraġġ u sorveljanza fost l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli għas-sorveljanza tal-impriżi u tal-validità tal-awtorizzazzjoni tagħhom għandhom rwol fundamentali x'jiżvolġu. Jeħtieġ li jkun żgurat li dawn l-awtoritajiet jieħdu l-miżuri xierqa meta meħtieġ, partikolarment ***fil-każijiet l-aktar serji,*** biex jissospendu jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet, jew biex jiddikjaraw inkompetenti lill-maniġers tat-trasport negliġenti jew qarrieqa. ***Dan għandu jsir wara konsiderazzjoni xierqa tal-miżura fir-rigward tal-prinċipju tal-proporzjonalità.*** Madankollu, impriża għandha tkun imwissija bil-quddiem, u għandha tingħatalha skadenza raġunevoli biex isiru konformi mar-regoli qabel ma jirċievu tali sanzjonijiet.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

*(13)* Kooperazzjoni amministrattiva aktar organizzata fost l-Istati Membri għandha ssaħħaħ l-effiċjenza tal-monitoraġġ tal-impriżi li joperaw f'diversi Stati Membri, kif ukoll tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi. Reġistri elettroniċi tal-impriżi interkonnessi madwar il-Komunità, f'konformità mar-regoli Komunitarji dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, għandhom jiffaċilitaw tali kooperazzjoni u jnaqqsu l-ispejjeż marbutin mal-kontrolli, kemm għall-impriżi kif ukoll għall-amministrazzjonijiet. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, reġistri elettroniċi nazzjonali diġà jeżistu. Jeżistu wkoll infrastrutturi ta' interkonnessjoni fost l-Istati Membri. Għaldaqstant, l-użu aktar sistematiku ta' dawn ir-reġistri nazzjonali tal-impriżi, kif ukoll tal-interkonnessjoni tagħhom fuq il-livell Ewropew, jista' jwassal għal spejjeż aktar baxxi, kif ukoll għal tnaqqis sinifikanti tal-ispejjeż amministrattivi tal-kontrolli, filwaqt li tittejjeb l-effiċjenza tagħhom.

*(14)* Parti mid-*data* li hemm f'dawn ir-reġistri dwar il-ksur u s-sanzjonijiet hija personali. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data* ([1]), partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tat-trattament ta' dik id-*data* mill-awtoritajiet pubbliċi u mad-drittijiet tal-persuni kkonċernati għall-aċċess għall-informazzjoni u għall-oppożizzjoni. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, jidher neċessarju li dan it-tip ta' *data* tinżamm għal talanqas xahrejn, biex jiġi evitat li l-impriżi skwalifikati jistabbilixxu ruħhom fi Stati Membri oħra.

*(15)* L-interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali hija tal-akbar importanza biex tippermetti skambju ta' informazzjoni rapidu u effikaċi fost l-Istati Membri, u biex tiggarantixxi li t-trasportaturi ma jaqgħux fit-tentazzjoni jew ma jirriskjawx li jwettqu ksur serju fi Stati Membri barra mill-pajjiż ta' stabbiliment tagħhom. Din l-interkonnessjoni titlob li jiġu ddefiniti b'mod konġunt il-format preċiż tad-*data* kif ukoll il-proċeduri tekniċi għall-iskambju.

*(16)* Biex l-iskambju tal-informazzjoni fost l-Istati Membri jkun effiċjenti, għandhom ikunu nnominati punti ta' kuntatt nazzjonali, u għandhom ikunu speċifikati ċerti proċeduri komuni rigward l-iskadenzi u n-natura tal-informazzjoni minima li tiġi ttrasferita.

*(17)* Biex tkun iffaċilitata l-libertà ta' stabbiliment, jaqbel li tkun aċċettata, bħala prova suffiċjenti tal-kondotta tajba biex ikunu awtorizzati l-attivitajiet imsemmija fi Stat Membru differenti għal dak fejn impriża tkun stabbilita, il-produzzjoni ta' dokumenti xierqa maħruġin minn awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-oriġini, filwaqt li jiġi żgurat li l-persuni kkonċernati ma ġewx iddikjarati inkompetenti biex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fl-Istati Membri l-oħra li jiġu minnhom.

*(18)* Rigward il-kompetenza professjonali, sabiex tkun iffaċilitata l-libertà ta' stabbiliment, mudell uniku ta' ċertifikat maħruġ skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandu jkun rikonoxxut bħala prova suffiċjenti mill-Istat Membri fejn tkun stabbilita l-impriża.

*(19)* Jeħtieġ monitoraġġ aktar mill-qrib tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-livell Komunitarju. Dan jimplika t-trasmissjoni mill-Kummissjoni ta' rapporti regolari dwar il-kondotta tajba, il-kapaċità finanzjarja u l-kompetenza professjonali tal-impriżi fis-settur tat-trasport bit-triq, imfassla abbażi tar-reġistri nazzjonali.

*(20)* Jeħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu *pieni* applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijet ta' dan ir-Regolament. Dawn *il-pieni* għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi.

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

*(21)* Peress li *l-għan ta' dan ir-Regolament*, jiġifieri l-modernizzazzjoni tar-regoli dwar id-dħul għall-professjoni tat-trasportatur bit-triq biex tiżgura applikazzjoni aktar omoġenja u komparabbli fl-Istati Membri, *ma jistax jintlaħaq* biżżejjed mill-Istati Membri u għaldaqstant jista' *jintlaħaq* aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' *tadotta miżuri*, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà *stabbilit* fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit *f'dak l-Artikolu*, dan ir-Regolament ma jmurx *'lil hinn* minn dak li hu meħtieġ sabiex *jinkiseb dak l-għan*.

*(22)* Jaqbel li l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [1].

*(23)* B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex tistabbilixxi lista tal-kategoriji, tipi u livelli tas-serjetà tal-ksur ***serju li f'ċerti ċirkostanzi jista' jwassal għas-sitwazzjoni fejn*** trasportatur bit-triq jista' jitlef il-kondotta tajba meħtieġa; biex tadatta, skond il-progress teknoloġiku, l-Anness ta' dan ir-Regolament dwar l-għarfien li trasportatur għandu jkollu biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirrikonoxxu l-kompetenza professjonali tiegħu; biex tadatta wkoll l-Anness dwar il-mudell ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali; u biex tistabbilixxi lista tal-ksur ***li jista' jwassal f'ċerti każijiet, u skond in-natura tal-ksur, biex tiġi kkunsidrata s-sospensjoni jew l-irtirar ta'*** l-awtorizzazzjoni biex wieħed jeżerċita l-professjoni, ***jew li tinħareġ*** dikjarazzjoni ta' inkompetenza. Peress li dawn il-miżuri huma ta' karattru ġenerali u għandhom l-għan li jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jew li jikkompletawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. Għar-raġunijiet ta' effiċjenza, l-iskadenzi applikabbli normalment fil-qafas tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom jitqassru għall-aġġornament tal-mudell ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali.

*(24)* Għaldaqstant, id-Direttiva 96/26/KE għandha titħassar.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet ġenerali

### Artikolu 1

### L-għan u ***l-kamp ta' applikazzjoni***

1. Dan ir-Regolament jirregola d-dħul għall-impjieg tat-trasportatur bit-triq u l-iżvolġiment tiegħu.

**2**. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-impriżi kollha stabbiliti fil-Komunità li jeżerċitaw il-professjoni tat-trasportatur bit-triq. Japplika wkoll għall-impriżi li ***għandhom il-ħsieb*** jeżerċitaw il-professjoni tat-trasportatur bit-triq ***u referenzi għal impriżi li jeżerċitaw il-professjoni ta' trasportatur bit-triq għandhom jitqiesu, kif xieraq, li jinkludu referenza għal impriżi li għandhom il-ħsieb jeżerċitaw din il-professjoni***.

**3**. B'deroga mill-paragrafu 1, dan ir-Regolament ma japplikax:

a) għall-impriżi li jeżerċitaw il-professjoni tat-trasportatur tal-merkanzija bit-triq, permezz biss ta' vetturi bil-mutur jew gruppi ta' vetturi li l-piż massimu awtorizzat tagħhom ma jaqbiżx 3.5 tunnellata. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu dan il-limitu għat-totalità tal-kategoriji tat-trasport jew għal parti minnhom.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ‖.

b) għall-impriżi li jiżvolġu ▌ operazzjonijiet ta' trasport tal-passiġġieri bit-triq, għal finijiet ***esklussivament*** mhux kummerċjali ***jew mingħajr ħlas***, li l-attività ewlenija tagħhom hija differenti minn dik ta' trasportatur tal-passiġġieri bit-triq, u li l-vetturi użati tagħhom huma misjuqin mill-impjegati tagħhom stess.

***c) impriżi li jiżvolġu l-professjoni tat- trasportur bit-triq biss permezz ta' vetturi bil-mutur b'veloċitá massima awtorizzata li ma taqbeżx l-40 km/h.***

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

‖ Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

a) "professjoni ta' t-trasportatur bit-triq" tfisser il-professjoni tat-trasportatur tal-passiġġieri bit-triq jew il-professjoni tat-trasportatur tal-merkanzija bit-triq;

b) "professjoni tat-trasportatur tal-merkanziji bit-triq" tfisser l-attivitajiet ta' kull impriża li twettaq trasport tal-merkanzija f'isem ħaddieħor, jew permezz ta' vetturi bil-mutur, jew permezz ta' gruppi ta' vetturi;

c) professjoni tat-trasportatur tal-passiġġieri bit-triq tfisser l-attivitajiet ta' kull impriża li tiżvolġi servizzi ta' trasport tal-passiġġieri għall-pubbliku jew għal kategoriji speċifiċi ta' utenti, bi ħlas mill-persuna ttrasportata jew mill-organizzatur tat-trasport, permezz ta' vetturi bil-mutur magħmulin u mgħammra b'tali mod li jkunu adatti biex iġorru aktar minn disa' persuni, inkluż ix-xufier;

d) impriża tfisser kull persuna fiżika, kull persuna ġuridika bi skop ta' lukru jew mingħajru, kull assoċjazzjoni jew kull raggruppament ta' persuni mingħajr personalità ġuridika bi skop ta' lukru jew mingħajru, kif ukoll kull korp uffiċjali, ikollux personalità ġuridika proprja u jew jiddependix minn awtorità b'personalità ġuridika;

e) maniġer tat-trasport tfisser persuna fiżika impjegata minn impriża, jew fil-każ li din l-impriża hija persuna fiżika, din l-istess persuna, jew fejn ***hemm dispożizzjoni għaliha***, persuna fiżika oħra maħtura permezz ta' kuntratt, u li tmexxi b'mod effettiv u permanenti l-attivitajiet ta' trasport ta' din l-impriża;

f) awtorizzazzjoni għad-dħul għall-impjieg tat-trasportatur bit-triq tfisser deċiżjoni amministrattiva li tawtorizza lil impriża li tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati minn dan it-Regolament biex jeżerċitaw l-professjoni tat-trasportatur bit-triq;

g) awtorità kompetenti ▌ tfisser awtorità fi Stat Membru fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, li ***biex tawtorizza l-eżerċitar tal-professjoni*** tivverifika li impriża tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati minn dan ir-Regolament, u li għandha s-setgħa li toħroġ, tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq;

(h) Stat Membru ta' stabbiliment tfisser l-Istat Membru li fih ***hija stabbilita***, irrispettivament jekk il-maniġer tat-trasport jiġix minn pajjiż *ieħor* jew le.

▌

▌

Artikolu 3

Rekwiżiti għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq

L-impriżi li jeżerċitaw il-professjoni tat-trasportatur bit-triq ‖ għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

a) għandu jkollhom stabbiliment reali u sod f'wieħed mill-Istati Membri ***kif previst fl-Artikolu 5***;

b) għandu jkollhom kondotta tajba ***kif previst fl-Artikolu 6***;

c) għandu jkollhom il-kapaċità finanzjarja xierqa ***kif previst fl-Artikolu** 7*;

d) għandu jkollhom il-kompetenza professjonali meħtieġa ***kif previst fl-Artikolu 8***.

Il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu rispettati biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti huma ddefiniti fil-Kapitolu II. Dan ir-Regolament mhuwiex kontra li l-Istati Membri jiddeċiedu li jimponu kundizzjonijiet addizzjonali li għandhom jissodisfaw l-impriżi biex ikunu awtorizzati li jeżerċitaw il-professjoni tat-trasportatur bit-triq.

Artikolu 4

Il-maniġer tat-trasport

1. Impriża li ***teżerċita*** l-professjoni tat-trasportatur bit-triq għandha *taħtar* ▌ *millinqas* persuna fiżika waħda***, imsejħa l-maniġer tat-trasport,*** li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 3(b) u 3(d) ***u li tirrispetta wkoll*** l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) għandha tmexxi l-attivitajiet ta' trasport tal-impriża b'mod effettiv u permanenti, *u*

b) ***għandu jkollha rabta ġenwina mal-impriża,*** għandha tkun ***impjegata, imsieħba, direttriċi, parti interessata jew għandu jkollha relazzjoni kuntrattwali simili ma'l-*** -impriża***, jew timmaniġġjaha,***, jew jekk l-impriża hija persuna fiżika, għandha tkun din l-istess persuna***, jew, jekk l-impriża hi assoċjazzjoni, tkun intitolata li tirrappreżenta legalment u li tagħmel deċiżjonijiet li jorbtu f'isem l-assoċjazzjoni***;

***c) għandu jkollha r-residenza tagħha fi Stat Membru.***

***L-impriża għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar il-maniġer jew il-maniġers tat-trasport li jinħatru.***

2. ***Jekk*** ma tissodisfax ir-rekwiżit tal-kompetenza professjonali stipulat fl-Artikolu 3(d), l-***awtorità*** kompetenti jistgħu jawtorizzawha biex teżerċita l-professjoni tat-trasportatur bit-triq ***mingħajr ma jinħatar maniġer tat-trasport f'konformità mal-paragrafu 1***, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) li *taħtar* ▌ persuna ***fiżika*** oħra ***li għandha r-residenza tagħha fi Stat Membru*** li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 3(b) u 3(d), u li permezz ta' kuntratt hija awtorizzata biex tiżvolġi kompiti bħala maniġer tat-trasport f'isem l-impriża ***u tinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar dan***;

b) li l-kuntratt li jorbot l-impriża u l-maniġer tat-trasport jispeċifika l-kompiti li għandhom jitwettqu b'mod ***kontinwu*** mill-parti kkonċernata, u jindika r-responsabbiltajiet tagħha bħala maniġer tat-trasport; il-kompiti li għandhom jitwettqu jinkludu partikolarment dawk marbutin *mal-**immaniġġjar*** tal-vetturi, l-ivverifikar tal-kuntratti u tad-dokumenti tat-trasport, il-kontabbiltà, l-assenjazzjoni ta' kunsinni ***jew servizzi*** lix-xufiera u lill-vetturi, u l-ivverifikar tal-proċeduri ta' sikurezza;

c) li l-persuna nnotifikata ma tmexxix, bħala maniġer tat-trasport, l-attivitajiet ta' trasport ta' aktar minn erba' impriżi differenti***. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi dwar il-massimu ta' vetturi li maniġer tat-trasport jista' jmexxi, li ma għandhiex tkun ta' aktar minn 50 għal kull maniġer tat-trasport***;

d) li l-persuna nnotifikata tkun indipendenti mill-impriżi oħrajn li *jitolbu**lill-impriża*** li *twettaq* operazzjonijiet ta' trasport, jew li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport f'*isem**l-impriża***.

▌

**Kapitolu II**

**Il-kundizzjonijiet**

Artikolu 5

Il-kundizzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit tal-istabbiliment

Biex jintlaħaq ir-rekwiżit previst fl-Artikolu 3(a) ▌l-impriza *fl-Istat Membru ikkonċernat* għandu jkollha:

a) stabbiliment, ▌▌b'sede fejn iżżomm id-dokumentazzjoni tan-negozju tagħha ***għall-perjodi ta' żmien stabbiliti bil-liġi***, u partikolarment id-dokument tal-kontijiet, dwar il-ġestjoni tal-persunal, u kwalunkwe dokumenti oħra tagħha ***b'mod li d-data tkun sikura u*** li għalihom l-awtorità kompetenti biex tawtorizza

l-eżerċizzju tal-professjoni għandu jkollha aċċess sabiex tivverifika l-konformità mal-kundizzjonjiet previsti f'dan ir-Regolament ***waqt li tkun konformi mal-istandards kollha għall-ħarsien tad-data tal-persunal***;

b) ***vettura waħda jew iktar minn vettura waħda*** għad-dispożizzjoni tagħha, kemm jekk totalment proprjetà tagħha, jew miksuba taħt titolu ieħor, bħal b'kuntratt ta' xiri bin-nifs, kera jew kuntratti ta' twellija, jew b'kuntratt ta' xiri, li jkunu rreġistrati ▌ f'dak l-Istat Membru;

c) ***tmexxija effettiva u kontinwa tal-operazzjonijiet tagħha f'***ċentru operattiv f'dak l-Istat Membru, bit-tagħmir meħtieġ ***u kapaċi meta mitluba turi fejn fi Stat Membru tal-istabbiliment huma pparkjati l-vetturi meta m'humiex qed jintużaw***.

Artikolu 6

Il-kundizzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit tal-kondotta tajba

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3(b), ***u suġġett għall-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti minn impriża u minn maniġer tat-trasport f'konformità ma' dan ir-Regolament sabiex kull wieħed minnhom jissodisfa*** ir-rekwiżit tal-kondotta tajba.

***Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jinkludu r-rekwiżiti li ġejjin***:

a) ma jkun hemm l-ebda raġuni serja li tixhet dubju fuq il-kondotta tajba ***tal-impriża tat-trasport, tal-maniġers tat-trasport tagħha jew ta' kull persuna rilevanti, bħal kundanna ta' ħtija jew pieni għal kull ksur serju tar-regoli nazzjonali fis-seħħ fil-qasam:***

   ***i) tal-liġi kummerċjali;***

   ***ii) tal-liġi dwar il-falliment;***

   ***iii) tal-kundizzjonijiet tal-ħlas u tax-xogħol fil-professjoni;***

   ***iv) tat-traffiku tat-toroq;***

   ***v) tar-responsabbiltà professjonali; u***

   ***vi) tat-traffikar tal-bnedmin jew tad-drogi.***

b) ***il-maniġer tat-trasport jew l-impriża tat-trasport ma wettqux*** reati jew ingħatatx/ingħatawx sanzjonijiet f'wieħed ***jew iktar*** mill-Istati Membri għall-ksur serju ▌ ta' regoli Komunitarji partikolarment dwar:

   i) il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodu ta' mistrieħ għax-xufiera, il-ħinijiet tax-xogħol, u l-*installazzjoni* u l-użu tat-tagħmir tar-reġistrazzjoni; ***il-verifika għandha tkopri l-konformità kontinwa tagħhom, l-arkivjar tad-data u l-ħarsien tad-data dwar il-persunal li tkun inkisbet;***

   ii) il-piżijiet massimi u l-qisien tal-vetturi kummerċjali użati għat-trasport internazzjonali;

   iii) il-kwalifiki inizjali u t-taħriġ kontinwu tax-xufiera;

   (iv) ▌ *il*-kundizzjoni tajba tal-vetturi kummerċjali***, inkluża*** l-ispezzjoni teknika ▌ obbligatorja tal-vetturi bil-mutur;

   v) l-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq jew, fejn xieraq, l-aċċess għas-suq tat-trasport tal-passiġġieri;

   vi) is-sikurezza fit-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq;

   vii) l-istallazzjoni u l-użu ta' tagħmir għall-kontroll tal-veloċità fuq ċerti kategoriji ta' vetturi;

   viii) il-liċenzja tas-sewqan;

   ix) id-dħul għall-professjoni.

▌

2. Għall-finijiet tal-***paragrafu 1, subparagrafu 2 (b)***:

a) ***kundanna ta' ħtija jew pieni li l-maniġer tat-trasport jew l-impriża tat-trasport ikunu suġġetti għalihom f'wieħed jew iktar mill-Istati Membri għall-iktar tipi ta' ksur serji tar-regoli Komunitarji, stabbiliti fl-Anness III, iwasslu għat-telf tal-kondotta tajba wara li ssir proċedura amministrattiva li tintemm b'mod korrett u, jekk ikun xieraq, wara li jsir kontroll fil-bini tal-impriża sakemm l-awtorità kompetenti, għal raġunijiet eċċezzjonali u oħrajn iġġustifikati b'mod korrett, ma tistabbilixxix li dan jikkostitwixxi reazzjoni sproporzjonata. F'każ bħal dan, ir-raġunijiet eċċezzjonali u ġġustifikati b'mod korrett għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistru nazzjonali u jkunu indikati fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 25(1). Il-miżuri li tfasslu sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, li huma relatati mal-adattament tal-Anness III sabiex dan iqis l-iżvilupp tal-acquis communautaire fil-qasam tat-trasport bit-triq, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 24(3)***;

b) ***il-Kummissjoni għandha tadotta, mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2010, lista ta' kategoriji, tipi u livelli ta' gravità ta' ksur li jista' jwassal għat-telf tal-kondotta tajba. L-Istati Membri għandhom iqisu l-informazzjoni dwar dak il-ksur, inkluża informazzjoni li tasal mingħand Stati Membri oħrajn, meta jistabbilixxu l-prijoritajiet għall-kontrolli f'konformità mal-Artikolu 11(2)***.

***Il-miżuri li tfasslu sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, li huma relatati ma' din il-lista, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 24(3).***

***Għal dan il-għan u mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni għandha:***

***i) tistabbilixxi l-kategoriji u t-tipi ta' ksur li l-aktar iseħħu frekwentament;***

***ii) tiddefinixxi l-livell ta' gravità tal-ksur skond il-potenzjal tiegħu li joħloq riskju ta' fatalitajiet jew korrimenti serji; u***

***iii) tipprovdi l-frekwenza tal-okkorrenza li lilhinn minnha ksur ripetut jitqies bħala iktar gravi, billi jitqies l-għadd ta' xufiera li jintużaw għall-attivitajiet tat-trasport immexxija mill-maniġer tat-trasport.***

3. Ir-rekwiżit tal-kondotta tajba jibqa' mhux sodisfatt sakemm tkun saret rijabilitazzjoni jew kwalunkwe miżura oħra li jkollha effett ekwivalenti, skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti eżistenti.

Artikolu 7

Il-kundizzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit tal-kapaċità finanzjarja

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3(c), ***impriża għandu jkollha l-ħila li*** fi kwalunkwe waqt taqdi ***l-obbligi finanzjarji tagħha*** matul is-sena *tal-kontijiet annwali*. Għal dan il-għan, l-impriża għandha turi, abbażi tal-kontijiet annwali ċċertifikati minn awditur jew minn persuna akkreditata kif xieraq, li għandha għad-dispożizzjoni tagħha għal kull sena ***kapital u riservi*** li jammontaw mhux inqas minn EUR 9 000 għall-użu ta' vettura waħda u EUR 5 000 għal kull vettura addizzjonali wżata.

***Ir-riżorsi kapitali għandhom ikunu murija permezz ta' karta ta' bilanċ tal-kummerċ iċċertifikata jew karta ta' bilanċ għal skopijiet ta' taxxa. Persuni li qed japplikaw għall-aċċess għall-professjoni ta' maniġer tat-trasport għall-ewwel darba jridu jippreżentaw karta tal-bilanċ tal-ftuħ iċċertifikata***.

▌

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-valur tal-euro f'dawk il-muniti nazzjonali li mhumiex parteċipanti fit-tielet stadju tal-Unjoni Monetarja għandu jkun iffissat kull ***sena***. Ir-rati li għandhom ikunu applikati *jkunu* dawk miksuba fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru u ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dawn għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja li jmiss.

L-elementi tal-kontijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinftiehmu bħal dawk definiti fir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju tal-1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji ([1]).

2. B'deroga mill-*paragrafu 1*, l-awtorità kompetenti tista' taċċetta li impriża tagħti prova tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha permezz ta' ċertifikat maħruġ minn bank wieħed jew aktar jew istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn ***inklużi kumpaniji tal-assikurazzjoni*** fejn jipprovdu garanzija konġunta u individwali għall-impriża fil-forma ta' garanzija bankarja, jew kwalunkwe mezz ieħor simili, fir-rigward tal-ammonti speċifikati fil-***paragrafu 1.*** Il-garanzija bankarja ***jew tal-assikurazzjoni*** tista' tintalab mill-awtorità kompetenti li tawtorizza l-eżerċizzju tal-professjoni u ma tistax tiġi rrilaxxata mingħajr l-approvazzjoni tagħha minn qabel. ***L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina wkoll il-kundizzjonijiet li japplikaw sabiex il-garanzija bankarja jew l-assikurazzjoni tkun tista' tintalab u tiġi rrilaxxata għall-benefiċċju ta' kredituri oħrajn.***

3. Il-kontijiet annwali msemmija fil-***paragrafu 1***, u l-garanzija msemmija fil-***paragrafu 2***, li għandhom ikunu vverifikati, huma dawk ta' dik l-entità ekonomika stabbilita fit-territorju tal-Istat Membru li fih issir applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u mhux dawk ta' kwalunkwe entità oħra stabbilita fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor.

## Artikolu 8

### Il-kundizzjonijiet fir-rigward tar-rekwiżit tal-kompetenza professjonali

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 3(d), il-***persuna jew persuni kkonċernati għandu jkollhom*** l-għarfien korrispondenti mal-livell ta' taħriġ fis-suġġetti elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I. Dan għandu jiġi stabbilit, ▌ permezz ta' eżami bil-kitba obbligatorju li***, jekk Stat Membru jiddeċiedi dan,*** jista' jkun akkumpanjat minn eżami orali. Dawn l-eżamijiet għandhom jiġu organizzati skond l-Anness I, Taqsima II.

***2. Il-persuni kkonċernati għandhom jagħtu l-eżami fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom.***

3. L-awtoritajiet u l-korpi akkreditati biss għal dan il-għan minn Stat Membru skond il-kriterji definiti minnu jistgħu jorganizzaw eżamijiet bil-kitba jew orali fejn il-kompetenza professjonali tkun tista' tiġi stabbilita. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw regolarment il-kundizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet u l-korpi akkreditati jorganizzaw l-eżamijiet skond l-Anness I.

4. L-Istati Membri għandhom jakkreditaw, skond il-kriterji li jiddefenixxu ***u li huma kompatibbli reċiprokament***, lill-korpi li jkunu kapaċi joffru taħriġ ta' kwalità għolja biex iħejju lill-applikanti b'mod effiċjenti għall-eżami, u taħriġ kontinwu għall-maniġers tat-trasport li jkunu jixtiequ jaġġornaw l-għarfien tagħhom. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw regolarment li dawn il-korpi jissodisfaw f'kull waqt il-kriterji abbażi tal-akkreditament li ngħatatilhom.

5. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw ***mill-eżami persuni*** li jkunu taw prova ta' mill-anqas ***għaxar*** snin esperjenza prattika ***kontinwa*** f'livell ta' treġija ta' impriża tat-trasport ***iggwadanjata qabel il-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament***.

***6. L-Istati Membri jistaw jippromwovu t-taħriġ kif deskritt fl-Anness I u eżami kif deskritt fl-Artikolu 8, paragrafu 1, għall-maniġers tat-trasport f'intervalli ta' għaxar snin sabiex jiġi żgurat li l-maniġers ikunu jafu bl-iżviluppi fis-settur.***

***7. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-maniġers tat-trasport b'esperjenza prattika li jirriturnaw għall-professjoni wara perjodu ta' 5 snin ta' assenza għandhom jieħdu t-taħriġ mill-ġdid u l-aġġornament meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jkomplu jagħtu prova tal-kompetenza professjonali tagħhom u tat-tagħrif tagħhom dwar l-iżviluppi attwali tal-leġiżlazzjoni applikabbli għal din il-professjoni.***

([1]) ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11. ▌.

*8.* L-Istati Membri jistgħu jeżentaw, lit-titolari ta' ċerti diplomi avvanzati jew diplomi tekniċi maħruġa f'dak l-Istat Membru, li jeħtieġ l-attendenza għall-korsijiet fis-suġġetti elenkati fl-Anness I u li huma speċifikament jidentifikaw għal dan il-għan, mit-taħriġ ▌ fis-suġġetti koperti mid-diplomi***, u mill-eżami***.

*9.* Ċertifikat maħruġ mill-awtorità jew korp previst fil-*paragrafu 3* għandu jingħata bħala prova ta' kompetenza professjonali. Dan iċ-ċertifikat ma jkunx trasferibbli ***lil xi persuna fiżika jew ġuridika oħra***. Għandu jitfassal skond il-mudell ta' ċertifikat stabbilit fl-Anness II u juri timbru jew siġill stampat mill-awtorità jew korp li jkun ħarġu.

*10.* Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-Anness I u II skond il-progress teknoloġiku. Billi dawn il-miżuri huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija *fl-Artikolu 24(3)*, fir-rigward tal-Anness I, u skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija *l-Artikolu 24(4)*, fir-rigward tal-Anness II.

*11.* Skambju ta' esperjenzi u tagħrif fost l-Istati Membri dwar taħriġ, eżamijiet u akkreditament għandhom jitħeġġu b'mod attiv, prinċipalment, imma mhux esklussivament, permezz tal-Kumitat imsemmi *fl-Artikolu 24* u minn kull korp ieħor li l-Kummissjoni tista' taħtar.

## Kapitolu III

## L-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza

### Artikolu 9

### L-awtoritajiet kompetenti

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar biex jiġi żgurat li r-Regolament jiġi implimentat sewwa. Dawn l-awtoritajiet kompetenti għandha tingħatalhom is-setgħa li:

a) jeżaminaw l-applikazzjonijiet mill-impriżi;

b) jawtorizzaw l-eżerċizzju tal-professjoni, u s-suspensjoni jew l-irtirar ta' tali awtorizzazzjonijiet;

c) jiddikjaraw li persuna fiżika mhix kapaċi tmexxi l-attivitajiet tat-trasport ta' impriża fil-kariga ta' maniġer tat-trasport;

d) iwettqu l-verifiki meħtieġa biex jaraw li impriża tissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw il-kundizzjonijiet kollha stipulati skond dan ir-Regolament, kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali oħra, il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-applikanti interessati u l-ispjegazzjonijiet korrispondenti.

### Artikolu 10

### L-eżami u r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet

1. ***Impriża tat-trasport li tikkonforma mar***-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3 ***għandha tkun awtorizzata, wara li tissottometti applikazzjoni,****li teżerċita* il-professjoni tat-trasportatur bit-triq. ***L-awtorità kompetenti għandha taċċerta ruħha li impriża li tissottometti applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti previsti f'dak l-Artikolu.***

2. L-awtorità kompetenti għandha ***tkun responsabbli mill-aġġornament u miż-żamma****tar*-reġistru elettroniku msemmi fl-Artikolu 15.

***L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra, fir-reġistru elettroniku msemmi fl-Artikolu 15 l-isem uffiċjali tal-impriża***, l-isem tal-maniġer tat-trasport maħtur mill-impriża ***u indikazzjoni dwar jekk huwiex adattat għall-immaniġġjar tat-trasport***, l-indirizz tal-istabbiliment, l-għadd tal-vetturi li jkunu qed jintużaw u, jekk l-awtorizzazzjoni tkun valida għat-trasport internazzjonali, in-numru tas-serje tal-liċenzja Komunitarja u dak tal-kopji attestati.

3. Il-perjodu għall-eżami ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjonijet mill-awtorità kompetenti għandu jkun qasir kemm jista jkun u m'għandux jaqbeż it-tliet xhur.

4. *Mill-**1 ta' Jannar 2012***, awtorità kompetenti***, f'każ li jkun hemm dubju,*** għandha tivverifika, meta tkun qed teżamina l-kondotta tajba ta' impriża, li l-maniġer wieħed jew aktar tat-trasport maħtura — ***meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni — ma jkunx ġie****ddikjarat,*, f'wieħed mill-Istati Membri, li mhumiex kapaċi li jmexxu l-attivitajiet tat-trasport ta' impriża skond l-Artikolu 13.

5. L-impriżi b'awtorizzazzjoni biex jeżerċitaw il-professjoni tat-trasportatur għandhom, fi żmien 28 jum, jinnotifikaw l-awtorità kompetenti li ħarġitilhom l-awtorizzazzjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

## Artikolu 11

## Il-kontrolli

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li impriżi li awtorizzaw biex jeżerċitaw il-professjoni ***ta' trasportatur bit-triq*** jkomplu jilħqu r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3. Għal dan il-għan, għandhom jivverifikaw kull ħames snin li l-impriżi għadhom jilħqu kull wieħed minn dawn ir-rekwiżiti.

***Il-Kummissjoni għandha tadatta r-rikorrenza ta' kontrolli regolari għall-progress tekniku, b'mod notevoli r-reġistri elettroniċi nazzjonali kif previst fl-Artikolu 15. Billi dawn il-miżuri huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 24(3).***

2. Barra l-verifiki previsti fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli mmirati lejn impriżi klassifikati li jinsabu f'riskju skond is-sistema stabbilita mill-Istati Membri skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/22/KE ([1]). L-Istati Membri għandhom jestendu din is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju biex jiġu koperti t-tipi ta' ksur imsemmija fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.

3. Stat Membru għandu jwettaq il-verifika tar-rekwiżiti biex jara jekk impriża għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet li jirregolaw id-dħul għall-professjoni kull meta titlobha l-Kummissjoni. Għandu jinforma lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq talba tal-Kummissjoni u bil-miżuri meħuda jekk ikun stabbilit li l-impriża ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament.

## Artikolu 12

## Il-proċedura ta' twissija u l-proċedura għall-irtirar tal-awtorizzazzjoni

1. ***F'każ li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi li impriża tinsab f'riskju li ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti*** stipulati fl-Artikolu 3 *l*-awtorità kompetenti ***għandha tinnotifika lill-impriza dwar dan. F'każ li l-awtorità kompetenti*** tistabbilixxi li ***wieħed minn dawn ir-rekwiżiti****m'għadux jiġi**ssodisfat, l-awtorità kompetenti tista' tikkonċedi limitu ta' żmien*** lill-impriża sabiex t***irrettifika s-sitwazzjoni fil-limiti li ġejjin:***

a) limitu ta' żmien li ma jaqbiżx ***it-tliet*** xhur għall-ingaġġ ta' maniġer tat-trasport ġdid jekk dak attwali ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti fir-rigward tal-kondotta tajba jew kompetenza professjonali, li jista jiġi estiż bi***tliet*** xhur fil-każ tal-mewt jew diżabilità fiżika tal-maniġer tat-trasport attwali;

b) limitu ta' żmien li ma jaqbiżx ***it-tliet*** xhur fejn l-impriża għandha tirrimedja s-sitwazzjoni billi turi li għandha stabbiliment reali u sod;

([1]) *Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u (KEE) 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE* (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).

c) limitu ta' żmien li ma jaqbiżx is-sitt xhur jekk ir-rekwiżit tal-kapaċità finanzjarja ma jkunx milħuq, sabiex tkun tista' turi, abbażi ta' pjan finanzjarju b'ipoteżijiet realistiċi, li r-rekwiżit tal-kapaċità finanzjarja se jerġa' jintlaħaq fuq bażi permanenti mis-sena finanzjarja li jmiss.

2. ***L-awtorità kompetenti tista' tesiġi li l-impriżi li l-awtorizzazzjoni tagħhom tkun ġiet sospiża jew irtirata, jiżguraw li l-maniġers tat-trasport tagħhom isegwu l-kors ta' taħriġ u jgħaddu mill-eżami msemmi fl-Artikolu 8 qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura ta' riabilitazzjoni.***

3. ***F'każ*** li *l*-awtorità kompetenti ***tistabbilixxi li l-impriża m'għadhiex tissodisfa wieħed jew iktar mir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3, hija tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni għall-eżerċitar tal-professjoni ta' trasportatur bit-triq li tkun ikkonċediet lill-impriża mhux iktar tard mil-limiti taż-żmien imsemmija fil-paragrafu 1***.

Artikolu 13

Id-dikjarazzjoni tal-inkompetenza tal-maniġer tat-trasport

1. Fil-każ ta' ksur ***serju kif msemmi fl-Artikolu 6(1)(b)***, li l-gravità tagħhom tkun stabbilita b'analiżi tan-natura sistematika u premeditata u tal-attentati ta' ħabi tal-fatti ***u li għalihom huwa responsabbli l-maniġer tat-trasport***, l-awtorità kompetenti għandha tiddikjara li l-maniġer tat-trasport, ta' impriża li l-awtorizzazzjoni tagħha ġiet irtirata, bħala inkompetenti li jmexxi l-attivitajiet tat-trasport ta' impriża.

2. Sakemm tittieħed miżura tar-rijabilitazzjoni ***f'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti***, iċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali msemmi fl-*Artikolu 8(9)* tal-persuna ddikjarata li tkun inkompetenti biex tmexxi l-attivitajiet tat-trasport ma jibqax validu fl-Istati Membri kollha.

Artikolu 14

Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti u l-appelli

1. Id-deċiżjonijiet ***negattivi*** meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skond dan ir-Regolament, ***li jinkluduċ***-ċaħda tal-applikazzjoni għad-dħul għall-professjoni tat-trasportatur bit-triq jew fl-irtirar ta' awtorizzazzjoni eżistenti ***u*** f'dikjarazzjoni ta' inkompetenza ***tal-maniġer tat-trasport***, għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati.

Dawn id-deċiżjonijiet għandhom iqisu l-informazzjoni disponibbli dwar il-ksur imwettaq *fi Stati Membri oħra* mill-impriża jew wieħed mill-maniġers tat-trasport li jkunu tali li jippreġudikaw il-kondotta tajba tal-impriża, u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli għall-awtorità kompetenti.

Id-deċiżjonijiet għandhom jispeċifikaw il-miżuri ta' rijabilitazzjoni applikabbli fil-każ tas-sospensjoni ta' awtorizzazzjoni jew dikjarazzjoni ta' inkompetenza.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li l-impriżi ***u l-persuni konċernati jkollhom*** il-possibbiltà li jappellaw ▌ *id*-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. ***inkluż quddiem qorti tal-ġustizzja***.

## Kapitolu IV

## Is-simplifikazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva

Artikolu 15

Ir-reġistri elettroniċi nazzjonali

1. Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikoli 10, 11, 12, 13 u *25*, kull Stat Membru għandu jżomm reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq ***u tal-maniġers tat-trasport*** li jkunu awtorizzati minn awtorità kompetenti maħtura minnu biex jeżerċitaw il-professjoni tat-

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

trasportatur bit-triq. It-trattament tad-*data* li jkun hemm f'dan ir-reġistru għandu jsir taħt is-sorveljanza tal-awtorità pubblika li tkun inħatret għal dan il-għan***, li għandha tkun responsabbli wkoll mill-użu u mill-aġġornament ta' din id-data. Ir-reġistru elettroniku nazzjonali għandu jkun fih taqsima pubblika waħda u taqsima konfidenzjali waħda***. Ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli elettronikament għall-awtoritajiet kollha kompetenti ta' dak l-Istat Membru msemmija fl-Artikolu 9. ***It-taqsima konfidenzjali tar-reġistru elettroniku****għandha tkun* aċċessibbli ***għall***-awtoritajiet ***li mhumiex l-awtoritajiet kompetenti***, biss f'każi ta' awtoritajiet debitament vestiti b'setgħat biex jimmonitorjaw u jimponu sanzjonijiet fil-qasam tat-trasport bit-triq u li l-impjegati tagħhom ikunu ħadu ġurament fir-rigward.

***Mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi flimkien mal-Istati Membri, l-istruttura minima tad-data li għandha tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali.***

***It-taqsima tar***-reġistru elettroniku nazzjonali ta' ***relatata mal-impriżi tat-trasport bit-triq*** Stat Membru għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

a) l-isem u l-forma ġuridika tal-impriża;

b) l-indirizz tal-istabbiliment tagħha;

c) isem il-maniġers tat-trasport maħtura biex jintlaħqu l-kundizzjonijiet tal-kondotta tajba u tal-kompetenza professjonali jew, fejn applikabbli, isem ir-rappreżentant ġuridiku;

d) it-tip tal-awtorizzazzjoni, l-għadd tal-vetturi li tkopri u, fejn applikabbli, in-numru tas-serje tal-liċenzja Komunitarja u dak tal-kopji attestati ***u l-marka tar-reġistrazzjoni tal-vettura ta' kull vettura li qed tkun użata skond l-awtorizzazzjoni mogħtija barra mill-Istat Membru tal-istabbiliment tal-impriża***;

e) l-għadd, il-kategorija u t-tip tal-ksur gravi ▌ li rriżultaw f'sanzjonijiet tul l-aħħar sentejn;

f) isem kwalunkwe persuna ddikjarata inkompetenti biex tmexxi l-attivitajiet ta' trasport ta' impriża tul l-aħħar sentejn, u l-miżuri tar-rijabilitazzjoni applikabbli.

***It-taqsima tar-reġistru elettroniku nazzjonali ta' Stat Membru, relatata mal-maniġers tat-trasport bit-triq għandha tinkludi d-data li ġejja:***

***a) l-isem tal-maniġer tat-trasport li jiġi dikjarat bħala kompetenti sabiex imexxi l-attività ta' trasport jew impriża;***

***b) l-isem, il-forma ġuridika u l-indirizz tal-impriża jew tal-impriżi li jiġu mmaniġġjati;***

***L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jżommu l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafu 3 (e) u (f) f'reġistri separati. F'każ bħal dan, id-data rilevanti għandha tkun disponibbli fuq talba jew għandha tkun aċċessibbli b'mod dirett għall-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istat Membru konċernat. L-informazzjoni mitluba għandha tkun ipprovduta fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol wara li tasal it-talba.***

***F'kull każ, l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafu 3 (e) u (f) għandha tkun aċċessibbli għal awtoritajiet, għajr għall-awtoritajiet kompetenti, biss f'każi ta' awtoritajiet debitament mogħtija s-setgħat li jagħmlu superviżjoni u jimponu sanzjonijiet fil-qasam tat-trasport bit-triq u li l-impjegati tagħhom ikunu ħadu ġurament fir-rigward jew inkella jinsabu taħt obbligu formali ta' segretezza.***

2. *Id-data* dwar impriża li l-awtorizzazzjoni tagħha tkun ġiet sospiża jew irtirata ▌ għandha tinżamm fir-reġistru għal sentejn ***mill-iskadenza tas***-sospensjoni jew l-irtirar *tal*— ***liċenzja u wara għandha titneħħa minnufih***.

***Data dwar kwalunkwe persuna dikjarata bħala inkompetenti għall-professjoni għandha tinżamm fir-reġistru sakemm tiġi stabbilita mill-ġdid il-kondotta tajba ta' din il-persuna f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(3). Wara riabilitazzjoni bħal din jew wara li jkunu ttieħdu miżuri ekwivalenti, id-data għandha titneħħa minnufih.***

***Data bħal din għandha tispeċifika r-raġunijiet għas-sospensjoni jew għall-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet jew għad-dikjarazzjoni ta' inkompetenza u t-tul ta' żmien relattiv.***

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-informazzjoni kollha miżmuma fir-reġistru elettroniku tinżamm aġġornata u eżatta, *b'mod partikolari* dik imsemmija *fil-paragrafu 1 sub-paragrafu 3 (e) u (f)*.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li r-reġistri elettroniċi nazzjonali jkunu interkonnessi madwar il-Komunità mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010. L-interkonnessjoni għandha tiġi implimentata b'mod li awtorità kompetenti fi kwalunkwe Stat Membru *tista' tirreferi* għar-reġistri *elettroniċi* tal-Istati Membri kollha. ***Il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe inizjattiva neċessarja sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.***

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, ir-regoli komuni dwar il-format tal-informazzjoni skambjata, u dwar il-proċeduri tekniċi għall-użu awtomatiku tar-reġistri elettroniċi tal-Istati Membri l-oħra, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-*Artikolu 24(2)*.

▌

Artikolu 16

Il-protezzjoni tad-*data* personali

F'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod partikolari:

a) li kull persuna tkun infurmata meta tkun irreġistrata xi *data* marbuta magħha, jew meta din id-*data* tkun ittrasferita lil partijiet terzi. L-informazzjoni għandha tispeċifika l-awtorità responsabbli għat-trattament tad-*data*, it-tip tad-*data* u r-raġunijiet;

b) li kull persuna jkollha d-dritt għall-aċċess tad-*data* marbuta magħha mingħand l-awtorità responsabbli għat-trattament tagħha. Dan id-dritt għandu jkun żgurat, b'intervalli raġonevoli u mingħajr dewmien jew spejjeż eċċessivi ▌għal min jitlobha;

c) li kull persuna jkollha d-dritt li tikseb il-korrezzjoni, it-tħassir jew l-ibblokkjar tad-*data* marbuta magħha li ma tkunx kompleta jew eżatta;

d) li kull persuna jkollha d-dritt li topponi ruħha għat-trattament tad-*data* marbuta magħha għal raġunijiet leġittimi jew ta' forza maġġuri. F'każ ta' oġġezzjoni ġġustifikata, din id-*data* ma tistax tkun ittrattata.

Artikolu 17

Il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri

1. Meta Stat Membru jinnota ksur imwettaq minn impriża li l-awtorizzazzjoni tagħha tkun inħarġet minn awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor, u l-gravità tal-ksur tkun tista' twassal għas-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni skond dan ir-Regolament, l-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Istat Membru l-ieħor l-informazzjoni kollha fil-pussess tiegħu dwar il-ksur u kwalunkwe sanzjonijiet li jkun impona.

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-isem u l-indirizz tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom mhux aktar tard minn [...]. Il-Kummissjoni għandha tfassal lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali kollha, u tibgħatha lill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri li jiskambjaw informazzjoni fil-kuntest ta' dan ir-Regolament għandhom jużaw il-punti ta' kuntatt nazzjonali nnominati kif imsemmija fil-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri li jiskambjaw informazzjoni dwar it-tipi ta' ksur imsemmija fl-Artikolu 6(2) jew dwar il-maniġers tat-trasport iddikjarati inkompetenti għandhom jikkonformaw mal-proċedura u l-limitu taż-żmien imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru …/*2008 [dwar ir-regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport ta' merkanzija bit-triq]*, jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru …/*2008 [dwar ir-regoli komuni għall-aċċess għas-suq tas-servizzi bil-kowċ u bix-xarabank]*. Stat Membru li jirċievi notifika ta' ksur ***serju*** minn Stat Membru ieħor***, li rriżulta f'kundanna ta' ħtija,*** għandu jirreġistra dak il-ksur fir-reġistru elettroniku nazzjonali.

## Kapitolu V

## Ir-rikonoxximent reċiproku tal-attestazzjonijiet u dokumenti formali oħra

### Artikolu 18

### L-attestazzjonijiet u dokumenti oħra rigward il-kondotta tajba

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 10(4), l-Istat Membru ta' stabbiliment ▌ għandu, jaċċetta, bħala prova suffiċjenti tal-kondotta tajba għad-dħul għall-professjoni tat-trasportatur bit-triq, il-produzzjoni ta' estratt tar-rekord ġudizzjarju, jew fin-nuqqas tiegħu, dokument ekwivalenti, maħruġ minn awtorità kompetenti ġudizzjarja jew amministrattiva tal-Istat(i) Memrbu/i ***li fih/fihom il-maniġer tat-trasport kellu r-residenza tiegħu***.

2. Meta Stat Membru jimponi fuq iċ-ċittadini tiegħu ċerti rekwiżiti marbutin mal-kondotta tajba, iżda l-prova li dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti ma jistax jipprovdiha d-dokument imsemmi fil-paragrafu 1, dan l-Istat Membru għandu jaċċetta bħala prova suffiċjenti għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, attestazzjoni maħruġa minn awtorità kompetenti ġudizzjarja jew amministrattivi tal-Istat(i) Membru/i ***fejn il-maniġer tat-trasport kellu r-residenza tiegħu***, li turi li dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti. Din l-attestazzjoni għandha tirreferi għall-fatti konkreti meqjusa fl-Istat Membru l-ġdid ta' stabbiliment.

3. Jekk id-dokument mitlub skond il-paragrafi 1 u 2 ma jkunx inħareġ mill- ***Istat(i) Membru(i) fejn il-maniġer tat- trasport kellu r-residenza tiegħu***, tista' teħodlu postu dikjarazzjoni b'ġurament jew dikjarazzjoni solenni mill-persuna kkonċernata quddiem awtorità kompetenti ġudizzjarja jew amministrattiva, jew fejn applikabbli, quddiem nutar fl-Istat Membru ***fejn il-maniġer tat-trasport kellu r-residenza tiegħu***, li jipprovdi ċertifikat li jikkonferma din id-dikjarazzjoni b'ġurament jew dikjarazzjoni solenni.

4. Id-dokumenti maħruġa skond il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jiġu aċċettati jekk jitressqu aktar minn tliet xhur wara li jkunu nħarġu. Din il-kundizzjoni għandha tapplika wkoll għad-dikjarazzjonijiet magħmula skond il-paragrafu 3.

### Artikolu 19

### Ċertifikati ***dwar kapaċità finanzjarja***

Meta Stat Membru jimponi fuq iċ-ċittadini tiegħu ċerti kundizzjonijiet marbutin mal-kapaċità finanzjarja minbarra dawk stipulati fl-Artikolu 7, dak l-Istat għandu jaċċetta bħala prova suffiċjenti, għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, attestazzjoni maħruġa minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***fejn il-maniġer tat-trasport kellu r-residenza tiegħu***, li turi li dawn il-kundizzjonijiet ikunu ntlaħqu. Dawn l-attestazzjonijiet għandhom jirreferu għall- ***informazzjoni*** konkreti meqjusa fl-Istat Membru l-ġdid ta' stabbiliment.

Artikolu 20

L-attestazzjonijiet tal-kompetenza professjonali

1. L-Istati Membri għandhom jaċċettaw, bħala prova suffiċjenti tal-kompetenza professjonali, l-attestazzjonijiet li huma konformi mal-mudell ta' ċertifikat mogħti fl-Anness II, maħruġin mill-awtoritajiet jew mill-korpi maħtura għal dan il-għan.

2. L-attestazzjonijiet li jkunu nħarġu qabel […], bħala prova tal-kompetenza professjonali skond id-dispożizzjonijiet li sa dik id-data kienu fis-seħħ, jitqiesu ekwivalenti għaċ-ċertifikat li l-mudell tiegħu jingħata fl-Anness II, u għandhom ikunu aċċettati bħala prova tal-kompetenza professjonali fl-Istati Membri kollha. ***L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar iċ-ċertifikati li huma jirrikonoxxu bħala prova tal-kompetenza professjonali għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.***

## Kapitolu VI

## Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 21

***Pieni***

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu is-sistema ta' pieni għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn *il-**pieni*** jkunu applikati. *Il-**pieni*** stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard *mill-**1 ta' Jannar 2012***, kif ukoll b'kull emenda sussegwenti.

2. *Il-**pieni*** imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu, b'mod partikolari, is-sospensjoni ▌tal-awtorizzazzjoni *għall-eżerċitar tal-professjoni*, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, u d-dikjarazzjoni ta' inkompetenza tal-maniġers tat-trasport involuti. Is-sanzjonijiet għandhom jinkludu wkoll il-konfiska ta' kull vettura użata minn impriża li twettaq operazzjonijiet ta' trasport mingħajr l-awtorizzazzjoni pprovduta minn dan ir-Regolament.

▌

*Artikolu 22*

Dispożizzjonijiet tranżitorji

L-impriżi li jgawdu minn awtorizzazzjoni biex jeżerċitaw il-professjoni tat-trasportatur bit-triq qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom isiru konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn sentejn wara dik id-data.

*Artikolu 23*

L-assistenza reċiproka

‖ L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkollaboraw mill-qrib, u jipprovdu assistenza 'l xulxin għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għandhom ***ipartu l-informazzjoni dwar kundanni ta' ħtija għal kull tip ta' ksur serju, jew fatti speċifiċi oħrajn li jista' jkollhom konsegwenzi fl-eżerċitar tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq, f'konformità mad-dispożizzjonijiet li japplikaw fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali.*** ▌

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

*Artikolu 24*

Il-proċeduri tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament *tal-Kunsill (KEE)* Nru 3821/85 *tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq* ([1]).

2. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

3. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-***Artikolu 5a(1-4)*** u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

4. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-***Artikolu 5a, (1) sa (4)*** u ***(5)(b)*** u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha. ***Il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikoli 5a(3)(c), (4)(b) u (4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.***

*Artikolu 25*

Rapporti dwar l-eżerċizzju tal-professjoni

1. Kull sentejn, l-Istati Membri għandhom ifasslu rapport dwar l-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti u jibagħtuh lill-Kummissjoni. Dan ir-rapport għandu jinkludi:

a) analiżi tas-settur f'dak li għandu x'jaqsam mal-kondotta tajba, il-kapaċità finanzjarja u l-kompetenza professjonali;

b) imqassmin skond it-tip u s-sena, l-għadd tal-awtorizzazzjonijiet li nħarġu, li ġew sospiżi, li ġew irtirati, l-għadd ta' ***dikjarazzjonijiet***, l-għadd tad-dikjarazzjonijiet ta' inkompetenza u r-raġunijiet korrispondenti;

c) l-għadd taċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonali li nħarġu kull sena;

d) statistiċi ***prinċipali*** dwar ▌ *i*r-reġistri elettroniċi nazzjonali ***u l-użu tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti***; u

e) analiżi tal-iskambji ta' informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra, li tinkludi partikolarment l-għadd annwali ta' każijiet ta' ksur li ġew innotifikati lil Stat Membru ieħor u r-risposti irċevuti skond l-Artikolu 17(3), u l-għadd annwali tat-talbiet u tar-risposti rċevuti skond l-Artikolu 17(4).

2. Kull sentejn, abbażi ta' dawn ir-rapporti nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fuq l-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq, għall-attenzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jinkludi partikolarment evalwazzjoni tal-funzjonament tal-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri. Dan ir-rapport għandu jkun ippubblikat fl-istess ħin *bħar*-rapport imsemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali dwar it-trasport* ([2]).

***3. Sa l-1 ta' Ġunju 2009 il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar x'jista' jkun l-impatt tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biex ikun inkluż it-trasport kummerċjali b'vetturi li d-disinn u t-tagħmir tagħhom huma xierqa u li huma maħsuba li jġorru sa disa' persuni inkluż is-sewwieq. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tieħu l-inizjattivi rilevanti.***

*Artikolu 26*

Il-listi tal-awtoritajiet kompetenti

Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni ***, sa l-1 ta' Ġunju 2009*** l-lista tal-awtoritajiet kompetenti li jkun ħatar biex jawtorizzaw l-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq, kif ukoll il-lista tal-awtoritajiet jew tal-entitajiet akkreditati biex jorganizzaw l-eżamijiet ***u joħorġu ċ-ċertifikati***. Il-lista kkonsolidata ta' dawn l-awtoritajiet jew entitajiet tal-Komunità kollha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8. ‖.
([2]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.

*Artikolu 27*

In-notifika tal-miżuri nazzjonali

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni ▌it-test tad-dispożizzjonijet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi ta' liġi interna li jadottaw fil-qasam irregolat minn dan ir-Regolament***, mhux iktar tard minn sitt ijiem wara d-data tal-adozzjoni tagħhom u għall-ewwel darba sa l-1 ta' Ġunju 2009***.

*Artikolu 28*

Tħassir

Id-Direttiva 96/26/KE hija mħassra.

Referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 29*

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Japplika *mill-**1 ta' Ġunju 2009.***

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ‖

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

---

*ANNESS I*

I. ELENKU TAS-SUĠĠETTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8

L-għarfien li għandu jitqies għar-rikonoxximent uffiċjali mill-Istati Membri tal-kompetenza professjonali għandu jkopri talanqas is-suġġetti elenkati hawn isfel għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq rispettivament. Fir-rigward ta' dawn is-suġġetti, it-trasportaturi bit-triq applikanti għandu jilħqu l-livell meħtieġ ta' għarfien u ta' kapaċità prattika għat-tmexxija ta' impriża tat-trasport.

Il-livell minimu ta' għarfien, kif indikat hawn isfel, ma jistax ikun taħt il-livell 3 skond l-istruttura ta' livell ta' taħriġ stabbilita fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/KEE *tas-16 ta' Lulju 1985 dwar it-tqabbil tal-kwalifiki tat-taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri u l-Komunità Ewropea* ([1]), li huwa l-livell li jkun inkiseb fit-taħriġ matul l-edukazzjoni obbligatorja supplimentata jew bit-taħriġ vokazzjonali jew bit-taħriġ tekniku supplimentari jew bl-edukazzjoni sekondarja jew b'xi taħriġ tekniku ieħor.

A. Dritt ċivili

It-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq

B'mod partikolari, l-applikant għandu:

1) ikun familjari mat-tipi prinċipali ta' kuntratti użati fit-trasport bit-triq u mad-drittijiet u l-obbligi li jkun hemm fihom;

---

([1]) ĠU L 199, 31.7.1985, p. 56.

2) ikun kapaċi li jinnegozja kuntratt tat-trasport legalment validu, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-ġarr.

It-trasport tal-merkanzija bit-triq

3) ikun kapaċi jqis pretenzjoni mill-prinċipal tiegħu fir-rigward ta' kumpens għat-telf ta' jew ħsara lill-oġġetti matul it-trasportazzjoni jew għall-kunsinna tard tagħhom, u kapaċi jifhem kif pretenzjoni bħal din tolqotx ir-responsabbiltà kuntrattwali tiegħu;

4) ikun familjari mar-regoli u l-obbligi li joriġinaw mill-Konvenzjoni CMR dwar il-Kuntratt għat-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti bit-Triq.

It-trasport bit-triq tal-passiġġieri

5) ikun kapaċi jqis pretenzjoni mill-prinċipal tiegħu fir-rigward ta' kumpens għal korriment ta' passiġġieri jew għal ħsara lill-bagalji tagħhom ikkawżati minn inċident matul it-trasportazzjoni, jew fir-rigward ta' kumpens għal dewmien, u kapaċi jifhem kif pretenzjoni bħal din tolqotx ir-responsabbiltà kuntrattwali tiegħu.

B. Dritt kummerċjali

It-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq

B'mod partikolari, l-applikant għandu:

1) ikun familjari mal-kundizzjonijiet u l-formalitajiet stabbiliti biex jitħaddem il-kummerċ, l-obbligi ġenerali li jaqgħu fuq operaturi tat-trasport (ir-reġistrazzjoni, iż-żamma ta' dokumenti, eċċ.) u l-konsegwenzi ta' falliment;

2) ikollu għarfien xieraq tad-diversi tipi ta' kumpaniji kummerċjali u r-regoli li jirregolaw il-kostituzzjoni u l-operat tagħhom.

C. Liġi soċjali

It-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq

B'mod partikolari, l-applikant għandu:

1) ikun familjari mar-rwol u l-funzjoni tal-istituzzjonijiet soċjali li għandhom x'jaqsmu mat-trasport bit-triq (it-tredjunjons, il-kunsilli tax-xogħol, ir-rappreżentanti tal-persunal, l-ispetturi tax-xogħol, eċċ.);

2) ikun familjari mal-obbligi tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem;

3) ikun familjari mar-regoli li jirregolaw il-kuntratti tax-xogħol għall-kategoriji varji ta' ħaddiema impjegati tal-impriżi tat-trasport bit-triq (il-forom ta' kuntratti, l-obbligi tal-partijiet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħinijiet tax-xogħol, il-liv imħallas, ir-remunerazzjoni, il-ksur tal-kuntratt, eċċ.);

4) ikun familjari mar-regoli applikabbli għall-ħinijiet tas-sewqan, il-ħinijiet ta' mistrieħ u l-ħin tax-xogħol, ‖ u b'mod parikolari mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ‖(KE) Nru 561/2006, ir-Regolament ‖*(KEE) Nru 3821/85*, id-Direttiva 2002/15/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq* [1] u d-Direttiva 2006/22/KE, u l-miżuri prattiċi għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

[1] *ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35.*

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

5) ikun familjari mar-regoli applikabbli għall-kwalifiki inizjali u t-taħriġ kontinwu tax-xufiera, u b'mod partikolari dawk li jitnisslu mid-Direttiva 2003/59/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiggieri* ([1]).

D. Dritt fiskali

It-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq

B'mod partikolari, l-applikant għandu jkun familjari mar-regoli li jirregolaw:

1) il-VAT fuq is-servizzi tat-trasport;

2) it-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur;

3) it-taxxi fuq ċerti vetturi għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u ħlasijiet għall-użu tat-toroq u għall-utenti tal-infrastruttura;

4) it-taxxa fuq id-dħul.

E. Il-ġestjoni kummerċjali u finanzjarja tal-impriża

It-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq

B'mod partikolari, l-applikant għandu:

1) ikun familjari mal-liġijiet u l-prattiċi fir-rigward tal-użu taċ-ċekkijiet, kambjali, ċedoli, karti ta' kreditu u mezzi jew metodi oħrajn ta' ħlas;

2) ikun familjari mal-forom varji ta' kreditu (kreditu tal-bank, kreditu dokumentarju, depożiti ta' garanzija, ipoteki, kuntratti ta' kera, kiri, factoring eċċ.) u mal-ħlasijiet u l-obbligi li joħorġu minnhom;

3) ikun jaf x'inhi karta ta' bilanċ, kif inhi mqassma u kif għandha tkun interpretata;

4) ikun kapaċi jaqra u jinterpreta kont ta' qligħ u telf;

5) ikun kapaċi jagħmel stima tal-profitt u l-pożizzjoni finanzjarja, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' proporzjonijiet finanzjarji;

6) ikun kapaċi jipprepara baġit;

7) ikun familjari mal-elementi ta' spejjeż tal-impriża tiegħu (spejjeż fissi, spejjeż varjabbli, kapital taxxogħol, deprezzament eċċ.), u jkun kapaċi jikkalkola l-ispejjeż ta' kull vettura, ta' kull kilometru, ta' kull vjaġġ jew ta' kull tunnellata;

8) ikun kapaċi jfassal organigramma dwar il-persunal tal-impriża fit-totalità tagħha u jorganizza pjanijiet ta' xogħol, eċċ.;

9) ikun familjari mal-prinċipji tal-marketing, tar-reklamar u tar-relazzjonijiet pubbliċi, inklużi s-servizzi tattrasport, il-promozzjoni tal-bejgħ u l-preparazzjoni ta' fajls tal-klijenti, eċċ.;

10) ikun familjari mat-tipi differenti ta' assigurazzjoni ta' trasport bit-triq (responsabbiltà, korriment minn inċident/assigurazzjoni fuq il-ħajja, assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja u fuq bagalji) u mal-garanziji u l-obbligi li joħorġu minnhom;

11) ikun familjari mal-applikazzjonijiet ta' trasmissjoni ta' *data* elettronika fit-trasport bit-triq.

([1]) ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

It-trasport tal-merkanzija bit-triq

12) ikun kapaċi japplika r-regoli dwar il-ħruġ ta' fatturi għal servizzi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq u jkun jaf it-tifsira u l-implikazzjonijiet tal-Incoterms;

13) ikun familjari mal-kategoriji differenti ta' awżiljari tat-trasport, ir-rwol tagħhom, il-funzjoni tagħhom u, fejn xieraq, l-istatus tagħhom;

It-trasport bit-triq tal-passiġġieri

14) ikun kapaċi japplika r-regoli dwar it-tariffi u prezzijiet fit-trasport pubbliku u privat tal-passiġġieri;

15) ikun kapaċi japplika r-regoli dwar il-ħruġ ta' fatturi għas-servizzi ta' trasport bit-triq tal-passiġġieri.

F. L-aċċess għas-suq

It-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq

B'mod partikolari, l-applikant għandu:

1) ikun familjari mar-regolamenti tax-xogħol li jirregolaw it-trasport bit-triq għal kiri jew benefiċċju, mal-kiri ta' vetturi industrijali u l-għoti ta' sottokuntratti, u b'mod partikolari mar-regoli dwar l-organizzazzjoni uffiċjali tal-impjieg, id-dħul għall-impjieg, l-awtorizzazzjonijiet ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq intra- jew extra-Komunitarju, spezzjonijiet u sanzjonijiet;

2) ikun famijari mar-regoli għall-istabbiliment ta' impriża tat-trasport bit-triq;

3) ikun familjari mad-dokumenti varji rekwiżiti għall-operazzjoni tas-servizzi tat-trasport bit-triq u jkun kapaċi jintroduċi proċeduri ta' kontroll li jiżguraw li d-dokumenti approvati dwar kull operazzjoni tat-trasport, u b'mod partikolari dawk dwar il-vettura, ix-xufier, l-oġġetti u l-bagalji jinżammu kemm fil-vettura u kemm fil-bini tal-impriża.

It-trasport tal-merkanzija bit-triq

4) ikun familjari mar-regoli dwar l-organizzazzjoni tas-suq tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, dwar il-ġestjoni u l-loġistika tat-trasport tal-merkanzija;

5) ikun familjari mal-formalitajiet tal-fruntiera, ir-rwol u l-ambitu tad-dokumenti T u carnets TIR, u l-obbligi u r-responsabbiltajiet li joħorġu mill-użu tagħhom.

It-trasport bit-triq tal-passiġġieri

6) ikun familjari mar-regoli dwar l-organizzazzjoni tas-suq fit-trasport tal-passiġġieri;

7) ikun familjari mar-regoli għall-introduzzjoni ta' servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri u jkun kapaċi jfassal pjanijiet għat-trasport.

G. L-istandards tekniċi u aspetti tekniċi tal-operazzjoni

It-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq

B'mod partikolari, l-applikant għandu:

1) ikun familjari mar-regoli dwar il-piżijiet u l-qisien tal-vetturi fl-Istati Membri u l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti fil-każ ta' tagħbijiet eċċezzjonali li jikkostitwixxu deroga għal dawn ir-regoli;

2) ikun kapaċi jagħżel vetturi u l-komponenti tagħhom (ix-xażi, il-magna, is-sistema ta' trasmissjoni, is-sistema ta' brejkijiet, eċċ.) skond il-ħtiġijiet tal-impriża;

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

3) ikun familjari mal-formalitajiet dwar it-tip ta' approvazzjoni, reġistrazzjoni u spezzjoni teknika ta' dawn il-vetturi;

4) ikun jifhem x'miżuri għandhom jittieħdu għat-tnaqqis tat-tniġġis akustiku u għall-ġlieda kontra t-tniġġis tal-arja mid-dħaħen tal-exhaust ta' vetturi bil-mutur;

5) ikun kapaċi jfassal pjanijiet ta' manutenzjoni perjodika għall-vetturi u t-tagħmir tagħhom.

It-trasport tal-merkanzija bit-triq

6) ikun familjari mat-tipi differenti ta' tmexxija ta' tagħbija u ta' għodda ta' tagħbija (tailboards, kontenituri, paletti, eċċ.) u jkun kapaċi jintroduċi proċeduri u joħroġ istruzzjonijiet għat-tagħbija u l-ħatt ta' oġġetti (tqassim tat-tagħbija, stacking, stivar, blocking u chocking, eċċ.);

7) ikun familjari ma' tekniċi varji ta' piggy-back (fuq id-dahar/spallejn) u trasport ikkombinat ta' roll-on roll-off;

8) ikun kapaċi jimplimenta proċeduri biex wieħed ikun konformi mar-regoli tal-ġarr ta' oġġetti u skart perikolużi, partikolarment dawk li jirriżultaw mid-Direttiva 94/55/KE ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 96/35/KE ([2]), u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 ([3]);

9) ikun kapaċi jimplimenta proċeduri biex wieħed ikun konformi mar-regoli tal-ġarr ta' oġġetti tal-ikel li jithassru, partikolarment dawk li joħorġu mill-Ftehim dwar il-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti tal-Ikel li Jithassru u dwar it-Tagħmir Speċjali li għandu jintuża għall-trasport bħal dan (ATP);

10) ikun kapaċi jimplimenta proċeduri biex wieħed jikkonforma mar-regoli tat-trasport ta' annimali ħajjin.

H. Is-sikurezza fit-toroq

It-trasport tal-merkanzija bit-triq u t-trasport tal-passiġġieri bit-triq

B'mod partikolari, l-applikant għandu:

1) ikun jaf xi kwalifiki huma meħtieġa għax-xufiera (liċenzja tas-sewqan, ċertifikati mediċi, ċertifikati ta' kundizzjoni ta' saħħa tajba, eċċ.);

2) ikun kapaċi li jieħu l-passi meħtieġa biex ikun żgurat li x-xufiera jikkonformaw mar-regoli tat-traffiku, projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fis-seħħ fi Stati Membri differenti (limiti ta' veloċità, prijoritajiet, restrizzjonijiet ta' stennija u pparkjar, użu tad-dwal, sinjali tat-triq, eċċ.);

3) ikun kapaċi jikteb struzzjonijiet lix-xufiera għall-kontroll tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' sikurezza dwar il-kundizzjoni tal-vetturi, it-tagħmir tagħhom u t-tagħbija, u dwar miżuri preventivi li għandhom jittieħdu;

4) ikun kapaċi jistabbilixxi proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' inċident u biex jiġu implimentati proċeduri xierqa biex jimpedixxu ir-rikorrenza ta' inċidenti jew ksur serju tat-traffiku;

5) ikun kapaċi jimplimenta proċeduri għall-irbit tajjeb tal-oġġetti u jkun familjari mat-teknika korrispondenti.

It-trasport bit-triq tal-passiġġieri

6) ikollu għarfien bażiku tal-pjan tan-netwerk tat-toroq fl-Istati Membri.

([1]) *Id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU L 319, 12.12.1994, p. 7.).*

([2]) *Id-Direttiva tal-Kunsill 96/35/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 fuq il-ħatra u l-kwalifiki vokazzjonali ta' konsulenti dwar is-sigurtà għat-traspost ta' merkanzija perikoluża bit-triq, bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 145, 19.6.1996, p. 10.).*

([3]) *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 tal-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea (ĠU L 30, 6.2.1993, p. 1.) Imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.).*

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

II. L-ORGANIZZAZZJONI TAL-EŻAMI

1. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw eżami bil-miktub obbligatorju li huma jistgħu jissupplementaw b'eżami orali fakultattiv biex jistabbilixxu jekk operaturi applikanti tat-trasport bit-triq kisbux il-livell ta' għarfien fis-suġġetti elenkati fil-parti I, b'mod partikolari, il-kapaċità tagħhom li jużaw strumenti u tekniċi li għandhom x'jaqsmu magħhom u li jissodisfaw id-dmirijiet korrispondenti eżekuttivi u ta' koordinament.

(a) L-eżami obbligatorju bil-miktub għandu jkun fih żewġ testijiet, li huma:

— mistoqsijiet bil-miktub li jikkonsistu jew minn mistoqsijiet multipli (kull waħda b'erba' tweġibiet possibbli), mistoqsijiet li jirrekjedu tweġibiet diretti jew taħlita taż-żewġ sistemi,

— eżerċizzji bil-miktub/studji ta' każijiet.

It-tul ta' żmien minimu ta' kull eżami huwa ta' sagħtejn.

(b) F'każ li jiġi organizzat eżami orali, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-parteċipazzjoni tkun suġġetta għall-kompletar b'suċċess tal-eżami bil-miktub.

2. Meta l-Istati Membri jorganizzaw ukoll eżami orali, huma għandhom jipprovdu, fir-rigward ta' kull wieħed mit-tliet eżamijiet, għal piż ta' punti ta' minimu ta' 25 % u massimu ta' 40 % tan-numru totali tal-punti li se jingħataw.

Fejn l-Istati Membri jorganizzaw biss eżami bil-miktub huma għandhom jipprovdu, fir-rigward ta' kull eżami, għal piż ta' punti ta' minimu ta' 40 % u massimu ta' 60 % tan-numru totali tal-punti li se jingħataw.

3. Fir-rigward tal-eżamijiet kollha, l-applikanti għandhom jiksbu medja ta' mill-inqas 60 % tan-numru totali tal-punti li se jingħataw, filwaqt li jiksbu f'kull test speċifiku mhux inqas minn 50 % tan-numru totali ta' punti possibbli. F'eżami wieħed biss, Stat Membru jista' jnaqqas dak il-punt minn 50 % għal 40 %.

*ANNESS II*

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

(Karta stout fawn — Format DIN A4 karta sintetika 150g/m² jew iżjed)
(Test fil-lingwa/i uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat)

| Simbolu distintiv tal-Istat Membru konċernat (1) | In-nomina tal-awtoritajiet jew tal-korp akkreditat (2) |
|---|---|
| | |

ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA PROFESSJONALI
FIT-TRASPORT BIT-TRIQ TAL-MERKANZIJA [TAL- PASSIĠĠIERI] (3)

Nru ........................

Aħna ..........................................................................................

b'dan niċċertifikaw (4) li ..........................................................................................

imwieled/imwielda ..........................................................................................

fi ..........................................................................................

wara t-taħriġ u s-suċċess fl-eżamijiet (sena: .........................................................................................., sessjoni: ..) meħtieġa għall-għotja taċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali [fit-trasport tal-merkanzija bittriq] (5) [fit-trasport tal-passiġġieri] (6) skond ir-Regolament (KE)
Nru ............................................................ / ............................................................ ta' ..........................................................

Dan iċ-ċertifikat jikkostitwixxi prova suffiċjenti ta' kompetenza professjonali li jirriferi għaliha l-Artikolu 20(1) tar-Regolament *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru (KE)…/2008 ta'* … li jistabbillixxi regoli komuni li jikkonċernaw ilkundizzjonijiet meħtieġa għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportur tat-triq.

Maħruġ fi .................................................................................... , data ...................................................................................... (7)

(1) Is-simbolu distintiv tal-Istat: (B) il-Belġju, (BG) il-Bulgarija, (CZ) ir-Repubblika Ċeka, (DK) id-Danimarka, (D) il-Ġermanja, (EST) l-Estonja, (GR) il-Greċja, (E) Spanja, (F) Franza, (IRL) l-Irlanda, (I) l-Italja, (CY) Ċipru, (LV) il-Latvja, (LT) il- Litwanja, (L) il-Lussemburgu, (H) l-Ungerija, (NL) l-Olanda, (A) l-Awstrija, (PL), il-Polonja (P), il-Portugall, (RO) ir- Rumanija, (SLO) is-Slovenja, (SK) is-Slovakkja, (FIN) il-Finlandja, (S) l-Iżvezja, (UK) ir-Renju Unit.
(2) Awtorità jew korp innominat minn qabel għal dan il-għan minn kull wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea biex toħroġ/joħroġ dan iċ-ċertifikat.
(3) Ħassar kif xieraq.
(4) Kunjom u isem, il-post u d-data tat-twelid.
(5) Ħassar kif xieraq.
(6) L-identifikazzjoni tal-eżami.
(7) Timbru u firma tal-awtorità jew tal-korp akkreditat responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

*ANNESS III*

***Il-lista ta' tipi ta' ksur imsemmija fl-Artikolu 6.2.(a) hija kif ġej:***

***1. (a) Qbiż tal-limiti taż-żmien massimi tas-sewqan ta' sitt ijiem jew ta' kull ħmistax b'marġni ta' 25 % jew iktar.***

***(b) Qbiż tal-limitu taż-żmien massimu tas-sewqan ta' kuljum, matul perjodu tax-xogħol ta' kuljum, b'marġni ta' 50 % jew iktar mingħajr waqfa mix-xogħol jew perjodu ta' mistrieħ mingħajr ebda interruzzjoni millinqas ta' 4.5 sigħat.***

***2. Ma jista' jiġi installat ebda takografu u/jew tagħmir li jillimita l-veloċità u ma jista' jintuża ebda apparat qarrieqi li jista' jimmodifika r-reġistri tat-tagħmir ta' reġistrazzjoni u/jew tat-tagħmir li jillimita l-veloċità u ma tista' ssir ebda falsifikazzjoni […] tad-dokumenti tar-reġistri jew tad-data li jitniżżlu mit-takografu u/jew mill-kard tas-sewwieq.***

***3. Sewqan mingħajr ma jkun sar test validu li l-vettura hi tajba għas-sewqan jew meta l-vettura jkollha difett serju ħafna, fost affarijiet oħrajn, fis-sistema tal-brejkijiet, fil-konnessjonijiet tal-istering, fir-roti/fit-tajers, fis-suspenxin jew fix-xażi, li jista' joħloq riskju immedjat għas-sigurtà fit-triq, riskju li jista' jwassal għal deċiżjoni ta' immobilizzazzjoni tal-vettura.***

***4. It-trasport ta' merkanzija perikoluża li hija projbita milli tiġi ttrasportata, jew merkanzija perikoluża li tinġarr mingħajr ma jitwaħħal kartellun jew mingħajr ma tiġi mmarkata l-vettura kif meħtieġ.***

***5. It-trasport ta' passiġġieri jew ta' merkanzija mingħajr ma wieħed ikollu liċenzja valida tas-sewqan jew trasport bħal dan li jsir minn impriża li m'hijiex detentriċi ta' Liċenzja Komunitarja valida.***

***6. Sewwieq li jagħmel użu minn kard tas-sewwieq li tkun ġiet iffalsifikata, li m'huwiex id-dententur tagħha jew li nkisbet fuq il-bażi ta' dokumenti foloz u/jew dokumenti ffalsifikati.***

***7. It-trasport ta' merkanzija billi jinqabeż il-piż massimu permissibbli b'20 % jew aktar.***

---

## Trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq (tfassil mill-ġdid) ***I

P6_TA(2008)0218

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (tfassil mill-ġdid) (COM(2007)0265 — C6-0146/2007 — 2007/0099(COD))**

(2009/C 279 E/38)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0265),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251 (2) u l-Artikolu 71 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0146/2007),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 għal użu iktar strutturat tat-teknika tat-tfassil mill-ġdid tal-atti ġuridiċi [1],

[1] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-20 ta' Novembru 2007, b'konformità mal-Artikolu 80 a(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80a u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0038/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata hawn taħt u kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2007)0099**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament** *(KE) Nru …/2008* **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (tfassil mill-ġdid)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ‖,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Għandu jsir għadd ta' bidliet sostanzjali lir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 881/92 tas-26 ta' Marzu 1992 dwar l-aċċess għas-suq tat-trasport ta' merkanzija bit-triq fil-Komunità lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jgħaddi mit-territorju ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri ([4]), lir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3118/93 tal-25 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' skariġġ bit-triq ġewwa Stat Membru ([5]) u lid-Direttiva 2006/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ta' merkanzija bit-triq ([6]). Fl-interess taċ-ċarezza u s-simplifikazzjoni, dawk l-atti legali għandhom jiġu rriformulati u inkorporati f'regolament uniku.

(2) L-istabbiliment ta' politika komuni tat-trasport jinvolvi, inter alia, li jsiru regoli komuni applikabbli għall-aċċess għas-suq fit-trasport internazzjonali ta' merkanzija bit-triq fit-territorju tal-Komunità, kif ukoll jistipula l-kundizzjonijiet li bihom trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi tat-trasport fi ħdan Stat Membru. Dawk ir-regoli għandhom jiġu stabbiliti b'mod li jikkontribwixxu għall-operat bla xkiel tas-suq intern tas-trasport.

---

([1]) *Opinjoni tat-12 ta' Marzu 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU).*
([2]) ĠU C ….
([3]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008.*
([4]) ĠU L 95, 9.4.1992, p. 1. ‖.
([5]) ĠU L 279, 12.11.1993, p. 1. ‖.,
([6]) ĠU L 374, 27.12.2006, p. 5.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

(3) Dawn l-arranġamenti uniformi għall-aċċess għas-suq jinvolvu wkoll l-introduzzjoni tal-libertà tal-provvediment tas-servizzi permezz tal-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet imposti fuq il-fornituri tas-servizzi minħabba n-nazzjonalità tagħhom jew minħabba l-fatt li jkunu stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak li fih is-servizz sejjer ikun ipprovdut.

(4) Sabiex jiġi żgurat qafas koerenti għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq madwar il-Komunità, dan ir-regolament għandu japplika għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija kollu fuq it-territorju tal-Komunità. It-trasport tal-merkanzija mill-Istati Membri għall-pajjiżi mhux membri għadu fil-biċċa l-kbira kopert minn ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u dawk il-pajjiżi terzi. B'hekk, dan ir-Regolament ma japplikax għal dik il-parti tal-vjaġġ fit-territorju tal-Istat Membru tat-tagħbija jew tal-ħatt sakemm il-ftehimiet meħtieġa bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi kkonċernati ma jkunux ġew konklużi. Għandu, madankollu, japplika għat-territorju ta' Stat Membru li wieħed jgħaddi minnu waqt il-vjaġġ.

*(5)* ***It-trasport ta' merkanzija bit-triq li tkun dieħla jew ħierġa bħala parti waħda minn vjaġġ ta' trasport kombinat taħt il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ta' oġġetti bejn Stati Membri*** (1)***, u għalhekk trasport kombinat bil-ferrovija/bit-triq u/jew trasport fuq l-ilma/bit-triq fiż-żewġ direzzjonijiet, ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' kabotaġġ.***

*(6)* Permezz tad-Direttiva 2006/94/KE, ċertu numru ta' tipi ta' tagħbija huma eżentati minn awtorizzazzjoni Komunitarja u minn kwalunkwe sistema oħra ta' awtorizzazzjoni tat-trasport; fil-qafas tal-organizzazzjoni tas-suq pprovduta b'dan ir-Regolament, is-sistema tal-eżenzjoni mil-liċenzja mill-Komunità jew minn xi awtorizzazzjoni ta' trasport oħra għandhatinżamm għal xi wħud minn dawk it-tipi ta' trasport, minħabba n-natura speċjali tagħhom.

*(7)* Skond id-Direttiva 2006/94/KE, it-trasport tal-merkanzija bl-użu ta' vetturi b'piż massimu ta' bejn 3,5 tunnellati u 6 tunnellati kien eżenti mill-ħtieġa ta' liċenzja Komunitarja. Ir-regoli Komunitarji fil-qasam tat-trasport fuq it-triq tal-merkanizja u tal-passiġġieri, madankollu, japplika b'mod ġenerali għal vetturi b'piż massimu ta' 3,5 tunnellati jew aktar. B'hekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu allinjati mal-ambitu ġenerali tal-applikazzjoni tar-regoli tal-Komunità dwar it-trasport bit-triq u jipprovdu biss eżenzjoni għall-vetturi b'piż massimu ta' inqas minn 3,5 tunellati.

*(8)* It-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq għandu jkun ikkundizzjonat mill-pussess ta' liċenzja bla kwota mill-Komunità; It-trasportaturi għandhom ikunu rikjesti jkollhom kopja tal-liċenzja Komunitarja, attesta bħala kopja vera, fuq kull waħda mill-vetturi tagħhom sabiex ikun ffaċilitati l-kontrolli effettivi mill-korpi tal-infurzar, speċjalemnt dawk barra mill-Istat Membru fejn huwa stabbilit it-trasportatur. Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġu stipulati speċifikazzjonijiet aktar dettaljati fir-rigward tat-tfassil u karattersitċi oħrajn tal-liċenzja Komunitarja u tal-kopji attestati.

*(9)* Il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kwistjoni u l-irtirar tal-liċenzji Komunitarji u t-tipi ta' trasport li għalihom japplikaw, il-perjodi tal-validità tagħhom u r-regoli dettaljati għall-użu tagħhom għandhom jiġu stabbiliti.

*(10)* Ċertifikazzjoni ta' xufier għandha wkoll tiġi stabbilita, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jivverifkaw b'mod effettiv jekk xufier minn pajjiżi terzi humiex impjegati legalment jew għad-dispożizzjoni tat-trasportatur responsabbli għal operazzjoni partikolari ta' trasport. ***Din iċ-ċertifikazzjoni tax-xufiera għandha tkun tiftiehem minn kull persuna li tagħmel kontrolli bħal dawn.***

*(11)* Trasportaturi li jkollhom liċenzji tal-Komunità kif ipprovdut fir-Regolament u trasportaturi awtorizzati li joperaw ċerti kategoriji ta' servizzi internazzjonali ta' trasport ta' merkanzija għandhom ikunu permessi li jwettqu servizzi nazzjonali ta' trasport fi ħdan Stat Membru mingħajr ma jkollhom uffiċju rreġistrat jew stabbiliment ieħor fih

(1) ***ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38.***

*(12)* Fl-imgħoddi, servizzi ta' trasport nazzjonali bħal dawn kienu awtorizzati fuq bażi temporanja. Fil-prattika, kien diffiċli li jiġi aċċertat liema servizzi kienu awtorizzati. Huma għalhekk meħtieġa regoli ċari u faċilment infurzabbli. ***Fuq perjodu ta' żmien twil, madankollu, ir-restrizzjonijiet dwar il-kabotaġġ m'għadhomx aktar ġustifikati. Dawn għandhom jitneħħew kompletament, peress li dawn ir-restrizzjonijiet ma jaqblux mal-prinċipji ta' suq intern mingħajr fruntieri interni fejn il-moviment ħieles tal-merkanzija u s-servizzi għandhom ikunu garantiti. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw li r-regoli jiġu infurzati b'mod uniformi madwar l-UE.***

*(13)* Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi ([1]) japplikaw f'każijiet fejn, għall-għoti ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ, it-trasportaturi jibagħtu ħaddiema, li għandhom relazzjoni ta' impjieg ma' dawk it-trasportaturi, mill-Istat Membru fejn is-soltu jaħdmu.

***(14) Ir-restrizzjonijiet dwar in-numru u d-dewmien ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ huma fażi meħtieġa iżda intermedja, immirata biex tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jarmonizzaw kemm jista' jkun il-kundizzjonijiet fiskali u tax-xogħol. Ir-restrizzjonijiet imposti taħt dan ir-Regolament, għalhekk, huma temporanji u għandhom jiġu revokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.***

***(15) Xi Stati Membri ġirien għandhom rabtiet ekonomiċi qawwija li ilhom stabbiliti. Għalhekk dawn l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu aċċess ikbar għall-kabotaġġ lit-trasportaturi ta' dawn il-pajjiżi ġirien.***

*(16)* Hu mixtieq li l-Istati Membri għandhom jagħtu lil xulxin assistenza reċiproka oħra bil-għan li jiġi applikat ir-Regolament.

***(17) Għandu jkun possibbli li jkun żgurat li l-kummerċ bejn pajjiż u ieħor — jiġifieri l-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali imwettqa minn trasportatur bejn żewġ Stati Membri li l-ebda wieħed minnhom ma jkun l-Istat Membru fejn ikun stabbilit it-trasportatur — ma jwassalx għal sitwazzjonijiet fejn ir-regolarità, il-kontinwità u/jew l-aspett sistematiku tiegħu, ixekklu s-suq billi japplikaw fih kundizzjonijiet ta' impjieg u ta' xogħol inqas favorevoli minn dawk applikabbli fiż-żewġ Stati Membri li bejniethom isir il-kummerċ bejn pajjiż u ieħor***.

*(18)* Il-formalitajiet amministrattivi għandhom jitnaqqsu kemm jista' jkun mingħajr l-abbandun tal-kontrolli u l-*pieni* li jiggarantixxu l-applikazzjoni korretta u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, ir-regoli eżistenti dwar l-irtirar tal-liċenzja Komunitarja għandhom jiġu ċċarati u msaħħa. Ir-regoli kurrenti għandhom jiġu adattati sabiex jippermettu s-sanzjonar effettiv ta' ksur serju ▌ *imwettaq* fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-istabbiliment. Il-*pieni* m'għandhomx ikunu diskriminatorji u jridu jkunu proporzjonati għas-serjetà tal-ksur. Għandu jkun possibbli li jsir appell ▌.

*(19)* L-Istati Membri għandhom idaħħlu fir-reġistru nazzjonali tagħhom tal-impriżi tat-traspport bit-triq kull ksur serju ▌ mwettaq mit-trasportaturi u li wasslu għall-impożizzjoni ta' *piena*.

*(20)* Sabiex jissaħħaħ u jiġu ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiskambjaw l-informazzjoni relevanti permezz tal-punti nazzjonali ta' kuntatt imwaqqfa skond ir-Regolament (KE) Nru …/*2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … [li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati fit-twettiq tax-xogħol ta' operatur tat-trasport bit-triq] ([2]).

*(21)* Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([3]).

([1]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.
([2]) ĠU L ….
([3]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ‖.

*(22)* B'mod partikolari, *il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadatta l-Annessi I u II għall-progress teknikuu* ***tfassal modell waħdieni armonizzat ta' lista tat-tagħbija***. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali ***u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissuplimentawh b'elementi mhux essenzjali ġodda, huma*** għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

*(23)* Għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-limiti taż-żmien normali għall-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom jitnaqqsu għall-adozzjoni ta' dawk il-miżuri.

*(24)* L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimentaw dan ir-Regolament, partikolarment f'dak li jirrigwarda *pieni* effettivi, proporzjonati u diswassivi.

*(25)* Billi l-għanijiet tal-azzjoni li għandha tittieħed ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proprzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet ġenerali

### Artikolu 1

### Ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq bil-kiri jew b'kumpens għall-vjaġġi li jsiru fit-territorju tal-Komunità.

2. Fil-każ ta' trasport minn Stat Membru lejn pajjiż terz u viċiversa, dan ir-Regolament għandu japplika għal dik il-parti tal-vjaġġ fit-territorju ta' Stat Membru li jinqasam waqt il-vjaġġ. M'għandux japplika għal dik il-parti ta' kwalunkwe vjaġġ li ssir fit-territorju tal-Istat Membru tal-ħatt jew tat-tagħbija sakemm il-ftehim meħtieġ bejn il-Komunità u l-pajjiż terz ma jkunx ġie konkluż.

3. Sakemm jintlaħqu l-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 2 bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi kkonċernati, dan ir-Regolament m'għandux jeffettwa:

a) id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-trasport minn Stat Membru għal pajjiż terz u viċiversa li huma inklużi fil-ftehimiet bilaterali li ntlaħqu mill-Istati Membri ma' dawk il-pajjiżi terzi;

b) id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-trasport minn Stat Membru lejn pajjiż terz u viċiversa li huma inklużi fil-ftehimiet bilaterali li saru bejn l-Istati Membri, li, jew permezz tal-awtorizzazzjonijiet bilaterali jew permezz tal-arranġamenti għal-liberalizzazzjoni, jippermettu t-tagħbija jew il-ħatt fi Stat Membru minn trasportaturi li ma humiex stabbiliti f'dak l-Istat Membru.

B'dankollu, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-ftehimiet imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel *subparagrafu* biex jiżguraw li l-prinċipju *ta' non-diskriminazzjoni* jkun imħares bejn it-trasportaturi tal-Komunità,

4. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-trasport ***tat-tip kabotaġġ***.

5. Dan ir-Regolament ma *japplikax għat-tipi ta' trasport u vjaġġi mingħajr tagħbija li ġejjin*, magħmula b'rabta ma' *tali trasport*, ***peress li dawn huma eżentati mill-iskema ta' liċenzjar tal-Komunità***:

(a) It-trasport tal-posta bħala servizz ***universali***;

(b) It-trasport ta' vetturi li jkunu ġarrbu ħsarat jew li m'għadhomx jaħdmu;

(c) It-trasport ta' merkanzija fuq vetturi bil-mutur li l-piż mgħobbija permissibbli tagħhom, li jinkludi anke t-toqol tat-trejlers, ma jeċċedix it-3,5 tunnellati;

(d) Trasport ta' merkanzija bil-vetturi bil-magna sakemm jitħarsu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

i) il-merkanzija li tinġarr tkun il-proprjetà tal-impriża jew kienet mibjugħa, mixtrija, mikrija lill-jew mikrija mill-, prodotta, estratta, ipproċessata jew imsewwija mill-impriża;

ii) l-għan tal-vjaġġ għandu jkun il-ġarr tal-merkanzija lejn jew mill-impriża jew biex jiġu mċaqalqa, kemm jekk ġewwa l-impriża kif ukoll 'il barra minnha, għall-ħtiġijiet tagħha;

iii) il-vetturi bil-mutur li jintużaw għal dan it-trasport għandhom ikunu misjuqa mill-impjegati tal-impriża;

iv) il-vetturi li jġorru l-merkanzija għandhom ikunu jappartjenu lill-impriża jew ikunu ġew mixtrija minnha bi ħlas bin-nifs jew mikrijin, sakemm fil-każ tal-aħħar dawn ikunu jilħqu l-kundizzjonijiet tad-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tat- 18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq* ([1]); ‖

v) dan it-trasport ma jridx ikun aktar milli anċillari għall-attivitajiet kollha tal-impriża.

e) it-trasport ta' prodotti mediċinali, appliances, tagħmir jew artikoli oħra li huma meħtieġa għall-kura medika, partikolarment fil-każi ta' diżastri naturali.

Il-punt (d) (iv) tal-ewwel subinċiż ma għandux japplika għall-użu ta' vettura li tintuża minflok vettura oħra li normalment tintuża u li għal żmien qasir tkun bil-ħsara.

6. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 5 m'għandhomx jaffettwaw l-kundizzjonijiet li taħthom kull Stat Membru jawtorizza liċ-ċittadini tiegħu biex jingaġġaw fl-attivitajiet imsemmija f'dak il-paragrafu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

1. vettura' tfisser vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru jew grupp magħqud ta' vetturi (żewġ vetturi) li jkollu għallinqas vettura waħda mill-grupp irreġistrata fi Stat Membru u li huma użati esklussivament fit-trasport tal-merkanzija;

2. trasport internazzjonali' tfisser:

a) vjaġġ mgħobbi magħmul minn vettura li l-post tat-tluq u tal-wasla tagħha jkunu f'żewġ Stati Membri differenti, billi jgħaddi jew bla ma jgħaddi minn xi Stat Membru wieħhed jew aktar minn wieħed jew minn pajjiżi terzi;

b) vjaġġ mgħobbi li jsir minn vettura minn Stat Membru lejn pajjiż terz jew viċiversa, sew jekk igħaddi kif ukoll jekk ma jgħaddix minn Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi;

c) vjaġġ mgħobbi li jsir minn vettura bejn pajjiżi terzi, bla ma jgħaddu mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar minn wieħed;

d) vjaġġ bla tagħbija li huwa involut ma' trasport imsemmi f'(a), (b) u (c);

3. "Stat Membru ospitanti" tfisser Stat Membru li fih it-trasportatur jopera għajr l-Istat fejn it-trasportatur huwa stabbilit;

4. "trasportatur mhux residenti" tfisser impriża tat-trasport tal-merkanzija bit-triq li topera fi Stat Membru ospitanti;

5. xufier tfisser kull persuna li ssuq il-vettura anki għal perjodu qasir, jew li tinġarr f'vettura bħala parti mid-dmirijiet tagħha biex tkun disponibbli għal sewqan jekk meħtieġ;

6. "*operazzjonijiet ta' kabotaġġ*" tfisser trasport nazzjonali għall-kiri jew għall-kumpens imwettaq fuq bażi temporanja fi Stat Membru ospitanti ***jiġifieri skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III***;

([1]) ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

7. "ksur serju ▌ tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar it-trasport bit-triq" tfisser ksur li jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba skond l-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament *(KE) Nru …/2008* [li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati fit-twettiq tax-xogħol ta' operatur tat-trasport bit-triq];

***8) "kummerċ bejn pajjiż u ieħor" ifisser l-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali imwettqa minn trasportatur bejn żewġ Stati Membri li l-ebda wieħed minnhom ma jkun l-Istat Membru fejn ikun stabbilit it-trasportatur*.**

## Kapitolu II

## Trasport internazzjonali

### Artikolu 3

### Prinċipju

Trasport internazzjonali għandu jkun soġġett għal liċenzja tal-Komunità u, jekk ix-xufier huwa ċittadin ta' pajjiż terz, flimkien mal-attestazzjoni ta' xufier.

### Artikolu 4

### Il-liċenzja Komunitarja

1. Il-liċenzja tal-Komunità għandha tiġi maħruġa minn Stat Membru, bi qbil mad-dispozizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, lil kwalunkwe trasportatur li qed iġorr merkanzija bit-triq b'kera jew b'kumpens li:

a) huwa stabilit fi Stat Membru, skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dak l-Istat Membru;

b) huwa intitolat, fl-Istat Membru tal-istabbiliment, bi qbil mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità u l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li jirregolaw id-dħul fil-mestier ta' operatur tat-trasport bit-triq biex iwettaq it-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq.

2. Il-liċenzja tal-Komunità għandha tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' fejn huma stabbiliti għal perjodu li jiġġedded ta' ħames snin. Il-liċenzji Komunitarji u l-kopji attestati maħruġa qabel id-data tal-applikabbiltà tagħhom għandhom jibqgħu validi sad-data tal-iskadenza tagħhom.

3. L-Istat Membru tal-istabbiliment għandu jagħti lid-detentur il-liċenzja oriġinali tal-Komunità, li għandha tinżamm mill-impriża tat-trasportaturi, u n-numru ta' kopji attestati veri li jikkorrispondi għan-numru ta' vetturi li d-detentur tal-liċenzja tal-Komunità ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu, kemm jekk ikunu proprijeta sħiħa tiegħu, u kemm jekk, per eżempju, ikunu taħt titlu ta' xiri bin-nifs, kera jew kuntratti ta' twellija.

4. Il-liċenzja tal-Komunità u l-kopji attestati bħala veri għandhom jikkorrispondu għall-mudell li jinstab fl-Anness 1, li jesiġi wkoll il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu ta' din l-awtorizzazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-Anness I għall-progress tekniku. Peress li dawn il-miżuri huma intiżi sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati bil-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-*Artikolu 16(2)*.

5. Il-liċenzja Komunitarja u l-kopji attestati għandhom ikollhom timbru jew siġill inċiż tal-awtorità tal-ħruġ kif ukoll firma oriġinali u numru tas-serje. In-numri tas-serje tal-liċenzja Komunitarja u l-kopji attestati bħala veri għandhom jitniżżlu fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq ipprovdut fl-Artikolu 15 tar-Regolament *(KE Nru …/2008* [li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati fit-twettiq tax-xogħol ta' operatur tat-trasport bit-triq] bħala parti mis-sett ta' data tat-trasportatur.

6. Il-liċenzja tal-Komunità għandha tingħata f'isem it-trasportatur. It-trasportatur m'għandux jittrasferiha lil ebda terza persuna Kopja attestata tal-liċenzja Komunitarja għandha tinżamm f'kull vettura tat-trasportatur u għandha tiġi murija meta dan ikun mitlub minn uffiċjal awtorizzat li jagħmel dawn l-ispezzjonijiet.

Fil-każ ta' grupp magħqud ta' vetturi il-kopja attestata bħala vera għandha takkumpanja l-vettura bil-mutur. Hija għandha tkopri għall-grupp magħqud ta' vetturi anke jekk it-trejler jew is-semi-trejler ma jkunx irreġistrat jew awtorizzat biex juża t-toroq fl-isem ta' min għandu il-liċenzja jew jekk huwa reġistrat jew awtorizzat li juża t-toroq fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 5

Attestazzjoni tax-xufier

1. Attestazzjoni ta' xufier għandha tinħareġ minn Stat Membru, bi qbil ma' dan l-Artikolu, lil trasportatur li:

a) huwa detentur ta' liċenzja tal-Komunità;

b) f'dak l-Istat Membru li legalment jimpjega xufiera li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi jew li legalment juża xufiera li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi magħmula għad-dispożizzjoni tiegħu bi qbil mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali kif stabbilit fl-istess Stat Membru:

   i) minn liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, u, kif xieraq;

   ii) minn ftehim iet kollettiv, bi qbil mar-regoli applikabbli f'dak l-Istat Membru.

2. Attestazzjoni ta' xufier għandha tkun maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn hi stabbilita l-impriża tat-trasport tal-merkanzija fuq talba ta' min għandu l-liċenzja tal-Komunità għal kull xufier li hu ċittadin ta' pajjiż terz li jimpjegah legalment jew li hu legalment mqiegħed għad-dispożizzjoni tiegħu. Kull attestazzjoni ta' xufier għandha tiċċertifika li x-xufier imsemmi hemmhekk ikun impjegat bi qbil mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. L-attestazzjoni tax-xufier għandha tkun konformi mal-mudell muri fl-Anness II.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-Anness II għall-progress tekniku. Peress li dawn il-miżuri huma intiżi sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, dawn għandhom jiġu adottati bil-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija *fl-Artikolu 16(2).*

5. L-attestazzjoni tax-xufier għandha jkollha timbru jew siġill inċiż tal-awtorità tal-ħruġ kif ukoll firma oriġinali u numru tas-serje. In-numru tas-serje tal-attestazzjoni tax-xufier għandhom jitniżżlu fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq ipprovdut fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) *Nru …/2008* [li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati fit-twettiq tax-xogħol ta' operatur tat-trasport bit-triq] bħala parti mis-sett ta' data tat-trasportatur li jqiegħda għad-dispożizzjoni tax-xufier innominat fih.

6. L-attestazzjoni tax-xufier għandha tkun tappartjeni lit-trasportatur, li jagħmilha għad-dispożizzjoni tax-xufier imsemmi hemmhekk meta dak ix-xufier isuq vettura li tuża l-liċenzja tal-Komunità maħruġa lil dak it-trasportatur. Kopja attestata tal-attestazzjoni tax-xufier maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn hu stabbilit it-trasportatur għandha tinżamm fil-bini tat-trasportatur. L-attestazzjoni tax-xufier għandha tkun murija kull meta meħtieġ minn xi uffiċjal tal-ispezzjoni awtorizzat.

7. L-attestazzjoni tax-xufier għandha tkun maħruġa għall-perjodu li għandu jkun iddeterminat mill-Istat Membru li joħroġha, soġġetta għal validità massima ta' ħames snin. L-attestazzjonijiet tax-xufiera maħruġa qabel id-data tal-applikabbilta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi sad-data tal-iskadenza tagħhom.

L-attestazzjoni tax-xufier għandha tkun valida biss sakemm il-kundizzjonijiet li taħthom tkun maħruġa huma sodisfatti. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li jekk dawk il-kundizzjonijiet ma jkunux jintlaħqu aktar, it-trasportatur għandu jibgħat lura l-attestazzjoni immedjatament lejn l-awtoritajiet li jkunu ħarġuha.

Artikolu 6

Il-verifika tal-kundizzjonijiet

1. Meta ssir applikazzjoni għal-liċenzja tal-Komunità, mhux aktar tard minn ħames snin wara li tingħata l-imsemmija awtorizzazzjoni u sussegwentement għallinqas kull ħames snin, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' fejn hu stabbilit, għandhom jivverifikaw jekk it-trasportatur jissodisfax, jew għadux jissodisfa il-kundizzjonijiet li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 4(1).

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment għandhom jivverifikaw regolarment, billi jagħmlu kontrolli kull sena, li jkopru minn ta' lanqas 20 % tal-attestazzjonijiet validi f'dak l-Istat Membru, jekk il-kundizzjonijiet li hemm referenza dwahom fl-Artikolu 5(1) li permezz tagħhom l-attestazzjoni tax-xufier tkun inħarġet, ikunu għandhom jiġu sodisfatti.

Artikolu 7

Iċ-ċaħda tal-ħruġ u l-irtirar ta' liċenzja Komunitarja u attestazzjoni tax-xufier

1. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) jew dawk li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(1) mhumiex sodisfatti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment għandhom jiċħdu l-applikazzjoni għall-ħruġ jew għat-tiġdid tal-liċenzja tal-Komunità jew tal-attestazzjoni tax-xufier, permezz ta' deċiżjoni li tiddikjara r-raġunijiet għal dan.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw il-liċenzja tal-Komunità jew l-attestazzjoni tax-xufier meta d-detentur:

a) ma jissodisfax aktar il-kundizzjonijiet stabiliti fl-Artikolu 4(1) jew dawk li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(1), jew

b) ikun forna informazzjoni żbaljata fir-rigward ta' applikazzjoni għal liċenzja tal-Komunità jew għall-attestazzjoni ta' xufier.

***L-Artikolu 8***

***Kummerċ bejn pajjiż u ieħor u impjieg ta' ħaddiema***

***Meta l-kummerċ bejn żewġ Stati Membri jitwettaq fuq bażi regolari, kontinwa u/jew sistematika, minn trasportatur tal-merkanzija, wieħed mill-Istati Membri ospitanti jista' jitlob li jiġu applikati l-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg imsemmija fl-Artikolu 10***.

**Kapitolu III**

**Kabotaġġ**

*Artikolu 9*

Prinċipju

1. Kull trasportatur b'kiri jew qliegħ, li huwa detentur ta' liċenzja tal-Komunità u li x-xufier tiegħu, jekk ikun ċittadin ta' pajjiż li mhuwiex membru, ikollu l-attestazzjoni tax-xufier, ikun intitolat, permezz tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu, iwettaq operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

2. It-trasportaturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikun permessi jwettqu, bl-istess vettura, sa tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ konsekuttivi għal trasport internazzjonali minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz għall-Istat Membru ospitanti darba li tkun saret il-kunsinna tal-merkanzija ttrasportata waqt il-vjaġġ internazzjonali li jkun dieħel. ***L-awtorizzazzjoni għat-twettiq ta' dan it-trasport tat-tip kabotaġġ ma għandux jiddependi fuq il-ħatt totali tal-vetturi.*** L-aħħar ħatt ta' tagħbija tul ***trasport tat-tip kabotaġġ*** qabel it-tluq mill-Istat Membru ospitanti għandha sseħħ fi żmien sebat ijiem mill-aħħar ħatt fl-Istat Membru ospitanti waqt il-vjaġġ internazzjonali li jkun dieħel.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

***3. It-trasport tat-tip kabotaġġ jista' wkoll jiġi mwettaq fi Stat Membru li l-vettura għandha tgħaddi minnu wara l-ħatt fl-Istat Membru ta' ħruġ matul operazzjoni ta' trasport internazzjonali, bil-kundizzjoni li l-iqsar rotta lura tgħaddi minn dan l-Istat Membru u titwettaq fi żmien 7 ijiem mill-ġurnata tal-ħatt magħmul fil-pajjiż ta' ħruġ.***

***4. Ir-restrizzjonijiet fuq in-numru u t-tul ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom jitneħħew gradwalment. Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, in-numru ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiżdiedu għal sebgħa. Fl-1 ta' Jannar 2014, ir-restrizzjonijiet kollha fuq in-numru u t-tul ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom jitneħħew.***

5. Servizzi nazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq imwettqa fl-Istat Membru ospitanti minn trasportatur mhux residenti għandhom jitqiesu konformi ma' dan ir-Regolament biss jekk it-trasportatur jista' jipproduċi prova ċara tat-trasport internazzjonali li waqtu jkun wasal fl-Istat Membru ospitanti u ta' kull operazzjoni konsekuttiva ta' kabotaġġ imwettqa fl-Istat Membru ospitanti.

Prova bħal din għandha tinkludi ▌ id-dettalji li ġejjin għal kull operazzjoni:

a) l-isem, l-indirizz u l-firma ta' min qed jibgħat;

b) l-isem, l-indirizz u l-firma tat-trasportatur;

c) l-isem u l-indirizz tad-destinatarju kif ukoll il-firma u d-data tal-kunsinna ladarba l-merkanzija tkun waslet;

d) il-post u d-data tat-teħid tal-merkanzija u l-post fejn għandhom jitwasslu;

e) Id-deskrizzjoni użata s-soltu dwar in-natura tal-merkanzija u l-metodu tal-imballaġġ, u, fil-każ ta' merkanzija perikoluża, id-deskrizzjoni ġeneralment rikonoxxuta tagħhom kif ukoll l-għadd ta' pakketti u l-marki speċjali u n-numri tagħhom;

f) il-piż gross tal-merkanzija jew il-kwantità tagħhom espressa mod ieħor;

g) il-pjanċi tan-numru tal-vettura u t-trejler.

L-ittra tal-kunsinna jew kull dokument ta' trasport ieħor jistgħu jintużaw għal dan il-għan.

***6. L-Istati Membri m'għandhomx jeżiġu dokument speċifiku addizzjonali jew dokumenti duplikati li jagħtu xhieda tal-fatt li t-termini u l-kundizzjonijiet kif stipulati fil-paragrafu 5 ġew rispettati. Sa l-1 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni għandha tfassal skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija fl-Artikolu 16(2) mudell wieħed u armonizzat għal lista tat-tagħbija (waybill) valida fl-Unjoni Ewropea għat-trasport internazzjonali, it-trasport nazzjonali u t-trasport tat-tip kabotaġġ. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'konvenzjonijiet oħra ma' pajjiżi terzi jiġu allineati mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

7. Trasportatur li jkun intitolat fl-Istat Membru li fih ikun stabbilit, skond il-leġislazzjoni ta' dak l-Istat Membru, li jagħmel l-operazzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija bit-triq għal kiri jew bi ħlas li huma speċifikati fl-Artikolu 1(5) fil-punti (a), (b) u (c) għandu jkun imħolli, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu, li jagħmel, skond ma jkun il-każ, operazzjonijiet ta' kabotaġġ tal-istess għamla jew l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ permezz ta' vetturi fl-istess kagegorija.

8. Permess biex isiru l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, fil-qafas tat-tipi ta' tagħbija msemmija fl-Artikolu 1(5) punt (e), m'għandux ikun ristrett.

9. Kull impriża li tkun intitolata fl-Istat Membru li fih tkun stabbilita, skond il-leġislazzjoni ta' dak l-Istat Membru, li tagħmel operazzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija bit-triq għan-nom tagħha stess kif definit fl-Artikolu 1(5) punt (d) għandha tkun imħollija tagħmel l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għan-nom tagħha stess.

***10. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx iżommu Stat Membru milli jawtorizza t-trasportaturi tal-merkanzija ta' Stat Membru ieħor jew iktar li jwettqu fit-territorju tiegħu numru ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ illimitati jew li jeċċedi dak stabbilit fil-paragrafu 2, u bla limitu ta' żmien sa mill-aħħar ħatt jew f'iktar żmien minn dak stabbilit fil-paragrafu 2. L-awtorizzazzjonijiet mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu jiġu applikati. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet eżistenti u l-awtorizzazzjonijiet li huma jagħtu wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***11. Id-dħul jew il-ħruġ tat-trasport ta' merkanzija fuq it-toroq bħala parti waħda minn vjaġġ ta' trasport kombinat skond il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 92/106/KEE ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' kabotaġġ.***

*Artikolu 10*

Regoli applikabbli għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ

1. It-twettiq tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandu jkun suġġett, sakemm mhux provdut mod ieħor il-leġiżlazzjoni tal-Komunità, għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fl-Istat Membru li jospita f'dawn l-oqsma segwenti:

a) il-kundizzjonijiet li jiggwidaw il-kuntratt tat-trasport;

b) il-piżijiet u l-qisien ta' vetturi tat-triq;

c) il-ħtiġijiet li jirreferu għat-tagħbija ta' ċerti kategoriji ta merkanzija, b'mod partikolari merkanzija perikoluża, affarijiet tal-ikel li jiħżienu, annimali ħajjin;

d) ▌il-ħin tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ;

e) taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq servizzi ta' trasport***;***

***f) l-impjieg ta' ħaddiema kif stabbilit mid-Direttiva 96/71/KE.***

Il-piżijiet u d-dimensjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subinċiż jistgħu, meta jkun xieraq, jeċċedu dawk applikabbli fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit it-trasportatur, iżda dawn ma jistgħu taħt l-ebda ċirkostanza jeċċedu l-limiti stipulati mill-Istat Membru ospitanti għat-traffiku nazzjonali jew l-karatteristiċi tekniċi ċċertifikati mix-xhieda li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE *tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali* ([1]).

2. Il-liġijiet, ir-regoli u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu applikati għat-trasportaturi mhux residenti bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li huma imposti fuq iċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru, sabiex ma jitħalliex li ssir diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità jew post fejn wieħed jistabbilixxi ruħu.

## Kapitolu IV

## Assistenza reċiproka, *miżuri ta' salvagwardja* u *pieni*

*Artikolu 11*

Assistenza reċiproka

L-Istati Membri għandhom jgħinu 'l xulxin biex jassiguraw l-applikazzjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament. Għandhom jiskambjaw informazzjoni permezz tal-punti nazzjonali ta' kuntatt imwaqqfa skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru .../*2008* [li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati fit-twettiq tax-xogħol ta' operatur tat-trasport bit-triq].

([1]) ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59.

*L-Artikolu 12*

*Miżuri ta' salvagwardja*

*1. Wara t-tneħħija tar-ristrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9, paragrafu 3, fil-każ li jkun hemm interruzzjoni serja tas-suq tat-trasport nazzjonali f'zona ġeografika partikulari minħabba kabotaġġ jew li tkun aggravata minn kabotaġġ, kwalunkwe Stat Membru jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni bit-tama li jiġu adottati miżuri ta' salvagwardja u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni t-tagħrif meħtieġ u jgħarrafha bil-miżuri li jkun biħsiebu jieħu fir-rigward tat-trasportaturi residenti.*

*2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:*

*— "xkiel serju tas-suq tat-trasport nazzjonali f'zona ġeografika partikulari"tfisser l-eżistenza fis-suq ta' problemi speċifiċi għalih, b'tali mod li jkun hemm eċċess serju jew potenzjalment persistenti ta' forniment akbar mid-domanda li timplika theddida għall-istabilità finanzjarja u għas-sopravivenza ta' numru sinifikanti ta' trasportaturi tal-merkanzija,*

*— "zona ġeografika" tfisser zona li tkopri t-territorju ta' Stat Membru kollu jew parti minnu jew li testendi lejn it-territorju kollu jew parti mit-territorju ta' Stati Membri oħra.*

*3. Il-Kummissjoni għandha teżamina s-sitwazzjoni, b'mod partikulari fuq il-bażi tal-aħħar informazzjoni ta' kull tliet xhur kif hemm riferenza dwarha fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3916/90 tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar miżuri li għandhom jittieħdu fil-każ ta' kriżi fis-suq tat-trasport ta' merkanzija bit-triq* (1) *u, wara li tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv stabbilit permezz tal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament, għandha tiddeċiedi fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba rilevanti tal-Istat Membru jekk ikunux meħtieġa miżuri ta' salvagwardja u għandha tadottahom jekk dawn ikunu meħtieġa. Miżuri bħal dawn jistgħu jinvolvu l-esklużjoni temporanja taz-zona kkonċernata mill-iskop ta' dan ir-Regolament. Il-miżuri mdaħħla skond dan l-Artikolu għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, u jkunu jistgħu jiġġeddu għal darba waħda fi żmien l-istess limiti ta' validità. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-Istati Membri u lill-Kunsill b'kull deċiżjoni li tittieħed skond dan il-paragrafu.*

*4. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tieħu miżuri ta' salvagwardja rigward Stat Membru wieħed jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti għandhom jiġu meħtieġa li jieħdu miżuri ta' ambitu ekwivalenti fir-rigward tat-trasportaturi residenti u għandhom jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni. Dawn il-miżuri għandhom ikunu applikati sa mhux aktar tard mill-istess data bħal tal-miżuri ta' salvagwardja li jkunu ġew deċiżi mill-Kummissjoni.*

*5. Kull Stat Membru jista' jressaq deċiżjoni tal-Kummissjoni kif stipulat fil-paragrafu 3 lill-Kunsill fi żmien 30 jum min-notifika tagħha. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fi żmien 30 jum mir-riferenza li tkun saret minn Stat Membru jew, jekk ikun hemm riferenzi minn diversi Stati Membri, fi żmien 30 jum mill-ewwel referenza, jista' jieħu deċiżjoni differenti.*

*Il-limiti taż-żmien stipulati fil-paragrafu 3 għandhom japplikaw għad-deċiżjoni tal-Kunsill. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jintalbu jieħdu miżuri ta' ambitu ekwivalenti fir-rigward tat-trasportaturi residenti u għandhom jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni. Jekk il-Kunsill ma jieħu l-ebda deċiżjoni fi żmien il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ssir waħda finali.*

*6. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 jeħtieġ li jittawlu, hija għandha tissottometti proposta lill-Kunsill, li għandu jieħu deċiżjoni b'maġġoranza kwalifikata.*

(1) *ĠU L 375, 31.12.1990, p. 10.*

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

*Artikolu 13*

Sanzjonijiet fuq ksur minn Stat Membru tal-istabbiliment

1. Fil-każ ta' ksur serju ▌leġiżlazzjoni Komunitarja dwar it-trasport bit-triq li jkunu saru jew ġew aċċertati fi kwalunkwe Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' fejn ikun stabbilit it-trasportatur li ikkommetta dan il-ksur għandhom joħorġu twissja u jistgħu, fost l-oħrajn, jimponu *l-pieni* amministrattivi li ġejjin:

a) l-irtirar temporanju jew parzjali ta' xi wħud jew kollha mill-kopji attestati tal-liċenzja tal-Komunità;

b) l-irtirar temporanju jew permanenti tal-liċenzja tal-Komunità***;***

***c) multi.***

Dawn *il-pieni* għandhom ikunu *determinati****, wara li tkun ingħatat deċiżjoni finali u wara li l-possibilitajiet legali kollha għar-reviżjoni miftuħa għat-trasportaturi ikunu ġew eżawriti*** b'konsiderazzjoni għas-serjetà tal-ksur ▌*kommess* minn min jippossjedi liċenzja tal-Komunità u b'konsiderazzjoni għan-numru totali ta' kopji attestati ta' dik il-liċenzja li hu jżomm fir-rigward tat-traffiku internazzjonali.

2. Fil-każ ta' ksur serju ▌dwar xi użu ħażin hu liema hu tal-attestazzjonijiet tax-xufiera, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment tat-trasportatur li jkun ikkommetta dan il-ksur għandu jimponi *pieni* xierqa, bħal ma huma:

a) is-sospensjoni tal-ħruġ tal-attestazzjonijiet tax-xufier;

b) l-irtirar tal-attestazzjonijiet tax-xufier;

c) jagħmel il-ħruġ tal-attestazzjonijiet tax-xufier soġġett għall-kundizzjonijiet addizzjonali sabiex ikun evitat l-użu ħażin;

d) l-irtirar temporanju jew permanenti ta' xi wħud jew kollha mill-kopji ċċertifikati veri tal-liċenzja tal-Komunità;

e) l-irtirar temporanju jew permanenti tal-liċenzja tal-Komunità***;***

***f) multi.***

Dawn *il-pieni* għandhom ikunu ddeterminati wara konsiderazzjoni tas-serjetà tal-ksur kommess minn min jippossjedi il-liċenzja tal-Komunità.

3. ***Meta jkun aċċertat ksur serju****fil*-każ imsemmi fl-Artikolu 14(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment għandhom jiddeċiedu **liema***piena***għandha** tiġi imposta fuq it-trasportatur ikkonċernat***, li tvarja minn twissija u tkompli bit-teħid temporanju jew permanenti tal-liċenzja Komunitarja***. Għandhom jikkomunikaw lil l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru 1 fejn il-ksur ġie aċċertat malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jkun sar jaf bil-ksur li għalih ikunu ġew imposti il-pieni ipprovduti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Jekk ma kienx possibbli li jiġu imposti dawn il-pieni, għandhom, jiddikjaraw ir-raġunijiet għal dan.

4. ***Id-deċiżjoni dwar l-irtirar temporanju ta' kwalunkwe dokument (liċenzja Komunitarja, attestazzjoni tax-xufier, kopji awtentikati) għandha tistipula:***

***a) il-perjodu tal-irtirar temporanju;***

***b) il-kundizzjonijiet biex jintemm l-irtirar temporanju;***

***c) il-każijiet li fihom il-liċenzja Komunitarja għandha tiġi rtirata b'mod permanenti għaliex il-kundizzjonijiet stabbiliti skond punt (b) ma jkunux ġew issodisfati waqt il-perjodu stipulat skond punt (a).***

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu kull *piena* imposta fl-Istat Membru fejn ikun kkonstatat l-ksur u tassigura li *l-pieni* imposti fuq it-trasportatur ikkonċernat ikunu, fit-totalità tagħhom, proporzjonali għall-ksur jew il-ksur li jkunu wasslu għal dawk *il-pieni*.

6. L-awtoritajiet kompetenti *tal-Istat* Membru tal-istabbiliment tat-trasportatur jistgħu wkoll, permezz tal-liġijiet nazzjonali tagħhom, jiftħu proċeduri kontra t-trasportatur ikkonċernat quddiem qorti kompetenti jew tribunal nazzjonali. Dawn għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jospita bid-deċiżjoni meħuda għal dan l-effett.

7. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-trasportaturi jkollhom dritt ta' appell kontra kull *piena* amministrattiva imposta fuqhom skond dak l-Artikolu.

*Artikolu 14*

Sanzjonijiet fuq ksur minn Stat Membru ospitanti

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru huma konxji ta' ksur serju ▌ ta' dan ir-Regolament jew tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar it-trasport bit-triq li jkun qiegħed isir minn xi trasportatur mhux residenti, l-Istat Membru li 1 fih jiġi aċċertat li qed isir il-ksur għandu jittrażmetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard minn xahar ***wara d-data tad-deċiżjoni finali li tkun ittieħdet wara li jiġu eżawriti l-possibilitajiet legali kollha għal reviżjoni mogħtija lit-trasportatur li fuqu qed jiġu imposti l-pieni***, bl-informazzjoni li ġejja:

a) deskrizzjoni tal-ksur u d-data u l-ħin meta twettaq;

b) il-kategorija, it-tip u l-gravità tal-ksur;

c) il-pieni imposti u l-pieni esegwiti.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih it-trasportatur huwa stabbilit biex jimponu l-pieni amministrattivi li johorġu mill-*Artikolu 13*.

2. Mingħajr preġudizzju għal xi proċeduri ta' prosekuzzjoni l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jospita għandhom ikollhom il-jedd li jimponu pieni fuq trasportatur mhux residenti li jkun ikkommetta ksur ta' dan ir-Regolament jew ta' leġiżlazzjoni dwar it-trasport bit-triq nazzjonali jew Komunitarja fit-territorju tagħhom matul operazzjoni ta' kabotaġġ. Dawn għandhom jimponu dawk *il-pieni* fuq bażi *mhux diskriminatorja*. Dawn il-pieni jistgħu, inter alia, jikkonsistu fi twissija, jew, fl-eventwalità ta' ksur serju ▌, impediment temporanju fuq operazzjonijiet b' kabotaġġ ġewwa t-territorju tal-Istat Membru li jospita fejn ikun seħħ il-ksur.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi għandhom dritt ta' appell kontra kull piena amministrattiva imposta fuqhom skond dak l-Artikolu.

*Artikolu 15*

Tniżżil fir-reġistru nazzjonali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-punti nazzjonali ta' kuntatt tagħhom, li ksur serju ▌ tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar it-trasport bit-triq li jsir minn trasportaturi stabbiliti fit-territorju tagħhom li wasslu għall-impożizzjoni ta' *piena* minn kwalunkwe Stat Membru kif ukoll il-pieni imposti jitniżżlu fir-reġistru nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq ***meta tkun ittieħdet deċiżjoni finali wara li l-possibilitajiet legali kollha għal reviżjoni miftuħa għat-trasportatur ikunu ġew eżawriti,*** kif stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru …/*2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu *rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur* bit-triq]. Dawk l-entrati fir-reġistru li għandhom x'jaqsmu ma' rtirar temporanju jew permanenti ta' liċenzja Komunitarja għandhom jibqgħu fid-database għal mill-inqas sentejn.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

## Kapitolu V

## Implimentazzjoni

*Artikolu 16*

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 18 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 *tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq* ([1]).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a (1) sa (4) u (5) (b) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-limiti ta' żmien ipprovduti fl-Artikolu 5a(3)(c), (4)(b) u ‖ (e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu ffissati għal xahar.

*Artikolu 17*

*Pieni*

L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar *il-pieni* applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jassiguraw li dawn jiġu implimentati. *Il-pieni* provduti b'dan il-mod għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni fi żmien … ([2]) u jinnotifikaw il-bidliet sussegwenti malajr kemm jista' jkun.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-miżuri kollha jiġu applikati mingħajr diskriminazzjoni għaċ-ċittadinanza jew għall-post ta' stabbiliment tat-trasportatur.

*Artikolu 18*

Rappurtar

1. Mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bin-numru ta' trasportaturi li jkollhom il-liċenzji mill-Komunità fil-31 Diċembru tas-sena preċedenti u n-numru ta' kopji attestati li jikkorrispondu mal-vetturi li jkun hemm fiċ-ċirkolazzjoni f'dak iż-żmien.

2. L-Istati Membri għandhom ukoll jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-għadd ta' attestazzjonijiet tax-xufiera fiċ-ċirkolazzjoni fil-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena.

## Kapitolu VI

## Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 19*

Revoki

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 881/92 u (KEE) Nru 3118/93 u d-Direttiva 2006/94/KE huma hawnhekk imħassra.

Referenzi għar-Regolamenti u d-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

([1]) ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.
([2]) *12-il xahar mid-data li fiha dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.*

*Artikolu 20*

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu *japplika mill-**1 ta' Jannar 2009***.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ‖

Għall-Parlament Ewropew
*Il-President*

Għall-Kunsill
*Il-President*

---

*ANNESS I*

KOMUNITÀ EWROPEA

(a)

(Ċelesti, karta sintetika format DIN A4, 150g/m$^2$ jew aktar)
(L-ewwel paġna tal-liċenzja)
(Test fl-ilsna uffiċjali (f'wieħed mill-ilsna) tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja)

L-Istat li joħroġ il-liċenzja
Sinjal ta' distinzjoni (1)

L-isem tal-awtorità jew tal-korp kompetenti

LIĊENZJA Nru
KOPJA ATTESTATA BĦALA VERA Nru
għat-trasport ta' merkanzija bit-triq b'kera jew b'kumpens

Il-liċenzja tintitola (2) ..........................................................................

..........................................................................

biex ikun jista' jidħol fit-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq, b'kera jew b'kumpens, bi kwalunkwe rotta, għall-vjaġġi sħaħ jew parti minn vjaġġi li jsiru b'kera jew b'kumpens fit-territorju tal-Komunità, kif stabbilit fir-Regolament *KE Nru …/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *ta' …* *[*dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq*]* (3) u bla ħsara għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' din il-liċenzja.

Rimarki partikolari: ..........................................................................

Din il-liċenzja għandha tkun valida minn .............................. sa ..............................

Maħruġa fi .............................., data ..............................

(4) ..........................................................................

---

(1) Is-sinjali ta' distinzjoni tal-Istat Membru huma; (B) il-Belġju, ‖ (BG) il-Bu;garija, ‖ (CZ) ir-Repubblika Ċeka, (DK) id-Danimarka, (D) il-Ġermanja, ‖ (EST) l-Estonja, (IRL) l-Irlanda, (GR) il-Greċja, (E) Spanja, (F) Franza, (I) l-Italja, ‖ (CY) Ċipru, (LV) il-Latvja, (LT) il-Litwanja, (L) il-Lussemburgu, ‖ (H) l-Ungerija, (MT) Malta, (NL) l-Olanda, ‖ (A) l-Awstrija, ‖ (PL) il-Polonja, (P) il-Portugall, ‖ (RO) ir-Rumanija, ‖ (SLO) is-Slovenja, (SK) is-Slovakkja, ‖ (FIN) il-Finlandja, (S) l- Iżvezja, (UK) ir-Renju Unit.

(2) L-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tal-burdnar /trasportatur.

(3) ĠU L …

(4) Il-firma u t-timbru tal-awtorità jew il-korp kompetenti tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

(b)

(IT-TIENI PAĠNA TAL-LIĊENZJA)

(Test fl-ilsna uffiċjali (f'wieħed mill-ilsna) tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja)

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Il-liċenzja tinħareġ permezz tar-*Regolament KE Nru …/2008* [*dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq*].

Din tintitola lil pussessur tal-awtorizzazzjoni li jinvolvi ruħhu fit-trasport internazzjonali tal-merkanzija bittriq b'kera jew b'kumpens jew bi kwalunkwe rotta, għall-vjaġġi sħaħ jew parti minn vjaġġi li jsiru fit-territorju tal-Komunità, meta xieraq, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti hawnhekk:

— meta l-punt tat-tluq u l-punt tal-wasla huma f'żewġ Stati Membri differenti, sew jekk ikun hemm kif ukoll jekk ma jkunx hemm passaġġ minn Stat Membru wieħed jew aktar, jew minn pajjiżi terzi,

— minn Stat Membru lejn pajjiż terz jew viċiversa, sew jekk igħaddi kif ukoll jekk ma jgħaddix minn Stat Membru wieħed jew aktar jew mill-pajjiżi terzi,

— bejn pajjiżi terzi billi jgħaddu mit-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar,

u vjaġġi mingħajr tagħblija li huma marbuta ma' dan it-trasport.

Fil-każ tat-trasport minn Stat Membru lejn pajjiż terz jew viċiversa, din l-awtorizzazzjoni hija valida għal dik il-parti tal-vjaġġ li ssir fit-territorju tal-Komunità. Għandha tkun valida fl-Istat Membru ta' fejn isiru it-tagħbija jew il-ħatt kif biss wara li jintlaħaq il-ftehim meħtieġ bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi f'dan il-każ bi qbil mar-*Regolament KE Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … [dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq].*

Il-liċenzja hija personali għal min tkun ġiet mogħtija u mhiex trasferibbli.

Tista' tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ħarġiha, partikolarment meta d-detentur:

— ma jkunx konformi mall-kundizzjonijiet kollha għall-użu tal-liċenzja,

— ikun forna l-informazzjoni li ma kenitx korretta fr-rigward tal-informazjoni meħtieġa biex tingħata jew tiġi mġedda il-liċenzja;

L-oriġinal tal-liċenzja għandha tinżamm mill-impriża tat-trasportatur.

Kopja attestata tal-liċenzja għandha tinżamm fil-vettura ([1]) Fil-każ ta' grupp magħqud ta' vetturi għandha takkumpanja l-vettura bil-mutur. Hija tgħodd għall-grupp magħqud ta' vetturi anke jekk it-trejler jew issemi-trejler ma jkunx irreġistrat jew awtorizzat biex juża t-toroq fl-isem ta' min għandu l-liċenzja jew jekk huwa reġistrat jew awtorizzat li juża t-toroq fi Stat Membru ieħor.

Il-liċenzja għandha tiġi prodotta meta jkun meħtieġ minn uffiċjal awtorizzat tal-ispezzjoni.

Fit-territorju ta' kull Stat Membru, dak li għandu l-awtorizzazzjoni għandu jħares il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministativi fis-seħħ f'dak l-Istat, partikolarment fir-rigward tat-trasport u tat-traffiku.

([1]) "Vettura", tfisser vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru jew għaqda ta' vetturi, li vettura bil-mutur minnhom ta' mill-anqas tkun irreġistrata fi Stat Membru, użata esklussivament għat-trasport tal-merkanzija.).

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

*ANNESS II*

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

(a)

(Kulur roża — format DIN A4; karta sintetika, 150g/m$^2$ jew aktar)
(L-ewwel paġna tal-attestazzjoni)
(Test fl-ilsna uffiċjali (f'wieħed mill-ilsna) tal-Istat Membru li joħroġ l-attestazzjoni)

Timbru li jiddistingwi l-Istat Membru (1)
li joħroġ l-attestazzjoni

L-isem tal-awtorità jew tal-korp kompetenti

ATTESTAZZJONI TAX-XUFIER Nru. …
għat-trasport ta' merkanzija bit-triq għal kiri jew għall-qliegħ permezz tal-liċenzja tal-Komunità
(Regolament KE *Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …* [dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq]) (2)

Din l-attestazzjoni tiċċertifika li fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati minn:

(3) ……………………………………………………………………

……………………………………………………………………

ix-xufier segwenti:

Isem u kunjom ……………………………………………………………………

Data u post tat-twelid …………………………… Nazzjonalità ……………………………

Tip u numru tar-referenza tal-karta tal-identità ……………………………………

Data tal-ħruġ …………………………… Post tal-ħruġ ……………………………

Numru tal-liċenzja tas-sewqan ……………………………………………………

Data tal-ħruġ …………………………… Post tal-ħruġ ……………………………

Numru tas-sigurtà soċjali ……………………………………………………

huwa impjegat, bi qbil mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi u, kif xieraq, malftehim kollettiv, bi qbil mar-regoli applikabbli fl-Istat Membru segwenti, bil-kundizzjonijiet tax-xogħol u ttaħriġ vokazzjonali ta' xufiera applikabbli f'dak l-Istat Membru sabiex jagħmel operazzjonijiet tat-trasport tat-triq f'dak l-Istat:

…………………………………………………………………… (4)

Rimarki partikolari: ……………………………………………………

Din l-attestazzjonigħandha tkun valida minn …………………… sa ……………………

Maħruġa fil-. ……………………………, nhar ……………………………

…………………………………………………………………… (5)

(1) Is-sinjali ta' distinzjoni tal-Istat Membru huma (B) il-Belġju, ‖ (BG) il-Bulgarija, ‖ (CZ) ir-Repubblika Ċeka, (DK) id-Danimarka, (D) il-Ġermanja, ‖ (EST) l-Estonja, (IRL) l-Irlanda, (GR) il-Greċja, (E) Spanja, (F) Franza, (I) l-Italja, ‖ (CY) Ċipru, (LV) il-Latvja, (LT) il-Litwanja, (L) il-Lussemburgu, ‖ (H) l-Ungerija, (MT) Malta, (NL) l-Olanda, ‖ (A) l-Awstrija, ‖ (PL) il-Polonja, (P) il-Portugall, ‖ (RO) ir-Rumanija, ‖ (SLO) is-Slovenja, (SK) is-Slovakkja, ‖ (FIN) il-Finlandja, (S) l-Iżvezja, (UK) ir-Renju Unit.

(2) ĠU L …

(3) L-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz shih tat-trasportatur.

(4) L-isem tal-Istat Membru tal-istabbiliment tat-trasportatur.

(5) Il-firma u t-timbru tal-awtorità jew tal-korp kompetenti tal-ħruġ.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

(It-tieni paġna tal-attestazzjonii)

(Test fl-ilsna uffiċjali (f'wieħed mill-ilsna) tal-Istat Membru li joħroġ l-attestazzjoni)

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

L-attestazzjoni hi maħruġa permezz tar-Regolament (KE) Nru *.../2008* ‖ *[dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq]*.

Tiċċertifika li x-xufier imsemmi hawnhekk hu impjegat, bi qbil mal-liġijiet, ir-regolament jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi u, kif xieraq, ftehim kollettiv, bi qbil mar-regoli applikabbli fl-Istat Membru msemmi fl-attestazzjoni, dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jew tat-taħriġ vokazzjonali tax-xufiera applikabbli f'dak l-istess Stat Membru sabiex jagħmel l-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq f'dak l-Istat.

L-attestazzjoni tax-xufier għandha tkun tappartieni għat-trasportatur, li jagħmilha għad-dispożizzjoni taxxufier imsemmi hemmhekk meta dak ix-xufier isuq vettura ikun impjegat fit-trasport bl-użu ta' liċenzja tal-Komunità maħruġa lil dak it-trasportatur. L-attestazzjoni tax-xufier mhix trasferibbli. L-attestazzjoni taxxufier tkun valida biss sakemm il-kundizzjonijiet li permezz tagħhom tkun inħarġet għandhom ikunu sodisfatti u trid tkun mibgħuta lura immedjatament mit-trasportatur lejn l-awtoritajiet kompetenti jekk dawn ilkundizzjonijiet ma għadhomx aktar jintlaħqu.

Tista' tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ħarġiha, partikolarment meta d-detentur:

— ma jkunx ikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha għall-użu tal-attestazzjoni;

— ikun issupplixxa informazzjoni mhix korretta fir-rigward tad-dettalji meħtieġa għall-ħruġ jew l-estensjoni tal-attestazzjoni;

Kopja ċċertifikata vera tal-attestazzjoni trid tinżamm mill-impriża tat-trasportatur,

Attestazzjoni oriġinali trid tinżamm fil-vettura u trid tiġi prodotta mix-xufier meta meħtieġa mill-uffiċjal awtorizzat tal-ispezzjoni.

(1) "Vettura", tfisser vettura bil-mutur irregistrata fi Stat Membru jew għaqda ta' vetturi, li vettura bil-mutur minnhom ta' mill-anqas tkun irreġistrata fi Stat Membru, użata esklussivament għat-trasport tal-merkanzija.

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

*ANNESS III*

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Regolament *(KEE) Nru* 881/92 | Regolament *(KEE) Nru* 3118/93 | Direttiva 2006/94/*KE* | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|---|
| Artikolu 1(1) | | | Artikolu 1(1) |
| Artikolu 1(2) | | | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 1(3) | | | Artikolu 1(3) |
| | | | Artikolu 1(4) ġdid |
| | | Artikolu 1(1), 1(2), Anness I; Artikolu 2 | Artikolu 1(5) |
| | | Artikolu 2 | Artikolu 1(6) |
| Artikolu 2 | | | Artikolu 2 emendat |
| Artikolu 3(1) | | | Artikolu 3 |
| Artikolu 3(2) | | | Artikolu 4(1) emendat |
| Artikolu 3(3) | | | Artikolu 5(1) emendat |
| Artikolu 4 | | | - |
| Artikolu 5(1) | | | Artikolu 4(2) emendat |
| Artikolu 5(2) | | | Artikolu 4(3) emendat |
| Artikolu 5(3) | | | Artikolu 4(4) emendat |
| | | | Artikolu 4(5) ġdid |
| Artikolu 5(4), Anness I it-tieni paġna, is-7 parag, it-2ni u t-3et sentenza | | | Artikolu 4(6) emendat |
| Artikolu 5(5) | | | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 6(1) | | | Artikolu 5(2) emendat |
| Artikolu 6(2) | | | Artikolu 5(2) emendat |
| Artikolu 6(3) | | | Artikolu 5(3) emendat |
| Artikolu 6(4) | | | Artikolu 5(4) |
| Artikolu 6(5) | | | Artikolu 5(5) |
| Artikolu 7 | | | Artikolu 6 |
| Artikolu 8(1) | | | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 8(2) | | | Artikolu 7(2) |
| | | | *Artikolu 8 ġdid* |
| Artikolu 8(3) | | | *Artikolu 13(1) emendat* |
| Artikolu 8(4) | | | *Artikolu 13(2)* |
| Artikolu 9(1) | | | *Artikolu 13(7) emendat* |
| Artikolu 9(2) | | | *Artikolu 13(7) emendat* |
| | Artikolu 1(1) | | *Artikolu 9(1)* |
| | | | *Artikolu 9(2)* |
| | | | *Artikolu 9(3) ġdid* |
| | | | *Artikolu 9(4) ġdid* |

**L-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008**

| Regolament *(KEE) Nru* 881/92 | Regolament *(KEE) Nru* 3118/93 | Direttiva 2006/94/*KE* | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|---|
| | | | *Artikolu 9(5)* |
| | | | *Artikolu 9(6) ġdid* |
| | Artikolu 1(2) | | *Artikolu 9(7)* |
| | Artikolu 1(3) | | *Artikolu 9(8)* |
| | Artikolu 1(4) | | *Artikolu 9(9)* |
| | | | *Artikolu 9(10) ġdid* |
| | Artikolu 2 | | - |
| | Artikolu 3 | | - |
| | Artikolu 4 | | - |
| | Artikolu 5 | | - |
| | Artikolu 6(1) | | *Artikolu 10(1) emendat* |
| | Artikolu 6(2) | | - |
| | Artikolu 6(3) | | *Artikolu 10(2)* |
| | Artikolu 6(4) | | - |
| | Artikolu 7 | | - |
| Artikolu 10 | | | *Artikolu 18(1) emendat* |
| Artikolu 11(1) | | | *Artikolu 11 emendat* |
| Artikolu 11(2) | | | *Artikolu 14(1) emendat* |
| Artikolu 11(3) | | | *Artikolu 13(3) emendat* |
| L-Artikolu 11a | | | - |
| | | | *Artikolu 12 ġdid* |
| | Artikolu 8(1) | | *Artikolu 11 emendat* |
| | Artikolu 8(2) | | *Artikolu 14(2) emendat* |
| | Artikolu 8(3) | | *Artikolu 14(2) emendat* |
| | Artikolu 8(4) sub-inċiżi 1 u 3 | | - |
| | | | *Artikolu 13(4) ġdid* |
| | Artikolu 8(4) sub-inċiż 2 | | *Artikolu 13(5) emendat* |
| | Artikolu 8(4) sub-inċiżi 4 u 5 | | *Artikolu 13(6) emendat* |
| | Artikolu 9 | | *Artikolu 14(3) emendat* |
| | | | *Artikolu 15* |
| | | | *Artikolu 16* |
| | | | *Artikolu 17* |
| Artikolu 12 | | | *Artikolu 19* |
| Artikolu 13 | | | - |
| Artikolu 14 | Artikolu 10 | | - |
| | Artikolu 11 | | - |
| Artikolu 15 | Artikolu 12 | | *Artikolu 20* |
| | | Artikolu 3 | - |
| | | Artikolu 4 | - |

| Regolament *(KEE) Nru* 881/92 | Regolament *(KEE) Nru* 3118/93 | Direttiva 2006/94/KE | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|---|
| | | Artikolu 5 | - |
| | | Anness II, III | - |
| Anness I | | | Anness I |
| Anness II | | | Artikolu 1(5) |
| Anness III | | | Anness II |
| | Anness I | | - |
| | Anness II | | - |
| | Anness III | | - |
| | Anness IV | | - |

## L-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) ***I

P6_TA(2008)0219

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS) (COM(2007)0480 — C6-0257/2007 — 2007/0174(COD))**

(2009/C 279 E/39)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0480),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0257/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0077/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**P6_TC1-COD(2007)0174**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għażla u l-awtorizzazzjoni ta' sistemi li jipprovdu servizzi mobbli permezz tas-satellita (MSS)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, d-Deċiżjoni Nru 626/2008/KE.)*

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

# L-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2008

P6_TA(2008)0225

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2008 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima III — Kummissjoni (9190/2008 — C6-0192/2008 — 2008/2080(BUD))**

(2009/C 279 E/40)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, kif ġie adottat b'mod finali fl-13 ta' Diċembru 2007 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda ([3]),

— wara li kkunsidra l-abbozz Preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 2/2008 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, ippreżentat mill-Kummissjoni fit-14 ta' Marzu 2008 (COM(2008)0150),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 2/2008, li l-Kunsill stabbilixxa fl-14 ta' Mejju 2008 (9190/2008 — C6-0192/2008),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0188/2008),

A. Billi l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 2 għall-baġit ġenerali 2008 jkopri l-punti li ġejjin:

 — L-inklużjoni fil-baġit tal-2008 ta' approprjazzjonijiet għal impenji mhux użati għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF), li jiġu minn dewmien fl-implimentazzjoni tal-ewwel sena tal-qafas finanzjarju multi-annwali 2007-2013. Dan jinvolvi żieda fl-approprjazzjonijiet ta' impenji ta' 378 miljun EUR għas-sub intestatura 1b il-Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi, u ta' 393,6 miljun EUR għall-intestatura 2 — Il-Prevenzjoni u l-Immaniġġjar ta' Riżorsi Naturali,

 — Modifiki għall-organigramma tal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMEA), wara l-ħolqien tal-Kumitat Pedjatriku,

 — Modifiki għall-organigramma tal-Aġenzija tas-Sigurtà Marittima Ewropea (EMSA) biex tqis il-ħolqien ta' Ċentru tad-Dejta Ewropea għall-Identifikazzjoni Minn Distanza Kbira u l-Ittraċċar tal-Vapuri (LRIT),

B. Billi l-iskop tal-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 2/2008 huwa li dawn l-aġġustamenti baġitarji jiddaħħlu b'mod formali fil-baġit tal-2008,

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1525/2007. (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).
([2]) ĠU L 71, 14.3.2008.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1. Ftehima kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 6, 10.1.2008, p. 7).

1. Jinnota l-Abbozz Preliminari tal-baġit ta' emenda Nru 2/2008;

2. Japprova bla emendi l-Abbozz ta' baġit li jemenda Nru 2/2008;

3. Ifakkar li alloka parti mill-infiq amministrattiv marbut mal-fondi strutturali u l-iżvilupp rurali f'riżerva fil-baġit tal-2008 sabiex tithaffef l-approvazzjoni tal-programmi operattivi;

4. Jinnota li skond ir-regoli li jirregolaw il-programmi operattivi territorjali, dawn għandhom ikunu indirizzati mill-Kummissjoni matul perjodu ta' sitt xhur;

5. Jinnota li n-nuqqas ta' implimentazzjoni fl-2007 fl-intestaturi 1b u 2 ammonta għal 3 525 miljun EUR, li minnhom 1 491 miljun EUR ġew mgħoddija għas-sena 2008, 2 034 miljun EUR għandhom ikunu ttrasferiti taħt punt 48 tal-Ftehima Inter-Istituzzjonali għas-snin ta' wara;

6. Jinnota b'sodisfazzjoni li l-programmi operattivi kollha tal-Fond Soċjali Ewropew ġew approvati;

7. Jinnota li xi programmi operattivi tal-ERDF ma ġewx indirizzati mill-Kummissjoni;

8. Huwa mħasseb dwar id-dewmien fl-approvazzjoni ta' programmi operattivi tal-iżvilupp rurali, waħda mill-prijoritajiet politiċi tal-Parlament;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (tfassil mill-ġdid) ***I

P6_TA(2008)0227

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (tfassil mill-ġdid) (COM(2007)0443 — C6-0243/2007 — 2007/0163(COD))**

(2009/C 279 E/41)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0443),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u 150, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0243/2007),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 għal użu iktar strutturat tat-teknika tat-tfassil mill-ġdid tal-atti ġuridiċi ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-24 ta' Jannar 2008 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali f'konformità mal-Artikolu 80atar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 80a u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li ikkunsidra r-rapport ta' Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0131/2008),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna d-dispożizzjonijiet mhux mibdula tat-testi eżistenti, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi ta' dawn, mingħajr tibdil sustanzjali,

---

([1]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata hawn taħt u kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2007)0163**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Mejju 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament *(KE) Nru …/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fondazzjoni għat-Taħriġ (riformulat)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 150 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ‖,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura kif imsemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ([4]) ġie emendat sostanzjalment kemm-il darba. Peress li għandhom isiru aktar emendi, għandu jiġi mfassal mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' fi Strasburgu fit-8 u d-9 ta' Diċembru 1989 talab lill-Kunsill sabiex jadotta, fil-bidu tal-1990, id-deċiżjonijiet neċessarji għall-istabbiliment ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, billi jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni. Għal dan il-għan fis-7 ta' Mejju 1990 il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 li *jistabbilixxi* l-Fondazzjoni msemmija.

(3) Skond deċiżjoni meħuda permezz ta' ftehim komuni bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri f'laqgħa fil-livell tal-Kapijiet tal-Istati u tal-Gvernijiet fi Brussell fid-29 ta' Ottubru 1993 ([5]), il-Fondazzjoni għandha tkun ibbażata f'Turin, l-Italja.

(4) Fit-18 ta' Diċembru 1989 il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 3906/89 ([6]) dwar għajnuna ekonomika lir-Repubblika tal-Ungerija u lir-Repubblika tal-Poplu Pollakk li *ipprovda* għal għajnuna f'oqsma li jinkludu t-taħriġ sabiex jissaħħaħ il-proċess ta' riforma ekonomika u soċjali fl-Ungerija u l-Polonja.

(5) Il-Kunsill sussegwentement estenda din l-għajnuna lil pajjiżi oħra fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant ‖.

*(6)* Fis-27 ta' Lulju 1994, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2063/94 ([7]) li emenda r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 bil-ħsieb li jinkludi fl-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, l-Istati li jirċievu għajnuna skond ‖il-Programm TACIS. ‖

---

([1]) ĠU C ….
([2]) ĠU C ….
([3]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Mejju 2008.*
([4]) ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar ‖bir-Regolament ‖ (KE) Nru 1648/2003 ‖ (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 22).
([5]) ĠU C 323, 30.11.1993, p. 1.
([6]) ĠU L 375, 23. 12. 1989, p. 11.
([7]) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 9.

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

*(7)* Fis-17 ta' Lulju 1998, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1572/98 ([1]) li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 bil-ħsieb li jinkludi fl-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, il-pajjiżi u t-territorji Mediterranji li mhux membri iżda li huma benefiċjarji tal-miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkumpanjaw ir-riforma tal-istrutturi ekonomiċi u soċjali tagħhom skond *il-Programm MEDA* ‖.

*(8)* Fil-5 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2666/2000 ([2]) dwar l-assistenza għall-Albanija, *il-Bosnja* u Ħerzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1360/90 bil-ħsieb li jinkludi fl-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, l-*pajjiżi tal-* Balkani tal-Punent koperti mir-Regolament (KE) Nru 2666/2000.

*(9)* Il-programmi ta' għajnuna esterna marbuta mal-pajjiżi koperti mill-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandhom jiġu *sostitwiti* mill-istrumenti l-ġodda tal-politika tar-relazzjonijiet esterni, primarjament l-istrument stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 *tas-17 ta' Lulju 2006* li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ([3]) u l-istrument stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006* li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument ta' Viċinat u Sħubija ([4]).

*(10)* Permezz tal-appoġġ tal-iżvilupp tal-***kapital*** uman fil-kuntest tal-politika tar-relazzjonijiet esterni, l-UE tagħti kontribut għall-iżvilupp f'dawn l-Istati billi tipprovdi l-ħiliet meħtieġa għat-tkattir tal-produttività u l-impjiegi u tappoġġja l-koeżjoni soċjali billi tippromwovi l-parteċipazzjoni ċivika.

*(11)* Fil-kuntest tal-isforzi ta' dawn l-Istati sabiex jirriformaw l-istrutturi ekonomiċi u soċjali tagħhom, l-iżvilupp tal-***kapital*** uman huwa essenzjali għall-kisba ta' stabbilità u prosperità fit-tul u b'mod partikolari għall-kisba ta' ekwilibriju soċjoekonomiku.

*(12)* Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ tista' tagħti kontribuzzjoni importanti fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjoni esterni tal-UE, lejn żvilupp aħjar tal-***kapital*** uman, partikolarment l-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva ta' tagħlim matul il-ħajja.

*(13)* Għall-kontribuzzjoni tagħha, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ikollha bżonn tirrikorri għall-esperjenza li akkwistat fl-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja u għall-istituzzjonijiet tagħha involuti f'din l-attività.

*(14)* Fil-Komunità u f'pajjiżi terzi, inklużi l-pajjiżi koperti mill-attivitajiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, jeżistu faċilitajiet reġjonali u/jew nazzjonali, pubbliċi u/jew privati li jistgħu jintalbu jikkollaboraw fl-għoti effettiv ta' għajnuna fil-qasam tal-iżvilupp tal-***kapital*** uman, partikolarment l-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja.

*(15)* L-istat u l-istruttura tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandha tiffaċilita rispons flessibbli għar-rekwiżiti speċifiċi u varjati tal-pajjiżi individwali li għandhom ikunu assistiti, u jippermettulha li taqdi l-funzjonijiet tagħha f'kooperazzjoni mill-qrib mal-entitajiet nazzjonali u internazzjonali eżistenti.

*(16)* Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandu jkollha personalità legali, u fl-istess waqt iżżomm fil-kompożizzjoni tagħha relazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u tirrispetta r-responsabbilitajiet politiċi u operattivi ġenerali tal-Komunità u tal-istituzzjonijiet tagħha.

*(17)* Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandu jkollha rabtiet mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, mal-Iskema ta' Mobilità Transewropea għall-Istudji Universitarji (Tempus) u kwalunkwe skema oħra istitwita mill-Kunsill sabiex tipprovdi għajnuna fil-qasam tat-taħriġ lill-pajjiżi koperti mill-attivitajiet tagħha.

---

([1]) ĠU L 206, 23.7.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1. *Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2112/2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 23).*
([3]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.
([4]) ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

*(18)* Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li ma humiex membri tal-Komunità u li jħaddnu l-impenn tal-Komunità u tal-Istati Membri għall-għoti ta' għajnuna lill-pajjiżi koperti mill-attivitjiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp tal-***kapital*** uman, partikolarment l-edukazzjoni u t-taħriġ minn perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja, taħt arranġamenti li għandhom isiru fi ftehim bejn il-Komunità u dawn l-istess pajjiżi.

*(19)* Il-Kummissjoni, ***il-Parlament Ewropew*** u l-Istati Membri ***kollha*** għandhom jiġu rrappreżentati f'Bord tat-Tmexxija sabiex ***jissorverljaw*** effettivament il-funzjonijiet tal-Fondazzjoni. ▌

*(20)* Sabiex tkun iggarantita l-awtonomija u l-indipendenza sħiħa tal-Fondazzjoni, din għandha tingħata baġit awtonomu li d-dħul tiegħu jiġi ***primarjament*** minn kontribuzzjoni tal-Komunità. Il-proċedura Komunitarja tal-baġit għandha tkun applikabbli safejn għandhom x'jaqsmu l-kontribuzzjoni Komunitarja u kull sussidju ieħor li għandu jitħallas mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Il-verifika tal-kontijiet għandha ssir mill-Qorti tal-Awdituri.

*(21)* Il-Fondazzjoni hija entità mwaqqfa mill-Komunitajiet skond is-sens tal-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament *Finanzjarju* applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament Finanzjarju) u għandha tadotta r-regoli finanzjarji tagħha skond dan.

*(22)* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) għandu japplika għall-Fondazzjoni.

*(23)* Għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([3]) għandu japplika mingħajr restrizzjoni għall-Fondazzjoni.

*(24)* Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([4]) għandhom japplikaw għall-Fondazzjoni.

*(25)* Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data ([5]) għandu japplika għall-ipproċessar tad-data mill-Fondazzjoni.

*(26)* Peress li l-*għan ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari****assistenza lil pajjiżi terzi fil-qasam ta'*** l-iżvilupp tal-***kapital*** uman, ▌ma jistgħax jintlaħaq *b'mod sodisfaċenti* mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilt f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dan il-għan.

*(27)* Dan ir-Regolament ***jirrispetta*** d-drittijiet fundamentali ▌rikonoxxuti ▌mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***partikolarment*** l-Artikolu 43 ***tiegħu,***

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. *Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).*
([2]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.
([3]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
([4]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
([5]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

Dan ir-Regolament *b'dan* jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Fondazzjoni"), li l-għan tagħha għandu jkun li tikkontribwixxi, fil-kuntest tal-politika tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, biex ittejjeb l-iżvilupp tal-*kapital* uman ▌ fil-pajjiżi li ġejjin:

a) il-pajjiżi eliġibbli għall-appoġġ skond ‖ ir-Regolament ‖ (KE) Nru 1085/2006 u atti ġuridiċi relatati sussegwenti;

b) il-pajjiżi eliġibbli għall-appoġġ skond ir-Regolament ‖ (KE) Nru 1638/2006 u atti ġuridiċi relatati sussegwenti;

c) pajjiżi oħra ddeżinjati bid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija ***fuq proposta mill-Kummissjoni appoġġjata minn żewġ terzi tal-membri tiegħu u wara li tingħata l-opinjoni tal-Kummissjoni, u li huma koperti minn strument Komunitarju jew ftehim internazzjonali li jinkludi komponent ta' żvilupp tal-kapital uman,*** u safejn jippermettu r-riżorsi disponibbli.

Il-pajjiżi taħt a), b) u c) minn hawn 'il quddiem intitolati "l-pajjiżi msieħba".

***Għall-fini ta' dan ir-Regolament, "l-iżvilupp tal-kapital uman" għandu jkun definit bħala ħidma, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tul il-ħajja tal-ħiliet u l-kompetenzi ta' kull individwu permezz tat-titjib fis-sistemi professjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ.***

***Sabiex tikseb l-objettiv tagħha, il-Fondazzjoni tista' tipprovdi assistenza lill-pajjiżi msieħba għal:***

— ***l-iffaċiltar tal-adattament għat-tibdil industrijali, partikolarment permezz tat-taħriġ professjonali u t-taħriġ professjonali mill-ġdid;***

— ***it-titjib fit-taħriġ professjonali inizjali u kontinwu sabiex jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni u r-ri-integrazzjoni professjonali fis-suq tax-xogħol;***

— ***l-iffaċilitar tal-aċċess għal taħriġ professjonali u l-inkoraġġiment tal-mobbiltà ta' dawk li jħarrġu u dawk li jitħarrġu u partikolarment taż-żgħażagħ;***

— ***l-istimular ta' kooperazzjoni dwar it-taħriġ bejn stabbilimenti edukattivi u ditti kummerċjali;***

— ***l-iżvilupp ta' skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi tattaħriġ tal-Istati Membri;***

— ***iż-żieda fl-adattabiltà tal-ħaddiema, partikolarment permezz ta' aktar parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ f'perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja;***

— ***it-tfassil, l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' riformi fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, sabiex jiġu żviluppati l-impjegabiltà u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol.***

Artikolu 2

Funzjonijiet

Bil-għan li jinkisbu l-għanijiet imniżżla fl-Artikolu 1, il-Fondazzjoni, fil-limiti tal-poteri mogħtija lill-Bord tat-Tmexxija u filwaqt li ssegwi l-linji ta' gwida ġenerali stabbiliti f'livell ta' Komunità, għandu jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

a) li tagħti tagħrif, analiżi tal-politika u pariri dwar kwistjonijiet ta' żvilupp tal-***kapital*** uman ▌fil-pajjiżi msieħba;

***b) li tippromovi tagħrif u analiżi ta' ħiliet meħtieġa fis-swieq nazzjonali u lokali tax-xogħol;***

*(c)* li tappoġġja l-partijiet interessati rilevanti fil-pajjiżi msieħba biex jibnu l-kapaċità fl-iżvilupp tal-***kapital*** uman;

*(d)* tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni u l-esperjenza fost id-donaturi involuti fir-riforma tal-iżvilupp tal-***kapital*** uman fil-pajjiżi msieħba;

*(e)* tappoġġja t-twassil tal-għajnuna Komunitarja lil pajjiżi msieħba fil-qasam tal-iżvilupp tal-***kapital*** uman;

*(f)* ixxerred l-informazzjoni u tħeġġeġ in-netwerking u l-iskambji ta' esperjenza u prassi tajba bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msieħba u fost il-pajjiżi msieħba dwar kwistjonijiet tal-iżvilupp tal-***kapital*** uman;

*(g)* fuq talba tal-Kummissjoni, tikkontribwixxi lejn l-analiżi tal-effettività globali tal-għajnuna f'għamla ta' taħriġ lill-pajjiżi msieħba;

*(h)* tagħmel *xogħlijiet* oħra skond kif ikun miftiehem bejn il-Bord tat-Tmexxija u l-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas ġenerali ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 3

## Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Fondazzjoni għandu jkollha personalità legali. Hija għandha tgawdi f'kull wieħed mill-Istati Membri l-kapaċità legali l-aktar estensiva li tista' tingħata lill-persuni legali taħt il-liġijiet tagħhom; tista', b'mod partikolari, takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tista' tkun parti fi proċedimenti legali. Hija ma għandhiex taħdem għall-profitt.

2. Il-Fondazzjoni għandu jkollha s-sede tagħha f'Turin, l-Italja.

3. Il-Fondazzjoni għandha tikkoopera mal-korpi l-oħra rilevanti tal-Komunità bl-appoġġ tal-Kummissjoni. Il-Fondazzjoni għandha tikkoopera, b'mod partikolari, maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) fil-qafas ta' programm ta' ħidma annwali konġunt anness mal-programm ta' ħidma annwali ta' kull aġenzija bil-għan li tkun promossa s-sinerġija u ***l-kumplimentarjetá*** bejn l-attivitajiet taż-żewġ aġenziji.

***4. Rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew li huma diġà attivi fil-ħidma tal-istituzzjonijiet Komunitarji, u organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tat-taħriġ, jistgħu, fejn xieraq, jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-ħidma tal-Fondazzjoni.***

5. ▌*Il*-Fondazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kontroll amministrattiv tal-Ombudsman Ewropew, skond il-kondizzjonijiet *stabbiliti* fl-Artikolu 195 tat-*Trattat*.

6. Il-Fondazzjoni tista' tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet rilevanti oħra attivi fil-qasam tal-iżvilupp tal-***kapital*** uman fl-UE u fil-kamp internazzjonali. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta dawn il-ftehimiet fuq il-bażi tal-abbozz ippreżentat mid-Direttur wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha. L-arranġamenti ta' ħidma li jkun hemm fihom għandhom ikunu konformi mal-liġi Komunitarja.

## Artikolu 4

## Trasparenza

1. Il-Fondazzjoni għandha taġixxi b'livell għoli ta' trasparenza u tikkonforma mad-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 sa 4.

2. *Il-Fondazzjoni għandha tippubblika**fi żmien sitt xhur mill-istabbiliment tal-Bord tat-Tmexxija tagħha***:

a) ir-Regoli ta' Proċedura *tagħha* u dawk tal-Bord tat-Tmexxija;

b) ir-rapport annwali tal-attività.

3. Il-Bord tat-Tmexxija jista' ▌jawtorizza rappreżentanti tal-partijiet interessati, f'każijiet xierqa, biex jattendu laqgħat tal-entitajiet tal-Fondazzjoni fil-kapaċità ta' osservaturi.

4. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu jgħodd għad-dokumenti miżmuma mill-Aġenzija.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament imsemmi.

### Artikolu 5

### Kunfidenzjalità

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 4(4), il-Fondazzjoni ma tistax tikxef lil partijiet terzi informazzjoni kunfidenzjali li tkun irċeviet li għaliha jkun intalab u ġie ġġustifikat trattament kunfidenzjali.

2. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur għandhom ikunu *soġġetti* għar-rekwiżit ta' kunfidenzjalità msemmi fl-Artikolu 287 *tat-Trattat*.

3. L-informazzjoni miġbura mill-Fondazzjoni skond *dan ir-Regolament* għandha tkun *soġġetta* għar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

### Artikolu 6

### Rimedji

Deċiżjonijiet *meħudin* mill-Fondazzjoni skond l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu s-suġġett ta' ilment lill-Ombudsman jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 195 u 230 tat-Trattat rispettivament.

### Artikolu 7

### Il-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Fondazzjoni għandu jkollha Bord tat-Tmexxija li jkun jikkonsisti f'rappreżentanti tal-Istati Membri ***li jsegwu l-istipulazzjonijiet ta' rotazzjoni tat-Trattat ta' Liżbona fir-rigward tal-ħatra tal-Kummissarji, tliet*** rappreżentanti tal-Kummissjoni, kif ukoll ***tliet esperti maħtura mill-Parlament Ewropew; barra minn hekk,*** tliet rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba ***jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi.*** Ir-rappreżentanti jistgħu jinbidlu minn sostituti, maħtura fl-istess waqt.

2. ***L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jaħtru kull wieħed ir-rappreżentanti u s-sostituti tagħhom għall-Bord ta' Tmexxija.***

Ir-rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba għandhom jinħatru mill-Kummissjoni ***fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti minn dawk il-pajjiżi u tal-esperjenza u l-għarfien speċjalizzat tagħhom fl-oqsma tax-xogħol tal-Fondazzjoni.***

***L-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, u l-Kummissjoni għandhom jaħdmu biex jiksbu rappreżentanza bbilanċjata ta' rġiel u nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija.***

3. Il-mandat tar-rappreżentanti għandu jkun ta' ħames snin. Għandu jiġġedded darba.

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ippresjedut minn wieħed mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. It-terminu tal-mandat tal-President għandu jiskadi meta s-sħubija rispettiva tagħhom mal-Bord ta' Tmexxija tieqaf.

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 8

Regoli tal-votazzjoni u d-dmirijiet tal-President

1. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ▌ fuq il-Bord ta' Tmexxija għandhom ikollhom vot wieħed kull wieħed. ***Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandhom ikollhom vot wieħed bejniethom.***

▌

Id-Deċiżjonijiet tal-*Bord tat-Tmexxija* għandhom ikollhom maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-bord ***intitolati li jivvutaw***, barra fil-*każijiet imsemmija* fil-***paragrafi 2 u 3***.

2. Il-Bord *tat-Tmexxija* għandu jistabilixxi, b'deċiżjoni unanima tal-membri tiegħu ***intitolati li jivvutaw***, ir-regoli li jirregolaw il-lingwi tal-Fondazzjoni, jieħu kont tal-bżonn li jiġi żgurat l-aċċess, u l-parteċipazzjoni, mill-partijiet kollha interessati fix-xogħol tal-Fondazzjoni.

3. *Il-President* għandu jlaqqa' l-Bord tat-*Tmexxija* mill-inqas ***darba*** fis-sena. ***Jistgħu jissejħu aktar laqgħat*** fuq talba ta' maġġoranza ta' ***sempliċi*** tal-membri tal-Bord ***intitolati li jivvutaw***.

*Il-President* għandu jkun responsabbli sabiex jinforma lill-bord b'attivitajiet oħra tal-Komunità rilevanti għax-xogħol tagħhom u bl-aspettattivi tal-Kummissjoni li jikkonċernaw l-attivitajiet tal-Fondazzjoni fis-sena li tkun ġejja.

Artikolu 9

Poteri tal-Bord tat-Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu l-funzjonijiet u l-poteri li ġejjin:

(a) Jaħtar u, fejn ikun meħtieġ, ikeċċi lid-Direttur tal-Fondazzjoni skond ‖ *l-Artikolu 10.5*;

b) jeżerċita awtortità dixxiplinarja fuq id-Direttur;

c) jadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-Fondazzjoni fuq il-bażi ta' abbozz ippreżentat mid-Direttur tal-Fondazzjoni wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha, skond ‖ l-Artikolu 12;

d) ifassal stima annwali ta' nefqa u dħul għall-Fondazzjoni u jgħaddiha lill-Kummissjoni;

e) jadotta l-baġit definittiv tal-Fondazzjoni u pjan ta' stabbiliment wara t-tlestija tal-proċedura annwali tal-baġit, skond ‖ l-Artikolu 16;

f) jadotta r-rapport annwali tal-attivitajiet tal-Fondazzjoni, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13 u *jibagħtu* lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri;

g) jadotta r-Regoli ta' Proċedura fuq il-bażi ta' abbozz ippreżentat mid-Direttur wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha;

h) jadotta r-regoli finanzjarji tal-Fondazzjoni fuq il-bażi ta' abbozz ippreżentat mid-Direttur tal-Fondazzjoni wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha, skond ‖ l-Artikolu 19;

i) jadotta l-proċeduri għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, skond ‖ l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Direttur

1. Id-Direttur tal-Fondazzjoni għandu jkun maħtur mill-Bord tat-Tmexxija ***għal perjodu ta' ħames snin fuq*** il-bażi ta' lista ta' ***mill-inqas tliet*** kandidati ***mressqa*** mill-Kummissjoni, ***għal perjodu ta' ħames snin***. Qabel ma jinħatar, il-kandidat magħżul mill-Bord tat-Tmexxija ***għandu*** jiġi mistieden jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu l-membri tiegħu/tagħhom.

Matul id-9 xhur wara t-tmiem ta' dan il-perjodu, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni, ***abbażi ta' evalwazzjoni preċedenti minn esperti esterni, li*** għandha tevalwa b'mod partikolari:

— il-prestazzjoni tad-Direttur;

— id-dmirijiet u l-ħtiġijiet tal-Fondazzjoni fis-snin li jkunu ġejjin.

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, u filwaqt li jieħu kont tar-rapport ta' evalwazzjoni u f'dawk il-każijiet biss fejn ikun iġġustifikat mid-dmirijiet u r-rekwiżiti tal-Fondazzjoni, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur darba għal mhux iktar minn tliet snin.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinforma lill-Parlament Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li jestendi l-mandat tad-Direttur. Fi żmien xahar qabel l-estensjoni tal-mandat tiegħu/tagħha, id-Direttur jista'/tista' jiġi/tiġi mistieden/mistiedna jagħmel/tagħmel dikjarazzjoni quddiem il-kumitat(i) kompetenti tal-Parlament Ewropew u jwieġeb/twieġeb mistoqsijiet li jagħmlulu/jagħmlulha l-membri tiegħu/tagħhom.

Jekk il-mandat tiegħu/tagħha ma jiġix estiż, id-Direttur għandu/għandha jibqa'/tibqa' fil-kariga sal-ħatra tas-suċċessur tiegħu/tagħha.

2. Id-Direttur għandu/għandha jinħatar/tinħatar abbażi tal-mertu, il-ħiliet amministrattivi u maniġerjali u l-għarfien espert u l-esperjenza tiegħu/tagħha fil-qasam tax-xogħol tal-Fondazzjoni.

3. Id-Direttur għandu/għandha jkun/tkun ir-rappreżentant legali tal-Fondazzjoni.

4. Id-Direttur għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:

a) iħejji, abbażi tal-linji ta' gwida ġenerali stabbiliti mill-Kummissjoni, il-programm ta' ħidma annwali, l-abbozz tal-istima għall-infiq u d-dħul tal-Fondazzjoni, ir-Regoli ta' Proċedura tagħha u dawk tal-Bord tat-Tmexxija, ir-regoli finanzjarji tagħha u l-ħidma tal-Bord tat-Tmexxija, u kwalunkwe grupp ta' ħidma ad hoc maħluq mill-Bord tat-Tmexxija;

b) jieħu sehem, mingħajr id-dritt għall-vot, fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija;

c) jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija;

d) jimplimenta l-programm ta' ħidma annwali tal-Fondazzjoni u jirreaġixxi għar-rikjesti ta' għajnuna mill-Kummissjoni;

e) iwettaq id-dmirijiet ta' uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, skond l-Artikoli 33 sa 42 tar- ‖ Regolament ‖ (KE, Euratom) Nru 2343/2002;

f) jimplimenta l-baġit tal-Fondazzjoni;

g) jistabbilixxi sistema effettiva ta' monitoraġġ biex ikunu jistgħu jsiru l-evalwazzjonijiet regolari msemmija fl-Artikolu 24 u, fuq din il-bażi, iħejji abbozz ta' rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Fondazzjoni;

h) jippreżenta r-rapport annwali lill-Parlament Ewropew;

i) jieħu ħsieb il-kwistjonijiet kollha marbuta mal-persunal, u partikolarment, jeżerċita s-setgħat ipprovduti fl-Artikolu 21;

j) jiddefinixxi l-istruttura organizzattiva tal-Fondazzjoni u jippreżentaha lill-Bord tat-Tmexxija għall-approvazzjoni;

k) jirrappreżenta l-Fondazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill skond ‖ l-Artikolu 18.

5. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-azzjonijiet tiegħu/tagħha quddiem il-Bord tat-*Tmexxija*, li jista' jneħħi lid-Direttur mill-kariga tiegħu qabel ma jkun skadielu l-mandat fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 11

L-Interess pubbliku u d-dipendenza

Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur għandhom jaġixxu fl-interess tal-pubbliku u indipendentement minn kwalunkwe influwenza esterna. Għal dan il-għan, għandhom jagħmlu dikjarazzjoni bil-miktub tal-impenn tagħhom u dikjarazzjoni bil-miktub tal-interessi tagħhom kull sena.

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

Artikolu 12

Programm ta' ħidma annwali

1. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun konformi mas-suġġett, l-ambitu u l-funzjonijiet tal-Fondazzjoni *kif imsemmija* fl-Artikoli 1 u 2.

2. *Il-programm ta' ħidma annwali* għandu jiġi abbozzat fi ħdan il-qafas ta' ***programm ta' ħidma pluriennali*** ta' erba' snin f'kooperazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni u bil-kunsiderazzjoni *ta' kemm il-* prijoritajiet tar-relazzjonijiet esterni għall-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati ***kif ukoll fuq il-bażi ta' esperjenza akkwistata fl-edukazzjoni u t-taħriġ fi ħdan il-Komunità***.

3. Il-proġetti u attivitajiet fil-programm ta' xogħol annwali għandhom ikunu akkompanjati b' kull stima tan-nefqa meħtieġa u b'allokazzjonijiet ta' impjegati u riżorsi mill-estimi finanzjarji.

4. Id-Direttur għandu jippreżenta l-abbozz tal-programm ta' ħidma lill-Bord tat-Tmexxija wara li l-Kummissjoni tkun tat l-opinjoni tagħha dwaru.

5. *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz tal-programm ta' ħidma annwali għas-sena ta' wara sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru.* L-adozzjoni finali tal-programm ta' ħidma għandha ssir fil-bidu ta' kull sena.

6. *Fejn* meħtieġ, il-programm jista' jiġi *adattat* matul is-sena billi tiġi użata l-istess proċedura sabiex tiġi żgurata effettività akbar tal-politika tal-Komunità.

Artikolu 13

Rapport ta' Attività Annwali

1. Id-Direttur għandu jirrapporta lill-Bord tat-Tmexxija dwar il-qadi tad-dmirijiet tiegħu/tagħha fl-għamla ta' rapport annwali dwar l-attivitajiet.

2. Ir-rapport għandu jkun fih informazzjoni finanzjarja u maniġerjali li tindika r-riżultati tal-operazzjonijiet b'referenza ***għall-programm ta' ħidma annwali u****għall-* għanijiet stabbiliti, ir-riskji assoċjati ma' ***dawk*** l-operazzjonijiet, l-użu li sar mir-riżorsi pprovduti u l-mod kif ħadmet is-sistema interna tal-kontroll.

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jabozza analiżi u evalwazzjoni tar-rapport annwali tal-attivitajiet tas-sena finanzjarja preċedenti.

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu *jadotta* r-rapport annwali tal-attivitajiet tad-Direttur u jgħaddih flimkien mal-analiżi u l-evalwazzjoni tiegħu lill-***entitajiet kompetenti tal-***Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, *tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew* mhux iktar tard mill-15 ta' Ġunju. Ir-rapport għandu jintbagħat ukoll lill-Istati Membri u, għall-informazzjoni, lill-pajjiżi msieħba.

***5. Id-Direttur tal-Fondazzjoni għandu jippreżenta lill-Fondazzjoni rapport annwali lill-kumitati relevanti tal-Parlament Ewropew u l-korpi preparatorji tal-Kunsill.***

Artikolu 14

Rabtiet ma' azzjonijiet oħra tal-Komunità

Il-Kummissjoni, *f'kooperazzjoni* mal-Bord ta' Tmexxija għandha tiżgura konsistenza u komplimentarjetà bejn ix-xogħol tal-Fondazzjoni u azzjonijiet oħra fuq livell tal-Komunità, sew ġewwa l-Komunità kif ukoll f'assistenza lill-pajjiżi msieħba.

Artikolu 15

Baġit

1. Għandha tiġi mħejjija stima tad-dħul u l-infiq kollu tal-Fondazzjoni għal kull sena finanzjarja u għandha tiġi murija fil-baġit tal-Fondazzjoni, li għandu jinkludi pjan ta' stabbiliment, u kull sena finanzjarja għandha tikkorrispondi mas-sena kalendarja.

2. Id-dħul u nfiq muri fil-baġit tal-Fondazzjoni għandu jkun fil-bilanċ.

3. Id-dħul tal-Fondazzjoni għandu jinkludi, mingħajr preġudizzju għal tipi oħra ta' dħul, sussidju mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, pagamenti magħmula bħala remunerazzjoni għal servizzi mwettqa kif ukoll finanzjament minn sorsi oħra.

4. Il-baġit għandu jinkludi wkoll dettalji ta' fondi li jkunu tpoġġew għad-dispożizzjoni mill-pajjiżi msieħba nfushom għal proġetti li jgawdu minn assistenza finanzjarja mill-Fondazzjoni.

Artikolu 16

Il-Proċedura baġitarja

1. Kull sena *l-Bord* tat-Tmexxija, abbażi tal-abbozz imħejji mid-Direttur, għandu jipproduċi *stima* tal-introjtu u tal-ispejjeż tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li jkun imiss. *Din l-istima*, li *għandha tinkludi* abbozz ta' pjan ta' stabbiliment, *għandha tkun mgħoddija* mill-Bord *tat-Tmexxija* lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-istima, filwaqt li tqis il-limiti proposti tal-ammont globali disponibbli għall-azzjonijiet esterni, u *għandha* ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ║ r-riżorsi li tqis meħtieġa għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tas-sussidju li għandu jiġi ddebitat lill-baġit ġenerali ║.

3. L-*istima għandha tintbagħat* mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-awtorità *tal-baġit*") flimkien mal-abbozz preliminari *tal-baġit* ġenerali ║

4. L-awtorità *tal-baġit* għandha tawtorizza l-approprjazzjonijiet għas-sussidju lill-Fondazzjoni.

L-awtorità tal-baġit għandha *tadotta* l-pjan *ta'* stabbiliment tal-Fondazzjoni.

5. Il-baġit u l-pjan tal-istabbiliment għandu jkun *adottat* mill-Bord tat-Tmexxija. Għandhom isiru definittivi wara l-adozzjoni finali tal-baġit ġenerali. Jekk ikun meħtieġ, il-baġit u l-pjan ta' stabbiliment għandhom *ikunu* aġġustati skond il-ħtieġa.

6. Il-Bord *tat-Tmexxija* għandu, mill-aktar fis possibli, jinnotifika *lill*-awtorità tal-baġit bl-intenzjonijiet tiegħu sabiex jimplimenta kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-fondi tal-baġit tiegħu, partikolarment kwalunkwe *proġett relatat* mal-proprjetà *bħall-kiri* jew *ix-xiri* ta' bini. Għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni.

*Fejn fergħa* tal-awtorità tal-baġit *tkun* innotifikat bl-intenzjoni tagħha illi tagħti opinjoni, *hija* għandha tgħaddi l-opinjoni *tagħha* lill-Bord *tat-Tmexxija* fi żmien perjodu ta' sitt ġimgħat mid-data tan-notifika tal-proġett.

Artikolu 17

Implimentazzjoni u kontroll tal-baġit

1. *Mhux aktar* tard *mill-1* ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Fondazzjoni għandu jikkomunika l-kontijiet *proviżorji* lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport dwar l-amministrazzjoni *tal-baġit u tal-finanzi* għal dik is-sena finanzjarja. *L-uffiċjal* tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet *proviżorji tal-istituzzjonijiet* u l-korpi diċentralizzati skond l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju.

2. *Mhux aktar* tard *mill-31* ta' Marzu ta' kull sena finanzjarja, l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet *proviżorji* tal-Fondazzjoni lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien ma rapport dwar l-amministrazzjoni *tal-baġit u tal-finanzi* għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport dwar l-amministrazzjoni tal-baġit u tal-finanzi għal dik is-sena finanzjarja għandhom jintbagħtu wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Id-Direttur għandu jimplimenta l-baġit tal-Fondazzjoni.

4. Malli jirċievi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet *proviżorji* tal-Fondazzjoni, skond l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, id-Direttur għandu jħejji l-kontijiet finali tal-Fondazzjoni li jaqgħu taħt *ir-responsabbiltà* tiegħu /tagħha u jgħaddihom lill-Bord *tat-Tmexxija* għall-opinjoni tiegħu.

5. Il-Bord *tat-Tmexxija* għandu jgħaddi opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-Fondazzjoni.

6. Id-Direttur għandu, *sa* mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, jgħaddi dawn il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-opinjoni tal-Bord *tat-Tmexxija.*

7. Il-kontijiet finali għandhom ikunu ppubblikati.

8. Id-Direttur tal-Fondazzjoni għandu jibgħat lill-Qorti tal-Awdituri risposta għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Għandu /ha wkoll jibgħat /tibgħat dik ir-risposta lill-Bord *tat-Tmexxija.*

9. Id-Direttur għandu jagħti lill-Parlament Ewropew, fuq it-talba ta' dan tal-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' *kwittanza* għas-sena finanzjarja kkonċernata, kif stabbilit fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju.

10. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill *filwaqt li jaġixxi b'*maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena N + 2, jagħti l-approvazzjoni lid-Direttur skond l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N.

11. Id-Direttur għandu jieħu l-passi kollha xierqa li jkunu rikjesti, jekk ikun il-każ, mill-osservazzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċiżjoni *ta' kwittanza.*

Artikolu 18

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

Mingħajr preġudizzju għall-kontrolli msemmija hawn fuq u, partikolarment il-proċeduri baġitarji u *ta' kwittanza*, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill *jista' jitlob* fi kwalunkwe waqt ▌għal seduta ta' smigħ mad-Direttur dwar kwalunkwe suġġett marbut mal-attivitajiet tal-Fondazzjoni.

Artikolu 19

Regoli Finanzjarji

1. Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Fondazzjoni għandhom ikunu *adottati* mill-Bord tat-Tmexxija wara *li* l-Kummissjoni tkun ġiet ikkonsultata. Ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament ║ (KE, Euratom) Nru 2343/2002 ║sakemm dan ma jkunx rikjest speċifikament għall-operat tal-Fondazzjoni u mhux qabel jingħata l-kunsens mill-Kummissjoni.

2. Skond l-Artikolu *133(1)* tar-Regolament Finanzjarju, il-Fondazzjoni għandha tapplika r-regoli tagħha tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni sabiex il-kontijiet tagħha jkunu *jistgħu jiġu* kkonsolidati ma' dawk tal-Kummissjoni.

3. Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 għandu jgħodd għal-Fondazzjoni fl-intier tiegħu.

4. Il-Fondazzjoni *għandha****tirrispetta l****-Ftehim* Interistituzzjonali *tal-25* ta' Mejju 1999 ***bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward ta' investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF)*** ([1]). Il-Bord tat-Tmexxija għandu ▌jadotta l-miżuri neċessarji biex jgħin lill-OLAF iwettaq ***tali*** investigazzjonijiet interni.

Artikolu 20

Privileġġi u immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u *l*-immunitajiet tal-Kommunitajiet Ewropej għandu jgħodd għall-Fondazzjoni.

Artikolu 21

Regoli tal-persunal

Il-persunal tal-Fondazzjoni għandu jkun irregolat mir-regoli u r-regolamenti applikabbli għall-uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-Fondazzjoni għandha teżerċita fuq il-persunal tagħha l-poteri devoluti lill-awtorità responsabbli mill-ħatriet.

Il-Bord *tat-Tmexxija* għandu, bi ftehim mal-Kummissjoni, jadotta r-regoli ta' implimentazzjoni xierqa skond l-arranġamenti pprovduti fl-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Artikolu 127 tal-*Kondizzjonijiet* tal-Impjiegi ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-Bord tat-Tmexxija jista' jadotta dispożizzjonijiet oħra biex esperti nazzjonali minn Stati Membri jew pajjiżi msieħba jkunu jistgħu jiġu impjegati billi *jiġu* ssekondati mal-Fondazzjoni.

Artikolu 22

Responsabbiltà

1. *Ir-responsabbiltà kuntrattwali* tal-Fondazzjoni għandha tiġi rregolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt imsemmi.

2. Fil-każ ta' *responsabbiltà* mhux *kuntrattwali*, il-Fondazzjoni għandha, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-Fondazzjoni jew mill-impjegati tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja *għandu* jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' kumpens għal kwalunkwe dannu ta' dan it-tip.

3. Ir-*responsabbiltà* personali tal-impjegati lejn il-Fondazzjoni għandha tkun irregolata *mid-dispożizzjonijiet* rilevanti li japplikaw għall-persunal tal-Fondazzjoni.

Artikolu 23

Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi

1. Il-Fondazzjoni għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea u li jħaddnu l-impenn tal-Komunità u l-Istati Membri għall-għoti ta' għajnuna fil-qasam ***tal-iżvilupp tal-kapital****uman* fil-pajjiżi msieħba msemmija fl-Artikolu 1, *skond* arranġamenti li għandhom isiru bi ftehim bejn il-Komunità u dawn l-istess pajjiżi, skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 300 tat-Trattat.

([1]) ***ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.***

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

Il-ftehim għandu, *inter alia*, jispeċifika n-natura u l-firxa *tar-regoli dettaljati* tal-parteċipazzjoni *ta'* dawn il-pajjiżi fix-xogħol tal-Fondazzjoni inklużi *d-dispożizzjonijiet* dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u persunal. Dawn il-ftehimiet ma jistgħux jipprovdu *li* pajjiżi terzi jiġu rrappreżentati fuq il-Bord tat-Tmexxija *bid-drittijiet* għall-vot jew ikun fihom dispożizzjonijiet li ma jkunux konformi mar-regoli tal-Persunal stipulati fl-Artikolu 21 hawn fuq.

2. Il-parteċipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi f'kumitati ta' xogħol *ad hoc* tista' tkun deċiża bħala meħtieġa mill-Bord tat-*Tmexxija* mingħajr il-ħtieġa ta' ftehim.

Artikolu 24

Evalwazzjoni

1. Skond l-Artikolu 25(4) *tar-**Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002***, il-Fondazzjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post* regolarment tal-attivitajiet tagħha fejn dawn *ikunu jeħtieġu* nefqa sinifikanti. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiġi nnotifikat bir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet.

2. Il-Kummissjoni għandha, f'konsultazzjoni mal-Bord *tat-Tmexxija*, twettaq evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, *tar*-riżultati miksuba mill-Fondazzjoni u *tal*-metodi ta' ħidma tagħha f'konformità mal-għanijiet, il-mandat u l-funzjonijiet definiti hawnhekk kull erba' snin. L-evalwazzjoni għandha titwettaq ***minn*** esperti esterni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, *lill*-Kunsill u *lill*-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

3. Il-Fondazzjoni għandha tieħu l-passi kollha xierqa biex tirrimedja kwalunkwe problema li tista' toħroġ waqt il-proċess tal-evalwazzjoni.

Artikolu 25

Reviżjoni

Wara l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fejn ikun meħtieġ, proposta għar-reviżjoni *tad*-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Jekk il-Kummissjoni tħoss li l-eżistenza tal-Fondazzjoni ma għadhiex iġġustifikata fir-rigward tal-għanijiet assenjati lilha, tista' tipproponi li dan ir-Regolament jiġi revokat.

Artikolu 26

Revoka

Ir-Regolamenti ‖ (KEE) Nru 1360/90, *(KE)* Nru 2063/94, *(KE)* Nru 1572/98, *(KE)* Nru 1648/2003 u l-Artikolu 16 tar-Regolament ‖ *(KE)* Nru 2666/2000, kif *elenkati* fl-Anness I, huma revokati.

Ir-referenzi għar-Regolamenti revokati għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness II.

Artikolu 27

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membru kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew
*Il-President*

Għall-Kunsill
*Il-President*

*ANNESS I*

IR-REGOLAMENT REVOKAT U L-EMENDI SUĊĊESSIVI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) *Nru* 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990

(ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2063/94 tas-27 ta' Lulju 1994

(ĠU L 216, 20.8.1994, p. 9)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1572/98 tas-17 ta' Lulju 1998

(ĠU L 206, 23.7.1998, p. 1)

L-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000

(ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) *Nru* 1648/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003

(ĠU L 245, *29.9.2003*, p. 22)

*ANNESS II*

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Ir-Regolament (KEE) Nru 1360/90 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1, il-kelmiet tal-bidu | Artikolu 1, il-kelmiet tal-bidu |
| Artikolu 1, *l-aħħar tal-kelmiet tal-bidu* | – |
| Artikolu 1, l-ewwel sar- raba' inċiż | – |
| Artikolu 1, *it-tieni sentenza* | – |
| – | Artikolu 1, *l-aħħar tal-kelmiet tal-bidu* |
| – | Artikolu 1 a) sa c) |
| – | Artikolu 1, *it-tieni sentenza* |
| Artikolu 2 | – |
| Artikolu 3, il-kelmiet tal-bidu | Artikolu 2 *il-kelmiet tal-bidu* |
| Artikolu 3 a) sa g) | – |
| – | Artikolu 2 a) sa f) |
| Artikolu 3 h) | Artikolu 2 g) |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 3(1) |
| – | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 4(3), *l-ewwel sentenza* | Artikolu 3(3), l-ewwel sentenza |
| – | Artikolu 3,(3) *it-tieni sentenza* |
| Artikolu 4(2) | – |
| – | Artikolu 3(4) u (5) |
| – | Artikolu 4 (1) sa (3) |
| Artikolu 4a(1) | Artikolu 4(4), *l-ewwel subparagrafu* |
| Artikolu 4a(2) | *Artikolu 4(4), t-tieni subparagrafu* |
| – | Artikolu 5 |
| Artikolu 4a(3) | Artikolu 6 |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 7(2), l-ewwel u t-tieni sub-paragrafi |
| – | Artikolu 7(2), it-tielet u r-raba' sub-paragrafi |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 7(3) |
| Artikolu 5(4), l-ewwel sub-paragrafu | Artikolu 7(4) l-ewwel sentenza |

**Il-Ħamis, 22 ta' Mejju 2008**

| Ir-Regolament (KEE) Nru 1360/90 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| – | Artikolu 7(4), it-tieni sentenza |
| Artikolu 5(4) it-tieni subparagrafu | Artikolu 7(5) |
| Artikolu 5(4), it-tielet u r-raba' sub-paragrafi | Artikolu 8(1), l-ewwel sub-paragrafu |
| – | Artikolu 8(1) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 5(4), l-aħħar sub-paragrafu | Artikolu 8(1), l-aħħar sub-paragrafu |
| Artikolu 5(5) u (6) | Artikolu 8(2) u (3) |
| Artikolu 5(7) sa (10) | – |
| – | Artikolu 9 |
| Artikolu 6 | – |
| Artikolu 7(1), il-kliem tal-bidu | Artikolu 10(1) il-kliem tal-bidu |
| Artikolu 7(1), it-tieni sentenza u t-tieni sub-paragrafu | – |
| – | Artikolu 10(1), it-tieni sentenza u t-tieni sar-raba' sub-paragrafi |
| – | Artikolu 10(2) |
| Artikolu 7(2) | Artikolu 10(5) l-ewwel sentenza |
| Artikolu 7(3) | Artikolu 10(3) |
| – | Artikolu 10(4), il-punti a) sa k) |
| – | Artikolu 11 |
| – | Artikolu 12 |
| – | Artikolu 13 |
| Artikolu 8 (parzjalment) | Artikolu 14 |
| Artikolu 9 | Artikolu 15 |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 16(1) |
| – | Artikolu 16(2) |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 16(3) |
| Artikolu 10(3) | – |
| Artikolu 10(4) sa (6) | Artikolu 16(4) sa (6) |
| Artikolu 11(1) | Artikolu 17(3) |
| Artikolu 11(2) u (3) | Artikolu 17(1) u (2) |
| Artikolu 11(4) sa (10) | Artikolu 17(4) sa (10) |
| – | Artikolu 17(11) |
| – | Artikolu 18 |
| Artikolu 12 | Artikolu 19(1) |
| – | Artikolu 19(2) sa (4) |
| Artikolu 13 | Artikolu 20 |
| Artikolu 14 | Artikolu 21, l-ewwel u t-tieni *sentenzi* u l-*kliem tal-bidu tat-tielet sentenza* |
| – | Artikolu 21, *il-kliem fl-aħħar tat-tielet*sentenza *u l-aħħar sentenza* |
| Artikolu 15 | Artikolu 22 |
| Artikolu 16(1) | Artikolu 23(1) l-ewwel subparagrafu u l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu |
| – | Artikolu 23(1), l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu |
| Artikolu 16(2) | Artikolu 23(2) |
| – | Artikolu 24(1) |
| Artikolu 17 *(parzjalment)* | Artikolu 24(2) |
| – | Artikolu 24(3) |
| Artikolu 18 | – |
| – | Artikolu 25 |
| – | Artikolu 26 |
| Artikolu 19 | Artikolu 27 |
| – | Anness |